RAPPORT

MILL-KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

DWAR L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ GĦAWDEX U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

LULJU 2020

KAMRA TAD-DEPUTATI
PARLAMENT TA' MALTA

Kontenut

1. Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex 2
2 Introduzzjoni 2
3. Laqgħat tal-Kumitat dwar l-impatt tal-Covid-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem 2
   3.1 Laqgħa 1 - 5 ta' Mejju 2020 (traskrizzjoni - Appendiċi 1) 3
   3.2 Laqgħa 2 - 12 ta' Mejju 2020 (traskrizzjoni - Appendiċi 2) 3
   3.3 Laqgħa 3 - 18 ta' Mejju 2020 (traskrizzjoni - Appendiċi 3) 3
   3.4 Laqgħa 4 - 26 ta' Mejju 2020 (traskrizzjoni - Appendiċi 4) 3
   3.5 Laqgħa 5 - 2 ta' Ġunju 2020 (traskrizzjoni - Appendiċi 5) 3
   3.6 Laqgħa 6 - 9 ta' Ġunju 2020 (traskrizzjoni - Appendiċi 6) 4
   3.7 Laqgħa 7 - 23 ta' Ġunju 2020 (traskrizzjoni - Appendiċi 7) 4
   3.8 Laqgħa 8 - 30 ta' Ġunju 2020 (traskrizzjoni - Appendiċi 8) 4
   3.9 Laqgħa 9 - 7 ta' Lulju 2020 (traskrizzjoni - Appendiċi 9) 4
4. L-Ekonomija u t-Turiżmu 5
5. Is-Saħħa u l-Aspett Soċjali 8
6. L-Edukazzjoni 10
7. Għawdex bħala Reġjun u r-Rwol tal-Kunsilli Lokali 12
8. Il-Knisja u Servizzi tad-Djoċesi ta' Għawdex 13
9. Il-Kultura u l-qasam tal-volontarjat 14
10. L-Isport 14
11. Għeluq 16
12. Appendiċi 20
    12.1 Appendiċi 1
    12.2 Appendiċi 2
    12.3 Appendiċi 3
    12.4 Appendiċi 4
    12.5 Appendiċi 5
    12.6 Appendiċi 6
    12.7 Appendiċi 7
    12.8 Appendiċi 8
    12.9 Appendiċi 9

1. Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex

Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex twaqqaf bis-saħħa tal-mozzjonijiet 353 u 354 li għaddew fis-Seduta 322 tat-8 ta' April 2020. Skont Ordni Permanenti 120L dan il-Kumitat għandu jittratta l-materji kollha marbuta ma' Għawdex u jevalwa, janalizza u jivverifika l-leġiżlazzjoni li tirrigwarda jew tolqot b'xi mod l-affarijiet ta' Għawdex.

Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex huwa magħmul minn ħames membri li huma:

- L-Onor. Justyne Caruana, Chairperson tal-Kumitat;
- L-Onor. Clint Camilleri;
- L-Onor. Kevin Cutajar;
- L-Onor. Anton Refalo;
- L-Onor. Chris Said; u
- L-Onor. Frederick Azzopardi, Membru sostitut.

2 Introduzzjoni

L-impatt tal-COVID-19 inħass mad-dinja kollha u mhux b'inqas fil-gżira Għawdxija. Ta' min jgħid li apparti d-diversi riperkussjonijiet negattivi li l-firxa tal-COVID-19 kellha fuq Għawdex, din wasslet ukoll sabiex nuqqasijiet f'diversi oqsma li kienu jeżistu diġà f'diversi oqsma jiġu indirizzati. Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex għalhekk ddeċieda li din it-tema għandha tkun priorità u għalhekk mill-ewwel jibda jiddiskuti dan is-suġġett. Għalhekk il-Kumitat qabel li, wara li jisma' numru ta' esperti u *stakeholders*, joħroġ ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar l-impatt li ħalliet l-pandemija tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem.

3. Laqgħat tal-Kumitat dwar l-impatt tal-Covid-19 fuq Għawdex u t-triq ’il quddiem

L-Impatt tal-Covid-19 fuq Għawdex u t-triq ’il quddiem ġie diskuss f’sensiela ta’ disa’ laqgħat fejn ġew mistiedna diversi entitajiet u *stakeholders* kif ġej:

3.1 Laqgħa 1 - 5 ta’ Mejju 2020 (traskrizzjoni tinsab f’Appendiċi 1)

- Il-Professur Charmaine Gauci, Supretendent tas-Saħħa Pubblika, Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika;
- Is-Sur Joseph Borg, President tal-Kamra tal-Kummerċ ta’ Għawdex, flimkien mas-Sur Michael Galea, Viċi-President, u s-Sur Daniel Borg, CEO, Kamra tal-Kummerċ ta’ Għawdex (GBC);
- Mr Joe Muscat, CEO, Gozo Tourism Association (GTA);
- Dr Nadine Delicata, Direttur Eżekuttiv u President, Steward Health Care Malta; u
- Dr Gavin Gulia, Chairman, Malta Tourism Authority (MTA).

3.2 Laqgħa 2 - 12 ta’ Mejju 2020 (traskrizzjoni tinsab f’Appendiċi 2)

- Is-Sur Sean Zammit, President, Association for Gozitan Employees Working in Malta (AGEM);
- Is-Sur Joe Cordina, Chairperson, Gozo Channel; u
- Onor. Clint Camilleri, Ministru għal Għawdex f’isem il-Ministeru għal Għawdex.

3.3 Laqgħa 3 - 18 ta’ Mejju 2020 (traskrizzjoni tinsab f’Appendiċi 3)

- Mr Noel Scerri, Chief Executive tal-Fondazzjoni OASI;
- Is-Sinjura Jeanette Falzon, Viċi-President tal-Mental Health Association Gozo
- Dr Anton Grech, Clinical Chairman, Dipartiment tal-Psikjatrija ġewwa l-Ministeru tas-Saħħa; u
- Is-Sur Saviour Grech, President tal-Gozo NGOs Association

3.4 Laqgħa 4 - 26 ta’ Mejju 2020 (traskrizzjoni tinsab f’Appendiċi 4)

- Dr Francis Fabri, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol;
- L-Inġinier Godwin Grech, Direttur tal-MCAST, Kampus ta’ Għawdex;
- Is-Sur Mark Farrugia, Gozo University Group (GUG); u
- Is-Sur Andrea Galea, Kunsill Studenti Universitarji (KSU).

3.5 Laqgħa 5 - 2 ta’ Ġunju 2020 (traskrizzjoni tinsab f’Appendiċi 5)

- Dr Samuel Azzopardi, President tal-Kunsill Reġjonali Għawdex;
- Fr Giovanni Curmi, Delegat għad-Djakonija ġewwa d-Djoċesi ta’ Għawdex; u
- Is-Sur Elvin Grech, CEO, Gozo Sports Board.

3.6 **<u>Laqgħa 6 - 9 ta' Ġunju 2020</u>** (traskrizzjoni tinsab f'Appendiċi 6)

- Is-Sur Joseph Borg, President tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Għawdex, flimkien mas-Sur Michael Galea, il-Viċi-President u s-Sur Daniel Borg, CEO tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Għawdex; u
- Dr Nadine Delicata, Direttur Eżekuttiv u President ta' Steward Health Care Malta.

3.7 **<u>Laqgħa 7 - 23 ta' Ġunju 2020</u>** (traskrizzjoni tinsab f'Appendiċi 7)

- Is-Sur David Anthony Gatt, Kap, Investment Promotion Unit, Malta Enterprise;
- Is-Sur Brian Camilleri, Chief Economist, Malta Enterprise; u
- Is-Sur Joe Muscat, CEO tal-Gozo Tourism Association (GTA).

3.8 **<u>Laqgħa 8 - 30 ta' Ġunju 2020</u>** (traskrizzjoni tinsab f'Appendiċi 8)

- Dr Gavin Gulia, Chairman, Malta Tourism Authority (MTA); u
- Is-Sur George P. Cassar, Segretarju, Circolo Gozitano.

3.9 **<u>Laqgħa 9 - 7 ta' Lulju 2020</u>** (traskrizzjoni tinsab f'Appendiċi 9)

- Is-Sur Giovanni N. Zammit, President, Wirt Għawdex;
- Dr Gavin Gulia, Chairman, Malta Tourism Authority (MTA);
- Is-Sur Joseph Bugeja, Chairman u CEO, u is-Sur Kevin Farrugia, COO u Deputy CEO, Transport Malta;
- Il-Perit Michelle Piccinino, CEO, Environment and Resources Authority (ERA); u
- Is-Sur Joe Muscat, CEO, Gozo Tourism Association (GTA).

4. L-Ekonomija u t-Turiżmu

Dan l-aspett ġie diskuss mas-Sur Joseph Borg, President tal-Gozo Business Chamber, is-Sur Joseph Cordina, Chairperson tal-Gozo Channel, mas-Sur Sean Zammit, President tal-Association for Gozitan Employees working in Malta, mas-Sur David Anthony Grech, Kap tal-Investment Promotion Unit ġewwa l-Malta Enterprise, mas-Sur Brian Camilleri, Chief Economist ġewwa l-Malta Enterprise, ma' Dr Gavin Gulia, Chairman tal-Malta Tourism Authority, mas-Sur Joseph Muscat, CEO tal-Gozo Tourism Association, mal-Perit Michelle Piccinino, CEO tal-Environment and Resource Authoroity (ERA), mas-Sur Joseph Bugeja, Chairman u CEO ta' Transport Malta u s-Sur Kevin Farrugia, COO u Deputy CEO ta' Transport Malta.

It-turiżmu f'Għawdex ra żieda sostanzjali f'dawn l-aħħar ftit snin speċjalment fejn jidħol l-*individual traveller* – dak it-turist li jibni l-vaganza tiegħu hu minflok jixtri pakkett li jkun jinkludi kollox. Fil-fatt, l-ewwel xahrejn tas-sena 2020, meta l-pajjiż kien għadu għaddej bir-ritmu normali, kienu l-aqwa xahrejn għat-turiżmu kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Minn statistika ppreżentata lill-Kumitat ħareġ illi aktar minn 50% tal-prodott gross domestiku ta' Għawdex huwa mibni direttament jew indirettament fuq is-settur tat-turiżmu (ikkumparat ma' madwar 30% f'Malta), b'madwar 20% tal-impjiegi Għawdxin ikunu f'dan l-istess settur. Dan juri kemm l-ekonomija ta' Għawdex hija fraġli u kemm sitwazzjoni bħal dik tak-firxa tal-pandemija preżenti taffettwa ħażin lil din il-gżira. Fil-fatt, in-nuqqas ta' diversifikazzjoni fl-ekonomija Għawdxija jista' jwassal biex l-impatt ta' din il-pandemija jinħass iżjed fuq Għawdex milli fuq Malta, b'effett sinifikanti fuq il-prodott gross domestiku, u li b'konsegwenza ta' hekk jiżdied it-telf ta' impjiegi. Punt ieħor li tqajjem kien l-importanza ta' diskriminazzjoni pożittiva favur Għawdex sabiex jibbenefikaw iżjed in-negozji u familji Għawdxin, bżonn li jinħass dejjem aktar fi żminijiet bħal dawn. Dawn għandhom l-isfida li jaraw kif joffru l-aħjar kundizzjonijiet lill-ħaddiema tagħhom u jibqgħu kompetittivi.

Għalkemm din is-sena s-settur tat-turiżmu huwa previst li ser ibati, l-element tat-turizmu lokali huwa mistenni li ser itaffi xi ftit in-nuqqas ta' turisti barranin. Bħala diversi miżuri *short-term* li ssemmew f'dawn il-laqgħat biex jgħinu lil dan is-settur hemm:

- il-bżonn li tibqa' tingħata għajnuna finanzjarja lill-oqsma kollha tat-turiżmu minn Ottubru 'l quddiem;
- it-tneħħija tal-ħlas ta' diversi liċenzji fosthom il-liċenzja tas-*swimming pools* maħruġa mir-Regulator for Energy and Water Services (REWS);
- iżjed promozzjoni tas-settur tat-turiżmu lokali, speċjalment matul il-ġimgħa bejn it-Tnejn u l-Ħamis; u
- il-bżonn ta' skemi ta' għajnuna mill-Gvern għal rinovazzjonijiet ta' stabbilimenti turistiċi.

Wara l-ftuħ tal-ajruport għal titjiriet kummerċjali, Malta bdiet tara l-ewwel ftit turisti jaslu ġewwa l-gżejjer Maltin. Però dan ma jfissrx li ħafna mill-isfidi ma għadhomx hemm. L-influss

ta' turisti li huma mistennija jaslu ġewwa l-gżejjer Maltin mhuwiex wieħed kbir. Dan għaliex għad fadal diversi biżgħat u sfidi fost min jivvjaġġa, fosthom:

- ir-riskju ta' kwarantina jekk ikun hemm każ ta' COVID-19 mal-grupp li t-turist ikun wasal miegħu;
- inċertezzi fuq ir-regolamenti l-ġodda;
- nuqqas ta' disponnibbiltà ta' flus minħabba li ħafna spiċċaw bla xogħol;
- nuqqas ta' *leave* għaliex ħafna *leave* ttieħed fiż-żmien il-pandemija biex jiġi evitat li ħafna nies jispiċċaw bl-*unpaid leave*;
- l-eżamijiet ser isiru bejn Awwissu u Settembru;
- ħafna pajjiżi qed jippromovu turiżmu lokali u allura dan jirrifletti fin-nuqqas ta' turisti li qed jivvjaġġaw bejn pajjiż u ieħor;
- ħafna pajjiżi għad fadlilhom ħafna restrizzjonijiet u allura n-nies li jgħixu f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jivvjaġġaw; u
- ħafna linji tal-ajru għad fadlilhom diversi inċertezzi dwar liema rotot ser ikunu jistgħu joperaw u whud minnhom anke fallew.

Kumpanija li tikkontribwixxi ferm għall-ekonomija ta' Għawdex hija l-Gozo Channel, peress li din hija l-*life link* bejn iż-żewġ gżejjer u bla dubju ta' xejn tikkontribwixxi ferm fil-kuntest soċjoekonomiku tal-gżira Għawdxija. Il-Kumitat sema' kif fil-perjodu bejn Marzu u April 2020, id-domanda għas-servizz naqset bi 80%. Fil-fatt it-traġitti bejn Malta u Għawdex tnaqqsu u l-passiġġieri li setgħu jitilgħu fuq il-Gozo Channel kienu limitati għal dawk il-persuni li għalihom kien essenzjali li jaqsmu. Il-*capacity* ta' kemm jgħabbi nies il-vapur tnaqqset bin-nofs minħabba miżuri ta' *social distancing*. Dawn il-miżuri kienu ta' detriment għall-ekonomija Għawdxija u anke għall-Gozo Channel innifisha. Minn dan il-lat, il-Kumitat, b'appoġġ unanimu tal-Membri, ressaq sett ta' talbiet mill-Gozo Channel lill-iState Aid Monitoring Board sabiex il-kumpanija tiġi mgħejjuna mhux biss fil-kuntest tal-COVID-19 imma wkoll fit-triq 'il quddiem. Il-Kumitat innota wkoll li kien hemm inizjattivi li ttieħdu sabiex jgħinu is-settur turistiku, fosthom:

- it-tneħħija tal-liċenzji li jħallsu operaturi turistiċi lill-MTA u Transport u rifużjoni għal min kien diġà ħallashom;
- il-ħolqien ta' *wage fund* mill-Gvern sabiex ħaddiema li jaħdmu fis-settur tat-turiżmu jkunu jistgħu jżommu l-impjieg tagħhom;
- taħriġ b'mod virtwali fis-settur tat-turiżmu b'investiment ta' €5 miljuni mill-Ministeru għat-Turiżmu;
- inizjattiva tal-Malta Enterprise fejn dawk in-negozji Għawdxin li applikaw għall-iskema tal-Micro Invest se jingħataw €2,500 *tax credits* maqlubin f'kontanti kkumparati ma' dawk Maltin li se jingħataw €2,000. Kien hemm 422 negozju Għawdxi li applikaw taħt din l-iskema;
- negozji f'Għawdex ibbenefikaw minn rata ogħla taħt l-iskema tal-*wage supplement* fejn ingħataw kważi €6.8 miljun taħt il-Wage Supplement Scheme amministrata mill-Malta Enterprise; u

- proġett *long-term* rigward *wellbeing* ġenerali tal-ERA bl-isem 'National Strategy for the Environment 2050' intiż li jżid il-valur lill-ambjent u s-settur tat-turiżmu jkun iżjed sostenibbli.

Il-Kumitat qabel li hemm il-bżonn li jsir pjan *long-term* fejn id-dipendenza fuq turiżmu li fil-passat kienet ġejja minn suq aktar matur tersaq iżjed lejn turiżmu iktar żagħżugħ u jkun hemm ukoll pjan kif Għawdex jattira turisti mhux biss għal vaganzi fl-aħħar tal-ġimgħa, imma wkoll matul il-ġimgħa kollha. Dan jista' jsir, pereżempju, tramite l-organizzazzjoni ta' iżjed attivitajiet immirati lejn iż-żgħażagħ.

Is-settur diġitali ġewwa Għawdex huwa settur pjuttost ġdid li ra żvilupp f'dawn l-aħħar ftit snin. Kien hemm diversi proġetti li tlestew bħat-tieni *fibre optic cable* u d-Digital Innovation Hub però hemm lok għal iżjed titjib inkluż inizjattivi biex kumpaniji barranin mis-settur diġitali jkomplu jinvestu ġewwa Għawdex. F'dan ir-rigward ħareġ il-bżonn li jkun hemm strateġija diġitali ffukata fuq Għawdex anke biex tali kumpaniji jkunu sostenibbli fil-perjodu li qegħdin fih bħalissa. F'dan ir-rigward ħareġ ukoll il-punt tat-*teleworking* fejn f'dan il-perjodu tal-pandemija kienu ħafna dawk il-ħaddiema li kienu qed jaħdmu bit-*telework.* Fil-fatt din is-soluzzjoni ħadmet tajjeb, tant li l-Perit Michelle Piccinino CEO tal-ERA rrimarkat li kien hemm żieda fl-ammont ta' xogħol ta' dawk l-Għawdxin li ħadmu bit-*telework,* u dan huwa aspett li wieħed jista' jibni fuqu.

Ħareġ ukoll il-bżonn ta' aktar proġetti kapitali ġewwa Għawdex. Wieħed jara kif f'Għawdex f'dawn l-aħħar snin saru xi proġetti kapitali kbar, fosthom l-iskola ta' Barts u l-London School of Medicine and Dentistry ġewwa r-Rabat Għawdex. Il-bżonn ta' diversi proġetti kbar oħra li ssemmew kienu s-servizz ta' *park and ride* f'diversi lokalitajiet bħall-Imġarr, parkeġġ fuq diversi sulari ġewwa Għawdex u *permanent link* bejn Malta u Għawdex.

Qamu ukoll diversi punti fir-rigward tas-sitwazzjoni tat-traffiku ġewwa Għawdex speċjalment f'perjodi fejn ikun hemm iżjed turisti, fosthom:

- il-konġestjoni tat-traffiku li jkun hemm fi triq ir-Repubblika fir-Rabat Għawdex, speċjalment meta jieqfu jiġbru it-turisti f'din it-triq l-*open top buses*. Transport Malta infurmaw lil dan il-Kumitat li din is-sitwazzjoni qed tiġri iżjed frekwenti minħabba x-xogħolijiet li preżentament għaddejjin ġewwa pjazza San Franġisk. Però ħadu nota ta' dan il-punt u ser jiġu stazzjonati uffiċċjali ta' Transport Malta biex jimmaniġjaw it-traffiku. Ser ikun hemm ukoll diskussjonijiet biex tinstab rotta alternativa fejn jieqfu l-*open top buses*;
- in-nuqqas ta' parkeġġ ġewwa t-*terminal* tal-Imġarr Għawdex. Ġie suġġerit li l-Gozo Channel tagħmel dan il-parkeġġ bil-ħin;
- iż-żieda fit-traffiku lejn il-vapur ta' Għawdex fl-aħħar tal-ġimgħa. F'dan ir-rigward uffiċċjali ta' Transport Malta qed joffru għajnuna lill-pulizija stazzjonati fl-immaniġjar tat-traffiku lejn l-Imġarr; u
- il-bżonn li l-avviżi fuq s-sistema tal-awdjo li jindikaw f'liema destinazzjoni jkunu waslu il-karozzi tal-linja jkunu jaħdmu. Transport Malta infurmaw lill-Kumitat li saru

spezzjonijiet mill-uffiċċjali tagħhom u ser ikunu qed jieħdu azzjoni billi jesiġu li x-xufiera jżommu din is-sistema dejjem mixgħula u li l-awdjo jkun jinstema'.

5. Is-Saħħa u l-Aspett Soċjali

L-aspett tas-saħħa ġie diskuss mal-Professor Charmaine Gauci, Supretendent tas-Saħħa Pubblika, Dr Nadine Delicata, Direttur Eżekuttiv u President ta' Steward Health Care Malta, is-Sinjura Jeanette Falzon, Viċi-President tal-Mental Health Association Gozo, Dr Anton Grech, Clinical Chairman tad-Dipartiment tal-Psikjatrija ġewwa l-Ministeru tas-Saħħa u mas-Sur Noel Scerri, Chief Executive tal-Fondazzjoni OASI.

Fortunatament f'Għawdex in-numru ta' każijiet tal-COVID-19 kien negliġibbli. L-insularità doppja għenet ferm f'dan ir-rigward però jista' jagħti l-każ li tkun l-istess insularità doppja li twassal biex Għawdex idum iżjed biex jirpilja mill-effetti ta' din il-pandemija.

Il-Kumitat innota li f' Għawdex ttieħdu diversi miżuri rigward tal-pandemija, fosthom:

- Żdiedu s-sodod ġewwa l-isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-kura ta' pazjenti bil-COVID-19. Minħabba n-nuqqas ta' *staff*, ġie pilotat mudell ta' għajnuna remota fid-Dipartiment tal-Kura Intensiva tramite *partnership* ma' Steward fl-Istati Uniti fejn l-ITU f'Għawdex huwa f'kuntatt dirett ma' ITU Amerikan li jaħdem kważi bla waqfien fuq każijiet ta' COVID-19;
- Fuq il-parir tad-Dipartiment tas-saħħa, tnaqqsu ċertu servizzi tas-saħħa li ma kinux urġenti sabiex jitnaqqas l-ammont ta' pazjenti li jżuru l-isptar;
- L-iskola medika ta' Barts ġiet integrata fl-operat tal-isptar Ġenerali ta' Għawdex;
- Kien hemm *upgrading* tal-*air ambulance* u dawn żdiedu wkoll għal tnejn;
- Infetaħ *screening hub* ġewwa l-*heliport* ta' Għawdex fejn kienu qed isiru bejn 50 u 100 *swab* kuljum;
- Sar *screening* lil kull min qasam lejn Għawdex permezz tal-Gozo Channel u f'dan ir-rigward ġew irrifjutati milli jirkbu l-vapur ta' Għawdex madwar 100 persuna li nstabulhom xi sintomi. Wara li ġew imdaħħla t-*travel bans* għal vjaġġar mhux essenzjali, ġew rifjutati madwar 700 persuna oħra; u
- L-ewwel każijiet li kien hemm ġewwa Għawdex kienu qed jitwasslu lejn Malta b'vapur *chartered*.

Sfortunatament, l-isfida tas-saħħa mentali kibret f'dan il-perjodu. Kienu diversi l-bidliet sinifikanti fil-ħajja tal-individwi minħabba l-COVID-19, fosthom in-nuqqas ta' kuntatt ma' nies oħra fis-soċjetà, nuqqas ta' xogħol u konsegwentament problemi finanzjarji, il-biża' li jiġri xi ħaġa lil persuni qrib, u l-fatt li xi individwi għażlu minn jeddhom li ma jeħdux kura u trattamenti ġewwa l-isptar għal kundizzjonijiet li għandhom u li effettivament dan wassal għal problemi ulterjuri fis-saħħa fiżika u mentali tal-individwu. Kien hemm anke żieda ta' nies li kienu għelbu l-isfida ta' nuqqas ta' saħħa mentali bħal dipressjoni snin ilu u li reġgħu rkadew f'dan il-perjodu.

Il-livell ta' vulnerabilità żdied f'dan il-perjodu. Kien hemm żieda wkoll fl-ammont ta' konsum ta' alkoħol u abbuż ta' sustanzi bl-għan li titnaqqas l-ansjetà u l-i*stress* li xi individwi kienu

għaddejjin minnu. Sfortunatament kien hemm nuqqas ta' ċertu servizzi ta' rijabilitazzjoni peress li *referrals* għal programmi residenzjali kienu diffiċli f'dawn iż-żminijiet. Il-Fondazzjoni OASI wriet il-fehma li programmi residenzjali jkunu iżjed qosra, però mbagħad għandu jkun hemm *aftercare* iżjed fit-tul inkluż iżjed sapport fil-komunità.

Is-sapport min-nies professjonali fil-qasam tas-saħħa mentali baqa' jingħata permezz ta' telefonati u mezzi oħra diġitali. Għalkemm dan kien ta' għajnuna għal ħafna nies, l-effett ma kienx l-istess bħal meta wieħed jiltaqa' fiżikament għat-terapija. Mid-diskussjonijiet li saru mal-esperti ħarġet l-importanza li jitkomplew diskussjonijiet dwar problemi ta' saħħa mentali sabiex jitneħħew l-istigmi u iżjed individwi jirrikorru għall-għajnuna professjonali.

Mid-diskussjonijiet mal-Fondazzjoni OASI ħareġ ukoll il-bżonn li jkun hemm *longitudinal study* fuq il-kambjament li qegħdin jesperjenzaw iż-żgħażagħ, peress li d-dinamika tagħhom tinbidel malajr u studji li jkun saru kull ħames snin, wara tliet snin ma jibqgħux validi.

6. L-Edukazzjoni

L-aspett tal-edukazzjoni ġie diskuss ma' Dr Francis Fabri, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, mal-Inġinier Godwin Grech, Direttur tal-MCAST, Kampus ta' Għawdex, mas-Sur Mark Farrugia, mill-Gozo University Group u mas-Sur Andrea Galea mill-Kunsill Studenti Universitarji.

Il-Kumitat innota li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ħa d-deċiżjoni li jingħalqu l-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi kollha f'Marzu li għadda minħabba din il-pandemija. Il-Ministeru ħadem bis-sħiħ dwar kif l-istudenti ser jipprogressaw minn sena għall-oħra sal-livell terzjarju, fuq jekk u kif kinux ser isiru l-eżamijiet u kif ser jippreparaw għall-ftuħ taċ-*childcare centres*, Skolasajf u anke l-iskejjel f'Settembru li ġej. Ċertu servizzi bħat-tqassim ta' *lunches* baqgħu jingħataw u ngħata aċċess ukoll għal kompjuters u *internet* lil tfal vulnerabbli.

Huwa diffiċli ferm tippjana f'perjodu ta' inċertezzi kbar bħal fi żmien pandemija, u għalhekk il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol ppreżenta lil dan il-Kumitat ħames xenarji possibli li jistgħu jiżviluppaw, u kif wieħed jista' jipprepara għal kull xenarju. Ġew ikkunsidrati punti ferm importanti bħas-saħħa u s-sigurtà, *capacity building*, taħriġ lill-ġenituri, kontinwità ta' tagħlim ta' kwalità fejn jintlaħqu t-tfal kollha, u aspetti finanzjarji.

Fost id-diversi sfidi fil-qasam tal-edukazzjoni f'dawn iż-żminijiet partikolari ssemmew:

- iż-żmien qasir kemm għall-għalliema u kemm għall-istudenti li fih kellhom ibiddlu b'mod totali s-sistema tat-tagħlim, fejn kien hemm ukoll bżonn perjodu ta' adattament. Il-kompetenza diġitali kienet fattur kbir f'din it-tranżizzjoni;
- iż-żieda sostanzjali ta' sapport kontinwu lill-istudenti;
- id-diffikultà fl-assessjar ta' studenti li parti milll-korsijiet li huma qegħdin isegwu huwa bbażat fuq apprendistat, kif ukoll dawk ta' natura prattika;
- l-isfidi li qed jiffaċjaw studenti b'diżabilità u dawk l-istudenti li kellhom magħhom *learning support educator* (LSE), li fejn qabel kienu jingħataw attenzjoni individwali u kontinwa fil-klassi, din saret iżjed diffiċli peress li bdiet tingħata virtwalment; u
- il-ħinijiet taċ-ċentri taċ-*childcare* f'Għawdex fejn dawn ma jikkorispondux mal-ħinijiet bikrin li għandhom bżonn ġenituri li jaħdmu ġewwa Malta.

7. Għawdex bħala Reġjun u r-Rwol tal-Kunsilli Lokali

Dan l-aspett ġie diskuss ma' Dr Samuel Azzopardi, President tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex.

Il-Kumitat innota li għalkemm Għawdex kellu numru limitat ta' każijiet ta' Covid-19 u li dan seta' jiġi attribwit sa ċertu punt għall-insularità doppja, bħala reġjun l-istess insularità doppja wasslet sabiex Għawdex ikun affetwat ferm mill-pandemija tal-COVID-19. Diversi entitajiet ippruvaw jibqgħu jagħtu ċerti servizzi essenzjali lis-soċjetà Għawdxija, fosthom il-kunsilli lokali li baqgħu joffru xi servizzi. Barra minn hekk, diversi entitajiet anke bdew joffru servizzi ġodda bħas-servizz ta' *outreach* li kien jinkludi *online counselling*, u tqassim ta' ikel lil persuni vulnerabbli. Issemmiet ukoll il-pjattaforma tal-media soċjali You*Safe* li kunsilli lokali f'Malta u Għawdex kienu mistiedna jużawha sabiex jinżamm kuntatt mar-residenti. Il-kunsilli qegħdin jaħdmu wkoll fuq *business continuity plan* sabiex jekk jinqalgħu xi diffikultajiet fl-operat tagħhom bħalma ġara f'dawn iż-żminijiet, ikun hemm pjan biex jitkompla s-servizz, kif ukoll sabiex is-servizzi soċjali jinfirxu fil-lokalitajiet kollha ta' Għawdex.

8. Il-Knisja u Servizzi tad-Djoċesi ta' Għawdex

Dan l-aspett ġie diskuss ma' Fr Giovanni Curmi, delegat għad-Djakonija mid-Djoċesi ta' Għawdex.

Ir-rappreżentant tal-Knisja stqar li l-Knisja wkoll intlaqtet ferm minn din il-pandemija fejn ħafna servizzi li toffri fil-komunità u l-kuntatt man-nies kellhom jieqfu għal kollox, għajr uħud minnhom li setgħu jingħataw *online*. F'mumenti diffiċili, ir-reliġjon isservi spiss ta' *coping mechanism* u hija sfortuna li ħafna attivitajiet tal-Knisja u l-kuntatt personali man-nies kellhom jitwaqqfu. Is-sitwazzjoni kienet aktar ikkumplikata għaliex ħafna qassisin għandhom iżjed minn 65 sena u allura b'ordni tal-awtoritajiet tas-saħħa ma setgħux joħorġu. Ħafna nies li kienu qed jieħdu għajnuna minn organizzazzjonijiet tal-Knisja sabu din is-sitwazzjoni diffiċili. Madanakollu sessjonijiet ta' *counselling*, inkluż fiċ-ċentru tal-*counselling* ġewwa Ta' Pinu, baqgħu jingħataw b'mod virtwali. Mill-esperjenza tal-COVID-19 ħarġet ukoll l-importanza tal-*outreach* u li jinħoloq *networking* ma' professjonisti f'diversi oqsma sabiex tingħata għajnuna kemm lill-Maltin u anke lill-barranin li joqogħdu Malta jew Għawdex. Mid-diskussjoni ħareġ ukoll li qed jiżdiedu l-każijiet fejn familji Maltin bi problemi soċjali u finanzjarji qed jagħżlu li jikru ġewwa Għawdex peress li l-kera hija ferm orħos. Ħareġ ukoll il-bżonn ta' iżjed professjonisti biex jaħdmu mal-Kurja ta' Għawdex sabiex iżjed nies fil-bżonn ikunu jistgħu jingħataw l-għajnuna u sabiex ikun hemm *networking aħjar* u *practice sharing* bejn dawn il-professjonisti. F'lokalitajiet fejn il-kunsilli lokali m'għandhomx *premises,* saret il-proposta li dawn ikunu jistgħu jaħdmu mal-parroċċi, u b'hekk id-djoċesi f'Għawdex tkun tista' ssaħħaħ ukoll l-impenn soċjali tagħha tramite dawn is-servizzi li ġew diskussi.

9. Il-Kultura u l-qasam tal-volontarjat

Dan l-aspett ġie diskuss mas-Sur Saviour Grech, President tal-Gozo NGOs Association, mas-Sur George P. Cassar, segretarju taċ-Circolo Gozitano u mas-Sur Giovanni N. Zammit, President ta' Wirt Għawdex.

Il-Kumitat sema' kif diversi siti storiċi li normalment ikunu miftuħa għall-pubbliku kellhom jiġu magħluqa minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u diversi għaqdiet li jieħdu ħsiebhom bħal Wirt Għawdex issa qegħdin isibu numru ta' sfidi biex jerġgħu jiftħuhom peress li ħafna minn dawn is-siti, bħas-*Silos* ġewwa ċ-Ċittadella u x-*shelters* tat-Tieni Gwerra Dinjija, min-natura tagħhom huma taħt l-art u allura għandhom nuqqas ta' ventilazzjoni. Fost diversi suġġerimenti li ssemmew biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni, ġie propost li s-sistema tal-biljetti taċ-Ċittadella tiġi estiża biex tinkludi ż-żewġ siti mmexxija minn Wirt Għawdex u allura l-għaqda tieħu parti mill-qliegħ. Fil-fatt ġie suġġerit li jkun hemm *one ticket system* għad-diversi siti storiċi li hemm ġewwa Għawdex fejn ikun hemm ukoll *interpretation centre*. Ħareġ ukoll il-bżonn li jkun hemm grupp ta' nies imħarrġa biex jaqdu l-viżitaturi ġewwa siti storiċi. Dawn ikunu jistgħu jgħinu fl-immaniġjar tad-diversi la darba jiġu restawrati f'kollaborazzjoni bejn Wirt Għawdex u l-Ministeru għal Għawdex, fosthom il-mitna tax-Xewkija, il-Fanal tal-Ġurdan, l-Għar ta' Kalipso u possibilment aktar tard Għar Gherduf.

Wirt Għawdex ingħatat l-awtorità mill-Ministeru għal-Għawdex biex jiġi tikkordina kors mal-Università ta' Malta fil-Kampus ta' Għawdex li ser jinfetaħ f'Ottubru 2020 fejn ser jingħata tagħlim lil dawn in-nies fuq is-siti li qed jinfetħu, fuq iċ-Ċittadella u fuq siti storiċi oħrajn ġewwa Għawdex. Għaddejjin ukoll diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex sabiex Għawdxin ikollhom l-opportunità li jaħdmu ġewwa siti storiċi f'Għawdex stess. Fost is-suġġerimenti, ġie propost l-użu tas-settur diġitali biex il-pubbliku jinżamm f'kuntatt mal-operat tal-entità partikolari, kif ukoll biex il-pubbliku inġenerali ikun jista' jkompli jgawdi mill-ħidma ta' Wirt Għawdex waqt il-COVID-19.

Il-Kumitat innota wkoll li f'Għawdex tingħata ħafna importanza lis-settur tal-volontarjat f'oqsma differenti. F'dan il-kuntest saret referenza għal studju tal-MCESD li juri li filwaqt li r-rata ta' parteċipazzjoni fil-volontarjat f'Malta hija 19%, f'Għawdex din il-figura hija 33%. Insibu diversi voluntiera li jagħtu l-kontribut tagħhom f'attivitajiet kulturali bħall-parteċipazzjoni fid-diversi opri mtellgħa ġewwa Għawdex, u b'hekk ikunu qed jagħtu kontribut ukoll lis-settur turistiku Għawdxi. In-nuqqas ta' ħin huwa wieħed mill-fatturi li jwaqqaf iżjed Għawdxin milli jagħtu s-sehem tagħhom fil-qasam tal-volontarjat. Filwaqt li diversi għaqdiet non-governattivi jgawdu minn ħafna għajnuna minn voluntiera, l-għaqdiet jaffaċċjaw diversi sfidi fosthom spejjeż ta' konnettività, kirjiet, manutenzjoni tal-proprjetà li joperaw minnha u pagi, li kollha qegħdin jinħassu ferm iżjed f'dan il-perjodu tal-pandemija.

10. L-Isport

Dan l-aspett ġie diskuss mas-Sur Elvin Grech, CEO tal-Gozo Sports Board.

Il-Kumitat innota li qasam ieħor li ġie affettwat partikolarment ħażin f'Għawdex huwa l-qasam tal-isport, fejn ħafna mill-għaqdiet sportivi huma żgħar u jaħdmu bil-voluntiera. Peress li l-is*tadiums* u ħafna kumplessi sportivi ngħalqu, l-attivitajiet tal-għaqdiet sportivi twaqqfu, u dan ħoloq diffikultà finanzjarja kbira speċjalment fejn jikkonċerna ħlasijiet lill-impjegati tal-għaqdiet bħal *coaches* u *players* tal-futbol. Peress illi l-isport huwa importanti ferm għall-*mental well-being* u għalhekk għandu jingħata l-importanza mistħoqqa, qed jitħejja pjan ta' għajnuna mill-Gozo Sports Board lill-għaqdiet sportivi fejn il-bżonnijiet ta' kull għaqda jiġu evalwati sabiex is-servizz lit-tfal u ż-żgħażagħ li kien qed jiġi offrut ikun jista' jitkompla.

11. Għeluq

Il-Kumitat innota l-Pjan ta' Reġenerazzjoni Ekonomika, iżda jemmen li għandha ssir iktar ħidma ffukata fuq Għawdex.

Kif sar aċċenn fil-bidu ta' dan ir-rapport, matul id-diversi laqgħat dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex qamu diversi suġġerimenti u punti rigward diversi miżuri f'diversi oqsma, fosthom:

- Għawdex ser ikun qed iservi bħala pjunier biex isiru proġetti pilota bħas-servizz ta' *shuttle* permezz ta' vetturi elettriċi ġewwa Għawdex;
- Li jiġi fis-seħħ il-kuntratt tas-servizz ta' *scheduled ferry* lejn Kemmuna, fejn jitħallew joperaw ukoll operaturi Għawdxin li joffru s-servizz bejn Għawdex u Kemmuna;
- li jiġu mtejba is-servizzi li hemm ġewwa Kemmuna inkluż fil-Blue Lagoon;
- iżjed organizzazzjoni bejn l-entitajiet responsabbli biex tonqos il-konġestjoni tat-traffiku ġewwa Għawdex;
- introduzzjoni tal-i*speed cameras* ġewwa xi toroq ġewwa Għawdex;
- l-importanza li jkun infurzat l-użu ta' *features* speċifikament magħmulin għal persuni b'diżabbilità u li huma diġà preżenti fuq il-mezzi ta' transport pubbliku sabiex dawn is-servizzi ikunu iżjed aċċessibbli għal persuni b'diżabbilità;
- ir-regolarizzazzjoni ta' operaturi ta' transport fejn operaturi Malti qed joperaw ġewwa Għawdex fi żminijiet li jkun hemm żieda ta' kummerċ f'dan il-qasam u allura jkunu ta' kompetizzjoni għall-operaturi Għawdxin;
- il-bżonn li jitranġa l-*jetty* li hemm ġewwa l-Imġarr Għawdex;
- in-nuqqas ta' parkeġġ adekwat ġewwa Għawdex, speċjalment f'żoni turistċi u ġewwa l-Imġarr; u
- il-possibiltà ta' bagi ġewwa d-daħla ta' Mġarr ix-Xini sabiex ma jintefgħux l-ankri fil-qiegħ ta' din il-bajja għaliex dan hu l-uniku post fejn ibejtu s-*seahorses*, li għandhom jiġu protetti.

Mid-diskussjonijiet li kellu u mid-dokumenti li ra l-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex li jikkonċernaw it-triq 'il quddiem għal Għawdex wara l-Covid-19, il-Kumitat qabel dwar il-ħtieġa li minħabba r-realtajiet u l-isfidi partikolari li għandha din il-gżira, ewlenija fosthom l-insularità doppja, Għawdex jiġi għandu trattat b'mod differenti. Dan jeħtieġ impetu u eżerċizzju ħolistiku biex tiġi indirizzata l-isfida tal-i*state aid* fil-kuntest tal-ħtieġa ta' pakkett partikolari u speċifiku biex jindirizza l-bżonnijiet ta' Għawdex, u biex l-ekonomija Għawdxija mhux biss tiġi diversifikata imma wkoll imsaħħa.

Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat qabel dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

1. Ħtieġa ta' iżjed sostenn permezz ta' taħriġ informali lil *carers* u anke lil persuni milquta minn problemi ta' saħħa mentali;
2. Żieda tar-riżors uman fis-settur soċjali anke b'mod voluntarju;

3. Twaqqif ta' servizz ta' *detox* residenzjali ġewwa Għawdex;
4. Tinbeda' l-proċedura mal-Awtorità tal-Artijiet biex il-Batterija tal-Qbajjar terġa lura f'idejn il-Gvern u eventwalment tiġi ngħaoddija taħt ir-resposabbiltà tal-Ministeru għal Għawdex sabiex jinbdew ix-xogħolijiet ta' restawr;
5. Żieda fl-investiment fil-Università ġewwa Għawdex;
6. Żieda ta' ċentri taċ-*childcare* ġewwa Għawdex u aġġustament fil-ħinijiet biex jikkorrispondu mal-esiġenzi tal-ġenituri, partikolarment dawk li jaħdmu ġewwa Malta;
7. Estensjoni tal-pjattaforma diġitali li qed tintuża bħalissa u ta' korsijiet li normalment ikunu offruti mill-Università u mill-MCAST ġewwa Malta biss sabiex dawn ikunu aċċessibbli wkoll għal studenti Għawdxin;
8. *Policy* speċifika li tiffoka fuq it-turiżmu ġewwa Għawdex;
9. Studju fuq l-impatt fuq is-settur tat-turiżmu f'Għawdex tal-kostruzzjoni ta' mina bejn Malta u Għawdex;
10. Ħolqien ta' skemi ta' għajnuna mill-Gvern għal għaqdiet sportivi żgħar minħabba li r-riżorsi finanzjarji u umani limitati tagħhom;
11. Bżonn ta' diskussjonijiet fuq il-*permanent link* bejn Malta u Għawdex u anke *links* bl-ajru, tal-*fast ferry* u tal-merkanzija;
12. Tnaqqis tad-dipendenza fuq is-settur tat-turiżmu u li jkun żviluppati setturi oħrajn li jgħinu sabiex l-ekonomija tkun waħda iktar reżiljenti. Dan jirrikjedi l-ħolqien ta' pjan b'miżuri *short* u *long-term* li jħares lejn is-setturi ekonomiċi kollha ġewwa Għawdex, u li jinkludi iżjed taħriġ lill-ħaddiema Għawdxin sabiex tingħata spinta lid-diversifikazzjoni;
13. Ħtieġa ta' inċentivi biex ikun attirat iżjed investiment barrani ġewwa Għawdex;
14. Importanza akbar lill-ħarsien tal-ambjent ġewwa Għawdex, fejn ma jkunx hemm żvilupp bla rażan u l-*green belts* bejn lokalità u oħra jkunu protetti sabiex il-karattru uniku ta' kull lokalità jiġi mħares;
15. Jiġi żviluppat iżjed s-settur ta' *eco-tourism* sostenibbli ffukat fuq in-natura u l-kultura;
16. Titneħħa l-*eco-tax* fuq it-turiżmu;
17. Tnedija ta' aktar inċentivi għan-negozji bħal *tax holidays* u sussidji tal-kera, u tnedija ta' kampanji favur il-prodott lokali minflok dak impurtat;
18. Għotja ta' *grants* u *loans* b'imgħax baxx sabiex is-settur tal-akkomodazzjoni jkun jista' jagħmel manutenzjoni u *upgrading*;
19. Tnedija fuq livell lokali kif ukoll internazzjonali ta' kampanji ta' *marketing* min-naħa tal-Gvern li jiffukaw fuq il-kwalità tat-turiżmu f'Għawdex, speċjalment id-*diving* li huwa niċċa li għandha potenzjal kbir;
20. Tnedija ta' inċentivi, bħal sussidji fuq pannelli fotovoltajiċi, għajnuna sabiex iżjed karozzi jinbidlu għal dawk elettriċi u għajnuna bħal self bla interessi lil kumpaniji li jinvestu f'enerġija rinovabbli, sabiex Għawdex jisfrutta aħjar l-enerġija rinovabbli u allura jkun minn tal-ewwel li jilħaq il-mira tal-Unjoni Ewropea li tkun *carbon neutral* u b'*zero greenhouse emissions* sal-2050;
21. Opportunità ta' jum jew jumejn fil-ġimgħa *telework* fejn hu possibbli għal ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta, kemm dawk li jaħdmu fis-settur pubbliku kif ukoll dawk fil-privat, fejn negozji fis-settur privat ikollhom ukoll inċentivi fiskali biex ħaddiema Għawdxin ikunu jistgħu jaħdmu mid-dar;

22. Tkomplija tal-proġett ta' *park and ride* ġewwa Għawdex, kif ukoll żieda fil-*collective transport subsidy* għal dawk il-ħaddiema li jkunu jridu jaqsmu bil-vapur lejn Malta;
23. Tiġi indirizzata d-differenza fil-pagi bejn ħaddiema Għawdxin u dawk Maltin; u
24. Għajnuna mill-iState Aid Monitoring Board lill-Gozo Channel sabiex jiġi ssalvagwardjat il-futur tagħha.

Fid-dawl ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet il-Kumitat diġà beda jieħu azzjoni, fosthom:

1. Tressaq il-punt li qam fl-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat lill-Professur Charmaine Gauci, Supretendent tas-Saħħa Pubblika, mill-Gozo Tourism Association dwar il-bżonn ta' sett ta' linji gwida maħruġ mis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika intenzjonati għas-settur tat-turiżmu li jkun joffri sigurtà u serħan tal-moħħ lill-operaturi, turisti u impjegati f'dan is-settur, u liema suġġeriment ġie milqugħ;
2. Intbagħtet ittra lill-Istate Aid Monitoring Board, fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-Gozo Channel, kif ukoll it-talba biex il-Gozo Channel tiġi megħjuna mhux biss fil-kuntest tal-COVID-19 imma wkoll fir-rigward tat-triq 'il quddiem kif ġie diskuss fil-laqgħat ta' dan il-Kumitat;
3. Ġew skattati diskussjonijiet mal-entità Active Ageing and Community Care sabiex tiġi megħjuna l-Fondazzjoni OASI mil-lat ta' fornitura u amministrazzjoni ta' ċerti mediċini bħall-*methadone*;
4. Ġie mressaq s-*survey* li għamlu l-Gozo University Group (GUG) u l-proposti li ressqu flimkien mal-Kunsill Studenti Universitarji (KSU) lir-Rettur tal-Università, l-Professur Alfred Vella, sabiex tkun ikkunsidrata l-possibilità li jsir iżjed użu mill-*video-conferencing* fost l-oħrajn u biex tali proposti jiġu diskussi internament fi ħdan l-istrutturi tal-Università;
5. Sar kuntatt mal-Malta Enterprise, fir-rigward tal-mistoqsija li tressqet f'isem il-Gozo Tourism Association dwar l-ammont li ser jingħata lid-*diving centres* u fejn ġie kkonfermat mill-Malta Enterprise li bejn Lulju u Settembru ta' din is-sena kien se jibqa' jingħata l-ammont sħiħ ta' €800;
6. Fuq suġġeriment tal-Malta Tourism Authority inżammet laqgħa konġunta ma' diversi entitajiet biex jiġu diskussi l-isfidi tas-settur turistiku u kif jista' jkun hemm koordinament aħjar sabiex jitjieb il-prodott turistiku; u
7. Dan il-Kumitat iltaqgħa mal-Isqof Elett ta' Għawdex, l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Anton Teuma, fejn kien hemm qbil dwar il-bżonn li l-Kurja u dan il-Kumitat jaħdmu flimkien għal għan wieħed biex jingħelbu d-diffikultajiet li toħloq l-insularità doppja u f'dan ir-rigward ġie maqbul li għandhom isiru diversi laqgħat b'aġenda.

In segwitu għal dawn l-azzjonijiet konkreti, il-Kumitat hu tal-fehma li wara li jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, dan ir-rapport għandu jiġi ċċirkolat lill-entitajiet kollha kkonċernati sabiex ir-rakkomandazzjonijiet jiġu attwali.

B'mod formali wkoll, il-Kumitat ser iressaq dan ir-rapport lill-Ministru għall-Finanzi u Servizzi Finanzjarji biex jiġi kkunsidrat waqt il-formulazzjoni tal-Budget 2021.

Il-Kumitat qed jappoġġja b'mod sħiħ u qawwi l-proposta tal-Association for Gozitan Employees Working in Malta (AGEM) biex il-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta, sa fejn possibbli, jaħdmu jumejn fil-ġimgħa minn Għawdex.

12. Appendiči

12.1 Appendiči 1

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX
(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 1
It-Tlieta, 5 ta' Mejju 2020

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 1
It-Tlieta, 5 ta' Mejju 2020

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.40 p.m.

INTRODUZZJONI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Justyne Caruana): Nilqagħkom għal din l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex, liema Kumitat twaqqaf bis-saħħa tal-Mozzjoni 283 li għaddiet b'mod unanimu mill-Kamra b'emenda fis-seduta 309 tat-12 ta' Marzu 2020 u bis-saħħa tal-mozzjonijiet 353 u 354 li għaddew ukoll b'mod unanimu fis-seduta 322 tat-8 ta' April 2020.

Nilqa' wkoll lil kull min qiegħed isegwina *online* fuq is-sit elettroniku tal-Parlament, kif ukoll lil dawk it-telespettaturi li se jkunu qed isegwu x-xandira ta' dan il-Kumitat fuq l-istazzjon televiżiv tal-Parlament.

Nixtieq ninformakom ukoll li fis-16 ta' Diċembru 1983 kien beda jitlaqqa' Kumitat dwar Għawdex li kien ġie mwaqqaf bis-saħħa ta' riżoluzzjoni li kienet għaddiet b'mod unanimu f'Novembru tal-istess sena. Dik il-laqgħa kienet ukoll ġiet imxandra b'mod dirett fuq it-televiżjoni u fuq il-mezzi l-oħra tax-xandir. Għalkemm dak il-Kumitat ma twaqqafx b'mod permanenti, kif sar fil-każ ta' dan il-Kumitat li beda jiltaqa' llum, kien ukoll ta' opportunità sabiex fil-11-il darba li ltaqa', jiġu diskussi materji li jolqtu direttament lill-Għawdxin fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Se nippreżenta lill-Kumitat:

> Estratt mit-traskrizzjoni tas-seduta parlamentari Nru 139 tat-23 ta' Novembru 1983 fejn twaqqaf il-Kumitat dwar Għawdex.

Minn hawnhekk nixtieq nagħti ġieħ lil kull min fil-passat ħadem sabiex iħares u jġib 'il quddiem l-interess tal-gżira Għawdxija. U se npoġġi fuq il-Mejda tal-Kumitat estratt mis-seduta 139 tat-23 ta' Novembru 1983, meta għall-ewwel darba twaqqaf Kumitat Parlamentari għal Għawdex. Naturalment irrid ukoll insellem lill-Membri li kienu jifformaw dan il-Kumitat, li uħud minnhom għadhom magħna filwaqt li oħrajn insellem il-memorja tagħhom. Dawn kienu l-Onor. Coronato Attard, l-Onor. Carmelo Buttigieg, l-Onor. Lino Debono, l-Onor. Louis Refalo u l-Onor. Anton Tabone.

Nixtieq ngħid ukoll li dan huwa wieħed mill-ewwel Kumitati li se jkun qiegħed jagħmel użu mis-sistema tal-*video conferencing* sabiex jisma' dak li għandhom xi jgħidu numru ta' esperti fl-oqsma tagħhom kif ukoll numru ta' persuni distinti. Dan qiegħed isir wara ħidma li saret mill-uffiċjali tal-Parlament u wara l-approvazzjoni mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra. Ovvjament dan qiegħed isir sabiex dejjem nilqgħu għall-pandemija tal-COVID-19 li li għaddejja minnha d-dinja bħalissa. Nixtieq niċċara li din il-miżura tapplika biss għall-Kumitati tal-Kamra, u tista' tiġi użata mix-xhieda u l-esperti li jistgħu jiġu mitluba jidhru quddiem il-Kumitat, kif ukoll minn dawk il-Membri Parlamentari li jikkwalifikaw bħala persuni vulnerabbli skont l-Avviż Legali 3 tal-2020 jew li jkunu qed josservaw il-kwarantina obbligatorja. Kif qed taraw, is-*setup* huwa kemxejn differenti mis-soltu, fejn għandna ftit siġġijiet u dawn qegħdin mbegħdin minn xulxin minħabba s-*social distancing*. Jiena nawgura li dan il-Kumitat ikun tassew il-vuċi tal-Għawdxin u li minnu lkoll kemm aħna naqdu fedelment id-dmirijiet tagħna b'risq Għawdex u l-Għawdxin.

L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ GĦAWDEX U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

IĊ-CHAIRPERSON: Ngħaddu għall-ewwel *item* fuq l-aġenda tagħna u ċjoè l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Nipproponi li l-ewwel ngħaddu biex nisimgħu lil dawk il-persuni li ġentilment laqgħu t-talba tagħna sabiex jindirizzaw lill-Kumitat. Minn issa nixtieq ninforma li l-Kumitat se jkun qed jisma' aktar *stakeholders* fil-laqgħat li ġejjin. Se nistiednu lill-i*stakeholders*, lis-soċjetà ċivili u lill-pubbliku inġenerali sabiex ikollna parteċipazzjoni aktar sħiħa u wiesgħa. Illum għandna fil-Kamra kif ukoll *online* numru ta' persuni li bil-permess tal-Kumitat, skont il-proċedura Parlamentari, se nkunu qegħdin insejħulhom wieħed wieħed sabiex jindirizzaw lill-Kumitat. Fir-rigward tal-persuni li qegħdin magħna fil-Kamra se nkun qed nitlobhom jersqu mal-mejda sabiex jagħtu l-intervent tagħhom u sabiex isirulhom xi mistoqsijiet mill-Membri preżenti. Fir-rigward tal-persuni li se jkunu qed jintervjenu b'mod virtwali, se jkun qed jinfetħilhom il-mikrofonu hekk kif insejħilhom. Ikun tajjeb li kull min jintervjeni jgħidilna ftit ismu u l-kariga tiegħu ħalli meta l-ħaddiema tal-Parlament jiġu biex jitrasskrivu d-diskussjoni ta' dan il-Kumitat ikunu jafu min qiegħed jitkellem.

Nibdew din il-laqgħa billi nistieden lill-Professur Charmaine Gauci sabiex tressqilna l-preżentazzjoni tagħha.

PROF. CHARMAINE GAUCI (Supretendent tas-Saħħa Pubblika): Insellmilkom u nirringrazzjakom ta' din l-istedina. Qiegħda nieħu pjaċir li s-sitwazzjoni tal-COVID-19 qiegħda tiġi diskussa wkoll f'dan il-livell għaliex huwa importanti li f'din is-sitwazzjoni jkollna l-governanza mistħoqqa u li jkun hemm ħidma mill-entitajiet kollha. Tajjeb li nagħtikom rendikont ħafif tas-sitwazzjoni li qegħdin fiha bħalissa. Sa mill-bidu nett aħna konna qegħdin naħdmu sabiex naraw din il-pandemija kif se tolqotna u anke l-pjanijiet li kien qed ikollna f'kull fażi ta' din is-sitwazzjoni. Bħalma rajtu n-numru ta' każijiet kien qed ivarja; kellna *peak* f'ġurnata minnhom imma mbagħad kien qed ikollna numru ta' każijiet li bil-mod il-mod kien qiegħed jiżdied. U issa wasalna fil-fażi fejn in-numru ta' każijiet huwa wieħed baxx.

In-numri xi kultant jilagħbu xi ftit għaliex pajjiżna huwa pjuttost żgħir, imma l-iktar ħaġa importanti hi li nibqgħu naraw li l-medja tan-numri tkun waħda pjuttost stabbli. Wieħed mill-fatturi l-iktar importanti li lilna jiggwidana dwar x'inhi s-sitwazzjoni hija r-rata ta' trażmissjoni ta' dan il-mard fil-komunità u dak aħna rridu nżommuh fir-rata ta' inqas minn 1 għaliex meta jkollok rata ta' inqas minn 1 tkun qiegħed tikkontrolla l-firxa ta' dik il-marda partikolari. Il-moniteraġġ tagħna huwa importanti għaliex bil-miżuri li nkunu qed nieħdu nnaqqsu kemm nistgħu n-numru ta' persuni li jkollhom jidħlu l-isptar. Allura hemmhekk tkun qed tevita kemm tista' l-imwiet prematuri li jistgħu jiġu kkaġunati minħabba dan il-virus.

Bħalissa qegħdin fil-fażi ta' transizzjoni, fejn bdejna nillaxkaw ċerti miżuri. Waħda mill-miżuri li laqtet sew lil Għawdex kienet proprju dik li nillimitaw b'mod qawwi n-numru ta' persuni li setgħu jmorru Għawdex. Dan kien qed isir biex innaqqsu dawk it-traġitti li ma kienux essenzjali. Għalhekk it-traġitti kienu ristretti għal dawk l-Għawdxin biex jitilgħu lura lejn djarhom jew għal dawk li jaħdmu Għawdex jew għal dawk li jridu jitilgħu Għawdex għal xi kura. Però issa, f'din il-fażi tranżitorja, bil-valutazzjoni li għamilna, ħassejna li wasal iż-żmien li nerġgħu niftħu t-traġitti u nnaqqsu din il-miżura. Issa aħna ma qbadniex u erġajna morna għas-sitwazzjoni fejn il-vapur ta' Għawdex kien qiegħed jieħu l-istess numru ta' passiġġieri bħalma kien qed jieħu qabel beda dan kollu. Ir-riskju ta' trażmissjoni għadu hemm u l-*virus* għadu magħna fil-komunità. Allura hemmhekk ridna nieħdu mezzi ta' mitigazzjoni.

Nista' nifhem li dan qed ikollu impatt kbir fuq Għawdex, però rridu nifhmu wkoll li aħna rridu kemm jista' jkun nikkontrollaw is-sitwazzjoni. U kien għalhekk li ddeċidejna li n-numru tal-passiġġieri fuq il-vapur ta' Għawdex ikun inqas minn dak li normalment jiflaħ jgħabbi l-vapur għaliex is-*social distancing* irid jinżamm dejjem. L-użu tal-maskri jew tal-visors baqa' obbligatorju dejjem għaliex dan huwa importanti. Il-maskri jaħdmu b'żewġ modi; jekk għandek persuna li għandha l-virus, permezz tal-maskra, ma tistax tgħaddih lil ħaddieħor. U persuna li mhijiex infettata, meta tilbes il-maskra, qiegħda tiġi protetta minn dik il-persuna infettata li qiegħda magħenbha. Dawn huma l-miżuri li daħħalna flimkien mal-Ministeru għal Għawdex biex inkomplu nikkontrollaw is-sitwazzjoni.

Xi ħaġa oħra li hija importanti għal Għawdex hija li l-Isptar ta' Għawdex għandu wkoll il-kapaċità li jieħu ħsieb pazjenti bil-COVID-19, anke jekk dawn ikollhom bżonn kura intensiva. Dan huwa importanti ħafna għaliex b'hekk aħna nkunu nistgħu noffru l-aħjar kura li jista' jkollu bżonn pazjent li jkun qiegħed Għawdex u jkollu l-COVID-19. U b'hekk ma jkollux għalfejn joqgħod jivvjaġġa bejn Għawdex u Malta. Is-sorveljanza li qegħdin nagħmlu aħna f'Għawdex qiegħda tissaħħaħ ukoll. F'Għawdex twaqqaf *hub* apposta u allura t-testijiet jistgħu jsiru minn hemmhekk stess. Tajjeb ngħidu li s-sorveljanza f' Għawdex saħħaħnieha bħalma qegħdin nagħmlu hawn Malta.

Forsi kien hemm żmien li ma kienx hemm iktar każijiet minn Għawdex, u n-nies forsi ħasbu li ma hemmx każijiet f'Għawdex, però tajjeb li nifhmu li l-fatt li ma jkollniex każijiet pożittivi ma jfissirx li Malta u Għawdex huma COVID-19 *free. Far from it*! Aħna nifhmu li hemm każijiet hemm barra u għalhekk il-miżuri qegħdin neħduhom gradwalment, pass pass. B'hekk inkunu nistgħu naraw li jekk se jkun hemm xi impatt fuq in-numru ta' każijiet, dan l-impatt ma jkunx qawwi ħafna u li joħolqilna problema fis-servizzi tas-saħħa tagħna, u aktar u aktar li jkun hemm trasmissjoni mill-komunità li mbagħad tkun tista' terġa' tinfirex.

Nifhem ukoll li bil-miżuri li għamilna se jkollna impatt fuq ir-*retail* u fuq l-ekonomija tal-pajjiż. Veru li issa erġajna ftaħna n-*non-essential retails,* però dan sar bil-limitazzjonijiet tiegħu. Bil-*mitigation measures* li għamilna rridu nkunu żguri li dawn ma jkunux ta' riskju. Ovvjament għad hemm entitatjiet oħra li għadhom s'issa magħluqin. Dawn jinkludu servizzi mhux essenzjali bħalma huma l-*hairdressers*, eċċ, kif ukoll ristoranti. Aħna għandna pjan li huwa magħmul fuq *risk assessment,* u allura jekk l-affarijiet jibqgħu mixjin sew, bil-mod il-mod nibdew nillaxkaw ċerti miżuri wkoll. L-impatt qiegħed hemm fuq kulħadd. Nista' ngħid li din hija sitwazzjoni li għalissa ma nistgħux immorru għal dak li konna qegħdin nesperjenzaw qabel ma beda dan kollu. Irridu noqogħdu attenti li aħna, b'mod kawt, ikollna l-miżuri tagħna, sabiex dik il-kisba li għamilna fil-kontroll tal-COVID-19, nibqgħu nsegwuha u nkunu żguri li l-impatt ta' dan il-virus fil-komunitajiet tagħna jkun kemm jista' jkun baxx.

IĊ-CHAIRPERSON: Prof. Gauci, nirringrazzjak talli qiegħda magħna llum. L-ewwel nett f'isem il-Kumitat nirringrazzja lilek u lit-tim tiegħek għall-ħidma kollha li qegħdin twettqu b'risq pajjiżna. Peress li nifhem li l-ħin tiegħek huwa prezzjuż ħafna, se ngħaddi mill-ewwel għal xi mistoqsijiet li jistgħu jagħmlulek il-Membri tal-Kumitat ħalli mbagħad tkun tista' tkompli bil-ħidma tiegħek fix-xogħol li qiegħda twettaq.

Rimarki? L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Prof. Gauci, ma rridux intellfuk ħafna. Grazzi ħafna tax-xogħol li qiegħda tagħmel inti flimkien mat-tim tiegħek u l-*frontliners* kollha f'din il-biċċa xogħol li ġiet fuq id-dinja kollha. Forsi l-mod ta' kif qed taħdmu intom jista' jkun ta' eżempju għal pajjiżi oħra. Min-naħa tiegħi sa nagħmillek ftit mistoqsijiet żgħar b'referenza għal dak li tkellimt inti dwaru.

Tista' tgħidilna kemm hi l-medja tas-*swabs* li qed jittieħdu mill-*hub* tal-*heliport* tax-Xewkija minn meta nfetaħ sal-lum? Bħalissa hemm pazjenti fl-Isptar ta' Għawdex li huma pożittivi għall-COVID-19? Fil-konferenza stampa li saret ftit tal-ġranet ilu inti għedtilna li waħda mill-miżuri ta' rilassament kienet dwar l-ivvjaġġar bejn Malta u Għawdex. Issa llum għamilt referenza għar-restrizzjoni fuq in-numru ta' passiġġieri li jistgħu jaqsmu fuq kull vapur. Tista' tgħidilna kemm huwa dan in-numru? Safejn naf jien ma jidhirx li ħareġ x'imkien li hemm xi restrizzjoni fuq in-numru ta' passiġġieri fuq kull vapur. Ovvjament il-vapur jista' jieħu sa 900 passiġġier, u allura bla dubju ta' xejn, dan in-numru ta' passiġġiera fuq vapur wieħed huwa numru għoli ħafna f'dan l-istadju.

IĊ-CHAIRPERSON: Profs., tippreferi tieħu *round* ta' mistoqsijiet u tirrispondi wara?

PROF. CHARMAINE GAUCI: Iva. Nistgħu nieħdu *round questions*.

IĊ-CHAIRPERSON: Tajjeb. L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Profs. Gauci, jien ukoll nixtieq ningħaqad mal-kollegi tiegħi u nirringrazzjak tal-ħidma tagħkom. Hija tassew biċċa xogħol kbira li qegħdin tagħmlu f'dan il-mument kritiku għad-dinja kollha. Rigward l-

Isptar ta' Għawdex u s-sodod li ġew ippreparati biex ikunu jistgħu jilqgħu lil dawk il-pazjenti li jkunu affettwati minn din il-kondizzjoni, tista' tgħidilna kemm huwa maħsub li dan l-arranġament straordinarju jibqa' fis-seħħ ġewwa Għawdex? U dan speċjalment meta qegħdin naraw li f'Għawdex – naf li dejjem trid tkun kawt – in-numri qed ikunu żgħar ħafna, jekk mhux kważi nulli.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-Ministru Clint Camilleri.

ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex): Sinjura President, nixtieq nikkummenta ftit dwar il-mistoqsijiet li għamlu l-Onor. Membri u nikkjarifika u nżid ukoll xi informazzjoni addizzjonali. Irridu ngħidu li f'dan il-perjodu l-Gvern u l-Oppożizzjoni, u anke minnaħa tal-Onor. Chris Said bħala kelliem għal Għawdex, żammejna ta' kuljum il-kuntatt ta' bejnietna u tkellimna rigward kif l-aħjar għandna nipproċedu sabiex b'mod ovvju, u wara l-pariri mill-awtoritajiet tas-saħħa, inkunu nistgħu nieħdu l-aħjar deċiżjonijiet għal din il-gżira. Irridu ngħidu li dawn il-miżuri kollha li daħlu fis-seħħ fuq bażi nazzjonali saru sabiex nindirizzaw numru ta' *issues* li jistgħu jolqtu b'mod partikolari lil Għawdex. Fi ftit taż-żmien rajna li għamilna l-isforzi meħtieġa sabiex ikollna l-istess faċilitajiet li hawn f'Malta, numru ta' protokolli, li fil-verità ġejna bżonnhom u attwajniehom.

Wieħed irid jiftakar kif fil-bidu ta' Marzu, meta kellna l-indikazzjoni ta' din il-pandemija, bdejna mill-ewwel naħsbu fuq x'għandu jsir jekk kemm-il darba din il-pandemija taħkem lil Għawdex, kif fil-fatt ġara ftit tal-ġimgħat wara, u ppruvajna nkunu kemm jista' jkun kawti sabiex inkunu ppreparati għal dak kollu li jista' jinqala'. Kien hemm numru ta' protokolli, anke fl-ewwel każijiet li kellna f'Għawdex, sabiex dawn il-pazjenti jitwasslu lejn Malta b'vapur *chartered*. Sadanittant ħdimna sabiex, kif qalet tajjeb il-Profs. Gauci, fi żmien ta' ftit jiem ikollna l-*VIP lounge* ġewwa l-*Heliport* ta' Għajnsielem ikkonvertita fi *swab centre*. Ħdimna wkoll f'numru ta' restrizzjonijiet fejn jidħol il-*Gozo Channel* u miżuri li ħadna sabiex nirristringu kemm jista' jkun l-imxija ta' dan il-virus.

Filwaqt li nemmen li 'l quddiem se jkolli l-opportunità li nispjega dwar dan kollu, irrid ngħid li l-miżuri li ħa l-Gvern għall-pajjiż wasslu fl-aħħar mill-aħħar għal riżultati pożittivi. Irridu ngħidu li llum, jekk wieħed jikkalkula l-każijiet reġistrati li hawn fil-pajjiż kollu u l-persentaġġ tagħhom li kienu Għawdxin, nistgħu ngħidu li bħalissa għandna ftit iktar minn 4% tal-każijiet attivi. Ħadna numru ta' restrizzjonijiet fejn jidħol il-Gozo Channel sabiex nassiguraw li jkun hemm kontroll. Irrid ngħid li kelli *data* mingħand il-Gozo Channel dwar meta daħħalna l-is*creening* tal-persuni. Fil-fatt ġew irrifjutati milli jirkbu l-vapur ta' Għawdex madwar 100 persuna wara li sarilhom l-iscreening u nstab li kellhom xi sintomi. Issa dan ma jfissirx li kienu morda imma kellhom xi sintomi li setgħu jfissru li huma infettati bil-COVID-19. Meta daħħalna restrizzjonijiet u għamilna t-*travel bans* bejn iż-żewġ gżejjer għall-ivvjaġġar mhux essenzjali, irrifjutajna madwar 700 persuna. Għaldaqstant nemmen li bil-ħidma tal-Membri Parlamentari kollha, inkluż bil-ħidma tal-Oppożizzjoni u bil-ħidma u l-pariri tal-awtoritajiet tas-saħħa, illum qegħdin f'sitwazzjoni fejn Għawdex huwa ppreparat u se nkomplu nkunu ppreparati anke fuq pariri tad-Direttorat tas-Saħħa Pubblika, biex fil-ġimgħat li ġejjin nibqgħu *on alert* u nibqgħu ppreparati għal kull eventwalità.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Prof. Gauci, nixtieq nagħmel ftit kummenti ġeneriċi. Ovvjament il-fatt li n-numru ta' każijiet huwa negliġibbli f'Għawdex ma jfissirx li m'għandniex każijiet. Allura iktar u iktar għandna nsegwu l-appell tal-awtoritajiet tas-saħħa sabiex nosservaw ir-regolamenti u nkunu aktar pro-attivi, jekk inhuwa possibbli, f'dan is-sens. Peress li f'Għawdex għandna komunità żgħira u peress li bħalissa għaddej eżerċizzju ta' *random testing*, qegħdin tikkunsidraw sabiex f'Għawdex dan ir-*random testing* jieħu iktar impetu u jaqbad ritmu forsi iktar mgħaġġel minn Malta? U b'hekk ikollna stampa aktar realistika tas-sitwazzjoni.

It-tieni punt li semmew l-Onor. Said u l-Onor. Cutajar huwa fuq l-ivvjaġġar bejn il-gżejjer. Filwaqt li ħareġ l-avviż li din ir-restrizzjoni ġiet sollevata, xorta waħda għad fadal min qiegħed jinkwieta. Min-naħa tiegħek tista' toffri ftit serħan tal-moħħ f'dan ir-rigward? Kif tneħħiet din ir-restrizzjoni, jekk ikollha effetti mhux mixtieqa, x'miżuri se jkunu qegħdin jittieħdu sabiex inkunu nistgħu nissalvagwardaw is-saħħa pubblika u biex dawk li jgħixu f'Għawdex kif ukoll dawk li jkunu qed jivvjaġġaw bejn il-gżejjer ikollhom moħħhom mistrieħ? Rigward in-numru ta' passiġġiera fuq il-vapuri tal-Gozo Channel suppost li hemm ammont ta' nies li jistgħu

jitilgħu fuq kull vjaġġ u dan biex dejjem inżommu s-sitwazzjoni kontenuta. Issa din ir-responsabilità fuq min qiegħda? Fuq il-Gozo Channel jew inkella fuq dawk il-persuni inkarigati li jagħmlu t-testijiet jew il-moniteraġġ minħabba n-numri li jkunu qed jivvjaġġaw bejn il-gżejjer?

PROF. CHARMAINE GAUCI: Dawn huma kollha mistoqsijiet relevanti ħafna sabiex nifhmu s-sitwazzjoni. Il-*hub* li nfetaħ f'Għawdex sar b'koperazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex, u hawnhekk nerġa' nirringrazzja lill-Ministru Clint Camilleri tal-koperazzjoni tiegħu. Kif aħna għedna li hemm bżonn li jkollna *hub* f'Għawdex, mill-ewwel kellna koperazzjoni sħiħa mingħand kulħadd. Hemmhekk aħna qegħdin naħdmu bil-massimu li nistgħu naħdmu biex noffru l-i*swabs* u nkopru lil dawk in-nies li jkollhom is-sintomi. Imma apparti dawn bdejna noffru wkoll l-i*swabs* lil ċerti gruppi ta' nies, b'mod speċjali lill-*essential workers*, bħal pereżempju l-pulizija u s-suldati għaliex nafu li dawn ikunu f'kuntatt ma' nies oħrajn u allura tkun trid taqbadhom minn kmieni ħafna. Fil-fatt kellna każijiet minn dawn in-nies li ma kellhom l-ebda sintomi u dan huwa importanti għaliex meta għandek persuna li m'għandha l-ebda sintomi, hemm ċans li din titrażmetti l-virus lil ħaddieħor. Veru li ċ-ċansijiet huma inqas imma r-riskju xorta hemm qiegħed.

Bħalissa bejn wieħed u ieħor qegħdin nagħmlu bejn 50 u 100 *swab* kuljum f'Għawdex. Dan in-numru jvarja ħafna għaliex huwa dipendenti fuq ħafna fatturi; dipendenti fuq kemm in-nies iċemplulna fuq in-numru 111 u fuq kemm il-persuni jkunu lesti li jiġu jagħmlu l-i*swab*. Dan in-numru huwa dipendenti fuq il-koperazzjoni tal-pubbliku. Imbagħad jiddependi wkoll mill-*outreach* li aħna qegħdin nagħmlu sabiex inkunu nistgħu noffru dan it-test lin-nies. Aħna qed noffru dan is-servizz ta' *swabbing* lill-*healthcare workers* u lill-*carers* li jaħdmu kemm fid-djar tal-anzjani kif ukoll fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Din hija importanti ħafna għax ikollok dak ir-*random testing* tan-nies li qegħdin jaħdmu ma' nies li huma vulnerabbli, nies li huma stess qegħdin fil-komunità u allura huma stess jieħdu dan il-*virus*. Fil-laboratorju tal-Isptar Mater Dei nistgħu nagħmlu aktar testijiet. Fil-fatt bħalissa qegħdin nagħmlu madwar 1,000 kuljum, inkluż l-i*swabs* li jiġu minn Għawdex, però għandna kapaċità sabiex intellgħu dan in-numru għal 2,000 *swab* kuljum. Iżjed ma nagħmlu testijiet iżjed aħjar għax aktar ma nsibu każijiet pożittivi aktar tista' ...

IĊ-CHAIRPERSON: Prof. Gauci, ningħaqad miegħek sabiex nagħmel appell ħalli dak li jkun jersaq 'il quddiem u jagħmel dawn it-testijiet.

PROF. CHARMAINE GAUCI: Iva, speċjalment min ikollu s-sintomi. Toqogħdux tibżgħu. Forsi kien hemm xi nies li beżgħu għax tweġġa' xi ftit imma b'dan it-test ma tweġġax. Huwa biss ftit skomdu. Tajjeb ngħidilkom li n-nies li għandna jaħdmu fil-hubs huma kollha professjonisti u jilbsu l-ilbies protettiv meħtieġ. Għalhekk min imur għat-test se jkun safe. Nappella lil dawk li huma sintomatiċi sabiex imorru jagħmlu t-test għaliex ħafna drabi persuna li tkun b'saħħitha ma tersaqx 'il quddiem għax tgħidlek jien għadni żgħira u mhu se jiġrili xejn. Veru li ħafna mill-każijiet li kellna ma ġralhom xejn u huwa minnu wkoll li l-kumplikazzjonijiet li kellna kienu fuq persuni anzjani u dawk li kellhom mard kroniku imma xorta l-kumplikazzjonijiet jistgħu jinqalgħu lil kulħadd.

Aħna kellna każijiet li kellhom jidħlu l-isptar. Dawn nofshom fiequ u kellna wkoll ftit każijiet oħra fil-komunità li fiequ. L-aħħar każ li kellna l-ġimgħa l-oħra għadu *active* però qiegħed iżolat fid-dar tiegħu. Aħna niddeċiedu fejn jinżammu dawn il-pazjenti skont kriterji li għandna. Waħda minnhom hija l-qagħda klinika tal-persuna. Naraw ukoll jekk il-persuna, fejn is-soltu tgħix, għandhiex il-faċilitajiet meħtieġa biex twieżen ruħha u naraw ukoll il-koperazzjoni tal-pubbliku biex inkunu żguri li din il-persuna tibqa' proprju fid-dar tagħha. Imma bħalma tafu għandna wkoll il-liġi tal-kwarantina u tal-iżolazzjoni, li tgħodd għal kulħadd, u allura biex nassiguraw li l-persuna infettata ma tkunx ta' periklu għal ħaddieħor, isiru dawn l-ispezzjonijiet minn żmien għal żmien biex naraw li verament qegħdin jobdu r-regoli tal-kwarantina.

Saret mistoqsija wkoll fuq is-sodod li żidna f'Malta u Għawdex. Hawnhekk ukoll jgħodd l-istess prinċipju. Skont il-mudelli li ħdimna bihom stennejna li se jkollna bżonn ta' aktar sodod, però il-ħidma li saret kienet waħda tajba u b'hekk ma kienx hemm bżonn dak l-ammont ta' sodod. Issa ma jfissirx li dak kollu li ppreparajna għalih għandna nżarmawh għaliex l-ewwel nett ma nafux kemm se jtawwal dan il-*virus* u t-tieni nett nafu, anke mill-esperjenzi ta' pandemiji barra minn Malta, li jista' jkun hemm is-*second wave*

ta' dan il-virus. Allura dawk il-preparamenti kollha li għamilna għall-COVID-19 iridu jibqgħu hemmhekk. Bħalissa qegħdin fil-fażi tranżitorja u allura nistgħu nieħdu l-opportunità sabiex dawk is-servizzi tas-saħħa li forsi kellna nnaqqsuhom minħabba li konna qed nippreparaw għall-COVID-19, issa nistgħu nerġgħu nibdewhom. U dak hu proprju li qegħdin nagħmlu. Nisħaq fuq it-tilqim. Nifhem li l-ġenituri forsi kienu xi ftit inkwetati u għażlu li jistennew ftit qabel jieħdu t-tarbija tagħhom għat-tilqim meħtieġ imma dan huwa perikoluż. Nixtieq nassigura li l-isptarijiet ta' Malta kif ukoll ta' Għawdex huma siguri. L-istess ħaġa ċ-ċentri tas-saħħa u l-kura primarja. Għalhekk nitlob lin-nies sabiex imorru jieħdu t-tilqim li hemm bżonn ħalli nevitaw mard ieħor, bħalma hija l-ħożba.

Fuq il-miżuri dwar x'jista' jiġri aħna rridu naraw li dawn il-miżuri nsegwuhom permezz ta' mezzi ta' mitigazzjoni. Għalhekk in-numru ta' passiġġieri fuq il-vapur ta' Għawdex irrakkomandajna li jkun in-nofs ta' kemm suppost jiflaħ il-vapur. Kien hemm qbil ukoll mal-Gozo Channel dwar dan għaliex żgur li riedna li jkun hemm is-*social distancing* fuq il-vapur. B'hekk ma jkollokx espożizzjoni minn persuna għal oħra. Minkejja l-fatt li hemm l-użu tal-maskri, is-*social distancing* xorta jrid jibqa' jinżamm.

L-Onor. Caruana staqsiet fuq x'jiġri jekk jerġgħu jiżdiedu l-każijiet, eċċ. Jalla ma jiżdiedux, però jekk jiżdiedu jkollna naraw x'miżuri jkollna nerġgħu indaħħlu. Dan jiddependi mill-impatt li jkollna. Però jekk nibqgħu għaddejjin kif aħna, fejn in-numri jibqgħu żgħar, bl-RT jibqa' dejjem taħt il-1, hemmhekk aħna nkunu rajna li għalkemm kien hemm illaxkar ta' miżuri, però fl-istess ħin, b'għaqal kbir, xorta żammejna s-sitwazzjoni stabbli. Dik hi l-mira tagħna.

IĊ-CHAIRPERSON: Profs. Gauci nirringrazzjak tal-ħidma tiegħek. U min-naħa tagħna ningħaqdu fl-appelli tiegħek sabiex kulħadd ikun kawt u kulħadd ikun responsabbli ħalli flimkien noħorġu minn din it-taqtiha li għaddejjin minnha bħala pajjiż.

PROF. CHARMAINE GAUCI: Nirringrazzjakom.

ONOR. CHRIS SAID: Ministru, jekk fhimt sew lil Prof. Gauci, jekk il-vapur jiflaħ 900 passiġġier, issa ġie ristrett għal massimu ta' 450?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Iva, l-aħħar komunikazzjoni li kelli maċ-Chairperson tal-Gozo Channel kien proprju fuq din il-linja u għalhekk r-restrizzjonijiet kienu li jitnaqqsu bin-nofs, jiġifieri fuq il-vapur ikollok 450 passiġġier. Jekk miniex sejjer żball hemm żewġ limiti. Hemm 600 u 900. L-ewwel ħaġa rridu nifhmu li qegħdin f'sitwazzjoni li l-kumpanija tal-Gozo Channel qiegħda tbati minħabba n-nuqqas ta' traġitti u minħabba n-nuqqas ta' passiġġieri. Din hija xi ħaġa ovvja u għaldaqstant, apparti sabiex nillimitaw il-persuni li jkunu abbord il-vapur, inkunu wkoll qed nużaw inqas riżorsi *so cut costs*. Kif għamilna meta ftit tal-jiem ilu bgħatna lura lill-vapur Nikolaus lura l-Greċja għal 60 ġurnata u għandna l-għażla li nissospenduh għal 60 ġurnata oħra. Però ovvjament iħoll u jorbot dak li se jiġri f'dawn il-jiem; jekk aħniex se nkomplu negħlbu din il-pandemija u jekk ikunx hemm pariri oħra min-naħa tal-awtoritajiet tas-saħħa sabiex jinfetħu aktar stabbilimenti, eċċ., li jista' jfisser żieda ta' traġitti bejn il-gżejjer. Ovvjament wieħed irid jieħu deċiżjoni iktar 'il quddiem.

IĊ-CHAIRPERSON: Naħseb li għandu jkollna rappreżentant tal-Gozo Channel fil-laqgħa li jmiss u b'hekk id-diskussjoni tkun tista' tiżvolġi fuq informazzjoni li wieħed ikollu.

ONOR. CHRIS SAID: Jiġifieri bħalissa nofs il-kapaċità qed ikun hemm fuq il-vapuri.

ONOR. CLINT CAMILLERI: Iva.

ONOR. CHRIS SAID: Min qed jikkontrolla n-numru? Il-Gozo Channel stess bħalma jsir is-soltu?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Iva.

ONOR. CHRIS SAID: Sewwa. Ir-responsabilità tal-maskri jew tal-*visor* fuq min qiegħda?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Jien infurmat li l-kumpanija Gozo Channel tat il-maskri lill-ħaddiema kollha li jaħdmu fuq il-Gozo Channel. Qegħdin naraw ukoll, minħabba li għandna numru ta' ħaddiema li jaqsmu ta' kuljum bejn iż-żewġ gżejjer, li dawn il-ħaddiema jiġu mogħtiha l-maskri u għal dan il-għan ħriġna wkoll *quotation.* Qegħdin naraw li hemm madwar 3,000 ħaddiem li jużaw is-servizz ta' kuljum għaliex ikunu jaħdmu Malta u allura b'dan il-mod inkunu qegħdin ngħinu lil dawn in-nies li jridu

jużaw il-maskra ta' kuljum. Fil-jiem li ġejjin se nkunu qegħdin inqassmu dawn il-maskri lill-ħaddiema li jaqsmu l-gżejjer ta' kuljum.

IĊ-CHAIRPERSON: Mela għal-laqgħa li jmiss ikollna rappreżentant tal-Gozo Channel ħalli jagħtina l-ispjegazzjonijiet li hemm bżonn. Issa nistieden lis-Sur Joe Borg, il-President tal-Gozo Business Chamber, sabiex jersaq mal-mejda u jagħtina l-preżentazzjoni tiegħu. Sur Borg, nitolbok tkun konċiż kemm tista'. Grazzi.

IS-SUR JOSEPH BORG (President tal-Gozo Business Chamber): Huwa ta' pjaċir għalija u għall-membri tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex li qegħdin nipparteċipaw f'din l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat Parlamentari. Rajna li kien pass ferm għaqli li l-Gvern appoġġa t-talba tal-Membri tal-Oppożizzjoni biex jinħatar dan il-Kumitat. Aħna bħala dejjem se nappoġġjaw din l-inizjattiva, liema inizjattiva ma tistax ma tkunx ta' benefiċċju għall-għira għażiża tagħna u għan-nazzjon kollu. Is-suġġett li se nitrattaw illum huwa l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u fuq kif se naħdmu lkoll flimkien sabiex noħorġu aktar b'saħħitna minn dan l-għawġ li ħakem il-għira tagħna, lil Malta, lill-Ewropa u lid-dinja kollha. U jien se nibda bl-esperjenza tal- COVID-19 f'Għawdex min-naħa tan-negozju.

Fl-ewwel stqarrija li ħriġna flimkien mal-Gozo Tourism Association sostnejna li huwa fatt li ħadd ma jista' jmeri li fi problemi ta' relevanza nazzjonali, u speċjalment dawk li għandhom dimensjoni internazzjonali, bħalma hija l-COVID-19, in-negozji fil-għira ta' Għawdex huma dawk li l-ewwel jintlaqtu mill-problema u l-aħħar li jirnexxilhom joħorġu minnha. Din kienet l-esperjenza tal-passat tagħna u din hija l-esperjenza tal-preżent tagħna! Għamilna diversi stħarriġ li jikkonfermaw dan imma dak li għixna u qed ngħixu f'dawn l-aħħar ġranet kienet esperjenza li xxukkjatna. Għaddejna ħin twil nitkellmu mal-membri tagħna permezz ta' telefonati, *emails*, *Skype, Zoom,* eċċ., u kulħadd talab għall-għajnuna għax ħadd ma jaf x'se jaqbad jagħmel! Min qed jara jikkrolla quddiemu dak kollu li ħadem għalih matul ħajtu, min ma jafx minn fejn se jħallas lill-ħaddiema tiegħu, min ma ngħatax l-għajnuna jew din l-għajnuna għadha ma waslitlux u elf ħaġa oħra. Ċertament li din hija sitwazzjoni bla preċedent!

Kif spjegajt ħdimna fuq li ħdimna. Tajna kontribut kemm f'dak li għandu x'jaqsam speċifikament ma' Għawdex bħala gżira u tajna kontribut anke fuq livell nazzjonali. Mill-istqarrija għall-istampa li ħriġna fil-15 ta' Marzu nsistejna biex il-Gvern jiddiskuti magħna programm speċifiku ta' inċentivi li jirrigwarda n-negozji li jinsabu f'Għawdex. Wara li saret il-konsultazzjoni l-Gvern irrikonoxxa l-ispeċifiċità tal-problemi tan-negozji Għawdxin. Fil-miżuri mħabbra fl-24 ta' Marzu saret differenza fl-għoti tal-COVID *wage supplement,* fejn il-kumpaniji Għawdxin, li jaqgħu taħt l-annex B, ġew intitolati għal jumejn sussidju fil-ġimgħa minflok ġurnata waħda biss.

Fuq bażi nazzjonali konna aħna li flimkien ma' oħrajn insistejna sabiex tingħata almenu l-paga minima nazzjonali lil dawk kollha li kienu twaqqfu mill-operat tagħhom mill-awtoritajiet tas-saħħa. Imma l-ikbar kontribut li għamilna kien fl-insistenza tagħna sabiex in-negozji jingħataw l-opportunità li jkollhom self b'interessi zero. Meta fit-3 ta' April il-Malta Development Bank ħabbret l-ewwel skema tagħha, l-hekk imsejħa MDB COVID-19 Guarantee Scheme, ħriġna stqarrija fejn għidna lil din kienet skema *non-starter* u li dan ma kienx dak li kienu qed jistennew in-negozji f'dak il-mument! Insistejna li dawk li kellhom bżonn in-negozji kienu *loans* mingħajr interessi u moratorji fil-ħlasijiet b'lura. Fl-istess ġurnata tal-istqarrija tagħna l-Kummissjoni Ewropea rrillaxxat ir-regolamenti marbutin mal-i*state aid.* Irrikonoxxiet li l-istati membri setgħu japprovaw skemi ta' self sal-ammont ta' €800,000 għal kull kumpanija mingħajr interessi, u garanziji li jammontaw għall-100% tal-kapital. Effettivament il-Gvern ħabbar skema ġdida nhar is-16 ta' April, fejn bażikament ġew aċċettati ħafna mit-talbiet tagħna. Min-naħa tagħna se nkunu qegħdin insegwu kif se jitħaddem dan is-self mill-banek sabiex in-negozji tagħna jkunu megħjuna bl-aħjar mod.

Il-pandemija għallmitna ħafna. Il-perjodu li għamilna taħt il-madmad ta' din il-pandemija għallimna u qiegħed ikompli jgħallimna! Probabbli dan serva bħala żmien ta' irtir u ta' riflessjoni, żmien fejn tbiddel ir-ritmu ta' ħajjitna, żmien fejn apprezzajna aktar in-natura mbierka li dawwarna biha Alla fil-gżira tagħna. Quddiemi jixirfu erba' punti. L-ewwel punt huwa relatat mal-istruttura tas-servizzi tas-saħħa fil-gżira tagħna. Fis-27 ta' Frar 2020 il-Kamra tagħna kellha l-laqgħa ġenerali annwali tagħha u din saret fl-iskola ta' Barts li kienet għadha kemm

ġiet inawgurata. Dakinhar irriflettejt li l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex dejjem ipproponiet is-settur tas-saħħa bħala wieħed mill-oqsma li għandu jiġi mħaddem għall-iżvilupp sostennibbli tal-gżira tagħna. Wara itinenarju missielet l-iskola ta' Barts issa qiegħda fil-gżira tagħna. Biex din taħdem aktar kif suppost għidna li għandha bżonn sptar ġdid, li jkun jilqa' fih iktar pazjenti. L-iskola ta' Barts għandha bżonn dan l-isptar. Għawdex ukoll għandu bżonn dan l-isptar. Anzi jiena ngħid li mhux biss Għawdex għandu bżonn dan l-isptar imma anke Malta. Din l-imxija li qed ngħixu għallmitna li dan l-isptar għandu bżonnu n-nazzjon kollu! Kien ikun ħafna aħjar li kieku kellna sptar ikbar f'Għawdex! Kien ikollhom inqas uġigħ ta' ras dawk responsabbli mis-saħħa tal-poplu! U fuq kollox kien ikun moqdi aħjar il-poplu Malti u Għawdxi!

It-tieni riflessjoni hija din; il-parti l-kbira ta' Għawdex, b'aktar minn 50% tal-prodott gross domestiku tiegħu huwa mibni direttament jew indirettament fuq it-turiżmu. Din l-imxija urietna kemm l-ekonomija tagħna hija fraġli. Issa mhux għax huwa ħażin li għandna s-settur tat-turiżmu vibranti imma mhuwiex sew li m'għandniex setturi oħra li jibbilanċjaw! Ara f'Malta d-dipendenza fuq it-turiżmu hija ferm inqas u dan jikkontribwixxi għal ekonomija iktar reżiljenti. Aħna se nkomplu naħdmu sabiex insaħħu s-settur turistiku imma rridu naħdmu aktar sabiex inkattru u nsaħħu setturi oħra. Kif diġà aċċennajt fil-bidu, din il-pandemija serviet sabiex il-bniedem inaqqas ir-ritmu tiegħu u b'hekk seta' igawdi aktar in-natura. Anke l-kuntatt tagħna man-natura żdied u dan permezz ta' aktar mixjiet fil-kampanja u b'nuqqas sostanzjali ta' karozzi jduru fit-toroq. Ħafna qalu li d-dinja reġgħet ħadet nifs ġdid. U din hija t-tielet tagħlima li ħadna minn din il-pandemija. Hemm bżonn li mil-lum 'il quddiem jipprevali fl-għażliet tagħna għażla favur l-ambjent. Irridu naraw li jkollna ekonomija li tagħti importanza akbar lill-enerġija rinovvabbli u li nagħtu rispett lejn in-natura ta' madwarna. Fuq kollox dawn mhumiex ħlief għażliet favur il-bniedem, għażliet favur kwalità ta' ħajja aħjar u għażliet favur ekonomija sostennibbli.

Ngħaddu għall-aħħar tagħlima. F'din il-pandemija deher b'mod ċar il-bżonn kbir li nappoġġjaw lin-negozji lokali. Fil-ġimgħat li għaddew u fil-ġimgħat li ġejjin se nkomplu nirrealizzaw kemm huwa importanti li l-poplu tagħna jixtri mill-prodott lokali. Se nkomplu nirrealizzaw kemm huwa importanti li nixtru prodotti tal-agrikultura lokali, tas-sajd lokali, li nieħdu servizzi minn kumpaniji lokali u li nixtru prodotti manifatturati lokalment. Huwa xieraq li f'dan il-mument delikat tal-ekonomija nazzjonali, l-appoġġ tagħna nagħtuh lill-kumpaniji u lin-negozji li l-qligħ tagħhom se jerġgħu jinvestewh lura fl-ekonomija lokali. B'hekk noħolqu ekonomija iktar sostennibbli u reżiljenti.

Dawn kienu l-erba' riflessjonijiet li xtaqt naqsam magħkom. Bħalissa l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex għandha l-presidenza taċ-*Chambers of Commerce* tal-gżejjer tal-Ewropa, liema għaqda tissejjaħ INSULEUR. Fiċ-ċirkostanzi ta' din il-pandemija bgħatt messaġġ li jgħid li meta d-dinja toħroġ minn din il-pandemija hemm ħafna lezzjonijiet x'nitgħallmu u hemm ħafna lezzjonijiet li rridu naqsmu flimkien. Il-pandemija qed turina li ma nistgħux nibqgħu għaddejjin ngħaffġu qisu qatt ma ġara xejn! Hemm bżonn naħsbu u naġixxu b'mod differenti. X'nixtiequ li jiġri f'Għawdex mil-lum 'il quddiem? Għidna li rridu naħsbu u naġixxu b'mod differenti. Irridu li Għawdex jirbaħ l-effettivi negattivi ta' din il-pandemija u joħroġ minnha iktar b'saħħtu. Irridu li minn din l-istraġi fl-ekonomija tagħna noħolqu opportunitajiet ġodda, li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tagħna bħala Għawdxin u li jgħinu biex Għawdex ikompli jikkontribwixxi iktar minn qatt qabel għall-ekonomija nazzjonali.

Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ħejjiet pjan ta' proposti li jrid iwassal sabiex Għawdex ikompli jibni ekonomija reżiljenti u sostennibbli. Dan il-pjan sar b'konsultazzjoni sħiħa mal-membri tagħna. Hemm pjanijiet *short term* u *long term*. Illum se nikkonċentra l-iktar fuq l-interventi li jridu jsiru b'mod immedjat. L-ewwel nett is-settur diġitali u finanzjarju. Aħna nemmnu li żvilupp qawwi fis-settur diġitali kif ukoll dak finanzjarju huma opportunità kbira għal żieda fl-ekonomija sostennibbli li Għawdex jista' jkollu. Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ħadmet fuqu u ppjanatu għall-gżira tagħna. U bit-tieni *fibre optic cable* dan kollu se jkun ferm iktar possibbli. It-tnedija reċenti tad-*digital innovation hub* se jkompli jagħti skop biex dak li ġie pprospettat isir realtà. Kif se nġibu lill-kumpaniji f'dawn is-setturi, *startups* jew stabbiliti f'Għawdex?

Tiftakru, u intom Membri Parlamentari, minkejja li ħadd minnkom ma kien hemm, tafu iktar minn ħaddieħor kif iż-żona industrijali tax-Xewkija infetħet fl-aħħar tas-snin sittin. Dan seħħ billi l-Membri Parlamentari Għawdxin baqgħu jistennew fil-British Hotel, ftit 'il bogħod minn hawnhekk, sakemm il-Gvern iddeċieda li jaċċedi għat-talba tagħhom. Wara li nbnew il-faċilitajiet il-kumpaniji ġew jaħdmu f'Għawdex għax ingħataw għaxar snin *tax holiday*. Kien żmien fejn Għawdex far bil-ġid! Mela ejjew nieħdu din l-opportunità li għandna bħalissa sabiex noffru kondizzjonijiet aġevolati għal min irid jiftaħ *business* f'Għawdex. Nagħtu *tax holidays* u sussidji qawwija fir-rati tal-kera u Għawdex jerġa' jibbenefika.

Fuq it-turiżmu kif spjegajt fil-bidu Għawdex intlaqat b'mod qawwi mill-COVID-19 u dan għaliex Għawdex dejjem serraħ fuq it-turiżmu. Xejn inqas minn 50% tal-prodott gross domestiku u b'madwar 20% tal-impjiegi. Huwa naturali li ekonomija fejn tpoġġi l-bajd kollu f'qoffa waħda, hija ekonomija riskjuża. U din il-pandemija hija prova ta' dan. Iż-żmien li fih il-faċilitajiet turistiċi se jkunu magħluqa għandu jservi sabiex dawn jiġu *upgraded*. Għalhekk li qed ninsistu mal-Gvern sabiex iħabbar programm ta' għajnuniet f'forma ta' *grants* u self b'rati baxxi ta' interessi ħalli lukandi, villaġġi turistiċi, appartamenti, *farm houses* u ristoranti jiġu *upgraded* minnufih! Dan huwa żmien li fih isir investiment. L-għajnuna trid tkun waħda aggressiva għax is-settur bħalissa tilef il-kuraġġ kollu li kellu. Dan kollu mbagħad irid ikun segwit b'kampanji ta' *marketing* aggressivi direttament min-naħa tal-Gvern, kif ukoll għajnuna mogħtija lis-settur biex jagħmel il-kampanji *targeted* tiegħu! Ejjew inkomplu nsaħħu t-turiżmu tagħna billi nikkonċentraw aktar fuq il-kwalità milli fuq il-kwantità.

Is-settur tal-kostruzzjoni u tal-proprjetà huwa wieħed importanti ħafna għall-ekonomija Għawdxija. Biss hawnhekk importanti li nkunu ċari għaliex il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex hija kontra l-iżvilupp bla raġan. Il-Kamra diġà sostniet li hija trid li l-*green belts* bejn il-lokalitajiet jiġu mħarsa u li l-karattru uniku ta' kull lokalità jibqa' bla mittiefes. Daqstant ieħor dwar ħarsien tal-ODZ u żvilupp mhux aċċettabbli fiż-żoni ta' konservazzjoni urbani. Bħal f'kull ħaġa oħra, f'Għawdex irridu żvilupp ta' kwalità u mhux ta' kwantità. Għalhekk qegħdin insostnu li għandu jiġi inċentivat bini ta' kwalità li jirrispetta u jarrikixxi l-ambjent. L-istrateġija fejn kull rokna trid tiġi mmassimizzata l-potenzjal tagħha mingħajr ma nagħtu każ tar-riperkussjonijiet ambjentali trid tiġi mibdula. Għawdex irid ikompli jappella għal klijentela ta' kwalità. Fiskalment irid jibqa' jiġi aġevolat ċertu tip ta' bini. Għandha tiġi kkonsidrata għal dan il-perjodu tnaqqis fit-taxxa ta' trasferiment għal 1% għal perjodu limitat sakemm jirkupra s-suq.

Is-setturi tal-agrikoltura, sajd, artiġġjanat u manifattura, minkejja li huma ħafna differenti minn xulxin, għaqqadthom flimkien. Jekk qatt kien hemm mument fejn jidher ċar daqs il-kristall il-bżonn li nappoġġjaw kemm nistgħu l-prodotti tagħna, il-prodotti Maltin u Għawdxin, żgur li dan huwa l-mument. Minħabba l-importazzjoni ta' prodotti ta' kull xorta ddgħajfet ħafna l-agrikultura, kemm inkwantu ta' prodotti tar-raba' kif ukoll inkwantu mat-tkabbir tal-annimali. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu fuq is-sajd, liema settur ġie milqut minħabba l-importazzjoni qawwija ta' ħut minn swieq barranin. L-artiġġjanat sofra wkoll u l-manifattura tkissret bl-importazzjoni ta' prodotti, li biex tgħaxxaq xi kultant jaqbżu wkoll ir-reġim tal-VAT! Għalhekk ikun għaqli li nissensibilizzaw lill-poplu tagħna dwar kemm huwa importanti għall-pajjiż li jkollu dawn is-setturi b'saħħithom. Fl-aħħar mill-aħħar fuqhom irridu naqgħu, kemm bħala parti mis-*supply chain* tagħna, kif ukoll biex ikollna ekonomija verament sostennibbli. Għalhekk qed ninsistu li jsiru kampanji qawwija u kontinwi ta' reklamar sabiex il-poplu jsostni lil dawn is-setturi billi jixtri prodotti lokali.

Rigward proġetti kapitali rrid ngħid li f'din il-fażi li għandna quddiemna huwa importanti li l-Gvern jagħti spinta lill-proġetti kapitali fil-gżira tagħna. Għadhom kit tlestew u ġew inawgurati l-iskola ta' Barts u d-*digital innovation hub* li diġà semmejna aktar qabel. Dawn kollha kkontribwew sabiex jitkattar ir-ritmu fl-ekonomija ċkejkna tagħna. Importanti li issa jitkomplew b'ritmu mgħaġġel il-proġetti l-oħra bħall-isptar ġdid ta' Għawdex, li diġà semmejnieh, il-Mużew ta' Għawdex, l-iskola primarja tar-Rabat u l-*park and ride facility* li twassal sabiex jiġi implimentat il-proġett tal-*e-buses* għat-*terminal* tal-Imġarr. Hemm bżonn li jitwettqu wkoll il-proġetti tal-*fast ferry* u l-*air link* biex tiġi ffaċilitata l-konnessjoni għal Malta. L-istess il-*permanent link*. Hemm bżonn li f'dan il-perjodu ma nieqfux minn dawn il-proġetti.

Ta' importanza kbira għall-gżira tagħna huwa li jkollok *car park* imdaqqas fiċ-ċentru tar-Rabat. Is-sit tal-*car park* preżenti huwa ideali sabiex jiġi żviluppat f'*multi-storey car park*. Hemm bżonn li nieħdu ħsieb sabiex nagħmlu *car park* suret innies u fih ikun hemm il-faċilitajiet meħtieġa għaċ-*charging* tal-karozzi tal-elettriku, *grounds* tal-futbol u suq fil-miftuħ fuq nett. B'hekk nieħdu ħsieb ukoll l-emissjonijiet kontinwi li kissru l-kwalità ta' ħajja ta' kull min jgħix fiċ-ċentru tar-Rabat.

Fl-aħħar nixtieq ngħid xi ħaġa fuq l-iżvilupp sostenibbli u l-enerġija rinovabbli. Kif għedna, il-pandemija ċertament urietna li l-ambjent u n-natura jiffunzjonaw ferm aħjar mingħajr l-inġerenza normali tal-bniedem. Id-dinja ħadet ir-ruħ u rridu nagħmlu mill-aħjar li nistgħu sabiex ma nerġgħux lura għal li konna. Kif se jsir dan, b'mod partikolari f'Għawdex? L-għan tagħna minn dejjem kien sabiex lil Għawdex nagħmluh gżira li tiddependi kompletament mill-enerġija rinovabbli. L-Unjoni Ewropea trid issir kontinent li tkun *carbon neutral* sal-2050 u b'*zero green house emissions* sal-2050. Għawdex irriduh jilħaq dawn l-għanijiet ferm u ferm qabel din id-data. Għalhekk qed nitolbu lill-Gvern sabiex nieħdu l-okkażjoni ta' din il-pandemija u lil Għawdex inqabbduh it-triq ħalli jilħaq dawn l-għanijiet ferm qabel.

Allura l-inċentivi li jridu jingħataw f'Għawdex biex jintlaħaq dan il-għan iridu jkunu ferm iktar aggressivi minn dawk li jingħataw fuq bażi nazzjonali. Hekk kif snin ilu saret differenza fir-rata li ngħatat għall-istallazzjoni ta' panelli fotovoltajċi, issa trid issir differenza immedjata biex il-popolazzjoni Għawdxija tibdel il-karozzi tagħha f'karozzi elettriċi. L-istess fuq kull inizjattiva oħra ta' enerġija rinovabbli. Ejjew ukoll nagħtu vantaġġ fit-tariffi tal-Gozo Channel lil min jaqsam il-gżejjer b'karozza tal-elettriku. Irridu naħsbu wkoll li nagħtu self bla interessi lil dawk il-kumpaniji li jridu jinvestu f'enerġija rinovabbli.

Sinjura President, wasalt għall-konklużjoni tiegħi. Ejjew nibdlu din l-isfida, din il-ġlieda, dan l-għelt li ħakimna f'opportunità. Ejjew ninqdew b'dawn iċ-ċirkostanzi infeliċi biex nibdlu għall-aħjar il-ħajja tal-popolazzjoni tagħna. Ejjew nibdew ngħixu fi ħbiberija man-natura, mal-art tagħna, mas-sbuħija li ddawwarna, ħalli ntejbu l-kwalità tal-għajxien tagħna. Nawgura minn qalbi personalment u f'isem il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex lil dan il-Kumitat ġdid tal-Parlament, lilek Sinjura President u lill-Membri li jifformaw parti minn dan il-Kumitat ġdid, li twieled f'mumenti xejn sbieħ tal-ħajja tagħna. Mumenti xejn sbieħ imma bl-għajnuna ta' kulħadd jirnexxilna ndawruhom biex ikunu l-bidu ta' ħajja aħjar, ta' ħajja isbaħ, fejn verament nifhmu x'inhu l-aktar importanti f'ħajjitna. Nirringrazzjakom u għal darb'oħra nawguralkom il-ħidma t-tajba.

Ngħaddi l-preżentazzjoni li għamilt lil dan il-Kumitat:

> *Powerpoint presentation* intitolata "L-Impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u x'se jiġri mil-lum 'il quddiem".

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Borg, f'isem il-Kumitat nirringrazzjak għall-preżentazzjoni eżawrenti li għamiltilna. Qabel ngħaddi għall-mistoqsijiet xtaqt nirrileva li għandna tliet preżentazzjonijiet oħra u għaldaqstant nissuġġerixxi, b'rispett lejn dawk li aċċettaw l-istedina tagħna, li forsi l-ewwel inressqu l-preżentazzjonijiet kollha u mbagħad wara nagħmlu diskussjoni waħda biex inkunu nistgħu ninkludu lil kulħadd. Dan qiegħda ngħidu b'rispett lejn il-persuni li għandna hawnhekk. Taqblu li nagħmlu hekk? (Onor. Membri: Iva) M'hemmx oġġezzjoni.

Mela nsejjaħ lis-Sur Joe Muscat, CEO tal-Gozo Tourism Association, sabiex iressqilna l-preżentazzjoni tiegħu.

IS-SUR JOSEPH MUSCAT (CEO, Gozo Tourism Association): Sinjura President, Ministru u Onorevoli nirringrazzjakom ta' din l-istedina. Dan huwa Kumitat storiku għax huwa mekkaniżmu ieħor għar-reġjonalità tal-gżira tagħna. F'isem il-Gozo Tourism Association u s-settur turistiku Għawdxi nixtieq nesprimi s-sodisfazzjon tiegħi għat-twaqqif ta' dan il-Kumitat. Is-suġġett tagħna ovvjament huwa l-COVID-19 u kif din il-pandemija laqtet lis-settur turistiku Għawdxi. Il-preżentazzjoni tagħna semmejnieha "The Challenge" għax din hija proprju sfida li qed inħabbtu wiċċha magħha f'dan is-seklu, sfida li nemmnu li noħorġu minnha imma rridu niffaċċjawha lkoll flimkien.

L-effett fuq l-ekonomija kien wieħed devastanti, b'mod speċjali għas-settur turistiku Għawdxi għax l-ekonomija ta' Għawdex tiddependi ħafna

minn fuq is-settur turistiku. Huwa statistikament magħruf li 50% tal-GDP ta' Għawdex ġej mit-turiżmu, u meta nitkellmu fuq 50%, skont l-aħħar ċifri li għandna tal-2018, ifisser mal-€270 miljun li din is-sena m'aħniex se naraw fl-ekonomija Għawdxija! L-impatt fuq it-turiżmu kien bla preċedent u qed jinħass mas-setturi kollha *across the board* fil-gżira Għawdxija. Il-*multiplier effect* tal-industrija turistika f'Għawdex huwa wieħed qawwi. It-turiżmu f'Għawdex se jintlaqat aktar milli se tintlaqat f'Malta għar-raġuni li għandna l-insularità doppja u aħna niddependu ħafna, b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għal Malta, imma mbagħad għandna ċerti vantaġġi li nsemmuhom aktar 'il quddiem. Għalina, fis-settur tat-turiżmu, is-sajf 2020 huwa kważi kkanċellat għax dan jiddependi mill-ftuħ tal-ispazji tal-ajru kemm ta' Malta u kemm ta' barra, jiġifieri ta' dawk il-130 *connections* li kellna qabel ma ġara li ġara minħabba din il-pandemija.

Issa ħa nidħlu ftit fuq il-COVID-19 u x'għamilna bħala assoċjazzjoni? Bħala assoċjazzjoni l-ħin kollu f'kuntatt mal-awtoritajiet fil-Gvern. Fit-23 ta' Marzu, flimkien ma' membri tal-Gozi Business Chamber, attendejna għal-laqgħa mal-Prim Ministru, fejn b'mod kollettiv ressaqna l-ħsibijiet tagħna u l-preokkupazzjonijiet tagħna dwar dak li kien qed jiġri, mhux biss fil-pajjiż imma anke madwar id-dinja. Bħalissa qegħdin niltaqgħu b'mod kontinwu mal-Ministru għal Għawdex, ġieli darba fil-ġimgħa u ġieli anke darbtejn, sabiex nagħmlu skambji ta' ideat kif ukoll biex inwasslu dak li qegħdin naraw li qed jiġri kemm madwarna kif ukoll madwar id-dinja. Il-*concerns* tagħna, bħala Gozo Tourism Association, wassalniehom fuq livell ta' MTA, mal-Ministru għat-Turiżmu kif ukoll permezz tal-preżenza tagħna fuq l-MCESD.

Għandna korispondenza miftuħa u għaddejja ma' diversi entitajiet governattivi sabiex *we lobby* għall-miżuri li nixtiequ naraw li jiġu introdotti fil-gżira Għawdxija sabiex intaffu l-impatt li ġabet magħha l-COVID-19. Kellna wkoll kuntatt kontinwu u assistenza, jien stess sorpriż biha, u *linking-up* li għamilna mal-membri tal-Gozo Tourism Association, fejn il-membri tagħna sabu lill-assoċjazzjoni bħala konfort billi jċemplulna u jistaqsu x'inhu jiġri, x'iridu jagħmlu, eċċ., u aħna naqsmu magħhom il-ħsibijiet tagħna. *Tramite* dan kollu, f'dwn l-aħħar seba' ġimgħat ħriġna 55 ċirkolari lill-membri tagħna biex ngħaddulhom din l-informazzjoni kollha li kienet għaddejja dwar skemi kif ukoll miżuri.

Ma rridx ninsa nsemmi li aħna semmajna leħinna b'mod individwali kif ukoll mal-Gozo Business Chamber dwar id-diversi skemi li ħareġ il-Gvern. L-ewwel skema ħassejna li ma kenitx ta' vantaġġ għas-settur turistiku, imma mbagħad rajna li kien hemm żviluppi f'din l-iskema, b'mod partikolari fejn daħlet l-għajnuna tal-*wage assistance*. Sfortunatament, konna l-uniku *lobby* nazzjonali fuq livell reġjonali u dak nazzjonali, il-Gozo Business Chamber u l-Gozo Tourism Association, li ħriġna ngħidu li l-miżuri li ħabbar il-Gvern, tramite l-Malta Development Bank, ma kienu attraenti għall-ebda *business* u aħna skantati kif il-membri u l-imsieħba soċjali minn naħa ta' Malta ħadd ma tkellem dwar dan!

Bħala assoċjazzjoni kellna wkoll diversi *surveys*. Bħalissa għaddej *survey online* mal-membri tagħna rigward l-impatt tal-COVID-19 fuq l-impjiegi fis-settur turistiku. Bħala Gozo Tourism Association tlabna li jkun hemm il-*waiving off* tal-liċenzji għall-2020. Dan huwa bbażat fuq il-fatt li t-turiżmu f'Għawdex mhux se jopera din is-sena. Allura peress li l-liċenzji qegħdin hemmhekk biex joperaw aħna tlabna sabiex jiġu *waived* il-liċenzji tal-MTA, tal-REWS, ta' Transport Malta kif ukoll tal-Lands Department. Tlabna li jkun hemm *wage fund,* kif imbagħad il-Gvern, wara t-tieni pakkett ta' miżuri, ħareġ b'din il-proposta. Tlabna wkoll għad-*deferral* tan-*National Insurance,* tal-*VAT* u tal-*Eco-Contribution.* Id-*deferral* huwa tajjeb però d-*deferral* huwa ta' kontribuzzjonijiet li s-settur turistiku bħala dħul m'għandu xejn. Tlabna wkoll *refund* tal-Gvern dwar il-*quarintine leave* li mbagħad ġiet irranġata wkoll u li jkun hemm *adequate and extensive marketing campaigns* għad-destinazzjoni biex jekk jista' jkun niġu lura għan-normal mhux biss fiż-żmien qasir imma anke għal-*long term*.

Ħa naraw l-effetti tal-COVID-19 fuq is-settur turistiku f'Għawdex. Lejn l-aħħar ta' April għamilna *survey online* fejn kellna parteċipazzjoni ta' 120 stabbiliment. Il-parteċipazzjoni kienet maqsuma b'dan il-mod; 25% mill-akkomodazzjoni kollettiva, jiġifieri l-lukandi, *boutique hotels*, B&Bs u n-*non collective* li huma tas-*self catering*, *diving* u trasport. U minn hemmhekk kellna stampa daqsxejn wiesa' tas-settur turistiku kif inhuwa rappreżentat fil-gżira Għawdxija. Kien hemm

diversi mistoqsijiet f'dan is-survey u waħda minnhom kienet; kif tara l-futur turistiku għall-gżira Għawdxija? 4% qalulna li jaħsbu li din il-pandemija mhijiex se taffettwa l-futur turistiku u li se jiġi lura għan-normal. Kellna kważi 13% li qalu li qegħdin jaraw li se jkun hemm xi tibdil imma din il-bidla se ġġib magħha opportunitajiet ġodda. U mbagħad kellna l-maġġoranza ta' kważi 83% li qalulna li l-bidla li se jkollna se tkun bidla għall-agħar u li kienu qegħdin jaraw li se jkollna *a bleak future*.

Mistoqsija oħra li kienet relevanti ħafna kienet din; kemm għandek reżiljenza finanzjarja jekk is-sitwazzjoni tal-COVID-19 tibqa' tipprevali fil-pajjiż? 51% qalulna li jistgħu jibqgħu jsostnu n-negozju tagħhom sa tliet xhur, 31% qalulna sa sitt xhur filwaqt li 18% qalulna li sa disa' xhur jistgħu jibqgħu jsostnu n-negozju tagħhom. Mistoqsija oħra kienet fuq jekk l-assistenza li ta l-Gvern kenitx suffiċjenti għall-*businesses* turistiċi Għawdxin. Hawnhekk kellna 17% li qalulna li din kienet tajba ħafna, 21% qalulna li kienet tajba, in-nofs qalulna li kienet ġusta u 12% qalulna li kienet insuffiċjenti.

Bħalissa qegħdin fiż-żmien ta' stennija. L-2020 għas-settur turistiku hija s-sena li fiha nafu li l-*business* mhux se jerġa' jkun tal-livell tal-2019 sakemm jibqa' magħluq l-ispazju tal-ajru, u allura hemm dik l-istennija. X'inhuma jagħmlu bħalissa l-istabbilimenti turistiċi tagħna? Hemm uħud li kienu għaqlin u minflok qagħdu jeqirdu daħlu fi programmi ta' tiġdid, ta' *refurbishment* u ta' manutenzjoni. Għandna diversi stabbilimenti li taw il-*leave* lill-i*staff*. Kellna stabbilimenti lil daħlu għal *reduced hours* għax ovvjament m'għandhomx xogħol u kellna wkoll ir-*redundancies*. Imma mill-feedback li għandna r-*redundancies* kien aktar fil-*foreign employees* milli tal-lokal. Hemm oħrajn li kienu avventuruż ħafna u qegħdin jagħmlu promozzjoni u *marketing* tal-prodott tagħhom *online* u għandna oħrajn li kienu wkoll avventuruż u daħlu fi swieq ġodda għalihom. Fil-fatt għandna diversi *restaurants* u lukandi li qegħdin joffru *takeaway services*. Kellna wkoll tipi ta' akkomodazzjoni li minflok baqgħu fuq ix-*short let* raw li hemm il-*long let opportunities* u qalbu għal dan it-tip ta' *letting.*

Bħala Gozo Tourism Association, għalkemm il-Gvern ħareġ b'diversi pakketti li taffew uħud mill-impatti li ħalliet il-COVID-19, xorta għadna nsostnu li hemm bżonn ta' aktar miżuri sabiex nilqgħu għall-impatt li ħalliet din il-pandemija. Bħala Gozo Tourism Association aħna nemmnu li l-istabbilimenti turistiċi Għawdxin għandhom bżonn ta' miżuri speċjali. Dan marbut mal-fatt li l-ekonomija Għawdxija hija marbuta wisq mas-settur turistiku. Is-settur turistiku jrid ikun sostnut aktar milli kien s'issa u allura jrid jinħoloq mekkaniżmu sabiex l-istabbilimenti tagħna jkomplu għaddejjin għax inkella se nispiċċaw bla settur turistiku. Jekk l-istabbilimenti privati ma jgħaddux din is-sitwazzjoni, se nispiċċaw li niġu lura għal forsi żmenijiet aktar normali u ma jkollniex lil min joffri servizz turistiku!

Aħna nibqgħu ninsistu għall-*waiving off* tal-liċenzji u tal-*fees* tal-2020 mingħand l-MTA, l-REWS, il-Lands Department u aġenziji oħra għax, għalkemm biċċa minnhom jidhru li huma ftit, però hemm numru ieħor ta' *fees*, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-i*swimming pools*, li jitilgħu għal eluf ta' ewro, u eluf ta' ewro llum huma importanti ħafna meta għandek sitwazzjoni fejn mhu qed ikollok l-ebda dħul! Hemm bżonn ta' *immediate marketing campaign* għas-suq domestiku issa li kellna t-tneħħija tar-restrizzjoni tal-ivvjaġġar bejn Malta u Għawdex. Dan huwa ħsieb li qegħdin niddiskutu bħalissa mal-Ministru għal Għawdex li s-suq domestiku se jtaffi ftit mill-weġa' li ħalliet il-COVID-19 għas-settur turistiku Għawdxi u se tgħinna wkoll għax għandna prodott li forsi bagħtu l-Bambin snin ilu, il-prodott tas-*self catering* jew kif nafuh ilkoll dak tal-*farmhouses* li minnu nnifsu għandu s-*social distancing* u allura hemmhekk għandna dan il-vantaġġ fuq is-settur kollettiv, fuq is-settur tal-lukandi, fejn żgur li l-Maltin se jkollhom ċerta biża' biex jivvjaġġaw imma l-fatt li se jmorru fi proprjetà li hija esklussivament għalihom, se tagħti vantaġġ lil dan it-tip ta' akkomodazzjoni.

Hemm bżonn ukoll li tiġi preparata *international marketing campaign* li tiġi launched hekk kif jitneħħew ir-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar bl-ajru. Importanti wkoll li noħolqu skemi *online* ta' *training* u *retraining* għall-ħaddiema li għad fadlilna fis-settur turistiku. Il-ħaddiema li għad fadlilna fis-settur turistiku rridu nibżgħu għalihom ħalli meta jerġa' jiġi dak il-waqt li nitilqu, mhux biss insibuhom hemm imma nsibuhom ippreparati għaċ-ċirkostanzi ġodda li jista' ikollna. Fil-propsoti tagħna li għaddejna lill-awtoritajiet hemm id-dettalji kollha, inkluż il-*costings* tal-*upgrading* tal-istabbilimenti turistiċi Għawdxin *tramite* għajnuna finanzjarja permezz

ta' *grants* u *loans*. Kif għedt dan biex ikun hemm l-*upgrading* tas-settur tal-akkomodazzjoni, lukandi, *farmhouses* kif ukoll ristoranti, u aktar u aktar id-*diving centres*. Irridu naraw li dan iż-żmien li fih m'għandniex viżitaturi barranin nużawh biex issir il-*maintenance*, il-*cleaning* u l-*upgrading* ta' Għawdex għax bħalissa ma noħolqux daqshekk inkonvenjent. Però dan huwa żmien fejn kulħadd irid jagħmel il-biċċa tiegħu u din għalina hija opportunità.

Il-futur jista' jkun wieħed inċert u jista' jkun wieħed imdallam, però rridu nħarsu lejh b'ottimiżmu. Żbaljajna matul iż-żmien. Il-Gozo Tourism Association kienet minn dejjem tippriedka li *we are putting all our eggs in one basket*! Aħna konna persważi li t-turiżmu, llum jew għada, se jinżel, mhux b'dan il-livell imma fit-turiżmu nafu li hemm ċirku. Din id-darba ġiet pandemija li qerdet mhux it-turiżmu biss imma qerdet ħafna aktar affarijiet u forsi wieħed mill-iżbalji li saru matul is-sniun kien proprju dak li ma konniex kapaċi niddiversifikaw l-ekonomija Għawdxija u minflok ħallejnieha dipendenti wisq fuq it-turiżmu. Din is-sitwazzjoni tal-lum għandna neħduha bħala tagħlima. Intom il-politiċi tridu tpoġġu raskom flimkien u rridu naħdmu sabiex noħolqu xogħol li ma tantx ikun marbut mas-settur turistiku. Ma jfissirx li Għawdex ma jibqax destinazzjoni turistika, *far from it*, anzi aħna kburin b'dan, però rajna li meta weġġa' t-turiżmu weġġgħet il-gżira kollha! Irridu naraw ukoll aktar investiment fid-*digital connectivity* fil-gżira Għawdxija għax dawn is-seba' ġimgħat għallmuna li sar ħafna xogħol kemm mill-Maltin li għandhom proprjetà f'Għawdex kif ukoll mill-Għawdxin stess li ħadmu mill-gżira Għawdxija. U allura din l-esperjenza għallmitna li nistgħu nissuperawha jekk ikollna konnettività diġitali tajba.

Dan li se ngħid issa huwa importanti – hawnhekk għandna wkoll iċ-*Chairperson* tal-MTA - u xtaqt li dan il-messaġġ ngħaddih lill-Professur Gauci. Hawnhekk qiegħed nirriferi għal sett ta' linji gwida li s-settur turistiku, issa li ftaħna, għal Għawdex qiegħed jitlob bil-ħniena għalihom! Il-mistoqsijiet qegħdin jidħlu ta' kuljum mingħand l-istabbilimenti dwar x'iridu jagħmlu; iridux jiffumigaw id-dar, iridux ibiddlu l-*linen*, il-kamra tal-lukanda kemm se jħalluha vojta wara li joħroġ xi ħadd, eċċ, eċċ! Hemm biżibilju ta' mistoqsijiet li s-settur turistiku qiegħed jistaqsi u ma nistgħux nagħtuh risposta! Issa li Għawdex fetaħ il-bibien tiegħu għas-suq domestiku, dawn il-mistoqsijiet iridu jiġu mwieġba. Irridu nagħtu direzzjoni ċara lis-settur turistiku. Lilna s-settur turistiku għallimna ħaġa f'din il-pandemija, li ħafna jippontaw subgħajhom lejn l-investitur fit-turiżmu bħala persuna *greedy*. Dan mhuwiex minnu, anzi l-investitur turistiku llum qed jara s-saħħa l-ewwel. Huwa mħasseb dwar is-saħħa tiegħu nnifsu, dwar is-saħħa tal-ħaddiema tiegħu u tal-mistednin li jkollu għandu. Ħawnhekk nitlob lill-awtoritajiet biex kemm jista' jkun malajr joħorġu sett ta' linji gwida dwar x'għandu jsir. Għandna stabbilimenti li lesti li jinvestu fi *fumigation* li tiswa bejn €300 u €400 għal kull dar li għandna imma ma jistax ikun li wara kull *change* li jkollok fl-akkomodazzjoni tagħmel dan il-proċess! Nerġa' ngħid li hawnhekk irridu direzzjoni.

Irridu nibdlu wkoll il-profil tal-*guests* tagħna għax Għawdex kien magħruf għal profil ta' *guest* li huwa anzjan, u issa jekk se nibqgħu ma nsibux il-vaċċin għal din il-pandemija, l-anzjan mhux se jiġi aktar għax mhux se jkollu l-opportunità li jivvjaġġa minħabba li huwa meqjus bħala vulnerabbli. U għalhekk hawnhekk se nweġġgħu wkoll. Mela rridu nibdlu l-profil tal-*guests* tagħna. Irridu mmorru għal guest li huwa aktar żagħżugħ. Issa kif nistgħu nagħmluh dan? Irridu noffru u noħolqu niċeċ ġodda ma' dawk li diġà għandna. L-avventura, l-attività, l-i*sports* u l-*well being* huma kollha importanti għax anke l-kalendarju kulturali, li matul dawn l-aħħar snin ġie introdott f'Għawdex u li kien tant b'saħħtu u li bih konna nirreklamaw il-gżira, lanqas nistgħu nagħmluh aktar u allura rridu noħolqu attrazzjoni li biha nattiraw il-Maltin.

Niċċa partikolari f'Għawdex huwa d-*diving*. Irridu nkunu kapaċi li d-*diving* inbigħuh lis-suq lokali. Jekk mhux se nkunu kapaċi nagħmlu dan u allura d-*diving* ma jkollux klijenti Maltin, mela għal din is-sena mhu se jkollu l-ebda *business*! Irridu nimmiraw ukoll għal dawk il-klijenti li kellna matul is-snin u li nsejħulhom *repeaters*. Fil-fatt Għawdex kellu kważi 40% tal-*guests* tiegħu li kienu *repeaters*. U l-aħħar ħaġa li rrid insemmi hija l-United Nations World Tourism Organisation *recommendation*, fejn ir-*response* tagħna għal din iċ-*challenge* li bdejna bih irid ikun wieħed kalm, konsistenti imma wkoll kollettiv. It-turiżmu għad jerġa' jiġi lura biex jgħinna bħala komunità Għawdxija. Nirringrazzjakom u ngħaddilkom kopja ta' din il-preżentazzjoni:

Powerpoint presentation intitolata "*The Challenge – Let's face it together*".

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Naħseb li s-suġġerimenti li għadek kemm għamilt sabiex ikun hemm linji gwida se nkunu qegħdin ngħadduhom b'mod immedjat lil Prof. Charmaine Gauci *tramite* s-Segretarja tal-Kumitat biex ikollna sett ta' linji gwida kif qed jiġi rrakkomandat mill-Gozo Tourism Association.

Ngħaddu issa għall-preżentazzjoni min-naħa ta' Steward Healthcare u nistieden lil Dr Nadine Delicata sabiex tressqilna l-preżentazzjoni tagħha.

ONOR. CHRIS SAID: Sinjura President, naħseb li qed naqblu li llum inħallu l-preżentazzjonijiet isiru u mbagħad il-mistoqsijiet u d-diskussjoni fuqhom titkompla ...

IĊ-CHAIRPERSON: Nistgħu nagħmluhom wara u hawnhekk se nantiċipa xi ħaġa li kont se nsemmi fl-aħħar. Qiegħda nitkellem mal-Iskrivan tal-Kamra sabiex ikollna l-possibilità li nagħmlu wkoll xi seduti Għawdex. Kont se nħalliha għall-aħħar biex jekk ikollna l-preżentazzjonijiet imma ma jkollniex ħin għall-mistoqsijiet inkunu nistgħu nagħmlu laqgħa f'Għawdex biex il-mistednin tagħna ma jkollhomx għalfejn jerġgħu jinżlu Malta. Però importanti li l-mistednin li għandna llum ikunu ġew hawnhekk u ressqu l-preżentazzjoni tagħhom ħalli nkunu nistgħu mmexxu bid-diskussjoni wara.

ONOR. CHRIS SAID: Sinjura President, minn hawn u ftit tal-minuti oħra se nitlob li niġi skużat għal ftit għax irrid nintervjeni fil-Plenarja fuq il-liġi tal-koabitazzjoni.

IĊ-CHAIRPERSON: Skużat minn issa. Insejjaħ lil Dr Delicata.

DR NADINE DELICATA (Direttur Eżekuttiv u President ta' Steward Health Care Malta): Sinjura President, ningħaqad mal-kelliema ta' qabli sabiex nuri l-apprezzament tiegħi għal din l-istedina u nħossni onorata li bħala tabiba Għawdxija, speċjalizzata fis-saħħa pubblika, qiegħda hawnhekk sabiex nagħti rendikont lil dan il-Kumitat dwar il-preparazzjoni jew il-*preparedness* li saret fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Nenfasizza li mill-bidu nett, hekk kif faqqgħet il-pandemija, Steward Malta ħadmet id f'id mal-Gvern Malti, mal-awtoritajiet tas-Saħħa, mas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, mal-kollegi tagħna fl-Isptar Mater Dei kif ukoll mal-Ministeru għal Għawdex. U minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Ministru għall-koperazzjoni sħiħa li sibna u lill-i*stakeholders* l-oħra kollha, bħall-Gozo Channel, il-Queen Mary University u l-Iskola Medika ta' Barts sabiex niżguraw li l-Isptar ta' Għawdex jitħejja bl-aħjar mod possibbli.

Hawnhekk se nagħti deskrizzjoni tal-isptar u tal-istatistika ta' sodod li kellu l-isptar qabel faqqgħet il-pandemija. Bħala sodod tal-ITU kellu sebgħa, bħala sodod għall-kura akuta kellu 104, jiġifieri għal dawk li daħlu l-isptar ħadu l-kura u reġgħu telqu lura d-dar wara ftit ġranet, u sodod għal-long term care kellu 161, jiġifieri għal xi anzjan jew għal xi ħadd li għandu bżonn *long stay*. Issa se nitkellem fuq kemm żdiedet din il-kapaċità. Mill-bidu nett ħdimna mal-Ministeru għas-Saħħa u mat-tim tal-Prof. Gauci sabiex nagħmlu dak li nsejħulu l-*predictive modelling*. Ilkoll smajna bil-kurvaturi u fuq il-*flattening the curve*. Dan kien jinvolvi li aħna nħarsu kemm lejn dak li seta' kien il-*best case scenario* għall-gżira ta' Għawdex - *at that point in time* konna qed naraw x'qed jiġri l-Italja - u lejn *the worst case scenario*. Kif kien jgħid il-Ministru għas-Saħħa aħna riedna li ma jkollniex *tsunami* imma jkollna xmara li tħalli s-sistema tas-saħħa u l-isptar ta' Għawdex, f'dan il-każ, ilaħħaq ma' dak kollu li seta' jiġri f'Għawdex.

Il-Gvern talabna sabiex inħejju 120 sodda għall-kura tal-pazjenti bil-COVID-19, li minnhom 15 kellhom ikunu sodod tal-ITU. Hawnhekk nixtieq nippreċiża li dawn il-15-il sodda kellhom ikunu *over and above* s-seba' sodod tal-ITU li kienu diġà jeżistu fl-isptar. Mela b'kollox għandek total ta' 22 sodda u 105 għall-kura akuta tal-COVID-19. Bħala Steward Malta aħna nifformaw parti minn Steward Internatioanl u l-*parent company* tagħna, li qiegħda l-Amerika u tmexxi 35 sptar hemmhekk, kienu qegħdin jagħmlu l-*predictive modelling* tagħhom ukoll u aħna ħadna azzjoni sabiex *we err on the side of caution*. Jiġifieri konna aktar prudenti minn dak li talabna li nagħmlu l-Gvern Malti.

Fl-i*slide* li jmiss se nuri l-*curves* li konna niddiskutu mal-Ministeru għas-Saħħa. Issa dawn huma biss eżempji u din id-diskussjoni kienet qed issir b'mod regolari hekk kif kienet qed tevolvi s-

sitwazzjoni tal-pandemija. Il-kurvatura li hija ppuntata turi l-*worst case scenario,* li ovvjament il-pajjiż, permmezz ta' interventi mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, kien qed jipprova jwitti kemm jista' jkun. Però ma jfissirx li ma ridniex nieħdu l-preparamenti meħtieġa għax ma konniex nafu x'se jiġri biex nindirizzaw il-*worst case scenario.* U f'dak il-każ, Steward, il-*parent company* tagħna, tatna parir li nippreparaw aktar sodod minn dak li talabna l-Gvern Malti. B'hekk għamilna l-investiment neċessarju biex is-sodod tal-ITU għall-COVID-19 jitilgħu sa 25 sodda u għall-kura akuta marbuta mal-COVID-19 is-sodod jitilgħu sa123. Dan *in addition* tas-sodod akuti li hemm fl-isptar li jridu jibqgħu jieħdu ħsieb pazjenti li għandhom bżonn xi tip ta' kura oħra.

Bħala mudell imxejna fuq dak li ppreparat il-*parent company,* jiġifieri mudell li jesiġi l-iżolament tal-pazjenti bil-COVID-19 f'ambjent li huwa addattat għal din il-kura. Dan il-mudell serva għal żewġ għanijiet importanti. L-ewwel li Steward tkun tista' tiddedika aħjar ir-riżorsi meħtieġa għall-pazjenti bil-COVID-19, b'ambjent u tagħmir addattat kif ukoll biex nipproteġu lill-i*staff*. It-tieni li jippermetti lill-isptar sabiex ikompli jieħu ħsieb pazjenti oħra li huma morda u li m'għandhomx il-COVID-19 u li lil dawn ma nesponuhomx għall-COVID-19. Fl-isptar ta' Għawdex dan kien jeħtieġ tibdil infrastrutturali sinifikanti, fosthom li kull sodda bil-COVID-19 jew kull *area* li tieħu ħsieb il-COVID-19 kellha bżonn żieda f'punti għall-ossiġnu, f'punti għall-vakuum u mezzi ta' komunikazzjoni u sorveljanza ta' pazjenti b'mod diġitali, kif ukoll sistemi ta' ventilazzjoni speċjalizzata.

Imxejna id f'id mad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex irrestrinġejna l-aċċess tal-viżitaturi fl-isptar, b'mod partikolari għall-pazjenti vulnerabbli. Dawn ħadna ħsieb li s-swali tal-anzjani jinxtraw *tablets* jew *devices* oħra sabiex inkunu nistgħu ninkoraġġixxu l-komunikazzjoni bejn il-qraba u l-pazjenti b'mod virtwali u b'hekk ikunu jistgħu jaraw lill-qraba tagħhom waqt li qegħdin ikellmuhom. Bħala servizzi mxejna id f'id mad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex inwaqqfu l-*outpatient clinics* li ma kenux urġenti. Waqqafna wkoll il-kirurġija li ma kenitx urġenti jew li ma kenitx marbuta mal-kanċer. Irrid ngħid li għalkemm twaqqfu dawn is-servizzi, sabiex il-pazjenti kemm jista' jkun ma nressquhomx lejn l-isptar, baqgħet għaddejja ħafna ħidma minn wara l-kwinti u l-appuntamenti kollha li kienu skedati għall-*outpatients,* il-*files* kollha telgħu għand l-ispeċjalisti relevanti. L-ispeċjalisti jaraw il-*file,* iċemplu lill-pazjenti tagħhom u jikkonfermaw magħhom jekk humiex f'kondizzjoni ta' saħħa tajba. U fejn ikun hemm xi problemi jingħataw pariri minn fuq it-*telephone,* dejjem jekk ikun sigur li dan isir, u jekk ikun hemm il-ħtieġa ta' testijiet tad-demm jitħejjew il-karti u l-pazjent jingħata appuntament. Imbagħad ir-riżultati jiġu segwiti u jingħataw risposta bit-*telephone*. Fejn tinħass il-ħtieġa li l-pazjent jiġi l-isptar, dan jiġi mgħajjat biex imur l-isptar.

Bħala *staff* ħadna ħsieb li jsir it-taħriġ f'dak li għandu x'jaqsam mal-*infection control measures* u l-COVID-19, f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' lbies protettiv għandu jintlibes f'sitwazzjonijiet diversi. Ħadna ħsieb ukoll sabiex inħarrġu l-istaff li mhuiwex tal-ITU biex ikun jista' jagħti appoġġ lill-kollegi tagħhom tal-ITU peress li kien hemm il-pjanijiet li tiżdied il-*capacity* tal-ITU, kif jintlibes u jitneżża' l-ilbies protettiv u l-aspetti varji tal-COVID-19 *preparedness* fuq bażi regolari. Fil-fatt dan it-taħriġ għadu għaddej. Dak l-i*staff* li ma kienx kritiku jew inkella li kellu sitwazzjonijiet ta' vulnerabilità, kemm hu personali jew inkella xi ħadd minn tad-dar, ġie inkoraġġit u appoġġjat sabiex jaħdem mid-dar safejn kien possibbli. U dak l-i*staff* li ġie espost għall-COVID-19 jew li minħabba raġunijiet ta' kwarantina ma xtaqx jerġa' lura d-dar, ġie pprovdut b'akkomodazzjoni alternattiva.

Kien hemm bżonn ukoll li jinbidel l-operat u allura tfasslu ħafna protokolli bbażati fuq linji gwida maħruġin mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa kif ukoll mill-ECDC li huwa l-European Centre for Disease Prevention and Control, b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Isptar Mater Dei, mad-Dipartiment tal-Infection Control, Anesteżija, Critical Care u Emerġenza. Ħadna kull aspett tal-*patient journey* fl-isptar minn qabel ma jidħol l-isptar sakemm idum l-isptar, sakemm ikollu bżonn li jiġi referut band'oħra, u ħadna ħsieb ukoll li jkun hemm protokolli li jħarsu kemm il-pazjent bil-COVID-19, kemm il-pazjent li m'għandux COVID-19 ħalli ma nesponuhx għal dan il-virus, kif ukoll li nipproteġu lill-i*staff*.

Fost dawn jinkludu l-*pre-hospital management* u l-*patient transfer*, protokolli fl-emerġenza kemm għall-adulti kif ukoll għat-tfal minħabba n-nies lil

jakkompanjawhom, kif nagħmlu l-*handling* tas-*samples* tad-demm b'mod sigur u kif nittrasportaw dawn is-*samples*, il-*flow* ta' pazjenti li jinsabu pożittivi u kif se nieħdu ħsieb tajjeb tagħhom fl-isptar, kura fl-ITU kemm għal dak li għandu l-COVID-19 kif ukoll għall-oħrajn, kura fl-oftalmoloġija, fl-*operating theatre* u fid-*delivery ward*. Mela jekk xi ħadd jidħol biex iwelled irridu nserrħulu rasu li l-isptar huwa *safe* u mhux se nesponuh jew lit-tarbija tiegħu. Għamilna proċeduri għall-*imaging* biex isiru testijiet tas-CT Scan u *chest X-Ray* b'mod sigur, proċeduri għal kif se nimmaniġġjaw lil dawk il-persuni li sfortunatament iħalluna, proċeduri għad-*dialysis*, fejn għandna ħafna nies li jidħlu l-isptar b'mod regolari għad-*dialysis*, u ħafna oħrajn. Kif spjegajt dan kien jeħtieġ *retrofitting* jew alterazzjonijiet fl-isptar, fil-laboratorju, fl-*operating theatre* u fid-*delivery rooms* biex inkunu nistgħu niffaċilitaw dawn il-protokolli.

Kif qalet il-Professur Gauci, kien hemm *an escalation plan* jew *a contingency plan* maqsuma f'fażijiet u li nħadmet id f'id mad-Dipartiment tas-Saħħa. L-ewwel fażi kienet li d-Dipartiment xtaq li kwalunkwe każ ta' COVID-19, anke dak f'Għawdex, jiġi mibgħut fl-Isptar Mater Dei. Ta' min jippreċiża li mill-isptar ta' Għawdex ma ntbagħat ħadd Mater Dei. L-unika pazjenta Għawdxija li ġiet trasferita għall-Isptar Mater Dei kienet mill-komunità, u dan sar dejjem *at the request of the Ministry of Health.* Pazjenti li jiġu kkonfermati pożittivi imma li huma fi stat tajjeb ta' saħħa jistgħu jibqgħu d-dar u jiġu segwiti mid-Dipartimenti jew tal-Kura Primarja jew tas-Saħħa Pubblika. Fit-tieni fażi ħadna ħsieb li d-*day care unit* tiġi konvertita f'*infectious diseases unit* u din ġiet mgħammra biex isservi bħala *ward* speċjalizzata għall-mard infettiv u li tista' tospita fiha 31 pazjent tal-COVID.

Is-Sala tal-Ortopedija ġiet *refitted* bħala COVID-19 ITU, li huwa separat mill-ITU normali. Fil-bidu bdejna b'erba' sodod u llum żidna għaxar *ventilators* biex b'hekk għandna 14-il sodda. Qegħdin nistennew ukoll *equipment*, *ventilators* u *monitors* oħrajn biex l-isptar ikollu l-kapaċita li jtella' is-sodod tal-ITU għall-COVID-19 sa massimu ta' 25. Dawn dejjem separati mis-sodod tal-ITU normali. Fil-fatt din kienet il-kapaċità li xtaqna li l-gżira ta' Għawdex ikollha u hija waħda mill-ogħla kapaċitajiet fid-dinja! Mill-istatistiċi ta' Forbes, l-Istati Uniti għandha l-ogħla rata ta' ICU *beds per capita*, u din għandha 35 sodda *per* 100,000 *population*. Issa Għawdex, b'din il-kapaċità, se jkollu aktar minn 60 sodda tal-ITU *per* 100,000 *population*! Rajna x'kien qed jiġri l-Italja u ma ridniex li s-sistema tas-saħħa tagħna tiġi *overwhelmed in any way*, u b'hekk imxejna b'mod prudenti ħafna. Importanti li nserrħu ras in-nies hemm barra fuq dawn l-affarijiet.

Fit-tielet fażi ġew identifikati 80 sodda oħra, u bi ftehim mal-Ministeru għas-Saħħa u mal-Ministeru għal Għawdex, ġew rilokati l-pazjenti fir-Residenza ta' Sant'Anna. Dan sar għal żewġ għanijiet; l-ewwel biex nipproteġu lil din il-popolazzjoni vulnerabbli u t-tieni biex tkun tista' issir l-addattazzjoni u l-*infrastructural alterations* li kien hemm bżonn fir-residenza Sant'Anna biex tkun tista' tieħu s-sodod għall-COVID-19. Ħadna ħsieb ukoll li l-iskola medika ta' Barts tiġi integrata fl-operat tal-Isptar Ġenerali. Hawnhekk qed naraw ftit ritratti tal-COVID-19 ITU li, kif għedt, jista' jieħu sa 25 sodda bil-*ventilator*. Huwa *fully negative pressured* u għandek ħafna *air changes* li huma importanti biex ikollok tibdil tal-ajru kontinwu. Hawnhekk irrid ngħid ukoll li n-*negative pressure* u l-*air changes* m'għamilniehomx biss fl-ITU biss imma fi kwalunkwe *area* oħra tal-COVID-19 li hija *over and above* l-*basic requirements*. Kif għedt, żiedna n-numru ta' *ventilators* u hawnhekk nirringrazzja lil Steward, il-*parent company* tagħna, li wżat is-*supply chain power* tagħha fi żmien fejn kien hawn *international shortage* kbir għall-*ventilators* madwar id-dinja kollha. B'hekk qbżina l-*queue* u Għawdex seta' jieħu *ventilators* ta' marka tajba, *ventilators* li ħdimna bihom qabel u li allura l-istaff tagħna kien familjari magħhom. U b'hekk *we are well equipped*.

Fi kwalunkwe COVID-19 *area* hemm dak li jissejjaħ *clean area* fuq barra u l-*contaminated area* fuq ġewwa, bid-*donning and doffing area in between.* Din hija *area* speċjalizzata fejn l-is*taff* ikun jista' jilbes jew jinża' l-ilbies protettiv tiegħu. Il-ħsieb hu li b'sistemi ta' *audiovisual support*, li qed naraw fir-ritratt hawn isfel, ikun hemm sistema ta' *remote* monitoring kemm tal-pazjent kif ukoll tal-is*taff*, jiġifieri t-tim ta' barra jkun qiegħed jappoġġja lit-tim ta' ġewwa biex kemm jista' jkun it-tim ta' ġewwa ma jkollux għalfejn jidħol u joħroġ bla bżonn. Dan għaliex nafu li d-*donning* u d-*doffing* tal-ilbies protettiv, speċjalment meta tneħħiha fiha r-riskji tagħha, u allura ħadna ħsieb biex ladarba l-is*taff* daħal hemm ġew, ma jkollux għalfejn joħroġ imma jiġi appoġġjat mill-is*taff* li qiegħed fuq barra. Dawn

jaħdmu wkoll bix-shift, jiġifieri ta' barra jidħlu ġewwa u viċiversa biex kulħadd ikun jista' jistrieħ mill-ilbies protettiv. *This is fully compliant* mal-*infection control requirements* kemm tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa kif ukoll tal-ECDC. Fuq l-ilbies protettiv diġà tkellimt u dwar dan hemm *infection control policy* mill-Isptar Mater Dei li nimxu eżatt magħha. Din tiġi riveduta b'mod regolari *and we make sure that we follow the same protocol*.

Bħalissa qegħdin fir-raba' fażi, jiġifieri qegħdin nirranġaw id-Dipartiment li kien tal-Outpatients biex f'każ li jkollna bżonn nisseparaw il-*flow* tal-Emerġenza f'COVID-19 ED, jiġifieri jkollna emerġenza għall-COVID-19 li tkun separata mill-Emerġenza normali. U għalhekk ħadna ħsieb li jsir it-tibdil infrastrutturali meħtieġ fl-Outpatients biex *at a moment's notice* dan ikun jista' jintuża bħala Emerġenza għall-COVID-19. Ix-xogħol infrastrutturali diġà lest u t-*target completion date* hija nofs Mejju għax qed nistennew li jasal l-aħħar *equipment*. Jalla ma niġux bżonn dawn il-preparamenti kollha, però kif qalet Prof. Gauci, ma nafux fejn se teħodna t-tieni mewġa u kif se tolqotna. Għaddej ukoll ix-xogħol fuq ir-residenza ta' Sant'Anna bix-xogħol infrastrutturali biex inżidu n-numru ta' *oxygen vacuum points, negative pressure systems, air change systems and remote monitoring and support*. L-istess, it-*target completion date* hija t-tielet ġimgħa ta' Mejju. Apparti minn hekk qed isir xogħol preparatorju biex Għawdex, għall-ewwel darba, ikollu *a liquid oxygen installation*. It-*target completion date* tiegħu hija l-aħħar ta' Mejju.

Kif qalet Prof. Gauci, bħalissa għaddejjin bit-*transition team*, jiġifieri qegħdin f'fażi fejn għandna *teams* apposta, kemm fl-Isptar Mater Dei kif ukoll fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, li qed jaħdmu flimkien biex jaraw ftit ftit kif se nibqgħu *geared* għall-COVID-19 jekk ikollna *wave* oħra. Però rridu ftit ftit nerġgħu nibdew ix-xogħol normali tal-isptar. Dan qed nagħmluh id f'id mad-Dipartiment tas-Saħħa u qegħdin nimxu paripassu magħhom. Hawnhekk nista' nuri wkoll l-integrazzjoni tal-iskola medika ta' Barts, li permezz tagħha stajna nibqgħu noffru s-servizzi relatati mal-*chemotherapy* u mal-*cancer*. Il-pazjenti li jagħmlu użu minn dan il-*unit* għandhom entratura separata għaliex nafu li dawn ikollhom l-*immune system* tagħhom baxxa ħafna u allura kemm jista' ikun nipprovaw inżommuhom separati mill-*flow* tal-pazjenti normali. Barts jospita wkoll il-kliniċi tal-Outpatients, is-servizzi tat-testijiet tad-demm, l-uffiċċji għat-tobba, l-uffiċċji għat-*team* amministrattiv kif ukoll it-*training rooms*, *meeting rooms* u *storage*. Ħadna ħsieb li l-*air ambulance* tiġi *upgraded*, jiġifieri *we upgraded* il-*helicopter* li kellna u issa għandna żewġ *helicopters* tal-Mudell EC135 …

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Delicata, qed jgħidulna li l-*microphone* qiegħed *mute*. Nistgħu niċċekkjaw ftit, jekk jogħġbok? Naħseb aħjar terġa' tirrepeti l-aħħar biċċa li kont qed tgħid.

DR NADINE DELICATA: Bħalissa ninsabu fir-raba' fażi fejn għaddej xogħol fl-Outpatients Department tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex sabiex jiġi kkonvertit f'emerġenza għall-COVID-19. Dan qed nagħmluh għal li jista' jkun ikollna nisseparaw il-*flow* tal-Emerġenza f'dik li hija COVID-19 u f'dik li hija *non*-COVID-19. Se nkunu qegħdin inżidu n-numru ta' *bays*. Fil-fatt bħalissa fl-Emerġenza normali għandna seba' *bays* u dawn se nżiduhom bi 15 oħra biex b'hekk inkunu nistgħu nilqgħu 23 ruħ fl-Emerġenza. Jalla ma jkollniex bżonnhom imma ħassejna l-bżonn li dan nagħmluh għal li jista' jkun. Dan ix-xogħol infrastrutturali huwa lest u t-*target completion date* hija nofs Mejju għax qed nistennew li jasal l-aħħar *equipment*. Bħalissa għaddej ukoll xogħol fir-residenza Sant'Anna biex jiġi *retrofitted* għall-kura tal-COVID-19, jiġifieri jrid isir xogħol infrastrutturali biex jiżdiedu n-numri ta' *points* għall-*oxygen*, għall-*vacuum*, għall-istallazzjoni ta' *negative pressure systems, filter systems* u biex ikollna aktar *air changes* biex indawru l-arja aktar malajr u *remote monitoring and support*. It-*target completion date* ta' dawn hija t-tielet ġimgħa ta' Mejju. Għaddej ukoll ix-xogħol biex Għawdex, għall-ewwel darba, ikollu ħażna ta' *liquid oxygen on site* u t-*target completion date* tiegħu hija fl-aħħar ta' Mejju.

Kif qalet Prof. Gauci, għandna *transit team* li ġie mwaqqaf apposta u li qiegħed jaħdem id f'id mal-istess *team* li ġie mwaqqaf fl-Isptar Mater Dei. U dan sar biex nibqgħu *geared* għall-COVID-19 għax ma nafux jekk hux se jkollna s-*second wave* u fejn se teħodna. Għalhekk importanti li nibqgħu *alert and vigilant* ħalli nkunu nistgħu nindirizzaw dak kollu li *we have to cope with* u fl-istess ħin nerġgħu nibdew inżidu ftit ftit ix-xogħol li ġie sospiż minħabba din il-pandemija.

Hawnhekk qed naraw l-integrazzjoni tal-iskola medika ta' Barts fl-operat tal-isptar. Ħadna ħsieb li l-*clinical skills area* ta' Barts tintuża għall-*chemotherapy* u għall-*cancer related services* peress li din għandha entratura separata u allura din il-popolazzjoni li hija aktar vulnerabbli – minħabba li għandha s-sistema tal-immunità tagħha daqsxejn aktar dgħajfa - għandha entratura oħra biex tkun separata mill-*flow* tal-pazjenti l-oħra. L-iskola ta' Barts qed tospita wkoll il-*clinics* tal-*outpatients*, il-*bleeding room* jew fejn jittieħdu t-testijiet tad-demm, l-uffiċċji tat-tobba, l-uffiċċji tal-amministrazzjoni, it-*training rooms*, il-*meeting rooms* u l-ħażna tat-tagħmir speċjalizzat.

Sar *upgrade* tal-*air ambulance*, fejn minflok il-*helicopter* li kellna ġibna żewġ *helicopters* tal-mudell EC135, li huwa *industry standard* għal *air ambulance*. Dawn qegħdin *in place* u bdew jaħdmu mid-19 ta' Marzu. Dan jiżgura li jkollna *backup* tat-tieni *helicopter* peress li nafu li *helicopter* ikollu bżonn ħafna *maintenance* u allura b'hekk qed niżguraw li dejjem ikun hemm *helicopter available*.

Bħala ossiġnu biddilna l-*main panels tal-oxygen*, żidna l-*oxygen cylinder capacity* għaliex nafu li, sfortuantament, il-Coronavirus jaffettwa b'mod partikolari s-sistema respiratorja u allura konna qegħdin nantiċipaw li jkollna bżonn domanda akbar ta' ossiġnu. Għalhekk żidna l-kapaċità b'aktar minn 100 ċilindru u żgurajna, flimkien mas-*supplier* u mas-*support* kontinwu tal-Gozo Channel, li jkollna *turn-around time* malajr ħafna. Fil-fatt il-Gozo Channel offritilna s-servizz ta' *standby as required* biex inkunu nistgħu nieħdu ċ-ċilindri vojta u nġibu l-mimlijin. Biddilna l-kompressuri tal-*vacuum* biex inżidu l-kapaċità però ħadna ħsieb ukoll li Għawdex ikollu *liquid oxygen tank*. Dan huwa riżerva ta' ossiġnu biex b'hekk ma nkunux niddependu biss fuq iċ-ċilindri ż-żgħar. Huwa maħsub li dan jiġi *delivered* fl-aħħar ta' Mejju.

Bħala *parent company*, Steward kontinwament tatna s-sostenn tagħha, jiġifieri ma ġie ddubitat xejn minn dak li tlabna, anzi nista' ngħid li sibt *support* totali. Ġew identifikati l-*gaps* fis-settur lokali li huma *constantly monitored* u se nerġa' nelenkahom malajr. Dawn huma l-kapaċità tas-sodod li, kif diġà spjegajt, dawn nistgħu ntellgħuhom għal 25 sodda bil-ventilatur *in addition* mal-ITU normali ta' seba' sodod. Diġà għedt li dan huwa wieħed mill-akbar ICU *ratios* per population fid-dinja. In-numru ta' sodod mhux ITU jistgħu jitilgħu għal 123.

Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzjahom ukoll tal-għajnuna li tawna sabiex stajna nġibu l-*ventilators* u l-*monitors* fi żmien ta' *shortage* internazzjonali. Bħala PPEs ipprovdejna *scrubs, masks, visors, coveralls and gowns* lill-impjegati kollha u dan dejjem skont is-*setting* partikolari. Mhux il-PPEs kollha jintlibsu f'kull *setting* u Steward offriet ukoll il-*backup* jekk niġu daharna mal-ħajt li tipprovdilna aktar ilbies protettiv.

Bħala *staff* ħadna ħsieb li nżidu n-numru tat-tobba, tan-*nurses* u tal-*carers*. Hawnhekk irrid nitkellem ukoll fuq il-mudell innovattiv tal-EITU li joffri Steward. Dan ifisser li l-ispeċjalisti tagħna, li qegħdin fl-ITU f'Għawdex, għandhom il-kapaċità – permezz tal-investiment li sar – li jkunu jistgħu jiddiskutu l-*findings* ta' dak il-pazjent b'mod *live* ma' kollegi tagħhom f'ICU fl-Amerika, fil-*parent company* ta' Steward. Dan huwa ta' serħan il-moħħ kbir għax rajna dak li ġara fl-Italja fejn, sfortunatament, ħafna minn dawk l-ispeċjalisti ġew esposti għall-COVID-19 huma stess u kellhom jibqgħu d-dar sabiex jirkupraw. Għalhekk ħadna ħsieb biex jekk aħna, allaħares qatt, jonqsilna n-numru tal-ispeċjalisti, ikollna dan is-*support* b'mod remot imma b'mod *live* ma' Steward fl-Amerika.

Saret mistoqsija fuq ir-raġuni għaliex ma nagħmlux it-testijiet f'Għawdex. Aħna offrejna li nagħmlu t-testijiet Għawdex imma din kienet deċiżjoni tal-Ministeru għas-Saħħa, li xtaq li t-testijiet kollha jibqgħu jsiru Malta. Offrewlna *a very rapid turn-around system,* jiġifieri nidħlu ma' kull *batch* li jmiss u ma kien hemm l-ebda dewmien bejn it-testijiet minn Għawdex u dawk minn Malta. Anzi offrewlna *runs extra* jekk nidentifikaw xi dewmien imma dan ma seħħx.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lill-i*stakeholders* kollha. Dan kien eżempju pur ta' kif għandu jitħaddem *partnership*. Ħdimna lkoll flimkien biex niżguraw is-saħħa tal-pazjenti tagħna, biex niżguraw li l-isptar ikun ippreparat u biex nipproteġu lill-i*staff* tagħna.

Sinjura President, nirringrazzjakom u ngħaddilkom din il-preżentazzjoni:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*COVID-19 Preparedness – Gozo General Hospital*".

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Delicata, nirringrazzjak kemm tal-preżentazzjoni tiegħek kif ukoll tal-ħidma kontinwa, mhux biss f'din il-pandemija imma matul il-ħidma kollha tiegħek. Grazzi.

Issa nistieden lil Dr Gavin Gulia, Chairman tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, sabiex iressqilna l-aħħar preżentazzjoni qabel ma nikkonkludu l-laqgħa tal-lum.

DR GAVIN GULIA (Chairman tal-Awtoritá Maltija għat-Turiżmu): Sinjura President, Ministri, Onorevoli Membri, nirringrazzjakom ta' din l-istedina. Huwa pjaċir u unur għalija li qed nagħmel din il-preżentazzjoni f'isem l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Nixtieq nibda b'nota pożittiva u ta' inkoraġġiment għax it-turiżmu, għalkemm huwa settur vulnerabbli, huwa wkoll settur reżiljenti. Għaddejna minn bosta ċikli u għaddejna minn bosta kriżijiet fl-imgħoddi; il-Gwerra tal-Iraq, il-kriżi finanzjajra fl-2009, eċċ., u kollha kienu ħallew l-impatt tagħhom, però l-industrija tant hija reżiljenti li mal-ewwel irnexxielha toħroġ mill-problema. Fl-MTA aħna pożittivi ħafna u nemmnu li jekk Alla jrid, se noħorġu minn din il-problema malajr ukoll.

L-aġenda se naqsamha fuq l-*international tourism to Gozo, domestic tourism* li huwa importanti ħafna u huwa element qawwi u mbagħad x'nagħmlu s-soltu bħala *marketing and advertising initiatives* sabiex nippromwovu lil Għawdex bħala destinazzjoni distinta u separata minn Malta, u dak li qegħdin nippreparaw li nagħmlu meta jkun viżibbli ż-żmien li nattakaw b'mod qawwi l-*marketing* sabiex nerġgħu nattiraw it-turisti lejn pajjiżna. Id-*data* li għandna għal Għawdex hija sal-2018 għar-raġuni li d-*data* trid tiġi kkonfermata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u d-*data* tad-*domestic tourism* għadha ma waslitx. Jekk nagħtu indikazzjoni tal-2019 mingħajr id-*domestic tourism* inkunu qegħdin nagħtu stampa kompletament żbaljata għax id-*domestic tourism* jifforma parti integrali u importanti għall-gżira ta' Għawdex bħala destinazzjoni. Għal din ir-raġuni qegħdin nużaw bħala paragun l-istatistika tal-2018. Fil-fatt, kemm l-*international tourism* kif ukoll id-*domestic tourism* wieħed jista' jara li kien hemm sena rekord anke għal Għawdex fl-2018, fejn kien hemm żieda ta' 14% fit-*total inbound tourists* bejn Malta u Għawdex u 12% għal Għawdex u Kemmuna.

It-turist għal Għawdex aħna nikkaratterizzawh bħala *single-centre tourist* jew *twin-centre tourist*. *Twin-centre* tfisser *holiday* imħallta bejn Malta u Għawdex filwaqt li *single-centre* tfisser holiday speċifikament għal Għawdex. Dak li hu interessanti hu li għas-*single-centre,* jiġifieri turist li jmur speċifikament Għawdex għall-vaganza tiegħu, l-*average length of stay* hija ta' disat ijiem, li hija għolja ħafna. Hija tajba ħafna anke għal dak li huwa *twin-centre,* jiġifieri għal dawk li jibdew l-vakanza tagħhom f'Malta u jkomplu Għawdex. Fil-fatt l-average length of stay hija ta' 3.4 *days*. Kif għedt l-*average length of stay* hija ta' disat iljieli, li huwa tajjeb ħafna u fil-fatt huwa aktar minn ta' Malta. Is-*source market* l-aktar interessanti għal Għawdex huwa dak Franċiż, u viċin ħafna tiegħu huwa s-suq Ġermaniż. Hemm dominanza totali ta' turisti Franċiżi u Ġermaniżi li jżuru l-gżira ta' Għawdex. Wieħed jista' jara wkoll li dejjem kien hemm żieda bejn l-2017 u l-2018, u peress li kien hemm *record* ieħor fl-2019, diġà nafu li kienet reġistrata żieda oħra f'Għawdex.

Huwa interesanti li meta tara b'liema *airlines* jivvjaġġaw dawk it-turisti li jżuru Għawdex naraw li hemm preponderanza għal-*low cost airlines,* bħar-Ryanair u l-EasyJet, però *airlines* oħrajn li huma *legacy airlines,* bħall-Air Malta, l-Alitalia, l-Air France u l-British Airways, l-ammont huwa sostanzjali u jlaħħaq 'il fuq minn 80,000 passiġġier. Dan jirrappreżenta żieda f'kull kategorija, jiġifieri kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-*low cost carriers* kif ukoll mal-*legacy airlines,* rajna żidiet *across the board,* anke għat-turisti li jżuru lil Għawdex.

Din hija interessanti ħafna għax meta tiġi biex tikkaratterizza t-turist wieħed jara li għall-gżira ta' Għawdex u Kemmuna hemm preponderanza qawwija għal *non-package*. Wieħed jagħmel distinzjoni bejn l-individwu li jibni l-*holiday* tiegħu permezz ta' dak li aħna nsejħulu d-*dynamic booking* jew *direct booking,* fejn dak li jkun jixtri l-biljett tal-ajru hu, jagħmel il-*booking* tal-lukanda minn fuq l-*internet* u allura jibni l-*holiday* hu stess, u turist li jieħu *package* permezz ta' *tour operator* jew *travel agent* sabiex jagħmillu pakkett sħiħ u jkollu kollox imħallas u organizzat. Kif qed taraw, Għawdex jiġbed preponderanza ta' turisti li jħobbu jagħmlu l-*holiday* huma, jiġifieri jagħżlu lil Għawdex, isibu l-*flights* u jagħżlu l-lukanda huma. U dan għaliex wisq probabbli li Għawdex għandu dawk il-karatteristiċi distinti u separati minn Malta li

jiġbed aktar *individual travellers*. Fuq l-istess linja, bejn l-2017 u l-2018 - din kienet rikurrenti matul dawn l-aħħar għaxar snin – rajna li kien hemm żieda ta' aktar minn 11% ta' turisti lejn Għawdex.

Interesanti wkoll li għalkemm bħala lukandi *5-star* insibu biss tnejn ġewwa Għawdex, bejniethom dawn għandhom 442 sodda. Bħala 4-*star* hemm 546 sodda, 3-*star* hemm 582 sodda u 2-*star* hemm 56 sodda. Jiġifieri hemm distribuzzjoni tajba ħafna ta' akkomodazzjoni. Imbagħad hemm il-maġġoranza l-kbira li hija *private accomodation,* li hija popolari kemm mal-Maltin kif ukoll mat-turisti. Fil-fatt minn din it-tip ta' akkomodazzjoni hemm 'il fuq minn 1,000 *unit*! Din insibuha bħala n-*non-collective*.

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Gulia nixtieq ninformak li fadallek ħames minuti oħra.

DR GAVIN GULIA: Hawnhekk qed naraw kif id-*domestic tourism* huwa qawwi ħafna. Fil-fatt jammonta għal 'il fuq minn 250,000! Dawn huma maqsumin bejn dawk li jmorru bejn ġurnata u tliet iljieli, u bejn erbgħa u sitt iljieli. U kollha qed juru żieda.

Sabiex nispjega l-*marketing initiatives* immirati li nippromwovu t-turiżmu għandna dawn is-*slides* li se nurikom. Aħna nbigħu lil Għawdex billi nbigħu x-xemx u l-baħar, l-istorja, il-kultura, il-familja, l-*outdoor activities*, id-*diving* per eċċellenza - għax huwa b'saħħtu ħafna lejn in-*north* ta' Malta imma b'mod partikolari f'Għawdex - il-*hiking* u t-*trekking*, il-gastronomija li qiegħda ssir aktar importanti għax in-nies qed imorru lejn il-kwalità - issa daħħalna wkoll il-Michelin u jekk Alla jrid ikollna wkoll ir-riżultati tar-*restaurants* f'Għawdex - ir-*religious tourism* f'Għawdex, is-*soft adventure* kif ukoll l-*experiential,* jiġifieri dak li huwa assoċjat mal-*countryside* u man-natura. Kif diġà għedt, id-*diving* nikkonsidrawh per eċċellenza u nagħmlu ħafna *marketing* għalih permezz tal-midja, permezz tad-*digital* u permezz tal-*magazines* li qegħdin taraw hawnhekk. Nużaw ħafna l-*influencers* sabiex iħajru lit-turist jiġi jżur il-gżira ta' Għawdex, b'*focus* mill-aspett kulinarju għal dak li għandu x'jaqsam ma' tradizzjonijiet kulinarji Għawdxin.

F'din l-is*lide* qegħdin taraw lil Gennaro Contaldo, li huwa assoċjat ma' Għawdex għal dak li għandu x'jaqsam mal-kċina. Dan huwa figura internazzjonali magħrufa mad-dinja kollha u qegħdin nużawh sabiex jirreklama lil Għawdex. Naturalment, aktar mal-persuna tkun magħrufa aktar isservi għall-iskop tagħna. L-istess għall-English Language Tuition li qegħdin nippromwovuh kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. X'qegħdin nagħmlu mill-aspett ta' *marketing*? Bħalissa l-*airport* huwa magħluq u allura m'hemmx domanda. Għalhekk li tagħmel *marketing* b'mod goff f'dan l-istajdu tkun qed taħli ż-żmien. Però rridu nżommu lil Għawdex fil-wiċċ u għalhekk bħalissa xorta qegħdin nippromwovu lil Għawdex bħala *a safe holiday destination* ħalli kemm jista' jkun *we shake off* din is-sitwazzjoni tal-COVID-19. Qed nimmiraw lejn il-koppji u l-familji bit-tfal, qed nużaw id-*digital*, it-televiżjoni u r-*radio*. Qed nużaw ukoll il-*Visit Malta* kif ukoll il-*Facebook* u l-*Instagram* ħalli b'hekk in-nies jibqgħu jarawna u fl-istess ħin ma tantx tonfoq flus għax qed nużaw il-*Facebook tools* tagħna u l-*internet tools* tagħna. Aħna qegħdin ngħidulhom "*to rediscover the beauty of our islands but also to support local industry and buy local fresh produce"*. Aħna nafu li l-*airport* se jkun l-aħħar li jiftaħ, u allura se jkun hemm kampanja aggressiva sabiex nixprunaw aktar id-*domestic tourism* lejn Għawdex sakemm jgħaddi dan il-perjodu tranżitorju.

Phase 2 se jkun aktar qawwi. Dak kollu li s-soltu nagħmlu f'ċirkostanzi normali qiegħed jiġi pparkjat fil-mument u mbagħad meta naraw li wasal il-mument - għanda l-esperti anke mid-Dipartiment tar-Riċekra tagħna li jkollhom indikazzjonijiet meta jkun il-mument eżatt - noħorġu bis-saħħa bil-*marketing* tagħna. L-istrateġija hija li niffokaw fuq l-aktar aspetti importanti ta' Għawdex, fosthom il-*heritage*, il-*gastronomy*, id-*diving*, l-*active holidays* u l-*family vacations, and we target audience,* hemm l-*age group* ta' bejn il-21 u l-35 sena, segwit minn familji bit-tfal fl-*age group* ta' bejn is-36 u l-55 sena. Għal dan il-għan nużaw il-*profiles* ta' *Facebook* għax dawn huma pubbliċi, u minn hemmhekk nieħdu l-karattru tal-persuna u nimmiraw għalihom individiwalment, b'mod partikolari għax Għawdex l-aktar li jiġbed huwa lil dak it-ttrist li jħobb jibni l-*holiday* tiegħu, jiġifieri *the individual traveller* u mhux dak li jagħżel il-*package*.

Kif għedt, nużaw ħafna d-*digital media,* is-*social media* bħal *Facebook*, *Instagram*, eċċ. Xi ħaġa li bħalissa mhux qegħdin nagħmluha imma li

ċertament se nkomplu nagħmluha, ħija l-i*specialist print media for niches*. Imbagħad għandek ukoll it-*tour operators* barra. Għandna *network* ta' uffiċini tal-MTA fl-Italja, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Ingilterra u fi swieq oħra. Nużaw ukoll l-*online travel agents*, bi *specific and focused campaigns* fuq Għawdex billi niffokaw fuq in-niċeċ li Għawdex huwa magħruf u li l-aktar li jispikka għalihom bħala destinazzjoni distinta u separata minn Malta. Aħna l-aktar li niffokaw fuq Għawdex huwa fl-affarijiet li ma ssibx Malta u ssibhom Għawdex biss. Aħna nenfasizzaw dawk l-affarijiet ħalli nistimulaw lit-turist imur Għawdex għax f'dawk l-aspetti Għawdex huwa aktar b'saħħtu minn Malta.
Jiena tajt *a brief description* tal-*marketing strategies* li għandna. Il-*marketing* huwa għodda importanti ħafna għat-turiżmu. Għandna *marketing team* b'saħħtu ħafna li ġab ir-riżultati matul dawn l-aħħar għaxar snin li ilna għaddejjin u rajna tkabbir minn sena għal oħra.

Nixtieq nagħlaq kif bdejt u ċjoè billi nqawwu qalbna u nkunu kuraġġużi u entużjasti għax l-ewwel xahrejn ta' din is-sena kienu l-aqwa xahrejn f'kull żmien. Konna mexjin lejn direzzjoni ta' tkabbir anke din is-sena. Fl-MTA nħobbu nħarsu lejn il-problema ta' bħalissa bħala li qegħdin fi stat ta' sospensjoni u li kollox huwa pospost. Jekk Alla jrid, meta naraw li l-*green* light se jixgħel aħna lesti u ppreparati sabiex nagħmlu *marketing* b'mod aggressiv ħalli dak li konna qegħdin niġbdu lejn pajjiżna nerġgħu nġibuh fi żmien qasir.

Il-preżentazzjoni li tajt se ngħaddiha lill-Kumitat:

> *Powerpoint presentation* intitolata"*The Impact of COVID-19 on Gozo and the way forward*".

Nirringrazzjakom.

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Gulia, nirringrazzjak kemm tal-preżentazzjoni kif ukoll tal-ħidma tiegħek fi ħdan l-MTA u b'risq il-gżira Għawdxija.

AFFARIJIET OĦRA

IĊ-CHAIRPERSON: Kif tafu, dan huwa suġġett vast li ma jistax jiġi eżawrit f'seduta waħda, u allura se jkun hemm sensiela ta' laqgħat oħra sabiex mhux biss neżawrixxu d-diskussjoni imma jkollna wkoll l-opportunità li niltaqgħu ma' aktar nies. Diġà hemm qbil bejn il-Membri sabiex tiġi kkumpilata lista ta' *stakeholders* oħrajn li se jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Kumitat. Kif diġà aċċennajt - il-proposta tiegħi se nagħmilha tal-Kumitat – se nitlob biex ikollna l-possibilità li nagħmlu laqgħat f'Għawdex biex il-mistiedna tagħna nnaqqsulhom l-inkonvenjent tat-traġitt. Ovvjament irid ikun hemm l-approvazzjoni tal-Ispeaker fuq din l-inizjattiva għax inkunu neħtieġu r-riżorsi tal-Uffiċċju tal-Ispeaker, imma malli jkun hemm *breakthrough*, jiġifieri eżitu ta' din il-proposta, inkun nista' nikkomunika magħkom.

Dwar temi futuri diġà tlabt lill-Membri jibagħtu s-suġġerimenti tagħhom għax inkun irrid nipprepara l-pjan ta' ħidma ta' dan il-Kumitat. Nixtieq nerġa' mmur lura għall-kumment inizjali tiegħi u ċjoè li dan huwa Kumitat dwar l-Affarijiet ta' Għawdex, u allura bħala temi għandna nifthu kemm jista' jkun u nistiednu wkoll lis-soċjetà ċivili sabiex tressaq is-suġġerimenti tagħha ħalli naraw x'temi l-aktar li qed jolqtu lis-soċjetà Għawdxija biex inkunu nistgħu niddiskutuhom. Jiena se mmexxi b'mod li kemm jista' jkun jiun hemm *consensus* fuq it-temi li jintgħażlu. Veru li hemm *rulings* f'dan ir-rigward, però kemm jista' jkun għandna nimxu b' kunsens f'dawk li huma temi fuq l-aġenda għal-laqgħat li jmiss.

Din l-ewwel laqgħa tagħna kienet tagħlima; għaliha stedinna ħames entitajiet u għalkemm naħseb li mxejna tajjeb ħafna, għal laqgħat futuri naħseb li jista' jkollna *time management* aħjar u nirregolaw ruħna aħjar. Nikkomunikaw flimkien fil-ġranet li ġejjin biex niffissaw laqgħat oħra li dan il-Kumitat irid ikollu biex inkomplu naġixxu b'mod attiv.

Il-Kumitat għalhekk se jagġorna hawnhekk għal data u b'aġenda li jiġu kkomunikati aktar tard. Nirringrazzjakom.

Fis-6.45 p.m. il-Kumitat aġġorna.

12.2 Appendiči 2

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX
(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 2
It-Tlieta, 12 ta' Mejju 2020

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 2
It-Tlieta, 12 ta' Mejju 2020

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.42 p.m.

MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 1, li saret fil-5 ta' Mejju 2020, ġew ikkonfermati.

INTRODUZZJONI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Justyne Caruana): Nilqagħkom għat-tieni laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet għal Għawdex. Nilqa' ukoll lil dawk kollha li qegħdin isegwuna *online* fuq is-sit elettroniku tal-Parlament kif ukoll lil dawk it-telespettaturi li qegħdin isegwuna fuq l-istazzjon televiżiv tal-Parlament. Nieħu din l-opportunità sabiex infakkar lil dawk kollha li se jkunu qegħdin jindirizzaw lill-Kumitat li l-proċeduri kollha huma pubbliċi u allura dak li se jgħidu se jkun qiegħed jiġi mxandar kif indikat, dejjem sakemm dak li jkun ma jurix ix-xewqa li l-intervent tiegħu ma jixxandarx.

Qabel ngħaddi għad-diskussjoni tal-lum nixtieq nirringrazzja lill-Ministru għall-Ekonomija, Investment u Negozji Żgħar l-Onor. Silvio Schembri għall-koperazzjoni tiegħu sabiex dan il-Kumitat, iktar 'il quddiem, ikun jista' jiltaqa' fil-gżira Għawdxija fil-Gozo Innovation Hub. U nixtieq nagħti wkoll żewġ *updates.* Nagħmel referenza għall-intervent tal-Gozo Tourism Association fejn fost is-suġġerimenti li saru ġie ssuġġerit li jkun hemm *guidelines* mis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika. Dan il-Kumitat għamel kuntatt ma' Prof. Charmaine Gauci u ġiet skambjata wkoll korrispondenza. Dan is-suġġeriment ġie milqugħ u se jkun qed jiġi fformolat sett ta' *guidelines* kif ġie mitlub mill-GTA.

Punt ieħor kien dwar il-ħtieġa li jkun hemm iktar taħriġ dwar is-settur tat-turiżmu waqt il-COVID-19 u proprju ftit tal-ġranet ilu ġiet imħabbra inizjattiva mill-Ministeru tat-Turiżmu li tikkonsisti f'investiment ta' madwar €5 miljun biex ikun hemm *e-learning training* fis-settur tat-turiżmu.

L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ GĦAWDEX U T-TRIQ 'IL QUDDIEM (KONT.)

IĊ-CHAIRPERSON: Ngħaddu issa sabiex inkomplu d-diskussjoni li qiegħda tiġi trattata minn dan il-Kumitat, u ċjoè l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Illum se jkollna tliet interventi, wieħed mis-Sur Sean Zammit, President tal-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta; ieħor mis-Sur Joe Cordina, Chairperson tal-Gozo Channel, u fl-aħħar se jkollna preżentazzjoni mill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri.

Għaldaqstant nibda billi nistieden lis-Sur Zammit sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Is-Sur Zammit se jkun qiegħed magħna permezz ta' *video conferencing* u wara li nisimgħu l-intervent tiegħu nistieden lill-Membri preżenti sabiex jagħmlulu l-mistoqsijiet tagħhom.

Dr Zammit, insellimlek.

DR SEAN ZAMMIT (President tal-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta (AGEM)): Sinjura President, insellimlek u l-waranofsinhar it-tajjeb lilkom. Qabel xejn, f'isem sħabi l-membri tal-Kunsill ta' din l-Assoċjazzjoni nixtieq nirringrazzjakom tal-istedina u tal-opportunità li tajtuna sabiex inkunu nistgħu nwasslu l-veduti tagħna dwar it-triq 'il quddiem għal Għawdex.

Nibda biex ngħid li l-Assoċjazzjoni tagħna dejjem poġġiet lill-ħaddiem fit-totalità tiegħu fiċ-ċentru tal-ħidma tagħna u f'kull proposta li ressaqna. Aħna dejjem ipprovajna nagħtu kontribut fuq bażi reġjonali bl-aħjar mod u bl-aktar mod attiv possibbli. U l-istess ħaġa nixtiequ nagħmlu llum. Għalhekk se nressqu proposti li jolqtu direttament lill-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta imma se nkunu qegħdin nippreżentaw ukoll il-viżjoni tagħna bħala assoċjazzjoni dwar x'nemmnu li għandu jsir għal Għawdex wara l-pandemija. Ta' min jgħid li s-sezzjoni tal-ħaddiema li jaħdmu Malta, minkejja li għandek minoranza ta' ħaddiema, hija minoranza li qiegħda dejjem tikber. Fil-fatt din illum tlaħħaq madwar 3,000 ħaddiem li ta' kuljum jaqsmu bejn Malta u Għawdex sabiex jaqilgħu l-ħobżna ta' kuljum.

Xtaqna nibdew billi ngħidu li aħna bħala assoċjazzjoni nemmnu li l-inċertezza li se tiġi wara l-post-pandemija u anke d-diffikultajiet preżenti u futuri nistgħu negħlbuhom biss jekk naġixxu flimkien, bħala tim wieħed, aktar milli nħarsu biss lejn l-interessi individwali. Bħala assoċjazzjoni nemmnu ħafna fil-ħidma kollettiva u fid-djalogu kostruttiv, u allura f'dan ir-rigward nemmnu li l-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex, il-GRC, għandu rwol ċentrali u importanti ħafna sabiex isaħħaħ u jiffaċilita proċess wiesa' ta' konsultazzjoni mas-setturi kollha fis-soċjetà Għawdxija. Qegħdin ngħidu hekk għaliex aħna, bħala Assoċjazzjoni, nemmnu li Għawdex għandu bżonn l-*input* ta' kulħadd, il-vuċi ta' kulħadd, sabiex jimxi 'l quddiem għax kulħadd huwa importanti.

Ngħaddu issa għall-impatt, li fl-opinjoni tagħna bħala assoċjazzjoni, Għawdex jista' jkollu matul il-pandemija. Ftit ilu l-Ministru tal-Finanzi ġie kkwotat jgħid li l-impatt tal-pandemija f'Malta seta' kien ferm akbar li kieku pajjiżna ma kellux ekonomija diversifikata f'diversi oqsma u setturi differenti. Biss l-istess ħsieb u l-istess argument żgur li ma nistgħux napplikawh għal Għawdex, fejn l-ekonomija tagħna l-Għawdxin hija bbażata bażikament fuq settur wieħed jew tnejn, li huma t-turiżmu u l-kostruzzjoni! Jekk dawn tal-aħħar jiffjorixxu Għawdex jikber, jekk le, Għawdex jibda jbati. Fil-fatt 50% tal-prodott gross domestiku f'Għawdex ġej mis-settur turistiku u għalhekk bħala Assoċjazzjoni nemmnu li n-nuqqas ta' diversifikazzjoni tal-ekonomija jaf iwassal biex l-impatt tal-pandemija fuq Għawdex ikun akbar meta mqabbel ma' dak f'Malta. Għalhekk jista' jkun li Għawdex jesperjenza tnaqqis akbar fir-ritmu ekonomiku, tnaqqis akbar fil-prodott gross domestiku tiegħu li rrid ngħid li fl-aħħar snin kien qed jirreġistra rekord meta mqabbel ma' dak ta' Malta, u kien iktar minn ta' Malta. Għawdex jista' jirreġistra tnaqqis fir-rata tal-impjiegi u tal-konsum, kif ukoll telf ta' impjiegi. Allura dan kollu jwassal biex ikun hemm inċertezza u pożijiet ġodda għall-ħaddiema Għawdxin.

Barra minn hekk, f'dan iż-żmien kulħadd qiegħed jitkellem u jawgura li jkollna normalità ġdida. Aħna bħala Assoċazzjoni waqafna ftit u qed inħeġġu lil kulħadd sabiex jistaqsi x'aħna qegħdin nifhmu eżatt b'din in-normalità ġdida. F'kull livell għandna nistaqsu din il-mistoqsija u oħrajn. Pereżempju għaliex normalità ġdida hi meħtieġa f'Għawdex? Bl-Ingliż ngħidu: "*Why?"* X'tip ta' normalità ġdida nixtiequ? Bl-Ingliż ngħidu: *"What?"* U kif se nibnu u naħdmu ma' xulxin sabiex nassiguraw din in-normalità ġdida għal Għawdex? Bl-Ingliż ngħidu: "*How?"* B'dawn it-tliet mistoqsijiet flimkien mal-mistoqsija ċentrali, jiġifieri x'qegħdin nifhmu b'normalità ġdida, għandna nassiguraw li noħolqu proċess ta' żvilupp sostenibbli li jibni fuq il-ħafna tajjeb li diġà sar f'Għawdex, li jwarrab il-ħażin u li jittrasforma fejn hu meħtieġ. Il-Qawl Malti jgħid li kull deni ħudu b'ġid u f'dan il-każ din il-pandemija tatna l-Għawdxin opportunità unika u irrepetibbli, fl-opinjoni tagħna, sabiex nibnu viżjoni aktar ħolistika u dejjiema għar-reġjun ta' Għawdex.

Hawnhekk se nidħol għall-proposti u għat-triq 'il quddiem li qegħdin nippreżentaw bħala Assoċjazzjoni. Proposta ċentrali tal-Assoċjazzjoni hija l-ħolqien ta' pjan strateġiku għal Għawdex, imsejjes fuq djalogu soċjali, kostruttiv u kollettiv. Il-ħolqien ta' dan il-pjan għandu jinbena fuq il-pjan *Strategy Gozo,* li diġà kien mibni ftit tas-snin ilu, u għandna naraw kif namalgamaw dan il-pjan mal-pjan li diġà jeżisti. Pjan li jrid ikun mhux biss mitkub sabiħ fuq il-karta iżda l-iktar ħaġa importanti hi li jkun fattibbli billi jippreżenta miżuri *short, medium* u *long term*. Irid ikun pjan *tailor made* għal Għawdex u li jwarrab il-*one size fits all measures*.

Kif diġà spjegajt qabel, l-impatt tal-pandemija fuq Għawdex, fl-opinjoni tagħna, se jkun aktar qawwi minħabba d-dipendenza tagħna fuq is-settur turistiku għax dan is-settur huwa l-iktar settur milqut mill-pandemija. Biex nagħti daqsxejn eżempji, skont rapport tal-*World Travel and Tourism Council* fuq livell nazzjonali l-prodott gross domestiku ta' Malta li ġej mit-turiżmu huwa ta' 27% filwaqt li ta' Għawdex jammonta għall-50%, li jiġi kważi d-doppju. Fuq livell Ewropew il-GDP turistiku jammonta għal 12% filwaqt li f'Għawdex dan huwa kważi erba' jew ħames darbiet aktar! B'hekk il-ħtieġa ta' għajnuna aktar *tailor made* għal Għawdex u li tħares lejn is-setturi kollha fil-gżira Għawdxija, għajnuna li tgħin sabiex tiddiversifika l-ekonomija Għawdxija u tgħinna nibdlu lil Għawdex għal reġjun ta' eċċellenza. Jien ma nixtieqx li Għawdex ikun ta' piż fuq Malta imma nixtieq li Għawdex, kif kien f'dawn l-aħħar snin, ikun il-mutur ekonomiku ewlieni taż-żewġ gżejjer.

Bħala proposti individwali tal-AGEM għall-ħaddiema Għawdxin f'Malta qed ngħidu li matul dawn l-aħħar xahrejn il-ħaddiema ngħataw l-opportunità li jaħdmu mid-dar. Kienet esperjenza *taxing* imma fl-istess ħin sabiħa wkoll. Għalhekk qegħdin nitolbu li tinbidel il-proċedura preżenti u l-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu fis-settur pubbliku għandhom jingħataw jumejn fil-ġimgħa xogħol minn Għawdex permezz tat-*telework* mingħajr il-ħtieġa li japplikaw għalihom. Bħalissa sabiex wieħed japplika għat-*telework* irid iressaq it-talba tiegħu quddiem id-direttur u hija fid-diskrezzjoni tad-direttur ta' dak id-dipartiment partikolari jekk it-*telework* jingħatax jew le sa massimu ta' erbat ijiem. Imma anke għal ġurnata jew tnejn irid xorta l-approvazzjoni tad-direttur. Għalhekk qegħdin ngħidu li wara l-esperjenza li għamilna għandu jsir dak kollu possibbli biex fis-settur pubbliku l-ħaddiema, safejn hu possibbli, jingħataw jumejn fil-ġimgħa xogħol minn Għawdex permezz tat-*telework*. Qegħdin nipproponu wkoll li jkun hemm inċentivi fiskali aktar qawwija lill-kumpaniji privati bbażati f'Malta sabiex dawn ukoll ikunu jistgħu jagħtu l-istess opportunità ta' *telework* lill-ħaddiema Għawdxin fis-settur privat fejn hu possibbli.

Huwa importanti li jitkompla u jitlesta l-proġett tal-*hub* għall-ħaddiema Għawdxin, li jitkompla u jitlesta l-proġett tal-*park and ride* għax dan se jgħin sabiex meta nerġgħu nibdew ir-rutina normali jtaffi mill-uġigħ ta' ras ta' ħafna ħaddiema dwar fejn se jipparkjaw ġewwa l-Imġarr u anke mill-konġestjoni tat-traffiku kbir li jkun hemm f'ċerti ħinijiet fl-Imġarr. Qegħdin nitolbu wkoll għal żieda fil-*collective transport subsidy* mhux għax dan ma jingħatax, u din kienet l-ewwel darba imma minn kuntatti li għamilna aħna ma' operaturi tal-minibuses li jipprovdu l-*collective transport,* minħabba s-sitwazzjoni preżenti fejn dawn l-operaturi raw tnaqqis enormi fejn jidħlu l-vjaġġi tagħhom marbuta mal-ivjaġġar tat-tfal fl-iskejjel u anke tal-ivjaġġar tat-turisti, l-unika sors ta' introjtu li fadlilhom kien dak li ġej minna l-ħaddiema. U allura bdew jaraw kif jgħollu l-prezzijiet tagħhom biex jimmitigaw għat-telfiet li kellhom f'dawn l-aħħar xahrejn.

Hawn ħafna ħaddiema - din kienet proposta li ġiet minnhom stess - li jaqsmu bil-karozzi tagħhom minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom u dawn qed jispiċċaw f'lembut ta' traffiku meta jiġu biex jimbarkaw il-vapur lura lejn Għawdex. Allura aħna qegħdin ngħidu li għandu jkun hemm priority embarking għal dawn il-ħaddiema. F'dan ir-rigward nistgħu nipproponu wkoll li l-pass li ħareġ għall-ħaddiema mill-Ministeru għal Għawdex riċentement, sabiex dawn ikunu jistgħu jitilgħu għax-xogħol, ikun jista' jintuża biex dawn il-ħaddiema jkollhom priority embarking. Ejjew ma ninsewx li dawn huma ħaddiema li telgħu xogħol u wara ġurnata xogħol, fis-7.00 p.m., ikunu sejrin lura lejn Għawdex biex jerġgħu jaraw lill-familjari tagħhom, u l-inqas ħaġa li jkunu jixtiequ hu li jagħmlu tliet kwarti jew siegħa jistennew fil-kju man-nies li jkunu telgħin Għawdex għad-divertiment. Prijorità għal taħriġ tal-ħaddiema f'kull settur u qegħdin ngħidu ukoll li minħabba l-prezz internazzjonali taż-żejt il-Gvern għandu jikkonsidra li jara li jkun hemm roħs fejn jidħlu l-*fuels,* speċjalment il-petrol u d-diesel.

L-għajta tax-xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin naħseb bħalissa hija l-iktar relevanti u mill-iktar relevanti. Nemmnu li x-xogħol f'Għawdex għandu jkun wieħed diversifikat f'setturi differenti, sabiex nipprovdu firxa wiesgħa ta' opportunitajiet lill-ħaddiema b'abilitajiet, għerf u ħiliet differenti. Ma tistax tibqa' tippersisti s-sitwazzjoni fejn ix-xogħol ikun kważi kollu marbut mal-kostruzzjoni, mas-settur tat-turiżmu jew inkella mas-setturi tal-*estate agents*. Irridu niddiversifikaw biex joħolqu opportunitajiet ġodda. Qegħdin nipproponu li jkun hemm użu aktar għaqli u strateġiku minn assi infrastrutturali diġà preżenti fil-gżira Għawdxija bħalma huma l-campus tal-Università fix-Xewkija, iċ-ċentru tat-taħriġ tal-MCAST u l-ITS, l-iskola medika ta' Barts, id-*digital and innovation hub* u l-*sme's hub*. Nemmnu wkoll li dawn is-setturi li ġejjin, jiġifieri l-edukazzjoni, il-*gaming,* id-diġitalizzazzjoni, l-*agribusiness,* l-isport, il-mediċina, l-akwakultura u l-*maritime,* ir-riċerka u l-artificial intelligence għandhom jingħataw prijorità assoluta fil-proċess ta' diversifikazzjoni tal-ekonomija Għawdxija. F'dawn is-setturi jista' jinħoloq xogħol kbir b'renditu u b'pagi għoljin ħafna.

Qegħdin nipproponu ukoll li titwaqqaf aġenzija reġjonali, li aħna tajnieha l-isem ta' Gozo Enterprise, liema aġenzija tkun responsabbli primarjament sabiex tattira investiment ġdid lejn il-gżira Għawdxija, filwaqt li tagħti sapport lill-industrija jew lill-intrapriżi preżenti fil-gżira sabiex dawn ikomplu jespandu u jikbru. It-twaqqif tal-aġenzija huwa msejjes fuq is-suċċess tal-Malta Enterprise li għamlet matul dawn l-

aħħar snin. Huwa importanti li f'Għawdex ikun hawn ukoll *branch* esklussiva fuq l-istil tal-Malta Enterprise li tieħu ħsieb il-*marketing*, il-ħolqien ta' *networks* strateġiċi u b'*knowho*w u esperjenza sabiex tiffaċilita l-konċett ta' *ease of doing business* ġewwa l-gżira Għawdxija. L-importanza tas-sinerġija fil-ħsieb u l-implimentazzjoni hija kruċjali. Dan kollu għandu jwassal sabiex tkun indirizzata wkoll l-anomalija preżenti ta' diskrepanza fil-paga bejn ħaddiema Maltin u dawk Għawdxin fis-settur privat, liema diskrepanza tammonta għal madwar €3,000 fis-sena skont statistika li ħarġet is-sena l-oħra!

Bħala konklużjoni aħna qegħdin ngħidu li l-ewwel għandu jkun hemm riorganizzazzjoni mill-ġdid tal-prijoritajiet għal Għawdex. Il-prijoritajiet eżistenti għandhom ikunu evalwati sewwa u rijorganizzati. Aħna poġġejna din il-mistoqsija preżenti u se npoġġuha quddiemkom ukoll. Bħalissa x'inhu ta' prijorità fejn jidħol Għawdex, li nonfqu madwar €300 miljun jew €500 miljun fuq bini ta' *tunnel* bejn Malta u Għawdex, jew li ninvestu bis-sħiħ fuq id-diversifikazzjoni tal-ekonomija sabiex noħolqu xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin li jkun irendi aktar? Importanti li ntejbu l-infrastruttura b'rispett sħiħ lejn l-eko-sistema u l-ambjent naturali tagħna. It-tlestija tal-proġett tal-*fibre optic cable* għandha tkun ta' prijorità assoluta. Importanti wkoll li nsaħħu l-prodott kulturali, sportiv u artistiku tagħna sabiex insaħħu l-konċett ta' *Gozo 360 degrees*. Għalhekk huwa meħtieġ aktar sostenn lill-għaqdiet volontarji tagħna, li jvarjaw minn każini tal-baned għal għaqdiet iżgħar u għal assoċjazzjonijiet differenti.

It-tlestija tal-pixxina f'Għawdex, li flimkien mal-padiljun sportiv u l-*ground* tax-Xewkija, jifformaw pakkett sod u b'saħħtu sabiex inkabbru l-qasam sportiv bħala attrazzjoni ewlenija f'Għawdex. Sapport lill-artiġġjant, lill-*agri-business* u lis-snajja' tradizzjonali bħalma hi l-biedja u s-sajd f'Għawdex. Jeħtieġ li l-ekonomija u l-ħaddiema jimxu id f'id, aktar milli l-ħaddiema jadattaw għall-ekonomija. F'dan is-sens il-bilanċ bejn it-turizmu u setturi oħra għandu jinħoloq billi jinqasam u jinfirex il-piż fuq niċeċ oħra. Dawn in-niċeċ ġodda jirrikjedu *workforce* b'saħħitha u b'abilitajiet differenti, liema *workforce* Għawdex diġà għandu imma li din qiegħda taħdem Malta. Irridu nsostnu t-turiżmu intern ukoll billi nħallu aktar flus fil-but tal-ħaddiema, u hawnhekk bħala Assoċjazzjoni qegħdin nippproponu li l-ħaddiema fuq bażi nazzjonali għandhom jerġgħu jgawdu minn tnaqqis fl-*income tax* u li l-*overtime* ma jkunx taxxabbli.

Fl-aħħar nett nemmnu li l-operat tal-GRDA, bħala *implementation* tal-Ministeru għal Għawdex, hija essenzjali. Sabiex il-pjan għal Għawdex ikun fattibbli l-GRDA tilgħab rwol importanti ħafna. Min-naħa l-oħra l-GRC tilgħab ukoll rwol importanti u ċjoè dik ta' għaqda konsultattiva fundamentali. Il-GRDA u l-GRC iridu jaħdmu id f'id għax tal-ewwel titma' lil tal-aħħar. Fl-għeluq tal-preżentazzjoni tiegħi nixtieq nerġa' nirringrazzjakom tal-istedina u nibgħat dan il-messaġġ, li bħala Assoċjazzjoni aħna nemmnu wkoll li wara l-maltemp jiġi l-bnazzi, u hekk għandu jiġri ġewwa l-gżira Għawdxija. Grazzi.

Sinjura President, din il-preżentazzjoni qed ngħaddiha lill-Kumitat:

> *Powerpoint presentation* intitolata "L-Impatt tal-Pandemija fuq Għawdex: Triq 'il Quddiem".

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Zammit, nirringrazzjak tal-preżentazzjoni tiegħek. Aħna ningħaqdu miegħek ukoll għaliex aħna baħrin tal-maltemp ukoll, mhux tal-bnazzi biss. Huwa proprju għalhekk li nivvjaġġaw kuljum lejn Malta. Napprezza l-ħidma tal-Assoċjazzjoni tagħkom matul iż-żmenijiet, anke għall-kontribut kontinwu li intom tagħtu u talli kontu strumentali biex flimkien fassalna miżuri li ffiguraw ukoll fil-Baġit u li minnhom setgħu jgawdu l-ħaddiema Għawdxin. Qabel ma ngħaddi għall-mistoqsijiet u għall-interventi tal-Membri preżenti, jekk jogħġbok, xtaqt nagħmel xi kummenti introduttorji ħalli mbagħad tkun tista' tibda d-diskussjoni.

Fil-preżentazzjoni li għadek kif ressaqt - preżentazzjoni tajba immens - inti semmejt *a short, medium and long term plan* u xtaqt nistaqsik fuq miżuri *tailor made* li ma jkunux *one size fits all*. Allura fl-analiżi tagħkom għamiltu evalwazzjoni tal-i*state aid issues*? Dan għaliex ovvjament jekk aħna se niddipartixxu mill-*one size fits all*, u se nmorru għal pakkett partikolari li jkun *tailor made*, se jkun hemm implikazzjonijiet ta' *state aid*. Xtaqt inkun naf jekk din intom inkludejtuhiex ukoll fl-analiżi tagħkom?

X'hin niġu għall-proposti xtaqt nara jekk pereżempju l-inċentiva fiskali għall-kumpaniji li jirrilokaw f'Għawdex u jippromwovu t-*telework* tmurx *oltre* mill-miżura li diġà ħabbarna fil-Baġit li għadda. Jiġifieri jekk hux qed tirreferi għal dik jew inkella hux qed tirreferi għal xi ħaġa *over and above*. L-istess imbagħad fejn jidħol il-*collective transport* u miżuri oħra li ġew imħabbra biex jgħinu lill-ħaddiema li jivvjaġġaw ta' kuljum bejn il-gżejjer. Dwar ir-roħs tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma ma nafx intix qed tirreferi għal xi *preferential rate* għal Għawdex u għall-Għawdxin? U f'dak il-każ qiegħed tirreferi għal *domestic* jew għal *commercial*?

Fuq punt importanti ħafna dwar id-diskrepanza fil-pagi fil-privat xtaqt inkun naf jekk ħadtux inkonsiderazzjoni wkoll il-Gozo Employment Scheme li appuntu hija ntiża sabiex il-kondizzjonijiet tal-ħaddiema Għawdxin mal-privat jitjiebu u jkun hemm pagi li jkunu aħjar u iktar b'saħħithom. Dawn huma forsi l-punti inizjali li wieħed jista' jiċċarahom biex id-diskussjoni tkun iktar ħolistika u eżawrjenti.

Issa se nistieden lill-Membri l-oħra sabiex jagħmlulek il-mistoqsijiet tagħhom u mbagħad tkun tista' twieġeb f'daqqa. Insejjaħ mill-ewwel lill-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Sur Zammit, nirringrazzjak tal-preżentazzjoni li ressaqtilna f'isem l-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema Għawdxin f'Malta. Intom ressaqtu diversi punti imma naħseb li l-aktar proposti importanti li ħarġu kienu dwar l-importanza tad-diversifikazzjoni tal-ekonomija ta' Għawdex. Dan ħareġ biċ-ċar speċjalment f'dan il-mument li għaddejjin minnu, peress li, kif rajna, Għawdex għandu ekonomija li aktar minn 50% tagħha tiddependi fuq it-turiżmu. Issa meta l-affarijiet ikunu sejrin tajjeb u jkunu qed jiżdiedu t-turisti kollox sew imma meta t-turiżmu ... Hemm numru ta' fatturi li ma jiddependux minna biss li jistgħu jwasslu biex ikollna nuqqas ta' turisti. Pereżempju jkollok sitwazzjoni fejn l-ekonomiji tal-pajjiżi minn fejn jiġu t-turisti jkunu sejrin ħażin. Jew inkella kellna sitwazzjoni, għalkemm kien perjodu qasir, fejn kellna problema b'dik is-sħaba tal-irmied li żammet numru ta' ajruplani milli jtiru għal ġranet sħaħ. Jien dak il-punt laqatni ħafna u ċjoè l-importanza tad-diversifikazzjoni. *Rightly* so inti tajt numru ta' setturi fejn taħsbu bħala Assoċjazzjoni li għandna nitfgħu għajnejna u nimbuttaw bħala gżira biex jinħolqu diversi niċeċ ġodda.

Meta inti bdejt titkellem dwar it-triq 'il quddiem u l-proposti tal-AGEM, għedt li jrid isir pjan li jista' jinbena fuq pjan li sar ftit tas-snin ilu. Għal liema pjan kont qed tirreferi? U allura fuq liema pjan, skont inti, għandu jinbena jew ikompli jissaħħaħ il-pjan strateġiku għal Għawdex?

Punt ieħor importanti li laqatni kien l-*issue* tat-*teleworking*. Issa din hija kwestjoni taħraq u naqbel miegħek li sa qabel faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19 kellna sitwazzjoni fejn prattikament kienet fid-diskrezzjoni ta' kull direttur jekk jagħtix jew le t-*teleworking*. Intom qed tmorru pass *oltre* u qed tgħidu li dik id-diskrezzjoni, sa ċertu punt, għandha titneħħa minn taħt idejn id-direttur u ssir tassattiva fil-każ tal-ħaddiema Għawdxin fis-settur pubbliku, li għallinqas ikollhom jumejn fil-ġimgħa li jinħadmu minn Għawdex stess. L-esperjenza ta' dawn ix-xahrejn uriet li dan huwa possibbli u li x-xogħol jista' isir mid-dar? Uriet li dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew awtorità tal-Gvern għandha ammont ta' xogħol li tista' tiddedikah għall-ħaddiema tagħha permezz tat-*telework*, u b'hekk allura jkun hemm tnaqqis tal-*hardships* tal-ħaddiema li jridu jaqsmu ta' kuljum bejn iż-żewġ gżejjer, vjaġġ li jeħdilhom mat-tliet sigħat kuljum *over and above* l-ħin tax-xogħol tagħhom.

Fl-aħħar punt inti għamilt referenza – u din hija xi ħaġa li lili tinkwetani ħafna – għall-kwestjoni tad-differenza fil-pagi fil-privat. Nerġa' ngħid li din l-*issue* hija fil-privat għaliex *teacher* f'Għawdex jaqla' daqs *teacher* f'Malta u suldat f'Għawdex jaqla' daqs suldat f'Malta. Allura fiċ-Ċivil m'hemmx differenza fil-pagi. Id-differenza fl-*average wage* qiegħda fis-settur privat. Tista' tgħidilna x'inhi r-raġuni li bħala ħaddiema Għawdxin li taħdmu Malta din il-*gap* fl-*average wage* bejn Għawdex u Malta qiegħda dejjem tiżdied? Fl-aħħar tmien snin saret *times* 10 għax fl-2012 id-differenza kienet ta' €300, mentri llum id-differenza hija ta' €3,300! Prattikament din id-differenza tfisser li ħaddiem Għawdxi jaħdem xahrejn għal xejn meta mqabbel ma' sieħbu l-ħaddiem f'Malta! Dan qiegħed iwassal sabiex membri tagħkom telqu mix-xogħol jew qed isibu xogħol f'Malta minflok f'Għawdex minħabba kwestjoni ta' paga? Jiġifieri dawn kellhom l-opportunità li jaħdmu ċertu xogħol f'Għawdex imma ppreferew jaħdmu Malta għax il-paga hija

ogħla? Mill-ġdid nirringrazzjak tal-preżentazzjoni tiegħek.

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Dr Zammit, nirringrazzjak tal-preżentazzjoni li ressaqtilna u nirringrazzja wkoll lill-għaqda tagħkom għall-kontribut importanti li qed tagħtu għal Għawdex.

Xtaqt nistaqsik xi ħaġa importanti ħafna u se nsemmi żewġ punti. Inti għamilt punti validissimi immens fil-preżentazzjoni tiegħek; semmejt numru ta' setturi li fihom Għawdex jista' jinvesti biex ikollna din id-diversifikazzjoni tant mixtieqa li rrefera għaliha wkoll l-Onor. Said. Naqbel miegħek mija fil-mija li din s'issa għadna ma ħdimniex biżżejjed fuqha u jeħtieġ li naħdmu iktar għaliex id-diversifikazzjoni tippermetti li inti ma tinqabad qatt fuq sieq waħda, bħalma sfortuntament qed jiġrilna bħalissa f'Għawdex minħabba li t-turiżmu huwa parti essenzjali mill-ekonomija ta' din il-gżira.

Inti semmejt is-setturi imma naħseb li qabiżli xi kumment minn dak li kont qed tagħmel waqt il-preżentazzjoni tiegħek. Hawnhekk qiegħed nirriferi għall-inċentivi biex dawn s-setturi nkunu nistgħu nintroduċuhom ġewwa Għawdex u jkunu jistgħu jiffjorixxu ġewwa Għawdex, u allura minn dak il-lat l-għaqda tagħkom għamlet xi studji jew għandkom xi suġġerimenti dwar kif dan jista' isir? Semmejt tajjeb ħafna l-Uffiċċju tal-Malta Enterprise li intom qed issejħulu l-Gozo Enterprise, li fl-opinjoni tiegħi dak jista' jkun il-katalist però ovvjament wieħed irid ilaħħam l-inċentivi li fl-aħħar mill-aħħar huma dawk li jattiraw l-investiment dirett lejn Għawdex, kemm minn Malta u kemm minn pajjiżi barranin.

Punt ieħor li rrid insemmi huwa marbut mal-fondi Ewropej. Gvern wara l-ieħor dejjem iddedika ammont sostanzjali ta' fondi Ewropej għall-gżira Għawdxija. Nafu li anke l-Partit Nazzjonalista, li llum qiegħed fl-Oppożizzjoni u li jien nirrappreżenta, kien iddedika 10% tal-fondi Ewropej għal Għawdex. Issa tista' tgħidilna kif wieħed jista' jisfrutta aktar dawk il-fondi Ewropej biex din id-diversifikazzjoni, dan l-investiment li nixtiequ naraw aktar ġewwa Għawdex, inkunu nistgħu nġibuh? Intom dħaltu f'dak il-qasam u x'suġġerimenti għandkom f'dak ir-rigward. Nirringrazzjak.

IĊ-CHAIRPERSON: Rigward il-fondi Ewropej minn 10% diġà tlajna għal 12%, jiġifieri din kienet ġiet diskussa u minn daqshekk diġà nistgħu nirreġistraw progress. Jidher li ma fadalx aktar mistoqsijiet min-naħa tal-Membri preżenti u għalhekk Dr Zammit nitolbok sabiex tagħtina r-risposti tiegħek.

DR SEAN ZAMMIT: Ħalli nibda biex inwieġeb it-tliet mistoqsijiet li għamilli l-Onor. Said. Rigward l-istrateġija għal Għawdex. L-eks Ministru Justyne Caruana kienet qiegħda taħdem proprju fuq din l-istrateġija. Bħala Assoċjazzjoni ma nemmnux li dik l-istrateġija għandha titwarrab imma nemmnu li fiż-żmien li qegħdin fih bħalissa għandna naraw kif il-ħolqien ta' strateġija ġdida u dik diġà eżistenti ...

IĊ-CHAIRPERSON: Qed nitkellmu fuq l-istrateġija msejħa Gozo: The Region Development Stategy.

DR SEAN ZAMMIT: Hekk hu, Gozo: The Region Development Strategy. L-istrateġija l-ġdida u dik eżistenti għandhom jiġu amalgamati. Kif semmejt fil-preżentazzjoni tiegħi, meta qegħdin nistaqsu lilna nfusna x'qegħdin nifħmu b'normalità ġdida, ma nistgħux inwarrbu kull ħaġa li diġà saret imma rridu nistaqsi l-għalfejn, l-għaliex u l-kif. U l-kif se jgħinna biex noħolqu żvilupp li jkun proċess fejn inti tidentifika dak il-ħafna tajjeb li diġà għandna, u dak inżommuh u nibnu fuqu, nidentifikaw il-*weaknesses* tagħna, li waħda minnhom semmejtha fil-preżentazzjoni tiegħi u ċjoè n-nuqqas ta' diversifikazzjoni, u naraw kif nistgħu negħlbuha, u - għaliex le - il-ħażin naraw kif nistgħu nwarrbuh darba għal dejjem.

Rigward it-*telework* fejn qed ngħidu li jumejn għandhom ikunu tassattivi, nista' ngħid li l-esperjenza li kellna f'dawn ix-xahrejn uriet li ħafna xogħol li jsir mill-uffiċċju minn ċerti setturi ta' ħaddiema, jista' jsir mid-dar ukoll. Ovvjament *teacher* ma jistax ikollu l-faċilità li jaħdem l-istess xogħol kif jaħdmu ħaddiema oħra li jaħdmu fl-uffiċini. L-istess LSE jew pulizija, għaliex dawn jagħmlu xogħol differenti. Imma hemm ħafna xogħol ta' ħaddiema differenti, speċjalment dawk li jaħdmu fl-uffiċini, li jista' jsir faċilment mill-kumdità tad-dar. L-esperjenza tagħna bħala ħaddiema kienet li f'dawn ix-xahrejn ċertament li ħdimna iktar mill-40 siegħa fil-ġimgħa li konna naħdmu fl-uffiċċju. Għalfejn? Jien, ngħid għalija, kont inkun il-ħin

kollu mwaħħal mal-kompjuter għax il-ħin tiegħek ikun meħud kollu *interacting* mal-oħrajn.

Issa għalfejn qed ngħidu li jumejn fil-ġimgħa għandhom jingħataw bħala *telework*? Qed ngħidu hekk għax bħala Aassoċjazzjoni nemmnu wkoll li l-ħajja tal-uffiċċju hija importanti u ma tistax tinqata'. B'hekk ridna nsibu bilanċ li jkun sostenibbli kemm għall-ħajja tal-uffiċċju biex tibqa' għaddejja u ma tiqafx, kif ukoll bilanċ għall-ħaddiem Għawdxi biex hu wkoll ikollu jumejn fil-ġimgħa nuqqas ta' tbatija biex jaqsam lejn Malta.

Rigward il-pagi fil-privat u d-differenza, huwa minnu li, kif qalet iċ-Chairperson, hemm l-inċentivi, imma ħafna drabi dawn mhumiex qed iseħħu. B'dispjaċir ngħidu, bħala Assoċjazzjoni, li dan mhux qed isir jew inkella, jekk qiegħed isir, qiegħed isir b'tali mod u manjiera li xorta l-pagi tal-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta fil-privat mhux qed jammontaw għal dawk li jaqilgħu sħabhom il-ħaddiema Maltin f'Malta! L-Assoċjazzjoni tagħna temmen li dik hija waħda mill-ikbar raġunijiet għalfejn f'Għawdex kellna *brain drain* f'dawn l-aħħar snin. Waħda mir-raġunijiet hija li l-pagi mhumiex l-istess. Nafu b'bosta persuni - mhux wieħed jew tnejn - li telqu minn Għawdex u qed jaħdmu f'Malta fl-istess xogħol, bl-unika differenza tkun li qed jaqilgħu aktar paga għax qegħdin jaħdmu Malta minflok Għawdex. Jista' jkun hemm ukoll raġunijiet fejn wieħed jgħid li l-introjtu tas-settur privat f'Għawdex mhuwiex elevat daqs f'Malta imma aħna nemmnu li din id-diskrepanza m'għandhiex tkun u għandna naraw kif nistgħu nimmitigaw permezz ta' miżuri indiretti, speċjalment permezz tad-diversifikazzjoni u anke billi tinħoloq il-Gozo Enterprise.

Rigward is-setturi fejn tidħol l-*economic growth* - u hawnhekk niġi għall-mistoqsijiet tal-Onor. Kevin Cutajar - aħna nemmnu li jekk tinħoloq din il-Gozo Enterprise, l-aġenzija reġjonali għall-investiment, din tkun il-katalista biex tressaq u toħloq dawk in-*networks* strateġiċi li għandna bżonn f'Għawdex biex inkunu nistgħu nattiraw investiment differenti ġewwa l-gżira Għawdxija. Hawnhekk xtaqt nieħu eżempju żgħir billi nsemmi l-qasam tal-edukazzjoni. Il-qasam tal-edukazzjoni f'Għawdex dejjem ħarisna lejh bħala edukazzjoni primarja, sekondarja u post-sekondarja imma nemmen li wasal iż-żmien li Għawdex jagħmel qabża ulterjuri u jibda jħares ukoll lejn l-edukazzjoni terzjarja bħala mezz ta' investiment ġdid u bħala mezz biex joħloq xogħlijiet ġodda ġewwa Għawdex. Biex nagħti eżempju, il-mudell tal-iskola medika ta' Barts huwa mudell eċċellenti li jista' jiġi esportat għall-qasam terzjarju tagħna! Għandna l-infrastruttura neċessarja, li hija l-Università ta' Malta ġewwa x-Xewkija. Għalhekk għandu jkun hemm investiment iktar b'saħħtu biex insaħħu dik l-Università, inkabbruha u nagħtuha r-riżorsi meħtieġa biex indawruha fi xprun għall-ekonomija Għawdxija.

Pereżempju, matul dawn l-aħħar snin kont għaddej bl-istudji tiegħi ta' dottorat u ddeċidejt li nagħmel dan id-dottorat ma' università ġewwa Lincoln fl-Ingilterra. Meta kont qed nitkellem man-nies ta' Lincoln qaluli li qabel ma sar l-investiment qawwi fl-università tagħhom, li kienet diġà eżistenti hemmhekk, Lincoln kien wieħed mill-ifqar *counties* li kien hemm fl-Ingilterra. Mentri llum Lincoln huwa mutur ekonomiku għall-ekonomija Ingliża! Mhux talli hekk, talli d-diversi korsijiet li ħolqu fl-università fuq livell terzjarju, *online*, *distance learning*, dottorati, *masters*, eċċ., ħolqu aktar xogħol. Dan ix-xogħol ma ġiex maħluq biss ġewwa l-università imma attira wkoll kumpaniji u negozji kbar li fetħu f'dik iż-żona. Lili kienu qegħdin jgħiduli li qabel ma' din l-università għamlet dan it-tip ta' investiment, ditti bħal Primark u H&M lanqas biss kienu joħolmu bihom in-nies ta' Lincoln! Wara sentejn li fetħet din l-università, bis-suċċess li kellha, dawn il-kumpaniji kbar tħajru u fetħu f'dik iż-żona. Dan biex nagħti eżempju. Eżempju ieħor jista' jkun ukoll is-settur marittimu. Naħseb li f'Għawdex nistgħu ninvestu ħafna fih. Hemm is-settur tar-riċerka; jien ġej mill-qasam tar-riċerka u jiddispjaċini ħafna li f'Għawdex għandna ħafna mħuħ tajbin imma r-riċerka għadha daqsxejn fqira.

Rigward fondi Ewropej nemmen li nistgħu nagħmlu użu aħjar minnhom. Sar użu imma nemmen li l-fondi Ewropej ... Meta ngħidu 10% u 12% irridu noqgħodu daqsxejn attenti wkoll fuqhom. Dan għaliex ħafna min-nies jaħsbu li meta jiġi l-baġit tal-Ewropa, il-Gvern jaqbad dawk l-10% u jgħaddihom direttament lill-Ministeru għal Għawdex biex ikun jista' jużahom kif jixtieq hu. Imma r-realtà mhijiex hekk. Dawk l-10% iridu jkunu marbuta ma' proġetti, ma' niċeċ u ma' oqsma differenti. Hemm ħafna fejn wieħed jista' jiddibatti fuq dak il-qasam. Għalhekk jien semmejt li l-GRC u l-GRDA għandhom jaħdmu id f'id ma' xulxin sabiex

jidentifikaw oqsma differenti. Rigward fejn jistgħu jsiru dawn il-proġetti minn fondi ... Aħna qed ngħidu li għandu jkun hemm miżuri *tailor made* u mhux miżuri li jkunu ta' *one size fits all*. Nafu li hemm ix-xkiel fejn jidħol l-i*state aid* imma jekk hemm bżonn naraw kif il-miżuri tagħna jkunu joqltu lil firxa wiesgħa tas-soċjetà. Nirringrazzjakom.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna Dr Zammit tal-punti interessanti ħafna li ressaqt, speċjalment dwar l-università. Ġaladarba semmejtha inti, nixtieq nispjega ftit fuq il-proġett tal-espansjoni tal-università li jinsab għaddej bħalissa. Se nieħu spunt minn dak li għidt inti biex nagħmel appell. Il-parteċipazzjoni tal-Għawdxin fil-korsijiet universitarji huma pjuttost numri żgħar. Li kieku mhux għall-għajnuna li jagħti l-Ministeru għal Għawdex billi jħallas il-korsijiet, kieku lanqas l-attività tal-università ma tkun sostenibbli. Allura nieħu l-opportunità sabiex inħeġġeġ lill-Għawdxin ħalli jieħdu dawn l-opportunitajiet ta' edukazzjoni. Dwar il-fondi Ewropej naqbel ħafna miegħek li din mhijiex kwestjoni ta' sempliċement li l-Gvern jaqbad jalloka persentaġġ. Però tajjeb li wieħed ikun jaf li qabel ma ġie ppreparat il-programm, li għadu qed jiġi dibattut, eċċ, il-Gvern mexa b'mod ieħor fuq dan il-programm.

Il-Ministeru għal Għawdex kien intalab jagħti l-prijoritajiet tiegħu biex kemm jista' jkun dawk il-prijoritajiet jikkonverġu mal-programmi li jkunu se joħorġu. Peress li dan huwa Kumitat li fl-aħħar tal-laqgħat irridu nagħmlu sensiela ta' rakkomandazzjonijiet biex jiġu implimentati, nissuġerilek li tibgħat *email* iktar tard u telenkalna r-rakkomandazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni tiegħek bil-prijoritajiet ħalli mbagħad inkunu nistgħu nifformolaw ir-rapport li se ngħadduh lill-entitajiet għall-implimentazzjoni. Nirringrazzjak u nawgura lilek u lill-Assoċjazzjoni tiegħek għall-ħidma sfiqa li dejjem tagħmlu u nawguralkom li tkomplu tagħmluha.

DR SEAN ZAMMIT: Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Issa nsejjaħ lis-Sur Joe Cordina, Chairperson tal-Gozo Channel, sabiex jingħaqad magħna. Sur Cordina, nirringrazzjak talli lqajt l-istedina tagħna u nixtieq ninformak li għandek madwar 12-il minuta sabiex tressaq il-preżentazzjoni tiegħek u mbagħad wara jsirulek xi mistoqsijiet mill-Membri preżenti.

IS-SUR JOE CORDINA (Chairperson tal-Gozo Channel): Sinjura President, nirringrazzjakom ta' din l-istedina. Il-preżentazzjoni tiegħi hija marbuta mal-effetti li kellha l-COVID-19 fuq il-Gozo Channel u dwar x'inhi t-triq 'il quddiem. Meta faqqgħet din il-pandemija mill-ewwel ħdimna fuq pjan sabiex naraw kif se naħdmu u kif se nirreaġġixxu għad-diversi possibilitajiet li sa dakinhar ħadd ma kien jaf x'se jiġri. Ipprovajna nkunu ppreparati sabiex ma ninqabdux fuq sieq waħda u bdejna nimxu skont l-iżvilupp li beda jsir fil-pajjiż. Fil-fatt, wara li l-Gvern ħareġ dak l-avviż legali fejn irrestrinġa l-ivvjaġġar mhux essenzjali għal Għawdex, aħna bdejna nnaqqsu l-vjaġġi biex niġu naqblu mad-domanda li kien qed ikollna. Wara bdejna naraw li wħud mill-vjaġġi li konna qed nagħmlu ma kenux qed jintużaw u għalhekk erġajna naqqasna t-*time table* u ġibnieha għal kif inhi llum.

Dakinhar lill-ħaddiema tal-Gozo Channel tajniehom id-*disposable gloves* u s-*sanitisers* biex ikunu jistgħu jilqgħu għal dan il-*virus*. Bdejna niddiżinfettaw il-vapuri kuljum, kif għadna nagħmlu sal-lum. Qegħdin ukoll niddiżinfettaw it-*terminals* b'medja ta' tliet darbiet fil-ġimgħa. Dan qed isir matul il-lejl biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli għan-nies. Żidna wkoll is-*sanitisers* fuq il-vapuri u fit-*terminals* għall-użu tal-pubbliku. Ippruvajna nagħfsu iktar mal-ħaddiema biex ikun hemm iktar indafa fuq il-vapuri u fit-*terminals*.

Rigward il-ħaddiema tal-art, fejn kien possibbli tajniehom permess biex jaħdmu mid-dar permezz tat-*teleworking* ħalli kemm jista' ikun innaqqsu mir-riskju tat-tixrid tal-virus. Fuq rakkomandazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex tajna *free travel card* lill-ħaddiema kollha li jaħdmu fl-isptarijiet. Dan sar biex min-naħa tal-Ministeru jkun jista' jgħinhom kif ukoll bħala ringrazzjament tax-xogħol u tas-sogru li kienu qed jieħdu waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex għamilna żewġ postijiet minn fejn kienu qed isiru t-testijiet tat-temperatura ta' kull passiġġier. Fil-fatt kull passiġġier u kull ħaddiem li jitla' fuq il-vapur titteħidlu t-temperatura biex dejjem innaqqsu mit-tixrid tal-virus. Barra minn hekk meta ħareġ l-avviż legali, it-teħid tat-temperatura tal-passiġġieri li kienu qed jaqsmu bejn Malta u Għawdex kien qed isir mis-*securities* tal-Gozo

Channel. Dan kien ta' piż kbir għall-ħaddiema tagħna għax kien ikun hemm min ma jeħodhiex tajjeb li ma tħallihx jaqsam bejn Malta u Għawdex.

Peress li ħadd ma kien jaf b'din il-pandemija qabel, u peress li kellna *commitment* mas-sidien tal-vapur Nikolaus, fejn konna marbutin b'rata ta' kera li f'din is-sitwazzjoni ġiet ta' piż kbir fuqna, ilħaqna ftehim magħhom sabiex nissospendu l-kuntratt b'xahrejn, sakemm l-affarijiet jinbidlu u t-talba mill-passiġġieri terġa' tibda tiżdied. Żammejna wkoll l-għażla li din is-sospensjoni nġedduha għal xahrejn oħra, jiġifieri b'kollox ikollna sospensjoni ta' 120 ġurnata. Wara 60 ġurnata stajna nevalwaw x'inhi s-sitwazzjoni u jekk ikun hemm bżonn il-vapur nerġgħu nġibuh lura.

Dak kien l-isfond ta' x'ġara sal-lum. Fil-preżent il-ħaddiema kollha tqassmulhom il-maskri u l-passiġġieri ġew imġiegħla jilbsu l-maskri wkoll. Għalkemm kienet rakkomandata mill-awtoritajiet tas-saħħa, inqalgħu sitwazzjonijiet fejn kien hemm min ried iwebbes rasu u ma jilbisx maskra, però din issa ndrat u kull min jitla' fuq il-vapur qiegħed jikkopera u jilbes il-maskra kif suppost. L-awtoritajiet tas-saħħa talbuna nnaqqsu l-ammont tal-passiġġieri fuq il-*ferries* b'50% u allura jekk vapur kapaċi jġorr 900 passiġġier, bħalissa qiegħed iġorr mhux aktar minn 450 passiġġier biex b'hekk tkun tista' tinżamm is-*social distance* fuq il-vapur. Ovvjament dan huwa piż ieħor fuq il-kumpanija għax jekk in-numri jerġgħu jibdew jikbru u r-restrizzjoni tibqa' hemmhekk, se jkollna problema. Dan l-aħħar il-ħaddiema tagħna kollha ġew *swabbed*. Nista' ngħid li minn dawk li jkun hemm abbord ma kien hemm ħadd li nstab pożittiv. Din hija s-sitwazzjoni preżenti.

X'se jiġri fil-futur? Bħala kumpanija kommessi li nkomplu nikkoperaw mal-awtoritajiet tas-saħħa u nsegwu r-rakkomandazzjonijiet li jagħtuna. Fil-fatt għadna għaddejjin bid-diżinfettar tal-vapuri u tat-*terminals*. Fejn jista' jkun qegħdin ninfurzaw ukoll l-użu tal-maskri u qed nagħmlu dak kollu li hemm bżonn biex dan il-virus ma nkomplux nifirxuh aħna. L-ikbar sfida li għandna issa hija kif se nżommu l-kumpanija għaddejja peress li d-domanda għas-servizz naqset bi 80%! Ovvjament dan huwa ammont sostanzjali li jfisser li f'April il-bejgħ mill-biljetti naqas b'€1.1 miljun! Dħul minn oqsma oħrajn, bħall-kafeterija, kirjiet, eċċ, naqas b'€86,000. B'kollox f'April is-*sales* naqsu b' €1.2 miljun.

Sinjura President, bħala kumpanija qegħdin nitolbu biex l-ewwel nett tiġi rrinunzjata l-kera tat-*terminals* - il-Gozo Channel qiegħda tikri t-*terminals* taċ-Ċirkewwa u tal-Imġarr b'ammont sostanzjali - sakemm iddum għaddejja din l-istorja. Barra minn hekk qed nitolbu lill-Gvern sabiex jgħinna jew b'*cash grants* jew b'self issussidjat biex aħna nkunu nistgħu nibqgħu għaddejjin. Ma jistax ikun li l-kumpanija tibqa' ssalva jekk ma jkollhiex l-għajnuna diretta tal-Gvern. Aħna għamilna t-talba tagħna. Il-Gozo Channel hija kumpanija daqsxejn differenti mill-oħrajn! Hija kumpanija tal-Gvern li titmexxa b'mod kummerċjali u li għandha wkoll obbligazzjonijiet soċjali.

Wieħed irid joqgħod attent ħafna li ma neħdux din il-kumpanija *for granted*. L-isfida tal-*balance sheet* hemmhekk qiegħda u inti trid tkompli żżomm ruħek aġġornat. Wieħed ma jistax juża l-metodi tal-privat u n-nies jippretendu li jingħataw servizz ta' ħames stilel meta lanqas mhuma qegħdin iħallsu l-prezz ta' servizz ta' stilla waħda! Nifhem li hemm l-obbligi soċjali imma xi ħadd irid iħallas. Qatt ma kien hawn xejn b'xejn. Jekk qed nagħtu servizz, u s-servizz għadu għaddej, irridu l-għajnuna. Aħna qegħdin għassa tan-numri biex kif jibdew jiżdiedu nibdew inżidu l-vjaġġi ħalli ma jkunx hemm ħela. Nisperaw li din is-sitwazzjoni ma ddumx ma tgħaddi u nerġgħu niġu naħdmu f'dik li qed insejħulha n-normalità ġdida imma fejn għall-inqas wieħed ikun jaf fejn qiegħed. Nirringrazzjakom.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Cordina, nirringrazzjak. Jiena wkoll nixtieq nirringrazzja lill-Gozo Channel u lill-ħaddiema kollha tagħha għaliex is-sena kollha joffru servizz lil dawk kollha li jridu jaqsmu bejn il-gżejjer. Naqbel miegħek perfettament li s-sitwazzjoni tal-Gozo Channel hija waħda partikolari, hija sensittiva immens, u trid taħdem fiha u magħha biex tifhem eżatt x'inhuma l-implikazzjonijiet tagħha. Veru li hija kumpanija tal-Gvern imma din topera b'mod kummerċjali, b'kompetizzjoni qawwija ħafna, speċjalment invista tal-fatt li l-Gozo Channel jopera skont it-*tender* li jkun ħareġ, li ovvjament ikun mirbuħ mill-kumpanija li tkun rebħitu, anke fil-kuntest ta' *tender* ieħor li ħiereġ dalwaqt. Għalhekk wieħed japprezza aktar is-senstittività u l-mod ta' kif is-Sur Cordina spjega l-affarijiet, fejn filwaqt li tana l-informazzjoni, qagħad kawt

ħafna biex ma jippreġudikax il-pożizzjoni tal-kumpanija.

Hawnhekk tqajjem ukoll punt mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema Għawdxin f'Malta. Peress li Dr Zammit għadu magħna b'mod virtwali, forsi tkunu tistgħu titkellmu fuq il-punt tal-*priority boarding* li tqajjem aktar kmieni. Is-sabiħ ta' dan il-Kumitat huwa li wieħed jista' jikkomunika magħna; fil-fatt għadu kif daħalli messaġġ mingħand xi ħadd li bagħatli din il-mistoqsija: Peress li issa ħafna nies qegħdin joqogħdu fil-garaxx tal-vapur sakemm jaqsmu bejn iż-żewġ gżejjer, u hemm it-tabelli li mhux suppost toqgħod fil-garaxx waqt it-traġitt, sar xi arranġament differenti minħabba din is-sitwazzjoni?

IS-SUR JOE CORDINA: Iva, ġibna permess mingħand Transport Malta f'dan ir-rigward għax din hija *the best of two evils*. Li toqgħod fil-garaxx huwa perikoluż jekk allaħares qatt ikun hemm inċident. Mill-banda l-oħra jekk in-nies joqogħdu fil-karozzi tagħhom mhux se jkun hemm kuntatt bejn il-persuni waqt it-traġitt. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi tawna l-permess li aħna nistgħu nħallu n-nies fil-garaxx tal-vapur. Issa huwa f'idejn l-individwu jekk iridx jieħu s-sogru u jibqa' fil-karozza jew inkella jitlax fuq. Ma hemm l-ebda restrizzjoni u ma qed tinkiser l-ebda liġi.

IĊ-CHAIRPERSON: Mela lil din il-persuna li bagħtitli dan il-messaġġ nistgħu nassigurawha li ma hemm l-ebda ksur tar-regolamenti jekk tibqa' fil-garaxx.

ONOR. CHRIS SAID: Sur Cordina, nirringrazzjak tal-preżentazzjoni tiegħek u talli ġejt hawnhekk. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-ħaddiema tal-Gozo Channel, li nistgħu nqisuhom bħala *frontliners* għax qed joffru servizz essenzjali f'sitwazzjoni partikolari u straordinarja. Min-naħa tiegħi xtaqt nagħmel punt fuq id-deċiżjonijiet importanti li ttieħdu fl-aħħar xahrejn mill-Gozo Channel. Il-Ministru Clint Camilleri kien qed jikkonsulta miegħi bħala l-kelliem ewlieni għal Għawdex min-naħa tal-Oppożizzjoni u ta' dan nirringrazzjah. Tajt ukoll il-kontribut tiegħi min-naħa tal-Oppożizzjoni dwar x'naħseb li kellu jsir f'din is-sitwazzjoni partikolari. Naħseb li l-miżuri li ttieħdu, ittieħdu malajr u ttieħdu b'mod tajjeb - għalkemm kien hemm ukoll min ma ħax pjaċir b'ċerti miżuri - li wasslu wkoll sabiex in-numru ta' persuni li ġew infettati f'Għawdex ikun relattivament baxx u proporzjonalment ħafna inqas minn ta' Malta meta tqabbel il-popolazzjoni Għawdxija ma' dik Maltija. Ovvjament għadna ma ħriġniex minnha u għad fadal x'naqdfu. Jidher li fadlilna triq twila imma hemm bżonn li nibqgħu mixjin f'din il-linja.

Sur Cordina, ippermettili nagħmillek ftit mistoqsijiet, anke fuq dak li spjegajt inti hawnhekk. Bla dubju l-indafa fuq il-vapuri f'dan il-mument hija mill-aktar essenzjali. Allura nappella sabiex tassiguraw li jkun hemm indafa massima f'kull ħin tal-ġurnata u tal-lejl meta jkunu qegħdin jintużaw il-vapuri. Inti tajtna l-eżempju ta' April u għedtilna li d-domanda naqset b'madwar 80% li wassal lill-kumpanija sabiex ikollha nuqqas fil-bejgħ ta' €1.2 miljun meta tikkonsidra kollox. Dan huwa spjegabbli. In-numru tal-persuni li qasmu l-gżejjer naqas b'mod konsiderevoli. Issa persentaġġ qawwi minn dawk li wżaw il-vapur huma residenti Għawdxin u allura qed jaqsmu bi prezz ridott, li bla dubju ta' xejn jagħmel impatt fuq l-*income* tal-kumpanija. Però hawnhekk irrid nenfasizza u rrid nappella lill-Gvern li l-Gozo Channel, għalkemm hija kumpanija kummerċjali, għandha wkoll obbligi soċjali.

Il-Gozo Channel hija l-*life link* ta' Għawdex u allura ejjew ma nixxaħħux ma' dik li hija l-*life link*! Persważ li mhux se jsir hekk imma hawnhekk nagħmel l-appell u ningħaqad ma' dak li għidt inti wkoll, fis-sens li għaddejjin minn din is-sitwazzjoni u għandna dan it-telf minħabba ċ-ċirkostanzi li għaddejjin minnhom bħalissa, u għalhekk hemm bżonn li tingħata l-għajnuna biex din il-kumpanija tkompli għaddejja. Dan huwa punt li naqbel totalment miegħu; hemm l-obbligazzjonijiet soċjali. Allaħares din il-kumpanija ma tagħtix dan is-servizz, anke meta jkun b'telf u anke meta jkun b'telf kbir!

IĊ-CHAIRPERSON: Jekk tippermettili Onor. Said, dan huwa punt importanti ħafna u naħseb li huwa kruċjali wkoll. Nifhem ukoll il-pożizzjoni tal-Ministru għax filwaqt li jrid jiġbed il-ħabel tal-Gozo Channel, hemm ukoll il-pakkett li qed joħroġ minn Ministeru ieħor, u hemm ukoll l-implikazzjoni tal-i*state aid*. Naħseb li fid-diskussjoni tagħna bħala Kumitat nistgħu ngħinu biex nifformolaw din it-talba li għamlet il-Gozo Channel biex ngħinu lill-Ministeru għal Għawdex kif ukoll lill-Gozo Channel. B'dan il-mod inkunu qed inżidu l-importanza u l-piż lil din

it-talba importanti għall-futur tal-kumpanija. Jekk naqblu nistgħu nifformolawha flimkien.

ONOR. CHRIS SAID: Bla dubju ta' xejn. Fil-fatt jien stess għamilt dan l-appell u assolutament naqblu li għandha tiġi fformulata din it-talba. Nerġa' nenfasizza li l-Gozo Channel mhijiex kumpanija kummerċjali normali imma hija kumpanija li għandha obbligi soċjali kbar *vis-à-vis* Għawdex. Nerġa' ngħid li hija l-*life link* ta' Għawdex u tal-Għawdxin. Però ma naqbilx mal-kwestjoni li hija kumpanija li topera f'kompetizzjoni ħarxa kif qalet iċ-Chairperson fil-messaġġ tagħha. Anzi hija kumpanija li għandha monopolju. Veru li trid titfa' *tender* kull tant snin, però min jirbaħ dak it-*tender* imbagħad ikollu l-monopolju li jopera s-servizz. Apparti minn hekk għandu wkoll l-għajnuna tal-Gvern skont dak il-ftehim li jkun sar. L-għajnuna tal-PSO, ta' Transport Malta ...

IĊ-CHAIRPERSON: PSO, li huwa antik u li ġie rivedut ftit tax-xhur ilu biex is-sitwazzjoni tal-kumpanija tiġi vvantaġġjata ftit iktar. Meta kont qed ngħidlek b'kompetizzjoni fis-sens ta' *tendering*, proprju fil-mument li wasalna biex ikun hemm *tender* ieħor ... Huwa importanti li niċċarawh dan il-punt.

ONOR. CHRIS SAID: Fil-każ ta' *tendering* ovvjament min se jitfa' t-*tender* għandu d-dritt li jitlob l-informazzjoni fuq finanzi, eċċ. Issa Sur Cordina, meta qed ngħidu Marzu u April, ix-xahrejn li għalqu s'issa u li fihom kien hemm restrizzjonijiet kbar, taf kemm kien it-tnaqqis ta' karozzi u passiġġieri kif ukoll it-tnaqqis tal-vjaġġi tal-Gozo Channel? Dan il-*weekend* kien l-ewwel wieħed minn meta reġgħu fetħu l-vjaġġi bejn Malta u Għawdex; x'differenza rajtu fejn jidħlu numri? Rajtu effett minn meta fetaħ?

IS-SUR JOE CORDINA: Żdiedu ftit in-numri. B'żewġ vapuri ħdimna tajjeb u ma ħallejniex nies jistennew. Imma n-numri għadhom baxxi.

ONOR. CHRIS SAID: Il-kunfidenza tan-nies għadha lura.

IS-SUR JOE CORDINA: Iva għadha lura ħafna u hemm biża' kbir.

ONOR. CHRIS SAID: Tifhimhom.

IS-SUR JOE CORDINA: Aħna qegħdin insegwu n-numri ta' kull vjaġġ kuljum biex malli naslu fil-livell li jkun hemm inżidu l-vjaġġi, nagħmlu hekk. Ikun dnub li tibda tagħmel vjaġġi bħalma konna qegħdin nagħmlu qabel ma naqqasna l-vjaġġi u dawn ikunu vojta. Bil-lejl il-vjaġġi kienu jispiċċaw vojta u lanqas ħaqq il-ħela ta' *fuel* u spejjeż. Jien nemmen li n-numri se jibdew jiżdiedu bil-mod sakemm ma jkunx hawn xi *second wave* li ġġiegħel li jkun hemm xi restrizzjonijiet oħra. Nisperaw li sas-sajf inkunu ġejna lura għan-normal u n-numru ta' vjaġġi jiżdiedu, ikun hemm iktar kumditàà, u jekk il-Bambin irid inkunu nistgħu ...

ONOR. CHRIS SAID: Il-kumpanija trid taħdem fix-xhur li ġejjin bis-suq tagħha jkun dak lokali. Taf tgħidilna kemm kien il-*component* tat-turisti fix-xogħol tal-Gozo Channel fi żmien normali?

IS-SUR JOE CORDINA: Il-maġġoranza tad-dħul ġej mit-turisti peress li hemm qabża kbira fil-prezz tal-biljett għall-barranin.

ONOR. CHRIS SAID: Il-probabilità hi li se jkollna numru ta' xhur li fihom l-ajruport se jibqa' magħluq jew inkella se jiftaħ b'ċerti restrizzjonijiet. Ovvjament alla ma ndumux hekk, imma x'qed taħseb il-kumpanija dwar it-triq 'il quddiem biex tipprova tieħu vantaġġ mis-suq intern bħala Għawdex? Qiegħda taħseb biex flimkien mal-Gvern tipprova tagħmel inċentivi biex dak li Għawdex se jitlef ... Fil-preżentazzjoni ta' qabel intqal - kien hemm referenza għal dan ukoll mill-GTA u mill-GBC fil-laqgħa tal-ġimgħa l-oħra – li aktar minn 50% tal-prodott gross domestiku jiddependi mit-turiżmu. Is-sajf dalwaqt magħna. Hemm ħsieb li jsir pjan għax-xhur li ġejjin biex id-daqqa li se tolqotna nipprovaw intaffuha xi ftit billi nipprovaw nattiraw kemm nistgħu turiżmu intern?

IS-SUR JOE CORDINA: Jien niftakar li meta bdejt bħala Chairperson tal-Gozo Channel it-talba kienet waħda baxxa u pprovajna nagħmlu minn kollox biex inżiduha. Ħloqna ħafna inċentivi. Dak iż-żmien, flimkien mal-Ministeru għal Għawdex, konna nagħmlu wkoll *special weekends*. Darba minnhom anke għamilna *weekend* b'xejn biex inħajru aktar nies jaqsmu bejn il-gżejjer. L-inċentivi li saru ħallew il-frott iktar tard. Bħalissa għadna qegħdin f'sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet tas-saħħa qegħdin jinkoraġġixxu lin-nies sabiex jibqgħu ġewwa. Għalhekk wieħed irid joqgħod attent għax nispiċċaw f'sitwazzjoni fejn aħna rriduhom

joħorġu u jiġu lejn Għawdex u fl-istess ħin minnaħa tal-awtoritajiet tas-saħħa qegħdin jgħidulhom biex jibqgħu d-dar! Naħseb li jrid jgħaddi ftit żmien ieħor qabel ma nibdew ... Nemmen li mbagħad għandha ssir kampanja qawwija meta jasal il-waqt. Però naħseb li għadu ftit kmieni bħalissa biex immorru ...

ONOR. CHRIS SAID: Naqbel miegħek li mhux għalissa imma li l-kumpanija tibda tippjana ...

IS-SUR JOE CORDINA: Bilfors. Jien nemmen ukoll li se nżidu l-vjaġġi għax l-ewwel irid ikollok biex takkomoda lin-nies. Trid tipprovdi s-servizz qabel ma jibdew ġejjin in-nies. Però għad mhuwiex iż-żmien li wieħed ...

ONOR. CHRIS SAID: Ħalli nagħmillek mistoqsija iktar speċifika. Il-*weekend* li għadda kien l-ewwel *weekend* fejn kien hemm tnaqqis fir-restrizzjonijiet u allura tista' tgħidilna kemm kienet iż-żieda f'punti perċentwali fuq il-*weekend* ta' qabel?

IS-SUR JOE CORDINA: Naħseb li kien kważi d-doppju.

ONOR. CHRIS SAID: Kien hemm żieda.

IS-SUR JOE CORDINA: In-numri kien għadhom żgħar u ħdimna b'żewġ vapuri. Is-soltu l-Ħadd filgħaxija qatt ma naħdmu b'żewġ vapuri imma dejjem bi tliet vapuri. Madankollu l-Ħadd li għadda b'żewġ vapuri ġarrejna lil kulħadd. Bħalma qed ngħidlek, il-ħsieb hu li wieħed jibda jżid maż-żmien.

ONOR. CHRIS SAID: Biex tnaqqsu mid-daqqa li ttieħdet f'dawn ix-xhur inti għedtilna li għamiltu ftehim mal-vapur Nikolaus. Xi ftehim sar? Għidtilna wkoll li l-vapur ġie sospiż għal 60 ġurnata, li jistgħu jitilgħu għal 120 ġurnata. Naqblu li l-vapur mhux qiegħed Malta imma mar lura l-Greċja?

IS-SUR JOE CORDINA: Iva.

ONOR. CHRIS SAID: Bil-ftehim għal dawn il-120 ġurnata mhu se jitħallas xejn tal-vapur jew se jitħallas b'rata baxxa ħafna?

IS-SUR JOE CORDINA: Jien ma nixtieqx nagħti ċifri però qed jitħallas b'rata ħafna inqas u qisu qed inħallsu 1/7 tas-somma oriġinali. Wieħed irid jifhem li hemm l-impennji wkoll però l-flus li qegħdin niffrankaw huma kbar! Apparti minn hekk kellna problemi mal-*unions* għax ippretendew li l-ħaddiema jibqgħu jaħdmu huma minflok il-vapur! Forsi wieħed jitfakarhom jgħidu li nippreferu lill-barranin milli lill-ħaddiema tagħna! Dan ma kienx minnu imma kellna *commitment* magħhom u ridna naslu fi ftehim u rnexxielna naslu. Ovvjament ma kenitx xi ħaġa faċli imma wasalna f'dan l-arranġament u t-tnejn ninsabu kuntenti. Bħalissa ssospendejna l-kuntratt. Dan hemm kuntratt li meta sar ħadd ma ħaseb li se niġu f'din is-sitwazzjoni.

ONOR. CLINT CAMILLERI: Is-sospensjoni saret primarjament *to cut losses.* Jiġifieri ejjew inkunu ċari. Bħalissa, kif qed jgħid tajjeb is-Sur Cordina, qed naħdmu b'żewġ vapuri. Ovvjament ir-raba' vapur kien importanti u deċiżjoni mill-aqwa għax verament kellna bżonnu imma *to cut losses* il-Gozo Channel wasal għal dan l-arranġament u fl-istess ħin il-*crew* ikomplu jaħdmu bil-vapuri li għandhom il-Gozo Channel.

ONOR. CHRIS SAID: Meta tgħid issospendejtu jfisser li jekk il-vapur jagħmel xahrejn barra, dawk ix-xahrejn jiżdiedu fl-aħħar tal-kuntratt?

IS-SUR JOE CORDINA: Iva.

ONOR. CHRIS SAID: U jekk idum erba' xhur barra, dawk se jiżdiedu fl-aħħar tal-kuntratt.

IS-SUR JOE CORDINA: Ġibna l-permessi mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

ONOR. CHRIS SAID: Mhux problema. Qiegħed nistaqsi biex niċċaraw x'kien il-ftehim. Tkellimna fuq kumpanija pubblika b'obbligazzjonijiet soċjali. Għaliex l-aħħar li ġew ippubblikati l-*accounts* tal-kumpanija kien sentejn ilu?

IS-SUR JOE CORDINA: Dalwaqt se jiġu ppubblikati l-oħrajn, inkluż tal-2019. Kellna *issues* li ridna niċċarawhom, bqajna għaddejjin u mbagħad weħilna. Issa meta dħalt jien mal-kumpanija kien hemm tliet snin lura fl-*accounts*!

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Cordina, assigura lill-Onor. Membru li ma kienx hemm telf! Naħseb li dak kien l-iskop tal-mistoqsija hux hekk?

IS-SUR JOE CORDINA: Il-profitt fl-2019 kien ta' kważi €2 miljuni.

ONOR. CHRIS SAID: Imma għaliex ma ġewx ippubblikati?

IS-SUR JOE CORDINA: Minħabba *issues* ta' *accounting*. M'hemm l-ebda problema.

IĊ-CHAIRPERSON: Jekk tippermettili, din m'għandhiex x'taqsam mal-COVID-19!

IS-SUR JOE CORDINA: Hemm l-awdituri li qegħdin jaħdmu fuqhom u se nibqgħu għaddejjin biex inlestu tal-2018 u tal-2019.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-Gozo Channel hija parti minn grupp u mhux kollox jiddependi minnha. Tinsiex li kien hemm *restructuring.*

ONOR. CHRIS SAID: Iva, imma għandi dritt nagħmel mistoqsija fuq il-finanzi!

IĊ-CHAIRPERSON: Anzi!

ONOR. CHRIS SAID: Fuq kollox qed nitkellmu fuq flus pubbliċi!

IS-SUR JOE CORDINA: Naħseb li rrispondejtek! (Interruzzjonijiet) Nispera li almenu sodisfatt bir-risposta.

ONOR. CHRIS SAID: Le, m'iniex!

IS-SUR JOE CORDINA: M'intix?!

ONOR. CHRIS SAID: Le, imma dak inħalluh għal mument ieħor!

IĊ-CHAIRPERSON: Sadanittant għandek is-serħan il-moħħ li l-kumpanija għamlet profitt sostanzjali!

ONOR. CHRIS SAID: Le, m'għandix serħan il-moħħ!

IĊ-CHAIRPERSON: Issa jkollok l-*accounts*. L-Onor. Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sur Cordina nirringrazzjak talli lqajt it-talba tagħna u ġejt tagħtina din il-preżentazzjoni. Bħall-kollegi tiegħi, nirringrazzja lilek u lill-ħaddiema tal-Gozo Channel għas-servizz li dejjem tagħtu, b'mod partikolari f'dan il-mument li qegħdin ngħixu fih bħalissa. Ħadt pjaċir li tqajjem il-punt dwar il-possibilità li n-nies jistgħu jibqgħu ġol-garaxx tal-vapur waqt it-traġitt. Fil-fatt kont staqsejt din il-mistoqsija lill-Ministru madwar xahar ilu imma naħseb li sa dakinhar kienet għadha ma tteħditx deċiżjoni. Jien naħseb li kif għidtu intom *we had to choose between two evils* u għażiltu l-aħjar.

Ngħaddi issa għall-mistoqsijiet tiegħi dwar il-Gozo Channel b'relazzjoni ma' dak li qegħdin ngħixu fih bħalissa. Jekk fhimt tajjeb waqt il-preżentazzjoni inti semmejt il-kuntratt mal-vapur Nikolaus u s-sospensjoni tiegħu għal xahrejn. Għidt ukoll li l-vapur jerġa' jiġi lura jekk ikun hemm il-ħtieġa. Allura dan ifisser li l-vapur jista' ma jiġix lura?

IS-SUR JOE CORDINA: Le, m'għidtx hekk jien. Jien għidt li l-kuntratt ġie sospiż. Is-servizz li kienu qed jagħtuna ssospendejnieh għal xahrejn. Spjegajt lill-Onor. Said li dawn se jiżdiedu meta jispiċċa l-kuntratt preżenti. Ovvjament il-vapur se jiġi żgur lura.

ONOR. CLINT CAMILLERI: Jekk nista' nkompli fuq dak li qed jgħid is-Sur Cordina, bażikament bħalissa s-servizz tal-vapur Nikolaus ġie sospiż għal 60 ġurnata. Naħseb li diġà għaddew ħmistax issa. Fl-istess ħin irridu naraw kif se jkunu qegħdin jiżvolġu l-affarijiet fuq livell nazzjonali u fuq livell ta' Għawdex f'dak li għandu x'jaqsam mal-pandemija biex inkunu nistgħu nieħdu deċiżjoni kalkulata dwar jekk għandniex inġibu l-vapur lura hekk kif jgħaddu dawn is-60 ġurnata jew inkella għandniex nestendu s-sospensjoni b'60 ġurnata oħra. Ovvjament kollox jiddependi minn ġurnata għall-oħra kif se jkunu qegħdin jiżvolġu l-affarijiet, kif se jkunu r-restrizzjonijiet u skont il-pariri li jagħtuna tal-Awtoritajiet tas-Saħħa.

Jekk ovvjament naraw li se jkun hemm it-tneħħija tar-restrizzjonijiet għax inkunu ħlisna mill-pandemija wieħed ikun jista' jikkonsidra li kif jgħaddu dawn is-60 ġurnata jerġa' jġib dan il-vapur lura. Però ovvjament jekk naraw li se jkun hemm restrizzjonijiet attivi jew se jkun hemm pariri mod ieħor, anke mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, u jekk naraw li l-t-traġitti bejn iż-żewġ gżejjer ma jkunx jirrikjedi r-raba' vapur sakemm jgħaddu dawn is-60 ġurnata, wieħed jista' jestendi s-sospensjoni b'60 ġurnata oħra.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Tajjeb. Inti semmejt ukoll id-direttivi li ngħatajtu dwar x'iridu jagħmlu l-passiġġieri abbord il-vapur. B'mod ġenerali taħseb li l-pubbliku qiegħed

jikkollabora? U meta jkun hemm min ma jobdix, x'tagħmlu?

IS-SUR JOE CORDINA: Il-maġġoranza assoluta tal-passiġġieri jobdu u jikkollaboraw. Imma ovvjament se jkollok dawk l-eċċezzjonijiet, u li f'dak il-każ ikollna nirrifjutaw li ntellgħuhom abbord il-vapur.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Inti għidt ukoll li saru l-is*wabs* tal-ħaddiema tal-Gozo Channel u li mill-ħaddiema li jaħdmu fuq il-vapur ma nstab ħadd pożittiv. Dan jgħodd biss għal dawk li jaħdmu fuq il-vapuri jew għall-ħaddiema kollha tal-Gozo Channel?

IS-SUR JOE CORDINA: Kellna każ wieħed ta' ħaddiem li qatt ma kellu x'jaqsam man-nies li jaħdmu fuq il-vapur imma li kien jaħdem kważi f'iżolament.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Wieħed jista' jeskludi li dan il-ħaddiem partikolari seta' ġie infettat waqt il-qadi ta' dmirijietu? Jew ma nafux?

IS-SUR JOE CORDINA: Wieħed ma jistax jgħid eżatt, però l-fatt li ħadd mill-ħaddiema l-oħra ma nstab pożittiv ... Issa jien m'iniex espert fuq l-affarijiet mediċi.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Inti semmejt ukoll li kien hemm tnaqqis fil-qligħ tal-Gozo Channel u semmejt iċ-ċifra ta' €1.1 miljun.

IS-SUR JOE CORDINA: Ħa nikkorreġik ftit hawnhekk. Jien għedt li kien hemm nuqqas ta' *revenue* fix-xahar ta' April.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Ipparagunat ma' meta?

IS-SUR JOE CORDINA: Ma' April 2019 għax dak kien l-uniku xahar sħiħ li ħdimna f'din iċ-ċirkostanza.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Inti semmejt ukoll li saru proposti biex waqt il-perjodu tal-COVID-19 jiġu ffrankati l-kera tal-art tat-*terminal* u li jkun hemm *cash grants.* S'issa kellkom xi risposta mingħand il-Gvern? U hemm xi idea ta' jekk hux se tieħdu risposta fuq it-talba tagħkom?

IS-SUR JOE CORDINA: Ir-risposta li ngħatajna kienet li qegħdin jikkonsidraw. Għalhekk nirringrazzja lill-Onor. Said tal-proposta li għamiltu u nixtieq li tappoġġjawna bħala Kumitat biex il-Gvern jaċċetta t-talbiet li qegħdin nagħmlu. Dan huwa importanti ħafna biex il-kumpanija tibqa' għaddejja għax inkella l-Gozo Channel ma tistax tibqa' teżisti wara daqqa bħal din. Huwa impossibbli li naħdmu hekk. Ma keċċejna 'l-ebda ħaddiem imma ovvjament il-piż huwa kbir.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Rigward l-opportunità biex nisfruttuaw is-suq intern, li s-soltu nafu li dejjem ikun wieħed qawwi fejn jidħol Għawdex, il-kumpanija b'mod ġenerali qiegħda taħseb jew bdiet tfassal pjanijiet għal meta dan il-perjodu jgħaddi biex tkun tista' tilqa' għas-sitwazzjoni? Il-pjan beda? Tħossok f'pożizzjoni li tista' tagħti serħan il-moħħ li minħabba dak kollu li qed jiġri l-ħaddiema tal-Gozo Channel se jkunu qed iżommu posthom?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ovvjament wara li nitkellmu u wara li nkunu nistgħu nniedu l-pjan ta' kif *we can kick start* mill-ġdid l-ekonomija Għawdxija, żgur li l-Gozo Channel se tilgħab rwol importanti. Però iktar milli tkun il-Gozo Channel li tfassal l-istrateġija, irid ikun il-Gvern li jfassalha u mbagħad il-Gozo Channel tkun tista' tattwa paripassu ma' dik l-istrateġija. Ovvjament bħalissa qegħdin niddependu minn numru ta' restrizzjonijiet li hemm attivi b'mod nazzjonali. Issa wieħed irid jara t-triq 'il quddiem u iva, aħna qegħdin naħsbu fuq kull eventwalità. Huwa ovvju għalija li s-suq intern irid jilgħab parti integrali f'dan il-perjodu. Jekk wieħed jikkonsidra l-affarijiet b'mod loġiku jaf li dan is-sajf il-poplu Malti ma jistax isiefer jekk nibqgħu bl-ajruporti magħluqin. Għaldaqstant huwa ovvju li Għawdex jista' jservi bħala destinazzjoni ta' vakanza għal eluf ta' Maltin li normalment isiefru barra mill-pajjiż. Apparti minn hekk żgur se jkollok lil min li minn jeddu se jkun qiegħed jikkonsidra btala f'Għawdex.

Ovvjament wara li nieħdu l-pariri tal-Awtoritajiet tas-Saħħa nemmen li bħala Ministeru għal Għawdex irridu nħeġġu sabiex il-Maltin jagħmlu dan. U rridu nħeġġuhom anke b'inċentivi fiskali jekk ikun hemm bżonn. Però naħseb li għadu kmieni sabiex nibdew nattwaw din l-istrateġija, speċjalment meta għad fadal numru ta' restrizzjonijiet fis-seħħ, fosthom li għadna bl-istabbilimenti bħal ristoranti, eċċ, magħluqin. Iva, jista' jkun hemm l-ewwel ftit passi inizjali fejn jidħlu s-*self catering apartaments,*

farmhouses, eċċ. Nistgħu wkoll nabbinaw numru ta' attivitajiet li jkollhom il-permess min-naħa tas-Saħħa li jsiru. Fejn qabel konna niffukaw fuq ċerti affarijiet, issa rridu nkunu daqsxejn iktar kreattivi sabiex niffokaw u nirreklamaw attivitajiet li forsi jsiru bi ftit nies jew b'mod individwali. Però iva, qegħdin nikkonsidraw dawn l-affarijiet kollha. Ovvjament il-Gozo Channel se tkun qiegħda tilgħab parti importanti sabiex fejn jidħlu traġitti u l-frekwenza tagħhom inkunu nistgħu nimxu skond ix-xogħol. U jekk ikun hemm bżonn xi inċentivi, minkejja li l-introjtu tal-Gozo Channel huwa wieħed minimu, irridu naraw dan fl-ambitu kollu sabiex insibu l-bilanċ bejn l-esiġenzi tal-profitti u l-esiġenzi li jkollok turiżmu intern ġewwa Għawdex. U minn hemm wieħed jieħu deċiżjoni.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Rigward is-serħan il-moħħ tal-ħaddiema tista' tirrispondina inti, Ministru?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Diġà tajt ir-risposta tiegħi madwar xahar u nofs ilu, meta konna qegħdin l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex flimkien mal-Ministru tas-Saħħa, u dakinhar tajt is-serħan il-moħħ li l-ħaddiema mhumiex se jitkeċċew. U fil-fatt ma tkeċċewx!

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Iktar mistoqsijiet? Dr Sean Zammit.

DR SEAN ZAMMIT: Jekk ma jimpurtax għandi mistoqsija għas-Sur Cordina rigward il-possibilità li meta Għawdex jerġa' jkollu r-ritmu tiegħu u l-Maltin jerġgħu jibdew jaqsmu lejn Għawdex b'mod iktar frekwenti, il-ħaddiema passiġġiera Għawdxin li jaqsmu bil-vetturi tagħhom, se jkunu jistgħu jingħataw prijorità fl-imbark?

IS-SUR JOE CORDINA: Din il-proposta s'issa qatt ma kkunsidrajnieha. Jien nemmen li jekk din tingħata, inkunu qed noħolqu problemi ikbar. Ovvjament min jixtieq jilħaq il-vapur jaħseb daqsxejn kmieni, jinżel l-Imġarr u jkollu garanzija li jirkeb.

IĊ-CHAIRPERSON: Jew iħallsu iktar.

IS-SUR JOE CORDINA: Fi żmien il-Ministru Anton Refalo ħdimna fuqha imma sfortunatament il-Gozo Business Chamber, l-iktar nies li normalment iridu u għandhom bżonn il-*priority boarding* u l-*priority passes,* kienu l-aktar nies li oġġezzjonaw għaliha. Jien nemmen li għandu jsir *priority boarding* bi ħlas u 'l quddiem forsi wieħed jikkonsidraha wkoll.

IĊ-CHAIRPERSON: Jien naqbel li għandu jkun hemm reviżjoni imma mhux f'dan il-mument.

DR SEAN ZAMMIT: Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Cordina, nirringrazzjak talli kont magħna. Nirringrazzja wkoll lill-ħaddiema kollha tal-Gozo Channel tal-operat tagħhom, li f'kull żmien tista' tgħid li huwa operat pjuttost partikolari u sensittiv. Hemm xi ħsieb li forsi matul dan il-perjodu, fejn l-andament tal-kumpanija huwa pjuttost wieħed kajman, nieħdu l-opportunità sabiex isiru iktar xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-vapuri? Nafu li ta' kull sena l-vapuri jridu jiġu *docked* biex iżommu l-i*standards* meħtieġa.

IS-SUR JOE CORDINA: Iva, fil-fatt bħalissa qiegħda ssir ħafna manutenzjoni fuq il-vapuri, speċjalment meta għandna vapur kważi *idle* minn tlieta. Qed naħdmu fuq skeda apposta biex il-manutenzjoni ssir fuq il-vapuri kollha. Ovvjament qegħdin naħdmu wkoll fuq is-sistema tal-biljetti imma kellna nieqfu xi ftit minħabba dawn il-problemi li nqalgħu. Imma d-deċiżjoni hi li nibqgħu għaddejjin, u forsi jekk il-Bambin irid, fi żmien qasir ikollna sistema ta' biljetti moderna.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Min-naħa tal-Kumitat nimpenjaw ruħna li ngħinukom billi nifformolaw opinjoni u nibagħtuha lill-entitajiet ikkonċernati, speċjalment l-i*State Aid Monitoring Board,* li minnu jiddependi wkoll l-eżitu tad-diskjussjoni li qegħdin tagħmlu. Nafu li hija entità li għandha ċerta responsabilità u trid l-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex tkun tista' tagħti u terħi ftit mir-riġidità tar-regolamentazzjoni.

Issa bil-permess tal-Kumitat nistieden lill-Ministru għal Għawdex sabiex iressqilna l-preżentazzjoni tiegħu.

ONOR. CLINT CAMILLERI: Sinjura President, xtaqt nagħti preżentazzjoni verbali qasira dwar kif żvolġew l-affarijiet matul dawn l-aħħar xahrejn minn meta bdiet din il-pandemija. Ftit jiem wara li kellna l-ewwel każ f'Għawdex, jiġifieri fis-7 ta' Marzu, aħna bdejna mill-ewwel nieħdu miżuri addizzjonali mal-miżuri

nazzjonali. Għawdex, b'mod ovvju għax aħna pajjiż wieħed, addotta l-istess miżuri nazzjonali li kienu mħabbra mill-Ministeru għas-Saħħa, però fejn kien hemm bżonn tajna *input* addizzjonali sabiex nipproteġu kemm lill-poplu Malti kif ukoll lill-poplu Għawdxi. Għaldaqstant, fis-7 ta' Marzu ħarġu struzzjonijiet sabiex il-Gozo Channel ikollhom il-bibien tagħhom miftuħin u l-*air conditions* mitfija u dan sar anke fuq parir tal-awtoritajiet tas-saħħa sabiex nipprevjenu milli l-marda tinfirex abbord, kif ukoll biex innaqqsu milli wieħed jiġi f'kuntatt mal-*handrails* tal-bibien, eċċ. waqt li jkun qiegħed fuq il-vapur.

Dakinhar ukoll daħħalna protokoll fis-seħħ – imbagħad fil-fatt użajnieh – li fejn pazjent li jinstab infettat bil-COVID-19 f'Għawdex jiġi trasportat lejn l-isptar f'Malta. Dan il-protokoll għamilnieh biex inserrħu ras in-nies u ras il-ħaddiema u b'hekk iddeċidejna li t-trasport ta' dan il-pazjent ikun permezz ta' vapur *chartered* apposta. Imbagħad fit-12 ta' Marzu bdejna ndaħħlu miżuri aktar aggressivi għax sa dakinhar konna għad ma kellniex każ pożittiv f'Għawdex, u fil-fatt bdejna bil-fumigazzjoni ta' kull vapur matul il-lejl, liema fumigazzjoni ġiet *at a* cost imma ħassejna li għandna nżommu l-indafa, kif proprju semma l-Onor. Said, fuq il-vapuri f'dawn iż-żmenijiet partikolari. U għalhekk kull filgħaxija, waqt li l-vapuri jkunu bix-*schedule* daqsxejn aktar wiesgħa ssir il-fumigazzjoni ta' kull vapur, xi ħaġa li għadha ssir sal-lum.

Fit-13 ta' Marzu ħabbarna pass *oltre*; bdejna l-i*screening* ta' kull passiġġier li jaqbad il-vapur biex naraw jekk għandhomx sintomi li jistgħu jkunu relatati mal-COVID-19. Min jirriżulta li qed juri xi sintomi ma kienx se jitħalla jirkeb la mill-Port taċ-Ċirkewwa u lanqas mill-Port tal-Imġarr. Biex ninforzaw u jkollna *point of entry* waħda li tkun mill-vapur tal-Gozo Channel ħriġna avviż permezz ta' Transport Malta fejn l-ebda dgħajsa ma setgħet tittrakka jew tniżżel in-nies f'Għawdex. Dan għamilnieh biex inkunu ffokati fuq *point of entry* waħda minn fejn tista' tidħol din il-marda. Ovvjament, fl-istess ħin, ridna nsibu bilanċ sabiex kemm jista' jkun il-ħaddiema jibqgħu jaqsmu biex jaħdmu imma ridna nillimitaw kemm nistgħu. Dakinhar stess bdejna bl-appelli sabiex ma jsirx *non-essential travel* bejn iż-żewġ gżejjer u bdejna ngħidu lin-nies li jekk m'għandhomx għalfejn jaqbdu l-vapur ma jaqbduhx u ma jaqsmux bejn il-gżejjer.

Fis-16 ta' Marzu kellna l-ewwel persuna Għawdxija li kienet taħdem Malta li ġiet infettata bil-COVID-19, u hawnhekk użajna l-protokoll li kien fis-seħħ, jiġifieri li din il-persuna ġiet trasportata bil-Gozo Channel, b'*ferry chartered* apposta - jekk m'iniex sejjer żball użajna n-Nikolaus – u ttieħdet f'ambulanza waħedha lejn l-isptar f'Malta. Aktar tard bdejna bil-fumigazzjoni mhux biss tal-vapuri imma anke madwar Għawdex kollu. Bdejna niffokaw l-aktar fuq dak li għandu x'jaqsam mat-trasport pubbliku u mbagħad estendejnieha għat-toroq u postijiet oħra fejn jistgħu jinġemgħu n-nies, bħalma huwa quddiem *supermarkets*, spiżeriji u banek peress li hemmhekk ħafna drabi, anke f'dawn iż-żmenijiet, jinġemgħu n-nies sabiex jixtru l-bżonnijiet tagħhom. Għalhekk rajna li dawn il-postijiet ikunu aktar siguri.

Fil-23 ta' Marzu, kif semma s-Sur Joe Cordina, għamilna riduzzjoni tas-servizz tal-Gozo Channel, u niżżilna t-*timetable* b'40% proprju għax bdejna naraw li t-traffiku kien qed jonqos. Però fl-istess ħin kien hemm inċentiv jew diżinċentiv biex persuna ma taqsamx bla bżonn. Imbagħad fil-25 ta' Marzu, ladarba l-pajjiż beda jagħmel programm estensiv ta' *swabbing* u f'Għawdex kien għad m'għandniex *swab centre*, bl-i*swabbing* kien qed isir fil-komunità permezz tat-tabib tal-familja li kien imur fid-djar tan-nies meta dawn kienu jċemplulu, iddeċidejna li nikkonvertu l-VIP Centre li hemm fil-*heliport* fi *swab centre*. U dan għamilnieh f'temp ta' tlitt ijiem. B'hekk l-i*swabbing* beda jsir minn dan il-post b'mod aktar spedit. Mill-aħħar informazzjoni li kelli, bejn wieħed u ieħor, qed isiru madwar 100 swab kuljum f'Għawdex. Dawn qegħdin jiġu kkordinati bit-trasport sabiex it-testing imbagħad isir f'Malta mingħajr telf ta' ħin u r-riżultat ikun jista' joħroġ fi ftit sigħat.

Fis-27 ta' Marzu, wara miżuri li daħlu mill-awtoritajiet tas-saħħa, fejn persuni anzjani li kellhom 'il fuq minn 65 sena ma setgħux joħorġu mid-dar tagħhom għalxejn b'xejn u kienu inkoraġġiti jibqgħu fid-djar tagħhom, tajna struzzjonijiet min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex sabiex is-servizz tal-*home help* jibda jgħin lil dawk li għandhom 'il fuq minn 65 sena f'dak kollu li jkollhom bżonn. U b'hekk i nkunu ta' għajnuna għall-anzjani tagħna f'dan il-perjodu xejn sabiħ.

Imbagħad fil-31 ta' Marzu, wara li konna qegħdin indaħħlu dawn il-miżuri kollha ħadna

deċiżjoni bla preċedent, deċiżjoni riġida, għaliex daħħalna miżuri mandatorji. Mela fejn qabel konna qegħdin ngħidu li *non-essential travel* bejn il-gżejjer m'għandux isir, permezz ta' avviż legali għamilnieha li *non-essential travel* mhux se jiġi permess. U biex għamilna dan, kellna nqabbdu lis-*security* tal-Gozo Channel sabiex jagħmlu l-i*screening* ta' kull persuna qabel ma tkun se titla' fuq il-vapur. Fil-fatt kien hemm numru ta' persuni li ġew miżmuma milli jagħmlu dan għax ma kenux jaqgħu fil-kategorija ta' *essential travel*. Dan ovvjament għamilnieh għall-protezzjoni kemm tal-poplu Malti kif ukoll tal-poplu Għawdxi. Konna nafu wkoll li għandna madwar 3,000 persuna li riedu jaqsmu kuljum lejn Malta u, għaldaqstant, biex ma joqogħdux jgħaddu minn dan l-iscreening ta' kuljum filgħodu u filgħaxija ħriġna *easy pass* għalihom biex jippreżentawh hekk kif ikunu se jitilgħu l-vapur u jevitaw l-i*screening*. Dan ovvjament għaliex ir-raġuni tagħhom kienet dik ta' xogħol.

IĊ-CHAIRPERSON: Jevitaw l-i*screening* biex jaqsmu jew jevitaw l-i*screening* tat-temperatura?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Għandek raġun, ridt ngħid li jevitaw l-i*screening* f'dak li għandu x'jaqsam mal-*essential* jew man-*non-essential travel*. Dawn xorta kienu u għadhom soġġetti għall-i*screening* tat-temperatura u tas-sintomi relatati mal-COVID-19. Dak għadu fis-seħħ u jridu jgħaddu minnu xorta, imma f'dak li għandu x'jaqsam mar-raġuni tat-traġitt tagħhom qegħdin jiġu eżentati għaliex nafu għalfejn qed jaqsmu bejn il-gżejjer. Matul dan iż-żmien kollu konna qegħdin naħdmu mal-awtoritajiet tas-saħħa kif ukoll mal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex sabiex nassiguraw li l-isptar ikun attrezzat u jkollu s-sodod meħtieġa. Konna qegħdin naraw kif stajna naraw f'dan il-Kumitat numru ta' proġezzjonijiet ta' kemm ikun hemm bżonn sodod *at any one point in time,* skont l-*infection ratio*, eċċ., u għaldaqstant, kif ġara f'Malta, operazzjonijiet li mhumiex ta' urġenza riedu jiġu posposti sabiex dawk is-sodod setgħu jittieħdu għall-pazjenti tal-COVID-19.

Ridna wkoll noħorġu lill-anzjani mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u dan ridnieh għal żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni hija biex nevitaw milli jkollna anzjani fl-istess bini fejn se jkun hemm pazjenti bil-COVID-19 u t-tieni raġuni, hi li permezz ta' din il-*move* stajna nilliberaw madwar 80 sodda sabiex ikollna l-COVID-19 *beds* ippreparati bil-lesti. Illum il-ġurnata għandna 'il fuq minn 120 sodda ppreparati bil-lest għall-pazjenti tal-COVID-19 li jistgħu jilqgħuhom *at one go*. Apparti dawn għandna aktar minn 20 sodda li huma tal-ITU bil-*ventilators*. Fl-aħħar jiem tħabar li waslu aktar *ventilators* lejn Għawdex. Fid-29 ta' April kellna l-aħbar għal ftit jiem li ma kellniex aktar każijiet attivi f'Għawdex, però fil-ġranet sussegwenti, jekk m'iniex sejjer żball, kellna każ wieħed jew tnejn li preżentement huma attivi.

Dan huwa l-proċess kollu li ħadna matul dawn l-aħħar xahrejn, li kienu *a rough ride*, u żgur ma kenitx xi ħaġa faċli imma nemmen li l-poplu kollu jemmen li l-Gvern mexa b'mod tajjeb f'dawn is-sitwazzjonijiet bla preċedent u ta' emerġenza. Il-poplu jemmen li anke l-Membri Parlamentari tagħna, il-Ministri u kulħadd ikkollabora sabiex kemm jista' jkun ikollna l-aħjar riżultati. Jidher li għandna riżultati tajbin, jiġifieri kellna numru ta' ċertifikati anke mill-World Health Organisation, li rrikonoxxiet l-isforzi li għamlet Malta kif ukoll il-mod li bih indirizzajna din il-pandemija. Issa rridu nħarsu u diġà qegħdin inħarsu għall-*post-COVID-19 scenario,* u kollox jiddependi mid-direzzjonijiet tal-awtoritajiet tas-saħħa, però jiddependi minna wkoll, mill-poplu kollu, sabiex inkomplu nsegwu l-istruzzjonijiet ħalli, jekk Alla jrid, fi ftit tal-ġimgħat oħra, jekk l-affarijiet ikomplu sejrin fit-triq it-tajba, ikollna *lifting* b'mod ikkalkolat ta' ċerti miżuri. Għandek ukoll il-ħidma tagħna sabiex, kif kien qed jgħid tajjeb l-Onor. Kevin Cutajar, nibdew nattiraw turiżmu intern. Nemmen li hemmhekk hemm potenzjal imma wieħed irid iħares lejha b'mod ikkalkolat, b'mod gradwali u skont kif ikunu qegħdin jiżvolġu s-sitwazzjonijiet ta' madwarna. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Ippermettili nifraħlek għall-ħidma li qed titwettaq sabiex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni u, kf għedt tajjeb inti, Għawdex kiseb riżultati tajbin u naħseb xieraq li nirringrazzjaw lill-pubbliku inġenerali u lill-poplu Għawdxi tal-koperazzjoni sħiħa li qed juri mal-awtoritajiet. Żgur li bħala Kumitat se nkunu qed ngħinuk sabiex tifformola l-*way forward* wara din il-kriżi.

Nixtieq nifraħlek ukoll - xi ħaġa li ma semmejtx imma naħseb hija importanti ħafna - tal-inizjattiva ta' tqassim ta' maskri għall-ħaddiema Għawdxin. U naħseb li jekk lil dan il-Kumitat tfornieh ukoll b'maskra kull wieħed inkunu nistgħu ngħinuk sabiex ninkoraġġixxu aktar nies

jużawhom. Sfortunatament għadek tara nies, anke fuq il-vapur, li minkejja l-istruzzjonijiet li qed ningħataw, jibqgħu ma jużawx il-maskri. Allura aħna għandna nkunu minn tal-ewwel biex nagħtu l-eżempju għax, kif jgħid il-Malti, l-eżempju jkaxkar. Però żgur li għandna nkomplu għaddejjin b'inizjattivi ulterjuri minn dawk li qegħdin isiru f'Malta għax, kif għedna l-ġimgħa l-oħra, Għawdex huwa aktar *contained* bħala spazju u allura wieħed irid joqgħod aktar attent u jrid ikun aktar kawt. Forsi jista' jkun hemm eżerċizzju aktar wiesa' ta' tindif u ta' diżinfettar fil-lokalitajiet tagħna, speċjalment fil-*weekend*, issa li nfetaħ it-traġitt bejn il-gżejjer u allura, għalkemm in-numri għadhom konservattivi, xorta rajna rdoppjar fl-ivvjaġġar u allura wieħed irid jintensifika aktar il-ħidma tiegħu f'dan ir-rigward.

ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali): Nixtieq nistaqsi lill-Ministru jekk sarx xi pjan mill-Gozo Channel dwar il-*post*-COVID-19 għal jekk kemm 'il darba jkollna xi mewġa oħra ta' din il-pandemija. Qed jiġi mħejji pjan fl-eventwalità li terġa' titfaċċa din il-pandemija?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Kif kont qed nispjega aktar qabel, bħalissa qegħdin naħdmu b'żewġ vapuri minħabba li li t-traffiku huwa wieħed minimu. Ir-raba' vapur, jiġifieri n-Nikolaus, mar lura l-Greċja għal perjodu ta' 60 ġurnata. Ovvjament qegħdin naraw kif se tiżvolġi l-biċċa matul iż-żmien; jekk naraw li se jkollna bżonn li l-vapur jiġi lura, allura nġibuh imma jekk naraw li mhux se jkun hemm bżonnu għalissa nerġgħu nġeddu għal 60 ġurnata oħra sabiex sadanittant inkomplu nevalwaw is-sitwazzjoni.

Jekk ikollna t-tieni mewġa nistgħu ngħidu li tgħallimna ċerti affarijiet mill-ewwel mewġa, jiġifieri se nżommu l-ħasil regolari, il-fumigazzjoni meħtieġa u l-is*creening*, però jekk naraw li se jerġa' jkun hemm *wave* oħra, daqs li kellna jew ikbar, bħala Gozo Channel u bħala Gvern ma neskludux li nerġgħu mmorru għall-waqfin tan-*non-essential travel*. Wieħed irid jara kif se jkun miexi ġimgħa ġimgħa. Ix-xewqa ta' kulħadd hi li din il-pandemija tibqa' taħt kontroll u jalla ma niġux iffaċċjati mit-tieni mewġa. Naturalment wieħed irid isib bilanċ bejn il-ħtieġa ekonomika, anke f'Għawdex, u l-ħtieġa tas-saħħa. Ovvjament is-saħħa dejjem se tieħu preċedenza u l-prijorità però jekk l-affarijiet jibqgħu taħt kontroll wieħed jista' jibda jaħseb jistax jinċentiva t-turiżmu intern, speċjament fiż-żmien tas-sajf. Imma kollox jiddependi minn kif se tkun is-sitwazzjoni.

ONOR. ANTON REFALO: Peress li l-Unjoni Ewropea tagħti prijorità li jintużaw bħala *passageways* l-ibħra tagħna, hemm xi pjan, minħabba dan it-telf tal-Gozo Channel, li jkun hemm xi forma ta' appell, xi forma ta' petizzjoni lill-Kummissjoni Ewropea biex, minħabba dan it-telf li qiegħda ssofri l-Gozo Channel minħabba l-i*state aid*, ikun hemm xi forma ta' għajnuna in vista tal-fatt li l-Kummissjoni u l-Unjoni Ewropea dejjem tiffavorixxi li jkun hemm vjaġġar bil-baħar. Hemm xi pjan li ssir talba simili lill-Unjoni Ewropea in vista tal-fatt li kważi kull settur għamel it-talba tiegħu?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Il-Gozo Channel diġà għamlet it-talba tagħha lill-Gvern għal injezzjoni ta' finanzi għax huwa ovvju li f'dawn il-ġranet mhux qed ikollha profitti u kif spjega tajjeb iċ-Chairperson tal-Gozo Channel stess, ir-*revenue* naqas b'€1.2 miljun fix-xahar ta' April. Għaldaqstant żgur li hemm bżonn ta' għajnuna diretta għal din il-kumpanija, aktar u aktar għall-fatt li, kif spjegaw sħabi f'dan il-Kumitat, din mhijiex kumpanija normali imma hija kumpanija li toffri servizz lill-poplu Għawdxi u lill-poplu Malti u hija l-lifeline bejn iż-żewġ gżejjer. Rigward l-għajnuna mill-Unjoni Ewropea se nkun qed inkellem liċ-*Chairperson* b'mod dirett ħalli apparti l-għajnuna finanzjarja li hemm bżonn li tingħata lill-kumpanija mill-Gvern lokali, naraw nistgħux inkunu eliġibbli għal xi *grants* min-naħa tal-Unjoni Ewropea sabiex ipattu għal dan il-perjodu negattiv.

ONOR. ANTON REFALO: Jien qed nirreferi għad-*de minimis rule*, għall-fatt li issa li l-Unjoni Ewroepa estendiet it-talba tad-*de minimis* u għollietha anke fir-rigward tas-settur tiegħi u ċjoè dak tal-biedja u s-sajd, huwiex possibbli li jsir l-istess fil-każ tal-Gozo Channel biex tagħti nifs importanti u jkollok id-*de minimis rule* biex b'hekk il-Gvern ikun jista' jagħti għajnuna lill-kumpanija.

IĊ-CHAIRPERSON: Onorevoli, għall-informazzjoni tiegħek, bħala Kumitat se nkunu qegħdiin ngħinu lill-Ministru sabiex insaħħu l-pożizzjoni tiegħu biex ikun jista' jagħmel dawn it-talbiet għax inti għandek l-esperjenza, bħalma għandi jien, li fejn tidħol il-Gozo Channel dawn it-tip ta' talbiet kultant jirriskontraw reżistenza

enormi u allura se nkunu qegħdin ngħinu fil-kontest tal-esperjenza li għandek inti diġà fis-settur tiegħek u tkun tista' tagħti l-*input* tiegħek biex inkunu nsitgħu nifformolaw din l-opinjoni.

ONOR. ANTON REFALO: Jien nissuġġerixxi li d-darba li ġejja naraw li jkun preżenti l-Ministru għat-Trasport biex nindirizzaw din il-problema kbira tal-Gozo Channel. Naħseb li kulħadd jaqbel fuqha din.

IĊ-CHAIRPERSON: Li nissuġġerixxi huwa li nifformolaw it-talba tagħna, flimkien mal-Ministru, u nkunu *in sync* mal-pjan u mat-talbiet li diġà saru ħalli mbagħad inkunu nistgħu nimxu minn hemm. Irridu nifformolaw it-test tat-talba tagħna.

ONOR. ANTON REFALO: Irid ikollna l-esperti magħna, bħas-Sur Paul Zahra, minħabba l-i*state aid* ...

IĊ-CHAIRPERSON: Naqbel perfettament però - inti taf aktar minni - qabel ma nagħmlu dawk id-diskussjonijiet irridu nifformolaw it-talba. Naħseb li l-Onor. Said u l-Onor. Cutajar jistgħu jagħtu l-*input* tagħhom ukoll. Din hija xi ħaġa li rridu nagħtu l-*input* tagħna lkoll biex nifformolaw dokument li jkun jista' jiġi diskuss.

ONOR. CHRIS SAID: Kollegi, xħin kien hemm id-diskussjoni fuq il-Gozo Channel donnu konna qegħdin naqblu li biex ikun hemm saħħa fit-talba u fl-appelli li qed nagħmlu, għandha ssir talba formali li f'dan il-Kumitat, fil-laqgħa tal-lum, kien hemm qbil li l-Gvern għandu jikkonsidra kull mezz possibbli sabiex jagħti s-sostenn tiegħu lill-Gozo Channel f'dan il-perjodu partikolari minħabba r-raġunijiet li din mhijiex kumpanija normali imma għandha obbligi soċjali għax hija l-*life link* ta' Għawdex u tal-Għawdxin. Allura naħseb li rridu naqblu fuq din u mbagħad, bħala pass *oltre,* biex inkomplu nagħmlu l-pożizzjoni tagħna aktar ċara, jekk ikun hemm bżonn, wara li tintbagħat din it-talba, nitolbu li jiġu hawnhekk il-nies li jridu jagħtu l-*go ahead* tagħhom għal din it-talba.

IĊ-CHAIRPERSON: Hekk hu, però naħseb li l-punt tat-tluq irid ikun li aħna jkollna pożizzjoni li tiġi fformolata ħalli tkun tista' tiġi ppreżentata u tkun tista' tiġi diskussa.

ONOR. CHRIS SAID: Li qbilna fuqha b'mod unanimu f'dan il-Kumitat.

IĊ-CHAIRPERSON: Qbilna fuqha u tista' tiġi *minuted* ukoll għal-laqgħat li jmiss. Hawn aktar mistoqsijiet? Il-vantaġġ li għandna l-Ministru Membru ta' dan il-Kumitat hu li nistgħu nagħmlulu l-mistoqsijiet meta rridu. Jiġifieri jekk ma neżawrixxux il-mistoqsijiet illum nistgħu nipposponu għal darb'oħra. U allura nistedinkom tkunu konċiżi għax il-ħin hu dak li hu u fadlilna xi punti oħra x'niddiskutu.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Ministru, l-ewwel nett ningħaqad mal-kollegi tiegħi u nirringrazzjak tal-ħidma kollha li qed twettaq inti u l-Ministeru tiegħek f'dan il-mument xejn faċli. Min-naħa tiegħi se nagħmillek xi ftit tal-mistoqsijiet fuq il-preżentazzjoni li għadek kemm għamiltilna. Inti għedtilna, anke waqt il-preżentazzjoni tas-Sur Cordina, li l-uniku punt tad-dħul f'Għawdex kien dak tal-Gozo Channel. Kif qegħdin tiżguraw li mhux qed ikun hemm dħul ieħor b'mezzi privati f'bajjiet oħra? Issa ħadd ma jieħu pjaċir jitkellem dwar l-osservanza tad-direttivi imma bħalissa din hija xi ħaġa bżonjuża u trid issir bilfors. Allura min jaqsam permezz tal-Gozo Channel u ma jikkollaborax jew juri nuqqas ta' kollaborazzjoni, x'qed isir f'dak ir-rigward?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Rigward il-*point of entry* li tkun biss mill-Gozo Channel għamilnieha meta għamilna l-obbligazzjoni mandatorja, anke permezz ta' avviż legali, li *non-essential travel* bejn il-gżejjer ma kienx permess. Rigward entraturi oħra permezz ta' dgħajjes f'portijiet f'Għawdex, dak kient qed jiġi regolat min-naħa ta' Transport Malta li hija l-awtorità li tirregola l-portijiet u, jekk m'iniex sejjer żball kellhom ukoll l-għajnuna min-naħa tal-AFM.

Rigward il-mistoqsija l-oħra dwar min ma jikkollaborax, mill-aħħar informazzjoni li kelli, dik ta' ġimgħa ilu, kien hemm madwar 100 persuna li ma tħallewx jirkbu minħabba li m'għaddewx mill-i*screening* tat-temperatura u tas-sintomi tal-COVID-19. Dan ma jfissirx li kellna 100 persuna infettati li ma tħallewx jirkbu. Xejn minn dan. Kien hemm 100 persuna li m'għaddewx waqt l-i*screening*. Issa jista' jkun għax kellhom it-temperatura għolja u jista' jkun għax kellhom xi tip ta' sintomu li huwa relatat mal-COVID-19. U ma jfissirx li għax kellhom xi sintomu bilfors kellhom il-virus. Meta daħlet id-direttiva tan-*non-essential travel,* ried ikollok raġuni valida biex taqsam bejn il-gżejjer. Mill-aħħar informazzjoni li għandi kien hemm

madwar 660 vettura li ma tħallewx jitilgħu abbord il-vapuri.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Semmejt numru ta' miżuri li ħa l-Ministeru tiegħek b'kollaborazzjoni ma' Ministeri oħrajn, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-qasam tas-saħħa, u semmejt xi miżuri fir-rigward tal-Gozo Channel. Ministru, qiegħed f'pożizzjoni li tgħid, bejn wieħed u ieħor, kemm ġew jiswew dawn il-miżuri?

ONOR. CLINT CAMILLERI: *Offhand* m'għandix ċifri però kull miżura, kif nafu, tiġi tiswa l-flus. Kellna nieħdu deċiżjonijiet fi żmien qasir ħafna, però f'perjodu bħal dan is-saħħa tiġi l-ewwel u qabel kollox. Meta tkun magħfus minħabba ċ-ċirkostanzi, u t-*top priority* tiegħek tkun is-saħħa tal-poplu, inti trid tieħu deċiżjonijiet spediti, deċiżjonijiet bil-għaqal imma spediti, sabiex tittieħed azzjoni f'waqtha, kif għamilna proprju matul dawn l-aħħar xahrejn.

IĊ-CHAIRPERSON: L-informazzjoni forsi tkun tista' tingħata aktar 'il quddiem.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Kif semmejt inti, il-Ministeru tiegħek kien qed jikkollabora ma' diversi setturi, anke setturi li ma jaqgħux direttament taħt il-Ministeru tiegħek, bħalma hi s-saħħa. Rigward setturi oħra, mhux biss għalissa imma anke *going forward,* jiġuni f'moħħi s-settur tal-edukazzjoni, is-settur tal-proprjetà f'Għawdex li kif nafu huwa settur b'saħħtu, kif ukoll is-settur tal-biedja u s-sajd f'Għawdex. Bħala Ministeru bdejtu tħarsu lejn dawn is-setturi anke mill-perspettiva tal-*post*-COVID-19, jiġifieri kif se jintlaqtu l-ewwel nett issa fil-preżent imma anke kif jistgħu jintlaqtu aktar 'il quddiem u kif wieħed jista' jilqa' għalihom? Kultant l-impressjoni li nieħu hi li qed niffokaw ħafna fuq it-turiżmu, u sew nagħmlu li niffokaw fuq it-turiżmu għax dan jifforma parti kruċjali mill-ekonomija tagħna, imma hemm dawn is-setturi l-oħra li jaffettwaw ukoll l-għajxien ta' ħafna Għawdxin.

ONOR. CLINT CAMILLERI: Iva, qegħdin naraw kif nistgħu ngħinu mhux biss mill-Ministeru għal Għawdex b'mod dirett imma anke fuq livell nazzjonali lid-diversi setturi li għadek kif semmejt. Bħalissa jidher ċar li apparti s-settur turistiku, wieħed irid jgħin lil diversi setturi oħra li ġew milquta u aħna qegħdin nikkonsidraw kollox. Ovvjament, bħala Ministeru għal Għawdex, se nkunu qegħdin inressqu l-proposti tagħna lill-Gvern inġenerali, però qabel nagħmlu dan se nkunu qegħdin nitkellmu, bħalma qegħdin nagħmlu, ma' diversi assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw ħafna minn dawn is-setturi, fosthom il-Gozo Tourism Authority u l-Gozo Business Chamber li jiġbru fihom ħafna min dawn is-setturi, sabiex jagħtuna l-proposti tagħhom u aħna nkunu nistgħu naħdmu fuqhom.

ONOR. CHRIS SAID: Ministru, jinteressani ħafna xi preparamenti qed isiru biex noħorġu minn din is-sitwazzjoni ħalli meta nagħmlu hekk inkunu ppreparati u nitilqu niġru. Sfortunatament, għandek sitwazzjoni li hija inkwetanti u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar se tkun qed tolqot nies. Il-Ministeru, apparti dak li semmejtilna, waqqaf xi kumitat apposta biex jaħdem fuq din is-sitwazzjoni? U jekk iva, min huma n-nies li qegħdin f'dan il-kumitat? Aħna nemmnu li għandu jkun hemm struttura f'din is-sitwazzjoni partikolari u straordinarja li tkun qed tipprepara l-affarijiet. Issa jekk tistaqsini għal meta, ngħidlek li ma nafux meta imma li jkun hemm il-preparazzjoni għaddejja l-ħin kollu, fl-opinjoni tagħna, hija importanti ħafna. Nerġa' intenni li l-Oppożizzjoni lesta li tkompli tagħti s-sehem tagħha b'kull mezz f'din is-sitwazzjoni. Ovvjament hawnhekk qed nitkellmu fl-ambitu ta' Għawdex. Hemm xi kumitat li waqqaft inti li qed jaħdem fuq din is-sitwazzjoni u min huma l-membri li qegħdin f'dan il-kumitat?

L-aħħar mistoqsija; illum kien hemm aħbar li f'April il-Jobsplus irċeviet 9,000 terminazzjoni ta' impjieg. Taf kemm minnhom kienu f'Għawdex? Qed iżżomm għajnejk fuq x'qed jiġri fis-suq tax-xogħol f'Għawdex? Qed iżżomm jekk hux qed ikun hemm terminazzjonijiet ta' impjiegi li għandhom jinkwetawna jew inkella jekk is-sitwazzjoni hijiex waħda normali?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Preżentement ma ħtart l-ebda kumitat b'mod uffiċjali biex jaħdem fuq il-*post*-COVID-19 imma qegħdin naħdmu mill-uffiċċju tiegħi flimkien mal-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti u bl-għajnuna tas-Sur Gordon Cordina sabiex nevalwaw is-sitwazzjoni preżenti, u flimkien ma' dawn il-persuni li semmejt ltqajna ma l-GTA u mal-Gozo Business Chamber, ħriġna b'numru ta' proposti li ġew identifikati min-naħa tagħhom fuq dak li jista' jsir jew ma jsirx. Ovvjament aħna qegħdin naħdmu fuqhom. Imma ma neskludix li jkun hemm kumitat apposta u li fih ikun hemm ukoll il-leħen tal-Oppożizzjoni għax fl-aħħar mill-

aħħar qegħdin naħdmu għal għan wieħed. Qabel wieħed iressaq il-proposti naraw li jkunu skrutinati b'mod tajjeb u jkunu jagħmlu sens, però apparti milli jkollna dawn il-proposti, wieħed irid ikun jaf meta għandu jattwahom, u għaldaqstant qegħdin nużaw dan iż-żmien biex ikollna numru ta' miri li wieħed irid jilħaq. Imbagħad, skont is-sitwazzjoni, wieħed jibda waħda wara l-oħra sabiex jerġa' jdawwar l-ekonomija Għawdxija.

ONOR. CHRIS SAID: Ministru, nappellalek biex ma jinħeliex żmien. Veru li m'hemmx data meta jistgħu jidħlu fis-seħħ imma aktar ma jkun hemm konsultazzjoni wiesgħa mas-setturi kollha f'Għawdex, meta mbagħad iddaħħal fis-seħħ dawk id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu aktar ikunu aċċettati minn kulħadd malajr. L-appell tiegħi hu li taħseb biex ikollok din l-istruttura ħalli tgħinek tevalwa s-sitwazzjoni, imma aktar importanti milli tevalwa s-sitwazzjoni, sabiex toħroġ bi proposti ċari ta' x'għandu jsir biex meta noħorġu minn din is-sitwazzjoni, inkunu nistgħu nitilqu niġru u jegħrqu l-inqas nies possibbli.

ONOR. CLINT CAMILLERI: M'għandix oġġezzjoni, anzi nilqa' dan is-suġġeriment bħalma nagħmel ħafna drabi meta nitkellem mhux biss ma' sħabi imma anke miegħek bħala Oppożizzjoni. Issa nistgħu jew niddiskutu hawnhekk f'dan il-Kumitat numru ta' proposti li wieħed għandu jikkonsidra sabiex jiġu attwati jew inkella, jekk naħsbu li forsi jkun aħjar li l-ewwel naħdmu fuq il-proposti anke permezz tal-pariri mill-aspett tekniku, ekonomiku, eċċ., nistgħu nagħmlu hekk ukoll u mbagħad inkun nista' nippreżentahom hawnhekk sabiex wieħed ikun jista' jiddiskutihom. Ovvjament bla ma nkunu qegħdin norbtu idejn l-Eżekuttiv.

IĊ-CHAIRPERSON: L-ewwel nett naħseb li l-iskop li f'dan il-Kumitat qegħdin niddiskutu din it-tema huwa biex ikun hemm lok ta' diskussjoni ħalli eventwalment jiġi fformolat rapport li għandu jkun miexi paripassu ma' ħidma oħra li tkun għaddejja biex ma jsirx dupplikazzjoni ta' xogħol. Issa jiena ġejt informata li t-Tlieta u l-Erbgħa tal-ġimgħa d-dieħla mhux se jkun possibbli li jsiru laqgħat tal-Kumitat. Għaldaqstant qiegħda nissuġġerixxi li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn li ġej fl-4.30 p.m. Hemm problema b'din il-ġurnata? (Onor. Membri: Le) Mela nistgħu nikkonfermaw li l-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn li ġej fl-4.30 p.m.

Fil-frattemp għandna diversi talbiet għal laqgħat oħra, fosthom mill-NGOs Association u mill-OASI. Għalhekk nissuġġerixxi li, sakemm nifformolaw id-dokument li rridu nressqu fir-rigward tal-Gozo Channel, nistgħu nużaw il-laqgħa li jmiss sabiex niltaqgħu proprju mal-NGOs Association, mal-Fondazzjoni OASI u mal-Mental Health Association Gozo biex niddiskutu l-impatt tal-COVID-19 mill-aspett soċjali. Imbagħad, eventwlament, nilħqu nifformolaw dan id-dokument ħalli fil-laqgħa ta' wara nkunu nistgħu niltaqgħu mal-entitajiet ikkonċernati f'din l-*issue*. Infakkar li l-*email address* ta' dan il-Kumitat huwa gozo-affairs.committee@parlament.mt biex il-pubbliku jkun jista' jibgħat is-suġġerimenti tiegħu. Fil-fatt diġà għandna xi suġġerimenti oħra. Nerġa' nfakkar li dan il-Kumitat irid ifassal il-pjan ta' ħidma. Is-suġġerimenti tal-Oppożizzjoni diġà daħlu imma jonqos is-suġġerimenti min-naħa tal-Gvern biex imbagħad inkunu nistgħu nifformolaw il-pjan ta' ħidma.

ONOR. CHRIS SAID: Jiġifieri qegħdin naqblu li bħalissa nkomplu għaddejjin fuq dan is-suġġett għax ovvjament huwa suġġett topiku u importanti.

IĊ-CHAIRPERSON: Huwa pjuttost wiesa', jiġifieri konna qegħdin nitkellmu fuq is-suġġett tal-edukazzjoni li kif nafu huwa suġġett vast ħafna.

ONOR. CHRIS SAID: Fil-fatt, il-kollega tiegħi l-Onor. Kevin Cutajar, ġibidli l-attenzjoni li l-edukazzjoni f'din is-sitwazzjoni partikolari għandha tkun waħda mill-affarijiet li niddiskutu.

IĊ-CHAIRPERSON: Naqblu.

ONOR. CHRIS SAID: Naqblu wkoll li fil-frattemp, filwaqt li qegħdin niddiskutu din il-materja, inkunu qegħdin naħdmu fuq pjan ta' ħidma fuq numru ta' xhur. Kif għedt inti, aħna l-proposti tagħna bgħatniehom.

IĊ-CHAIRPERSON: Nirringrazzjakom.

ONOR. CHRIS SAID: Issa nistennew lin-naħa tal-Gvern sabiex jibagħtu tagħhom. Il-probabilità hi li jkun hemm affarijiet li jikkombaċċjaw.

IĊ-CHAIRPERSON: Jalla jkun hekk ħalli nkunu nistgħu naħdmu aktar …

ONOR. CHRIS SAID: Naqblu wkoll li jekk aħna u għaddejjin bil-ħidma tagħna tinqala' xi ħaġa li tkun ta' materja urġenti, għandna nissospendu l-pjan ta' ħidma u niddisktuu dik il-materja li tkun tolqot lil Għawdex.

IĊ-CHAIRPERSON: *By all means*. Għandna l-vantaġġ li għandna komunikazzjoni miftuħa bejnietna u rrid ngħid li hija komunikazzjoni eċċellenti u allura m'għandu jkun hemm l-ebda diffikultà. Qbilna li s-suġġett tal-mument, li huwa urġenti, huwa dan li qed niddiskutu bħalissa u allura kemm jista' jkun rridu neżawrixxuh.

Ma fadalli xejn aktar xi ngħidilkom ħlief li naġġornaw għal nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju 2020, fl-4.30 p.m. fejn ser ikompli jiġi diskuss l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Nirringrazzjakom.

Fis-6.58 p.m. il-Kumitat aġġorna.

12.3 Appendiči 3

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 3
It-Tnejn, 18 ta' Mejju 2020

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 3
It-Tnejn, 18 ta' Mejju 2020

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-4.45 p.m.

MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 2, li saret fit-12 ta' Mejju 2020, ġew ikkonfermati.

INTRODUZZJONI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Justyne Caruana): Nilqagħkom għat-tielet laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex. Qabel nibdew id-diskussjoni tal-lum nilqa' lil kull min qiegħed isegwina, kemm fuq is-sit elettroniku tal-Parlament kif ukoll dawk li se jkunu qegħdin isegwuna matul ix-xandiriet fuq l-istazzjon televisiv tal-Parlament. Nieħu l-opportunità sabiex infakkar lil dawk kollha li se jkunu qegħdin jipparteċipaw f'din il-laqgħa li dawn huma xandiriet pubbliċi u li allura dak li se jingħad se jkun imxandar kif indikajt aktar qabel. U allura sakemm l-individwu ma jurix ix-xewqa li l-intervent tiegħu ma jixxandarx, l-interventi se jiġu mxandra.

Issa se nagħmel żewġ punti ta' malajr fuq affarijiet li ġew diskussi preċedentement. Fl-aħħar laqgħa kellna l-intervent tas-Sur Joe Cordina, Chairperson tal-Gozo Channel, u kif qbilna bħala Kumitat, għandna nifformolaw ittra sabiex tkun tista' tinbagħat lill-awtoritajiet konċernati ħalli nkunu nistgħu niddefendu l-interessi tal-Gozo Channel. Ikkomunikajt mas-Sur Joe Cordina sabiex jgħaddilna l-informazzjoni meħtieġa u appena tasal għandi din l-informazzjoni, inkunu nistgħu nifformolaw din l-ittra bi qbil bejnietna.

Punt ieħor huwa dwar il-formolazzjoni tal-pjan ta' ħidma. Il-Membri tal-Oppożizzjoni għaddewlna l-lista tas-suġġetti u issa qed nistenna l-lista min-naħa tal-Gvern ħalli mbagħad inkunu nistgħu nifformolaw il-pjan ta' ħidma.

L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ GĦAWDEX U T-TRIQ 'IL QUDDIEM (KONT.)

IĊ-CHAIRPERSON: Issa nistgħu nibdew bl-ewwel intervent tal-lum u għalhekk nistieden lis-Sur Noel Xerri Chief Executive tal-Fondazzjoni OASI. Sur Xerri, nirringrazzjak talli lqajt l-istedina tagħna. L-item fuq l-aġenda huwa l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Ċertament li s-settur soċjali huwa komponent importanti ħafna ta' din id-diskussjoni li qegħdin inwettqu. Għaldaqstant nistiednek sabiex tressaq l-intervent tiegħek u mbagħad wara nkunu nistgħu nagħmlulek xi mistoqsijiet.

IS-SUR NOEL XERRI (Chief Executive tal-Fondazzjoni OASI): Sinjura President, nirringrazzjak tal-istedina. Biex nagħti stampa tal-effett tal-COVID-19 fuq is-settur soċjali, b'mod partikolari fil-qasam li naħdem fih jien, xtaqt l-ewwel nagħti stampa tax-xogħol li nagħmlu aħna biex kemm jista' jkun inkun nista' nwassal l-argument tiegħi. Il-Fondazzjoni OASI fl-2019 kellha 'l fuq minn 200 kuntatt ma' persuni li talbu l-għajnuna marbuta ma' problemi relatati mal-*addiction*. Kien hemm 'il fuq minn 400 persuna li bbenefikaw mis-servizzi tal-Fondazzjoni u kien hemm 'il fuq minn 3,000 siegħa ta' xogħol dirett fuq każijiet relatati ma' problemi ta' *addiction*. Kien hemm ukoll 'il fuq minn 3,000 siegħa ta' xogħol ta' prevenzjoni.

Meta nħarsu lejn l-istampa tal-każijiet li kellna, b'mod speċjali lejn dawk relatati mal-abbuż tad-droga u l-alkoħol, naraw li l-maġġoranza tal-każijiet, 'il fuq minn 45%, kienu bi problemi ta' kokaina. U għaliex qed nsemmi dan? Sa ħames jew għaxar snin ilu l-problema tal-eroina kienet tispikka imma llum ġejna bil-maqlub għax hija l-kokaina li saret problema kbira! Fil-fatt jekk tħarsu lejn l-is*lide* ta' wara taraw li nofs il-persuni li għamlu kuntatt magħna fl-2019 kellhom edukazzjoni sekondarja, filwaqt li l-kumplament kellhom edukazzjoni post-sekondarja. Fil-fatt 16% attendew l-Università u għandhom korsijiet mill-Università! Jiġifieri meta tħares lejn l-istampa kollha - l-abbuż tad-droga u l-abbuż tal-alkoħol imorru ħafna flimkien – tibda tistaqsi fejn se mmorru b'dawn is-sitwazzjonijiet. Jekk jien inħares daqsxejn lejn l-impatt tal-COVID-19 fuq dawn il-problemi, naturalment għandek l-aspett tal-*social distancing* u allura, bla ma trid, dawk

il-kuntatti li qabel kienu qed isiru wiċċ imb'wiċċ ... Aħna nemmnu li anke fit-terapija, altru qed tiltaqa' ma' bniedem wiċċ imb'wiċċ u altru qed tagħmel komunikazzjoni miegħu *online*. Jiġifieri dak il-kuntatt mal-persuna naqas.

Ngħaddi lill-Kumitat din il-preżentazzjoni u d-dokument li semmejt:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*OASI Foundation: Addiction in Gozo & COVID-19 Impact*"; u
>
> Dokument intitolati "*Proposal: Detoxification Processes in Gozo"*.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Tista' tispjegalna kif qegħdin tagħmlu kuntatt magħhom bħalissa? Qegħdin tagħmlu *sessions online* jew *bit-telephone?*

IS-SUR NOEL XERRI: Bħalissa qegħdin nużaw ħafna l-*video conferencing* u t- *telephone,* però l-effett tiegħu mhuwiex l-istess bħal meta inti tiltaqa' ma' bniedem wiċċ imb'wiċċ. L-effett huwa differenti. Xorta għaddejjin u qegħdin nagħmlu gruppi ta' terapija permezz tal-*internet,* permezz tal-*video conferencing*. Però l-effett naqas. L-impatt ta' dak l-intervent mhuwiex daqshekk b'saħħtu. L-istess ħaġa fir-rigward tal-*admissions* li jkollna. Bħala Fondazzjoni noffru s-servizz residenzjali għal dawk il-persuni li għandhom problemi ta' *addiction,* li l-maġġoranza tagħhom ġejjin minn Malta. Minn kemm ilha li bdiet din il-pandemija kull ma għadna rnexxielna ndaħħlu hija persuna waħda biss, sakemm irnexxielna nsibu modi kif inkunu nistgħu noffru servizzi ta' *detoxification* kif ukoll ta' kwarantina.

Biex persuni jibdew programm ta' terapija ta' riabilitazzjoni, l-ewwel ikollhom bżonn jiġu ditossifikati u mbagħad iridu jgħaddu minn proċess ta' kwarantina biex il-persuni li jkunu fir-residenza jkunu siguri. Fil-fatt bħalissa għandna żewġ persuni li huma medikament vulnerabbli taħt il-kriterji tad-Dipartiment tas-Saħħa u allura ridna nsibu dawn is-servizzi. Għall-grazzja ta' Alla sibna l-għajnuna kemm min-naħa tal-Gvern kif ukoll min-naħa tal-FSWS u rnexxielna nibdew nagħmlu użu minn Dar Padova, li ġiet konvertita f'post ta' kwarantina, u qed toffri wkoll servizz għall-Maltin. Però jibqa' l-fatt li minħabba l-impatt tal-COVID-19 l-anzjetajiet żdiedu, kemm minħabba nuqqas ta' servizzi għax is-servizzi bla ma rridu naqsu, u kemm minħabba dak li qed jiġri fis-soċjetà b'mod inġenerali. Fil-fatt rajna persuni li kienu għaddejjin mit-terapija li kellhom *relapse*! Mhumiex ħafna però kien hemm każijiet minn dawn u l-pandemija affettwathom b'dan il-mod.

Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-ħaddiema tagħna għaliex huma kommessi u qed jagħmlu sforz kbir minkejja li jafu bid-diffikultajiet li jeżistu. Kellna sitwazzjonijiet fejn dawk li kienu qegħdin jagħmlu servizz fuq *part-time basis* kellna nwaqqfuhom. Dawn għandhom ix-xogħol primarju tagħhom imma kienu jagħtuna l-għajnuna tagħhom b'mod *part-time*. Dawn kellna nwaqqfuhom għax kien se jkun ta' detriment għall-persuni li qegħdin jagħmlu programm residenzjali. Fl-istess ħin il-ħaddiema li kienu *full-time* issa qegħdin jaħdmu bix-*shift* u naturalment din hija xi ħaġa impenjattiva ħafna għalihom. Minn hawn nerġa' nirringrazzjahom tax-xogħol tagħhom.

Fir-rigward tal-organizzazzjoni rrid ngħid li aħna bħala OASI għandna PSP mal-Gvern u dan il-PSP huwa marbut ma' ċerti *targets,* li kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa, naħseb li se jkun diffiċli li nlaħħqu dawn it-targets. Nispera li l-impatt finanzjarju ma jkunx daqshekk qawwi.

IĊ-CHAIRPERSON: Ir-*referrals* jiġu mill-entitajiet ċentrali tal-Gvern hux hekk?

IS-SUR NOEL XERRI: Ir-*referrals* jiġu minn kullimkien. Kull min ikollu bżonn programm residenzjali, jekk hu Malti jew Għawdxi, għandu dritt li jidħol. Idealment jiġu riferuti mill-Gvern però fil-każijiet li ma jiġux riferuti mill-Gvern aħna ngħaddu ċerta informazzjoni, b'mod konfidenzjali ħafna, lill-Gvern biex għal raġunijiet ta' *audit* joffri s-servizz. Din inkwantu tar-*referrals*. Però r-*referrals* huma diffiċli li jiġu, anke bħalissa għax il-programmi residenzjali marbuta mal-problema tad-droga bħalissa jinsabu kollha magħluqin. Naħseb aħna l-ewwel ċentru li qegħdin niftħu l-bibien u qegħdin nimxu b'ċerta mod biex ikollna *safe admissions*. Ovvjament l-*admissions* iridu jkunu *safe through* il-*criteria* tal-Health Department.

Fir-rigward tal-*addiction* imbagħad kif narawha *vis-à-vis* dak li qiegħed jiġri ma narawx differenzi bejn Malta u Għawdex illum il-ġurnata. Fejn qabel konna ninnotaw ċerta differenzi, illum il-

problemi soċjali li kienu jeżistu Malta jeżistu wkoll f'Għawdex u dan minħabba diversi sitwazzjonijiet. Forsi l-aktar punt kruċjali tagħha hu l-effett tal-komunikazzjoni. Dan jidher ukoll meta inti tħares lejn l-istampa tal-abbuż tad-droga anke f'Malta għax fejn qabel kien ikollok ċerta *areas* li huma lokalizzati u l-persuni li jabbużaw ma jitħalltux, ma joħorġux 'il barra minn dik il-lokalità, illum il-ġurnata f'Malta għandek nies li mis-*south* qegħdin jixtru d-droga min-naħa tan-*north* u bil-maqlub. L-istess ħaġa f'Għawdex. Illum il-ġurnata l-ħaġa saret iktar normalizzata u l-*awareness* jew il-*connections* saru komunissimi. Illum il-ġurnata tara lil dak u tara lil ieħor u jkun faċli tgħid li dak tafu hemm u lil ieħor tafu hemm.

L-istess ħaġa għal dak li għandu x'jaqsam mal-abbuż tal-alkoħol. L-abbuż tal-alkoħol żdied u għalkemm ħafna min-nies li aħna naraw jippreżentaw primarjament problemi ta' kokaina, x'ħin tibda nieżel fil-fond, tibda tinduna li l-problemi jkunu ġejjin aktar mill-alkoħol milli mill-kokaina. Ladarba bniedem iwaqqaf l-abbuż tal-alkoħol, il-problemi tal-kokaina jieqfu. Dik hija xi ħaġa komunissima. Issa l-alkoħol huwa aċċessibbli ħafna, l-istess ħaġa bħall-kokaina imma l-alkoħol huwa droga legali u allura fl-atmosfera tal-*partying* huwa komuni ħafna. Jiġifieri hemm *a good mix*.

Xtaqt insemmi punt ieħor li huwa interessanti u hawn qed nirriferi għall-istigma u għan-normalizzazzjoni tal-abbuż tad-droga. Għalkemm għad fadal dik l-istigma biex jien immur infittex l-għajnuna għax donni nibża' li se jkunu jafu n-nies li jien qed nabbuża, mill-banda l-oħra li jien nieħu d-droga u li nagħmel *party* fil-*weekend* saret xi ħaġa normali. Kważi kważi m'intix normali jekk ma teħux drogi! Fil-fatt rajna diversi personalitajiet li jgħaddu kummenti fuq l-użu tad-droga bħala xi ħaġa normali u issa qed naraw ukoll proposti biex il-kannabis tiġi legalizzata għall-użu rikreattiv. Fil-fatt m'ilux ħriġna *press release* bħala organizzazzjonijiet differenti - OASI, Sedqa, Caritas u l-Assoċjazzjoni tal-Psikjatri Maltin - u għedna li d-drogi ma nistgħux ngħidulhom rikreazzjonali! Qisu biex nieħu gost jew biex nirrilassa rrid nieħu d-drogi! Bniedem għandu jfittex affarijiet oħra.

Xtaqnt ngħaddi kumment żgħir fuq is-sistema edukattiva. Bħala Fondazzjoni nixtiequ li jkollna iktar impatt jew interazzjoni mal-edukazzjoni. Fil-fatt m'ilux wisq kellna konferenza u kellna xi *training* ukoll għall-għalliema, għall-*guidance teachers* u għall-*head teachers* ta' Għawdex li kienet xi ħaġa interessanti ħafna. Għandna daqsxejn ta' diffikultà d-Detox ta' Għawdex, fejn hemmhekk isir il-*heroin substitution* u jingħata l-*methadone* għax qed jitolbu li niċċaqilqu minn hemm. Fil-fatt ressaqna l-proposta tagħna li ddiskutejnieha mal-FSWS u forsi nkun nista' nsemmiha aktar 'il quddiem. Peress li Għawdex huwa iżgħar nistgħu nilħqu aktar u jkollna aktar aċċess.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: L-FSWS x'inhi?

IS-SUR NOEL XERRI: Il-*Foundation for Social Welfare Service* u s-Sedqa tagħmel parti minnha. Ta' min isemmi wkoll li apparti l-*methadone* llum teżisti mediċina oħra li jisimha *Buprenorfen* li għadha *expensive* ħafna għall-persuni li għandhom problemi ta' eroina. Naturalment bil-COVID-19 il-problemi soċjali u s-sapport soċjali qiegħed jonqos. Apparti minn hekk, anke l-istrutturi soċjali qegħdin jonqsu. Is-sapport soċjali qed jonqos ħafna u dan qegħdin inħossuh fix-xogħol tagħna. U fejn qabel kont tara li l-familja, anke bl-*extended family*, qiegħda tagħti sapport lill-individwu li għandu problema ta' *addiction*, illum il-ġurnata kważi kważi sar aktar *easy* li taqta' l-ħbula!

Wieħed mis-suġġerimenti li konna qed nipproponu hu li l-*methadone distribution* - billi f'Għawdex hemm numru żgħir ta' persuni li qegħdin jieħdu l-*methadone* u dawn ma jaqbżux l-20 persuna - isir billi jiġi mqassam fid-djar minflok ma l-persuni jmorru huma għalih. B'dak l-*approach* inkunu qegħdin nevitaw li jkun hemm kuntatti u milli l-persuni jiltaqgħu barra d-Detox joqogħdu hemm jitkellmu, ġieli forsi anke jkun hemm xi ftehim li ma jkun xejn pjaċevoli! Apparti minn hekk tkun qed tilħaq mhux biss lil dawn in-nies imma anke lill-familjari tagħhom. Inti taf li xħin qed tmur fid-dar qed tara lilhom, lit-tfal tagħhom, lill-ġenituri tagħhom, tara x'tip ta' ħajja qed jgħixu u l-ambjent soċjali li fih qed jgħixu. Jiġifieri minn dak l-aspett, apparti li qed toffri għajnuna medika, tkun qed toffri wkoll għajnuna soċjali permezz ta' *nurse* u ta' *social worker*.

IĊ-CHAIRPERSON: Hawnhekk apparti l-*methadone delivery*, inti qed tgħid ukoll għall-*methadone administration*? Jiġifieri inti qed tgħid li trid tqassam u tamministra?

IS-SUR NOEL XERRI: Tiġi ppreparata u mbagħad ikollok *nurse* miegħek biex tamministraha hi.

IĊ-CHAIRPERSON: Inti taf li hemm is-servizz nazzjonali fil-komunità, il-Commcare Unit, fejn ikollok *nurses* u speċjalisti oħra differenti li jipprovdu servizzi domiċiljari. Tkellimtu magħhom biex dan is-servizz jiġi inkluż f'dak il-formolarju?

IS-SUR NOEL XERRI: Aħna tkellimna biss mal-FSWS.

IĊ-CHAIRPERSON: Is-servizz li qed nirreferi għalih jien mhuwiex tal-FSWS, u għalhekk li nista' nissuġġerilek jien hu li nieħdu inizjattiva minn hawnhekk li nagħmlu *bridging* biex isiru diskussjonijiet. Preżentement diġà għandna kwart ta' Malta tibbenefika minn dan is-servizz domiċiljari, u *every so often* dawn is-servizzi jiżdiedu wkoll. Għalhekk meta qed naraw numri daqstant żgħar, nistgħu nagħmlu s-suġġeriment li tiskatta diskussjoni mal-entitajiet ikkonċernati nazzjonali. *This is a very good point.* Però rridu nagħmluha ċara li hawnhekk m'aħniex qed nitkellmu sempliċement fuq fornitura imma fuq amministrazzjoni wkoll.

IS-SUR NOEL XERRI: Sinjura President, waħda mid-diffikultajiet li għandhom l-Għawdxin fir-rigward tal-*methadone dispensing* hija fejn jidħol it-tabib; Dr Moses Camilleri mis-Sedqa jiġi minn Malta, jarahom darba fix-xahar. Għalhekk aħna konna qed nipproponu wkoll li bl-għajnuna ta' Dr Moses Camilleri u ta' tobba oħra mis-Sedqa, li għandna relazzjonijiet tajba ħafna magħhom, inkunu nistgħu namplifikaw dan is-servizz.

Inħossu wkoll il-bżonn ta' Detox residenzjali ġewwa Għawdex, u r-raġuni hi li jkollna numru ta' Maltin li jkollhom bżonn l-għajnuna ta' *residential detox*, però minħabba l-istigma dawn isibuha diffiċli li jaċċessaw dawn it-tip ta' servizzi. Peress li aħna qegħdin ġo Għawdex u għalhekk qegħdin f'post aktar riżervat, huma jkunu jixtiequ jaċċessaw is-servizzi tagħna, u għalhekk jien naħseb li wasal iż-żmien li nibdew nipprovaw naħsbu fuq dan l-aspett.

Fir-rigward taż-żgħażagħ, bħalma forsi tafu l-Fondazzjoni OASI ilha żmien twil tagħmel studji kull tant żmien fuq il-kambjament taż-żgħażagħ eċċ. Madanakollu issa aħna qegħdin nipproponu li mhux nibqgħu nagħmlu, pereżempju, studju kull ħames snin imma li permezz ta' *youth workers*, li naturalment iridu jkunu *monitored u supervised*, nagħmlu *a longitudinal study* fuq il-kambjament li qegħdin jesperjenzaw iż-żgħażagħ. Ir-raġuni għaliex qed jinħass dan il-bżonn hi sempliċi. Id-dinamika tant qed tinbidel malajr li studju li jkun sar ħames snin ilu, wara tliet snin ma jibqax validu. Għalhekk inħossu li jkun ferm aħjar jekk ikollna sistema ta' informazzjoni u barra minn hekk ikollna wkoll sistema ta' *outreach* permezz ta' *youth workers* li jkunu qed jiffrekwentaw l-istess ambjenti li jkunu qed jiffrekwentaw iż-żgħażagħ l-oħra. Hawnhekk m'iniex qed nirreferi biss għal postijiet bħal *detox* imma *youth centres*, postijiet fejn ikunu ż-żgħażagħ qabel ma jidħlu l-iskola, wara li joħorġu mill-iskola, eċċ. Din hija xi ħaġa li aħna nħossu l-bżonn tagħha, però biex inwettqu proġett bħal dan għandna bżonn is-sapport.

Sinjura President, biex nikkonkludi rrid ngħid li aħna min-naħa tal-OASI qed insibuha diffiċli biex insibu ħaddiema li jkunu lesti jaħdmu ma' din il-Fondazzjoni. Illum il-ġurnata, għall-grazzja t'Alla, anke bl-*agreement* li għadna kif għamilna mal-Gvern, suppost għandna ngħollu l-livell u niġu *at par* mas-servizzi tal-gvern. Però *still* xorta waħda jibqa' l-fatt li ... Pereżempju, fattur ieħor huwa li xi kultant issib nies li jippreferu jibqgħu jaħdmu Malta milli jiġu jaħdmu Għawdex, u dan għal diversi raġunijiet. Aħna nħossu l-bżonn li l-*pool* tal-ħaddiema għandu jiżdied. Biex inġib eżempju wieħed, fil-fehma tagħna hemm bżonn ta' ħafna aktar *aftercare* għax ma nixtiqux li jkollna programmi fejn il-persuni jkollhom programm residenzjali twil, anzi nixtiequ li jkun pjuttost qasir, imma mbagħad irid ikun hemm ħafna aktar sapport f'dak li għandu x'jaqsam mal-komunità. Nirringrazzjak.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi, Sur Xerri. Nixtieq ningħaqad miegħek biex nagħmel ringrazzjamenti lill-ħaddiema tagħkom, lilek personali u lit-tim kollu għax naf kemm l-operat tagħkom mhux biss huwa ta' fejda għall-għira Għawdxija imma anke fuq livell nazzjonali.

Issa nixtieq nagħmel xi punti żgħar biex tiskatta d-diskussjoni. L-ewwelnett nixtieqek tispjega għaliex fit-tabella dwar liema tip ta' drogi l-aktar jintużaw ma rajtx is-*synthetic drugs*. Tista' tispjega ftit għaliex dawn it-tip ta' drogi tħallew barra?

Punt ieħor li nixtieq nagħmel huwa li fit-tieni tabella, fejn qed jissemma l-livell ta' edukazzjoni, forsi meta wieħed qed jara l-fraži "livell sekondarju" jista' jaħseb li din qed tirreferi għall-istudenti li jattendu l-iskejjel skondarji. Madanakollu nafu li kulma jmur l-etajiet tal-abbuż, kemm tad-droga kif ukoll tal-alkoħol, qegħdin jonqsu u qed naraw ukoll saħansitra adoloxxenti żgħar li jibdew jesperimentaw kemm bid-droga kif ukoll bl-alkoħol.
Saret riferenza wkoll għall-aċċess għas-sistema edukattiva. Kumbinazzjoni dalwaqt se jkollna seduta li għaliha se jattendi s-Segretarju Permanenti flimkien ma' rappreżentanti ta' diversi entitajiet edukattivi, u għalhekk forsi dan jista' jkun l-aktar mument propizju biex nifthu din id-diskussjoni.

Hawnhekk nixtieq ngħaddi wkoll suġġeriment. Bħalissa li t-tfal qegħdin jingħataw *tuition online* permezz ta' *Microsoft Teams* u ta' diversi modi oħra, taħseb li dan hu l-mument propizju li tutilizzaw dawn il-forom ta' komunikazzjoni biex tgħaddu messaġġ lit-tfal waqt li qegħdin fid-djar tagħhom? Illum il-ġurnata l-għalliema qegħdin jużaw anke MP3s u MP4s ta' nofs minuta, imma anke dan il-ħin qasir huwa biżżejjed biex taqbad l-attenzjoni tat-tfal.

Mistoqsija oħra li nixtieq nagħmel huwa kif inhu l-aħjar li dak li jkun jagħmel kuntatt magħkom. Kif għedna qabel, in-nuqqas ta' soċjalizzazzjoni jista' jwassal ukoll għal abbuż ta' sustanzi u jekk dak li jkun isib ma' min jitkellem u forsi anke lil min jagħti parir professjonali jkun jista' jevita milli mbagħad ikollu jirrikorri għas-servizzi ta' terapija.

Issa nistieden lill-kollegi tiegħi biex jagħmlu l-mistoqsijiet li jixtiequ jagħmlu ħalli mbagħad inkunu nistgħu ngħaddu għall-konklużjoni għax il-ħin qed jagħfas.

L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: L-ewwel mistoqsija li għandi għandha x'taqsam direttament mal-*virus* tal-COVID-19. Is-Sur Noel Xerri qal li matul dan il-perjodu tal-COVID-19 il-każijiet ta' abbuż mid-droga żdiedu, u semma l-ansjetà. Dawn il-każijiet għaliex żdiedu? U jista' s-Sur Xerri jispjegalna x'kienu l-kawżi ta' din l-ansjetà? Għax kif semmiet iċ-*Chairperson*, jista' jkun li l-ansjetà tkun ġejja mill-fatt li bħalissa wieħed mhux qed jissoċjalizza u jista' jkun ukoll li dak li jkun qed isib diffikultà biex jaċċessa s-servizzi li toffri l-Fondazzjoni OASI.

It-tieni mistoqsija li nixtieq nagħmel tirrigwarda r-*referrals*. Is-Sur Noel Xerri semma li bħalissa huwa diffiċli li jsiru r-*referrals*. X'qed iżomm milli jsiru dawn ir-*referrals*? Qed nagħmel din il-mistoqsija għax il-perjodu partikolari li qed ngħixu fih mhuwiex xi wieħed qasir imma jista' jtawwal.

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Sur Noel Xerri.

IS-SUR NOEL XERRI: Ħalli nibda biex nirrispondi għall-mistoqsija li saritli dwar is-*synthetic drugs*.

L-ewwel nett irrid ngħid li llum il-ġurnata d-drogi saru ħafna aktar aċċessibbli u l-kwalità tagħhom hija ħafna aktar imbagħbsa. Fil-fatt illum anke l-prezzijiet tad-drogi niżlu ħafna. Pereżempju, filwaqt li 20 sena ilu gramma kokaina kienet tiswa Lm80, illum il-ġurnata gramma kokaina tiswa bejn €35 u €50. Hawnhekk wieħed jistaqsi: Għaliex illum hemm dik id-diskrepanza kbira fil-prezzijiet meta kkomparata ma' qabel? Barra minn hekk issib lil min jgħidlek: Illum għamilt użu mill-kokaina, però l-effett ma kienx l-istess bħal dak ta' jumejn ilu. Għaliex? X'ikun ġara? Illum it-taħlit huwa akbar u ħafna huma dawk li mingħalihom qed jieħdu xi ħaġa u ma jkunux qed jieħdu dak li suppost qed jieħdu. Dak huwa fatt!

Rigward il-mistoqsija li saritli fuq drogi sintetiċi, iva dawk niltaqgħu magħhom, però l-maġġoranza l-kbira tad-drogi li niltaqgħu magħhom huma kokaina, alkoħol u naturalment kannabis. Rajna lil min weġġa' anke bis-*synthetic drugs*, kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' etajiet, dawn ivarjaw. Biżżejjed ngħid li għandna persuni li għandhom mas-60 sena filwaqt li sas-sena l-oħra stess kellna persuna ta' 15-il sena, u dawn il-persuni jiġu kemm minn Malta kif ukoll minn Għawdex.

Irrid ngħid ukoll li għalkemm għall-bidu meta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19 in-numru ta' persuni li jċemplu għall-għajnuna naqas, illum in-numru reġa' żdied, u rrid ngħid li llum hemm aktar frustrazzjoni wkoll għax prattikament kien biss f'dawn l-aħħar ħmistax li sibna post jew triq biex inkun nistgħu ndaħħlu n-nies. Nerġa' ngħid

li d-domanda żdiedet u n-nies li qegħdin jitolbu l-għajnuna hemm qegħdin.

Forsi ż-żieda fl-ansjetà ġejja wkoll min-nuqqas ta' sapport li sabu dawn il-persuni waqt din il-pandemija. *Support groups* bħal NA (Narcotics Anonymous) jew AA (Alcoholic Anonymous) matul dan il-perjodu u llum l-uniku aċċess li wieħed għandu għalihom huwa *online*. L-ansjetà żdiedet ukoll minħabba li s-sapport naqas. Waqt il-perjodu ta' din il-pandemija s-soċjalizzazzjoni naqset u kważi kważi ġiet fix-xejn bil-konsegwenza li mbagħad jinbtu ħafna biżgħat anke dwar dak li jista' jiġri. Dawn huma r-raġunijiet prinċipali li għalihom żdiedet l-ansjetà.

Għar-rigward tal-mistoqsija li saritli dwar *referrals*, aħna ma tantx ikollna *referrals* minn uffiċjali, però l-persuni li qegħdin ibatu jċemplu, u dawn il-persuni huma ġejjin minn kull livell tas-soċjetà. Illum wieħed jista' jagħmel kuntatt magħna billi sempliċement jaqbad it-*telephone* u jiddalja 21563333. Dan minbarra li wieħed jista' jsibna wkoll fuq il-midja soċjali, fosthom fuq *Facebook, Instagram* u *Twitter*.

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Kevin Cutajar. Jekk jogħġbok kun konċiż għax il-ħin qed jagħfas.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: B'riferenza għar-*referrals*, qed nifhem tajjeb li minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19 li ninsabu għaddejjin minnha jista' jkun hemm jew seta' kien hemm xi ostakli biex persuna tidħol għall-programm? Jista' jekk jogħġbu s-Sur Noel Xerri jaċċenna dwar dan?

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Sur Noel Xerri.

IS-SUR NOEL XERRI: Biex wieħed jiġi jagħmel programm residenzjali kien hemm bżonn li nsibu toroq minn fejn bniedem ikun jista' jgħaddi filwaqt li jżomm lill-komunità li se jidħol fiha *safe*. Minħabba f'hekk wieħed kellu bżonn joqgħod għal perjodu fi kwarantina, xi ħaġa li qabel ma kinitx teżisti. L-ewwel għamilt aċċenn għal Dar Padova, u fil-fatt illum il-ġurnata Dar Padova qed isservi bħala post fejn wieħed joqgħod kwarantina. Dar Padova ma toffrix servizzi mediċi biex bniedem ikun jista' jaffaċċja *withdrawals*, imma għall-grazzja t'Alla mil-lum Dar l-Impenn, li qabel kienet tagħmel *residential detoxification*, reġgħet bdiet topera biex tagħti servizz lil dawn il-persuni. Ta' min jgħid li dan is-servizz huwa qasir u mbagħad naturalment wieħed ikun irid isegwi l-kwarantina.

IĊ-CHAIRPERSON: Nirringrazzja lis-Sur Xerri kif ukoll lill-Fondazzjoni OASI tal-ħidma tagħhom.

IS-SUR NOEL XERRI: Grazzi lilkom.

IĊ-CHAIRPERSON: Ngħaddu għall-intervent li jmiss fejn issa se niddiskutu l-qasam tas-saħħa mentali. Fostna permezz ta' *Zoom* għandna lis-Sinjura Jeanette Falzon, li hija l-Viċi-President tal-Mental Health Association ġewwa Għawdex, u għandna wkoll lil Dr Anton Grech fejn anke hu se jkun qiegħed jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu. Nirringrazzjakom talli ngħaqadtu magħna u talli aċċettajtu l-istedina tagħna.

DR ANTON GRECH (Clinical Chairman fid-Dipartiment tal-Psikjatrija): Bażikament li se nagħmlu hu li jien se nagħti ftit *background* ta' kif il-COVID-19 qed taffettwa s-saħħa mentali ħalli mbagħad is-Sinjura Jeanette Falzon tiffoka fuq is-sitwazzjoni partikolari li qed tiffaċċja l-Mental Health Association ġewwa Għawdex.

Se ngħaddi mill-ewwel lill-Kumitat:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*COVID-19*".

Nibda biex ngħid li sfortunatament minħabba l-COVID-19 jidher li l-problemi ta' saħħa mentali qed jiżdiedu u se jkomplu jiżdiedu mad-dinja kollha. Fil-fatt il-WHO (World Health Organisation) qalet saħansitra li ġej "tsunami ta' *mental health problems*"! Ir-raġuni hi li normalment diġà jkun hemm ċerti ċirkostanzi li jikkawżaw *mental health issues,* u ċ-ċirkostanza tal-COVID-19 kompliet tagħmel dawn iċ-ċirkostanzi aktar diffiċili. L-ewwel nett tiskanta, imma kull bidla kbira fil-ħajja, hi x'inhi, anke jekk inhi waħda pożittiva, tista' tikkawża problemi ta' saħħa mentali, u l-COVID-19 ikkawżat bidliet kbar ħafna fil-ħajja tan-nies. Hemm ukoll dak li hu msejjaħ bħala "*fear of the unknown*", u l-fatt li ħafna nies qed jibżgħu li se jiġri xi ħaġa lilhom jew inkella lill-għeżież tagħhom, speċjalment jekk il-ġenituri tagħhom huma persuni vulnerabbli, qed jikkawża ħafna stress.

Xi ħaġa li ma tingħatax daqstant importanza hija li ma tistax taqsam is-saħħa mentali għaliha u s-saħħa fiżika għaliha għax il-ġisem tal-bniedem irid jittieħed b'mod sħiħ. Sfortunatament minħabba li ħafna qed jibżgħu jmorru għall-appuntament tagħhom l-isptar jew għal servizzi oħra ta' saħħa, ħafna problemi fiżiċi mhumiex qed jiġu kkurati bil-konsegwenza li dawn qed iwasslu għal problemi ta' saħħa mentali.

Fattur kbir ieħor għall-problemi ta' saħħa mentali f'dan il-perjodu tal-COVID-19 huwa s-*social isolation* għax meta bniedem jinqata' mis-soċjetà qed ikun aktar soġġett għall-problemi ta' saħħa mentali. Anke l-fatt li bħalissa hawn mijiet ta' persuni li minħabba li nstabu pożittivi għall-COVID-19 iridu jagħmlu 15-il ġurnata kwarantina iżolati totalment qed jikkawża ċerti problemi.
Hawn wieħed irid isemmi wkoll il-*financial insecurity*. Kif għedt diġà, meta aħna nitkellmu fuq saħħa mentali ma nkunux qed nitkellmu fuq il-moħħ biss imma fuq bniedem komplet, u l-*financial insecurity* li tinħoloq iġġib il-problemi.

X'tip ta' problemi qed naraw bħalissa? L-ewwel nett ħafna nies li fil-passat kellhom dipressjoni, ansjetà jew kondizzjonijiet oħra u llum għall-grazzja t'Alla fiequ minnhom, b'dan l-istress qed ikollhom dak li ngħidulu *relapse*, jiġifieri qed jerġgħu jbatu minn dawn il-kondizzjonijiet. Pereżempju, bħalissa lili qed jikkuntattjawni nies li kienu klijenti tiegħi seba' jew għaxar snin ilu u li ma kontx bqajt narahom għax kienu qed iħossuhom tajbin, imma issa b'dan l-istress tal-COVID-19 reġa' kellhom *relapse* tal-kondizzjoni. Anke għal min kien diġà għaddej minn ċerta ansjetà jew depression, l-istress li ġabet magħha din iċ-ċirkostanza għamel is-sitwazzjoni aġħar.

Imbagħad hemm dawk li nsejħulhom bħala "*maladaptive ways*" ta' kif wieħed jiddijlja mal-istress, u hawn se nkompli ftit ma' dak li kien qed jgħid is-Sur Noel Xerri. Bħalissa qed naraw ħafna nies jużaw dak li ngħidulu "*self-treatment*" fejn meta jkollhom xi stress u allura, pereżempju, ma jkunux jistgħu jorqdu, jikkonsmaw ħafna alkoħol jew sustanzi oħra biex ikunu jistgħu jorqdu. Hemm ukoll min normalment kien jieħu l-kokaina biss f'xi *parties* mentri issa qed jeħodha ħafna biex jiddilja mal-istress.

Min-naħa l-oħra mbagħad hemm min qatt ma bata mill-ebda kondizzjoni, imma bħalissa fis-soċjetà tant hawn ansjetà aktar mis-soltu li hawn min isir sensittiv għal dik l-ansjetà bil-konsegwenza li għall-ewwel darba jibda jbati bl-ansjetà jew b'xi *depression*.

Hawn ukoll ċerti nies li jkunu predisposti għall-mard mentali minħabba li jew ikollhom ħafna kondizzjonijiet ta' mard mentali fil-familja tagħhom jew inkella jkunu qed jgħixu f'ċertu ambjent, però minkejja dan kollu jirnexxielhom jibqgħu għaddejjin b'ħajjithom mingħajr qatt ma jimirdu. Madanakollu ċ-ċirkostanzi straordinarji preżenti qed iwaqqgħu lil uħud minn dawn in-nies f'kondizzjonijiet psikjatriċi serji. Pereżempju, dalgħodu jien kont l-isptar u xi ħaġa komuni li bdejna niltaqgħu magħha - u din qed issir aktar komuni mis-soltu - hija li jkollna nies barranin predisposti għall-mard mentali, bħalissa qed jaħdmu Malta, jiġifieri qed jikkontribwixxu għall-ekonomija tagħna, imma dawn minħabba li m'għandhom lil ħadd minn tal-familja hawn Malta u bħalissa qed jaħdmu mid-dar bit-*teleworking* spiċċaw iżolati minn kulħadd bil-konsegwenza li nħakmu minn kondizzjonijiet anke serji ta' psikosi.

Għalhekk minkejja li l-WHO qed tgħid li se naraw mewġa kbira ta' problemi ta' saħħa mentali wara li tgħaddi l-pandemija tal-COVID-19, sfortunatament f'pajjiżna dawn il-każijiet diġà qed narawhom u mmissuhom b'idejna. Nirringrazzjak, Sinjura President.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Is-Sa Jeanette Falzon.

SA JEANETTE FALZON (Viċi-President tal-Mental Health Association): Sinjura President, il-Mental Health Association ġewwa Għawdex twaqqfet għaxar snin ilu. Jien min-naħa tiegħi llum se nelenka x-xogħol li qegħdin nagħmlu f'dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji tal-COVID-19.

L-għan ewlieni tagħna dejjem kien li nxerrdu għarfien u tagħrif dwar problemi ta' saħħa mentali fost il-popolazzjoni Għawdxija filwaqt li ngħinu u ninkoraġġixxu lill-istess persuni u lill-familjari tagħhom biex ikunu minn ta' quddiem fl-ixprunar tat-titjib fil-qasam soċjali, ekonomiku u legali. Aħna bħala Assoċjazzjoni konna konxji sa mill-bidu ta' din il-pandemija li din l-emerġenza ta' saħħa pubblika se taffettwa b'mod drastiku lill-persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali, u għaldaqstant ta' kuljum qegħdin nassistu fuq

livell individwali għal diversi effetti emozzjonali qawwija, bħal ngħidu ansjetà, paniku, biża', inċertezza, dwejjaq, *hopelessness u helplessness*. Kif qalu ta' qabli, żdied ukoll l-użu ta' sustanzi illeċiti, speċjalment l-alkoħol.

Min-naħa l-oħra fuq livell ta' komunità minħabba l-għeluq ta' postijiet tax-xogħol, skejjel u postijiet fejn wieħed jiltaqa' u jintegra fis-soċjetà, ovvjament qegħdin nassistu għar-riperkussjonijiet li dawn iġibu fuq l-individwu u l-familja tiegħu. Għalhekk aħna bħala Assoċjazzjoni bdejna naħdmu immedjatament b'mod remot permezz ta' telefonati kontinwi, *Skype, Facebook* u mezzi soċjali oħra biex l-ewwel u qabel kollox nagħmlu kuraġġ lil dak li jkun filwaqt li nassiguraw is-saħħa mentali tagħna lkoll. Qed nagħmlu minn kollox sabiex inaqqsu l-ansjetà u d-dubji, speċjalment minħabba *flooding* ta' informazzjoni mit-televiżjoni, mir-radju u minn mezzi soċjali oħra. Rajna partikolarment biża' estrema li wieħed jinstab pożittiv għall-*virus* jew biża' tremend li jista' jittrażmetti jew jinfetta lill-membri l-oħra tal-familja tiegħu. Għalkemm is-servizz li qed noffru huwa remot, rajna li dan qed iħalli effett pożittiv immens fejn jidħol sens ta' sigurtà u konsolazzjoni. Qegħdin nagħmlu wkoll interventi virtwali fejn jidħol *empowerment,* speċjalment biex nindirizzaw *issues* ta' assertività, *self-awareness,* immaniġġar ta' stress, iżolament u ħiliet personali. Min-naħa tagħna aħna qed nagħmlu dak kollu possibbli biex nassiguraw ukoll li persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali jibqgħu konformi, pereżempju, ma' kif jieħdu l-mediċina u ma' kif qed ikampaw id-dar fid-diversi rwoli li għandhom, fosthom pereżempju mar-rwol li jieħdu ħsieb lit-tfal jew lil membri oħra tal-familja.

Qed nużaw il-mezzi kollha possibbli biex ninkoraġġixxu persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jagħtuhom pjaċir u fl-istess ħin sens ta' sodisfazzjon, bħal pereżempju tisjir, xogħol fil-ġnien, qari, eżerċizzju u diskussjonijiet edukattivi. Rwol importanti ieħor li ħadet l-Assoċjazzjoni hu li qed niffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn familji li qegħdin kwarantina ma' ċerti riżorsi fil-komunità, bħal knejjes, kunsilli lokali u għaqdiet volontarji oħrajn, u dan għad-diversi bżonnijiet li jistgħu jkunu jeħtieġu dawn il-familji, fosthom xiri ta' mediċini u prodotti tal-ikel jew trasport għal xi appuntament li jkollhom l-isptar. Fil-fatt nista' ngħid li matul dan iż-żmien is-sens ta' altruwiżmu u koeżjoni li rajna kien inkredibbli.

Qegħdin f'kuntatt u konsultazzjoni wkoll ma' min iħaddem, u dan partikolarment minħabba l-fatt li f'dan iż-żmien partikolari numru ta' nies vulnerabbli tilfu x-xogħol tagħhom. Kif nafu, ix-xogħol jagħti d-dinjità lil dak li jkun, u allura rridu nassiguraw li l-impjiegi ta' dawn il-persuni ma jintilfux. Irridu nassiguraw ukoll li min iħaddem ikun verament qed jifhem u jagħder lill-persuni milquta f'dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji. Qed naħdmu id f'id mal-aġenzija Appoġġ fit-tqassim tal-ikel, fosthom ħaxix, lill-persuni vulnerabbli permezz tal-għajnuna mill-Malta Trust Foundation u mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali. Dan is-servizz qed ikun wieħed ta' sostenn mhux biss minħabba t-tqassim ta' dawn il-prodotti imma wkoll għax persuni vulnerabbli qegħdin iħossu li hemm min qed jaħseb fihom. M'għandkomx idea kemm ikunu ħerqana jistennew il-qanpiena tal-bieb iċċempel xħin immorru kull ġimgħa biex inqassmulhom l-ikel u l-ħtiġijiet l-oħra li jkollhom bżonn!

Qed naħdmu wkoll ma' Richmond Foundation u mal-Malta Trust Foundation biex insaħħu s-servizzi fil-komunità lill-aktar persuni vulnerabbli, u dan bil-għan li f'dawn iż-żmienijiet dawn il-persuni jibbenefikaw minn servizzi frekwenti fid-djar tagħhom permezz ta' telefonati. Lil dawn il-persuni qegħdin nissapportjawhom biex kemm jista' jkun nevitaw *admissions* fl-isptar psikjatriku.

Għal dawk li huma sfidi, minn dawn qed naraw ħafna. Kif nafu, il-pandemija ġabet magħha sfidi reali u diffiċli ġodda għas-servizzi tas-saħħa, b'mod partikolari għas-saħħa mentali. Għalhekk huwa importanti u kruċjali aktar minn qatt qabel li jkun hemm aktar *screening* u moniteraġġ fuq livell primarju ħalli l-problemi ta' saħħa mentali, kemm fl-adulti imma iżjed u iżjed fit-tfal u fl-adoloxxenti, jiġu identifikati malajr kemm jista' jkun, u dan permezz ta' sorveljanza fl-iskejjel, fuq il-postijiet tax-xogħol u fil-komunità inġenerali.

Nemmnu bis-sħiħ li għandu jkun hemm aktar servizzi ta' *outreach*. Nafu li t-*trend* hi li nersqu dejjem aktar lejn kura fil-komunità. Bla dubju ta' xejn, huwa aktar denju u dinjituż li l-individwu jiġi kkurat fid-dar milli ġo sptar, u għalhekk bħala Assoċjazzjoni qegħdin naraw li huwa ferm

importanti li nilħqu faxex ta' nies fil-komunità permezz ta' *support groups*, servizzi ta' *early interventions u support lines*. In-nies li jiġu mħarrġa għal dan il-għan għandhom ikunu disponibbli biex jagħtu l-appoġġ fejn meħtieġ filwaqt li jirreferu każi għal għajnuna ulterjuri. Sfortunatament f'Għawdex hemm nuqqas ta' dawn is-servizzi, u dan minħabba diversi raġunijiet.

Fuq linja oħra rrid ngħid li għalkemm it-teknoloġija virtwali ilha magħna għal dawn l-aħħar tliet diċennji, kien proprju waqt din il-pandemija li ndunajna kemm tista' verament tkun effettiva. L-Assoċjazzjoni ġiet litteralment ibbumbardjata għall-għajnuna fuq il-mezzi soċjali. Pereżempju, tiskanta kemm tagħmel differenza fil-ġurnata tal-individwu meta persuna li tkun *online* tirċievi kwotazzjoni pożittiva! Jiena nemmen li jekk inkomplu nestendu u nirfinaw fuq din it-tip ta' teknoloġija nkunu kapaċi nilħqu aktar nies fil-komunità, speċjalment lil dawk li jkunu qed ibatu fis-silenzju. Ma nistax ma nsemmix il-bżonn reali ta' aktar taħriġ għall-*carers* ta' persuni vulnerabbli, li naf li jgħixu f'sitwazzjonijiet diffiċili. Minn diversi *training courses* li organizzajna stajna naraw kemm dan it-taħriġ huwa importanti għas-sapport u s-sostenn, issa bla dubju aktar minn qatt qabel.

Nixtieq nikkonkludi billi nagħmel riferenza għal dik li nistgħu ngħidu li hija l-*baby* tal-Assoċjazzjoni tagħna; ħolma ta' snin twal li nbidlet f'realtà fejn grazzi għall-Onor. Justyne Caruana ġiet regalata dar fil-komunità biex tospita persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali li jibbenefikaw minn perjodu qasir ta' mistrieħ f'post trankwill jew inkella bħala *home away from home* fi stat ta' kriżi ta' saħħa mentali. Din id-dar, li tinsab ġewwa l-Għarb, hija kważi lesta minn kollox; hija mgħammra bl-għamara u jonqos biss ftit irqaqat loġistiċi żgħar biex tkun tista' tinfetaħ u tibda tiffunzjona. Minn hawn nixtieq nerġa' nirringrazzja lill-Onor. Justyne Caruana mill-qalb għan-nom tal-Assoċjazzjoni u tal-poplu Għawdxi, li dejjem laqgħetna, semgħetna, emmnet fina u sostnietna fix-xogħol li nagħmlu. Ninsab konvinta wkoll li l-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri se jkompli jgħinna sabiex din il-ħolma ssir realtà fiż-żmien qarib. Aħna qegħdin ngħixu din ir-realtà flimkien, u nemmen li flimkien nistgħu nagħmlu d-differenza għal xulxin. Ninsab ċerta u pożittiva li dawn iż-żminijiet se joħorġu l-aħjar fina. Grazzi, Sinjura President.

IĊ-CHAIRPERSON: Nirringrazzja kemm lis-Sinjura Jeanette Falzon kif ukoll lil Dr Anton Grech għall-ħidma sfiqa tagħhom, mhux biss matul dan iż-żmien diffiċli imma matul iż-żminijiet kollha u tista' tgħid 24 siegħa kuljum. Qed ngħid dan għax naf li dawn iż-żewġ persuni jaħdmu bla heda fil-qasam tagħhom u mhux biss jagħtu servizz lill-individwi li għandhom problemi ta' saħħa mentali imma wkoll lill-familji tagħhom kif ukoll lill-komunità inġenerali. Naħseb li l-messaġġ ewlieni li rridu ngħaddu hu li għandna prevalenza ta' *issues* ta' saħħa mentali ġewwa Għawdex. Jien għadni niftakar laqgħa partikolari li kellna flimkien mal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali li kien għamel preżentazzjoni u saħaq li f'Għawdex għandna problema f'dan ir-rigward li huwa importanti li tiġi ttekiljata. Għandna prevalenza speċjalment fost in-nisa u hemm ukoll riċerka li turi li l-etajiet ta' persuni li għandhom problemi ta' saħħa mentali huma mifruxa u li dawn il-problemi qed jaffettwaw anke lit-tfal u lill-adoloxxenti tagħna. Għalhekk aktar u aktar tikber l-importanza li nitkellmu dwar dawn il-problemi għax b'hekk inkunu qed inneħħu l-istigma filwaqt li ninkoraġġixxu aktar nies ifittxu l-għajnuna. F'dan il-każ tikber ukoll l-importanza tal-*outreach* għax irridu nkunu aħna li mmorru għand il-persuna li għandha bżonn jekk irridu nkunu verament effettivi fl-interventi li nagħmlu.

Il-preżentazzjoni li għamlu Dr Anton Grech u s-Sa Jeanette Falzon lili laqtuni ħafna, u hawn nixtieq nagħmel żewġ punti ewlenin. L-ewwel punt jirrigwarda l-ħtieġa ta' aktar sostenn u taħriġ lil dawk li jkunu qed jieħdu ħsieb lill-ġenituri tagħhom jew lil xi qarib ieħor u li allura jistgħu wkoll jissejħu "*carers*", speċjalment jekk il-persuni li jkunu qed jieħdu ħsieb ikollhom problemi ta' saħħa mentali. Forsi bħalissa huwa l-mument propizju li jintwerew anke *videos* qosra fuq il-midja soċjali f'dan ir-rigward. Bħalissa peress li għandna aktar ħin għad-dispożizzjoni tagħna minħabba ċ-ċirkostanzi li qed ngħixu fihom, l-attenzjoni qed tmur fuq il-midja soċjali fejn wieħed qed ikun jista' jsegwi aktar dak li jkun għaddej. Kumbinazzjoni kemm Dr Anton Grech, kemm is-Sa Jeanette Falzon, kemm is-Sur Noel Xerri u f'dawn l-aħħar ġranet anke Dr Andrew Azzopardi mill-*Faculty for Social Wellbeing* tal-Università lkoll qed jappellaw biex ikollna kapital uman fis-settur soċjali. Jien dejjem ngħid li s-suċċess ta' pajjiż jista' jitkejjel skont kemm il-qagħda soċjali tkun b'saħħitha, u għalhekk meta wieħed iħares lejn dan is-settur

minn dan il-lat ovvjament aktar tikber il-ħtieġa ta' aktar nies professjonali u nies imħarrġa li jkunu impenjati f'dan is-settur. Kif kulħadd jaf, dan mhuwiex xi settur li tidħol fih biex taqla' l-flus imma huwa settur professjonali li wieħed irid jidħol għalih b'ċertu mpenn. Għalhekk jiena wkoll nixtieq ningħaqad mal-appell li qed isir sabiex ikollna aktar nies li jieħdu din il-linja fuq bażi professjonali kif ukoll sabiex ikollna aktar nies li jimpenjaw rwieħhom anke b'mod volontarju, għaliex le?

Issa se ngħaddi għall-mistoqsijiet u forsi anke għal xi interventi li jridu jagħmlu l-kollegi tiegħi biex imbagħad inkunu nistgħu anke niżvolġu d-diskussjoni aktar tard.

L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sinjura President, nixtieq nirringrazzja lil Dr Anton Grech u lis-Sa Jeanette Falzon talli għoġobhom jagħtuna din il-preżentazzjoni filwaqt li ningħaqad maċ-Chairperson billi nirringrazzjahom tal-ħidma li qed iwettqu fis-soċjetà. Il-mistoqsijiet li għandi huma tnejn.

Waqt il-preżentazzjoni li għamlu Dr Anton Grech u s-Sa Jeanette Falzon semmew l-effett li qed tħalli s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-COVID-19 fuq is-saħħa mentali tal-persuni. Ma nafx ikunx possibbli li jgħidulna wkoll liema huma l-aktar etajiet u kategoriji soċjali li qed jintlaqtu minn dawn it-tip ta' problemi. Pereżempju, fuq il-midja smajt dwar kif qed jintlaqtu t-tfal u l-anzjani b'mod partikolari. Dik hija l-ewwel domanda tiegħi.

It-tieni domanda tiegħi tirrigwarda l-effett tal-kuntatt il-ġdid - biex ngħid hekk - li skoprejna matul dan il-perjodu tal-COVID-19. Ħadt gost li sar dan il-punt għax għalkemm dan it-tip ta' kuntatt diġà kien magħna qabel il-COVID-19, aħna apprezzajna aktar l-importanza tiegħu permezz ta' mezzi virtwali. Jien personalment smajt kummenti mħallta dwar l-effetti tas-saħħa mentali ta' nies li għamlu komunikazzjoni permezz ta' mezzi virtwali. L-impressjoni li ħadt hi li l-Mental Health Association ġewwa Għawdex tħares b'mod ottimist lejn l-użu ta' mezzi virtwali biex in-nies ikunu jistgħu jikkomunikaw, is-soċjalizzazzjoni tagħhom tkun tista' titjieb u l-effetti fuq is-saħħa mentali tagħhom jonqsu. Għalhekk nixtieq nistaqsi lil Dr Anton Grech u lis-Sa Jeanette Falzon jekk għandhomx xi suġġerimenti sabiex il-kuntatt permezz ta' mezzi virtwali jitjieb u b'hekk anke f'Għawdex inkunu nistgħu nnaqqsu l-impatt fuq is-saħħa mentali tal-Għawdxin. Nirringrazzjak, Sinjura President

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Dr Anton Grech.

DR ANTON GRECH: Rigward l-ewwel mistoqsija tal-Onor. Kevin Cutajar irrid ngħid li minħabba din il-pandemija llum qed naraw żieda fil-problemi ta' saħħa mentali *across the board*. Normalment ikun hemm dik li ngħidulha "*threshold*", imma matul dan il-perjodu partikolari din naqset f'kulħadd, jiġifieri r-riskju żdied għall-kategoriji kollha. *Superimposed* fuq dan imbagħad hemm riskju akbar għal min il-kondizzjonijiet tiegħu jiġu kkawżati minn *social isolation* għax hemm ħafna raġunijiet li minħabba fihom wieħed jista' jkun ibati minn kondizzjoni psikjatrika. Fost dawn hemm raġunijiet ġenetiċi, soċjali u psikoloġiċi. Għalhekk minħabba t-tip ta' ħajja li qed ngħixu f'dan iż-żmien partikolari fejn l-*interaction* soċjali naqset ħafna, dawk in-nies li l-kondizzjonijiet tagħhom huma kkawżati mis-*social isolation* qegħdin f'riskju akbar. Madanakollu r-riskju żdied għal kulħadd, jiġifieri m'hemmx *cluster* partikolari, u fil-fatt huwa għalhekk li l-WHO bassret li ġejja problema kbira.

Rigward il-*video conferencing* dan għandu żewġ aspetti; għandu l-vantaġġ li jista' jintuża, pereżempju, kif qed nagħmel jien bħalissa, u ċjoè biex ngħid dak li għandi xi ngħid mill-kumditàta' dari mingħajr ma jkolli nuża t-trasport, eċċ; imma mbagħad għandu wkoll l-iżvantaġġi tiegħu. Pereżempju, għalkemm dan il-mod huwa aħjar minn xejn għax bih wieħed qed jinqeda xorta waħda, dan qed jikkawża ċertu stress kemm fit-tfal tal-iskola kif ukoll minn min qed jipparteċipa f'*meetings*, eċċ. L-aħjar mod kif wieħed jittekilja dawn it-tip ta' problemi huwa billi dawk il-ħaddiema u n-nies li f'dawn iż-żminijiet qed ikollhom jagħmlu użu mill-*video conferencing* spiss jiġu mħarrġa dwar kif għandhom jużaw it-tajjeb ta' dan il-mezz ġdid ta' komunikazzjoni u ma jħallux l-istress relatat miegħu jirbaħhom. Għalhekk għalkemm il-*video conferencing* għandu l-vantaġġi tiegħu, jien nemmen li għal dawk il-ħafna ħaddiema li qed jaħdmu mid-dar u jużaw il-*video conferencing* il-ħin kollu għandhom isiru korsijiet, imqar ta' sessjoni waħda jew tnejn, sabiex dawn jingħataw ċerti

regoli bażiċi dwar kif jistgħu jagħmlu użu mill-*video conferencing* mingħajr ma jikkawżalhom ħafna stress. Nirringrazzjak, Sinjura President.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi lil Dr Anton Grech u lis-Sa Jeanette Falzon talli kienu magħna. Jien naħseb li f'dan il-mument huwa importanti ħafna li nkomplu niddiskutu dan is-suġġett għax kif qal tajjeb Dr Grech, bħalissa l-livell ta' vulnerabbiltà żdied għal kulħadd, u allura kollha kemm aħna *prone* għal *issues* ta' saħħa mentali. Huwa importanti wkoll li kemm jista' jkun ninkoraġġixxu lil dak li jkun jersaq 'il quddiem, ifittex is-servizzi professjonali li għandu bżonn u jitkellem, anke biex b'hekk inneħħu l-istigmi.

Għalhekk nerġa' nirringrazzja lil Dr Anton Grech u lis-Sa Jeanette Falzon mill-ġdid talli kienu magħna. Li nixtieq nitlobhom huwa biex jgħaddulna xi suġġerimenti skont il-prijorità tagħhom sabiex eventwalment inkunu nistgħu ninkluduhom fir-rapport li se nkunu qegħdin nagħmlu dwar dan is-suġġett. Nawgura kemm lil Dr Anton Grech kif ukoll lis-Sa Jeanette Falzon aktar ħidma sfiqa b'risq is-settur tas-saħħa mentali f'Għawdex u fil-każ ta' Dr Grech fuq livell nazzjonali, peress li huwa għandu ċ-*Chair* ta' dan is-settur ukoll.

Ngħaddu issa għal intervent ieħor. Għandna magħna lis-Sur Saviour Grech, li huwa l-President tal-Gozo NGOs Association. Is-Sur Grech se jkun qed jispjegalna l-irwol u l-involviment tal-*NGOs* Għawdxin f'dan il-perjodu partikolari tal-COVID-19 fejn huwa mhux biss se jagħmlilna l-intervent tiegħu imma se jkun qiegħed ukoll jistimola d-diskussjoni fost il-membri tal-Kumitat.

Sur Grech, insellimlek. Nixtieq ninformak li l-preżentazzjoni tiegħek se titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, u se tkun ukoll parti mill-atti tal-Kumitat, però ovvjament għall-benefiċċju ta' dawk li qed isegwuna trid tispjegaha. Nixtieq infakkrek ukoll li l-preżentazzjoni tiegħek ma tistax teċċedi l-15-il minuta sabiex imbagħad jibqagħlna ħin għall-mistoqsijiet u anke għad-diskussjoni. Grazzi.

IS-SUR SAVIOUR GRECH (President tal-Gozo NGOs Association): Kif qalet iċ-*Chairperson* jien nirrappreżenta s-settur volontarju f'Għawdex. L-ewwel nett nixtieq nibda dan l-intervent billi nirringrazzjakom tal-invit li bgħattulna u hawnhekk irrid ningħaqad mal-kliem li qalet iċ-*Chairperson* ta' dan il-Kumitat, li fl-ewwel laqgħa rrimarkat li issa bit-twaqqif tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex għandna pjattaforma oħra fejn tinstema' l-vuċi tal-Għawdxin bir-riżultat li se nisimgħu aktar ideat u jingħataw aktar kontribuzzjonijiet għall-benefiċċju tal-Għawdxin. Issa huwa importanti li dan il-Kumitat kif ukoll strutturi oħra ta' dan it-tip jibqgħu hemmhekk b'mod permanenti għax b'hekk naslu aktar.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Grech, tajjeb tkun informat inti wkoll li dan huwa Kumitat Permanenti tal-Parlament li għadda b'mozzjoni, u allura llum il-ġurnata huwa permanenti, jiġifieri hemm se jibqa'.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Eżatt, u anke l-mod kif twaqqaf jawgura dan għax kien ġie propost mill-Oppożizzjoni filwaqt li n-naħa tal-Gvern aċċettat dan is-suġġeriment b'idejha miftuħa.

IĊ-CHAIRPERSON: *To be fair* din kienet proposta fil-Manifest Elettorali tal-Gvern, u kif żvolġew l-affarijiet kienet pjuttost xi ħaġa kontestwali għaliex filwaqt li l-Membru tal-Oppożizzjoni waqt il-*Budget Speech* ippreżenta l-Mozzjoni, kumbinazzjoni waqt l-istess diskussjoni kelli l-Abbozz ta' Liġi lest u konna se nippreżentawh ukoll, jiġifieri din hija xi ħaġa li kienet ġejja miż-żewġ naħat.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Kif għedt diġà, il-fatt li kien hemm *input* personali mid-Deputati kollha tal-Parlament biex jitwaqqaf dan il-Kumitat jawgura tajjeb ħafna.

Tajjeb nibda billi ngħid li l-Gozo NGOs Association ilha tirrappreżenta lill-volontarjat f'Għawdex mill-2003, jiġifieri minn mindu twaqqfet. Aħna nirrappreżentaw lil dawk l-għaqdiet li huma membri tagħna kif ukoll lil dawk li mhumiex membri magħna. Infatti n-numru ta' għaqdiet li nirrappreżentaw aħna huwa akbar minn dak li hemm fil-lista tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Fil-bidu kellna mal-200 għaqda, li ħafna minnhom kienu jikkonsistu minn għaqdiet settorjali tal-istess għaqda. Pereżempju, il-baned tal-irħula u l-baned tar-Rabat kienu jirrappreżentaw setturi differenti. Issa billi llum trid issir ir-reġistrazzjoni ta' kull għaqda volontarja ma baqgħetx titħaddem il-prassi li tiġi rrappreżentata kull għaqda

partikolari imma minflok bdiet tiġi rappreżentata totalità akbar mil-lista tal-volontarjat.

Dan ġie rikonoxxut meta kienet twaqqfet il-liġi tal-MCESD (Malta Council for Economic and Social Development) fejn beda jkollna anke *say* fid-diskussjonijiet li jsiru fuq *issues* soċjali. Bħala rikonoxximent, meta twaqqfet l-għaqda fl-2003 aħna ngħatajna s-servizz tal-Gozo NGO Centre, u dan baqa' jiffunzjona sal-lum. Naturalment ma baqax jiffunzjona bl-istess mod għax ikun hemm żminijiet fejn l-affarijiet jiġu rranġati biex jiġu jinftehmu aktar, anke għax matul dawn l-aħħar snin sibna xi diffikultajiet biex nużaw is-servizzi kollha taċ-Ċentru.

IĊ-CHAIRPERSON: Però, Sur Grech, *to be fair* anke l-fondi żdidulkom sostanzjalment.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Iva, iva.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Grech, ħu paċenzja għax għandek preżentazzjoni pjuttost twila - qed nara li għandek madwar 20 *slide* - u l-ħin huwa kontra tagħna. Wieħed jista' faċilment jaċċessa l-informazzjoni fuq il-*background* tal-Assoċjazzjoni minn fuq il-*website*.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Jien kont qed nagħti informazzjoni fuq is-servizzi li joffri dan iċ-Ċentru lill-għaqdiet Għawdxin u fuq kif iwettaqhom.

Ikun importanti jekk ngħid li l-volontarjat f'Għawdex għandu impenn kbir fl-iżvilupp ekonomiku u kulturali kif ukoll fi sferi oħra tas-soċjetà kemm f'Malta u forsi xi ftit aktar f'Għawdex. Fil-fatt minn stħarriġ li sar ftit tas-snin ilu mill-MCESD rriżulta li filwaqt li f'Malta 19% tal-popolazzjoni toffri xogħol ta' volontarjat, f'Għawdex dan il-persentaġġ laħaq it-33%, jiġifieri kif qed naraw kien hemm diskrepanza kbira bejn il-Maltin u l-Għawdxin f'dan ir-rigward. Ta' min jgħid ukoll li dan ix-xogħol volontarju jsir f'diversi oqsma, fosthom fil-qasam soċjali, fil-qasam tas-saħħa u tad-diżabbiltà, fil-qasam tal-edukazzjoni, arti u kultura, fil-qasam tal-*animal welfare* u fil-qasam tal-ambjent.

Differenza oħra li ħarġet f'dan l-istħarriġ kienet li filwaqt li 51% tal-Maltin qalu li jagħtu sehemhom fis-settur volontarju, f'Għawdex dan il-persentaġġ laħaq is-36%. Minbarra li dan ir-riżultat fisser li hemm ċerti nuqqasijiet f'dan is-settur - u allura forsi wieħed għandu jara kif jista' jkabbar l-interess fil-volontarjat u jara kif jista' jinkoraġġih aktar - dan ir-riżultat wera wkoll li n-nies jagħtu aktar l-għajnuna tagħhom b'mod volontarju fil-qasam soċjali, fil-qasam tas-saħħa u tad-diżabbiltà, fil-qasam tal-edukazzjoni, fil-qasam tal-arti u l-kultura u fil-qasam tad-drittijiet tal-annimali. Żgur li dawk li jagħmlu xogħol volontarju f'Għawdex jagħtu sehem u juru mpenn kbir anke fl-oqsma tal-kultura, tal-mużika u tal-arti tant li permezz t'hekk anke x-xenarju f'Għawdex inbidel. Kif kelli ċans ngħid anke waqt laqgħa pubblika li saret is-sena l-oħra, grazzi għall-ħafna għajnuna li ta l-Gvern kif ukoll setturi oħrajn lill-għaqdiet – liema għajnuna rrid ngħid li matul dawn l-aħħar snin żdiedet b'mod sostanzjali - f'Għawdex irnexxielna nagħmlu *a year-long activity*. Din hija prova tal-impenn kbir li għandu l-volontarjat biex ir-rota ekonomika f'Għawdex tkompli ddur.

Diskrepanza oħra li tirriżulta fil-qasam tal-volontarjat bejn Malta u Għawdex hija l-ammont ta' sigħat li jiġu dedikati għall-volontarjat f'Malta u Għawdex. Fil-fatt minn stħarriġ li għamel il-Malta Council for the Voluntary Sector ftit tas-snin ilu (MaltaCVS) irriżulta li bħala medja l-Għawdxin jiddedikaw disa' sigħat fil-ġimgħa għall-qasam volontarju, li huwa l-istess ammont ta' sigħat li jiddedikaw għall-qasam volontarju l-Maltin min-naħa t'isfel ta' Malta, filwaqt li l-Maltin li joqogħdu f'partijiet oħra ta' Malta jiddedikaw aktar sigħat għall-qasam volontarju. Ta' min jgħid li 77% tal-Maltin qalu li ma jistgħux jiddedikaw aktar ħin għall-volontarjat minħabba nuqqas ta' ħin u l-persentaġġ ta' Għawdxin li qalu li ma jistgħux jiddedikaw aktar ħin għall-volontarjat minħabba nuqqas ta' ħin kien ta' 88%. Din hija xi ħaġa raġunata għax kif nafu hemm ħafna nies li jaħdmu Malta u allura dawn filgħaxijiet jibqgħu Malta. Forsi 'l quddiem, permezz tat-*teleworking* u ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni, il-valur kbir li jagħti l-volontarjat f'Għawdex fis-setturi kollha jkun jista' jkompli jiżdied.

Imbagħad fil-preżentazzjoni li qed nagħmel qed nuri figuri oħra li għalkemm mhumiex daqstant rilevanti għas-sitwazzjoni tal-COVID-19 li għaddejjin biha bħalissa, huma figuri li jkun interessanti li wieħed jaqsamhom ma' dan il-Kumitat ukoll. Pereżempju, interessanti wkoll il-fatt li filwaqt li huma 50% tal-Maltin li jgħidu li huma jagħtu sehemhom fil-volontarjat għax iridu jgħinu lil ħaddieħor, il-persentaġġ ta' Għawdxin li jgħidu li jixtiequ jgħinu lil ħaddieħor huwa ta'

66%, jiġifieri minbarra li f'Għawdex hawn ħafna li jagħtu sehemhom fil-volontarjat, hawn ukoll ħafna li jesprimu x-xewqa li jagħtu sehemhom fil-volontarjat. Għalhekk huwa importanti li nkomplu nsostnu r-rieda kif ukoll is-sehem tal-Għawdxin fil-qasam tal-volontarjat Għawdxi biex ir-rota ekonomika ta' Għawdex tkompli ddur.

Issa ħalli niġi biex nitkellem dwar il-perjodu partikolari tal-COVID-19 li qed ngħixu llum għax wara kollox it-tema prinċipali tal-laqgħa tal-lum għandu proprju din it-tema. Nibda biex ngħid li hekk kif bdiet is-sitwazzjoni tal-COVID-19 f'pajjiżna aħna konna mill-ewwel ħriġna *press release* f'dan ir-rigward u konna appoġġjajna anke lill-GTA (Gozo Tourism Association) u lill-GBC (Gozo Business Chamber), li huma membri tagħna. Dan minkejja li normalment huma jitkellmu bil-vuċi tagħhom u aħna min-naħa tagħna ma tantx nitkellmu għalihom għax huma għandhom mezzi biex iwasslu l-messaġġ li jkunu jridu jwasslu. Aħna nwasslu wkoll l-ideat ta' għaqdiet oħra, bħal dawk tal-AGEM (Association for Gozitan Employees working in Malta) li ġiet quddiem dan il-Kumitat il-ġimgħa l-oħra, u anke tal-Mental Health Association ġewwa Għawdex, li huma wkoll membri tagħna. Aħna nittrattaw temi ġenerali u naġixxu biex ngħinu lil kulħadd filwaqt li fl-istess ħin nagħmlu forma ta' *network*. Kif spjegajt diġà, aħna appoġġjajna lil dawn l-għaqdiet mill-ewwel għax ħassejna li f'dawn iċ-ċirkostanzi hemm bżonn li jsiru miżuri addattati għal Għawdex. Niftakar li meta l-Prim Ministru ħabbar l-ewwel għajnuniet li kien se jagħti l-Gvern, dawn kienu ġenerali u għalhekk aħna qbilna li hemm bżonn li jittieħdu miżuri favur Għawdex, partikolarment miżuri li jkunu addattati għas-settur tal-volontarjat. Ma nħossx li għall-ewwel il-Gvern kien proattiv daqshekk għas-settur tal-volontarjat, imma wara intervent tal-MaltaCVS dan is-settur ġie inkluż. Fil-fatt wieħed mill-benefiċċji li kien ħabbar il-Gvern fil-bidu kien hemm dik ta' €800 lill-ħaddiema impjegati, imma wara intervent tal-MaltaCVS is-sitwazzjoni mal-ewwel ġiet aġevolata għax l-għaqdiet volontarji kollha li għandhom addetti magħhom nies li huma mpjegati ngħatatilhom dik l-għajnuna. Naturalment dan kien ta' solliev kbir għall-għaqdiet volontarji, għalkemm in-numru ta' għaqdiet volontarji li għandhom l-impjegati magħhom huwa żgħir u għalhekk ma kinux ħafna l-għaqdiet li gawdew minn din il-miżura.

Irrid ngħid li min-naħa tiegħu, il-Ministeru għal Għawdex kien proattiv għax dan sa mill-bidu nett ħabbar - fil-fatt naħseb li din l-aħbar ingħatat sa minn qabel ma tħabbret il-miżura li l-ħaddiema li huma mpjegati mal-għaqdiet volontarji jingħataw it-€800 wkoll - li se jirrifondi ... Ma naħsibx li kien sar xi avviż uffiċjali f'dan ir-rigward, imma l-għaqdiet li jaħdmu fis-settur volontarju rċevew komunikazzjoni biex l-għaqdiet iserrħu moħħhom li min kellu xi proġett abbinat mal-*Easter in Gozo* u laħqu għamlu xi spejjeż, dawn kienu se jingħatawlhom lura minħabba li fiċ-ċirkostanzi dak il-proġett ma jistax jitwettaq. Mal-għaqdiet volontarji ngħaqad ukoll l-Arts Council Malta minħabba li kif nafu, kienu diġà qed isiru t-tħejjijiet neċessarji għall-Gozo Opera Festival 2020 kif ukoll għal *festivals* abbinati mal-istess Kunsill. Għalhekk nistgħu ngħidu li nstabet soluzzjoni mal-ewwel biex jiġu aġevolati dawn l-għaqdiet.

Imbagħad ħarġet il-proposta tal-VOEF (Voluntary Organisations Emergency Fund), li nisperaw li jkopri s-sitwazzjoni b'mod xi ftit aktar wiesa' billi jingħataw flus biżżejjed biex wieħed ikun jista' jkompli. Dawn huma l-benefiċċji li ngħataw mill-Gvern s'issa. Forsi b'dawn il-benefiċċji l-għaqdiet ikunu jistgħu jkomplu jiffunzjonaw, imma ... Ir-rispons li tawna dawn l-għaqdiet kien li l-ewwel nett kien hemm *drop in or complete loss of funding* mill-għaqdiet, xi ħaġa li kienet mistennija ...

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Grech, ippermettili ftit. Tista' taqra dik il-parti tal-*presentation* tiegħek li tittratta l-*feedback* li kien hemm min-naħa tal-għaqdiet għall-benefiċċju ta' min qed isegwina? Għax aħna qed naqrawhom, imma min qed isegwina ma jistax jagħmel dan, u jiena qed nifhem li dawn huma s-suġġerimenti li inti qed tressaq lill-Kumitat, hux hekk?

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Iva. Kif kont qed ngħid, hija xi ħaġa raġunata li l-ewwel nett l-għaqdiet intlaqtu minn *drop in or complete loss of funding*. Ta' min ifakkar li dawn l-għaqdiet kellhom finanzi diretti, jiġifieri hawnhekk jien m'iniex qed nirriferi għall-*funding* tal-gvern. Is-sostenn li dawn l-għaqdiet jirċievu minn kuntratti mal-gvern baqgħu għaddejjin, anzi minbarra li l-Gvern barra baqa' jagħti s-sostenn tiegħu skont il-kuntratti li kien hemm, huwa assigura wkoll il-pagi tal-impjegati. Madanakollu għall-ewwel kien hemm *loss* f'dak il-*funding* li s-soltu jiġi minn *fundraising*, minn fieri jew minn xi

esebizzjoni, u mbagħad bil-mod il-mod reġa' beda jiżdied. Madanakollu żgur li ċerti spejjeż li għandhom l-għaqdiet ma jistgħux jisparixxu. Pereżempju, kif qalulna l-għaqdiet, il-*utility bills*, l-*interconnectivity*, il-kirjiet, l-imgħaxijiet, eċċ, iridu jkomplu għaddejjin. Hemm min qed ibati ftit għax forsi għandu *loans* żgħar u allura m'għandux xi imgħaxijiet kbar, imma hemm min qed ibati ħafna għax pereżempju għamel ċertu żvilupp fil-proprjetà li kien hemm bżonn isir. L-introjtu ta' dawk l-għaqdiet li forsi kellhom xi *bar* magħhom, bħal fil-każ tal-każini tal-baned kollha, waqaf kollu. Issa hawn wieħed jista' jargumenta u jistaqsi: Alluar dawn l-għaqdiet ma waqfux ukoll? L-ewwel nett mhux kulħadd waqaf u t-tieni nett l-ispejjeż ma jiqfux. Huwa biżżejjed li nsemmu l-manutenzjoni tal-proprjetà.

Ta' min jgħid li minbarra l-pagamenti tas-soltu, fosthom f'manutenzjoni tal-proprjetà u f'interessi, matul dan il-perjodu tal-COVID-19 kien hemm ukoll *increased use* of *mobile phones, postal service, increased bandwidth*, eċċ. Huwa minnu li l-maġġoranza l-kbira tal-għaqdiet diġà kellhom is-sistemi tal-*internet* tagħhom, però ħadd ma kien lest biex ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu dawn il-mezzi kollha, u allura dawn huma affarijiet li hemm bżonn illi wieħed jagħti kashom ukoll. Pereżempju, il-mużewijiet, l-għaqdiet li għandhom xi biċċiet ta' arti u dawk l-għaqdiet li għandhom l-armar tal-festa xorta waħda jkunu jridu jibqgħu jieħdu ħsieb dawn l-affarijiet. Xi ħaġa oħra interessanti huwa li, bħalma smajna ftit ilu meta Dr Anton Grech u s-Sa Jeanette Falzon mill-Mental Health Association ġewwa Għawdex kienu qed jagħmlu l-*presentation* tagħhom, hemm għaqdiet li matul dan iż-żmien tal-pandemija żdiditilhom it-talba għas-servizz tagħhom. Filwaqt li fil-każ ta' teatru, dan kellu jieqaf minħabba li ovvjament waqt perjodu bħal dan in-nies mhux se jmorru jaraw kunċert jew imorru jiżfnu, it-talba għal servizzi oħra żdiedet. Pereżempju, hawn biżżejjed insemmi l-għaqdiet tal-problemi tas-saħħa mentali, il-Friends of the Sick and the Elderly in Gozo, l-għaqdiet tal-*hearing impairment* jew dawk tas-*sight impairment*. Dawn l-għaqdiet f'daqqa waħda matul dan il-perjodu ġew bżonn servizzi oħrajn minħabba problemi anke ta' saħħa mentali, u dan meta dak id-dħul li kien ġej mill-attivitajiet li kienu jorganizzaw għall-pubbliku kif ukoll minn *fundraising* waqaf. Għalhekk ikun tajjeb jekk wieħed jara kif jista' jżid il-mezzi finanzjarji ta' dawn l-għaqdiet.

Diġà għedt li bħalissa qed jittieħdu diversi inizjattivi ta' għajnuna f'dan ir-rigward, fosthom dik l-iskema tal-għaqdiet volontarji, imma huwa tajjeb li anke hawn wieħed jiddiskuti ftit. Pereżempju, il-fondi li hemm abbinati ma' din l-iskema jammontaw għal €125,000. Issa ta' min jgħid li f'Malta u Għawdex hemm reġistrati xi 1,500 għaqda, jiġifieri li kieku dawn kellhom jinqasmu bejn l-għaqdiet kollha li għandna f'pajjiżna, kulma tirċievi kull għaqda huma xi €70, liema somma lanqas tkopri l-kont tad-dawl u tal-ilma għal xahar! Issa terġa' jekk ikollok għaqdiet li jmorru għall-*full amount*, li huwa ta' €5,000, se jkun hemm anqas flus x'jitqassmu. Għalhekk din hija materja li forsi wieħed jista' jittrattaha aktar 'il quddiem għax ġaladarba ma jkunx hemm biżżejjed flus, ovvjament l-għaqdiet se jiġu megħjuna finanzjarjament skont l-importanza tagħhom, skont kemm ikunu f'riskju li ma jkunux jistgħu jkomplu miexja 'l quddiem u skont kemm is-servizz li jagħtu jkun bżonnjuż. Żgur li aktar 'il quddiem b'xi mod jew ieħor se jkolli ċans ninformakom dwar x'inhu jiġri f'dan is-settur ukoll.

Hawnhekk jidher li s-sitwazzjoni ġenerali hija taħt kontroll, imma ma naħsibx li huma tant kontroll is-sitwazzjonijiet li qed jittrattaw ċerti għaqdiet, bħal pereżempju l-Mental Health Association ġewwa Għawdex u għaqdiet oħra għax imbagħad ovvjament kulħadd ikollu l-problemi tiegħu. Madanakollu għalkemm meta konna qed nitkellmu dwar il-Mental Health Association ġewwa Għawdex il-qasam tal-volontarjat ma tantx issemma, jidher li hemm impenn kbir mill-amministrazzjoni biex tgħin. Għalhekk l-għaqdiet ma jinsabux reqdin bħalissa. Pereżempju, hemm ċerti għaqdiet tal-ħarsien tal-annimali - biex ma nsemmix għaqda partikolari ħalli ma nagħmilx reklami - li qed jagħmlu l-maskri, jiġifieri l-għaqdiet żgur li qed jagħmlu l-parti tagħhom biex jaffrontaw is-sitwazzjoni preżenti, għalkemm naturalment dejjem ikun hemm bżonn ta' sostenn.

Issa rigward il-futur aħna bħala Gozo NGOs Association għadna ma għamilniex proċess ta' konsultazzjoni mal-għaqdiet tagħna, imma se nibdew proċess fl-isfera tal-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex fejn se niltaqgħu bħala *partners* flimkien mal-GBC, mal-GTA u mas-setturi tal-*unions* l-oħrajn. Għal min qed isegwina tajjeb nispjega li fil-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex, li ilu mwaqqaf is-snin, jinġabru l-imsieħba soċjali biex jagħtu l-ideat tagħhom dwar kif is-settur

tiegħu jista' jimxi 'l quddiem. Issa aħna nafu li kemm fi żmien Gvern kif ukoll fi żmien Gvern ieħor, anke meta l-Ministeru għal Għawdex kien immexxi miċ-Chairperson ta' dan il-Kumitat, ġiet imnedija strateġija speċjali għal Għawdex li aħna kellna sehem minnha għax ġejna avviċinati, u bil-pariri u s-sehem tal-AGEM ippreżentajna mozzjoni quddiem dan il-Kumitat biex nipproponu strateġija partikolari. Din l-istrateġija ma kellhiex tieħu post strateġiji oħra li jista' jkollu l-Gvern għax wara kollox il-Gvern huwa politikament responsabbli biex ifassal strateġija, imma forsi permezz ta' din l-istrateġija seta' jkun hemm ideat validi li jiġu aċċettati bħala parti mill-istrateġija tal-Gvern. Naturalment strateġija tal-Gvern ikollha appoġġ elettorali, imma m'hemm xejn ħażin li jkun hemm konsultazzjonijiet bħal dawk li saru mill-2017 'l hawn.

Sinjura President, għal Għawdex hemm bżonn ta' strateġija fit-tul. Issa jekk din l-istrateġija tiġix imsejħa "EcoGozo", "Sustainable Gozo" jew "Circular Gozo", naħseb li Għawdex huwa post li jista' jservi ta' mudell u fejn nistgħu naħdmu anke fuq ideat u esperimenti ġodda. Bis-settur agrikolu li għandna huwa tajjeb li jkollna strateġija f'dan ir-rigward. Għalhekk aħna nixtiequ li jkun hemm strateġija innovattiva biex tindirizza l-*issues* ta' Għawdex, liema strateġija għandu jkollha parametri ambjentali.

Nixtiequ wkoll li tissaħħaħ *a wider representation in national bodies*. L-amministrazzjonijiet tal-lum qed jaħdmu ħafna permezz ta' kumitati jew awtoritajiet. Pereżempju, dan l-aħħar twaqqfet awtorità għall-kwalità tal-arja. Ġie mniedi wkoll kumitat biex jara l-futur tal-qasam edukattiv. Jien naħseb li anke l-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex għandu jagħfas dwar dan għax wara kollox minbarra li dan il-Kumitat Parlamentari huwa *opinion collector* li fih wieħed jista' jaqsam l-ideat, għandu importanza kbira anke f'dak li hu skrutinju parlamentari. Issa jien għadni niftakar li meta ċ-Chairperson ta' dan il-Kumitat kienet Ministru għal Għawdex kienet tgħid li aktar ma jitwaqqfu bordijiet u kumitati, l-iskrutinju aktar se jiżdied, però jien ma nara xejn ħażin f'li jiżdied l-iskrutinju. Fil-fatt jien nixtieq li tkunu tistgħu żżidu l-iskrutinju fuq il-bordijiet nazzjonali anke f'isem il-volontarjat. Pereżempju, innovazzjoni li kienet sabiħa ħafna u li ġiet *launched* din is-sena wara li s-sena l-oħra ġiet implimentata l-liġi tal-volontarjat hija dik li llum hemm rappreżentant ta' Għawdex fil-kunsill nazzjonali tal-volontarjat. Għalhekk nispera li bħala Kumitat tilqgħu dan l-appell li qed nagħmel.

Nixtieq ukoll li wara dan iż-żmien tal-pandemija tal-COVID-19 ikun hemm strateġija li biha nkunu nistgħu ngħinu lill-għaqdiet *to retool, rebrand and refurbish*. Pereżempju, għandna naħtfu din l-opportunità biex f'dan iż-żmien partikolari nniedu skemi u naraw x'nistgħu nagħmlu għat-teatri u l-baned. Għalkemm nafu li bħalissa l-Gvern għandu ħafna spejjeż, ...

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Grech, għandek xi suġġerimenti dwar dan? Għax l-istedina ma kinitx biss biex niddiskutu s-settur imma biex nitkellmu dwar is-settur fi żmien il-COVID-19 *and beyond*, jiġifieri l-punt li qed issemmi inti bħalissa jista' jkun il-punt konklussiv tiegħek u jista' jkun ukoll il-*punto di partenza* li tistgħu taqbdu.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Aħna għandna ideat partikolari, anke għaliex kien ikkuntattjana konsorzju barrani biex insaħħu s-settur tal-opri f'Għawdex. Bil-mertu ta' ħafna nies u ta' ħafna gvernijiet Għawdex irnexxielu li mhux jikkrea l-opra f'Għawdex, imma li jsalva l-opra f'Għawdex.

IĊ-CHAIRPERSON: Illum l-opra f'Għawdex hija l-opra f'Malta, jiġifieri għandna livelli għoljin ħafna u nassigurak li llum għandna profil internazzjonali f'dan ir-rigward. Dan il-punt li qed tqajjem huwa interessanti ħafna.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Hemm anke dokumenti li nixtiequ nixprunaw.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Grech, nixtieq niġbidlek l-attenzjoni li għalkemm qed tagħmel riferenza għall-istrateġija 'l quddiem li l-Gozo NGOs Association jidher li qed tħares lejha, fil-preżentazzjoni li għandna hawnhekk ma jidher li hawn xejn dwarha.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: M'hemm xejn minħabba li ma ridtx inkun speċifiku għax fil-verità hemm rapport sħiħ dwar dan. Issa jekk dan għadux attwali ma nafx, imma konsorzju internazzjonali sab suq kbir mhux biex nipproduċu l-opra imma sab suq kbir ta' kantanti tal-opra li għandhom fi stadju ta' studju, ... Issa hawn ta' min jgħid li dawn ikunu qed jistudjaw fl-iskala ta' La Scala, tal-Metropolitan Opera, ...

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Grech, naħseb li diskussjoni bħal din trid issir mal-entitajiet ikkonċernati li huma involuti fl-opri direttament, imma hawn aħna qed nitkellmu fuq il-Gozo NGOs Association, li hija *an umbrella organisation* tal-għaqdiet kollha Għawdxin f'setturi differenti, jiġifieri hawn aħna m'aħniex qed nitkellmu fuq l-opri biss.

Semmejt punt importanti ħafna li fl-opinjoni tiegħi bħala Assoċjazzjoni għandkom tiddiskutuh u eventwalment jekk hemm bżonn terġgħu tiġu lura għandna. Jien qed nirriferi għal din l-istrateġija tal-*post* COVID-19. Però l-opra għandha tkun aspett minnha u m'għandhiex tkun *the sole pillar*. Kif għedt tajjeb inti, hemm parteċipazzjoni pjuttost qawwija fost l-Għawdxin fl-għaqdiet volontarji. Fil-fatt jien dejjem ngħid illi li kieku m'għandniex is-settur tal-volontarjat f'Għawdex, ħafna affarijiet ma jsirux.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Ninsab konvint minn dan.

IĊ-CHAIRPERSON: Li hu żgur hu li għandna ħafna talenti, u fil-fatt kien għalhekk li l-Gvern iddeċieda li kull sena jżid dejjem aktar l-investiment tiegħu fl-għaqdiet volontarji. Jien infakkar li kien hemm żmien fejn minħabba nuqqas ta' mekkaniżmu fid-distribuzzjoni tal-fondi, konna qed nirriskjaw ... Fil-fatt din kienet waħda mill-ewwel problemi li ffaċċjajt jien fil-Ministeru; li l-Kummissarju ried jirtira l-fondi minħabba li l-mod kif kienu jitqassmu l-fondi fost l-għaqdiet Għawdxin ma kien trasparenti xejn, u għalhekk apparti l-mekkaniżmu trasparenti ta' kif jingħataw il-fondi mbagħad kien iddaħħal ukoll mekkaniżmu ieħor biex niskrutinizzaw il-mod ta' kif l-għaqdiet jonfqu l-fondi, jiġifieri kienet iddaħħlet trasparenza *across the board.* Però f'dan il-kontest partikolari u fuq dan is-suġġett naħseb u nemmen li l-Assoċjazzjoni tagħkom tista' tikkontribwixxi, Sur Grech. Pereżempju, wieħed jista' jiddiskuti dan l-elenku ta' suġġerimenti li għamiltilna anke internament għax milli jidher għadha ma saritx diskussjoni dwar dan, hux hekk?

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Le, għadna m'għamilniex diskussjoni f'dan is-sens.

IĊ-CHAIRPERSON: Jiġifieri Sur Grech, qed nifhem sew li dawn ir-rakkomandazzjonijiet u l-*issues* li qed tqajjem għadhom ma ġewx maqbula, imma inti qiegħed sempliċement titfagħhom għad-diskussjoni?

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Le, dawn għadhom ma ġewx maqbula għax għadhom ma ġewx imnedija. Semmejt l-opra partikolari għax jien naħdem f'dan il-qasam u għalhekk għandi interess personali fiha.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Grech, filwaqt li napprezza l-ħeġġa u l-*input* tiegħek, però ovvjament huwa importanti li din tkun anke l-pożizzjoni tal-Gozo NGOs Association, jiġifieri filwaqt li nifraħlek ...

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Fil-fatt jien għalhekk kont ġeneriku, imma inti qisek staqsejtni biex insemmi xi ħaġa speċifika.

Biex nikkonkludi rrid ngħid li hemm bżonn li jsir xi ftit investiment biex iċ-Ċentru minn fejn naħdmu jiġi *refurbished*.

IĊ-CHAIRPERSON: Imma dik hija kwestjoni oħra. Illum il-ġurnata bil-fondi li għandhom l-NGOs wieħed jista' jħares ukoll lejn binarji differenti. Però nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nifraħlek għall-preżentazzjoni li ressaqt quddiem dan il-Kumitat - għax ovvjament jiena rrid nallaċċja dak li qed tgħid inti ma' dak li għandi quddiemi - li hija pjuttost strutturata. Nixtieq nitolbok biss biex *slide* numru 16 - naturalment min qed isegwina mhux qed jaraha, però aħna qed narawha - li qed tiġbor is-suġġerimenti tiġi diskussa bħala Assoċjazzjoni internament u mbagħad dawn jiġu ppreżentati lilna bħala Assoċjazzjoni u mhux fuq livell jew opinjoni personali.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Kollox sew.

IĊ-CHAIRPERSON: F'dan il-Kumitat aħna qed naraw suġġett partikolari minn aspetti differenti u mbagħad nifformulaw rapport, liema rapport se jinkludi r-rakkmandazzjonijiet li se nkunu qegħdin nirċievu. Għalhekk jekk sadanittant tilħaq tlesti d-diskussjoni anke b'mod virtwali, nitolbok biex iġġibilna konferma li dik hija l-pożizzjoni tal-Assoċjazzjoni. Huwa importanti wkoll li s-suġġerimenti li jkun hemm jitniżżlu skont il-prijorità tagħhom. Hawnhekk jien qed nara xi 12-il proposta, u għalhekk nitolbok biex tniżżel dawn il-proposti wara xulxin skont il-prijorità tagħhom sabiex aħna nkunu nistgħu niddiskutuhom.

Issa se ngħaddi biex nara jekk l-Onor. Membri jixtiqux jagħmlu mistoqsijiet. L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Insellimlek, Sur Grech, u nixtieq nirringrazzjak tal-preżentazzjoni tiegħek u talli għoġbok tiltaqa' magħna llum, minkejja li qed tagħmel dan b'mod virtwali. F'isem l-Oppożizzjoni nixtieq nuri wkoll l-apprezzament tagħna mhux biss għall-ħidma li twettaq il-Gozo NGOs Association, li ħafna snin ilu jien kelli x-xorti li nkun fuq l-ewwel kumitat tagħha, imma anke għan-numru ta' għaqdiet li din l-Assoċjazzjoni tirrappreżenta.

Id-domanda tiegħi torbot mal-punt interessanti ħafna li għamel is-Sur Saviour Grech rigward il-ħtieġa ta' strateġija għal għaqdiet volontarji ġewwa Għawdex kemm issa li għadna għaddejjin miż-żmien tal-imxija tal-COVID-19 u anke wara li jgħaddi dan iż-żmien; żmien li s'issa għadu ma jidhirx daqshekk ċar kif se jiżvolġi minħabba li ovvjament dan jiddependi minn dak li se jiġri mill-imxija tal-*virus* innifsu. L-ewwel nett nixtieq nistaqsi lis-Sur Grech f'liema direzzjoni għandha tmur u liema miri għandha tilħaq din l-istrateġija. Naf li l-Gozo NGOs Association tirrappreżenta diversi setturi tal-volontarjat. Liema kienu l-aktar setturi li ntlaqtu mis-sitwazzjoni preżenti?

Is-Sur Grech semma diversi diffikultajiet li qed ikollhom jiffaċċjaw fil-preżent l-għaqdiet li avviċinawh minħabba s-sitwazzjoni li qegħdin ngħixu fiha. Għalhekk nixtieq nistaqsi wkoll lis-Sur Grech jekk id-diffikultajiet li qegħdin jesperjenzaw dawn l-għaqdiet humiex esklussivament ta' natura finanzjarja, bħal pereżempju ħlasijiet ta' kontijiet tad-dawl u tal-ilma, tat-*telephone*, tal-*internet* u minħabba li bħalissa mhux qed isir *fundraising*. Apparti diffikultajiet finanzjarji, lil dawn l-għaqdiet inħolqulhom diffikultajiet oħrajn minħabba s-sitwazzjoni preżenti li qegħdin ngħixu fiha?

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Sur Saviour Grech. Jekk jogħġbok, wieġeb fil-qosor.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Hemm numru ta' għaqdiet volontarji li ntlaqtu mill-effetti ta' din il-pandemija proprju minħabba l-fatt li ma jistgħux jiffunzjonaw. Pereżempju, il-funzjoni prinċipali ta' banda jew ta' għaqda sportiva *per se* hija li dawn jagħmlu xi ħaġa b'mod volontarju biex jesprimu l-ħiliet tagħhom. Ma ninsewx li ħafna għaqdiet volontarji jagħmlu xogħol espressiv fl-arti, fil-kultura u fl-isport. Għalhekk dawn it-tip ta' għaqdiet bilfors intlaqtu għax ħafna minnhom twaqqfitilhom il-funzjoni prinċipali tagħhom mal-ewwel.

L-aktar għaqdiet li ntlaqtu mill-effetti ta' dan il-perjodu partikolari kienu dawk l-għaqdiet li t-talba għas-servizzi tagħhom ma spiċċatx - fost dawn hemm dawk l-għaqdiet li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, bħall-Mental Health Association ġewwa Għawdex - u allura x-xogħol tagħhom żdied filwaqt li mbagħad forsi naqsilhom l-introjtu. Diffikultà oħra li qed ikollhom jiffaċċjaw dawn l-għaqdiet hija li wieħed mhux qed ikun jista' jaħdem mill-uffiċċju. Pereżempju, lilna bħala Assoċjazzjoni laqatna l-aktar il-fatt li ma nistgħux naħdmu mill-Uffiċċju u noffru s-servizzi tagħna għax ġejna miżmumin milli nagħmlu dan.

IĊ-CHAIRPERSON: Ippermettili ftit, Sur Grech. Allura peress li fiżikament hemm ċertu xkiel biex wieħed ikun jista' jopera, bħala Assoċjazzjoni qed tinkoraġġixxu lill-membri tagħkom biex tikkomunikaw b'mod virtwali, bħalma qed nagħmlu aħna llum?

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Iva, mela! Din hija xi ħaġa li nsejt insemmiha, u fil-fatt ħarġet anke xi skema f'dan ir-rigward. Ma tantx kelli ċans insegwi, imma naf li ċerti għaqdiet minn tagħna marru *online*. Pereżempju, dawk li s-soltu jorganizzaw il-festivals użaw mezzi virtwali biex jippromwovu l-mużika tagħhom, bħalma jsir f'pajjiżi barranin. Anke t-teatri qed jerġgħu juru x-xogħol tagħhom b'mod virtwali, jiġifieri aħna żgur li qed ninkoraġġixxu lil dak li jkun biex imur *online*. Fil-fatt illum ħafna mis-servizzi jsiru *online* mingħajr il-bżonn li wieħed joqgħod fl-uffiċċju, imma whud mill-għaqdiet inqabdu f'sitwazzjoni fejn l-*utilities* tagħhom qegħdin f'post filwaqt li wieħed qed ikollu jaħdem minn post ieħor. Anke l-iskema li hemm għaddejja bħalissa qed tinkoraġġixxi lil dawk kollha konċernati biex japplikaw għal sistemi ta' *networking*. Għalhekk żgur li n-*networking* se jiżdied għax għalkemm dan il-metodu għandu d-diffikultajiet tiegħu wkoll, f'dan iż-żmien partikolari apprezzajna l-benefiċċji li għandu min jaħdem permezz tan-*network*. Fil-fatt nerġa' nisħaq li l-enfasi tagħna qed tkun biex kemm jista' jkun immorru *online*, għalkemm naturalment ċerti affarijiet ma jistgħux isiru *online*.

Rigward il-mistoqsija li għamilli l-Onor. Kevin Cutajar aktar kmieni, irrid ngħidlu li l-aktar NGOs li ntlaqtu huma dawk li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa.

L-aħħar *slide* tal-preżentazzjoni tiegħi *says it all* għax hawnhekk ikkwotajt artiklu tiegħek, Sinjura President. Dan bgħattulkom ftit wara l-oħrajn.

IĊ-CHAIRPERSON: Jidher li jogħġbuk l-artikli tiegħi għax dejjem kont tħobb tikkwotahom! Kemm toqgħod attent!

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Huwa importanti li tinnota l-mod li bih jesprimi ruħu l-bniedem għax tkun tista' tifhem id-direzzjoni tiegħu. Fil-programm elettorali ma jiġix miktub dak kollu li jkun se jsir. S'issa għad ma kellniex l-opportunità li niltaqgħu mal-Ministru għal Għawdex preżenti, u jien nawgura li jkollna ċans niltaqgħu miegħu fil-futur qarib biex niddiskutu ċerti affarijiet miegħu wkoll.

Xi ħaġa li weġġgħetni xi ftit kienet li ntlabna biex nagħtu l-għajnuna tagħna waqt din il-pandemija tal-COVID-19 u s'issa dan għad ma kellniex ċans nagħmlu dan. Biex nispjega ruħi aħjar, il-Malta Health Network ġiet imqabbda mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Chris Fearne biex tikkoordina l-volontarjat waqt din il-pandemija. Għalhekk ħarġet sejħa għall-volontarjat u aħna ntlabna nikkoordinaw xi xogħol ta' *swabbing*, imma minħabba ċerti diffikultajiet s'issa għadna ma stajniex nagħmlu dan. Forsi permezz ta' diskussjoni mal-Ministeru kkonċernat inkunu nistgħu naraw b'liema mod huwa possibbli li nagħtu sehemna matul dan iż-żmien tal-pandemija.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Grech, grazzi ħafna kemm talli kont magħna kif ukoll tal-ħidma tiegħek. Kif għedt diġà, jien naħseb li għandu jkun hemm *follow-up* ta' din id-diskussjoni fuq il-binarji li indikajtlek, anke biex l-*input* tal-Gozo NGOs Association ikun parti mir-rakkmandazzjonijiet li se nkunu qegħdin nagħmlu. Nixtieq nawguralek mhux biss għall-ħidma personali tiegħek imma anke għall-operat tiegħek b'risq l-NGOs Għawdxin u b'risq is-soċjetà Għawdxija inġenerali. Nirringrazzjak ħafna.

IS-SUR SAVIOUR GRECH: Nirringrazzja lilkom tal-invit u tal-opportunità. Ngħaddi lill-Kumitat il-preżentazzjoni li għamilt:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*COVID-19*".

AFFARIJIET OĦRA

IĊ-CHAIRPERSON: B'hekk temmejna l-interventi tal-lum. Naħseb li kienet diskussjoni pjuttost interessanti, u peress li dan is-suġġett huwa vast, kif qbilna li nagħmlu fl-aħħar seduta, is-seduta li jmiss għandha tkopri s-settur edukattiv. Sadanittant kien hemm stqarrija tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol li ħabbar li ġiet imwaqqfa *task force* biex titkellem dwar il-qasam edukattiv fi żmien il-COVID-19 *and beyond*. Aħna min-naħa tagħna diġà għamilna kuntatt mas-Segretarju Permanenti s-Sur Francis Fabri, li jinsab dispost li jattendi hawnhekk għas-seduta tal-Kumitat li jmiss biex jagħti l-preżentazzjoni tiegħu. Jekk taqblu, flimkien mas-Sur Fabri għandna nistiednu wkoll lil Gozo University Group (GUG), lil rappreżentant mill-Kunsill Studenti Universitarji (KSU) kif ukoll lil rappreżentant tal-MCAST Gozo Campus Għawdex biex b'hekk inkunu koprejna s-settur edukattiv kollu. Is-Segretarju Permanenti se jkun ir-rappreżentant min-naħa tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, li allura se jkun qed ikopri s-settur primarju, sekondarju u post-sekondarju u mbagħad se nistiednu lil rappreżentanti tal-GUG, tal-KSU u tal-MCAST biex inkopru anke l-edukazzjoni terzjarja. Jista' jkun li r-rappreżentant tal-MCAST ikun il-kap tal-MCAST f'Għawdex. Dan biex ikollna idea ġenerali dwar dak li huwa għaddej u dak li qed jiġi propost. Imbagħad jekk eventwalment inkunu nixtiequ nistiednu lil xi nies oħrajn biex jindirizzaw din it-tema, inkunu nistgħu nagħmlu dan f'seduti oħrajn.

Nixtieq infakkar ukoll li għadna qed nistennew risposta mingħand il-Malta Enterprise biex din tagħmlilna l-preżentazzjoni tagħha. Irridu nagħmlu wkoll mistoqsijiet dwar il-preżentazzjonijiet li saru minn Steward HealthCare, mill-GTA, mill-GBC u mill-MTA. Dawk huma kollha affarijiet li rridu nagħmluhom fis-seduti li jmiss.

Jien nissuġġerixxi li s-seduta li jmiss ta' dan il-Kumitat tkun il-ġimgħa d-dieħla. Il-Ministru jippreferi li ssir nhar it-Tlieta.

ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex): Jekk inhu possibbli jkun aħjar jekk nipposponuha għal ħmistax oħra minħabba mpenji ta' xogħol tal-gvern.

IĊ-CHAIRPERSON: Aktar minħabba t-*task force* li ħabbar il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

ONOR. CLINT CAMILLERI: Mela nipprova nkun preżenti nhar it-Tlieta.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sakemm nhar it-Tlieta l-laqgħa mhijiex se ssir Għawdex, għalija mhux problema.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-laqgħa se ssir Għawdex meta jkollna s-suġġetti ta' kulħadd u nagħmlu pjan ta' ħidma ħalli nkunu nistgħu nneduh hemmhekk fejn imbagħad issir diskussjoni li għaliha jiġu mistiedna wkoll xi *stakeholders*.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Mela kif għedt diġà, nhar it-Tlieta tajjeb għalija sakemm il-laqgħa mhijiex se ssir Għawdex.

IĊ-CHAIRPERSON: Għalissa m'hemmx data ta' meta l-laqgħa se tkun qed issir ġewwa Għawdex, però f'dan il-każ id-data se tkun maqbula bejn kulħadd biex nassiguraw li kulħadd ikun jista' jattendi.

Mela la m'hawnx rimarki oħra nixtieq nirringrazzjakom talli attendejtu għal din il-laqgħa filwaqt li nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li kienu qegħdin isegwuna. Flimkien mal-Iskrivana tal-Kumitat nixtieq nirringrazzja lill-pubbliku inġenerali anke tal-*feedback* u tas-suġġerimenti li qed jibagħtilna ta' kuljum.

Il-Kumitat issa huwa aġġornat għal nhar it-Tlieta, 26 ta' Mejju 2020, fl-4.30 p.m. L-aġenda se tkun il-kontinwazzjoni tad-diskussjoni dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Nirringrazzjakom.

Fis-6.25 p.m. il-Kumitat aġġorna.

12.4 Appendiči 4

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX
(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 4
It-Tlieta, 26 ta' Mejju 2020

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 4
It-Tlieta, 26 ta' Mejju 2020

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.39 p.m.

MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 3, li saret fit-18 ta' Mejju 2020, ġew ikkonfermati.

INTRODUZZJONI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Justyne Caruana): Nilqa' lil dawk kollha li qegħdin isegwuna *online* fuq is-sit elettroniku tal-Parlament kif ukoll lil dawk li se jkunu qegħdin isegwu x-xandira fuq l-istazzjon televiżiv tal-Parlament. Infakkar lil dawk kollha li se jindirizzaw il-Kumitat li l-proċeduri huma kollha pubbliċi u allura dak li se jingħad se jkun qed jixxandar kif għadni kif indikajt, sakemm ovvjament ma tkunx ix-xewqa ta' dak li jkun li l-intervent tiegħu ma jixxandarx.

L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ GĦAWDEX U T-TRIQ 'IL QUDDIEM (KONT.)

IĊ-CHAIRPERSON: Illum se nkomplu bid-diskussjoni fuq l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem u għaldaqstant ġew mistiedna Dr Francis Fabri, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Inġ. Godwin Grech, Direttur tal-MCAST Gozo Campus, il-Gozo University Group (GUG) kif ukoll il-Kunsill Studenti Universitarji (KSU).

Nibda billi nistieden lil Dr Fabri biex jingħaqad magħna. Nirringrazzjah talli laqa' l-istedina tagħna. Aħna ħadna spunt mill-konferenza stampa li saret, fejn ġiet imnedija *Task Force* sabiex issa li qegħdin fl-istadju li ħerġin minn din il-pandemija, nibdew nippreparaw għal li ġej, speċjalment fil-kuntest akkademiku fejn qed nittrattaw fuq *cohorts* importanti tas-soċjetà tagħna. Qed nirreferi għat-tfal u l-istudenti li huma sezzjoni tal-popolazzjoni li ġiet impattata mhux ftit u allura huwa opportun li naraw x'għandha tkun il-*way forward* skont kif ħabbar il-Ministeru għall-Edukazzjoni.

Nistieden lil Dr Fabri biex jibda l-preżentazzjoni tiegħu ħalli mbagħad nkunu nistgħu ngħaddu għad-diskussjoni.

DR FRANCIS FABRI (Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol): Grazzi, Sinjura President. Fil-ftit minuti li għoġobkom tagħtuni se nkun qiegħed nagħti daqsxejn *update* dwar kif il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol qiegħed jimxi dan il-vjaġġ fiċ-ċirkostanzi straordinarji li d-dinja kollha tinsab fihom.

Nibda billi nfakkar li f'Marzu, hekk kif il-pandemija għexnieha f'Malta, bħala Ministeru ħadna d-deċiżjoni li l-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi kollha f'Malta jingħalqu. Malta kienet fost l-ewwel pajjiżi Ewropej li ħabbru x'se jkun qiegħed jiġri f'dawk iċ-ċirkostanzi ta' xahrejn ilu, miċ-*childcare centre*s sal-MCAST u l-Università ta' Malta. Naħseb li konna wkoll wieħed mill-ftit gvernijiet Ewropej li fil-fatt irnexxielna fi żmien qasir ħafna – hawnhekk irrid nagħti l-*credits* lil kulħadd u ngħid li l-*istakeholders* fil-livelli kollha edukattivi ġejna flimkien u qattajna sigħat twal u ġranet sat-tard niddiskutu – inħabbru tliet

deċiżjonijiet importanti ħafna mal-għeluq tal-iskejjel.

L-ewwel deċiżjoni li ħabbarna kienet f'Marzu dwar kif se jipprogressaw l-istudenti minn sena għall-oħra, pereżempju minn *Year 1* għal *Year 2*, jew minn *Year 2* għal *Year 3*, jew inkella kif se jidħlu ġos-*Sixth Forms*, jew mis-*Sixth Forms* kif se jidħlu l-Università eċċ.

It-tieni deċiżjoni importanti ħafna li ħadna kienet dwar x'se jiġri mill-eżamijiet kollha fil-pajjiż. Bħala Maltin għandna nkunu orgoljużi li meta l-Gvern Malti ħabbar dawn id-deċiżjonijiet, kien hemm studenti Maltin li kienu qed jgħidulna grazzi talli serraħnielhom rashom x'se jiġri fuq is-SEC u fuq il-MATSEC iżda ma jafux x'se jiġri fuq l-eżamijiet li jagħmlu l-Ingilterra, bħall-eżamijiet tal-London, pereżempju. Dan għaliex għandna studenti Maltin li jagħmlu eżamijiet ta' barra wkoll u l-Gvern Ingliż fil-verità ħa d-deċiżjonijiet ferm wara d-deċiżjonijiet li ħadna aħna.

Naturalment ħadna deċiżjonijiet oħrajn fil-perkors tagħna u kien hemm gvernijiet oħra li mxew fuqna. Pereżempju aħna bqajna nqassmu l-*lunches* lit-tfal vulnerabbli u bdejna wkoll nagħtu aċċess għall-internet u kompjuters lit-tfal vulnerabbli. Nerġa' naqbad daqsxejn mal-Gvern Ingliż, il-Gvern Ingliż għamilhom ħafna warajna dawn il-miżuri. Mhux qed ngħid li kkoppjana, jekk ikkoppjana għamel sew, però l-Gvern Malti kien daqsxejn waħda qabel.

F'April imbagħad in-Nazzjonijiet Magħquda ppubblikaw qafas li aħna dehrilna li kien qafas interessanti li ta bażi tajba ħafna. Għaldaqstant ikkomunikajna man-Nazzjonijiet Magħquda u tlabna l-permess, li ngħatajna, biex dan il-qafas li fasslu flimkien mal-UNESCO nkunu nistgħu nisiltuh però nagħmluh tagħna, jiġifieri mhux nadottawh kif iddeċidew huma biss imma napplikawh għal pajjiżna. B'hekk, f'April ġejna għal *framework for the re-opening of educational institutions*.

Minn April sal-lum sar u għadu qed isir ħafna u ħafna xogħol u naħseb li hija inġusta meta xi ħadd jgħid li m'aħniex qegħdin nippreparaw għall-ftuħ ta' kull servizz edukattiv. B'xorti ħażina ħafna qed jistaqsu biss fuq x'se jiġri f'Settembru iżda aħna qed nippreparaw għal Settembru imma mhux biss. Pereżempju qed nippreparaw għall-ftuħ taċ-*childcare centres*, qed nippreparaw għas-*summer schools*, qed nippreparaw għall-eżamijiet ta' Settembru, qed nippreparaw għall-ftuħ tal-Università ta' Malta, qed nippreparaw għall-ftuħ tal-MCAST u qed nippreparaw għall-ftuħ ta' kull istituzzjoni edukattiva, li jfisser ħafna xogħol. Hawnhekk nirringrazzja lil ħafna uffiċjali li qed jagħtu s-servizz tagħhom u qed jaħdmu għal ħin twil ħafna biex pajjiżna, bħalma kien, jibqa' preparat u nagħmlu biċċa xogħol flimkien tajba ħafna.

Il-*framework* aħna qed nibnuh fuq ħames xenarji possibbli. Jekk ma naqblu fuq xejn, żgur li naqblu fuq xi ħaġa partikolari; l-unika ċertezza li qed niltħejjew għaliha hija l-inċertezza. Aħna ma nafux kif se tkun Malta għada b'din il-pandemija, ħadd ma jaf, lanqas l-esperti li ġejjin mill-qasam tas-saħħa, u allura kif se tippjana? Fuq xiex se tippjana? Għalhekk, Malta – hawnhekk fejn varjajna fuq il-mudell tan-Nazzjonijiet Magħquda – żviluppajna ħames xenarji possibbli. Mhux qed ngħidu għal liema xenarju se mmorru, għax ma nafux. Fil-fatt, se nkunu qed nieħdu ħafna xogħol li ħafna minnu mhux se nużawh, però nippreferu nkunu preparati ħafna ħalli meta niġu għas-*si* u n-*no*, inkunu mħejjin sew.

Il-ħames xenarji huma pjuttost bażiċi imma jiggwidawna ftit fil-preparazzjonijiet li għaddejjin bħalissa. L-ewwel xenarju qed jgħidilna li kieku f'din is-sena skolastika li għadna qegħdin fiha kellna nerġgħu niftħu, kieku xi rridu nagħmlu? Jiġifieri li kieku l-iskejjel primarji, sekondarji, medji, l-Università u l-MCAST kellhom jerġgħu jiftħu, kif irridu niltħejjew? X'inhuma l-bżonnijiet li rridu nagħtu kas?

It-tieni xenarju jikkonsidra l-possibbiltà li niftħu, bir-restrizzjonijiet li issa saru kważi n-norma l-ġdida, qabel is-sena skolastika li ġejja għaliex jista' jagħti l-każ li minflok niftħu s-sena skolastika fl-aħħar ta' Settembru, niftħuha xi ġimgħat qabel jekk l-affarijiet jikklirjaw fil-pajjiż. Allura bħala Ministeru qegħdin nippreparaw proprju għal dik l-eventwalità.

It-tielet xenarju li qed nippreparaw għalih huwa li kieku kellna niftħu s-sena skolastika fix-xhur ippjanati imma taħt ċirkostanzi differenti. Mela ejja ngħidu l-Università tiftaħ f'Ottubru iżda taħt ċirkostanzi differenti, hemmhekk għandna xenarji differenti fl-istess xenarju għax tista' tiftaħ f'Ottubru, pereżempju, imma kulħadd jibqa' d-dar bħalma qegħdin bħalissa. Bħalissa l-

Università miftuħa, il-bini magħluq imma t-tagħlim għadu għaddej. Is-*Sixth Forms* il-bini tagħhom magħluq imma t-tagħlim għadu għaddej. L-istess l-iskejjel l-oħra. Mela jekk f'Ottubru niftħu hekk, xi rridu nippreparaw? X'deċiżjonijiet irridu nieħdu? U jekk niftħu f'Ottubru u ċerti studenti biss ikunu jistgħu jidħlu fuq il-*campuses* tagħna, jew fl-iskejjel tagħna, liema huma d-deċiżjonijiet li rridu nieħdu? Xi rridu nagħmlu biex jekk niġu għal dak ix-xenarju nkunu preparati?

Ir-raba' xenarju li qed nippreparaw għalih huwa dak ideali, ċjoè li kieku niftħu b'mod normali, jiġifieri niftħu f'Settembru u f'Ottubru mingħajr ma jkollna l-COVID-19 fin-nofs. Dak ix-xenarju aħna qed nippreparaw għalih ukoll, minkejja li huwa normali.

Finalment il-ħames xenarju li qed nippreparaw għalih huwa li kieku kellna niftħu s-sistema edukattiva tagħna, miċ-*childcare centres* sal-Università, fl-2021. F'dik l-eventwalità, x'se nkunu qegħdin nagħmlu minn issa 'l quddiem?

Għal dawn il-ħames xenarji hemm ħames punti li t-timijiet kollha qed jippreparaw għalihom. L-ewwel punt huwa li jekk niġu biex niftħu taħt iċ-ċirkostanzi tax-xenarji differenti, kif se nassiguraw is-saħħa u s-sigurtà? Kif se npoġġu s-saħħa prijorità fuq kollox?

It-tieni punt jittratta l-*capacity building*, u jittratta l-*capacity building* fis-sens wiesa' tal-kelma. Qabel niftħu aħna nixtiequ li lill-poplu ninformawh kif se niftħu. Dan għaliex fl-edukazzjoni s-sitwazzjoni forsi hija daqsxejn differenti minn tar-ristoranti, pereżempju. F'ristorant jekk jien għandi aptit biċċa laħam, se mmur u niekol biċċa laħam u naf x'se niekol, mhux se jvarja daqshekk, imma jekk se niftħu l-iskejjel, u jekk se niftħu ċ-*childcare centres*, il-programmi se jkunu differenti minn dawk li aħna konna mdorrijin bihom qabel il-COVID-19. Allura fil-*capacity building* qed ninkludu l-informazzjoni li rridu ngħaddu lill-poplu b'mod ġenerali.

Fil-*capacity building* qed ninkludu wkoll it-taħriġ li għandna bżonn nagħtu lill-ġenituri. Aħna qegħdin ngħidu li jekk se nibqgħu nużaw il-pjattaformi diġitali, irridu nibdew noffru taħriġ *online*, kif diġà qegħdin nagħtu lill-edukaturi. U hawnhekk irrid insellem lill-edukaturi li qed jagħmlu biċċa xogħol sabiħa. Huma wkoll huma *frontliners* fiċ-ċirkostanzi għax huma wkoll qegħdin jaħdmu u qed jagħmlu ħafna sagrifiċċji għax mhux faċli tgħallem *online*. Allura qed ngħidu li rridu nagħtu taħriġ lill-ġenituri wkoll biex jekk f'Settembru niġu biex niftħu b'mod virtwali, il-ġenituri li forsi ma tantx jafu jużaw it-teknoloġija tal-inqas ikunu familjari mal-pjattaformi li se nkunu qed nużaw.

It-tielet punt huwa li rridu niggarantixxu li t-tagħlim jibqa' ta' kwalità. Jiġifieri jsirx fil-klassi, possibbiltà li qed nippreparaw għaliha, jew isirx virtwalment, li qed nippreparaw għaliha, jew isirx b'taħlita tat-tnejn, li qed nippreparaw għaliha wkoll, irridu niggarantixxu l-kwalità fit-tagħlim.

Ir-raba' punt huwa li rridu nilħqu lit-tfal kollha, jiġfieri kemm jekk it-tfal huma d-dar u kemm jekk qegħdin fl-iskola, irridu litteralment nilħqu lil kulħadd billi nagħtu edukazzjoni ta' kwalità. U hawnhekk irrid nagħmel daqsxejn parentesi; in-nies qed jitkellmu fuq x'se jiġri mill-iskejjel iżda aħna qed nitkellmu fuq id-differenzi fl-iskejjel. Fl-ippjanar li qed isir bħalissa aħna qed nitkellmu fuq *mainstream schools*, qed nitkellmu fuq ċentri ta' riżorsi, qed nitkellmu fuq *special schools*, qed nitkellmu fuq tfal li għandhom *statement of needs*, qed nitkellmu fuq tfal li għandhom *one-to-one* u qed naraw x'inhuma l-każijiet. Pereżempju f'dawn il-każijiet, il-kuntatt jaffettwa fiċ-ċirkostanza? Jekk iva, x'deċiżjoni rridu nieħdu? Jiġifieri mhux qed immorru *for a one size fits all approach* imma qegħdin niħmu l-kumplessitajiet li għandna, qegħdin nanalizzawhom u qed niħejjew u nippjanaw għal kull ċirkostanza.

Imbagħad il-ħames punt naturalment huwa x'finanzi hemm bżonn biex dan kollu nissapportjawh.

L-aħħar żewġ *slides* tal-preżentazzjoni tiegħi huma proprju fuq kif dan id-diskors għamilnieh biex inwettqu billi żviluppajna żewġ dokumenti. L-ewwel dokument qed jispjega dan kollu li qegħdin ngħidu hawnhekk, jiġifieri xi jfissru x-xenarji, x'inhuma l-miżuri li wieħed irid jieħu eċċ. It-tieni dokument, li qed jasal f'idejn l-uffiċjali u l-entitajiet li qed jippjanaw, huwa d-diskors trasformat f'*template*. Bħalissa qegħdin niġbru lura mingħand kull settur it-tħejjijiet li għamlu għal kull xenarju li spjegajt u b'kull waħda mill-ħames punti li semmejt. Jiġifieri dak id-diskors li għedt, trasformajnieh f'*template* li

mbagħad tkun qiegħda tiġi analizzata biex bħala Ministeru jkollna l-preparazzjonijiet kollha miġburin flimkien.

Naħseb l-ewwel appuntament fejn jidħlu s-servizzi edukattivi *it is public knowledge* li huwa maċ-*childcare centres.* Nista' nserraħ ras kulħadd li l-preparamenti ilhom għaddejjin u bħalissa qegħdin naħdmu u niddiskutu fuq l-aħħar irtokki mal-Awtorità tas-Saħħa biex il-protokoll jiġi finalizzat. Se jkun protokoll b'ħafna dettall u se jkun hemm ukoll linji gwida b'ħafna dettall sabiex ir-riskji jkunu minimi kemm jista' jkun.

Nagħlaq billi ngħid li kull deċiżjoni li se tkun qiegħda tittieħed b'rabta ma' ftuħ ta' servizzi edukattivi, dejjem se tittieħed wara li l-Awtorità tas-Saħħa tkun tat il-*green light* u kkonfermat li hekk għandu jsir. Jiġifieri aħna mhux se nkunu qegħdin nieħdu riskji imma se nkunu qed nimxu fuq il-pariri tal-Awtorità tas-Saħħa. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna, Dr Fabri. Ningħaqad miegħek u nirringrazzja lill-edukaturi u lil dawk kollha involuti fis-settur edukattiv. Jien nista' napprezza għax ġenitur taż-żewġt itfal, waħda fi skola sekondarja u l-ieħor fi skola primarja, u allura qed nsegwi l-andament ta' dan is-settur.

Nixtieq nistaqsi xi mistoqsijiet biex nintroduċi d-diskussjoni. L-ewwel nett il-preżentazzjoni tiegħek kienet f'kuntest nazzjonali. Ovvjament xtaqt nistaqsik jekk hux qed tiddiskutu xi ħaġa partikolari dwar Għawdex, partikolarment meta għandna *cohorts* ta' għalliema u LSEs Għawdxin li jaħdmu Malta. Kif qed jiżvolġu d-diskussjonijiet fil-kuntest ta' dawn il-*cohorts*?

It-tieni, nixtieq nistaqsi dwar il-monitoraġġ tal-progress tat-tfal. Milli nista' nifhem, il-mod kif l-għalliema qegħdin iżommu l-kuntatt mal-istudenti s'issa jiddependi ħafna mill-għalliema. Tal-inqas mill-esperjenza li għandi jien, kull għalliem qisu għandu l-metodu tiegħu kif iżomm il-kuntatt mal-istudenti u kif jagħtihom ix-xogħol. Pereżempju hemm min juża l-*Microsoft Teams*, hemm min jgħaddi materjal informattiv, hemm min ikun irid li l-istudenti jibagħtu l-materjal lura u jikkoreġihulhom hu stess, u hemm oħrajn li jibagħtu l-*answers* biex il-ġenituri jkunu jistgħu jsegwu l-progress. Għaldaqstant wieħed irid jara jekk hemmx xi mezz ta' kif nistgħu nimmonitorjaw il-progress tat-tfal, anke fil-kuntest tas-sena li ġejja. Wara kollox il-progress tat-tfal minn sena għall-oħra jiġi *monitored* u dawn huma ċirkostanzi straordinarji li wkoll irridu naraw kif se jiġu *monitored.*

Dr Fabri, semmejt ukoll it-tfal b'diżabiltà u r-*resource centres* eċċ. u allura xtaqt nistaqsik dwar il-mod ta' kif se jinżamm il-kuntatt ma' studenti li għandhom *individual learning programme* għaliex ovvjament huwa aktar delikat u aktar impenjattiv. Kif diġà aċċennajt, l-interazzjoni virtwali forsi ma tilħaqx ir-riżultati bħal meta jkollok interazzjoni reali u fiżika u dik hija xi ħaġa li xtaqtek telabora dwarha wkoll.

Niġi issa għaċ-*childcare centres*. Inti tkellimt f'kuntest nazzjonali però aħna f'Għawdex m'għandniex ħafna *childcare centres*. Għaldaqstant nistaqsi jekk forsi l-ħsibijiet tal-Gvern humiex li jkollna aktar *childcare centres* f'Għawdex, mhux biss tal-privat imma anke li jidħlu fis-sistema taċ-*childcare* b'xejn. U la qed nitkellmu fuq dawn l-affarijiet irrid ngħid li jien ippromovejt l-idea – forsi bħala Ministeru tistgħu tikkonsidrawha – li jkollna aġġustament fil-ħinijiet. Inutli niftħu ċ-*childcare centres* jekk f'Għawdex ma jikkorrispondux mal-esiġenzi tal-ġenituri. Pereżempju jekk il-ġenituri jaħdmu Malta u allura jitilqu mid-dar fis-6.00 a.m. u ċ-*childcare centre* jiftaħ fit-8.00 a.m., għandek *gap* ta' sagħtejn li għal ħafna nies qed joħloq *pressure* żejda. Għalhekk, forsi wieħed jikkonsidra aktar flessibbiltà jew forsi ħinijiet differenti biex jakkomodaw l-esiġenzi familjari *post*-COVID-19.

Dr Fabri.

DR FRANCIS FABRI: Aħna naturalment qegħdin nippjanaw biex kemm jista' jkun immorru għan-normalità kalma u kemm jista' jkun standardizzata. Issa jekk aħna qegħdin nitkellmu fuq il-ftuħ taċ-*childcare centres*, aħna nkunu qegħdin nitkellmu fuq livell nazzjonali, jiġifieri kif se nagħmlu f'Malta se nagħmlu wkoll f'Għawdex. Madanakollu l-kummenti u l-osservazzjonijiet li qegħdin tagħmlu jidhirli li huma ġustifikati u wieħed irid jaġġusta skont ir-realtà partikolari. Naħseb li wieħed għandu jifhem ukoll li l-ħaddiem Għawdxi li jaħdem Malta jrid ibakkar daqsxejn u allura ċ-*childcare centre* għandu jibda jinfetaħ f'ħinijiet li jirrispettaw dik l-esiġenza. Għaldaqstant ħadt nota u se nkun qed nitkellem mal-Fondazzjoni

għas-Servizzi Edukattivi sabiex dan il-kumment jikkonsidrawh bis-serjetà.

Rigward l-istudenti bi bżonnijiet speċjali, irrid insemmi ċerti affarijiet għax forsi ma tkellimniex biżżejjed dwarhom. Aħna konna nagħtu numru ta' servizzi lil tfal li għandhom kondizzjonijiet partikolari u kellna wkoll diversi kuntratti, inkluż ma' NGOs u ċerti entitajiet. Insemmi, pereżempju, l-Inspire li jagħtu ħafna servizzi, u lill-Equal Partners li wkoll jagħtu ħafna servizzi f'dak is-settur u ninsab kuntent ħafna li fi żmien qasir ħafna poġġejna bilqiegħda magħhom u minflok ma ħadna d-deċiżjoni li nwaqqfu l-kuntratti peress li issa s-servizzi m'għadhomx jistgħu jingħataw fuq bażi *one-to-one* u b'mod fiżiku, morna għall-*option* li nirrevedu s-servizzi biex dak kollu li jista' jingħata *online*, nagħtuh *online*. Nifhmu li mhux qed nagħtu l-istess servizz però nifhmu wkoll li s-sapport u l-wens f'dawn iċ-ċirkostanzi huma ta' prijorità massima. Fil-fatt, il-kuntratti tal-Inspire u tal-Equal Partners baqgħu għaddejjin; kien hemm aġġustazzjoni, inkluż finanzjarja, kien hemm ukoll xi tnaqqis bħala allokazzjoni però s-servizzi baqgħu jingħataw.

Qed nagħtu wkoll sapport permezz tat-telefon. Ġenituri jew studenti li għandhom bżonn is-sapport tal-uffiċjali tagħna li qegħdin fis-*support services*, biex insejħilhom hekk, jistgħu jċemplu fuq il-*helpline* 25981000 u waħda mill-friegħi ta' dan il-*helpline* tqabbdek ma' servizz li aħna semmejnieh 'Nisimgħek'. Naħseb li aħna konna fost l-ewwel Ministeri li ħloqna dan it-tip ta' servizz ta' wens biex dak li jkun ikun jista' jitkellem miegħu. Bħalissa wkoll, sakemm qegħdin nitkellmu, qed jiġi mfassal protokoll biex is-servizzi ta' sapport virtwali neqilbuhom *one-to-one* wkoll. Jiġifieri fejn nistgħu, – għax hemm ċertu servizzi fejn huwa daqsxejn diffiċli li tagħmel dan – is-servizz se nagħtuh virtwalment.

Sinjura President, inti semmejt ukoll il-monitoraġġ tal-progress tat-tfal. Dan huwa punt tajjeb ħafna u importanti ħafna. S'issa ma kenitx għadha pubblika però nista' ngħid li bħalissa, bħala parti mit-tħejjija tal-*framework*, qegħdin nitkellmu mal-*unions*, mal-imsieħba differenti u ma' assoċjazzjonijiet eċċ. u proprju l-ġimgħa li għaddiet kelli laqgħa tajba ħafna mad-Dekan u mal-Viċi Dekan tal-Fakultà tal-Edukazzjoni – din il-laqgħa damet tliet sigħat; bħalissa l-laqgħat qed ikunu twal ħafna bħala parti mit-tħejjijiet, b'hekk wieħed jifhem kemm huma impenjattivi l-laqgħat meħtieġa biex wieħed jipprepara – u fost il-*commitments* li ħadna f'dik il-laqgħa, jien stedint lill-Fakultà tal-Edukazzjoni biex tagħmel eżerċizzju u tifhem x'tilfu l-istudenti Maltin f'dawn it-tliet xhur ħalli nkunu f'pożizzjoni tajba li nieħdu ħsieb lit-tfal tagħna mal-ftuħ mill-ġdid. Naturalment issa qegħdin fl-istadju li nirċievu lura mill-Fakultà tal-Edukazzjoni. Però għamilna l-istedina biex dan l-eżerċizzju tagħmlu l-Fakultà u aħna nissapportjaw il-Fakultà bil-mezzi kollha neċessarji.

Rigward l-għalliema Għawdxin li jaħdmu Malta, iċ-ċirkostanza hi dik li hi. Naturalment fejn nistgħu nħallu ħaddiema Għawdxin f'Għawdex, dik konna nagħmluha u se nibqgħu nagħmluha, però wieħed irid jifhem li *capacity building wise*, aħna rridu nimxu mar-regolamenti li hemm ta' min jitla' u min jinżel. Hemm proċeduri pjuttost ċari u retti u kulħadd ikun qiegħed attent għall-kju! Jiġifieri ma tantx hemm lok li wieħed, bl-intenzjonjiet kollha tajba, jista' forsi jiżbalja.

Nawgura li kemm jista' jkun niġu għan-normal. Aħna għandna nies li qed jitolbu li jerġgħu lura għax-xogħol. Li tagħmel ġimgħa d-dar forsi tieħu pjaċir imma issa qegħdin fit-tielet xahar li qed ikollna nieħdu ħsieb il-familja u nibqgħu ngħallmu u ħaġa u oħra u allura hemm edukaturi li jidher li qed jitolbu li jerġgħu jidħlu lura. Hemmhekk qisu ma tantx hemm wisq x'tagħmel, jalla nerġgħu niġu għan-normalità u kulħadd jerġa' lura għall-post tax-xogħol u nerġgħu bil-ħajja normali tagħna. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna, Dr Fabri. Hawn mistoqsijiet? L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Dr Fabri, rigward il-ftuħ taċ-c*hildcare centres*, meta qed tippjanaw li jibdew joperaw? Hemm xi data? U meta tgħid "b'mod uniformi", ifisser li minn dik id-data jibdew joperaw iċ-*childcare centres* kollha jew tħallu f'idejn l-operaturi biex jiddeċiedu meta jibdew joperaw jew le?

L-istess rigward is-*summer schools*. Dawn meta se jibdew joperaw? Hemm xi ħsieb biex is-*summer school* dan is-sajf tkun fuq perjodu itwal milli kienet fis-sjuf normali meta l-iskola kienet tibqa' għaddejja sal-aħħar ta' Ġunju u bidu ta' Lulju u terġa' tibda fl-aħħar ta' Settembru?

Finalment, anke biex norbot ma' dak li qalet iċ-Chairperson, fil-pjan li qed jinħadem dwar ħames xenarji differenti, hemm l-*input* tal-edukaturi Għawdxin fih jew qed isir pjan ħolistiku li japplika l-istess għal Malta u Għawdex? Jekk se jkun pjan ħolistiku għal Malta u Għawdex, hemm l-*input* ta' Għawdxin fih biex jieħu wkoll ix-xenarju ta' Għawdex f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni?

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Fabri.

DR FRANCIS FABRI: Se nibda mill-aħħar mistoqsija. Importanti li lkoll kemm aħna nifhmu li dan il-pjan huwa *works in progress*, jiġifieri dan mhux xi ħadd inqafel f'uffiċċju, qed jippjana u mbagħad noħorġu manwal u napplikawh. Iċ-ċirkostanzi huma inċerti u l-affarijiet qegħdin jinbidlu u allura l-pjan irid jirrifletti dan iċ-ċaqliq u dan it-tibdil.

Dan il-pjan mhux qiegħed jinkiteb minn xi uffiċjal partikolari imma qed ninvolvu kemm jista' jkun *stakeholders*. S'issa kienu involuti ħafna l-erba' Dipartimenti tal-Ministeru però qed niddiskutu wkoll mal-*unions* u mal-assoċjazzjonijiet. Aktar minn hekk, dan il-pjan nieżel ukoll fil-livell ta' Prinċipali tal-kulleġġi u kif nafu, wieħed mill-kulleġġi huwa l-Kulleġġ ta' Għawdex u l-Prinċipal tiegħu qiegħda tagħti l-*input* tagħha hija wkoll. Hija qed iġġorr il-bagalja, bħalma qed iġorr kull Prinċipal, bir-realtajiet tal-Kulleġġ. Jiġifieri hemmhekk l-*input* dieħel minn kulħadd. Madanakollu, kif għedt, dan il-pjan huwa *works in progress* u se nkunu qegħdin nitkellmuh u nħabbtuh anke mal-Malta Union of Teachers (MUT), mal-Union of Professional Educators (UPE), mal-Unjoni Ħaddiema Magħqudin (UĦM), mal-GRTU u mal-i*stakeholders* kollha li b'xi mod imissu mas-settur edukattiv.

Dwar meta se jiftħu ċ-*childcare centres* ma jispettax lili li nħabbar dati, mhux kompetenza tiegħi li ngħid iċ-*childcare centres* jew l-Iskolasajf meta se jiftħu, però hija responsabbiltà tiegħi li ngħid li l-amministrazzjoni qiegħda timpenja ruħha u titħejja bis-serjetà. Pereżempju fejn jidħlu ċ-*childcare centres* nista' ngħid li saru konsultazzjonijiet mal-assoċjazzjoni taċ-*childcare centres*, saru konsultazzjonijiet mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi, qed isiru konsultazzjonijiet mal-Jobsplus, tkellimna daqsxejn mal-UĦM u mal-GRTU, u qed nitkellmu mal-partijiet kollha possibbli. Kemm jista' jkun qegħdin nisimgħu u l-eżerċizzju qed jinbena billi nisimgħu lil xulxin, nitkellmu flimkien u billi ma neħdux riskji iżda npoġġu s-saħħa l-ewwel u qabel kollox billi nieħdu l-prekawzjonijiet kollha li huma neċessarji.

Meta l-linji gwida jkunu pubbliċi, kull min għandu *childcare centre* se jkollu *checklist* u se jimxi magħha. Din iċ-*checklist* se tkun qed titkellem fuq ir-*ratios*, fuq it-tindif, fuq x'għandna nagħmlu matul il-ġurnata u se jkun fiha ħafna dettall, inkluż l-ikel fiex iġġibu, it-tindif tat-tfal kif għandu jsir, eċċ. Nassigurakom li qed jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji. Aktar minn hekk, u kif diġà għedt, kollox qed jiġi *vetted* mill-Awtorità tas-Saħħa. Mela aħna mhux sempliċement qed nirrakkomandaw u qed nimbottaw biex ċertu rakkomandazzjonijiet isiru. Aħna ma nistgħux nieħdu riskji u mhux se nkunu qegħdin nieħdu riskji f'dan il-kuntest.

Fuq is-*summer schools* nista' ngħid ukoll li qegħdin nitħejjew għalihom. Importanti però li nibqgħu nfakkru u napprezza ħafna jekk nibqgħu nispjegaw li ċ-ċirkostanzi li qed noperaw fihom mhumiex iċ-ċirkostanzi normali. Għalhekk il-*framework* li tkellimt fuqu qabel jieħu ħsieb il-*capacity building*, ċjoè l-*information giving*. Importanti li lin-nies nispjegawlhom kif se noperaw u nispjegawlhom x'inhu mistenni li jsir għax iċ-ċirkostanzi huma differenti, mela ma nistgħux nippretendu kif konna nippretendu qabel. Pereżempju fejn jidħlu ċ-*childcare centres*, waħda mir-rakkomandazzjonijiet li qed niddiskutu bħalissa tirrigwarda l-fatt li jekk qabel *childcare centre* kien jieħu ċertu ammont ta' tfal, issa se jieħu inqas tfal minħabba s-*social distancing* u minħabba r-riskji li ma rridux nieħdu. Mela allura min se jkun u min mhux se jkun? Għalhekk, qegħdin niddiskutu d-dettalji kollha neċessarji biex meta tittieħed id-deċiżjoni li jerġgħu jiftħu ċ-*childcare centres*, ikollna l-preparamenti kollha *in place* u l-linji gwida u l-protokolli jsiru pubbliċi ħalli kull min għandu *childcare centre*, ikun jista' jħares lejhom u jifhem b'liema mod għandu jitħejja. It-tħejjijiet qegħdin hemmhekk, il-gwida se tkun qiegħda hemmhekk u wieħed se tkun faċli għalih biex isegwi u jadatta għaċ-ċirkostanza li qegħdin fiha, liema ċirkostanza mhi normali xejn.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Hawn aktar mistoqsijiet? Il-Ministru Anton Refalo.

ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali): Dr Fabri, naf li l-Ministeru tiegħek qed jagħti attenzjoni speċjali lill-qasam edukattiv fil-gżira Għawdxija. Fl-opinjoni tiegħi, wieħed mill-proġetti kbar li qegħdin tagħmlu huwa l-bini ta' skola ġdida li biha sejrin intaffu l-problema kbira li għandna fl-iskola tal-Vajringa. Jien kont rajt il-pjanti u nista' ngħid li huma tajbin immens. Għalhekk, *in vista* tal-fatt li qiegħda tinbena din l-iskola u x-xogħol miexi b'ritmu tajjeb u mgħaġġel, *post*-COVID-19 nistgħu nieħdu l-miżuri neċessarji, bħat-tagħlim virtwali, biex jekk terġa' tinqala' din il-pandemija jew jinqala' xi mard ieħor, l-iskola tkun tista' tkompli tiffunzjona? Hemm xi pjan biex jekk jiġri xi ħaġa oħra, it-tagħlim edukattiv xorta jkompli jimxi 'l quddiem?

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Fabri.

DR FRANCIS FABRI: Grazzi, Ministru, talli rreferejt għall-iskola primarja l-ġdida li qiegħda tinbena f'Għawdex. Personalment naħseb li din l-iskola nħadmet fuq konċett li huwa pjuttost ġdid għal Malta, fejn l-ambjent huwa parti integrali mill-binja, mentri s-soltu …

IĊ-CHAIRPERSON: Skużani, Dr Fabri, se nieħu l-opportunità għaliex kien hemm *queries* fuq il-parkeġġ u nixtieq li nserrħu ras in-nies li l-parkeġġ minflok naħa se jiġi spustat għal naħa oħra.

ONOR. CHRIS SAID: Jekk irridu niftħu fuq l-iskola primarja … (Interruzzjonijiet) Aħna assolutament ma naqblux ma' dawn l-i*statements* li saru.

IĊ-CHAIRPERSON: Niskuża ruħi li abbużajt mill-preżenza tiegħek. Aħna hawnhekk qegħdin biex niddiskutu u nitkellmu.

DR FRANCIS FABRI: Kif kont qed ngħid, l-ambjent se jkun parti integrali mid-disinn tal-iskola primarja l-ġdida tar-Rabat, Għawdex. Tradizzjonalment aħna konna nibnu l-iskejjel – dan minn dejjem, jiġifieri mhux qed ngħid aħna jew huma – imbagħad niżirgħu s-siġar mad-dawra mentri din l-iskola primarja se tkun qed tintegra l-ambjent fis-*shading* li se jkun hemm, pereżempju. Dan se jkun l-ambjent naturali tagħha. Jien personalment kuntent ħafna b'dan il-pass 'il quddiem li qed isir fil-bini tal-iskejjel. Nixtieq nagħmel korrezzjoni żgħira u naħseb li din ftit nitkellmu dwarha. Fuq l-istess sit għandna wkoll skola medja u din l-iskola medja se nagħmlulha *full refurbishment*. Dan ifisser li se jkollna skola ġdida oħra għax meta ngħidu "*full refurbishment*" ma jfissirx li se nbajdu daqsxejn 'l hemm u daqsxejn 'l hawn; *full refurbishment* huwa l-istess ħaġa li qed nagħmlu bħalissa fl-Iskola Sekondarja taż-Żejtun, fejn inġibuha ġebel u saqaf u s-servizzi u dak kollu li jagħmel skola jerġa' jsir kollu mill-ġdid.

F'Għawdex se jkun hemm *campus* li naħseb se jkun u se jibqa' uniku għall-gżejjer Maltin għaliex se jkun l-unika *campus* li se jkun fih *childcare centre*, – dan iċ-*childcare centre* se nibnuh ukoll għax hemmhekk mhux skola primarja biss se nibnu – skola primarja, skola medja, skola sekondarja u *sixth form*. Dan se jkun l-unika *campus* fil-gżejjer Maltin li jaqbad dan ix-xenarju kollu.

Rigward il-parkeġġ, *we are aware* li kien hemm daqsxejn ta' kwestjoni u allura rrid ngħid li hemmhekk ttieħdu żewġ miżuri. L-ewwel miżura kienet li saret rilokazzjoni tan-numru tal-parkeġġi, jiġifieri dawn se jiċċaqalqu minn post u se jkunu fi triq oħra li hija ftit metri 'l bogħod. Fil-fatt, din it-triq bażikament se tintuża għal dan l-iskop. It-tieni, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada u l-Ministeru għal Għawdex kważi waslu għal ftehim dwar l-użu tal-parkeġġ tal-iskola sekondarja wara l-ħin tal-iskola. Dan il-parkeġġ mhuwiex żgħir u se nipprovaw niftħuh anke għall-komunità. Jiġifieri, iva, kien hemm kwestjoni dwar il-parkeġġ però rrid nirringrazzja lil kull min poġġa magħna madwar il-mejda u flimkien fittixna li nsibu s-soluzzjonijiet għall-kwestjoni li kellna. Naħseb li b'dak li wasalna għalih, se nkunu qegħdin nindirizzawha.

ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex): Biex inkompli ma' dak li qiegħed jgħid is-Segretarju Permanenti, kellna *issue* minħabba l-parkeġġi fejn kienu s'issa u għaldaqstant, b'komunikazzjoni tajba bejn iż-żewġ Ministeri, rajna li dawn jiġu rilokati fit-triq li tieħdok minn fejn se tinbena l-iskola għat-triq tan-naħa ta' wara fejn hemm il-*gymnasium*. Din se tkun tista' tintuża mill-pubbliku *any time* imma ovvjament l-użu tagħha se jkun sospiż għal waqt li t-tfal joħorġu mill-iskola.

Aktar minn hekk, il-parkeġġ il-kbir ta' taħt l-iskola tas-subien, li ma kienx qed jiġi użat, se naraw li jinfetaħ kollu għall-pubbliku. Ovvjament se naraw li jkun hemm is-*safeguards* neċessarji, kemm ta' sigurtà kif ukoll għall-għalliema u l-istaff tal-iskola, sabiex inkunu pattejna u tajna ferm aktar *parking spaces* għat-33 *parking space* li se jittieħdu minn din iż-żona fejn se tinbena l-iskola.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Naħseb li qed nissimplifikaw problema kbira u qed nipprovaw ngħattu x-xemx bl-għarbiel b'dak li qed ngħidu! Il-Ministru rrefera għall-parkeġġ li hemm bħala parkeġġ kbir iżda dan kien inbena meta saret l-iskola sekondarja. 12-il sena ilu, meta nbniet l-iskola, kienu ħasbu biex taħtha jkun hemm parkeġġ adegwat għall-għalliema u għal kull min jaħdem f'dik l-iskola. Issa se nżidu skola ta' 600 student u mistoqsija li nixtiequ jieħu nota tagħha Dr Fabri u forsi jweġibni aktar tard hija din: Għalfejn se nagħmlu skola ta' 600 student meta bħalissa fl-Iskola Primarja tar-Rabat hemm 300 student? Forsi hemm il-ħsieb li jingħalqu skejjel primarji oħra u jiġu amalgamati fl-istess skola primarja?

Fuq il-kwestjoni tal-parkeġġ, l-ewwel nett irrid ngħid li ma kien hemm *shifting* xejn għaliex it-triq li l-Ministru qal li jistgħu jipparkjaw fiha wieħed dejjem seta' jipparkja fiha fil-ħinijiet mhux tal-iskola. Dik hija wkoll it-triq li tintuża mill-*buses* tat-tfal. Allura issa x'se nagħmlu? Il-*buses* fejn se npoġġuhom? Se nitfgħuhom fi Triq l-Ewropa? Se nerġgħu noħolqu l-problema li kien hemm fi Triq l-Ewropa u li ġiet solvuta billi l-*buses* ntefgħu f'dik it-triq li tiġi bejn l-iskejjel, biex dik issir parkeġġ pubbliku?

Bir-rispett kollu, li tippjana skola ta' 600 student u li tippjana *childcare centre* fiċ-ċentru tar-Rabat, fejn diġà hemm problema, u ma tippjanax parkeġġ, għalina huwa nuqqas ta' ppjanar serju. Aħna dejjem sostnejna u nibqgħu nsostnu li ma' dik l-iskola, bħalma sar għaxar snin ilu jew 12-il sena ilu meta l-problema tat-traffiku ma kenitx kbira daqs illum, għandha tinstab soluzzjoni għall-parkeġġ. Issa mhux talli ma nstabitx soluzzjoni, talli l-parkeġġ li kien hemm, veru li kien proprjetà tal-Gvern, qiegħed jittieħed mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni! Min jgħaddi minn hemm ukoll jista' jinduna li meta jerġa' jibda jirranka l-*business*, se jkun hemm il-problemi.

Apparti minn hekk, fil-*weekends* kien jintuża l-parkeġġ tal-iskola sekondarja, kienet tintuża t-triq tan-nofs, u kien jintuża wkoll il-*ground* tal-iskola medja li kien jieħu bejn 80 u mitt karozza però issa dawn il-parkeġġi se jispiċċaw mhux biss fil-*weekend*, jew fis-sajf, imma għal dejjem għax se jkunu parti mill-iskola. Għalhekk, fl-opinjoni tagħna, dik l-iskola, li hemm bżonnha, kellha tinħaseb b'mod aktar serju u kellu jkun hemm aktar ippjanar dwar il-parkeġġ neċessarju. Nerġa' ngħid, skola primarja ġdida fir-Rabat hemm bżonnha però ladarba qed nitkellmu fuq skola ta' 600 student u *childcare centre*, biss biss bħala għalliema u nies li jaħdmu hemmhekk qed nitkellmu fuq 150 persuna jew 200 persuna oħra, apparti t-traffiku biex iwasslu t-tfal l-iskola eċċ.

IĊ-CHAIRPERSON: Nistgħu ngħaddu għat-tweġibiet? Il-Ministru Camilleri.

ONOR. CLINT CAMILLERI: Rigward it-triq li għamilna flimkien mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni rrid ngħid li allokajna parkeġġi u b'mod ovvju, f'dawk is-siegħa jew siegħa u nofs li t-tfal ikunu deħlin l-iskola bil-*buses* eċċ., dawn il-parkeġġi jinżammu *clear* sabiex joqogħdu l-*buses*. Però għaliex hemmhekk jipparkjaw il-*buses*, m'għandekx tagħmel ġurnata sħiħa bil-parkeġġi ma jistgħux jintużaw. Dik waħda.

It-tieni, il-parkeġġ li hemm taħt l-iskola l-oħra, li huwa kbir għalkemm m'għandix iċ-ċifra ta' kemm jesa karozzi bl-eżatt, ma naħsibx li konna qegħdin nutilizzawh b'mod tajjeb għaliex forsi konna moqdijin mod ieħor. Għalhekk, minflok jibqa' l-maġġor parti tal-ġurnata ma jintużax, se nagħmlu sistema biex dan ikun jista' jintuża mill-pubbliku ħalli kemm jista' jkun intaffu l-problema f'dawn iċ-ċirkostanzi.

ONOR. CHRIS SAID: Però l-parkeġġ ta' taħt l-iskola naqblu li meta jkun hemm l-iskola jkun mimli?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Jiġifieri inti qed tgħid li bl-għalliema u l-ħaddiema kollha dan se jkun mimli kollu?!

ONOR. CHRIS SAID: Inti ċċekkjajt jekk ikunx mimli?!

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ma jkunx! Anzi, ħafna drabi jkun vojt.

ONOR. CHRIS SAID: Ikun vojt meta jkun hemm l-iskola?!

ONOR. CLINT CAMILLERI: Mhux vojt, parti mimli u parti le.

ONOR. CHRIS SAID: Inti ċert milli qed tgħid, ċjoè li jkun hemm parti mimli u parti le? Kemm jesa' dan il-parkeġġ?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Għedtlek li ma nafx eżatt bl-amment. Inti taf kemm jesa'?

ONOR. CHRIS SAID: Dażgur li naf! Jesa' 200 karozza.

ONOR. CLINT CAMILLERI: Mela tajjeb!

ONOR. CHRIS SAID: Taf kemm hemm għalliema s-*sixth form* u l-*middle school*?! Dan lanqas hu biżżejjed għal dawn l-għalliema!

IĊ-CHAIRPERSON: Għandna aġenda interessanti u dan is-suġġett forsi nistgħu nallokaw laqgħa oħra għalih.

ONOR. CHRIS SAID: Sinjura President, niġu hawn nissimplifikaw il-problema, anzi ngħidu li sibna soluzzjoni, Alla jbierek, u s-soluzzjoni hija li hemm parkeġġ li diġà qiegħed jintuża u qed ngħidu li se nerġgħu nużawh!

ONOR. ANTON REFALO: Għall-platea ma nagħmlu xejn! (Interruzzjonijiet)

ONOR. CHRIS SAID: Għall-platea tkellem inti, Onor. Refalo! (Interruzzjonijiet)

IĊ-CHAIRPERSON: Jekk jogħġobkom! Ejja ħalli nkomplu mal-aġenda. Qed nifhem li dawn huwa suġġett interessanti ħafna, allura nistgħu niddedikaw laqgħa għalih.

ONOR. CHRIS SAID: Hawn fuq dawn il-problemi rridu nitkellmu!

IĊ-CHAIRPERSON: Kien hemm ukoll taħditiet għaddejjin sa xi seba' xhur jew tmien xhur ilu biex il-parkeġġ eżistenti jinbena sular ieħor fuqu biex inżidu l-*capacity*. Jiġifieri dik hija possibbiltà oħra li wieħed jista' jiddiskuti, però llum qed niddiskutu l-COVID-19 u s-settur edukattiv u b'rispett lejn is-Sinjuri li għandna jistennew biex jintervjenu, nissuġġerixxi li jkollna laqgħa dedikata għall-edukazzjoni fejn inkunu nistgħu niddibattu dawn l-affarijiet.

ONOR. CHRIS SAID: Naqbel miegħek. Jien il-mistoqsijiet li għamilt kienu fuq l-edukazzjoni, il-COVID-19, is-*summer school* u ċ-*childcare centres*. L-Onor. Refalo però beda fuq l-iskola primarja u allura ma tistax tgħidli li jien ma nistax nirrispondi. (Interruzzjonijiet)

ONOR. ANTON REFALO: Hemm mod u mod kif tgħidhom l-affarijiet. Ma titgħallmu qatt, jiddispjaċini ngħid! (Interruzzjonijiet)

IĊ-CHAIRPERSON: Jekk jogħġobkom! Insejjaħ lill-Onor. Cutajar ħalli jagħmel l-aħħar *round* ta' mistoqsijiet lil Dr Fabri u ngħaddu għall-mistednin l-oħrajn. Issa nagħmlu seduta sħiħa fuq dan is-suġġett u jagħmlulna preżentazzjoni fuq kif ġejja l-iskola. (Interruzzjonijiet) Li kieku ma kienx hemm ħafna petizzjonijiet u hekk, kieku lesta l-iskola. (Interruzzjonijiet)

ONOR. CHRIS SAID: Il-*parking* li kont se tagħmel inti, Onor. Refalo, il-Gvern tiegħek stess waqqfu mhux jien! (Interruzzjonijiet)

IĊ-CHAIRPERSON: L-iskop ta' dan il-Kumitat huwa biex naslu għall-konklużjonijiet u s-soluzzjonijiet u mhux biex noqogħdu niddibattu. Jekk se tkomplu tiddibattu, se nissospendi l-laqgħa.

L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Grazzi, Sinjura President. L-ewwel u qabel kollox nixtieq nirringrazzja lil Dr Fabri talli għoġbu jilqa' t-talba tagħna u jiġi jagħmlilna din il-preżentazzjoni. Bl-ebda diżrispett, però forsi punt żgħir ta' kritika huwa li jien kont nistenna preżentazzjoni li tiffoka fuq is-sitwazzjoni tal-COVID-19 u Għawdex. Nifhem li huwa qed jirrappreżenta s-settur tal-edukazzjoni fuq bażi nazzjonali, però naħseb li madwar din il-mejda lkoll naqblu li ċ-ċirkostanzi ta' Għawdex mhux neċessarjament ikunu jaqblu maċ-ċirkostanzi nazzjonali u ħafna drabi jkun hemm bżonn ta' miżuri apposta. Għaldaqstant fost il-mistoqsijiet li se nkun qed nagħmel se nagħmel mistoqsijiet speċifikament marbutin ma' Għawdex u mas-

sitwazzjoni li qegħdin ngħixu tal-imxija tal-COVID-19.

L-ewwel mistoqsija hija x'monitoraġġ qed jagħmel id-Dipartiment tal-Edukazzjoni. It-tfal ilhom numru ta' ġimgħat neqsin mill-iskola u naturalment dan iħarbat kompletament ir-rutina tat-tfal. Iħarbat tal-adulti aħseb u ara tat-tfal. Għalhekk, x'monitoraġġ qed jagħmel id-Dipartiment dwar il-konsegwenzi u l-effetti ta' dan it-tħarbit tar-rutina tat-tfal ġewwa Għawdex u x'għajnuna qed jagħti jew qed jippjana li jagħti fix-xhur li ġejjin?

It-tieni mistoqsija tiegħi hija marbuta mal-iskejjel. Għadna kemm smajna dibattitu sħiħ dwar skola partikolari però jien se norbot il-mistoqsija tiegħi mal-iskejjel b'mod ġenerali. L-iskejjel ġewwa Għawdex bħalissa huma vojta; sa fejn naf jien mhu qed issir l-ebda attività ġo fihom. Għalhekk, ladarba l-iskejjel huma vojta mit-tfal u allura wieħed jista' faċilment jimmanuvra u jagħmel ċerti xogħlijiet, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif qiegħed jisfrutta din is-sitwazzjoni biex jipprepara għal meta nerġgħu lura għan-normalità – inti stess semmejt li ma nafux dan il-mument kemm se jdum – jekk il-Bambin irid? U jekk ma nerġgħux lura għan-normalità, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif qiegħed jitħejja fil-każ li niġu f'ċirkostanza fejn l-iskejjel jinfetħu imma jkun hemm numru ta' miżuri ta' protezzjoni? Nixtieq inkun naf x'qed isir f'dan ir-rigward b'mod speċifiku f'Għawdex.

It-tielet mistoqsija tiegħi tittratta l-kwestjoni tal-persuni b'diżabilità, xi ħaġa li aċċennat għaliha wkoll iċ-Chairperson. Din hija sitwazzjoni li lili tinteressani mill-qrib bħala persuna b'diżabilità. Lili jkellmuni ħafna nies b'diżabilità u anke ġenituri ta' persuni b'diżabilità u nifhem li bħalissa, jekk it-tfal li m'għandhomx diżabilità qegħdin b'xi mod jew ieħor jirċievu t-tagħlim tagħhom b'mod virtwali, din hija sfida kbira fejn jidħlu l-persuni b'diżabiltà. Nemmen li hija sfida li jekk wieħed jistudjaha aktar fil-fond jista' jirbaħ ħafna minnha imma għadni m'iniex ċert li wieħed jista' jirbaħha kompletament. Allura d-domanda tiegħi hija din: Minħabba li bħalissa l-iskejjel ta' Għawdex huma vojta u f'Għawdex id-distanzi huma qosra, u ladarba l-awtoritajiet qegħdin jagħtu ċertu spinta biex kemm jista' jkun malajr niftħu l-oqsma kollha tal-pajjiż biex nerġgħu lura għan-normalità, jikkonsidra d-Dipartiment li t-tfal b'diżabilità jerġa' jibda jkollhom tagħlim jew attenzjoni fuq bażi individwali, kif kellhom qabel, biex it-tħarbit fir-rutina ta' ħajjithom kemm jista' jkun jitwaqqaf u jerġgħu lura għall-ħajja normali? Naturalment dan dejjem bil-miżuri kollha ta' protezzjoni li hemm bżonn.

Punt żgħir li nixtieq nagħmel qabel nagħlaq l-intervent tiegħi huwa – l-aħħar darba dan il-punt qajjimtu wkoll maċ-Chairperson – li fejn jidħol Għawdex, b'kull rispett lejk, Dr Fabri, kien ikun aktar ta' fejda li kieku kellna preżenti magħna l-Prinċipal jew rappreżentant mill-Kulleġġ ta' Għawdex biex jispjegalna u jiddiskuti magħna dawn l-*issues*. Naħseb li dan kien ikollu sitwazzjoni aktar *hands on* biex ikun jista' jitkellem u jirrispondi għall-punti tagħna. Għaldaqstant nissuġġerixxi li nikkonsidraw li nistiednu l-Prinċipal jew rappreżentant mill-Kulleġġ ta' Għawdex biex is-settur tal-edukazzjoni verament naraw li nkunu indirizzajnieh u indirizzajna l-*issues* li qed iqumu minnu. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Dr Fabri.

DR FRANCIS FABRI: Rigward il-monitoraġġ qed nifhem li wieħed għandu jara u jifhem eżatt x'sar matul dawn l-aħħar tliet xhur u kif it-tfal ipprogressaw sabiex ikun jista' jibni t-triq 'il quddiem. Kif diġà għedt, il-ġimgħa li għaddiet jien stess tlabt lill-Fakultà tal-Edukazzjoni biex riċerkaturi fil-Fakultà jiġu flimkien u jagħtuna proposta ta' kif dan jista' jsir. Din ir-riċerka tlabt li ssir proprju mill-Fakultà tal-Edukazzjoni għax aħjar mill-Fakultà biex tagħmel riċerka naturalment m'hemmx. Ovvjament il-Ministeru se jkun qiegħed jagħtiha s-sapport. Fl-istess ħin għandna mwaqqfa numru ta' *working groups* u wieħed minnhom huwa proprju ffokat fuq l-*online teaching and learning* u s-sillabi u l-kurrikulu li qed ngħallmu u li se nkunu qegħdin ngħallmu fis-sena skolastika li jmiss. Fost it-talbiet li għandhom quddiemhom se jkunu qed iħarsu lejn dan ukoll.

Rigward ix-xogħlijiet fl-iskejjel nista' ngħid li x-xogħol ta' manutenzjoni fl-iskejjel f'Malta ma waqafx. Il-Ministeru qed jaħdem bi pjan u talab lil kull Prinċipal, inkluż allura l-Prinċipal ta' Għawdex, biex jissottometti l-pjanijiet ta' xogħlijiet għal kull skola li taqa' taħtu u nista' nikkonferma li dan sar minn kull Prinċipal f'Malta u f'Għawdex. Nista' nikkonferma wkoll li l-fatt li l-iskejjel huma bla tfal għen biex dak il-programm mexa, baqa' miexi u x-xogħlijiet ma

waqfu xejn, anzi ninsabu daqsxejn avvanzati għax ċertu xogħol seta' jsir mingħajr ostakli. Dan ifisser allura li l-programm li ssottometta l-Kulleġġ ta' Għawdex qed jiġi onorat u mexjin fuqu.

Jien nifhimkom lilkom bħala Deputati li tirrappreżentaw lill-gżira tant sabiħa ta' Għawdex, u jkolli nqerr magħkom li nsibha utli ħafna biex niskarta l-ġenn ta' kuljum u nagħmel ftit sigħat ta' mistrieħ fil-gżira Għawdxija!

IĊ-CHAIRPERSON: Kompli agħmilha, speċjalment fis-sajf, u ħajjar lil min jiġi!

DR FRANCIS FABRI: Iva! Il-punt li rrid nagħmel huwa li kull kulleġġ f'Malta għandu r-realtajiet differenti tiegħu. Għaldaqstant ma nixtieqx li nitkellmu fuq l-iskejjel ta' Malta bħallikieku huma kollha l-istess u l-iskejjel ta' Għawdex huma differenti. Għandna realtajiet li huma differenti għal kull Kulleġġ. Pereżempju l-influss ta' ħaddiema barranin bi tfal affettwa żewġ Kulleġġi partikolari f'Malta; wieħed affettwah b'mod dirett għaliex ħafna ħaddiema barranin ssettiljaw fuq xaqliba partikolari tal-pajjiż u mbagħad hemm l-*issue* tal-immigranti bit-tfal li affettwat b'mod differenti Kulleġġ ieħor. Għalhekk, meta aħna nippjanaw ma nippjanawx għal disa' kulleġġi bl-istess mod u għall-Kulleġġ ta' Għawdex b'mod differenti, u lanqas ma nippjanaw għall-għaxar Kulleġġi kollha bl-istess mod. Fil-fatt, fil-pjan hemm l-involviment dirett ta' kull Prinċipal; kull Prinċipal iġib ir-realtajiet tiegħu u dawn qed jittieħdu inkonsiderazzjoni fl-ippjanar li qegħdin nagħmlu.

Madanakollu aħna mhux qed nieqfu hemmhekk. Pereżempju jekk qed nitkellmu mal-MUT, l-MUT ma tirrappreżentax biss lill-edukaturi li għandna f'Malta imma tirrappreżenta wkoll lill-edukaturi li għandna f'Għawdex. Għalhekk, filwaqt li nifhem il-punt tagħkom, wieħed irid japprezza li biex tikkoordina pjan daqshekk kumpless, irid ikun hemm ċentru li jikkoordina. Dan ma jfissirx li dan iċ-ċentru qed jippjana pjan wieħed l-istess għal kulħadd imma qiegħed jippjana skont ir-realtajiet differenti.

Rigward il-possibbiltà li l-iskejjel jinfetħu għal tfal fuq bażi *one to one* tajjeb ngħid li kollox għadu miftuħ, jiġifieri aħna qed nieħdu inkonsiderazzjoni l-possibbiltajiet kollha u dan mhux biss għal tfal bi bżonnijiet speċjali. Fil-fatt, sa dalgħodu stess konna qegħdin niddiskutu x'forma ta' transizzjoni għandna nagħmlu. Ilkoll nafu li t-tfal tal-*Year 6* issa se jbiddlu l-iskola biex imorru *Form I* u forsi għalina l-adulti ma tfisser xejn li tbiddel l-iskola imma għat-tfal dik hija waħda mill-akbar trawmi li jgħaddu minnhom; jimtlew b'ħafna ansjetà għaliex ma jafux lill-għalliema, ma jafux l-iskola kif inhi, ma jafux kemm hi differenti, eċċ., u allura proprju dalgħodu konna qegħdin nitkellmu kif fiċ-ċirkostanzi li qegħdin fihom, nistgħu nagħmlu dan it-transizzjoni. Naturalment qegħdin dejjem nimxu mal-ewwel kriterju minn dawk il-ħames kriterji li semmejt aktar kmieni, ċjoè li s-saħħa u s-sigurtà jiġu l-ewwel u qabel kollox.

Imbagħad hemm mistoqsijiet oħra li tqajmu fid-dibattitu interessanti li kien hawn għaddej li mhux se nidħol fihom għax qed nifhem li se tkun qed titkellmuhom.

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Kevin Cutajar jixtieq jagħmel punt ta' kjarifika.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: B'rabta mal-mistoqsija li għamiltlek dwar ix-xogħlijiet, niskuża ruħi għax forsi ma spjegajtx ruħi tajjeb. Jien xtaqtek tispjega wkoll x'xogħlijiet ta' natura infrastrutturali qed isiru. Inti f'ħin minnhom aċċennajt għal dan il-punt però mbagħad ma komplejtx titkellem fuqu; jekk klassi llum il-ġurnata tesa' 25 student u meta jerġgħu jinfetħu l-iskejjel se jkollna sitwazzjoni ta' *social distancing*, x'se jiġri f'dak il-każ? Se jkollna tfal li jmorru l-iskola bix-*shift*? Fejn se jmorru t-tfal jekk illum il-kapaċità tal-iskola hija tant u bis-*social distancing* se tonqos? Kif se nżidu l-ispazju u x'se jiġri f'dak il-każ?

DR FRANCIS FABRI: Infakkarkom li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq Settembru u allura filwaqt li għaddejjin bil-preparamenti għax-xenarji kollha, inkluż dawk ix-xenarji li qed titkellem dwarhom inti, Onor. Cutajar, naturalment aħna Settembru ma nafuhx. Ma nafux Settembru x'ser jippermettilna. Qed nitkellmu fuq numru ta' xhur oħra u li kieku kellna naħdmuha bil-maqlub u mmorru bl-istess numru ta' xhur b'lura, ħadd minna f'Malta u fid-dinja ma kien jaħseb li bil-COVID-19 konna se nsibu ruħna f'dak li qegħdin fih bħalissa. Allura rigward Settembru, hemm dik l-*issue* wkoll.

Madanakollu, mingħajr ma nidħol f'ħafna dettall, nista' nserraħ ras dan il-Kumitat li bdejna

niddiskutu tliet xenarji ta' qisien differenti ta' klassijiet għaliex il-klassijiet mhux kollha għandhom l-istess qisien f'Malta. Pereżempju l-klassi tal-Iskola Sekondarja tar-Rabat Għawdex hija akbar mill-klassi tal-iskola medja li hemm fir-Rabat, li hija akbar minn ħafna klassijiet li għandna fl-iskejjal primarji, inkluż dik tar-Rabat, apparti li fl-iskola tar-Rabat il-qisien tal-klassijiet huma differenti minn xulxin għax mhix standard. Għalhekk, aħna qed nippreparaw għall-possibbiltà li jkollna napplikaw *social distancing* ta' żewġ metri bejn it-tfal. Fil-fatt, illum qegħdin f'pożizzjoni li skont it-tip ta' klassi ndaħħlu ammont ta' tfal. Mela l-loġistika skattat u nafu kemm irridu noħorġu mwejjed u siġġijiet minn ġol-klassijiet. Nafu wkoll kemm se jkollna tfal fil-klassi u kemm se jkollna tfal id-dar. Għalhekk, qed nippreparaw għax-xenarju – dan semmejtu fil-bidu wkoll – li t-tagħlim isir b'taħlita ta' żewġ modi, jiġifieri jkollna t-tagħlim *face to face* fil-klassi u t-tagħlim *online*.

B'rabta ma' dan, fost l-inizjattivi li ħadna hemm il-ħolqien tas-sit elettroniku magħruf bħala 'teleskola.mt', li se jibqa' hemm. Bażikament dan is-sit fih il-lezzjonjiet f'format virtwali. Aħna bdejnieh mix-xejn, qed ninvestu fih, u se nkomplu ninvestu ħafna fih biex kemm jista' jkun ikollna repożitorju ta' lezzjonijiet *online* li wieħed jista' jaċċessa mill-kumditàta' daru fi xħin irid. Dan għaliex qed naraw realtà fejn it-tagħlim *online* jibqa' magħna, ovvjament mhux bil-mod li qegħdin fih bħalissa u nista' ngħid li aħna m'aħniex naraw li l-iskejjel jibqgħu magħluqin għal dejjem u li nibqgħu biss bit-tagħlim virtwali, però lanqas maqed inħarsu lejn it-tagħlim virtwali bħala xi ħaġa li se noqtluha u mmorru għat-tagħlim fil-klassi biss. Qed naraw taħlita tat-tnejn.

IĊ-CHAIRPERSON: Nirringrazzjak, Dr Fabri, u nirringrazzja wkoll lit-tim kollu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Kif tista' tanticipa, se jkollok stedina għal laqgħa oħra fejn niddiskutu suġġetti aktar wiesgħa, però ovvjament nikkomunikawlek id-data aktar tard. Nirringrazzjak ħafna tal-ħidma u tal-attendenza tiegħek.

It-tieni mistieden tagħna huwa l-Inġ. Godwin Grech, Direttur tal-MCAST Gozo Campus, u se jingħaqad magħna b'mod virtwali.

Sur Grech, nirringrazzjak talli aċċettajt l-istedina tagħna. Nistiednek sabiex tagħmel l-intervent tiegħek ħalli mbagħad inkunu nistgħu nibdew id-diskussjoni.

INĠ. GODWIN GRECH (Direttur, MCAST Gozo Campus): Sinjura President, nirringrazzjakom tal-istedina li għamiltuli u bi pjaċir se nagħmel din il-preżentazzjoni dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq l-operat u l-*course provision* tagħna.

Bla dubju, l-għeluq tal-istituzzjonijiet edukattivi, fosthom l-MCAST Gozo Campus, kif ġie stipulat mill-Awtorità tas-Saħħa u mill-Gvern, ġab realtà kompletament ġdida għall-istess istituzzjonijiet edukattivi u bażikament f'perjodu relattivament qasir kellna naqilbu mit-tagħlim kif kien isir fil-*lecture rooms* u fil-*workshops* għat-tagħlim *online*, primarjament permezz ta' *video conferencing*. Dik kienet qalba li rrappreżentat sfidi mhux żgħar għall-partijiet kollha involuti, jiġifieri kemm għall-istaff kif ukoll għall-istudenti.

Tajjeb li wieħed jenfasizza l-punt li l-MCAST hija istituzzjoni pjuttost unika, mhux biss f'Malta imma anke lil hinn minnha, fis-sens li tikkejterja għal spettru wiesa' ħafna ta' studenti. Fil-fatt, għandna studenti li qed jagħmlu korsijiet fil-Livell 2 u fil-Livell 3 u prattikament dawk huma livelli li joffru *second opportunity courses* għall-istudenti li jkunu spiċċaw l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom mingħajr jew bi ftit kwalifiċi formali; għandna korsijiet fil-Livell 4 li fil-Qafas Malti tal-Kwalifiki huma *at par* mal-*Matriculation Certificate* u huma intiżi biex jippreparaw studenti biex isiru ħaddiema tekniċi fid-diversi oqsma; għandna korsijiet fil-Livell 5 li jwasslu għal *undergratuate diplomas*; għandna korsijiet fil-Livell 6 li jwasslu għal *degrees*; u għandna korsijiet fil-Livell 7 li jwasslu għal *masters*. Għawdex inkopru l-livelli minn Livell 2, u anke aktar 'l isfel, sal-Livell 6 u kważi mmissu mal-Livell 7 bil-kors tal-ACCA. Jiġifieri għandna *cohorts* differenti li jirrappreżentaw sfidi differenti għax ovvjament ma tistax titfa' dawn il-*cohorts* kollha fl-istess keffa għax kull *cohort* u kull livell għandu l-bżonnijiet partikolari tiegħu.

Ma setax jonqos li biex naqilbu l-mod tat-tagħlim tagħna minn wieħed *face to face* għal wieħed *online* kien hemm bżonn perjodu ta' adattament u dan il-perjodu varja minn persuna għall-oħra u minn grupp ta' studenti għall-ieħor u ddependa kemm mil-livell kif ukoll mill-kompetenzi

diġitali tal-persuna. Għal min hu intiż ħafna fl-informatika ovvjament il-perjodu ta' adattament kien wieħed relattivament qasir u nista' ngħid li l-perjodu ta' adattament varja minn ftit jiem għal madwar ħmistax jew ftit aktar. Qisu dawk il-ħmistax li kien hemm minn meta ngħalqu l-istituzzjonijiet edukattivi sal-perjodu tal-vakanzi tal-Għid għal xi wħud serva bħala adattament għal din ir-realtà l-ġdida.

Tajjeb insemmi wkoll li l-użu ta' pjattaformi *online* fi ħdan l-MCAST u l-MCAST Gozo Campus ma bediex mal-imxija ta' din il-pandemija. Sistemi bħall-*Moodle* u *software* bħall-*Unicheck* ilhom parti integrali mill-*modus operandi* tagħna għal numru ta' snin; kważi kważi nista' ngħid li huma *our daily bread and butter*.

Apparti minn hekk, din is-sena l-MCAST qiegħed jagħmel *change over* għal *management information system* ġdida li l-implimentazzjoni tagħha ġiet *staggered* fuq medda ta' xhur u s-sistema, fit-totalità tagħha, kienet qed tiġi *piloted* f'wieħed mill-istituti tal-informatika f'Raħal Ġdid fl-ewwel semestru ta' din is-sena skolastika. Madanakollu f'Għawdex jien kont ħadt l-inizjattiva biex kemm jista' jkun il-funzjonalitajiet ta' din il-*management information system* ma nħalluhomx għat-tieni semestru u dan, *with hindsight*, serviena ta' *blessing in disguise* għax prattikament fil-bidu tat-tieni semestru, jiġifieri fil-bidu ta' Frar u allura qabel ma faqqgħet il-COVID-19 f'Malta, diġà konna bdejna nużaw din il-*management information system* u din għamlitilna l-ħajja ferm aktar faċli fil-Gozo Campus. It-transizzjoni għal sistema *online* f'dak li huwa *assessment handling* – b'*assessment handling* qed nifhem li l-*assignments* joħorġu *online* għall-istudent u l-istudent jissottometti xogħlu lura *online* lill-lecturer – saret f'inqas żmien proprju minħabba l-bżonnijiet ġodda li rriżultaw minħabba l-għeluq tal-istituzzjonijiet edukattivi relatat mal-COVID-19.

Fir-realtà bdejna nimxu għal sistema aktar *paperless* fi żmien iqsar milli konna qegħdin naħsbu. Ovvjament hemm xogħol li minħabba n-natura tiegħu ma jistax jiġi *uploaded* fuq sistema *online*. Ma ninsewx li aħna kulleġġ vokazzjonali u allura jkun hemm parti mix-xogħol li jkun prattiku u jinvolvi proġetti. Jiġuni f'rasi, pereżempju, il-*placements* li jinvolvu ħafna dokumenti u riżorsi. Hemm ħafna xogħol li mhuwiex faċli tagħmlu f'forma diġitali u allura qed nipprovaw insibu modi alternattivi biex l-istudenti jkunu jistgħu jissottomettu dan ix-xogħol b'mod li jaqa' fil-parametri tal-ħarsien tas-saħħa skont il-linji gwida maħruġa mill-Awtorità tas-Saħħa.

Biex dan kollu seta' jseħħ ovvjament kien hemm bżonn ta' IT *support* qawwi lill-komunità kollha tal-MCAST, jiġifieri kemm lill-istaff kif ukoll lill-istudenti. B'mod ċentrali, sa mill-bidu tal-għeluq, l-MCAST kien qiegħed joħroġ linji gwidi dettaljati ħafna kif ukoll *videos* u listi ta' *Frequently Asked Questions* (FAQs) li ġew aġġornati minn żmien għal ieħor fuq is-sit elettroniku u fuq il-midja soċjali tal-Kulleġġ, inkluż fuq il-*Facebook page* tal-Gozo Campus. Dan sar b'tali mod u manjiera li l-istudenti u kull min għandu bżonn gwida għall-użu ta' dawn il-pjattaformi jsib l-informazzjoni kollha meħtieġa.

Barra minn hekk, min-naħa tal-Gozo Campus l-IT *officer* tagħna kien u għadu disponibbli għal assistenza ta' natura teknika u fejn ikun hemm problema ta' aċċess għal dawn il-pjattaformi. Bħala parti mit-tagħlim u t-taħriġ f'ċertu korsijiet kien hemm ukoll bżonn partikolari li kellna nindirizzawh. Dan kien jinvolvi l-użu ta' *software* speċjalizzat. Minħabba s-*software licencing agreements* ta' dan is-*software* ma stajniex nagħtu aċċess biex dan jiġi istallat fuq il-kompjuters individwali fid-djar. Għalhekk, sibna mezz kif noħolqu sistema ta' *secure remote access* mid-djar tal-għalliema u tal-istudenti sabiex huma jkunu jistgħu jaċċessaw kompjuters li fiżikament qegħdin ġewwa l-laboratorji tagħna f'Għajnsielem u jużaw is-*software* minn fuq dawk il-kompjuters mid-djar tagħhom permezz ta' sistema ta' *remote screen viewing.*

Ovvjament kien hemm ukoll il-bżonn li neskalaw il-livell ta' *student support services* li aħna qed nagħtu. Diġà semmejt il-bżonnijiet differenti ta' studenti differenti f'livelli differenti u nżid ngħid li hemm livelli fejn l-istudent ikun aktar *prone* li jaqta' qalbu u li jieqaf mill-istudju. Tradizzjonalment, fil-programmi fil-livelli l-aktar baxxi anke f'ċirkostanzi normali hemm il-bżonn li jsir monitoraġġ kontinwu tal-istudenti u allura din hija xi ħaġa li eskalajnieha minn meta għalaqna. Fil-fatt, għamilna monitoraġġ kontinwu tal-attendenza tal-istudenti permezz ta' *feedback* li konna qed nirċievu mingħand il-*lecturers* u bażikament meta konna naraw li student qed jiġi rrapportat li m'għadux jidher fuq

ir-*radar* tagħna, konna ninvolvu u għadna ninvolvu l-istaff ta' sapport, bħall-i*student mentors*, u dawn jagħmlu kuntatt b'kull mezz possibbli ma' dan l-istudent sabiex inżommu lil kulħadd fis-sistema.

Il-komunikazzjoni bażikament tvarja minn *electronic messaging* fuq il-*Management Information System* il-ġdida tagħna għal *emails*, *bulk* SMSs fejn l-istudenti jirċievu SMS fuq in-numru tagħhom, sal-livell ta' telefonati individwali li aħna nagħmlu mal-istudent jew mal-ġenituri jew il-*legal guardians* tiegħu.

Apparti l-għajnuna li ta l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-MCAST u l-MCAST ta' Għawdex ħloqna mekkaniżmu biex l-istudenti li nqalgħatilhom xi problema fil-kompjuter tagħhom tad-dar, jew inkella m'għandhomx kompjuter id-dar, jew qegħdin f'familja fejn l-istess kompjuter irid jiġi *shared* bejn tnejn jew tlett aħwa, nisilfuhom kompjuter mill-kompjuters li għandna l-MCAST u slifna wkoll *equipment* lill-istudenti li kellhom bżonnu sabiex ikunu jistgħu jkomplu l-istudju tagħhom u x-xogħol relatat miegħu. Offrejna wkoll li nagħtu *internet connectivity* lil min kellu problemi ta' *internet connectivity* id-dar però rrid ngħid li ma rċevejna l-ebda talba ta' din in-natura mill-istudenti tagħna f'Għawdex.

Kif diġà spjegajt, is-sapport mill-*istudent mentors* u mill-*istudent support services coordinator* huwa wieħed kontinwu. Qed jintużaw metodi differenti u anke qegħdin jingħataw servizzi oħra ta' sapport, bħal *counselling support*, skont il-bżonn. Ovvjament dan is-sapport m'għadux jista' jingħata *face to face* minħabba ċ-ċirkostanzi attwali però jsir permezz ta' telefonati u ta' *video conferencing* biex l-għajnuna xorta tasal għand kull min għandu bżonnha.

Issa se nagħti ħarsa lejn l-attendenza tal-istudenti u lejn kif din ġiet affettwata. Irrid ngħid li personalment kont *concerned* mhux ħażin meta ngħalqu l-iskejjel dwar l-effetti li se jkun hemm fuq l-attendenza tal-istudenti, partikolarment f'ċerti livelli li kif diġà spjegajt, faċilment titlifhom. Madanakollu qegħdin naraw l-istess *attendence trends* mill-istudenti bħalma kellna qabel l-għeluq minħabba l-COVID-19. Dan kien riżultat pożittiv ħafna u huwa wkoll riżultat tal-monitoraġġ qawwi u l-komunikazzjoni kontinwa li għamilna mal-istudenti tagħna. Il-komunikazzjoni u l-monitoraġġ kien insistenti u persistenti, kien hemm istanzi fejn l-istudenti kważi kważi bdejna ndejquhom, però l-intenzjonijiet tagħna kienu litteralment li kemm jista' jkun ma nitilfu lil ħadd. Studenti li sa minn ġimgħat u xhur qabel l-għeluq minħabba l-COVID-19 l-attendenza tagħhom diġà kienet waħda baxxa, bażikament jifformaw il-kategorija ta' studenti li ntilfu f'dawn il-ġimgħat. Madanakollu l-i*student drop-out rate* li għandna din is-sena nista' ngħid li hija fl-istess livelli li kellna fis-snin l-imgħoddija f'ċirkostanzi normali. Irrid ngħid ukoll li bħala *retention rates* l-MCAST Gozo Campus dejjem kellna fost l-aħjar *retention rates across* l-MCAST kollu u bi pjaċir ngħid li din it-*trend* żammejnieha din is-sena wkoll.

Rajna wkoll ċerti gruppi ta' studenti li addirittura kien hemm titjib fl-attendenza tagħhom minn meta t-tagħlim beda jsir *online*. Dan jista' jkun li kien riżultat tal-fatt li waqt iż-żmien tal-kważi *lockdown* li kellna, l-istudenti probabbilment kienu miġbura d-dar u forsi aktar ffokati fuq l-istudji tagħhom. *Overall* però l-impatt fuq l-attendenza tal-istudenti fil-korsijiet tagħna kien wieħed negliġibbli *in line* ma' dak li kien iseħħ fis-snin l-imgħoddija.

Issa se nagħti daqsxejn ħarsa lejn l-*assessment* tal-istudenti. Bħalma ġara f'istituzzjonijiet oħra, din is-sitwazzjoni ġabitna wiċċ imb wiċċ ma' realtajiet li qatt ma konna ffaċċjajna qabel, qisna qegħdin f'*uncharted waters*, biex ngħid hekk, u allura kien jeħtieġ li l-*assessment modes* għal numru ta' suġġetti jiġu rikonsidrati. Pereżempju dawk li aħna nsejħulhom '*time-constrained assignments*', li huma *assessments* li jsiru taħt il-forma ta' eżamijiet li d-durata tagħhom tkun stabbilita minn qabel, uħud minnhom ġew ridisinjati bħala *home assignments*. Madanakollu rrid ngħid li numru kbir ta' eżamijiet xorta se jsiru bil-format ta' eżamijiet però se jsiru *through* il-pjattaforma *online* u għal dak il-għan qegħdin nużaw il-*Moodle*.

Fiż-żmien meta tħabbar l-għeluq tal-istituzzjonijiet edukattivi, peress li, kif diġà spjegajt, dan kien jinvolvi perjodu ta' adattament, l-*assessment deadlines* li ħabtu f'dak iż-żmien b'mod responsabbli u b'mod raġonevoli mal-istudenti, biex ngħid hekk, illaxkajniehom ftit sakemm kulħadd sab saqajh fir-realtà l-ġdida. Id-*deadlines* ta' *assessments* li kienu ilhom maħruġa numru ta' ġimgħat jew xhur però żammejniehom

għax f'dawk iċ-ċirkostanzi rajna li l-istudenti kellhom żmien aktar minn biżżejjed biex ilestuhom.

F'dawn it-tip ta' *online assessments* qegħdin ukoll niggarantixxu li *special access arrangement provisions* għall-istudenti intitolati għalihom jiġu offruti bħalma jiġu offruti f'ċirkostanzi normali. Jiġifieri jekk student normalment huwa intitolat għal *extra time*, pereżempju, dak l-*extra time* xorta jingħatalu.

Bħala kulleġġ vokazzjonali għandna numru ta' suġġetti li jinvolvu kompetenzi u *assessments* ta' natura prattika. Fiċ-ċirkostanzi dawn kienu jirrikjedu arranġamenti speċjali għax *assessments* ta' natura prattika ovvjament wieħed ma tantx jista' jagħmilhom b'mod virtwali. Dawn l-*assessments* ta' natura prattika nistgħu naqsmuhom f'żewġ *broad categories*; l-ewwel nett hemm il-*practical work* li normalment isir f'laboratorji jew *workshops* u dan huwa maħsub li jsir f'Settembru li ġej, imbagħad hemm il-*practical components* li jsiru permezz ta' *vocational placements*. Ħafna drabi dawn il-*vocational placements* isiru f'*settings* sensittivi, speċjalment f'dawn iż-żmenijiet għaliex qed nitkellmu fuq *vocational placements* li jsiru fis-settur tas-saħħa, fis-settur tal-kura soċjali, fiċ-*childcare* u anke fi skejjel. Fil-fatt, fl-*early childhood education* ikollok ukoll *placements* li jsiru fil-*kindergartens* u allura ġaladarba bħalissa l-iskejjel huma magħluqin, dawn il-*placements*, anke li kieku rridu, ma nistgħux nagħmluhom.

Bħala *timeframes* ta' meta se jsiru aħna qegħdin ngħidu li dawn se jsiru mal-ewwel opportunità possibbli. Però dan ma jiddependix biss mill-MCAST, jiddependi wkoll minn meta s-*settings* partikolari jmorru lura għall-attivitajiet tagħhom fuq livell normali, jew kważi normali, u minn meta l-awtoritajiet edukattivi u tas-saħħa jagħtu l-permess tagħhom li l-istudenti tagħna jkunu jistgħu jagħmlu l-*vocational placements* tagħhom f'dawn is-*settings*.

L-uniċi *assessments* li s'issa għadhom *on hold*, u dan għar-raġuni li ma jiddependux mill-MCAST, huma l-eżamijiet tal-Association of Accountant Technicians (AAT) u tal-Association of Certified Chartered Accountants (ACCA). Dawn huma *external bodies* li jagħmlu l-eżamijiet tagħhom. L-eżamijiet tagħhom ikunu *computer-based*, jiġifieri jsiru permezz ta' kompjuter, però dejjem isiru fl-MCAST bħala ċentru akkreditat. S'issa dawn iż-żewġ entitajiet issospendew l-eżamijiet tagħhom però ħabbru li qegħdin jaħdmu sabiex fix-xhur li ġejjin, – qishom qegħdin jimmiraw għal Awwissu jew Settembru – anke jekk is-sitwazzjoni ma tippermettix li jsiru eżamijiet ġewwa skola, se joffru l-possibbiltà ta' *remote examinations.* Naturalment aħna qegħdin inżommu ruħna aġġornati kif ukoll l-istudenti sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dawn l-eżamijiet *at the first available opportunity.*

Komponent importanti ieħor tal-korsijiet tal-MCAST bħala korsijiet vokazzjonali huwa l-*work-based learning component*. Diġà semmejt il-*placements* però hemm korsijiet oħra li m'għandhomx *placements* imma l-*work-based learning component* tagħhom huwa bbażat fuq apprendistat. L-apprendistati, bħall-*placements*, ġew sospiżi mat-tħabbir tal-għeluq tal-iskejjel iżda l-ġimgħa l-oħra tħabbar li dawn jistgħu jkomplu u fil-fatt, qegħdin ikomplu minn din il-ġimgħa. Ovvjament studenti li jaqgħu taħt il-kategorija ta' persuni vulnerabbli jew li jgħixu ma' persuni vulnerabbli se jingħataw konsiderazzjoni speċjali u se nkunu qegħdin inħarsu lejn il-każ tagħhom b'mod individwali.

Fir-rigward tal-*attendance threshold* fejn jidħol l-apprendistat, se nżommu l-istess *percentage threshold* però l-persentaġġ se jkun ikkalkolat bħala *relative percentage*, jiġifieri se nikkalkolaw l-attendenza tagħhom fuq l-apprendistat fuq in-numru ta' ġranet u sigħat li kien possibbli li jagħmlu sad-data tal-għeluq minħabba l-COVID-19 u ż-żmien li fadlilhom issa li tħabbar li se jkomplu l-apprendistati sat-tmiem l-istess apprendistat. Jiġifieri se nimxu b'mod ġust mal-istudenti u l-persentaġġ tal-attendenza se jkun *a relative percentage*.

Bħalissa l-*vocational placements* għadhom *on hold*. Diġà spjegajt li t-tkomplija ta' dawn il-*placements* ma tiddependix biss mill-MCAST imma tiddependi wkoll minn kif se tiżviluppa s-sitwazzjoni relatata mal-COVID-19 u anke mid-direzzjoni li se joħorġu l-awtoritajiet kompetenti f'dan ir-rigward.

B'rabta mat-tkomplija tal-apprendistati l-MCAST għamel kuntatt mal-*employers* kollha li huma reġistrati magħna u li joffru opportunità ta' apprendistat u nista' ngħid li 'l fuq minn 70% tagħhom ikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jonoraw l-impenji li ħadu mal-istudenti tagħna u se jżommuhom biex ikopru l-apprendistat.

Ovvjament minħabba l-*economic slowdown*, li kienet inevitabbli minħabba dan l-għeluq, hemm *employers* li għandhom ċertu diffikultà biex iżommu lill-istudenti, però hemm ukoll *employers* oħra li qegħdin jagħmlulna talbiet ġodda għal studenti oħra fuq apprendistat. Din hija figura globali; naf li dan il-Kumitat tinteressah is-sitwazzjoni li tikkonċerna lil Għawdex imma peress li dan kien żvilupp li seħħ f'dawn l-aħħar ftit jiem, il-figuri relatati tal-istudenti li qegħdin jagħmlu apprendistat ġewwa Għawdex għadna qegħdin niġbruhom. Nista' ngħid però li l-istudenti kollha li qed jiltaqgħu ma' diffikultajiet tajniehom parir biex jagħmlu kuntatt magħna mill-aktar fis possibbli ħalli fejn hemm diffikultà biex huma jkomplu l-apprendistat tagħhom, aħna nippruvaw nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex ngħinuhom isibu arranġament alternattiv.

Niġi issa għall-pjanijiet tagħna biex nagħlqu s-sena akkademika. Il-maġġoranza tal-programmi se jingħalqu kif pjanat fil-kalendarju tas-sena akkademika oriġinali, ċjoè se jagħlqu mal-10 ta' Lulju. Il-korsijiet li fihom komponent prattiku li ma jistax isir għalissa u li l-ħsieb huwa li jsir fil-bidu ta' Settembru jew matul ix-xahar ta' Settembru, se jkunu qegħdin jiġu finalizzati fix-xahar ta' Settembru jew *hopefully* sal-bidu ta' Ottubru.

Tajjeb ngħid li r-riżultati tal-istudenti, kemm għal suġġetti li se jkunu magħluqa kif ukoll għal dawk is-suġġetti li mhux se jkunu magħluqa minħabba l-*practical assessments* li se jsiru aktar 'il quddiem, se jkunu disponibbli fuq l-MCAST *Management Information System* (MIS). Fil-fatt, diġà huma disponibbli; suġġetti li ġew magħluqa fl-ewwel semestru, ir-riżultati tagħhom diġà ġew ippubblikati u l-istudenti jistgħu jidħlu fl-*account* tagħhom tal-MIS u jaraw ir-riżultati tagħhom. Suġġetti li għadhom mhumiex finalizzati, jiġifieri jekk pereżempju suġġett fih tliet *assessments* u żewġ *assessments* saru jew se jkunu saru sal-aħħar ta' Ġunju u l-*assessment* prattiku se jsir f'Settembru, iż-żewġ *assessments* li se jkunu diġà saru r-riżultati tagħhom se jkunu disponibbli għall-istudenti fuq l-MIS. B'hekk, l-istudent se jkollu stampa kompluta tar-riżultati tiegħu u din se tiġi aġġornata *accordingly*.

Issa se nitkellem ftit dwar miżuri li ħadna biex kemm jista' jkun noffru kontinwità lill-istudenti biex ikomplu jistudjaw kif ukoll b'rabta mar-reġistrazzjoni ta' studenti ġodda. L-ewwel nett, kif diġà spjega Dr Fabri, bħalma sar fil-każ ta' studenti li qegħdin *at different stages* tal-vjaġġ edukattiv tagħhom, aħna wkoll irrevedejna daqsxejn ir-rekwiżiti tal-istudenti tagħna biex ikunu jistgħu jipprogressaw minn sena għall-oħra. Dan bl-ebda mod ma jinvolvi tnaqqis fil-kwalità tagħna però qegħdin nagħmluha possibbli għall-istudenti li forsi ma jkunux għaddew mis-suġġetti kollha li jkunu jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom fis-sena jew fil-livell ta' wara, *subject to clear terms and conditions*.

Bażikament il-ħsieb hu li student li se japplika mal-MCAST minn barra u li ma jkunx ġab il-*full entry requirements*, inkunu nistgħu nirreġistrawh bħala *a provisional student* ħalli jkun jista' jibda l-kors però mbagħad it-tkomplija f'dak il-kors fis-sena ta' wara tiddependi mill-*performance* tiegħu f'dik is-sena. Dan huwa *in line* ma' dak li se jkun qiegħed isir f'istituzzjonijiet edukattivi oħra fil-livell post-sekondarju u terzjarju.

Kif diġà għamilna s-sena l-oħra, l-istudenti ġodda se jkunu qed japplikaw b'mod elettroniku *through* l-MIS bl-istess proċeduri li ttieħdu fis-sajf li għadda. Issa s-sajf li għadda konna tajna l-opportunità lill-istudenti li kellhom diffikultà biex japplikaw *online* biex jiġu japplikaw fil-*campus* ta' Għajnsielem. Din is-sena m'iniex neskludi li nerġgħu nagħtuhom din il-possibbiltà però jekk l-awtoritajiet tas-saħħa ma jippermettulniex dan, se nkunu qegħdin noffru miżuri oħra ta' sapport biex dawn l-istudenti jkunu jistgħu japplikaw.

Is-servizzi ta' *career guidance* huma *ongoing* u qegħdin jingħataw permezz tat-telefon, permezz ta' *emails* u permezz ta' *videoconferencing* mill-i*Student Support Services Coordinator* tagħna. Dawn is-servizzi baqgħu jiġu offruti fl-istess livell ta' meta s-sitwazzjoni kienet normali però b'modi daqsxejn differenti u permezz tat-teknoloġija.

Sinjura President, fl-aħħar żewġ *slides* se nitkellem fuq il-pjanijiet tagħna għar-ritorn lejn in-normalità. Ovvjament din se tkun normalità ġdida, jiġifieri mhux se tkun eżattament l-istess normalità li aħna għexna fis-snin l-imgħoddija. Għaldaqstant qegħdin nagħmlu pjanijiet ibbażati fuq il-ħames xenarji li semma Dr Fabri. Hawnhekk nista' nikkonferma li l-*framework* li qed jaħdem fuqu l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol hemm involuti fih diversi entitajiet u qed issir konsultazzjoni; *at least* min-naħa tal-

MCAST Għawdex qegħdin niġu kkkonsultati. Ovvjament il-*feedback* li se jingħata lill-Ministeru se jingħata mill-Prinċipal tal-MCAST, però l-Prinċipal u d-Deputati Prinċipali, li huma l-*Executive Management* tal-MCAST, qegħdin ikollhom diskussjonijiet magħna, is-*Senior Management* tal-MCAST, u kull direttur ta' kull istitut bażikament qiegħed jgħaddi l-*feedback* tiegħu ħalli l-Prinċipal jgħaddih lill-Ministeru. B'hekk, Dr Fabri u t-tim tiegħu jkunu jistgħu jinkorporaw, biex ngħid hekk, il-bżonnijiet tal-istituti differenti.

Fiċ-ċirkostanzi li prattikament bdejna Ġunju, qegħdin niffokaw fuq tliet xenarji aktar milli fuq ħames xenarji. Bażikament l-ewwel xenarju huwa li l-Kulleġġ jiftaħ kif ippjanat. Il-pjan huwa li s-sena akkademika l-ġdida tal-MCAST, l-istess bħal tal-Università, tibda, jekk Alla jrid, fid-19 ta' Ottubru. It-tieni xenarju huwa l-ftuħ f'din id-data iżda *in phases*. Dan ifisser li jista' jkollna sitwazzjoni – dejjem jiddependi minn kif se tiżvolġi l-imxija tal-COVID-19 – fejn jidħlu ċerti gruppi iżda mhux oħrajn. Jista' jkun ukoll li ċerti gruppi jibqgħu b'sistema ta' tagħlim *online* u jista' jkun hemm taħlita tat-tnejn, kif anke qal l-Onor. Cutajar. Jista' wkoll ikollna gruppi ta' studenti li parti mill-grupp f'lezzjoni partikolari tkun fiżikament fil-klassi u l-bqija jkunu d-dar isegwu *online*, u fil-lezzjoni ta' wara jalternaw. Dan mhuwiex xenarju li qegħdin naħsbu fih ġewwa Malta u Għawdex biss. Dan huwa xenarju li qegħdin jikkonsidraw pajjiżi oħra Ewropej u lil hinn mill-Ewropa. Irridu naħdmu u rridu noperaw skont is-sitwazzjoni kif tevolvi. It-tielet xenarju mbagħad huwa li niftħu fl-ewwel kwart tal-2021. Jalla dan il-pjan jibqa' biss fuq il-karta.

Il-ħames elementi li qegħdin nikkonsidraw fil-*contingency planning* tagħna semmiehom Dr Fabri, m'hemmx għalfejn nerġa' nelabora fuqhom, imma ovvjament kull pjan ta' kontinġenza li se nkunu qegħdin nagħmlu dejjem jiddependi mis-sitwazzjoni kif se tkun. Fl-aħħar mill-aħħar dejjem irridu nkunu konformi mad-diriettivi li se joħorġu mill-Awtorità tas-Saħħa u mill-Gvern.

Bażikament tajt *overview* tal-impatt u l-miżuri li ħadna. Nista' ngħid li kien u għadu żmien ta' sfidi kbar. Min-natura tiegħi jien inħobb inżomm ħafna saqajja mal-art. Kieku kellkom tistaqsuni xahrejn ilu jekk kontx naħseb li se jirnexxilna nagħmlu dan kollu, onestament kont ngħidilkom le! Għaldaqstant inħossni kburi ħafna tal-ħidma kbira li saret mill-i*staff* tiegħi, ħidma li fl-aħħar mill-aħħar ibbenfikaw minnha l-istudenti tagħna. Kif qalet tajjeb iċ-Chairperson, ħafna minna ġenituri; ħafna minna għandna t-tfal tagħna li qeħdin fis-sistema edukattiva f'livelli differenti. Pereżempju jien għandi xi ħadd fil-livell primarju, xi ħadd fil-livell sekondarju u xi ħadd fil-livell post-sekondarju u allura bħala ġenitur għandi ċertu *concern* ukoll dwar l-effett li se jkollu dan kollu fuq l-edukazzjoni ta' wliedi. Għaldaqstant nipprova nara li jien u l-i*staff* tiegħi nagħmlu l-almu kollu tagħna sabiex nimmitigaw l-effett negattiv li jista' jkollu dan l-għeluq.

Fl-aħħar nett, nippreżenta lill-Kumitat din il-preżentazzjoni:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*Impact of COVID-19 on MCAST Gozo Campus's courses provision and operations*".

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi, Sur Grech. Il-preżentazzjoni eżawrjenti li għadek kif għamiltilna turi l-ħidma kbira li twettqet u li se tkompli titwettaq fil-ġimgħat u fix-xhur li ġejjin. Ċertament li r-riżultati mhux biss jidhru imma se jkunu qed jitkejlu anke mill-*achievement* tal-istudenti.

Nieħu spunt mill-preżentazzjoni tiegħek u nieħdok mill-ewwel għal xenarju fejn ikollok studenti Għawdxin li jixtiequ jipprogredixxu fil-perkors akkademiku tagħhom però minħabba realtajiet varji, il-korsijiet ma jkunux disponibbli fl-MCAST Għawdex imma jkunu disponibbli biss f'Malta. Fil-kuntest li issa qed tintuża aktar il-pjattaforma diġitali – għadu kif ġie ppubblikat il-prospett il-ġdid jekk m'iniex sejra żball – qed tieħdu vantaġġ biżżejjed minn dan ix-xenarju? Il-fatt li għandna l-pjattaformi diġitali u allura nistgħu nippermettu li jsir aktar tagħlim f'Għawdex stess, minkejja li l-kors *per se* jiġi offrut f'Malta, jippermetti li nagħtu l-opportunità lill-istudenti Għawdxin li jsegwu dawn il-korsijiet *online*?

It-tieni punt tiegħi jittratta l-fatt li inti għedt li l-istudenti li jkunu fil-*lower academic levels* huma l-aktar li jsibuha diffiċli. Dawk huma l-aktar studenti li rridu nassiguraw li nżommu fis-sistema edukattiva. Għalhekk, tista' tgħidilna b'mod invidwali jsirx xi kuntatt magħhom biex nassiguraw li effettivament jibqgħu fl-i*stream* edukattiva?

Is-Sur Grech.

INĠ. GODWIN GRECH: Sinjura President, għall-ewwel domanda tiegħek, iva, din l-esperjenza naħseb li se jkollha impatt pożittiv ukoll. Kif taf, l-MCAST diġà investa f'sistema ta' *videoconferencing* sofistikata li l-għan tagħha huwa li b'mod ekonomikament vijabbli nkunu nistgħu nespandu l-provvista ta' korsijiet għall-Għawdxin ġewwa Għawdex stess. Din is-sistema ġiet *procured*, qiegħda *in place* u bħalissa qegħdin naħdmu fuq l-infrastruttura ta' *networking* li hija meħtieġa sabiex dik tiġi użata kif suppost.

Element ieħor pożittiv li ħareġ minn dan kollu huwa li ċerti *lecturers* li forsi kienu daqsxejn xettiċi dwar l-użu tat-teknoloġija, issa s-sistemi tat-tagħlim *online* esperjenzawhom b'mod reali f'dawn ix-xahrejn u naħseb li r-reżistenza li seta' kellhom għal dan il-mezz ġdid ġiet ippruvata li kienet reżistenza jew biża' fiergħa. Għaldaqstant qed nara li l-Għawdxin se jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-*online learning* fil-futur.

It-tieni mistoqsija tiegħek, Sinjura President, kienet tirrigwarda l-*lower level students*. Hemmhekk għandna missjoni. Dawn huma studenti li għal diversi raġunijiet, u ħafna drabi lanqas biss ikun it-tort tagħhom, fl-edukazzjoni obbligatorja tagħhom ma laħqux il-livelli li wieħed ikun mistenni jilħaq f'ħames snin ta' skola sekondarja. Għaldaqstant hemmhekk għandna missjoni biex tal-inqas lil dawn l-istudenti nlaħħquhom sal-Livell 3 jew sal-Livell 4 għax dan ikun ifisser li jkollhom ċertu *employability* fl-ekonomija tal-lum. L-*unskilled workers* jirrappreżentaw problema ekonomika kbira għaliex l-ekonomija tagħna llum ma tantx għandha x'toffri lil din is-sezzjoni ta' ħaddiema. Għalhekk, il-ħaddiema għandhom bżonn ikunu *skilled* f'setturi diversi u għaldaqstant aħna nħossu li għandna missjoni hemmhekk. Fil-fatt, kellna kuntatti diretti ma' dawn l-istudenti u għamilna monitoraġġ kontinwu, anzi, kważi kważi dejjaqniehom bit-telefonati però rnexxielna nżommu r-*retention rates* li normalment ikollna sforz is-sagrifiċċju u l-impenn qawwi li kellna. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Hawn aktar mistoqsijiet? L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sur Grech, l-ewwel nett nirringrazzjak tal-preżentazzjoni tajba li tajtna u talli għoġbok tilqa' t-talba tagħna u tkun magħna llum. Jien għandi żewġ mistoqsijiet għalik. L-ewwel nett minn kliemek jien fhimt li l-impatt fuq l-istudenti tagħkom, bħala MCAST, kollox ma' kollox ma kienx daqstant negattiv, anzi pjuttost fhimt li kien wieħed pożittiv.

INĠ. GODWIN GRECH: Ejja ngħidu li bqajna għaddejjin bir-ritmu normali. Ma rridx nagħti l-impressjoni li għandna kollox fuq ir-rubini, *far from it*, fid-dinja reali m'hemm xejn fuq ir-rubini, però rnexxielna nimmitigaw l-effetti li setgħu kienu negattivi ħafna. *We contained the situation* u żammejna r-ritmu li normalment inkunu għaddejjin bih.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Infatti hemmhekk kont se nasal. Il-kompitu ta' dan il-Kumitat huwa li nidentifikaw sfidi u diffikultajiet li nħolqu minħabba s-sitwazzjoni preżenti. Jien m'għandix l-esperjenza tiegħek però nimmaġina li l-illitteriżmu fejn jidħol l-użu tal-pjattaforma teknoloġika biex wieħed ikun jista' jirċievi t-tagħlim b'mod virtwali forsi jista' joħloq problemi. Għalhekk, nistaqsik jekk ġewx identifikati problemi fejn jidħlu l-ħiliet li għandhom l-istudenti biex ikunu jistgħu jaħdmu b'dawn il-mezzi. Dik hija l-ewwel mistoqsija tiegħi.

It-tieni mistoqsija tittratta l-futur. Iċ-Chairperson diġà aċċennat għal korsijiet li jistgħu jiġu provduti f'Għawdex permezz ta' mezzi virtwali, jien però se nieħu aspett ieħor ta' kif se nkunu qed inħarsu lejn il-futur. Is-sitwazzjoni preżenti, konsegwenza tal-COVID-19, ħolqot xi sitwazzjoni fejn ċerti korsijiet li sa meta konna għadna ma dħalniex f'din is-sitwazzjoni kien relattivament faċli tipprovidihom u issa, bis-sitwazzjoni preżenti, li ma nafux kemm se ddum, se jkun diffiċli jekk mhux impossibbli li tkompli tipprovdihom? Il-wiċċ l-ieħor tas-sitwazzjoni huwa jekk b'din is-sitwazzjoni għandkomx talbiet jew ħsibijiet dwar korsijiet ġodda li jistgħu jiġu pprovduti f'Għawdex u li jgħinu, b'mod partikolari, l-ekonomija ta' Għawdex. L-ekonomija Għawdxija sofriet daqqa mhux żgħira u allura għandkom xi ideat dwar korsijiet li jistgħu jgħinu biex l-ekonomija ta' Għawdex terġa' tirranka u tibda miexja 'l quddiem?

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Sur Grech.

INĠ. GODWIN GRECH: Rigward l-ewwel mistoqsija tiegħek, Onor. Cutajar, dwar il-

kompetenzi diġitali, tajjeb ngħid li persuni differenti għandhom *digital skills* differenti. Aktar minn hekk, ma tistax tabbina l-livell ta' kompetenzi diġitali mal-livell ta' edukazzjoni. Għandna nies gradwati f'ċerti setturi li jibżgħu mit-teknoloġija. Għall-kuntrarju, il-ġenerazzjoni tal-lum trabbiet fi żmien tat-teknoloġija u ż-żgħażagħ tarahom kollha bil-*gadgets* f'idejhom u b'*mobile phones* sofistikatissimi. Għalhekk, anke studenti li m'għandhomx kwalifiki formali hija faċli għalihom li jadattaw irwieħhom għall-użu ta' *online platforms*. Ovvjament aħna xorta m'assumejna xejn u ħloqna linji gwida dettaljati, bil-miktub, u anke tellajna *videos online*. Għamilnieha faċli kemm stajna u offrejna wkoll *IT support*. L-appoġġ kollu li immaġinajna u li ħsiebna li stajna nagħtu, rajna kif b'xi mod nagħtuh.

Rigward il-korsijiet li huwa diffiċli li jiġu offruti fiċ-ċirkostanzi tal-lum, diġà semmejt li korsijiet li jinvolvu element prattiku huma l-akbar sfida li għandna. Sakemm il-*premises* tagħna jkunu magħluqa, l-aspett prattiku fil-*workshops* u fil-laboratorji ma jistax ikompli. Ikompli biss meta l-awtoritajiet jagħtuna l-permess li niftħu l-bibien tagħna għall-istudenti. L-istess fil-każ tal-*placements*.

Rigward imbagħad il-korsijiet ġodda, jekk hemm xi ħaġa li tikkaratterizza lill-MCAST b'mod inġenerali, inkluż allura l-MCAST Gozo Campus, huwa r-rispons tagħna għall-bżonnijiet tal-ekonomija. Qiegħda fil-*mission statement* tagħna u bħala parti mill-pjan strateġiku tagħna, minn żmien għall-ieħor nitkellmu ma' *stakeholders*, bħall-Gozo Business Chamber (GBC), u fejn naraw li hemm industriji partikolari f'Għawdex li jeħtieġu ħiliet f'ċerti setturi, inpoġġu madwar mejda u naraw l-MCAST kif jista' jikkontribwixxi biex iħarreġ liż-żgħażagħ f'dawn is-setturi partikolari.

Li kieku kellkom tistaqsuni x'kienet l-akbar diffikultà li kellna kont nirreferi għal kors partikolari, ċjoè għas-*Certificate in Vocational Skills*, dak li qabel konna nsejħulu l-*Pathway Programme*. L-Onor. Cutajar semma l-persuni b'diżabilità u qablu semmejthom int, Sinjura President, u dan huwa kors maħsub għal studenti li għandhom *moderate disabilities* u *learning difficulties*. Dawn kienu l-aktar kategorija ta' studenti li rrappreżentaw sfida biex aħna ninkluduhom. Fil-fatt, tkellimna ma' ġenituri, partikolarment tal-istudenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-kors, u wħud minnhom talbuna nikkonsidraw biex is-sena d-dieħla t-tfal tagħhom forsi jirrepetu t-tieni sena. Għalhekk, dawk li jkunu jixtiequ jirrepetu t-tieni sena, se nagħtuhom iċ-ċans li jirrepetuha.

F'dan il-kors partikolari niffokaw ħafna fuq *independent living skills, life skills* u *employability skills,* allura importanti li nagħtu l-opportunità lil dawk l-istudenti li minħabba l-interruzzjoni li kien hemm u ovvjament għax ikunu jixtiequ, jerġgħu jirrepetu s-sena magħna. Din l-opportunità diġà ġiet diskussa internament u min ikun jixtieq jagħmel hekk, se jkollu l-opportunità li jagħmel hekk. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Hawn aktar mistoqsijiet? (Onor. Membri: *No*) Sur Grech, nirringrazzjak talli kont magħna u tal-informazzjoni li tajtna. Min-naħa tagħna nirringrazzjawk ukoll tal-ħidma tiegħek u nawgurawlek għal li ġej. Kif għedt tajjeb inti, l-isfidi qegħdin hemm però ovvjament l-isfidi mbagħad irridu nibdluhom f'opportunitajiet għall-ġid tal-istudenti tagħna.

Insejjaħ issa lis-Sur Andrea Galea biex jagħmel preżentazzjoni f'isem il-KSU.

IS-SUR ANDREA GALEA (*Finance Officer,* Kunsill Studenti Universitarji): Sinjura President, nirringrazzjakom ta' din l-istedina. Flimkien mal-GUG se nkun qiegħed nirrappreżenta l-istudenti universitarji Għawdxin. Is-settur tal-edukazzjoni, bħal kull settur ieħor, intlaqat minn din is-sitwazzjoni bla preċedent u mill-isfida li ħolqot il-COVID-19. Rajna bidla kbira fl-Università; il-*lectures* bdew isiru b'mod virtwali u issa qegħdin naraw jinbidel ukoll il-mod ta' kif l-istudenti se jiġu evalwati, permezz ta' *assignments* minflok eżamijiet jew anke eżamijiet *online*.

Barra dan l-impatt akkademiku hemm ukoll effetti soċjali. Hemm studenti li kienu Erasmus u kellhom iwaqqfu din l-esperjenza u jiġu lura Malta. Ġest sabiħ kien mill-universitajiet barranin li ppruvaw jassistu lill-istudenti Maltin u jagħtuhom il-possibbiltà li jkomplu l-istudju tagħhom għal din is-sena minn hawn Malta. Hemm imbagħad studenti tal-*health sciences* u tal-mediċina li ma baqgħux iżuru l-familji tagħhom minħabba li qed joffru għajnuna fl-isptarijiet. Hemm ukoll l-esperjenza universitarja. Din inbidlet kompletament, fis-sens

li l-istudenti m'għadhomx jiltaqgħu għal-*lectures* u anke qegħdin jimmissjaw l-attività studenteska tal-*campus*. Dan kollu jaf iħalli impatt fuq is-saħħa mentali tal-istudenti. Qiegħed jonqos ukoll is-*sense of belonging* tal-gruppi u ċertu sostenn li kienu jħossu permezz ta' dawn il-gruppi.

Din il-pandemija ħalliet ukoll impatt fuq il-karrieri ta' studenti li mistennija jiggradwaw din is-sena. Dawn qed jesperjenzaw diffikultajiet u tibdil fl-aħħar sena tal-istudju tagħhom u fil-mod ta' kif se jiġu evalwati. F'dawn iċ-ċirkostanzi, gradwati ġodda se jsibuha diffiċli jsibu xogħol minħabba l-impatt ekonomiku u dan nemmen li se jinħass aktar fil-gżira ċkejkna ta' Għawdex. Barra minn hekk, diversi *internships* u xogħlijiet tal-istudenti tas-sajf qegħdin jiġu posposti u saħansitra kkanċellati. Dan joħloq diffikultà finanzjarja għal dawk l-istudenti li forsi kienu jfaddlu xi ftit fis-sajf biex ikunu jistgħu jkopru l-ispejjeż tax-xitwa b'rabta mat-traġitti u l-kiri ta' flettijiet. Kif se jsemmu f'aktar dettall il-GUG, l-użu tat-*teleconferencing* biex isiru l-*lectures* bħalissa jista' jkompli anke wara li tgħaddi l-pandemija għall-benefiċċju tal-istudenti kollha, partikolarment dawk Għawdxin.

Bidla oħra importanti li nemmen li tista' tiġi adottata anke fil-futur tinvolvi s-sottomissjoni tal-*assignments online*. Nemmen li bi ftehim, bħalma sar fil-passat meta l-istudenti ngħataw il-possibbiltà li l-eżamijiet ikunu jistgħu jagħmluhom minn Għawdex, faċilment tista' tiġi offruta l-possibbiltà li jissottomettu l-*assignments* tagħhom fil-*campus* ta' Għawdex bl-istess *deadline* ta' Malta.

F'laqgħa li kellna mal-Ministru għal Għawdex bħala KSU u GUG konna għamilna wkoll rakkomandazzjonijiet għal titjib fit-trasport pubbliku għall-istudenti Għawdxin, fosthom li r-rotta X1A tiġi mtejba billi ssir aktar frekwenti u forsi tieħu aktar post ir-rotta X1 lejn l-Università. B'dan wieħed ikun qed jevita taħlit bejn in-nies li jkunu ġejjin mill-ajruport u l-istudenti li jivvjaġġaw minn u lejn l-Università. Naħseb li din tkun miżura intelliġenti f'din l-era tal-COVID-19. Forsi jkun il-każ ukoll li jitnaqqsu l-vjaġġi lejn u mill-ajruport minħabba n-nuqqas ta' domanda bħalissa u jiżdiedu dawk ta' bejn l-Università u ċ-Ċirkewwa.

Rakkomandazzjoni oħra kienet li jsir xogħol ta' manutenzjoni u tindif regolari fis-*subway* tal-i*Skate Park* fl-Imsida. Nemmen li issa dawn għandhom isiru b'mod immedjat biex jissaħħu l-miżuri li jikkontrollaw din il-pandemija.

Fl-aħħar, naħseb li meta jsiru d-diskorsi u l-ippjanar dwar il-mod ta' kif se jitmexxew l-affarijiet wara din il-pandemija, aħna l-istudenti għandna nkomplu niġu kkonsultati, kemm bħala Università u f'dan il-każ aktar u aktar bħala studenti Għawdxin.

Sinjura President, ngħaddi lill-Kumitat dan id-dokument:

> Dokument intitolat "*Tele-conferencing Student Survey Response*".

Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna, Sur Galea. Nissuġġerixxi li nieħdu l-kummenti tas-Sur Mark Farrugia mill-GUG biex imbagħad wara jkollna diskussjoni waħda u nkunu nistgħu nagħmlu l-*winding-up*.

Insejjaħ allura lis-Sur Mark Farrugia.

IS-SUR MARK FARRUGIA (Information Secretary, Gozo University Group): Sinjura President, f'isem il-GUG nirringrazzjakom tal-istedina. Il-GUG ilu għal dawn l-aħħar snin jippromwovi l-użu tat-teknoloġija u t-*teleconferencing* tal-*lectures* ġewwa l-*campus* ta' Għawdex u nirringrazzjaw lill-Membri fostkom li tawna l-appoġġ tagħhom f'din l-inizjattiva. Madanakollu, meta wassalna l-argumenti tagħna quddiem l-Università ta' Malta, waqgħu fuq widnejn torox. Ftit ilu ħriġna stqarrija fejn spjegajna li jekk nistgħu nieħdu fattur pożittiv minn din il-pandemija huwa proprju li mhux biss dan il-konċett huwa possibbli, iżda qed jiġi utilizzat mill-Università ta' Malta għall-konvenjenza ta' kull student.

L-apparat li hemm bżonn għat-*teleconferencing* diġà jeżisti fil-*campus* ta' Għawdex. L-argument min-naħa tal-Università ta' Malta kontra l-użu ta' dan l-apparat dejjem kien li jew m'għandhomx biżżejjed ħaddiema jew li l-*lecturers* ma jixtiqux jużawh. Minħabba l-pandemija issa l-*lecturers* ġew imħarrġin dwar kif jagħtu *lectures online* u allura l-argument li biex tgħallem il-*lecturers* jużaw din it-teknoloġija tikkonsma żżejjed ħin jiġi bla bażi għax issa se jkunu ilhom kważi semestru sħiħ iwasslu t-tagħlim tagħhom *online*.

Nixtieq nenfasizza li m'aħniex ngħidu li l-istudenti Għawdxin għandhom jattendu l-Università permezz ta' *online lectures* u daqshekk, anzi ninkoraġġixxu li jattendu *lectures live* mill-*campus* ta' Malta għaliex l-esperjenza universitarja u li tiltaqa' ma' nies ġodda hija esperjenza sabiħa li għandu jgawdiha kull student.

Nifhmu wkoll li din is-sistema ma tistax tintuża għal kull kors għaliex ikun hemm min ikollu jipparteċipa fi *placements* jew ikollu bżonn jutilizza laboratorji. Madanakollu hemm korsijiet, li għalihom jattendu numru mhux ħażin ta' studenti Għawdxin bħal, ngħidu aħna, il-korsijiet tal-*Bachelor of Commerce* (B.Com), tal-*Bachelor of Arts* (B.A.) u tal-Liġi, li jistgħu japplikaw it-*teleconferencing.*

Qabel faqqgħet il-COVID-19 f'Malta kien hemm studenti jaqsmu bejn il-gżejjer ta' kuljum jew għax huma u l-familja tagħhom m'għandhomx biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jaffordjaw jikru appartament f'Malta, jew għax jaħdmu f'Għawdex u kien ikollhom jaqsmu għal-*lectures* f'Malta. Għalhekk, aħna qegħdin nippproponu li tal-inqas nieħdu l-ewwel pass żgħir u t-*teleconferencing* jiġi utilizzat nhar ta' Ġimgħa. Minn din il-pandemija kienu bosta studenti li rrealizzaw kemm ħlew ħin jaqsmu bejn il-gżejjer fit-tfittxija għall-karriera futura tagħhom, liema ħin seta' ġie utilizzat f'aktar riċerka jew anke biex jipprattikaw xi passatemp jew sport.

Minn *survey* li għamilna l-ġimgħa l-oħra fost l-istudenti Għawdxin, li ġie ppreżentat lilkom, joħroġ ċar li dan il-konċett huwa mibki minnhom. Bosta qalu li aktar fehmu *lectures* meta ġew trasmessi *online* għaliex m'hemmx il-problema li l-*lecturer* ma jinstemax minn ċerti naħat tas-sala, jew li studenti oħrajn ifixkluhom permezz ta' ħsejjes jew tfesfis fil-widnejn. Fl-istess ħin, meta kellhom problemi l-*lecturers* xorta waħda spjegawlhom u fehmuhom, avolja b'sistema ta' *online learning*.

Ħafna rraġunaw li filwaqt li student Malti jqatta' l-biċċa l-kbira tal-ġimgħa ma' familtu, l-istudent Għawdxi jkun fortunat jekk matul is-sena skolastika jqatta' 36 siegħa fil-ġimgħa ma' tiegħu. Din il-pandemija fakkret lil ħafna studenti dwar l-importanza tal-familja, konċett li forsi qabel kien ikun hemm bosta li jeħduh *for granted*. Filwaqt li l-edukazzjoni hija fattur importanti ħafna, wieħed ma jistax jinsa l-importanza tal-familja li toffri wens, kuraġġ u appoġġ lil kull student.

Minn dan is-*survey* ħareġ ukoll li bosta jitħajru jagħmlu użu tat-*teleconferencing* f'każijiet meta l-vapur ma jaħdimx jew jekk ikun ħafna maltemp. Ta' min jinnota wkoll li ftit huma l-istudenti Għawdxin fl-Università ta' età akbar. Għalhekk, permezz tat-*teleconferencing* forsi jitħajru jidħlu f'korsijiet anke dawk in-nies li jkollhom jieħdu ħsieb it-tfal jew xi membru tal-familja ieħor u li t-traġitt bejn il-gżejjer forsi jaqtgħalhom qalbhom li jattendu għalih. Hekk jew hekk, id-dritt għall-edukazzjoni huwa dritt fundamentali għal kull bniedem mhux biss għaż-żgħażagħ.

Fid-dawl ta' dan kollu għandna nimxu maż-żmenijiet u mal-avvanzi tat-teknoloġija. Bosta universitajiet prestiġjużi barranin, fosthom Yale University u l-universitajiet ta' Nottingham u ta' Edinburgh, irnexxielhom jimplimentaw dan il-konċett b'rata ta' suċċess enormi. Għaliex Malta m'għandhiex timplimenta l-istess konċett? Tkun ħasra li waħda mill-aħjar universitajiet tal-Ewropa ma tadattax u tipprova tiġbor aktar studenti, tkun xi tkun is-sitwazzjoni tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar huwa l-pajjiż li jiggwadanja.

Effett differenti tal-COVID-19 fuq l-istudenti huwa dak li bosta minnhom għażlu li fil-ħin liberu tagħhom joħorġu passiġġati fil-kampanja u f'żoni li forsi mhumiex daqshekk popolari iżda li joffru veduti mill-isbaħ u li jagħmlu lil Għawdex id-djamant f'nofs il-Mediterran. Insemmi, pereżempju, il-passiġġati bejn Marsalforn u r-Ramla, fin-naħa tan-Nuffara, fiż-żona ta' San Blas u f'bosta żoni oħrajn li forsi hemm min ma jiġuhx f'moħħu. Filwaqt li għandna nissalvagwardjaw dawn is-siti minn żvilupp sfrenat li jirvina l-karattru Għawdxi, ikun ta' interess għall-poplu inġenerali li forsi jinħarġu *booklets* u jiġu promossi aktar dawn il-*heritage trails* biex jiġu gawduti minn kull Malti u Għawdxi u aktar 'il quddiem mit-turisti meta jerġgħu jinfetħu l-ajruporti.

Ħafna minna konna nsibu xogħol matul ix-xhur tas-sajf biex inġemmgħu ftit flus ħalli minbarra li niddevertu, inkunu nistgħu nħallsu l-kera, id-dawl, l-ilma, l-internet kif ukoll ċerti bżonnijiet oħra meta ninżlu Malta biex inkomplu l-istudji tagħna. Minħabba l-pandemija ħafna studenti mhumiex isibu dan it-tip ta' xogħol. Fis-snin li għaddew kienet tinħareġ skema li minnha kienu

jitħallsu l-istudenti, iżda s'issa din għadha ma ħarġitx. Bħala GUG nixtiequ nistaqsu jekk hemmx xi pjanijiet biex tinħareġ din l-iskema, li mhux biss kienet tgħin lill-istudenti, iżda wkoll stabbilimenti li kienu jħaddmuhom magħhom. Nixtiequ nistaqsu wkoll jekk hemmx pjanijiet ta' kif jistgħu jirċievu għajnuna dawn l-istudenti f'każ li l-pandemija ddum għal żmien ferm itwal milli preżentement previst.

Nixtieq intemm billi nisħaq li wara din il-pandemija hemm ċans ta' bidu ġdid għall-Għawdxin. Filwaqt li nirringrazzja lill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, għall-iskema li tħabbret ilbieraħ u li permezz tagħha kumpaniji Maltin se jiġu megħjuna finanzjarjament biex iħaddmu ħaddiema Għawdxin f'Għawdex permezz tat-*teleworking*, hemm bżonn ta' ħidma akbar biex il-biċċa l-kbira tal-istudenti Għawdxin jitħajru jibqgħu jaħdmu f'Għawdex wara li jtemmu l-istudji tagħhom u mhux nitilfuhom minħabba kondizzjonijiet ta' xogħol inferjuri għal dawk offruti f'Malta, jew għaliex m'hawnx biżżejjed opportunitajiet f'Għawdex. Nifhmu li pjanijiet bħal dawn ma jseħħux mil-lum għal għada, iżda l-COVID-19 tista' sservi bħala bażi għall-evoluzzjoni ta' Għawdex, u dan filwaqt li din il-gżira ma titlifx il-karattru uniku tagħha. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna tal-interventi tagħkom. Il-ħajja tal-istudent Għawdxi f'Malta hija partikolari u diffiċli però mbagħad timmaturak u tirrendik ċittadin aktar attiv. Xhieda ta' dan huwa l-intervent li għamiltu f'dan il-Kumitat u biex inkun onesta magħkom, *you are preaching to the converted*! Aħna lkoll għexna dik il-ħajja u naħseb ħadd minna madwar din il-mejda ma nesa dik il-ħajja. Dik hija r-realtà li fformatna u ovvjament tixprunana biex inkomplu niddefendu l-aġenda tal-istudenti Għawdxin, speċjalment fil-kuntest tal-COVID-19.

Intom qegħdin tisħqu fuq l-użu tal-*videoconferencing* u bla dubju ta' xejn, kull Membru ta' dan il-Kumitat, min b'mod u min b'ieħor, dejjem inċentivajnieh u dejjem appoġġjajna lill-istudenti u naħseb li f'dan il-kuntest partikolari għandna napprofittaw u nieħduh bħala opportunità. Din hija xi ħaġa li ddiskutejnieha wkoll mal-MCAST, li qegħdin jarawha bħala opportunità. Għaldaqstant naħseb li l-Membri kollha jaqblu li l-preżentazzjonijiet tagħkom għandna ngħadduhom lis-Senat tal-Università biex dak kollu li intom qegħdin tipproponu, nagħtuh aktar piż għaliex ikun ġej minn dan il-Kumitat.

Interessanti ħafna l-analiżi li għamiltu. Fil-preżentazzjoni tagħkom jidher li l-*videoconferencing* qegħdin tarawh ukoll f'istanzi partikolari. Fil-fatt, mis-*survey* li għamiltu ħareġ li min iridu kuljum, min iridu kull nhar ta' Ġimgħa, min iridu meta ma jkunx qed jaħdem il-vapur u min iridu f'każ li jkun hemm ċirkostanzi ta' mard, anke għaliex fil-każ ta' *attendance-based lectures*, il-marki huma fattur li wieħed irid jikkonsidrah, mill-bqija jkun qed jinħoloq żvantaġġ. F'dan il-kuntest kollu naqblu magħkom, almenu s-sentiment jidher li hu dan.

Rigward il-*post*-COVID-19 irrid ngħid li intom komponent importanti fid-diskussjoni dwar l-opportunitajiet li jistgħu jinħolqu għaliex eventwalment, wara l-istudji tagħkom, intom se tidħlu fid-dinja tax-xogħol u fis-sajf intom tagħmlu *bridging* bejn l-istudji u d-dinja tax-xogħol.

Sar imbagħad aċċenn għall-*Work Trial Scheme*. Sa fejn naf jien, dik normalment toħroġ f'Ġunju u allura naħseb li għadu prematur wisq biex nitkellmu fuqha. Madanakollu nistgħu nistaqsu wkoll.

L-aħħar punt tiegħi jittratta l-fatt li matul dawn l-aħħar snin kellna l-vantaġġ u l-benefiċċju li jkollna rappreżentant Għawdxi fil-KSU. Forsi għall-benefiċċju ta' dawk li qegħdin isegwuna, tajjeb tispjegaw ftit din id-dinamika u kif tikkollaboraw flimkien u kif appuntu tkomplu tippromwovu l-aġenda tal-istudent Għawdxi li jistudja Malta.

Ngħaddi issa għall-kummenti u l-mistoqsijiet tal-bqija tal-Membri tal-Kumitat. Hawn mistoqsijiet? L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: L-ewwel nett naqbel ma' dak li qalet iċ-Chairperson li dak li għaddejna minnu matul dawn l-aħħar ġimgħat jista' jservi biex *post*-COVID-19, studenti Għawdxin ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din is-soluzzjoni li tista' ttaffi parti mill-*hardship* li jridu jħabbtu wiċċhom magħha.

Jidher li l-maġġoranza kbira tal-istudenti qegħdin jgħidu li s-sistema ta' *videoconferencing* għandha tintuża f'ċerti sitwazzjonijiet biss, jew għal ċertu persentaġġ tal-*lectures* u mhux għal kollox. Din

hija xi ħaġa li nifhimha għaliex il-ħajja fuq il-*campus* tal-Università hija importanti u l-kuntatt mal-istudenti l-oħrajn huwa importanti wkoll. Madanakollu anke jekk tintuża għal ċertu persentaġġ tal-*lectures*, żgħir kemm hu żgħir, dan żgur li jtaffi mit-telf ta' ħin u minn affarijiet oħra li jħabbtu wiċċhom magħhom l-istudenti Għawdxin.

Grazzi tal-preżentazzjoni li għamiltu, Mark u Andrea. Laqtuni wkoll il-kummenti li għamlu dawk li ħadu sehem fis-*survey* li għamlet il-GUG. Huma kummenti ta' min jidħol fil-fond fihom u jixtarrahom għaliex minnhom toħroġ ix-xewqa tal-istudenti.

Niġi għall-aħħar punt. M'għandix dubju li permezz tal-*videoconferencing* ħafna iżjed Għawdxin li diġà qegħdin fuq il-bank tax-xogħol, jew li diġà bdew il-karriera tagħhom, se jitħajru jsegwu korsijiet oħrajn. Malli inti tibda taħdem, jew malli jkollok il-familja, ikun diffiċli li ssegwi kors fl-Università minn Għawdex. Għalhekk, din hija opportunità oħra għal numru kbir ta' Għawdxin li jixtiequ, imma s'issa ma setgħux, isegwu numru ta' korsijiet.

Nirringrazzjakom tax-xogħol tagħkom, anke tax-xogħol li tagħmlu fl-organizzazzjonijiet tagħkom, il-GUG favur l-istudenti Għawdxin u l-KSU favur l-istudenti universitarji kollha. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Hawn aktar mistoqsijiet? L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Se nagħmel tliet punti fil-qosor. Qabelxejn però rrid nirringrazzjakom talli għoġobkom tkunu magħna u tagħtuna l-preżentazzjonijiet tagħkom. Bħall-kollegi, jien ukoll nixtieq nirringrazzjakom tal-ħidma kollha li twettqu fil-kamp universitarju b'risq l-Għawdxin.

L-ewwel punt jittratta l-*videoconferencing*. Diġà kelli x-xorti nitkellem ma' wħud minnkom u tafu li jien *all out* favur din il-proposta. Naħseb li dan huwa l-orizzont il-ġdid li rridu nilħqu, partikolarment għal Għawdex. Illum ma naħsibx li għadu ż-żmien li xi ħadd li jkollu xi forma ta' setgħa jiddetta hu kif għandha tkun il-ħajja tal-istudent universitarju! Jekk student universitarju jixtieq jirċievi t-tagħlim tiegħu billi jattendi fiżikament l-Università, għandu jkollu d-dritt li jagħmel dan, però jekk jixtieq jirċievi t-tagħlim b'mod virtwali – jista' jkun li dan ma jkunx jista' jattendi fiżikament – għandu jkollu wkoll dik il-possibbiltà.

Ix-xewqa tiegħi – din nixtieq nagħmilha bħala punt f'dan il-Kumitat – hija li *going forward*, anke meta jekk il-Bambin irid tgħaddi l-pandemija tal-COVID-19, ikun hemm l-għażla. Jiġifieri wieħed ikollu dawn iż-żewġ *options*. Naturalment dan sa fejn ikun possibbli għaliex mhux fil-korsijiet kollha hu possibbli, imma fejn hu possibbli nemmen li għandu jkun hemm l-għażla. Fl-aħħar mill-aħħar il-ħajja universitarja hija xi ħaġa li tidħol għaliha b'mod volontarju u allura l-mod kif tirċievi t-tagħlim għandu jkun purament l-għażla tiegħek. Din hija xi ħaġa li jeħtieġ li nkomplu nisħqu fuqha u m'għandix dubju li l-kollegi ta' dan il-Kumitat se jkunu kompletament ta' sapport għalikom fuq dan il-punt.

Niġi għat-tieni punt. Nafu li bħala Għawdxin għandna l-pjaga tal-kirjiet u partikolarment f'dawn l-aħħar snin, din kienet kwestjoni ta' ċertu tħassib u ta' ċertu inkwiet minħabba l-mod kif kienu qegħdin jogħlew il-kirjiet. Għaldaqstant xtaqt li tagħtuna r-reazzjoni tagħkom u tgħidulna bis-sitwazzjoni kif inhi bħalissa minħabba l-COVID-19, fejn naturalment anke s-settur tal-kera ġie affettwat, hux qegħdin taraw prospetti ġodda għall-mod ta' kif se tkun qiegħda tiżviluppa s-sitwazzjoni tal-kera. Taħsbu li se jkun hemm tnaqqis fil-kera jew forsi diġà qed jirriżulta li hemm tnaqqis fil-kera? Dan huwa punt li naħseb wieħed irid jistudjah u jżommu tajjeb ħafna quddiem għajnejh biex anke nindirizzawh aħna u mexjin 'il quddiem.

It-tielet, naqbel magħkom li l-COVID-19 għandha tkun opportunità biex aħna l-Għawdxin, partikolarment l-istudenti Għawdxin, niftħu orizzonti ġodda għall-ħajja akkademika tagħna. Jien li nixtieq huwa li tkunu intom stess, bħala l-ħaddiema potenzjali ta' għada, li tagħtu l-perspettiva tagħkom u tressqu 'l quddiem rakkomandazzjonijiet biex dan il-Kumitat ikun jista' jaħdem u jfassal futur fejn aktar studenti Għawdxin li jirċievu edukazzjoni terzjarja jsarrfu dak li jkunu tgħallmu direttament f'Għawdex u mhux bħalma qed jiġri sal-lum, minħabba nuqqas ta' opportunitajiet ikollhom ifittxu opportunitajiet oħrajn f'Malta jew anke lil hinn minn Malta. Għalhekk, ikunu apprezzati ħafna l-kummenti tagħkom dwar kif taraw is-sitwazzjoni, *going forward*, u x'inhi l-viżjoni tagħkom. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Nistednukom tagħmlulna l-kummenti tagħkom. Aħna hawnhekk qegħdin biex nisimgħu aktar milli biex ngħidu! Is-Sur Farrugia.

IS-SUR MARK FARRUGIA: L-ewwel nett grazzi tal-appoġġ tagħkom. Dwar il-mistoqsija fuq il-kirjiet, s'issa għadna ma dħalniex daqshekk fl-isfond tal-krijiet u allura għadna ma nafux jekk il-kirjiet hux se jonqsu, jew jekk hux se jiżdiedu, jew jekk hux se jibqgħu l-istess, anke għaliex s'issa għadha mhux ċara s-sitwazzjoni kif se tkun f'Settembru. Li nafu hu li kien hemm diversi studenti li minn meta waqfet l-Università minħabba l-COVID-19, waqqfu l-kirjiet. Forsi kien hemm ukoll min ħallas ammont inqas milli kellu jħallas fil-bidu, però għadna m'aħniex ċerti, għad irridu nistaqsu lill-istudenti u naraw.

Dwar il-futur tagħna f'Għawdex, nixtiequ li jkun hemm ħafna aktar opportunitajiet f'Għawdex biex kif niggradwaw, insibu xogħol Għawdex u nissetiljaw f'Għawdex mingħajr ma jkollna għalfejn naqsmu lejn Malta ta' kuljum.

Bħala rakkomandazzjonijiet nista' ngħid li għamilna żmien nitkellmu dwar it-tieni *fibre optic cable* bejn Malta u Għawdex. Diversi kumpaniji, sabiex jiftħu f'Għawdex, iridu jkunu siguri li jkun hemm konnettività bejn il-gżejjer u fil-fatt riedu li jkun hemm it-tieni *fibre optic cable*. Naf li dan kien qiegħed jiġi żviluppat, jew tal-inqas kien hemm xi pjanijiet biex jiġi żviluppat, imma m'aħniex aġġornata dwar fiex wasal s'issa.

Forsi rakkomandazzjoni li nista' nagħmel hija li niffokaw fuq oqsma oħrajn bħal, pereżempju, l-isport, speċjalment issa li qed tinbena wkoll *pool*. Din il-pandemija wrietna li ma nistgħux inserrħu fuq settur wieħed, bħas-settur tat-turiżmu, imma għandna niftħu kemm jista' jkun u nipprovaw naraw li jkun kemm aktar kumpaniji f'Għawdex. Pereżempju jien qiegħed fil-kors tal-Liġi u kif niggradwa ma tantx nara opportunitajiet għalija f'Għawdex. Il-kumpaniji l-kbar tal-avukati f'Malta qegħdin, allura sakemm ma nkunx biħsiebni niftaħ għal rasi, naraha daqsxejn diffiċli li naħdem f'Għawdex.

IĊ-CHAIRPERSON: Hawn żewġ avukati Membri ta' dan il-Kumitat u nassigurawk li xogħol hemm! Il-litigazzjoni f'Għawdex mhix nieqsa!

IS-SUR MARK FARRUGIA: Imma jekk, pereżempju, nixtieq naħdem f'settur differenti mil-litigazzjoni, bħas-settur tal-kummerċ, aktar hemm kumpaniji kbar f'Malta milli f'Għawdex.

Dwar ir-relazzjoni tagħna mal-KSU nista' ngħid li dejjem sibniehom biex jgħinuna f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn kien hemm l-istudenti Għawdxin involuti fuq il-*campus* ta' Malta. Ftit ilu, eżattament qabel ma faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, kellna laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fejn iddiskutejna l-*issues* li jiffaċċjaw l-istudenti Għawdxin. Nisperaw li din ir-relazzjoni tibqa' miexja 'l quddiem kif inhi bħalissa. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna tal-kummenti tagħkom. Nista' nikkonferma li dejjem sibtkom spalla ma' spalla miegħi meta ridt niddiskuti xi affarijiet u dejjem sibtkom professjonali ħafna għaliex meta ridna niddiskutu xi punti, bħalma għamiltu hawnhekk illum, għamiltu *surveys* fost il-membri tagħkom u allura kellna stampa ċara, komprensiva u diretta ta' fejn verament irridu naslu.

Nixtieqkom taraw lil dan il-Kumitat bħala forum fejn tistgħu tiddiskutu u li tistgħu tfittxuh biex ngħinukom timbottaw l-aġenda tagħkom. Serrħu raskom li l-preżentazzjoni li għamiltulna se ngħadduha lir-Rettur u lis-Senat tal-Università biex inkunu nistgħu nimbottaw aktar l-aġenda tagħkom. Ir-reżistenza li kien hemm issa ċertament m'għandhiex tkun aktar ġustifikata għaliex fir-realtà l-*videoconferencing* sar kważi n-norma. Grazzi tal-intervent u l-ħidma tagħkom b'risq l-istudenti Għawdxin li jistudjaw f'Malta.

Ngħaddu issa għal affarijiet oħra.

AFFARIJIET OĦRA

IĊ-CHAIRPERSON: Onorevoli Membri, dan il-Kumitat qed ikun proattiv u nixtieq naġġornakom dwar il-fatt li wara li l-ġimgħa li għaddiet il-Fondazzjoni OASI wriet ix-xewqa li tiddiskuti l-possibbiltà ta' servizzi domiċiljari tal-*methadone*, kellna komunikazzjoni mas-CEO tad-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, is-Sur Renzo De Gabriele, u huwa rrisponda lura u pprovdielna *feedback* pożittiv ħafna, fejn qal li lesti li jiddiskutu din il-possibbiltà. Dan il-Kumitat, apparti li huwa forum ta' diskussjoni qiegħed ukoll imexxi 'l quddiem inizjattivi proposti biex ikunu jistgħu jitwettqu għall-ġid ta' Għawdex u l-Għawdxin.

Il-Kumitat issa huwa aġġornat għal bħal-lum ġimgħa, it-Tlieta, 2 ta' Ġunju 2020, fl-4.30 p.m., biex inkomplu niddiskutu l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Nirringrazzjakom.

Fis-7.01 p.m. il-Kumitat aġġorna.

12.5 Appendiči 5

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX
(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 5
It-Tlieta, 2 ta' Ġunju 2020

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 5
It-Tlieta, 2 ta' Ġunju 2020

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.41 p.m.

MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 4, li saret fis-26 ta' Mejju 2020, ġew ikkonfermati.

INTRODUZZJONI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Justyne Caruana): Insellmilkom. Grazzi talli ingħaqadtu magħna għar-raba' laqgħa tal-Kumitat Permenanti għall-Affarijiet ta' Għawdex. Nilqa' lil dawk li qegħdin fostna w aċċettaw l-istedina tagħna li jindirizzaw lil dan il-Kumitat.

Nieħu l-opportunità biex infakkar li dawn il-proċeduri huma kollha pubbliċi, allura dak li se jixxandar u l-preżentazzjonijiet li se jsiru mingħand il-mistiedna tagħna huma pubbliċi, sakemm dak li jkun ma jindikax mod ieħor. Qed ngħid hekk, għax wara l-aħħar laqgħa kellna komunikazzjoni minn membri tal-istampa dwar preżentazzjoni li saret minn Dr Francis Fabri, li kienet biss bħala bażi għad-diskussjoni u ma kenitx preżentazzjoni formali, allura lill-membri tal-midja dderiġejniehom biex isegwu d-diskussjoni fil-*clip* li bgħatnielhom. Huwa importanti li kull min ikun se jippreżenta jew se jurina preżentazzjoni, jindikalna x-xewqa tiegħu biex inkunu nistgħu niċċirkolawha.

Biex naġġornakom, nixtieq ngħidilkom li in segwitu għad-diskussjoni li kellna dwar il-Gozo Channel u dwar ix-xewqa tal-istess Gozo Channel biex dan il-Kumitat jappoġġja t-talba li jkun hemm appoġġ mingħandna dwar kwestjonijiet ta' *state aid* u dwar għajnuniet li qed titlob l-istess Gozo Channel biex tissalvagwarda l-futur tagħha, għandna ittra mill-Gozo Channel formalment iffirmata miċ-Chairperson, li nitlob lill-membri biex inkunu nistgħu nagħmluha tagħna, u kif qbilna ngħadduha lis- Sur Paul Zahra li jmexxi l-*Istate Aid Monitoring Board,* biex tkun tista' tiġi kkonsidrata t-talba tal-Gozo Channel bl-appoġġ tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex. Fil-verità għadna kemm irċevejnieha issa u lħaqna pprintjajnieha.

L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ GĦAWDEX U T-TRIQ 'IL QUDDIEM (KONT.)

IĊ-CHAIRPERSON: Fil-laqgħa tal-lum se nkomplu bid-diskussjoni dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Illum għandna tliet mistednin li huma Dr Samuel Azzopardi li qiegħed jirrappreżenta l-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex, Fr Giovanni Curmi li huwa Delegat għad-Diakonia li qed jirrappreżenta d-Djoċesi ta' Għawdex, u s-Sur Elvin Grech li se jkun qed jagħmel il-preżentazzjoni u d-diskussjoni għan-nom tal-Gozo Sports Board. B'hekk se nkunu qegħdin nolqtu dawn it-tliet aspetti kif ġie maqbul fl-aħħar laqgħa li kellna.

Nibdew bl-ewwel mistieden tagħna, Dr Samuel Azzopardi. L-ewwel nett, grazzi talli lqajt l-istedina tagħna. Nistiednek tibda bl-intervent tiegħek, ħalli mbagħad tkun tista' tibda d-diskussjoni.

DR SAMUEL AZZOPARDI (President tal-Kunsill Reġjonali Għawdex): Grazzi Sinjura President, Onor. Membri tal-Kumitat Parlamentari għal Għawdex. L-ewwel nett, f'isem il-Kunsill Reġjonali nixtieq infaħħar dan l-iżvlupp fl-operat tal-leġiżlattiv ta' dan il-pajjiż, li Għawdex għandu Kumitat Parlamentari appożitament għalih. Dan ikompli jagħti ċerta importanza lil din il-gżira reġjun, issa anke fl-iżvilupp leġiżlattiv u s-sindakar tal-operat governattiv fl-istess Parlament.

Il-pandemija laqtet lil kulħadd, u lil Għawdex minkejja d-doppja insularità tiegħu messitu wkoll. Il-Kunsill Reġjonali li minnu jifformaw il-lokalitajiet u l-kunsilli lokali kollha ta' Għawdex, iltaqa' u ddiskuta l-pandemija u l-effetti li ħalliet fil-lokalitajiet tagħna, u t-triq 'il quddiem fl-isfond ta' dak kollu preżenti u dak li jista' jsir 'il quddiem, fejn ġew identifikati tliet oqsma importanti riżultanti tal-pandemija. L-ewwel nett, is-saħħa tar-residenti u t-tibdil fil-ħajja soċjali tagħhom; l-operat tal-amministrazzjoni u s-servizzi mogħtija mill-istess kunsilli lokali; u r-rata ekonomika, in-negozju u x-xogħol taċ-ċittadini ta' dawn il-lokalitajiet.

Żgur li f'dak li ġara fir-rigward tas-saħħa tar-residenti, ġiet murija koperazzjoni sħiħa mill-kunsilli lokali mas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u l-Ministeru għas-Saħħa. L-uniku servizz li l-kunsilli xtaqu li jibqa' jingħata, imma wieħed fehem l-esiġenzi tad-Dipartiment tas-Saħħa, kien meta ingħalqu l-bereġ fil-lokalitajiet. Għalhekk, forsi wieħed jinnota dan biex 'il quddiem inkunu attrezzati biżżejjed u forsi dawn il-bereġ jibqgħu miftuħa. Irrid ngħid li l-miżuri mogħtija mid-Dipartiment tas-Saħħa u mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, intlaħqu mir-residenti tagħna u l-kunsilli kienu parteċipi sa mill-bidu nett. Dan jolqot it-tieni punt, l-operat tal-amministrazzjoni.

Waħda mill-ewwel deċiżjonijiet fil-fażi bikrija tal-pandemija kienet li l-kunsilli lokali qablu – jien kont preżenti għal-laqgħa li saret mal-Ministru Herrera, li hu responsabbli mill-kunsilli lokali bejn ir-rappreżentanti taż-żewġ partiti ewlenin tal-Kunsill Lokali ta' Għawdex – mad-deċiżjoni li ttieħdet li l-kunsilli lokali bħala Gvern lokali jibqgħu miftuħin u jagħtu s-servizzi kollha possibbli lir-residenti tagħna fuq il-prinċipju li għandna nkunu preżenti bħala punt ta' referiment għaċ-ċittadini fit-tajjeb u fil-ħażin. Sa ċertu punt, is-servizzi kollha ġew mogħtija. Il-kunsilli lokali tagħna kienu proattivi u ħolqu servizzi differenti huma wkoll, fosthom servizz ta' *online counselling* li kien kumplimentari għal dak li għamel il-Gvern, u servizzi oħra li ġew mogħtija lir-residenti, l-iktar dawk li kienu klassifikati bħala persuni vulnerabbli.

Il-laqgħat tal-kunsilli lokali baqgħu jinżammu permezz ta' sistemi li llum naħseb li l-poplu Malti kollu dara x'inhuma, bħalma baqgħu għaddejjin il-laqgħat tal-kunsilli reġjonali. Inżerta li eżatt qabel ma faqqgħet il-pandemija, kien sar żvilupp bejn l-Awtorità għas-Servizzi Soċjali u l-istess Kunsill Reġjonali fejn kien hemm *outreach* tas-servizzi soċjali, bħalma hu t-tqassim tal-ikel, li ħadmu anke meta faqqgħet il-pandemija.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent, il-kunsilli kkoperaw ma' tal-ħwienet dwar meta setgħu jerġgħu jiftħu u li jinżammu d-distanzi. Fuq livell ta' Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, inħolqot ukoll dik li ssejħet bħala *YouSafe Platform*, fejn il-komunitajiet kollha ta' Malta u Għawdex ġew mistedna jipparteċipaw biex tinżamm pjattaforma fuq il-midja soċjali li żżomm kuntatt mar-residenti. Il-prinċipju kien li għalkemm iżolati fid-djar tagħna, nibqgħu f'kuntatt ma' xulxin. Huwa tajjeb li ngħid li din kienet *highlighted* bħala *best practise* mill-Kumitat tar-Reġjuni, bħala eżempju tajjeb ta' *community reach* li tat servizzi lil dawk il-persuni li normalment ma kenux familjari mal-operati ta' ċerti kunsilli lokali f'komunitajiet u f'lokalitajiet li huma ikbar minn oħrajn.

Il-kunsilli lokali bagħtu l-pożizzjoni tagħhom lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fuq dak li għandu x'jaqsam mal-*Health Emergency Mechanism*, għax l-Unjoni Ewropea qed toħroġ pożizzjoni fir-rigward ta' kif għandna nilqgħu għall-pandemija. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandu kummissjoni, li jien ninsab fiha, dwar il-*public health* f'pajjiżi ikbar minna li wkoll jaqgħu taħt kunsilli u reġjuni, fejn hemm informazzjoni ta' kif wieħed qed jilqa' għal din il-pandemija, u rrid ngħid li Malta ssemmiet kemm-il darba bħala wieħed mill-eżempji tajba ta' kif il-komunitajiet u l-kunsilli lokali laqgħu għall-COVID-19.

Dan ġab diskussjoni dwar is-servizzi kollha li joffru l-kunsilli tagħna u kif ħafna minnhom fil-verità jistgħu jsiru *online.* Permezz ta' din il-pandemija, issolviet xi ħaġa li konna ilna s-snin nitkellmuha mal-banek lokali, li fil-kunsilli ma stajtx tħallas bil-*cards.* Fl-aħħar irnexxielna naslu fi ftehim ma' bank partikolari, li qed jiġi esplorat ma' banek oħra, li l-kunsilli jingħataw il-*card machines.* Fil-fatt, illum għandna kunsilli li għandhom dan is-servizz utli. Bħala Assoċjazzjoni, flimkien mal-kunsilli lokali qed naraw kif is-servizzi kollha jsiru *online,* allura jibqa' importanti l-investiment min-naħa tal-Gvern ċentrali f'dak li għandu x'jaqsam ma' *digitalization* tal-gżira tagħna.

Il-Kunsill Reġjonali, fl-aħħar laqgħa tiegħu li saret f'Mejju, ħa l-inizjattiva flimkien mal-imsieħba soċjali l-oħra, il-Gozo Regional Committee tal-MCESD, il-Ministeru għal Għawdex u jixtieq jinvolvi lid-Deputati tal-gżira tagħna, dwar strateġija għal Għawdex biex tkun strateġija ħolistika. Fost l-inizjattivi li l-kunsilli xtaqu li jittieħdu f'waħda mid-diskussjonijiet – dan inħass anke f'kunsilli f'Malta – issemma l-ambjent. Meta rajna l-pjazez u t-toroq vojta mit-traffiku, għalkemm kienet għafsa ta' qalb li ma kienx hemm nies fihom, il-fatt li ma kienx hemm karozzi kien aspett li ttieħed in konsiderazzjoni minn ħafna kunsilli lokali u ġie propost li l-kunċett tal-*car free day* ma jkunx ta'

darba fis-sena biss. Fil-fatt, hemm lokalitajiet li jekk mhux possibbli l-*pedestrianisation* bdew jagħmluha kull nhar ta' Ħadd jew kull nhar ta' Sibt. F'Għawdex, minn daqshekk, għandna l-aspett tajjeb li l-lokalitajiet huma ftit iżjed urbani, u rrid nosserva li għad għandna komunitajiet li huma ħodor.

Il-kunsilli jħeġġu lil dan il-Parlament u lill-Gvern janalizzaw li forsi jsir tibdil fis-sens li d-dipendenza ta' Għawdex fuq it-turiżmu tiġi bbilanċjata fuq setturi oħra u ma tibqax tkun daqshekk fuq it-turiżmu, però mhux fis-sens li jitnaqqas l-element ta' turiżmu. Huwa importanti wkoll li nieħdu ħsieb is-settur agrikolu, li kif wera, huwa *supply chain* importanti għall-ħajjiet tagħna, u forsi ndaħħlu l-kunċett ta' *minimum pricing* għal dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti agrikoli. Il-kunsilli lokali nnotaw li l-ekonomija t'Għawdex hija iktar fraġli, fis-sens li meta tintlaqat ħażin l-ekonomija f'Malta, dik t'Għawdex tintlaqat iktar. Għalhekk, inħeġġeġ lill-Gvern biex jistudja sew dan l-impatt u jara kif wieħed jista' jkun iktar ippreparat għall-quddiem. Meta jkollna strateġija iktar fid-dettall, se nistiednu lill-Membri Parlamentari Għawdxin biex jagħtu l-kontribut tagħhom u forsi jsemmu għan-nom tal-kunsilli lokali tagħna l-aspettativi tar-residenti kif jafuhom huma li ġew eletti mill-istess distrett ta' Għawdex. B'hekk forsi jkun hemm aktar *networking* għal pożizzjoni ħolistika, kemm fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali, kif ukoll fuq livell Ewropew.

Innotajna wkoll li ċerti rakkmandazzjonijiet u suġġerimenti li għamilna lid-Dipartiment tas-Saħħa u lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika ttieħdu *on board*, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport bejn Malta u Għawdex.

Jien ma baqagħli xejn ħlief li nirringrazzjakom ta' din l-opportunità, u nistennew li ma tkunx l-aħħar darba. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi, Dr Azzopardi. Din kienet preżentazzjoni biex nintroduċu diskussjoni interessanti ħafna. Bħala sfond nista' ngħid li aħna bħala Kumitat konna pjuttost proattivi, allura qed naraw il-COVID-19 minn aspetti differenti. Għall-benefiċċju tiegħek u ta' dawk kollha li qegħdin isegwuna, fl-aħħar tad-diskussjoni se nkunu qed nifformolaw rapport li fih mhux biss se jkun hemm inkorporati dawn l-interventi, imma se jkun hemm ukoll *a way forward*.

F'kull laqgħa li kellna, dejjem ħadna s-suġġerimenti u rajna li nimbuttaw u mmexxu wħud minnhom. Fil-fatt, hemm numru ta' suġġerimenti li ressaqna u li diġà ġew indirizzati. Fil-kuntest ta' din id-diskussjoni, nistiednek minn issa li tagħmel ir-rakkmandazzjonijiet u s-suġġerimenti tiegħek, biex imbagħad ikunu jistgħu jiġu inklużi fid-dokument tagħna.

Rigward is-suġġett li ppreżentajt inti, xtaqt nagħmel xi domandi biex nintroduċi d-diskussjoni. Aħna tkellimna fuq il-lokalitajiet kollha t'Għawdex, però ovvjament kien hemm lokalitajiet li ġew milquta iktar minn oħrajn, speċjalment dawk li jinkorporaw fihom żoni turistiċi u l-lokalitajiet li huma ikbar minn oħrajn, allura forsi tagħtina xi ftit informazzjoni dwar ċirkostanzi partikolari li taf bihom inti bħala rappreżentant tal-Kunsill Reġjonali, biex tkun tista' tinfurmana dwarhom u dwar x'tagħlimiet ħadna.

Aħna qed naraw li din iċ-ċirkostanza kienet test maġġuri għalina u għal pajjiżna, speċjalment f'Għawdex, però ovvjament, mill-isfidi trid tara x'tista' tittrasforma f'opportunità u x'tista' titgħallem. Semmejna ħafna l-*online platform.* Illum il-ġurnata użajna s-servizzi *online* u rajna kif il-ħajja saret iktar faċli w aċċessibbli, imma issa huwa tajjeb li nkunu nafu jekk *post*-COVID-19 hux se nkomplu għaddejjin bihom, jew inkella issa li se nerġgħu nirriżumu għall-ħajja tagħna, dawn is-servizzi hux se jerġgħu jmorru lura għall-istat li kienu, jew forsi huwiex iż-żmien propizju biex ninvestu iktar ħalli nkunu aktar aċċessibbli f'din id-dinja diġitali, għal diversi raġunijiet.

Il-*YouSafe Platform* jien segwejtha u rajt stqarrija fejn ġiet dikjarata bħala *best practice.* Jien naħseb li dan huwa mezz importanti ħafna bejn it-tmexxija lokali u ċ-ċittadin. Ħafna drabi aħna ngħidu li l-ewwel punt ta' riferenza għaċ-ċittadin huwa l-kunsill lokali, u f'dan il-każ partikolari rajna lill-kunsilli lokali jieħdu rwol attiv fl-*outreach*. Aħna fis-servizzi soċjali nitkellmu ħafna fuq l-*outreach*, però l-kunsilli lokali fil-limitazzjonijiet tagħhom kienu kapaċi joħolqu din il-pjattaforma biex jilħqu lil dawk il-persuni li kienu msakkrin ġo djarhom u kellhom bżonn xi għajnuna, xi servizzi, jew xi ftit wens.

Dawn huma affarijiet importanti, imma issa li qed noħorġu minnha, dawn is-servizzi se jkomplu jingħataw meta nafu li fid-djar hemm persuni li għandhom bżonn dawn l-għajnuniet? Irridu naraw ukoll kif se norbtuhom ma' servizzi nazzjonali oħra li diġà jeżistu.

Apparti minn hekk, hemm il-mod kif joperaw il-kunsilli lokali. Aħna għandna liġi li tistipula meta għandhom isiru l-laqgħat, però nixtieq inkun naf jekk huwiex maħsub li jkompli jintuża l-mod kif qed isiru l-laqgħat illum il-ġurnata b'mezzi diġitali. Pereżempju, jekk ikollok kunsillier li ma jkunx jiflaħ jew ikollu xi ċirkostanzi partikolari u ma jkunx jista' jattendi fiżikament għal-laqgħat, ikunx jista' jipparteċipa fil-laqgħa b'mod virtwali.

Rigward is-suġġeriment tal-*car free days,* irridu naraw kemm huma ppreparati l-kunsilli lokali u xi pjanijiet hemm biex dan is-suġġeriment ikun iktar *widespread* u nibdew naraw il-benefiċċji tiegħu, speċjalment f'Għawdex, fejn skont stħarriġ importanti ħafna li għadu kemm ħareġ jirriżulta li l-Għarb ġie dikjarat bħala l-iktar lokalità li għandha arja nadifa, u naħseb li din għandha tkun xi ħaġa li tapplika għal Għawdex kollu.

Dwar is-settur agrikolu, għandna l-benefiċċju li għandna l-Ministru responsabbli, allura se nkun qed nistenna l-parteċipazzjoni tiegħu f'din id-diskussjoni.

Issa ngħaddu għall-Membri Parlamentari. Naħseb l-ewwel irid jibda l-Onor. Chris Said, imbagħad ngħaddu għall-Onor. Cutajar. Jekk jogħġobkom, qabel ma jibda l-intervent, insejħu lill-kelliem minħabba t-traskrizzjoni, ħalli ma jkollniex konfużjoni dwar l-ismijiet. L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: L-ewwel nett, nirringrazzja lil Dr Azzopardi tal-preżentazzjoni li għamel u talli ġie għan-nom tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex u għan-nom l-14-il kunsill lokal f'Għawdex. Xtaqt nistaqsih jekk fl-aħħar tliet xhur, il-kunsilli lokali kenux involuti f'xi tip ta' *task force* li twaqqfet f'Għawdex biex tilqa' għall-problemi kkreati mis-sitwazzjoni preżenti, jew iktar milli tilqa' għall-problemi li ħafna minnhom għaddew, tippjana x'jista' jsir biex l-ekonomija t'Għawdex tieħu r-ruħ fl-iqsar żmien possibbli.

Ma ninsewx li, kif spjega tajjeb Dr Azzopardi, kważi nofs l-ekonomija t'Għawdex tiddependi mit-turiżmu. Huwa veru li hemm it-turizmu intern, però waħdu mhuwiex biżżejjed biex jerġa' jġib is-sitwazzjoni kif kienet qabel il-COVID-19. Għalkemm jgħin biex itaffi l-problema, hemm bżonn ukoll it-turiżmu estern. Xtaqt nistaqsi jekk bħala kunsilli lokali li ġejtu eletti biex tirrappreżentaw lin-nies fil-lokalitajiet, kontux involuti f'xi tip ta' *task force* matul l-aħħar xhur, u x'se jiġri fil-futur.

Punt ieħor importanti hu li bħala Kunsill Reġjonali għandkom rwol importanti ħafna li joħroġ mill-Att dwar Gvern Lokali, allura nistiednek biex tgħaddilna s-suġġerimenti ta' materji li tixtiequ li jiġu diskussi f'dan il-Kumitat Parlamentari u tipparteċipaw fid-diskussjonijiet li jkunu għaddejjin minn żmien għal żmien.

Inti għadek kemm tajtna rendikont tajjeb ħafna ta' dak li sar fl-aħħar xahrejn jew tliet xhur minnaħa tal-kunsilli lokali f'Għawdex u anke b'mod ġenerali fil-gżejjer Maltin. Nixtieq nistaqsik kif qed tħares 'il quddiem dwar kif il-kunsilli lokali fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin jistgħu jkunu xprun f'dak li jrid isir biex il-problemi li qegħdin niffaċċjaw nirbħuhom fl-iqsar żmien possibli.

IĊ-CHAIRPERSON: Qabel ma nkomplu, Dr Azzopardi, tippreferi li tisma' d-domandi kollha u tirrispondi wara, jew li tirrispondi għal kull waħda? Kif tippreferi inti.

DR SAMUEL AZZOPARDI: Ħalli nirrispondi għal dawk li saru s'issa, u nibda minn dak li staqsiet iċ-*chairperson*. Iva, f'Għawdex kien hemm sitwazzjonijiet differenti f'diversi lokalitajiet. Kif semmiet l-Onor. Caruana, kien hemm lokalitajiet żgħar li ntlaqtu meta ngħalqet il-berġa tas-saħħa. Filwaqt li wieħed fehem il-prinċipju u r-raġuni mogħtija min-naħa tad-Dipartiment tas-Saħħa, li minħabba *pooling* ta' riżorsi kien iktar jagħmel sens li dawn is-servizzi jkunu ċentralizzati, dan wassal għal dwejjaq speċjalment fost in-nies vulnerabbli li kienu qed jibżgħu jużaw il-mezzi tat-trasport pubbilku biex imorru jinqdew fil-berġa li hemm fir-Rabat Għawdex.

Fil-lokalitajiet iż-żgħar kien hemm *social net* ħafna ikbar, għax *threshold* ta' ħames kunsilliera jilħaq b'mod tajjeb ix-xogħol li jagħmlu l-kunsilliera individwali mar-residenti tagħhom.

F'komunitajiet ikbar bħan-Nadur, ix-Xagħra u r-Rabat, kien hemm sfidi ikbar biex jintlaħaq kulħadd u allura forsi wieħed irid jinvesti iktar fil-mod kif jingħataw is-servizzi.

Niġi għat-tagħlimiet fuq il-laqgħat diġitali. Din se ngħidha b'interess tiegħi, għax kont jien li ssuġġerejt kif isiru dawn il-laqgħat, imbagħad il-miżura ttieħdet mill-Ministeru għall-Gvern Lokali.

IĊ-CHAIRPERSON: Proset u nifraħlek.

DR SAMUEL AZZOPARDI: Jien, bħala avukat nispeċjalizza fis-servizzi finanzjarji u meta jkun hemm il-*board meetings* mhuwiex neċessarju li kull direttur jiġi individwalment hawn Malta kull darba li jsir *board meeting*, speċjalment jekk ikun jgħix barra minn Malta. Dak li jkun, bis-sistema ta' *dial in* jew bis-sistemi li tant qed jintużaw illum, ikun jista' jkun preżenti għal dawn il-laqgħat. Hekk ukoll fuq bażi lokali meta xi ħadd ikun marid imma jkun kapaċi jattendi għal laqgħa virtwali. Jien naħseb li din hi xi ħaġa li għandha tibqa' u llum li għandna l-*live streaming* tal-laqgħat tagħna, forsi jista' jiddaħħal il-kunċett li jekk ir-residenti jkunu jixtiequ jagħmlu xi domandi, ikun hemm ammont ta' ħin allokat fl-aħħar tal-laqgħa fejn isiru l-mistoqsijiet lill-kunsilli. Kif nafu, kull resident jista' jkun fiżikament preżenti u ma jitkellimx waqt il-laqgħa, jew inkella jsegwi l-*live streaming*, però naħseb li l-Assoċjazzjoni qed tħares lejn il-kunċett li wieħed ikun jista' jintervjeni b'mod virtwali biex id-demokrazija tkun iktar ħajja.

Hemm xi ħaġa oħra li ssuġġerejt u jidher li qed naħdmu fuqha. Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, kull min għandu liċenzja, għandu dak li jgħidulu *business continuity plan*, fejn jekk ikun ġara xi ħaġa fl-operat tiegħek bħala kunsill – din id-darba kienet il-pandemija, imma jista' jkun hemm xi inċident, bħal pereżempju l-uffiċini jkunu ħadu n-nar, jew ma tistax taċċessahom fiżikament – tkun tista' tirriloka s-servizzi kollha, speċjalment l-is*taff*, u tagħti s-servizzi f'qasir żmien minn xi mkien ieħor għax ikollok proprju dan l-operat fuq *server online*.

Fuq is-settur agrikolu, li huwa settur importanti ħafna, nieħu gost ninnota l-preżenza tal-Ministru responsabbli minn Għawdex.

Rigward id-domandi li saru mill-Onor. Said, ninformah li l-kunsilli ma kenux involuti, għax formalment ma ġejniex mistiedna biex inkunu parteċipi f'xi tip ta' *task force.* Konna proattivi u qegħdin fit-*task force* li ġie suġġerit mill-Gozo Regional Committee fi ħdan l-MCESD biex nagħtu l-*input* tagħna flimkien mal-imsieħba soċjali kollha ta' Għawdex. F'din l-istrateġija qed nippjanaw għall-*post*-COVID-19 – l-Onor. Caruana semmiet ħafna l-*outreach* – u qed naħdmu biex is-servizzi soċjali jkunu diffużi fil-lokalitajiet tagħna. Fil-fatt, diġà ġie ffirmat *memorandum of understanding* mas-Sur Alfred Grixti dwar is-servizz tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali, fejn tara li bħalma ġew *diffused* ċerti servizzi fil-bereġ, ikunu jistgħu jsiru fi ħdan il-kunsilli lokali, speċjalment skont *data* interna li għandha l-istess fondazzjoni ta' x'inhuma l-ikbar bżonnijiet reġistrati s'issa. Din is-sistema kienet bdiet taħdem u nixtiequ niżviluppawha iktar, għax il-ftehim ġie ffirmat fil-bidu tal-pandemija. Il-Kunsill Reġjonali qed jidħol billi jgħin fit-tmexxija u fl-ispejjeż li jkun hemm f'dan il-*memorandum of understanding*.

In a nutshell, il-prinċipju huwa li s-servizzi mogħtija jkunu pprovduti kollha mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali, il-post ikun provdut mill-kunsill lokali u fejn il-kunsill lokali m'għandux post fiżikament, qed nesploraw mal-parroċċi tagħna u mal-istess Gvern. Ir-reġjun qed ikopri spejjeż addizzjonali, bħalma huma *utilities*, li tali ċentru jkun jista' jimporta. Wieħed mill-oqsma importanti tal-kunsilli reġjonali f'Malta huwa proprju l-ħarsien soċjali, allura nemmnu li dan se jkun qasam li nistgħu naħdmu fih.

Xi ħaġa oħra li qegħdin inħarsu lejha hi li kemm bħala bereġ u kemm bħala servizzi soċjali jkun hemm kordinament diġitali, fis-sens li meta persuna tkun marret f'waħda mill-bereġ jew f'wieħed miċ-ċentri ta' servizzi soċjali tagħna, id-*data* tkun aċċessibbli, *in line* mal-GDPR, minn dawk il-persuni ta' funzjoni medika. Jiġifieri jekk immur f'xi berġa, il-konsulent mediku jkun jista' jaċċessa l-informazzjoni tiegħi mingħajr ma jibgħatni f'xi berġa oħra jew mingħajr ma jibgħatni lura biex inġib l-informazzjoni b'mod formali.

IĊ-CHAIRPERSON: Diġà hemm *platform* eżistenti.

DR SAMUEL AZZOPARDI: Iva, imma li jkun hemm aċċess għaliha.

IĊ-CHAIRPERSON: Jiġifieri l-kordinament tagħha se tkunu qegħdin tagħmluha intom bħala kunsilli lokali?

DR SAMUEL AZZOPARDI: Il-kunsilli lokali se jipprovdu l-faċilità li jkun kemm aċċess għal din il-*platform*, jiġifieri *we're not reinventing the wheel*.

IĊ-CHAIRPERSON: Qed naraw l-aċċessibilità diġitali, eċċ.

DR SAMUEL AZZOPARDI: Hekk hu, anke fis-servizz soċjali u se ngħid f'liema sens. Mela jekk tiġi persuna vulnerabbli diġà qed tiġi rikonoxxuta li marret f'xi kunsill lokali, li huwa pass importanti ħafna. Issa jekk dak is-servizz ma jkunx offrut f'dik il-lokalità, din il-persuna se jsirilha *referral* mill-ewwel, mhux tiġi mgħarrfa li dak is-servizz ma jistax isir f'dik il-lokalità u tiġi mistiedna tmur fil-lokalità fejn jingħata dak is-servizz. Nafu li ħafna drabi jiġri li jekk dik il-persuna tkun għamlet dak il-pass l-ewwel darba, ma tkunx reġgħet għamlitu u tkun marret lura d-dar forsi bil-konsegwenza li tkun intilfet minn din ix-xikba soċjali. Allura, se jkun hemm il-kordinament, anke permezz ta' dan l-*outreach*, li din il-persuna minn dakinhar stess tingħata l-informazzjoni ta' meta għandha l-appuntament li jmiss, jew jekk tkun kwestjoni ta' urġenza, jiġi *kicked in* il-proċess ta' emerġenza. Jiġifieri qed inħarsu lejn dak l-aspett biex kemm jista' jkun nilħqu iktar lill-persuni vulnerabbli.

L-aħħar mistoqsija tal-Onor. Said kienet fuq kif se jimxi 'l quddiem il-Kunsill Reġjonali u kif nistgħu nkunu kataliști post-COVID-19 anke biex nirbħu l-isfidi. Aħna nemmnu li l-kunsilli lokali joħolqu impatt ekonomiku. L-attivitajiet li jagħmlu l-kunsilli lokali joħolqu ekonomiji lokali, kemm jekk għandek is-swieq, kemm jekk għandek attività tal-lokalità u anke jekk għandek sempliċement attività mużikali. Sibna li dan huwa importanti ħafna u l-persuni tan-negozju bdew jistaqsu kif dik l-attività tista' tiġi magħmula aħjar u jekk titressaq id-data b'*weekend*, ikun ifisser li se toħloq iktar impatt ekonomiku. Niftakar li fil-passat, meta l-Onor. Caruana kienet Ministru, il-kalendarju kulturali għal Għawdex kien ikun ikkordinat b'tali mod li xi attivitajiet jaħbtu ma' xulxin, ħafna drabi bla ebda intenzjoni. Għalhekk il-Kunsill Reġjonali talab li l-attivitajiet bl-ebda mod ma jaħbtu ma' xi attivitajiet oħrajn.

IĊ-CHAIRPERSON: B'sanzjoni li min ma jagħmilx hekk, ma jingħatax fondi, u rnexxiet.

DR SAMUEL AZZOPARDI: Din teżisti wkoll f'oqsma oħra. Pereżempju, miżura li qed jieħu l-Kunsill Reġjonali hija dik li jsaħħaħ il-libreriji fil-lokalità, però minflok ma ħadna l-approċċ li jinxtraw ammont ta' kotba b'mod ċentrali u jitqassmu fil-libreriji tagħna, tlabna lill-istess libreriji għandhomx żona speċjalizzata b'mod partikolari li allura jkunu jixtiequ li dak il-baġit jintnefaq prorpju f'dak l-aspett tal-librerija. Ir-raġuni hija li aħna komunità żgħira ħafna, allura rridu naraw kif kull Ewro li jiġi investit, jilħaq bl-aħjar mod lir-residenti tagħna. Allura issa qed inħarsu lejn libreriji li jkunu speċjalizzati f'lokalità, imma li jkunu jistgħu jagħmlu użu minnhom residenti ta' lokalità oħra, għax ikollha din iż-żona speċjalizzata. Dan jidher li ntlaqa' tajjeb mill-kunsilli lokali tagħna, tant li qed ikunu proattivi li jissuġerixxu oqsma oħra fejn l-kunsilli jkunu jistgħu joffru s-sinerġiji. Nista' nsemmi d-dawl u l-iskart riċikabbli bħala tnejn mill-oqsma li bħalissa qed jiġu studjati mill-Kunsill Reġjonali fuq inizjattiva tal-kunsilli individwali. Grazzi. Ma nafx irrispondejtx lil kulħadd.

IĊ-CHAIPERSON: Peress li aħna rridu nagħmlu r-rapport u r-rakkommandazzjonijiet, xtaqtek tagħtina mqar tliet rakkommandazzjonijiet biex ikunu inklużi f'dan ir-rapport, ħalli nkunu nistgħu mmexxuhom 'il quddiem b'ordni ta' prijorità. Mhux neċessarjament tagħmilhom issa, imma tista' tibgħathomlna aktar tard.

Ngħaddu għall-intervent tal-Onor. Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Dr Azzopardi, l-ewwel u qabel kollox nixtieq ningħaqad ma' sħabi u nirringrazzjak talli għoġbok tiġi fostna u tagħtina din il-preżentazzjoni. Nirringrazzjaw lilek u lill-Kunsill Reġjonali tal-ħidma kollha li twettqu fl-interess ta' Għawdex.

Ħadt gost ħafna nara li hemm konverġenza fuq punt li meta kont fil-kunsill jien, niftakar li kont issuġġerejtu kemm-il darba, imma ma tantx kelli rispons favorevoli fuqu. Kellha tkun il-COVID-19 biex tintlaħaq din il-konverġenza. Hawn qed

nitkellem fuq il-punt tal-kollegament virtwali għall-benefiċċju tal-kunsilliera li ma jkunux jistgħu jattendu l-laqgħat b'mod fiżiku, u tal-pubbliku wkoll. Jien naħseb li din hija inizjattiva tajba ħafna. Niftakar li meta kont issuġġerejtha - dak iż-żmien kelli ċerti restrizzjonijiet minħabba li kont naħdem Malta - ma tantx kont sibt rispons favorevoli għaliha. Insomma, l-importanti hu li hemm konverġenza. Jalla dan ikun orizzont ġdid għall-mod kif jaħdmu l-kunsilli tagħna.

L-ewwel domanda tiegħi hija din. Jien informat li matul l-imxija tal-COVID-19, kien hemm xi kunsilli li kienu qed jaħdmu bi *staff* ridott minħabba li kien hemm xi membri li kienu fi kwarantina jew kienu vulnerabbli. Id-domanda tiegħi hi jekk dan ħalliex xi impatt negattiv fuq is-servizzi li joffri l-kunsill u jekk kienx hemm għajnuna mill-awtoritajiet tal-Gvern biex din is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi indirizzata.

Dr Azzopardi, inti semmejt il-kwestjoni tal-*minimum pricing* fil-qasam tal-agrikoltura. Id-domanda marbuta magħha hija jekk din il-ħaġa bdietx tinħass issa b'mod partikolari u jekk ir-raġuni għalfejn qed titolbuha hijiex prinċipalment l-effetti tal-COVID-19. Domanda oħra li xtaqt nistaqsik hija fuq xi ħaġa li tolqot mill-qrib is-settur li jiena responsabbli minnu, il-qasam tal-kostruzzjoni. Kif nafu, il-kostruzzjoni fil-lokalitajiet tagħna baqgħet għaddejja matul l-imxija tal-COVID-19. Naturalment, wasluli ilmenti mingħand diversi nies, għax kien hemm numru ta' nies vulnerabbli magħluqin ġo darhom, bil-kostruzzjoni għaddejja ħdejhom. Din mhijiex xi ħaġa daqshekk sabiħa li wieħed jesperjenza. Id-domanda tiegħi hi: Kif kienu qegħdin jimmaniġġawhom il-kunsilli? Nafu li numru ta' permessi biex ikun jistgħu jsiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiddependu mill-kunsilli. Il-mistoqsija tiegħi hi, kif il-kunsilli lokali kienu qegħdin jipprovaw isibu bilanċ bejn ix-xogħol ta' kostruzzjoni u n-nies li kienu magħluqin ġo darhom, biex kemm jista' jkun jitnaqqsilhom l-inkonvenjent?

L-aħħar domanda tiegħi – ma nafx aċċennajtx għaliha inti jew l-Onor. Caruana – hi dwar l-attivitajiet kulturali numerużi li kienu jagħmlu diversi kunsilli lokali f'Għawdex. Naf li s'issa għad hemm istruzzjonijiet biex ma jsirux attivitajiet tal-massa, imma hemm xi komunikazzjoni ulterjuri mal-kunsilli dwar kif eventwalment dawn l-attivitajiet se jkunu qegħdin jinbdew bil-mod il-mod? Dan meta wieħed iqis l-importanza ta' dawn l-attivitajiet kulturali għal-lokalitajiet tagħna, kif ukoll l-ekonomija li jiġġeneraw. Dawn kienu d-domandi tiegħi. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Azzopardi.

DR SAMUEL AZZOPARDI: Nirringrazzja lill-Onor. Cutajar. Rigward il-kollegament virtwali, nassigurak li meta ssuġerejt li jitkompla l-operat - dan ma kienx l-ewwel suġġeriment li għamel id-Dipartiment tal-Gvern Lokali - sfortuntament ġie propost li jattendu inqas kunsilliera *by rotation*, imbagħad għedna li din tista' tiġi riżolta b'mod sempliċi, għax inti għandek il-kunsilliera li huma nies li jistgħu jintgħarfu, għandek is-segretarju eżekuttiv li tista' tiċċertifika, u l-istess laqgħa tista' tiġi *recorded*. Jiġifieri kultant issib barrieri li jkunu hemm bla intenzjoni malinna, imma għax qisek tkun se toħroġ mill-*comfort zone* li tkun mdorri biha.

Il-pożizzjoni tagħna bħala Assoċjazzjoni hija li jekk xi ħadd irid juża din is-sistema, għandha tibqa' tintuża, u mhux tiġi eliminata. Inħossu wkoll li l-kunsillier, f'dan il-każ, m'għandux jingħaqad dejjem b'mod virtwali. Hemm mod kif tiġi mkejla l-attendenza u ma tista' ċċaħħad lil ħadd milli jingħaqad virtwalment bħala kunsillier, imma l-ħsieb huwa li kunsillier għandu jattendi bħalma Membru Parlamentari jattendi l-Parlament.

Niġi għall-kwestjoni tal-i*staff* ridott. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet proattiva u mill-ewwel għamlet pjan li l-kunsilli tagħna jistgħu jaħdmu bl-i*staff* ridott, minħabba li meta għalqu l-iskejjel, kellna l-kwestjoni ta' persuni li għandhom it-tfal u m'għandhomx ma' min iħalluhom. Fit-tradizzjoni tagħna – u f'Għawdex forsi tinħass iktar – għalkemm hemm ic-*childcare centres*, li f'dan il-każ kienu magħluqa wkoll, li jkollok *nanny* li ma tkunx membru tal-familja, kulturalment għadha mhux daqshekk aċċettata f'Għawdex. Normalment, l-anzjani kienu jkunu n-*nanny* tat-tfal, li hija xi ħaġa sabiħa wkoll. Issa meta kellna l-pandemija u l-persuni li normalment kienu jieħdu ħsieb it-tfal ġew klassifikati bħala vulnerabbli, il-ġenituri b'sens ta' responsabiltà m'għabbewx lill-ġenituri tagħhom bit-tfal. Allura aħna ħassejna li b'mod proattiv l-i*staff* jistgħu jeħduha *in turns*

li jaħdmu mid-dar, però ma jidhirx li kien hemm residenti li qalulna li naqsulhom is-servizzi.

Il-*minimum pricing* mhuwiex effett tal-pandemija biss. Il-pandemija wriet kemm dan huwa settur vitali għalina u għall-ekonomija lokali, li però ħoloq kwestjoni ta' prezzijiet lill-bdiewa tagħna.

Fil-qasam tal-kostruzzjoni, il-kunsilli lokali m'għandhomx il-funzjoni li jiċħdu permess jekk ma jkunx hemm raġunijiet tali, bħal pereżempju li jekk tkun se tagħlaq triq, ma tingħalaqx triq li hija parallela. Fir-rigward ta' min ikollu l-permessi kollha neċessarji mill-awtoritajiet, il-kunsill lokali ma jistax jiċħad permess fil-prinċipju, però jista' jikkordina l-ammont ta' permessi li jingħataw fi triq partikolari. Għandna kunsilli li għażlu li jagħmlu pjan dwar' meta jingħataw il-permessi, u jkun hemm ġranet meta ma jingħatawx. Pereżempju, ir-Rabat – se nsemmih b'mod partikolari, għax kont inservi fih għal 13-il sena – nhar ta' Sibt minħabba l-*flow* tat-traffiku ma jingħatawx permessi, sakemm ma tkunx triq sekondarja jew *dead end*, għax rajna li b'hekk l-influss tat-traffiku jkun aħjar.

Il-kunsilli kemm-il darba ċaħdu permessi li ngħataw għal billejl, għax kienu kontrihom, proprju minħabba li jekk tkun żona abitabbli, għalkemm forsi jista' jkun li x-xogħol jgħaddi b'ritmu aħjar għax filgħaxija ma jkunx hemmx traffiku, il-paċi tar-resident dejjem kienet prijorità. Il-kunsilli tagħna dejjem kienu proattivi dwar permessi li jingħataw għal ċerti ħinijiet.

Rigward l-avvenimenti, għad m'għandniex gwida, imma nemmnu li se toħroġ waħda fil-ġranet li ġejjin. Li nista' ngħid hu – u din norbotha ftit mal-kwestjoni tal-futbol – li Għawdex minn Jannar li għadda daħħal il-*live streaming*. Jiġifieri meta bħala Assoċjazzjoni flimkien mal-MFA konna ssuġġerejna lill-Gvern ċentrali li naraw kif inhuma l-faċilitajiet u jekk jitkompla l-logħob għandu jsir *behind closed gates*, fil-każ ta' Għawdex il-partiti kollha tal-*first division* – il-ħsieb hu li jkun hemm anke s-*second division* – setgħu jiġu gawduti mir-residenzi tagħna. Kien meta ġie dikjarat li l-logħob ma jsirx, li dawn l-avvenimenti ma setgħux jitgawdew. Jien nemmen li bis-sistemi diġitali, tista' tegħleb ċerti barrieri li qabel forsi ma ħsibniex li nistgħu negħlbuhom. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi tal-ħidma tiegħek u nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk kollha li qed jagħtu s-servizz tagħhom u li taw is-servizz tagħhom matul is-snin fil-kunsilli lokali tagħna. Nerġa' nfakkrek biex tibagħtilna minimu ta' tliet rakkommandazzjonijiet biex ikunu jistgħu jiġu inkorporati fid-dokument tagħna.

Ngħaddu issa għat-tieni parteċipant, Fr Giovanni Curmi, li se jkun qiegħed jingħaqad magħna permezz ta' *video call*. Fr Giovanni huwa d-delegat għad-Diakonia li qiegħed jirrappreżenta d-Djoċesi f'Għawdex u se jagħtina l-veduti tiegħu dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Fr Giovanni se jagħmlilna preżentazzjoni wkoll u allura qed nitolbu l-permess minn issa biex din tkun parti mid-dokumenti pubbliċi biex tiġi fornuta u ppubblikata, għax kif spjegajt qabel, jista' jkun li l-kumitat jiġi mitlub mill-midja biex jagħmel dan. Fr Giovanni.

FR GIOVANNI CURMI (Delegat għad-Djakonija fid-Djoċesi ta' Għawdex): Qabel xejn, grazzi tal-istendina li għamiltulna bħala Djoċesi ta' Għawdex. Insellem liċ-*Chairperson*, lill-Onor. Membri preżenti u lill-mistednin.

Il-pandemija laqtet mhux biss lis-soċjetà tagħna bħala nazzjon u lilna bħala Għawdxin, imma laqtitna wkoll bħala Knisja Maltija u Għawdxija, u lid-Djoċesi tagħna. Aħna prattikament, kważi waqqafna kollox. Huwa veru li kien hemm ħafna inizjattivi *online* li taffew xi ftit dan in-nuqqas, imma n-nuqqas ta' preżenza reliġjuża naħseb li żied il-biżgħa u s-sensazzjoni ta' *helplessness* ta' bosta nies. Ħafna studji juru li f'mumenti diffiċili, ir-reliġjon u l-ħajja reliġjuża jgħinu ħafna biex wieħed ikollu *coping mechanisim*s tajbin quddiem l-isfida iebsa tal-ħajja. Sfortuntament, dan naqas ukoll f'din il-pandemija, għax ir-reliġjon kważi kellha tieqaf. Nistgħu nimmaġinaw kemm attivitajiet ikunu għaddejjin fil-ħajja soċjali mhux biss tal-Knisja bħalma huma l-quddies, is-sagramenti, it-tiġijiet, it-tqarbin tal-morda, il-laqgħat tad-duttrina u l-laqgħat tal-addoloxxenti u ż-żgħażagħ, imma hemm ħafna adulti li huma impenjati fil-Knisja u fil-laqgħat ta' kull ġimgħa, hemm iż-żjajjar li ċerti membri tal-Knisja jagħmlu lill-morda fl-isptar u prattikament dan kollu ġie fix-xejn ħabta u sabta u anke lilna, bħala Knisja, qisu ħasadna u spiċċajna kważi lanqas aħna stess ma nafu x'se nagħmlu.

Aħna ppromwovejna u qed nibqgħu nippromovu d-distanza soċjali, però dan laqat il-ħidma tagħna wkoll. Biex nagħti eżempju wieħed, bosta nies jersqu għall-qrar mhux biss biex jirċievu l-maħfra sagramentali, imma wkoll għax dan huwa mument fejn bosta persuni jsibu ftit mistrieħ tal-qalb u mistrieħ mentali. Hemm min jgħidlek li jistrieħ meta jitkellem mal-qassis, lil hinn mill-qrara kif nifhmuha, u dan kollu naqas sew. Il-Knisja ġiet milquta anke mill-aspett tal-karitajiet tagħha, u kellna nadattaw xi ftit, anke jekk fejn tidħol il-karità, m'hemmx aħjar mill-kuntatt viżiv u l-kuntatt personali, imma dan kważi ġie fix-xejn. Kellna nagħlqu l-Uffiċċju tal-Caritas li hemm in-naħa ta' wara tal-Kurja, fejn bosta nies kienu jiġu jitolbu l-għajnuna tliet darbiet fil-ġimgħa. F'Marsalforn bqajna għaddejjin b'xi ħidma, però ħafna qassisin minn tagħna spiċċaw ġewwa peress li għandhom 'il fuq minn 65 sena. Kien hemm kunventi sħaħ fejn ir-reliġjużi rġiel u nisa, prattikament ma ħarġux iktar mill-kunvent.

Indunajna wkoll li bħala Caritas m'għandna l-ebda numru ta' emerġenza u l-ebda *helpline* fejn in-nies jistgħu jċemplu, għax aħna m'għandniex uffiċċji b'personal professjonali. Kellna każijiet fejn in-nies li jgħixu f'Għawdex ċemplu lill-Caritas ta' Malta, li mbagħad ikkuntattjaw lilna biex nagħmlu *follow up* ta' dawn il-każijiet.

Waqfu ż-żjajjar fid-djar għat-tqarbin u ġew kanċellati l-funerali, li riċentement reġgħu bdew isiru b'ħafna restrizzjonijiet. Din kienet forma ta' tbatija kbira għal min tilef lil xi ħadd għażiż, għax iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies hija l-mod kif wieħed jgħix din l-esperjenza ta' distakk minn xi ħadd li jmut. Batejna u batew il-pazjenti fl-isptarijiet minħabba n-nuqqas ta' assistenza reliġjuża, li ġiet limitata biss għar-riti tal-aħħar. Dar Arka kellha twaqqaf iż-żjajjar, bħalma ġara fid-djar tal-anzjani, u ma baqgħetx taċċetta persuni li jfittxu *respite* għall-familji tagħhom. Kellna t-tfal tad-duttrina għall-praċett li kellhom stennija kbira biex jirċievu lil Ġesu għall-ewwel darba, imma dan kollu waqaf. Il-*counselling centre* ġo ta' Pinu b'xi mod baqa' għaddej, fejn almenu dawk il-każijiet urġenti baqgħu jiġu segwiti. Kien hemm każijiet fejn saru sessjonijiet fuq il-midja soċjali, u meta jiġu rilaxxati xi miżuri, il-*counselling* se jerġa' jibda jsir b'mod regolari.

Niġi għal xi osservazzjonijiet ġenerali li wieħed jista' jagħmel mill-aspett tal-Knisja. Nindunaw kemm il-ħajja reliġjuża u l-ħajja tal-Knisja, huma importanti għat-tessut tan-nisġa soċjali tar-relazzjonijiet ta' Għawdex b'mod ġenerali, mhux biss għal *well being* spiritwali imma għall-*well being* ġenerali. In-nies vulnerabbli u l-anzjani, li huma l-aktar li ntlaqtu, isibu wens jagħmlu vista quddiem Ġesu Ewkaristija fil-Knisja jew jitkellmu mas-saċerdot wiċċ imb'wiċċ, bħalma semmejna. Dan kollu naqas, imma fl-istess ħin uriena kemm għadu importanti u kemm jgħin fl-*overall well being* tal-poplu tagħna, però innotajna li hemm faxxa kbira dejjem tikber mill-komunità Għawdxija – Għawdxin, Maltin residenti fostna, u barranin kemm tal-Unjoni Ewropea u kemm dawk li ġejjin minn *non-EU countries* – li mhux biss mhumiex parti mill-paroċċa u mill-istruttura tradizzjonali tal-Knisja tagħna, imma li ma jintlaħqux, tant li kważi ma nafux bihom.

L-ewwel smajna lil Dr Azzopardi jitkellem proprju dwar l-aspett ċiviku u soċjali tal-kunsilli lokali. Aħna nindunaw kemm hawn realtà kbira li kważi ħadd ma jafha. Biżżejjed insemmu r-realtà ta' Marsalforn u min jgħix hemmhekk. F'dan il-każ nindunaw kemmf l-istruttura tal-paroċċa, li hija l-istruttura ewlenija tal-Knisja f' Għawdex, hemm sezzjoni kbira ta' nies li jgħixu f'Għawdex li mhux qed jintlaħqu mill-firxa ta' servizzi u ta' għajnuna li nagħtu f'Għawdex tradizzjonalment. Pereżempju, innotajna li ħafna nies m'għadhomx ifittxu l-għajnuna tal-paroċċa jew tal-Knisja bħal qabel, jekk mhux f'xi każijiet partikolari fejn ma jsibux is-servizz tal-istat, bħalma huma l-għoti tal-flus jew l-għoti tal-ikel fl-idejn. Ħafna nies ifittxu s-servizzi soċjali tal-istat, allura jkun hemm persuni li kważi huma *unknown* għas-soċjetà ċivili, għas-soċjetà politika u anke għall-Knisja.

Indunajna kemm l-inklużjoni tal-barranin u tal-Maltin li jgħixu fostna, hija fundamentali mhux biss għan-nisġa tar-rapporti, imma wkoll għar-*reaching out* u għas-servizzi ta' appoġġ. Għandna xi esperjenzi pożittivi f'xi paroċċi f'dan ir-rigward, fejn qed jinħoloq *networking* ta' għajnuna anke ta' persuni mhux Għawdxin li jgħixu regolarment is-sena kollha fostna, kemm persuni ta' nazzjonalità Maltija u anke persuni ta' nazzjonalità barranija.

Qed nindunaw kemm il-Knisja, almenu f'Għawdex, hija implikata f'ħafna sitwazzjonjiet simili, bħalma hi tal-COVID-19, għax aħna apparti fl-istrutturi professjonali bħalma huma l-

iskejjel, Dar Arka, Ta' Pinu Counselling Centre u l-Istitut tal-Familja Papa Gwanni Pawlu II, però rigward l-istruttura Djoċesana, jiġifieri s-servizzi tal-Kurja, m'għandniex riżorsi umani professjonali, allura aħna stess bħala Knisja ma nafux x'se nagħmlu, u dan jillimita ħafna l-*outreach* professjonali tagħna. Ma nafux kif nagħmlu *assessment* tas-sitwazzjonijiet. Jiġifieri ngħinu, imma m'għadniex kapaċi nagħmlu *assessment* tas-sitwazzjonijiet li jiġu għandna. Allura ma nafux kif se nsegwu l-każijiet li jiġu għandna strutturalment u *long term*. Pereżempju, nagħtuhom xi ħaġa tal-ikel, imma ħafna drabi nieqfu hemmhekk, għax m'għandniex l-istrutturi u l-mezzi professjonali biex inkomplu ngħinuhom. Issir ħafna assistenza u karità mill-parroċċi, però ħafna drabi dan isir b'mod kunfidenzjali ħafna. Pereżempju, jekk il-Kappillan jgħin persuna tħallas il-kera – u għandna każijiet ta' dawn it-tip –normalment dan ma jkun jaf bih ħadd, ħlief il-Kappillan innifsu. Il-Kappillani jgħidulna wkoll li l-każijiet tal-Għawdxin li jkunu fil-bżonn hija sfida kbira li jitolbu l-għajnuna u xi drabi, forsi minħabba l-biża' ta' *labelling* soċjali – għax fis-soċjetà tagħna kulħadd jaf lil kulħadd – ma jitolbux l-għajnuna, u jekk wieħed imur jagħtihom l-għajnuna, kellna każijiet fejn il-Kappillani qalulna li rrifjutawha.

Innotajna, u qegħdin ninnotaw dejjem iktar, in-numru kbir ta' persuni li qegħdin jiġu Għawdex minħabba li l-kera hija orħos minn dik ta' Malta, allura qed jgħidulhom biex jiġu jikru Għawdex għax huwa iktar possibbli li jsibu kera orħos. Sibna diversi każijiet fejn dawn il-persuni diġà għandhom problemi soċjali li ġabuhom magħhom minn Malta u li ħadd ma jaf bihom. Pereżempju, hemm persuna li tgħix b'€500 fix-xahar li €350 minnhom tħallashom kera. Din diġà hija megħjuna mis-servizzi soċjali, imma t-€350 tagħtihom għall-kera u jibqgħalha €150 biss biex tkun tista' tgħix għal xahar wara l-ieħor. Kien hemm każijiet fejn qalulna li kienu jsegwu persuna li issa qed tgħix Għawdex u talbuna biex inkomplu nsegwuha aħna.

Is-sitwazzjoni tal-barranin, kemm ta' dawk li ġejjin minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, imma b'mod partikolari ta' dawk li mhumiex, ninnotaw kemm hija instabbli. Pereżempju, dawn jibdlu l-post aktar faċilment, allura meta tfittex fejn kienet tgħix xi persuna, issib li m'għadhiex hemm għax marret tgħix f'post ieħor. Riċentement, kienu qegħdin jagħtu l-għajnuna u meta marru jħabbtu, sabu grupp ta' barranin oħrajn, għax ta' qabilhom iċċaqilqu fl-istess lokalità u krew x'imkien ieħor.

Rigward il-mistoqsija jekk il-faqar f'Għawdex żdiedx, b'mod indirett u minn kuntatti li għandna nindunaw li hemm iktar persuni li qegħdin jitolbu l-għajnuna jew li jiġu riferuti għall-għajnuna, anke minn professjonisti, li jgħidulna li għandna bżonn nagħmlu xirja lit-tali persuna, u aħna noffru s-servizzi tagħna.

Sinjura President, irrid nippreżenta lill-Kumitat:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*The Impact of COVID-19 and the way forward*".

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi, Fr Curmi. La qegħdin fuq dan il-punt, tinsabu informati jekk humiex nies lokali jew inkella barranin li jgħixu f'Għawdex?

FR GIOVANNI CURMI: Hemm tliet gruppi, biex ngħidilhom hekk, ta' Għawdxin li nafu bihom, li huma ftit, imma jeżistu wkoll. Il-Maltin – mhux biex niġġeneralizzaw, għax hemm anke barranin – qegħdin jiġu Għawdex l-iktar minħabba li Malta ma jlaħħqux mal-kera u Għawdex huwa iktar faċli li jsibu kera orħos, speċjalment Marsalforn u x-Xlendi, l-aktar bħalissa li hemm diversi persuni li kienu jaħdmu mal-privat u tilfu l-impjieg tagħhom. L-iktar każijiet li qegħdin niltaqgħu magħhom huma ta' Maltin u barranin jew Għawdxin miżżewġin barranin, però għandna xi każijiet ta' Għawdxin ukoll. L-iktar li qegħdin naraw huma dawk li jiġu riferuti lilna mis-servizzi soċjali, għax aħna naħdmu *through* s-*social workers* tal-istat, tal-Ministeru, tal-isptar jew tal-FSWS. Aħna ngħinu lilhom biex huma jgħinu lill-oħrajn, minbarra li ngħinu xi persuni direttament. L-aktar li qegħdin niltaqgħu huma ma' barranin u Maltin, għax l-Għawdxin, kif għedna, joqogħdu ħafna iktar lura. Ovvjament, Għawdex għandna *networking* soċjali u familjari aħjar, allura hemm l-appoġġ tal-familja estiża, però għandna każijiet fejn qegħdin ninnotaw li hawn familji b'numru kbir ta' tfal. Sibna każijiet ta' persuni li kienu f'xogħol prekarju – u m'iniex se nidħol fil-mertu – imma mbagħad, speċjalment f'sitwazzjoni bħal din, ikollhom problemi akbar għax ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-benefiċċji soċjali u l-kura tal-isptar. Jiġifieri persuna li tidħol l-isptar li tkun taħdem u ma tkunx reġistrata, trid tħallas

l-isptar, speċjalment in-*non-EU nationals,* li diġà jkollhom problemi ekonomikament.

Mill-aspett ta' saħħa mentali, il-Counselling Centre Ta' Pinu qalilna li żdiedu l-każijiet ta' stress, ta' ansjetà u ta' dipressjoni, l-aktar minħabba li n-nies, l-anzjani, u rajna wkoll xi tfal, xebgħu magħluqin ġewwa. Għall-bidu kellhom avventura ġdida, imma mbagħad it-tul beda jġib ħafna anjsetà minħabba l-*hardships* tal-ekonomija għal min tilef ix-xogħol, però qalulna li ma ltaqgħux ma' każijiet ta' saħħa mentali barra min-normal, bħal xi *disorders* estremi partikolari. Ansjetà u stress iva, imma mhux sitwazzjonijiet estremi ta' saħħa mentali.

Kif għedna, bħala Kurja m'għandniex professjonisti li jaħdmu magħna bħala Knisja u parroċċi, apparti ovvjament il-Fondazzjoni Arka, il-*counselling centre* u l-iskejjel tal-Knisja. Għalhekk qegħdin noħolqu ħafna rapporti ta' *networking* ma' *professionals* u servizzi professjonali ma' ħafna nies mill-qrib, kemm f'Għawdex u kif ukoll f'Malta, però qed nindunaw li xi kultant qegħdin immissu l-istess persuni. Allura, jekk wieħed imur għan-numri, probabbilment xi kultant l-istess persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-għajnuna tal-Knisja, imorru jfittxu l-għajnuna tal-FSWS jew taċ-Ċentru li fetaħ dan l-aħħar l-FSWS f'Marsalforn, imbagħad imorru jfittxu l-għajnuna ta' Chris Galea għas-servizzi li joffru fil-qasam tal-anzjani f'Għawdex. Nindunaw li hemm xi persuni li jħabbtu diversi bibien. Meta titkellem tinduna li hemm każijiet li qegħdin iduru diversi servizzi biex jieħdu aktar minn sors wieħed ta' għajnuna.

Bħala Knisja, minħabba li m'għandniex professjonisti f'dan il-kamp tal-karità, qegħdin nirreferu ħafna każijiet lis-servizzi tal-istat jew tal-aġenziji. Ovvjament, inġibu l-permess tagħhom biex nirreferuhom pereżempju lill-FSWS biex ikunu jistgħu jsegwuhom permezz tas-*social workers* tagħhom. Aħna, bħala Knisja, ngħinu lil diversi familji u persuni direttament mill-parroċċi u permezz tal-Caritas, anke billi noffru għajnuna ta' flus bħala *vouchers,* u xi drabi nħallsu xi affarijiet. Pereżempju, riċentement sponsorjajna individwu biex ikun jista' jibbenefika mis-servizz tal-*Meals on Wheels,* għax aħna m'għandniex il-kapaċità li nagħtu dan l-ikel, allura rajna li jidħol fil-kategorija tan-nies li jirċievu dan is-servizz u qed inħallsulu aħna biex ikun jista' jirċevih.

IĊ-CHAIRPERSON: F'dan il-każ, m'hemmx is-servizzi tal-Gvern?

FR GIOVANNI CURMI: F'dak il-każ ħallasnielu aħna għaliex ma kellux biex iħallas hu.

IĊ-CHAIRPERSON: Dan huwa servizz mogħti mill-Gvern b'xejn.

FR GIOVANNI CURMI: Għall-*Meals on Wheels* iridu jħallsu ftit iktar minn €2 kuljum.

IĊ-CHAIRPERSON: Kollox sew, imma huwa prezz sussidjat.

FR GIOVANNI CURMI: Mela niċċekkjaw, imma meta kellimna lis-*social worker,* ovvjament qalilna li rridu nħallsu. Issa niċċekkjaw u nivverifikaw magħhom.

IĊ-CHAIRPERSON: €2.

FR GIOVANNI CURMI: Aħna *work in progress,* jiġifieri waqt li qegħdin nassistu, nitgħallmu s-servizzi li hemm. Din hija waħda mill-affarijiet li se nsemmi bħala proposta fl-aħħar tad-diskors tiegħi. Ġieli s-*social workers* jagħmlu xirja lil min ikun fil-bżonn u aħna nisponsorjawha, jiġifieri ma nagħtux flus fl-idejn lill-klijenti.

Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-Ministru Refalo, għax nirċievu ħafna għajnuna ta' ħaxix mill-Pitkalija. Darbtejn fil-ġimgħa mmorru nġibu l-ħaxix u nqassmuh kemm f'kunventi u kif ukoll lil diversi familji u persuni, kemm bħala Knisja direttament u kif ukoll permezz tas-*social workers* li naħdmu magħhom. minflok ma mmorru aħna direttament, infornuhom bl-għajnuna, għax għalina mhux importanti min jgħin, imma li l-familji u l-persuni jintlaħqu.

Jekk nagħmlu statistika żgħira, aħna bħala Caritas fil-parroċċi ta' Marsalforn attwalment qegħdin ngħinu madwar 80 persuna, imbagħad hemm persuni oħrajn li nilħquhom permezz tal-għajnuna li nagħtu lis-*social workers* tal-Ministeru, tal-FSWS, tal-iskejjel tal-istat u tal-isptar. Jiġifieri ma ngħinuhomx aħna direttament, imma ngħinu lis-*social workers* f'dan ir-rigward.

Sibna sistema tajba li noffru *vouchers* ta' *groceries* u ta' laħam, biex ma nagħtux biss

ħaxix u bottijiet tal-*preserve*. Allura biex intejbu naqra l-alimentazzjoni noffru wkoll il-possibbiltà li nagħtu dan il-*voucher* b'diskrezzjoni mill-aktar kbira biex nirrispettaw lill-persuna li tkun tista' ssarrfu f'xirja ta' *goods* u ta' laħam.
Naħdmu wkoll ma' NGOs lokali u ma' professjonisti biex meta jiġu daharhom mal-ħajt u ma jkunux jistgħu jgħinu xi każijiet fl-immedjat, nagħtuhom ftit ikel, imma dan l-ikel mhux se jservi għaxart ijiem. Allura meta jkun hemm każijiet ta' dan it-tip, meta jikkuntattjawna ngħinuhom billi nagħmlu xirjiet skont il-bżonnijiet tagħhom. Aħna għandna fiduċja u rispett kbir lejn il-professjonisti u ma nidħlux dwar min huma l-klijenti tagħhom, għax dik mhux affari tagħna, imma hi fid-deskrizzjoni tagħhom. Aħna ngħinu lis-*social workers* u huma jgħinu lill-persuni fil-bżonn. Jekk nindunaw li jkun hemm xi każijiet ġodda, wieħed għad irid jara, imma kultant tiltaqa' ma' professjonisti, u anke xi tobba, li jgħidulek li jafu b'xi persuni u jgħidulek li jridu jitolbuhom il-permess ħalli naraw nistgħux ngħinuhom.

Infakkar f'dik il-ġabra li konna għamilna biex inxtara *ventilator*. Jalla dan il-*ventilator* ħadd ma jiġi bżonnu. Komplejna ngħinu biex jinġabar id-demm minn Għawdex, imma sfortunatament, minħabba l-COVID-19 ħafna Għawdxin beżgħu jmorru jagħtu d-demm. F'Għawdex hemm perċentwal għoli ħafna ta' nies li jagħtu d-demm, imma l-awtoritajiet qalulna li ...

IĊ-CHAIRPERSON: Hekk hu. Illum hi l-ġurnata dedikata lid-donaturi tad-demm, jekk m'iniex sejra żball.

FR GIOVANNI CURMI: L-14 ta' Ġunju hija l-ġurnata internazzjonali tad-donaturi tad-demm. Fil-fatt, għandna attività ppjanata għal dakinhar. Issa bil-mod il-mod qegħdin nirpiljaw, imma waqajna ħafna lura minħabba li ħafna nies beżgħu jmorru jagħtu d-demm.

IĊ-CHAIRPERSON: Fr Curmi, nitolbok tikkonkludi.

FR GIOVANNI CURMI: Se nikkonkludi bi tliet suġġerimenti li nixtieq inressaq. Kif għedt, aħna bħala Knisja m'għandniex professjonisti jaħdmu magħna minħabba li r-riżorsi tagħna huma limitati, allura nissuġġerixxi l-possibbiltà li jkollna *social worker seconded* mal-Caritas ta' Għawdex. Kieku naħseb li jgħinna ħafna, għax aħna m'għandniex l-i*skills* professjonali biex intejbu s-servizzi tagħna bħala Caritas.

It-tieni – u din ħarġet mis-*social workers* li nikkollabora magħhom – hemm bżonn ta' *networking* bejn il-professjonisti li jaħdmu Għawdex li talbu l-*practice sharing*, ovvjament fir-rispett tal-kunfidenzjalità u tad-*data protection*, għax xi kultant trid tkun brikkun tal-karità, iddur u tfittex minn hemm u minn hawn. Ovvjament, tistgħu tikkoreġuni għax m'iniex midħla tas-servizzi kollha li jingħataw, imma rrid nistaqsi jekk is-servizz tal-*Meals on Wheels* jistax jiġi estiż temporanjament – ovvjament, ikun hemm is-*social workers* professjonisti li jivverifikaw – għal xi każijiet li bħalissa huma batuti. Aħna konna se nipprovaw nagħmlu xi ħaġa, però għalissa waqafna milli nwasslu l-ikel fid-djar f'xi każijiet. Ma nafx jekk minbarra dawk li huma intitolati, bħall-anzjani u dawk li għandhom il-kartuna s-safra, jistax ikun hemm każijiet oħrajn li jiġu intitolati għalih temporanjament sakemm tgħaddi l-kriżi tal-pandemija u tirpilja l-ekonomija. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi lilek, Fr Curmi. Kienet preżentazzjoni pjuttost eżawrjenti li wriet realtajiet li forsi n-nies hemm barra lanqas jirrealizzaw li jeżistu f'Għawdex. Wieħed mill-għanijiet ta' dan il-Kumitat huwa proprju li mhux biss nesponu r-realtajiet, imma li nkunu nistgħu niddiskutuhom u nsibu soluzzjonijiet għalihom.

Fr Curmi, m'għedtilniex meta se jitħabbar l-Isqof il-ġdid. Ħallejtna daqsxejn imdendlin, imma naħfruhielek!

FR GIOVANNI CURMI: Ma nafx, m'għadnix midħla tal-aħbarijiet, imma naħseb li qegħdin fil-qrib.

IĊ-CHAIRPERSON: Biex nintroduċi ftit id-diskussjoni, se nagħmillek ftit rimarki jew domandi. Pereżempju, qegħdin nitkellmu fuq is-servizzi u l-ħtieġa ta' iktar *networking.* Ftit ilu Dr Samuel Azzopardi tkellem dwar inizjattiva tajba ħafna li qed issir fil-kunsilli lokali permezz ta' *memorandum of understanding* mal-FSWS biex is-servizzi soċjali jinfirxu fil-lokalitajiet kollha ta' Għawdex. Allura naħseb din hija xi ħaġa importanti ħafna, li filwaqt li għandek il-kunsilli lokali li qegħdin jipparteċipaw fiha, hemm ukoll il-parroċċi. Fil-fatt, hu aċċenna wkoll għall-fatt li fejn il-kunsilli lokali ma

jkollhomx *premises,* se jkunu qegħdin jirrikorru għall-għajnuna tal-parroċċi. Naħseb li din tkun opportunità tad-deheb biex id-Djoċesi f'Għawdex issaħħaħ l-impenn soċjali tagħha, anke f'din id-dimensjoni ta' servizzi li qegħdin nitkellmu dwarhom.
Dwar is-sistema ta' kordinazzjoni, naħseb li huwa importanti li jkun hemm struttura fi ħdankom li tiffamiljarizza ruħha mas-servizzi diġà eżistenti. Fil-passat kelli esperjenza – qed niftakar f'okkażjoni partikolari ta' Fr Michael Borg f'Marsalforn – fejn kellna laqgħa mal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali u dan ħareġ jgħid b'mod ċar li m'hemmx biżżejjed għarfien dwar is-servizzi nazzjonali li jiġu offruti u allura forsi dak li jkun ma jkunx tempestiv biżżejjed fl-għajnuna li jista' jagħti. Dak huwa punt importanti ħafna.

Imbagħad hemm anke l-mod kif issir din il-kordinazzjoni. Illum il-ġurnata qegħdin nitkellmu wkoll fuq il-konnessjoni diġitali, fejn dak li jkun ikun jista' jikkomunika b'mod iktar faċli, però jibqa' il-fatt li, kif għedt tajjeb inti, il-kuntatt uman jibqa' essenzjali ħafna.

Nerġa' nirreferi għal dak li qal Dr Azzopardi li għamlu *online platform* biex iżommu kuntatt mal-pubbliku inġenerali ħalli mhux biss jiggwidawhom, imma wkoll ikunu ta' sostenn għalihom. Naħseb li anke hawnhekk *you can join forces* u b'hekk din il-pjattaforma tkun iktar b'saħħitha.

Fil-preżentazzjoni tiegħek, qed issemmi *sore issues,* bħal pereżempju fil-kuntest ta' Marsalforn. F'Marsalforn għandna realtajiet differenti, uniċi u partikolari għal Għawdex kollu, għax hemm konċentrazzjoni ta' dawk li jien insejħilhom *failed social cases*. Hemm *social cases* li fihom infushom huma diġà diffiċli għax ikunu diġà fallew Malta, u dawn jiġu traslokati lejn Għawdex bil-problemi soċjali li jkollhom. Hemmhekk infetaħ uffiċċju mill-FSWS biex ikun fil-qalba ta' din il-komunità u jkun jista' jinfiltra fit-tessut u jintervjeni b'mod iktar dirett.

Dwar is-suġġerimenti li qed tagħmel, li fl-opinjoni tiegħi huma importanti ħafna, it-talba li jkun hemm *social worker* sekondata mad-Djoċesi, naħseb li wieħed irid joqgħod ftit attent, speċjalment minħabba n-nuqqas li hawn f'dan is-settur. Allura filwaqt li aħna nkomplu ninkoraġġixxu iktar nies jidħlu f'dan is-settur, naħseb li jkun utli li jintużaw riżorsi li diġà huma disponibbli. Forsi wieħed ikun jista' jitkellem aktarfuq dan.

Niġi għall-kwestjoni tal-eliġibilità għas-servizzi. Il-Fondazzjoni OASI qajmet punt u mexxejnieh mad-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Jekk għandek xi ħaġa partikolari, apparti s-servizz tal-*Meals on Wheels*, inkunu nistgħu nemulaw dak l-eżerċizzju li għamilna fil-każ tal-OASI u nkunu nistgħu nikkomunikaw dwaru.

Rigward il-*vouchers,* irrid ngħid li ħafna drabi jkollna każijiet ta' faqar, imma hemm faqar u hemm faqar. Hemm każijiet ta' faqar ġenwin u hemm imbagħad faqar għax ikun hemm nuqqas ta' għarfien ta' *home management skills.* Pereżempju, ikun hemm min jaħseb li għax tiekol il-*fast food* se tiffranka l-flus, li mhu veru xejn, għax il-*fast food* meta kkomparat mal-ikel frisk huwa ogħla u huwa ta' detriment għas-saħħa, allura jkun qed jimpatta finanzjarjament b'mod ieħor. Il-programm Għaqal fid-Dar, li kienet bdietu f'Malta l-President Emeritu Marie Louise Coleiro Preca meta kienet Ministru għall-Politika Soċjali, huwa programm li kien qed jinfirex fil-lokalitajiet permezz tal-kunsilli lokali. Dan huwa mezz kif nedukaw lin-nies li qegħdin fil-faqar jew f'riskju ta' faqar biex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw ir-riżorsi tagħhom aħjar. Jiġifieri naħseb li anke intom, bħala Djoċesi għandkom tikkomunikaw mal-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà biex tkunu tistgħu tibbenefikaw minn dan is-servizz.

Grazzi ħafna tal-ħidma kbira tagħkom, għax intom tmissu ma' nies li l-entitajiet u d-dipartimenti ma jirnexxilhomx jilħqu u allura intom *link* importanti f'dan il-qasam, speċjalment fl-*outreach.*

Ngħaddi issa għall-interventi tal-kollegi tiegħi. Nistieden lill-Onor. Chris Said li se jkun l-ewwel wieħed li jagħmel l-intervent tiegħu minnaħa tal-Kumitat.

L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Fr Curmi, nirringrazzjak tal-preżentazzjoni tiegħek. M'iniex se nidħol fl-ewwel parti tal-preżentazzjoni, fejn inti tajt ħarsa lejn dak li għaddejtu minnu bħala Knisja f'Għawdex matul

l-aħħar xahrejn jew tliet xhur, però laqtuni ċerti dikjarazzjonijiet li għamilt fil-preżentazzjoni li, bla dubju ta' xejn, huma inkwetanti.

F'ħin minnhom tkellimt dwar kif it-tessut tas-soċjetà Għawdxija qed jinbidel b'mod mgħaġġel ħafna, anke minħabba l-influss ta' numru sostanzjali ta' Maltin li qegħdin jirrilokaw lejn Għawdex, u magħha nżid tal-ġenerazzjoni żagħżugħa Għawdxija li parti kbira minnha qed tmur tgħix Malta minħabba kwestjoni ta' xogħol. Jiġifieri għandna sitwazzjoni fejn il-popolazzjoni żagħżugħa Għawdxija qed tagħżel li tixtri jew li tifforma d-dar residenzjali tagħha f'Malta minħabba li l-kondizzjonijiet tax-xogħol f'Malta huma aħjar, jew minħabba li hu iktar faċli ssib ix-xogħol f'Malta milli f'Għawdex. Nixtieq nistaqsi jekk intom, bħala Knisja f'Għawdex, hux qegħdin tesperjenzaw dan mill-lat ta' familji żgħażagħ li qegħdin jiddeċiedu li jirrilokaw lejn Malta u kif dan qed jaffettwa l-Knisja f'Għawdex u anke s-soċjetà Għawdxija.

Min-naħa l-oħra, inti għamilt referenza għal numru ta' familji jew persuni Maltin u barranin li minħabba li l-kera f'Għawdex *pre*-COVID-19 – dwar x'qed jiġri issa, għad irridu naraw – kienet ħafna iktar baxxa mill-kera f'Malta, qed igħidulhom biex imorru jikru Għawdex għax huwa irħas, allura għandek din il-bidla li qed issir b'mod rapidu. Nixtieqek tgħidli, mill-esperjenza tagħkom, min qed igħidilhom biex imorru jikru Għawdex, jekk hux mis-Sevizzi Soċjali, mis-Servizzi tal-Gvern jew mill-Housing.

Mistoqsija oħra li rrid nagħmel hi jekk il-Knisja f'Għawdex għamlitx xi tip ta' studju, għandhiex xi tip ta' rapport, jew hux qed tiġbor xi tip ta' informazzjoni dwar din il-bidla fit-tessut tas-soċjetà, li bla dubju, qed taffettwa wkoll l-operat tal-Knisja u tan-nies li jfittxu s-servizzi spiritwali u materjali li toffri l-Knisja f'Għawdex. Magħquda ma' din, inti għamilt referenza iżjed minn darba għas-servizz li qed toffri l-Knisja f'Marsalforn. Din semmietha wkoll l-Onor. Justyne Caruana, iċ-Chairperson tal-Kumitat. Dan ifisser li hemm konċentrazzjoni ta' problemi soċjali f'Marsalforn u għalhekk inħasset il-ħtieġa li l-Knisja, permezz ta' Fr Borg li jmexxi l-Knisja ta' Marsalforn, tibda toffri dawn it-tip ta' servizzi?

Inti għedt ukoll li qegħdin taraw li l-każijiet ta' persuni li jkunu fil-faqar u jkollhom bżonn l-għajnuna, saħansitra anke ta' *vouchers* tal-ikel – min ikollu bżonn għajnuna ta' ikel, ovvjament qiegħed fil-faqar għax m'għandux biex jixtri l-ikel, li hu l-iktar ħaġa essenzjali – qegħdin jiżdiedu. Dan huwa konsegwenza tas-sitwazzjoni li nqalgħet minn Marzu 'l hawn jew anke qabel Marzu diġà kien hemm indikazzjonijiet li qegħdin jiżdiedu dawn it-tip ta' familji jew persuni li qegħdin jgħixu fil-faqar f'Għawdex stess? Malli f'dawn l-aħħar tliet xhur daħlet l-imxija tal-COVID-19, dan żdied b'mod allarmanti u hemm aktar nies li qegħdin ifittxu l-għajnuna tal-Knisja? X'jista' jsir biex din il-problema tal-faqar f'Għawdex, li qiegħda tiżdied, tiġi indirizzata aħjar? Inti diġà tajt suġġerimenti dwar dan, imma qed nistaqsi biex fir-rapport tagħna nkunu nistgħu noħorġu b'iktar suġġermenti konkreti.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Fr Curmi, inti tixtieq tieħu r-*round* kollu tal-mistoqsijiet u mbagħad tirrispondi wara? X'tippreferi?

FR GIOVANNI CURMI: Ħalli nwieġeb issa, imbagħad inkomplu bil-mistoqsijiet, jekk ma jimpurtax.

IĊ-CHAIRPERSON: Kollox sew. Tista' tibda twieġeb fil-qosor, għax baqgħalna kelliem ieħor.

FR GIOVANNI CURMI: Sinjura President, fuq dak li ssuġġerejt inti, aħna dan l-aħħar qegħdin naħdmu ħafna mal-professjonisti li għandna f'Għawdex. Fil-fatt, waqqafna *think tank* magħmul prattikament minn professjonisti tal-istat li jaħdmu fostna personali. Jiġifieri qegħdin naħdmu ħafna fil-qrib magħhom, qegħdin jgħinuna u nirreferu ħafna ...

IĊ-CHAIRPERSON: U taħdmu mal-*platform* tal-*professionals*? Hemm assoċjazzjoni ta' professjonisti, imbagħad għandek is-sezzjonijiet ukoll; fil-każ ngħaddilek il-*link*.

FR GIOVANNI CURMI: S'issa waqqafna dan it-*think tank* u qegħdin naħdmu ma' grupp ta' *social workers* li jaħdmu fl-iskejjel u fit-tessut soċjali, li qegħdin nirċievu *feedback* mingħandhom kontinwament.

Biex inwieġeb lill-Onor. Chris Said, l-istudju li qegħdin nagħmlu huwa permezz ta' dawn in-nies, għax aħna bħala Knisja mhux dejjem

ikollna kuntatt mar-realtà. Qegħdin nieħdu *feedback* dwar kif nistgħu ngħinu permezz tal-professjonisti li jidħlu aktar minna f'ċerti każijiet soċjali. Din hija l-*way forward* għalina, li mhux kulħadd jaħdem għal rasu, imma li s-sinerġija u r-riżorsi f'Għawdex inpoġġuhom flimkien.

Rigward il-mistoqsijiet tal-Onor. Said, huwa veru li s-soċjetà qed tinbidel. Aħna ilna nħossuha din bħala Knisja, u mhux biss mill-aspett ta' kemm nies jiġu l-knisja jew le. Nafu li ħafna żgħażagħ, għal bosta raġunijiet, fosthom tax-xogħol u anke għax jiżżewġu Malta, jippreferu joqogħdu Malta – jien għandi fil-familja tiegħi stess – imma huwa veru wkoll li kellna oħrajn li ġew joqogħdu Għawdex. Staqsejtni min jibgħathom. Jien mhux se nindividwa persuni, imma nista' nsemmi *case study*. Ikun hemm min, pereżempju, ikun ħareġ minn xi problemi u jippreferi jiġi jgħix Għawdex biex ma jibqax fil-kumpanija li kellu qabel u ma jerġax jaqa' fil-problemi. Hemm persuni li għandhom dħul baxx u b'xi mod xi ħadd jgħidilhom li aħjar imorru jgħixu Għawdex. M'hemmx għalfejn ngħid fil-partikolar, imma naħseb li biex persuna tiġi megħjuna iktar, speċjalment jekk tkun persuna waħedha jew gruppi ta' persuni, qed jiġu Għawdex minħabba l-kera. Allura r-realtà tagħna qed tinbidel. Sfortunatament, aħna bħala Knisja mhux dejjem inkunu konxji ta' din ir-realtà ġdida, anke f'ċerti parroċċi fejn jitilgħu blokok ta' appartamenti u ma nkunux nafu min qiegħed jgħix hemmhekk u jekk nilħquhomx bis-servizzi ordinarji tagħna. M'għandniex studji partikolari u m'għamilniex, għalkemm ħafna drabi tkellimna waqt il-laqgħat tal-Kappillani, però qegħdin nirċievu dan il-*feedback* li semmejt minn dawn il-professjonisti li qegħdin nikkollaboraw magħhom.

Qegħdin nagħtu l-*vouchers* għal diversi raġunijiet, mhux biss għax in-nies qegħdin jiżdiedu jew qed jiġu riferuti lilna. Xi drabi jiġu riferuti lilna għax forsi jkun spiċċalu l-ikel u ma jkollux biex ilaħħaq u aħna biss nistgħu nagħtuh il-flus direttament. Allura minflok ma nagħtu l-flus direttament qed nipprovaw nagħtuhom *vouchers*. L-ewwel nett, biex nevitaw li xi ħadd imur jixtri xi ħaġa li m'għandux jixtri, allura nassiguraw li ssir xirja kif suppost, u t-tieni minħabba l-problema ta' *storage capacity*, speċjalment fis-sajf, li taħżen l-ikel b'riskju li ma jibqax tajjeb, speċjalment il-ħalib. Għandna wkoll il-kwestjoni ta' persuni ta' reliġjon Islamika, li bil-*vouchers* huwa iktar faċli li ngħinuhom isibu l-ikel adattat għalihom, li aħna ma jkollniex minnu. Inkunu nixtiequ ngħinu, però ma jkollniex fejn naħżnu dan it-tip ta' ikel, allura sibnieha aktar faċli li ngħinu permezz tal-*vouchers*.

Marsalforn huwa każ għalih aktar mix-Xlendi, għax hemmhekk hemm massa kbira ta' appartamenti u allura l-kera hi iktar aċċessibbli milli huwa r-Rabat. Kien hemm min talabna nfittxulu post bil-kera fir-Rabat, imma r-Rabat mhux se ssib kera orħos minn Marsalforn. Ovvjament, Marsalforn hemm in-*non diventità*. Fil-każ ta' Dun Mikiel, mhux għax ippjanajna, imma għax Dun Mikiel huwa r-Rettur ta' Marsalforn u minħabba li l-età tiegħu hija ta' 'l fuq minn 65 sena, ingħalaq litteralment Marsalforn. Kellna diversi qassisin, imma Dun Mikiel ingħalaq hemm u n-nies li kienu jiġu għandu l-Caritas tar-Rabat, li wħud jew ħafna minnhom huma minn Marsalforn, bdew ifittxuh il-Knisja stess. Qalli li kien hemm nies minn irħula oħra li marru jfittxuh Marsalforn. Naħseb li mhux ta' b'xejn li l-FSWS fetaħ ċentru ta' għajnuna proprju f'Marsalforn. Aħna nirreferu ħafna każijiet, fis-sens li meta jkollna każ minn Marsalforn nirreferuhom għall-FSWS ta' Marsalforn, imma ġieli rreferejna każijiet għall-FSWS tar-Rabat jew tax-Xewkija.

IĊ-CHAIRPERSON: Qabel ma ngħaddu għad-domandi tal-Onor. Cutajar, irrid ngħidlek li għadni kemm bgħattlek il-*link* għall-Malta Federation of Professional Associations li diġà rreferejt għaliha.

Ngħaddu għall-Onor. Cutajar biex jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu.

L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Fr Curmi, grazzi ħafna talli ngħaqadt magħna u nirringrazzjak ukoll tal-preżentazzjoni eżawrjenti li tajtna.

Se nagħmillek xi domandi min-naħa tiegħi mingħajr ma nieħu fit-tul. Hhemm diversi punti li xtaqt immiss imma diġà daħal fihom l-Onor. Chris Said u inti rrispondejtu. Se nżid biss ftit domandi. Inti semmejt li l-aktar kategoriji ta' nies li ġew affettwati – ikkoreġini jekk fhimtek ħażin – huma t-tfal u l-anzjani, b'mod speċjali fiż-żona ta' Marsalforn li kont għadek kemm aċċennajt għaliha, fejn hemm l-iktar każijiet

soċjali li jitolbu l-għajnuna tad-Djoċesi f'Għawdex. Id-domanda tiegħi hija, minn mindu bdiet l-imxija tal-COVID-19, bejn Frar u Marzu, kien hemm xi kategoriji partikolari, bħal pereżempju *broken families*, persuni b'diżabilità u oħrajn, li jew naqsilhom ix-xogħol jew spiċċaw mix-xogħol, u li rajtu żieda fit-talbiet li qegħdin jaslu mingħandhom? Jien semmejtlek uħud b'eżempju, imma jista' jkun hemm oħrajn. Il-konċentrazzjoni qiegħda f'Marsalforn, jew għandna konċentrazzjoni f'żoni oħrajn ukoll?

Inti semmejt in-nuqqas ta' riżorsi li għandha d-Djoċesi u aċċennajt b'mod partikolari għad-diffikultà, biex insejħilha hekk, biex tagħtu s-servizzi tagħkom waqt l-imxija tal-COVID-19. Kemm f'dan il-perjodu u kif ukoll issa li se nkunu qegħdin inħarsu 'l quddiem meta, jekk il-Bambin irid, tgħaddi l-imxija u l-effetti tagħha, il-Knisja tikkonsidra l-possibilità li f'Għawdex tilħaq il-persuni li jitolbuha l-għajnuna jew il-persuni li għandha fi ħsiebha li tagħtihom l-għajnuna billi tinvesti aktar fil-mezzi virtwali? Jekk dan hu possibbli, x'sostenn jista' jagħti l-istat lill-Knisja biex dawn is-servizzi jkomplu jiġu offruti b'dawn it-tip ta' mezzi?

IĊ-CHAIRPERSON: Fr Curmi.

FR GIOVANNI CURMI: Il-kategoriji li jintlaqtu l-iktar huma dawk li diġà huma vulnerabbli. Kif qalet l-Onor. Caruana, il-problemi jiżżewġu. Is-social workers jgħidulna *we had multi-stressed families*. Nista' nagħti l-eżempju ta' familja *single parent* li għandha *computer* wieħed u fid-dar hemm żewġt itfal. Fl-għeluq tal-pandemija l-iskola talbithom isegwu *online,* imma *computer* wieħed biss għandhom, allura kien diffiċli biex żewġt itfal isegwu fl-istess ħin dak li l-iskejjel kienu qegħdin jitolbuhom *online*.

Hemm ukoll tfal li kienu segwiti minn LSEs u li l-ġenituri ma jkunux kapaċi jgħinuhom. Dawn it-tfal batew iktar. Hemm eventwalitajiet oħra fejn hemm diġà problemi oħrajn u dawn jiżdiedu bħalma kien il-każ ta' min tilef l-impjieg. Jiġifieri jekk għandek persuna waħda li qed idaħħal il-flus għall-familja u dik il-persuna mhux taħdem, allura l-problema tikber. Kellna persuni barranin fis-settur tat-turiżmu jew fil-*catering* li tilfu l-impjieg u allura tiġi problema ikbar.

Dwar żoni, naħseb Marsalforn hija l-ikbar *area,* imma permezz tas-*social workers* nafu li l-problemi huma ftit jew wisq kullimkien. Forsi huma xi ftit moħbijin ukoll. Għalhekk huwa importanti li jkollna aktar kapaċità ta' *reaching out* u ta' *referral* għas-servizzi li xi drabi diġà hemm. Xi drabi aħna bħala Knisja rridu nsiru nafu iktar dwar dawn is-servizzi.
Dwar servizzi virtwali li tista' toffri l-Knisja iktar 'il quddiem, kellna pjan li bħalissa ġie mpoġġi xi ftit fil-ġenb sakemm nistennew il-ħatra tal-Isqof il-ġdid. lrridu nittrasformaw is-servizzi tagħna u forsi nagħmluhom ftit iktar professjonali f'dik id-dar li għaddewlna s-sorijiet Dumnikani li kienet isservi bħala dar tal-anzjani. Din irridu nirristrutturawha b'mod professjonali.

Għandna xi servizzi, pereżempju għandna tabib jew tobba jew xi avukati li joffrulna s-servizzi tagħhom b'xejn meta jkun hemm każijiet ta' bżonn u aħna nirreferulhom il-każi meta jkun hemm bżonn. Allura għandna diġà servizzi hekk. Ovvjament mhux se noqogħdu nitkellmu fuqhom għaliex dawn huma affarijiet privati, imma jekk niltaqgħu ma' persuni li għandhom bżonn tabib jew bżonn ta' servizz ta' avukat, nafu fejn għandna nirrikorru. Illum m'għadux iż-żmien li twaqqaf uffiċċju tat-tabib tal-foqra jew tal-avukat tal-foqra, imma b'mod diskret takkumpanja persuna jew tgħidilha fejn għandha tmur biex persuna professjonista tagħtiha s-servizz fil-privat.

Aħna nixtiequ ntejbu s-servizzi tagħna. Għal dawn l-aħħar snin ħdimna ħafna anke mal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll ma' diversi ministeri u mal-isptar biex noffru r-riżorsi tagħna bħalma huma l-proprjetajiet. Pereżempju studenti li m'għandhomx mezzi ta' *networking,* ta' servizzi ta' *computers* kif ukolll ta' *wi-fi* ikunu jistgħu jingħataw dan is-servizz miċ-Ċentru taċ-Ċawla. Aħna, fejn nistgħu, ngħinu bil-qalb kollha u qegħdin insibu ħafna kollaborazzjoni anke min-naħa tal-Istat f'dan ir-rigward. Iktar ma' naħdmu u ninvestu, anke bħala Knisja, dejjem aħjar.

IĊ-CHAIRPERSON: Fr Curmi, l-Onor. Kevin Cutajar se jagħmel punt żgħir ta' kjarifika. L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Punt żgħir ta' kjarifika. Ovvjament is-suġġett li qed jiddiskuti l-Kumitat bħalissa huwa l-COVID-19 u l-effetti

tiegħu fuq Għawdex. Minn kemm ilha li bdiet l-imxija ta' COVID-19, iż-żieda fil-problemi fejn jidħlu *social cases* kif nistgħu niddeskrivuha? Kien hemm żieda qawwija? Żieda moderata? Kif wieħed jista' jiddeskriviha? Tista' tagħti xi numri?

FR GIOVANNI CURMI: Le, ċifri m'għandix, però mill-ftit esperjenza li għandi nista' ngħid li aħna kellna grupp ta' nies lokali u barranin li normalment kienu jintlaħqu mill-Caritas tal-Kurja. Qegħdin nipprovaw naħdmu b'mod differenti, jiġifieri flok in-nies jiġu jittallbu l-karità u nagħtuhom l-ikel, il-ħwejjeġ, il-boroż u l-ħrieqi, nagħtuhom xi ħaġa tal-għajnuna, nipprovaw ngħinuhom isibu xogħol - ovvjament mhux bħalissa – u qegħdin nipprovaw naħdmu b'mod differenti billi aħna mmorru għandhom. Dan qed nagħmluh l-iktar permezz tas-*social workers* li diġà hemm. Semmejna li hawn nuqqas ta' social workers. Aħna m'għandniex nuqqas u rrid nenfasizza li aħna naħdmu ħafna mill-qrib mas-*social workers*. Aħna min-naħa tal-Knisja għandna kuntatt tajjeb mas-*social workers* tal-iskejjel tal-Istat, tal-Isptar Ġenerali, tal-Ministeru u anke tal-FSWS. Aħna nirreferu lilhom u huma jirreferu lilna, speċjalment f'dawk li huma provvisti li nistgħu nagħtu.

Irrid ngħid li ċerti problemi ġew *highlighted* u oħrajn żdiedu u fosthom semmejna l-i*stress,* li milli jgħiduli żdied l-aktar fejn intilfu l-impjiegi. Ovvjament hemm każijiet li huma *multi-stress*. Hemm każijiet, kif semmiet l-Onor. Caruana, fejn hemm problema ta' *management* tal-familja. Lil min għandu problema li ma jafx jimmaniġja l-flus trid tgħinu mhux sempliċement billi tagħtih il-flus biex jixtri l-affarijiet, imma b'xi ħaġa oħra.

IĊ-CHAIPERSON: Jidher li għandna diffikultajiet tekniċi, però s-suġġett iddiskutejnieh b'mod eżawrjenti. Nirringrazzja lil Fr Giovanni Curmi tal-preżentazzjoni tiegħu u tal-informazzjoni li għoġbu jgħaddi lill-Kumitat.

Issa ngħaddu għall-aħħar intervent li għandna llejla mis-Sur Elvin Grech mill-Gozo Sports Board, biex jagħtina *overview* tas-suġġett sportiv fil-kuntest tal-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem.

Sur Grech, għandek għaxar minuti biex tagħmlilna preżentazzjoni, imbagħad ngħaddu għad-diskussjoni.

IS-SUR ELVIN GRECH (Gozo Sports Board): L-ewwel nett insellmilkom u nirringrazzjakom tal-opportunità u nispera li nkun konċiż kemm jista' jkun biex ninftiehem b'mod ċar kemm magħkom kif ukoll mat-telespettaturi. L-isports f'Għawdex diġà kien *challenge* minnu nnifsu u naħseb meta wieħed jikkonsidra l-fatt li hemm daqshekk dixxiplini fi gżira tant żgħira, kien ukoll *challenge* kbir. Il-COVID-19 kompla żied dan iċ-*challenge* b'mod kbir. Ħafna mill-għaqdiet tagħna huma żgħar - ikkonsidrati li jirrappreżentaw sport żgħir – u huma bbażati fuq nukleu żgħir ta' voluntiera. Jekk dan in-nukleu jitnaqqar anke b'mod żgħir, jista' jkun li dik id-dixxiplina ma tkunx tista' tkompli għaddejja kif wieħed jixtieq.

Il-COVID-19 ġab miegħu diversi sfidi li kienu imprevedibbli. L-ewwel waħda kienet li ngħalqu l-i*stadiums* u l-kumplessi. Dan ġab sitwazzjoni li waqqaf kompletament l-attività tal-għaqdiet sportivi f'Għawdex. Ma' dan wieħed irid jikkonsidra li l-ispejjeż amministrattivi u s-salarji ta' *players, coaches* u amministraturi dejjem qed jiżdiedu maż-żmien. Meta bil-COVID-19 ma setgħux jiġu organizzati attivitajiet tal-massa, naqas id-dħul tal-*gates* u ma setgħux jiġu organizzati aktar attivitajiet biex jiġi ġġenerat ammont ta' flus li jagħmel tajjeb għal dawn il-pagi. Dan ġab lill-*clubs* f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja għax dawn ikunu marbutin kuntrattwalment mal-*players* li jkunu professjonali jew semi-professjonali u mal-*coaches*. Fis-sajf ħafna minn dawn il-*clubs* is-soltu jorganizzaw attivitajiet relatati anke mal-festa, fosthom *barbecues* biex jipprovaw jiffinanzjaw l-ispejjeż li jkunu għamlu matul l-istaġun sportiv kif ukoll ifaddlu xi ħaġa biex l-istaġun ta' wara jkollhom biex jibdew u jkomplu bir-rota għaddejja però kif ġiet is-sitwazzjoni li l-festi mhux se jsiru u attivitajiet tal-massa ma jistgħux isiru, dawn tħarbtu xi ftit ukoll u hemmhekk reġa' naqas l-introjtu finanzjarju tagħhom.

Daqqa oħra kienet li l-asoċjazzjonijiet Għawdxin mhux se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn għajnuniet li jagħtu konfederazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali għaliex huma assoċjazzjonijiet reġjonali. Ħafna minnhom mhux se jkunu

jistgħu jibbenefikaw minn din l-għajnuna biex ikomplu jtaffu xi ftit mill-ispejjeż relatati ma' dawn il-pagi li issa ġew problema fuqhom. S'intendi dan ifisser li mhux se jkunu f'pożizzjoni li jonoraw il-kuntratti tal-istaġun preċedenti kif ukoll mhux se jkollhom ammont ta' flus biex ikunu jistgħu jibdew fl-istaġun sportiv jew fil-kalendarju sportiv li ġej.

Dwar in-*nurseries* inħolqu problemi wkoll peress li dawn waqfu. Aktar ma jdumu weqfin mit-taħriġ aktar ikun diffiċli sabiex terġa' ġġib lit-tfal lura fid-dixxiplini sportivi u ħafna *nurseries* kienu jgħinu lill-*clubs* il-kbar biex ikomplu għaddejjin billi jtellgħu lit-tfal u jekk ma jkollokx *nursery* tajba ma jistax ikollok sport tajjeb.

L-ispejjeż fin-*nurseries* żdiedu wkoll għax bħal kulħadd, il-ġenituri jippretendu li t-tfal ikunu f'ambjent tajjeb, ikollhom faċilitajiet sportivi mill-aqwa - u bir-raġun u ma nagħtihomx tort - però l-volontiera qegħdin jonqsu. Il-volontiera qegħdin jonqsu għal żewġ raġunijiet prinċipali. L-ewwel nett il-ħin u t-tieni l-uġigħ ta' ras li wieħed ikollu sabiex jiffinanzja l-attività sportiva, jiġifieri biex iħallas lill-*coaches*, l-amministraturi, eċċ.

Min-naħa l-oħra, ma rridux inpinġu kollox iswed. Hemm tipi ta' sport individwali bħalma huma *motor cross*, żwiemel, *auto cross* u sparar li f'dawn l-aħħar snin iffjorixxew u ġewwa Għawdex mhux se jkun daqshekk diffiċli biex nerġgħu ningranaw fihom peress li ħafna minn dawn l-attivitajiet xi ftit jew wisq ikomplu għaddejjin peress li t-taħriġ tagħhom huwa individwali. Dawn jistgħu jerġgħu jibdew qabel ma jibda *contact sports* peress li wieħed jitħarreġ waħdu jew jista' jagħmel it-taħriġ waħdu. Hemmhekk se tkun inqas diffiċli biex nerġgħu ningranaw u nerġgħu ntellqu r-rota f'dak li għandu x'jaqsam dawn id-dixxiplini.

Nemmen li fix-xhur li ġejjin se tkun iebsa sabiex dawk il-*clubs* u assoċjazzjonijiet li nħolqu f'dawn l-aħħar snin bil-ħidma tal-iSports Board ikollhom ir-riżorsi umani kif ukoll finanzjarji sabiex ikomplu joperaw b'mod adegwat u b'mod effettiv. Qed jitħejja pjan ta' għajnuniet lill-għaqdiet sportivi u hawnhekk wieħed jifhem speċifikament lil kull għaqda jew *club* dwar x'għandu bżonn biex ikun jista' jkompli jagħti servizz lit-tfal u ż-żgħażagħ. Aħna, bħala Sports Board konna noffru diversi programmi bħal *On the Move* u flimkien ma' SportMalta issa rridu naraw kif se nirranġaw u kif se nippjanaw biex jekk jista' jkun naqsmu t-tfal fi gruppi żgħar. Naraw x'se jkunu s-suġġerimenti tas-Superintendent tas-Saħħa Pubblika sabiex inkomplu għaddejjin noffru t-taħriġ jew għajnuna lil dawn it-tfal u n-*nurseries*.

Għaldaqstant nemmen li r-rwol tal-Sports Board fix-xhur li ġejjin se jkun essenzjali għas-sopravivenza ta' dawk id-dixxiplini hekk imsejħa żgħar. B'dan il-mod il-Gvern jista' jgħin b'diversi skemi li jkunu maħsubin għad-dixxiplini żgħar li għalihom is-sopravivenza dejjem tkun *on the borderline*. Kemm ir-riżorsi umani kif ukoll riżorsi finanzjarji tagħhom dawn ikunu limitatissimi u kull naqra tgħin jew tiżbilanċja l-ħidma tagħhom.

Meta wieħed jikkonsidra kollox, jekk wieħed jagħmel pjan serju fejn dawn l-għaqdiet jiġu *tackled* waħda waħda, jew *club club,* sabiex inkunu nistgħu nagħtuhom l-għajnuna li għandhom bżonn nemmen li fix-xhur li ġejjin se nkunu nistgħu nsalvaw dak li tant ħdimna għalih biex dawn jinħolqu f'Għawdex u noffru diversi dixxiplini lit-tfal Għawdxin. Nemmen li t-tfal Għawdxin għandu jkollhom l-istess possibilitajiet ta' sports varju li jistgħu jipprattikaw fit-tfulija tagħhom. Mhux bilfors iridu jkomplu jew ikunu professjonisti imma jiena nemmen li aħna għandna nagħtuhom il-possibilità li jagħżlu u l-ġenituri qegħdin dejjem jikkonkorru. Fil-fatt, meta wieħed jara n-numri u ċ-ċifri fil-programmi li jiġu organizzati matul is-sajf u anke fix-xitwa jsib li kull sena qegħdin jiżdiedu għax aktar ma toffri dixxiplini aktar qegħdin jikkonkorru tfal. Tibqa' mistgħaġeb kif f'kull dixxiplina jkun hemm ammont konsiderevoli ta' tfal, u b'xi mod jew ieħor irridu naraw kif se nibqgħu nagħtu dan is-servizz lil uliedna u lill-komunità Għawdxija. Nirringrazzjak.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi, Sur Grech, mhux biss tal-preżentazzjoni imma wkoll tal-ħidma b'risq l-isports f'Għawdex. Inti semmejt il-pjan. Aħna, bħala Kumitat, se noħorġu rapport li fih mhux biss se jkun hemm l-interventi imma wkoll ir-rakkomandazzjonijiet u allura filwaqt li napprezza li llum tkellimt b'mod inġenerali, nitolbok f'isem il-Kumtiat biex tagħtina tressaq tliet rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat biex ikunu jistgħu jiġu implimentati.

Dwar l-isports inġenerali, għalkemm b'mod professjonali kien hemm sfidi, fuq bażi individwali u fuq bażi wkoll ta' *general wellbeing* bdejna naraw aktar nies jagħmlu eżerċizzju fiżiku minn ġod-dar jew permezz ta' passiġġati. Il-ġimgħa l-oħra kellna l-Gozo University Group li qalulna li peress li l-*lectures* kienu qegħdin isiru bil-*video conferencing*, aktar studenti kienu qegħdin jagħmlu l-passiġġati. Jekk wieħed idur it-toroq tagħna jara ħafna nies li jkunu qed jippassiġġaw. Apparti minn hekk, rajna wkoll u smajna lill-Mental Health Association Gozo li qalulna li minħabba l-COVID l-i*stress* żdied. Wieħed mill-mezzi kif wieħed jikkumbatti dan l-i*stress* bħala *stress management* huwa permezz tal-isport u rajna li kien hemm anke sessjonijiet ta' eżerċizzji fuq fuq it-*television*, anke mmirati lejn l-anzjani. Dan bħalma hemm stazzjonijiet oħra barra li kienu qegħdin ixandru dawn is-sessjonijiet biex in-nies ikunu jistgħu jsegwuhom mid-dar.

Bħala Sports Board għandkom xi ideat jew suġġerimenti dwar dan, jew forsi xi sessjonijiet simili li wieħed jista' jagħmel biex ikun qed jippromwovi aktar l-i*sports* ovvjament fuq bażi individwali? Fuq bażi professjonali wieħed irid ikun aktar iffokat u allura huwa importanti li dan il-pjan li qed issemmi jkun daqsxejn speċifiku. Inti hawnhekk ġejt imsejjaħ bħala l-espert fil-qasam, jiġifieri nistennew mingħandek li tagħtina b'mod konkret xi indikazzjonijiet jew forsi xi rakkomandazzjonijiet.

Ngħaddi issa għall-mistoqsijiet tal-kollegi tiegħi biex imbagħad inkunu nistgħu nagħlqu din il-laqgħa. Nibda mill-Onor. Said li se jagħmel l-ewwel intervent. Sur Grech, kif tippreferi, twieġeb il-mistoqsijiet mill-ewwel wara kull intervent, jew twieġeb ta' kulħadd fl-aħħar?

IS-SUR ELVIN GRECH: Wieħed wieħed tajjeb.

ONRO. CHRIS SAID: L-ewwel nett nirringrazzjawk tal-preżentazzjoni li għamilt. Inti tkellimt dwar il-bżonn li jkun hemm pjan għal kull sport f'Għawdex. Il-Gozo Sports Board konkretament x'qed jagħmel biex jgħin lill-assoċjazzjonijiet jew lill-għaqdiet sportivi jħejju dan il-pjan. X'*input* qed jagħti l-Gozo Sports Board biex dawn il-pjanijiet isiru? Naqbel miegħek li hemm bżonn pjan għal iżjed minn xenarju wieħed għax nafu li jista' jkollna xenarji differenti fix-xhur li ġejjin u allura huwa importanti li kull assoċjazzjoni jkollha pjan għal diversi xenarji.

Ftit ilu hawnhekk kellna lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni li ppreżentalna numru ta' xenarji li qed jaħdmu fuqhom biex jilqgħu għal dak li jista' jiġri fix-xhur li ġejjin; ħalli ma jkunx hemm il-ħtieġa li jintużaw. X'qed jagħmel il-Gozo Sports Board flimkien mal-assoċjazzjonijiet u l-*clubs* ta' diversi dixxiplini sportivi biex jitħejja dan il-pjan? Qed isiru laqgħat magħhom? X'għajnuna qed tingħata?

Tkellimt ukoll dwar il-bżonn ta' għajnuniet finanzjarji lil assoċjazzjonijiet u lil *clubs* fid-diversi dixxiplini sportivi. Inti tajt ir-raġunijiet għalfejn nixfu għax ma jistgħux jorganizzaw ċerti attivitajiet. Issa li deħlin fit-tieni fażi, jiġifieri li ċertu sports jista' jibda jsir, il-Gozo Sports Board ħadem fuq baġit li hemm bżonn? Għamel talba speċifika lill-Ministeru għal Għawdex, lill-Ministeru responsabbli mill-Isports u fl-aħħar mill-aħħar lill-Gvern biex ikun hemm baġit speċifiku bħala l-ammont li jrid jintuża biex jgħin lil dawn l-għaqdiet u l-assoċjazzjonijiet? Jekk għadu ma sarx, meta taħseb li se jkun finalizzat dan il-baġit u kif tista' tingħata din l-għajnuna?

It-tielet punt hu dwar Skola Sport. Meta huwa *envisaged* li tibda? Ovvjament naqblu li hemm bżonn li jkun hemm protokolli partikolari, però hemm bżonn li dawn it-tfal jingħataw l-opportunità li jattendu Skola Sport.

L-aħħar punt huwa dwar il-Gozo Sports Complex. Nhar il-Ġimgħa l-i*sports complexes* f'Malta se jkunu qegħdin jinfetħu għal ċertu sports, mhux għall-isports kollu imma b'mod partikolari għal sports individwali u għal *non-contact sports* jew sports li l-ammont ta' nies li jinvolvi ma jaqbiżx ċertu numru. Irċevejt ilmenti li jidher li nhar il-Ġimgħa l-iSports Complex t'Għawdex mhux se jiftaħ għall-pubbliku. Dan huwa minnu? Meta hu *envisaged* li jiftaħ il-Gozo Sports Complex, li huwa l-uniku kumpless sportiv li għandna f'Għawdex, biex ikun jista' jintuża mill-pubbliku sportiv Għawdxi?

IS-SUR ELVIN GRECH: Onor. Said, inti semmejt erba' punti, il-baġit, il-pjan, Skola Sport u l-Kumpless Sportiv u se nipprova nkun ċar fuqhom. Dwar baġit, aħna bħala Sports Board qegħdin naraw x'inhu t-telf ta' kull *club* u

entità, x'inhuma n-neċessitajiet li għandhom biex ikunu jistgħu joperaw fil-futur u minn hemmhekk se noħorġu b'rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru għal Għawdex sabiex, dejjem jekk ikun hemm qbil dwarhom, jingħataw għajnuna biex ikunu jistgħu jkomplu għaddejjin bil-ħidma tagħhom.

Il-pjan tagħna huwa li sal-aħħar ta' dan ix-xahar inkunu lesti bi pjan, baġit, fuq kull dixxiplina sportiva sabiex kemm jista' jkun kull għajnuna tkun qed tolqot dik id-dixxiplina partikolari u ma jkun hemm l-ebda dixxiplina li ma tibqax topera f'Għawdex.

Dwar Skola Sport, fl-aħħar snin dejjem organizzajnieha flimikien ma' Sport Malta. Aħna nieħdu ħsieb in-naħa ta' Għawdex. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet fuq il-programm tas-sajf u fil-jiem li ġejjin suppost li jiġi varat il-programm tas-sajf għat-tfal Għawdxin.

Dwar il-Kumpless Sportiv, bħalissa l-Gvern ċentrali deherlu li kellu bżonn jintuża mill-Protezzjoni Ċivili minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 u ma nistax nagħti dati jien dwar meta l-Protezzjoni Ċivili se joħorġu mill-Kumpless Sportiv. Għaldaqstant jiddispjaċini li fuq din ma nistax nirrispondi.

ONOR. CHRIS SAID: Jiġifieri mhux se jiftaħ għall-pubbliku nhar il-Ġimgħa.

IS-SUR ELVIN GRECH: M'iniex informat dwar meta se joħorġu l-Protezzjoni Ċivili mill-Kumpless Sportiv.

ONOR. CHRIS SAID: Jiġifieri sakemm ikun hemm il-Protezzjoni Ċivili hemmhekk ma jistax jintuża għal skopijiet sportivi.

IS-SUR ELVIN GRECH: Hekk naħseb.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sur Grech, grazzi ħafna tal-preżentazzjoni tiegħek u talli għoġbok tingħaqad magħna llejla. Se nistaqsik żewġ mistoqsijiet min-naħa tiegħi u t-tnejn huma relatati mal-kwestjoni tal-COVID-19. Fil-preżentazzjoni tiegħek semmejt, jekk fhimtek tajjeb, li minħabba ċerti ċirkostanzi l-*clubs* jew l-assoċjazzjonijiet f'Għawdex mhux se jkun possibbli għalihom li jikkwalifikaw għal xi fondi internazzjonali. Fhimtek sew?

IS-SUR ELVIN GRECH: Onor. Cutajar, ir-raġuni hija waħda demografika. L-assoċjazzjonijiet internazzjonali jirrikonoxxu biss lill-assoċjazzjoni nazzjonali. Mela jekk qed nitkellmu dwar *football*, ħalli wieħed jifhimni żgur, l-UEFA ma tirrikonoxxix lill-Gozo Football Association imma tirrikonoxxi lill-Malta Football Association u allura l-għajnuna tagħha tagħtiha lill-Malta Football Association. Fiċ-ċirkostanzi kull assoċjazzjoni nazzjonali għandha l-problemi tagħha u l-ewwel kulħadd isolvi l-problemi tiegħu, imbagħad isolvi l-problemi ta' ħaddieħor. Fl-isports l-istess; il-problema li se jiltaqgħu magħha l-assoċjazzjonijiet Għawdxin hija li huma reġjonali għax jorganizzaw *league* reġjonali, jiġifieri *league* għall-*clubs* Għawdxin. Il-*clubs* tagħhom mhux se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn għajnuniet mingħand dawn il-konfederazzjonijiet sabiex jagħmlu tajjeb għat-telf li jiġi minn ħlas ta' kuntratti.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Inti semmejt il-bżonn ta' għajnuna u skemi min-naħa tal-Gvern. Nifhem li l-bżonn prinċipali huwa ta' fondi biex il-*clubs* u l-assoċjazzjonijiet ikunu jistgħu jkomplu bix-xogħol tagħhom, però forsi jkun utli kemm għalikom kif ukoll għal dan il-Kumitat li wieħed ikun jista' jissuġġerixxi inizjattivi li jistgħu jkunu ta' għajnuna. Forsi jkun utli wkoll li bħala qasam sportiv f'Għawdex – u din tapplika għal kull qasam imma la qegħdin nitkellmu fuq sports ovvjament irridu niffokaw fuq dan il-qasam - minflok wieħed jikkonċentra biss fuq il-bżonn ta' aktar fondi, forsi wieħed jiffoka aktar fil-wisa' u jitlob aktar riżorsi li diġà għandu l-istat u jista' jagħti jew jikkonċedi lill-qasam sportiv biex ikun jista' jibbenefika minnhom u jkunu ta' sostenn ħalli l-*clubs* u l-assoċjazzjonijiet ikunu jistgħu jkomplu jimxu bil-ħidma tagħhom. Ikkonsidrajtuha din? Taħsbu li hija fattibbli min-naħa tagħkom?

IS-SUR ELVIN GRECH: Aħna qed naraw li n-neċessitajiet tal-għaqdiet u l-*clubs* sportivi huma prinċipalment tlieta. Nafu li r-riżorsi umani qegħdin jonqsu, peress li qed tkun dejjem aktar diffiċli *to run the club* minħabba l-*constraints* finanzjarji u minħabba li l-volontarjat xi ftit jew wisq qed jonqos kullimkien, anke f'Għawdex. Dan qed jaffettwa t-tmexxija tal-*clubs*.

Min-naħa l-oħra, bħalissa jekk huma għandhom problemi li jkunu problemi li jridu jsolvu b'mod immedjat għax ikunu maqbudin f'kuntratti li ma jistgħux iħallsu, irridu naraw kif se ngħinuhom sabiex dawn jew iħallsu parzjalment jew bin-nifs jew inkella naraw kif se nsolvu l-problema minħabba l-fatt li dawn ma jistgħux jiġġeneraw dħul biex jagħmel tajjeb għall-kuntratti li daħlu fihom għall-istaġun sportiv li għadda. Kwalunkwe riżorsa hija utli għall-isports f'Għawdex u allura naqbel miegħek li kollox irid jiġi kkonsidrat. Nerġa' ngħid, nemmen li kull riżorsa hija utli.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi, Sur Grech, tal-parteċipazzjoni tiegħek u nawguralek u nirringrazzjak għall-ħidma tiegħek. Min-naħa tagħna wasalna biex nikkonkludu. Laqgħa oħra tal-Kumitat hija skedata għal bħal-lum ġimgħa. Fil-frattemp irċevejt suġġetti mill-Ministru Camilleri biex jiġu diskussi f'laqgħat oħrajn, fosthom it-turiżmu u inizjattivi biex inġibu x-xogħol f'Għawdex. Min-naħa tiegħi nixtieq nissuġġerixxi li niddiskutu l-i*state aid issues.* Naħseb qabel ma nibdew niddiskutu dawn l-affarijiet ikun aħjar li nidħlu fi kwestjonijiet ta' *state aid*, anke *in vista* tal-punti li qajmu kemm il-Gozo Business Chamber kif ukoll il-Gozo Tourism Association biex inkunu nistgħu nistradaw diskussjonijiet oħra.

Il-Kumitat huwa aġġornat għal nhar it-Tlieta, 9 ta' Ġunju 2020 fl-4.30 p.m. meta se nkomplu niddiskutu l-Impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Nirringrazzja lil dawk kollha li kienu magħna.

Fis-6.57 p.m. il-Kumitat aġġorna.

12.6 Appendiči 6

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX
(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 6
It-Tlieta, 9 ta' Ġunju 2020

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 6
It-Tlieta, 9 ta' Ġunju 2020

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.47 p.m.

MINUTI

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 5, li saret fit-2 ta' Ġunju 2020, ġew ikkonfermati.

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Justyne Caruana): Nilqagħkom għal din il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex. Nilqa' lil dawk kollha li qegħdin isegwuna *online* kif ukoll lil dawk it-telespettaturi li se jkunu qegħdin isegwu x-xandira tal-Kumitat fuq l-istazzjoni televiżiv tal-Parlament. Nieħu l-opportunità biex lil dawk li se jkunu qegħdin jintervjenu nfakkarhom li dawn huma laqgħat pubbliċi u d-dokumenti kollha li se jkunu qed jiġu prodotti jew esebiti huma wkoll dokumenti pubbliċi li jistgħu jintużaw ukoll minn persuni oħrajn fosthom ukoll membri tal-istampa li wkoll perjodikament qed jitolbuna materjal informattiv.

Ngħaddi issa għall-kontinwazzjoni tal-item li konna qed niddiskutu fil-laqgħat preċedenti li huwa l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem.

L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ GĦAWDEX U T-TRIQ 'IL QUDDIEM (KONT.)

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: F'xi ħin se jkolli nitlobkom tiskużawni minn din il-laqgħa.

IĊ-CHAIRPERSON: Niskużak. Grazzi tal-informazzjoni.

Illum għandna fostna lis-Sur Joe Borg, il-President tal-Gozo Business Chamber li diġà kien magħna fl-ewwel laqgħa imma peress li kellna diskussjoni pjuttost estensiva ma kellniex l-opportunità li nagħmlu d-diskussjoni wara l-preżentazzjoni. Imbagħad se jingħaqdu magħna is-Sur Michael Galea, Viċi President tal-Gozo Business Chamber u s-CEO Daniel Borg. Għandna wkoll permezz ta' *video call* lis-Sur Joe Muscat, CEO tal-Gozo Tourism Association u għan-nom ta' Steward Healthcare Malta se jkollna *video call* ma' Dr Nadine Delicata li wkoll hija *Chief Executive* u President. Ovvjament imbagħad inkunu nistgħu nkomplu bid-diskussjoni.

L-ewwel se nistieden lis-Sur Joe Borg biex jingħaqad magħna ħalli nkunu nistgħu nibdew bid-diskussjoni. Sur Borg, grazzi talli ngħaqadt magħna. Naħseb li inti kont l-ewwel wieħed li żanżant dan il-Kumitat u għamiltilna preżentazzjoni fl-ewwel laqgħa. Ovvjament minn dakinhar 'l hawn rajna affarijiet ġodda, rajna wkoll progress u allura ħafna affarijiet li ddiskutejna ġew indirizzati jekk mhux b'mod totali, imma b'mod estensiv. Qabel nibdew nistaqsuk nitolbok forsi taġġornana ftit fuq il-pożizzjoni li kont ħadt fl-ewwel laqgħa biex imbagħad inkunu nistgħu niżvolġu d-diskussjoni min-naħa tagħna.

IS-SUR JOE BORG (President, Gozo Business Chamber): Nirringrazzjakom għal darba oħra tal-istedina tagħkom. Ġibduli l-attenzjoni li huwa importanti li d-dokument li ppreżentajtielkom dakinhar, li kien l-istrateġija u l-*policy document* tal-*post* COVID-19 inressqu fuq il-mejda tal-Kumitat b'mod formali u għalhekk qed nagħmel dan bħalissa.

Dakinhar kien il-5 ta' Mejju, u jekk wieħed jiftakar, tlett ijiem wara l-Unjoni Ewropea

għamlet estensjoni tat-*temporary framework* u f'dik l-estensjoni l-Kummissjoni Ewropea qalet espliċitament li tixtieq li t-toroq prinċipali li jieħdu l-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea biex jirkupraw mill-COVID-19 ikunu tnejn. Jiġifieri tridna nimxu fuq żewġ binarji, l-ewwelnett id-diġitilizzazzjoni u t-tieni li jkollna ekonomija mibnija fuq enerġija rinovabbli. Dawn kienu ż-żewġ punti li fuqhom jien ibbażajt id-diskors tiegħi dakinhar. Dak kollu li għedna dakinhar kien konfermat minn dak li tixtieq il-Kummissjoni Ewropea stess għall-pajjiżi tal-UE u huwa dak li qed tissuġġerixxi. Ilbierah imbagħad kellna l-*mini budget* li qed jorjenta lill-pajjiż għal *post*-COVID-19.

Innutajt li dan il-*mini budget* qiegħed jagħmel ħafna proposti pożittivi f'dak li għandu x'jaqsam ma' *short term strategy*, jiġifieri l-mod kif immedjatament se noħorġu mill-impatt li ħalliet din jl-pandemija, imma mhuwiex qiegħed jagħti idea *long term* ta' kif nistgħu noħorġu u nirriġeneraw l-ekonomija wara l-COVID-19.

Aħna ddiskutejna kemm hawnhekk kif ukoll ma' Ministri oħra dwar il-bżonn li Għawdex jingħata inċentivi partikolari għaliex minkejja li Għawdex jagħmel parti minn Malta, l-ekonomija tiegħu hija indipendenti minn ta' Malta u hija bbażata kompletament fuq it-turiżmu. Fil-fatt 50% tal-prodott gross domestiku Għawdxi huwa bbażat fuq it-turiżmu. Huwa għal hekk li Għawdex intlaqat b'mod iktar qawwi minn din il-pandemija, u għal hekk aħna *long term* qed nistennew li Għawdex ikollu programmi li huma ferm iktar b'saħħithom minn dawk li qed jiġu proposti nazzjonalment. Aħna għamilna diversi proposti li nixtiequ li jitwettqu.

Ilbierah pereżempju ssemma li l-pubbliku Malti se jingħata *voucher* ta' €100 u ntqal li indirettament dawn se jintnefqu Għawdex. Biex din il-proposta tkun effettiva u Għawdex jieħu benefiċċju minnha għaliex ma nagħtux lil dawk li se jiġu jonfqu l-flus tagħhom Għawdex il-biljett b'xejn tal-Gozo Channel?

It-tieni nett innutajna wkoll li ġie ripetut anke f'dan il-*mini budget* li t-taxxa dwar trasferiment tal-proprjetà ġiet mnaqqsa b'mod qawwi f'Malta. Aħna rajna li meta din it-taxxa ġiet imnaqqsa minn 5% għal 2% fiż-żmien meta inti kont Ministru, din kellha benefiċċju qawwi immens għal Għawdex. Fil-proposti tagħna aħna xtaqna li din ir-rata titnaqqas ulterjorment għal 1% jew 0.5%. Għaliex din ma ġietx trattata anke f'dan il-*mini budget* biex Għawdex jibqa' jkollu dak l-inċentiv iktar qawwi minn Malta? Issa għal alta kollha ġiet 1.5% imma aħna nixtiequ li għal Għawdex dik ir-rata titnaqqas ulterjorment.

It-tielet ħaġa, il-Ministru Schembri semma diversi proġetti ta' natura infrastrutturali. Jekk fhimt sew il-bierah qal li madwar €800 miljun li se jintnefqu biex Malta toħroġ mill-impatt ta' din il-pandemija. Minn dawn €800 miljun jien ma fhimt li hemm l-ebda proġett li se jolqot effettivament lil Għawdex. Għaliex dan? Aħna nixtiequ li Għawdex jingħata iktar minn dak li jixraqlu. Ma nixtiqux li Għawdex jibqa' kif ġara f'dawn l-aħħar snin taħt diversi gvernijiet, fejn jingħata frazzjoni tal-investiment. Statistika li ħarġet dan l-aħħar minn mistoqsija parlamentari turi li Għawdex qed igawdi biss minn 1.5% jew 2% tal-infiq kapitali, tal-investiment kapitali li jsir fin-nazzjon kollu. Jiġifieri s'issa Għawdex qed ikun diskriminat b'mod qawwi. Għawdex għandu bżonn diskriminazzjoni pożittiva mhux negattiva, jiġifieri jekk l-infiq ta' Għawdex bid-dritt tiegħu hu 10% biex l-ekonomija ta' Għawdex inqajmuha u tirpilja u tilħaq dik ta' Malta, hemm bżonn li nagħmlu diskriminazzjoni pożittiva favur Għawdex.

Ilbierah issemma wkoll li se jkun hemm *low carbon development strategy* li hija l-istrateġija mħabbra f'Ottubru. Ovvjament din hija xi ħaġa tajba ħafna għan-nazzjon u l-proposti tagħna li ppreżentajt fil-laqgħa tal-5 ta' Mejju juru dan, imma nixtiequ li din l-istrateġija tiġi applikata b'mod partikolari anke għal Għawdex. Hawn ukoll irid ikun hemm diskriminazzjoni pożittiva f'dan is-sens biex Għawdex jagħmel tajjeb għan-nuqqas li għandu lum.

L-aħħar ħaġa hija d-diġitalizzazzjoni. Aħna dakinhar meta tkellimna fil-Kumitat tal-Kamra semmejna u ktibna kif Għawdex għandu jiġi inċentivat f'dik li hija diġitalizzazzjoni. Il-fatt li issa għandna t-tieni *fibre optic cable* huwa xi ħaġa tajba u sar anke l-*innovation hub* li qiegħed hemmhekk imma kif ġiet il-pandemija dan waqaf. Aħna nixtiequ li jingħataw l-inċentivi li aħna pproponejna biex id-diġitalizzazzjoni effettivament tiġi f'Għawdex. Semmajna *tax holidays* u semmajna wkoll inċentivi u *rebates* fuq il-kera. Jekk dawn l-affarijiet mhux se jsiru, Għawdex se jibqa' kollox l-istess. Aħna rridu li l-affarijiet jiġu attwati biex effettivament niddiversifikaw l-ekonomija Għawdxija.

Għawdex ma jistax ikun li jibqa' jiddependi biss mit-turiżmu. Hemm triqat oħra li rridu nkomplu nfittxuhom, insibuhom u nħaddmuhom ħalli Għawdex jibbenefika kif suppost.

Qabel ma nagħlaq nixtieq nippreżenta lill-Kumitat:

> Dokument intitolat "*Post COVID-19 – Strategic and Policy Document*".

Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna. Dawn il-punti qed nieħdu nota tagħhom però lbieraħ stess tħabbru wkoll xi miżuri oħra. Ovvjament aħna n-natural tagħna hu - u hawn naqbel miegħek perfettament - li qatt ma nkunu kuntenti anzi dejjem irridu iktar u allaħares ma jkunx hekk. Jiġifieri dan huwa l-ispirtu li rridu nkomplu għaddejjin bih għaliex inkella Għawdex ma jeħux dak li ħaqqu.

Dwar il-*low carbon strategy* infakkrek ftit li Għawdex imbagħad għandu tiegħu, li kienet id-*decarbonisation strategy*.

IS-SUR JOE BORG: Fil-fatt aħna dak hu li pproponejna f'dan id-dokument li għandna hawnhekk. Aħna rridu li l-kwestjoni tal-*green energy* tkun ħafna iktar b'saħħitha f'Għawdex milli fil-gżira l-oħra.

IĊ-CHAIRPERSON: U se tkun *leading by example* ovvjament. Ngħaddu issa għad-domandi min-naħa tal-kollegi tiegħi biex inkunu nistgħu nistrutturaw id-diskussjoni wkoll in vista tal-fatt li l-Onor. Cutajar irid iħallina ftit minħabba impenji oħra li għandu fil-Plenarja. Onor. Kevin Cutajar, nistgħu nibdew bik.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Iva, grazzi, Sinjura Chairperson, u grazzi lilek, Sur Borg, talli erġajt ġejt magħna u se tieħu d-domandi tagħna. Jiena kont ippreparajt xi domandi imma minn dakinhar l'hawn jista' jkun li kien hemm xi żviluppi; fil-każ irrispondini skont l-attwalità. Rigward l-għajnuniet li ta l-Gvern, jekk fhimt tajjeb dakinhar kien hemm aċċenn li kien hemm xi applikanti li kienu għadhom ma rċevewx dawn l-għajnuniet. Kif inhi s-sitwazzjoni preżenti?

IS-SUR JOE BORG: Jidhirli li s-sitwazzjoni hija *up to date*, jiġifieri minn dak li nista' nikkonstata jien, l-għajnuniet waslu u fejn kellna diffikultajiet dħalna anke għall-membri tagħna biex naraw għaliex ma rċevewhomx u għaliex kien hemm kwestjonijiet fuqhom. Ilbieraħ ukoll ġie mħabbar li l-għajnuniet se jibqgħu għaddejjin sa Settembru u jien naħseb li dawn l-għajnuniet kienu fattur prinċipali għaliex il-qgħad ma żdiedx.

Irridu nkomplu naraw x'se tkun is-sitwazzjoni f'Settembru, biss jien jidhirli li l-għajnuniet li ngħataw huma tajbin ħafna. Ovvjament kif qalet l-Onor. Caruana, ma tistax tippretendi għajnuna interminabbli, biss jien nara b'mod pożittiv ħafna l-fatt li l-għajnuniet se jibqgħu hemmhekk sa Settembru. Ovvjament, kif ġie spjegat ilbieraħ, dawk li huma fis-settur tat-turiżmu se jibqgħu jieħdu għajnuna sħiħa, dawk li kienu fuq l-iskeda A se titnaqqsilhom ftit imma dawk tal-iskeda B se jibqgħu eżatt kif kienu s'issa sal-aħħar ta' Settembru. Dawn huma għajnuniet li s'issa għenu lil min jimpjega lin-nies biex iżomm in-nies miegħu.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Domanda oħra relatata mal-għajnuniet li ngħataw kienet dwar il-*moratorium* fuq self. Dakinhar ukoll, jekk fhimtek tajjeb, kont għamilt kumment li ma kienx għadu ċar kif se jaħdem dan u kif se jaffettwa n-negozji t'Għawdex. Fuq dan kien hemm żviluppi?

ONOR. JOE BORG: Fuq il-*moratorium* tas-self, dan ingħata għal sitt xhur biss u kull kumpanija kellha tinnegozja mal-bank tagħha dwar il-*moratorium* tas-self tagħha. Ovvjament kull kumpanija għandha l-każ tagħha. Dakinhar kont semmejt ukoll il-bżonn ta' likwidità għall-kumpaniji. Minn dakinhar 'l hawn dawn l-inċentivi *through* il-Malta Development Bank ingħataw hekk li l-Gvern se jissussidja għall-ewwel sentejn l-interessi fuq il-likwidità li għandhom bżonn il-kumpaniji.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Domanda oħra li rrid nistaqsi u aċċennajt inti diġà għaliha missejt magħha hija l-kwestjoni tad-diversifikazzjoni. Naqbel miegħek mija fil-mija li Għawdex jeħtieġ sforz qawwi biex tiġi diversifikata l-ekonomija tiegħu. Ovvjament għaddejjin minn żmien delikat immens u dan il-Kumitat għandu l-*brief* quddiemu li jħejji rapport u jagħmel rakkomandazzjonijiet ta' kif eventwalment Għawdex jista' joħroġ mingħajr ma jħoss daqqa daqstant kbira minn dan il-perjodu. Jien naħseb li jagħmel sens li dan il-mument li forsi jidher

daqsxejn negattiv - jidher negattiv ħafna fil-verità - nisfruttawh biex noħorġu minn dan il-perjodu b'inċentivi li permezz tagħhom l-ekonomija tista' tiġi diversifikata. Hawn mhux qed nirreferi biss għal inċentivi imma anke nindikaw oqsma.

Jien naħseb u nirrakkomanda - ovvjament idderiġini inti skont l-istudji u l-analiżi li għamiltu intom bħala Kamra tal-Kummerċ - li jkun opportun li kieku l-oqsma li taħsbu li nistgħu nindikaw biex l-ekonomija tiġi diversifikata jkunu indikati f'dan ir-rapport biex wieħed ifassal it-triq 'il quddiem biex naturalment jimplimentahom safejn hu possibbli. Ma nafx jekk il-Kamra tal-Kummerċ hijiex f'pożizzjoni li tagħti dawn l-indikazzjonijiet għall-finijiet ta' dan ir-rapport.

IS-SUR JOE BORG: Kif spjegajt diġà llejla u kif kont spjegajt fid-diskors tiegħi fil-5 ta' Mejju, aħna t-turiżmu rridu nibqgħu nagħtuh l-importanza tiegħu f'sens li t-turiżmu se jibqa' importanti, imma aħna nixtiequ nagħmlu *upgrade* tal-prodott turistiku b'mod li Għawdex jiġi attraenti mhux għall-massa. Illum diġà hemm diversifikazzjoni, biex inkunu ċari, imma rridu nkomplu nsaħħu t-turiżmu biex ikun iktar turiżmu ta' kwalità. Jiġifieri t-turiżmu jibqa' importanti u rridu nsaħħuh. Ix-*share* li għandu t-turiżmu fl-ekonomija rridu nnaqqsuh mhux billi nnaqqsu t-turiżmu imma billi nżidu setturi oħra.

Aħna jidhrilna li rigward iż-żewġ setturi li indikat l-Unjoni Ewropea li aħna ilna nsemmuhom għal diversi snin, il-preparazzjoni diġà saret tajjeb ħafna mill-Gvern bl-infrastruttura li ħoloq fid-diġitalizzazzjoni, imma issa rridu nħaddmuha. Il-*green economy* wkoll hija importanti biex Għawdex ikun verament dak li nixtiquh. Kemm id-diġitalizzazzjoni kif ukoll il-*green economy* jagħmlu l-prodott Għawdxi aktar attraenti f'kull sens għaliex itejbu l-kwalità tal-ħajja ta' dawk li jkunu qed jgħixu fil-gżira.

IĊ-CHAIRPERSON: Għadni kemm tlabt lill-Committee Clerk biex tipprintjalna l-pjan li ġie mħabbar ilbieraħ għaliex ovvjament għalkemm qed nitkellmu fuq kontest nazzjonali, il-miżuri japplikaw għal Għawdex ukoll. F'dawk li huma għajnuniet għan-negozji hemm l-għajnuna għall-kera, l-għajnuna tad-dawl u l-ilma, u l-għajnuna għall-*fuel*. Dawn huma kollha għajnuniet li wieħed fl-operat tal-*business* tiegħu jrid jieħu in konsiderazzjoni.

IS-SUR JOE BORG: Dawn huma għajnuniet eċċellenti, tajbin ħafna, imma *short term*. Naħseb li huwa dmir anke ta' dan il-Kumitat li nħarsu ftit lil hinn minn dan. Bħala *short-term* huma miżuri eċċellenti, ma jistgħux ikunu aħjar.

IĊ-CHAIRPERSON: Kif qal tajjeb l-Onor. Cutajar, l-iskop tagħna hu li naraw is-sitwazzjoni attwali u kif se noħorġu minnha, però mbagħad kif se nitgħallmu minn dak li ġarrabna. Żgur mhux forsi, pereżempju, li rridu nitkellmu fuq kif lill-ħaddiem irridu nagħtuh kondizzjonijiet aħjar, kif noħorġu l-potenzjal tiegħu iktar u kif inħarrġuh għad-diversifikazzjoni għaliex mhux biss irridu norjentaw lill-*business* għad-diversifikazzjoni, mhux biss irridu naraw li jkun hemm is-sostenn għad-diversifikazzjoni, imma rridu wkoll nippreparaw ir-riżors uman għad-diversifikazzjoni.

Dan huwa proċess mhux żgħir, huwa proċess pjuttost kumpless u jiena bħala *chairperson* ta' dan il-Kumitat inħoss li għandna rwol importanti f'dan il-proċess kollu.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Jien għad fadalli domada oħra tal-aħħar. Nixtieq nagħmel punt żgħir fuq dan li għadek kemm għedt. Naħseb li l-Għawdxi dejjem wera li fil-mument li tagħtih l-opportunità, jeħodha.

IĊ-CHAIRPERSON: Jeħodha, jisfruttaha u jagħti l-eżempju.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: U l-*mindset* jagħraf jadattah tajjeb ħafna. Jiġifieri għal daqshekk il-piż naħseb li f'idejna l-politiċi qiegħed. L-aħħar domanda hija fuq il-proprjetà.

Dan huwa s-settur li ġejt afdat bih jien u f'Għawdex naturalment hemm settur mhux żgħir tal-proprjetà li jmissu miegħu ħafna ħaddiema. Nixtieq nistaqsi dwar kif intlaqat mis-sitwazzjoni tal-COVID-19 is-settur tal-proprjetà f'Għawdex. Kif smajna, kien hemm ħafna barranin li telqu minn Malta minħabba li spiċċaw bla xogħol. Taħseb li se jkollna sitwazzjoni ta' *over supply* ta' proprjetà li mhux se tkun qiegħda tintuża?

IS-SUR JOE BORG: Se nitkellem skont il-*feedback* li għandna, imma mhux xjentifiku.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Le le, kollox sew.

IS-SUR JOE BORG: Il-*feedback* li għandna huwa li matul dawn l-aħħar ġimgħat, jiġifieri minn meta bdiet il-COVID-19 kważi waqaf kollox, biss ftit wara, malli beda jkun hemm sinjali tajbin, il-proprjetà f'Għawdex li hija ta' ċerta kwalità - qed nirreferi għal djar u *farmhouses* - baqgħet tinbiegħ, anzi kien hemm xeħta ta' nies li xtaqu iktar dik it-tip ta' proprjetà. Kien hemm nuqqas f'dak li huma appartamenti, imma l-proprjetà t-tajba baqgħet tinbiegħ tajjeb ħafna. Anzi kien hemm nies li qegħdin ifittxu dik it-tip ta' proprjetà.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: U jixtruhom nies mil-lokal?

IS-SUR JOE BORG: Ħafna huma mil-lokal. Barranin bħalissa m'hawnx, jiġifieri ġodda. Tinsiex li l-COVID-19 ġabitna f'realtà partikolari. Ħafna Maltin li kellhom diġà proprjetà Għawdex u oħrajn li ma kellhomx messew ma' Għawdex u għexu anke l-kwalità tal-ħajja f'Għawdex. Kien hemm avukati u nies ta' ċerta statura, fosthom *accountants* u ekonomisti, li waqt il-COVID-19 ġew jaħdmu minn postijiet tagħhom f'Għawdex u bbenefikaw mit-tip ta' ħajja u l-kwalità ta' ħajja li konna qegħdin ngħixu f'Għawdex dak iż-żmien.

Meta tkellimt l-ewwel darba għedt li matul dan il-perjodu kellna kuntatt ferm ikbar man-natura u dak il-kuntatt wieħed aktar jista' jagħmlu f'Għawdex għax filli qiegħed fuq l-iskrivanija, filli ħriġt u f'nofs siegħa qiegħed fejn il-baħar jew imxejt u gawdejt in-natura. In-natura ma kenitx disturbata waqt il-COVID-19. Dak kien ta' benefiċċju kbir għal Għawdex għax wieħed seta' jgawdi lil Għawdex kif inhu.

ONOR. KEVIN CUAJAR: Jiġifieri r-risposta għad-domanda tiegħi hija li s-settur tal-proprjetà nistgħu ngħidu ...

IS-SUR JOE BORG: Nistgħu ngħidu li proprjetà tajba f'Għawdex hemm *demand* kbira għaliha. Il-proprjetà ta' kwalità hija xi ħaġa mixtieqa minn dawk li jridu jixtru.

IĊ-CHAIRPERSON: Rigward il-miżura tal-valur tal-proprjetà li ssemmiet ilbieraħ ...

IS-SUR JOE BORG: Dik issa ġabet lil Għawdex ugwali ma' Malta. Qabel Għawdex kien differenti. Aħna nixtiequ li xorta waħda Għawdex jibqa' jiġi differenzjat. Illum il-1.5% qiegħda għal Malta kollha. Forsi għal Għawdex tista' tiġi 1% jew 0.5%. Dak li nixtiequ aħna. Kienet anke proposta li għamilna qabel ma daħlu l-miżuri.

IĊ-CHAIPERSON: L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Il-*positive discrimination* li kien hemm minn dan il-lat spiċċat. Fil-qasam tal-proprjetà, il-*positive discrimination* li kien hemm fuq ix-xiri ta' proprjetà f'Għawdex issa, bil-proposta li saret, ġiet eliminata.

Inti tkellimt dwar l-importanza li jkun hemm *long term strategy*. Tkellimt dwar il-miżuri li tħabbru għal dawn it-tliet xhur tas-sajf, imbagħad tkellimt dwar l-importanza ta' *long term strategy* għal Għawdex. Bħala Gozo Business Chamber li prattikament tirrappreżentaw is-settur kollu tan-negozju f'Għawdex jew b'mod wiesa' s-settur tan-negozju f'Għawdex, fl-aħħar xhur kontu involuti f'xi kumitat jew f'xi *taskforce* li twaqqfet mill-Gvern biex tippjana din l-istrateġija *long term*, biex ikun hemm l-i*stakeholders* madwar mejda?

IS-SUR JOE BORG: Konna involuti. Kellna laqgħat ma' diversi ministri hawn Malta u anke fil-Ministeru għal Għawdex kien hemm speċi ta' *taskforce* żgħir. Aħna konna msejħin flimkien mal-Gozo Tourism Association biex niddiskutu ma' ekonomisti u ġiet imfassla strateġija li parti minnha qiegħda f'dan id-dokument li għaddejnielkom.

ONOR. CHRIS SAID: Din l-istrateġija ġiet imfassla mill-Gvern jew ġiet imfassla mill-Gozo Business Chamber?

IS-SUR JOE BORG: Le, mhux imfassla mill-Gozo Business Chamber, imfassla mill-Gvern bil-parteċipazzjoni tagħna.

ONOR. CHRIS SAID: U din ġiet ippubblikata?

IS-SUR JOE BORG: Le, ma ġietx ippubblikata. Aħna ppubblikajna d-dokument min-naħa tagħna.

ONOR. CHRIS SAID: Mhuwiex id-dokument tat-*taskforce* li semmejt inti.

IS-SUR JOE BORG: Le le, assolutament.

ONOR. CHRIS SAID: Inti semmejt ukoll l-importanza tal-infrastruttura. Għamilt referenza għal mistoqsija parlamentari li għamilt jien fejn ħareġ il-persentaġġ ta' vot kapitali li jintefaq mill-Ministeru ta' Għawdex fuq Għawdex meta relatat bħala *percentagewise* mal-vot kapitali tal-pajjiż kollu. Għedt ukoll li llum għandna l-infrastruttura *in place* fejn jidħol id-*digitalization.* Għandi nifhem li s-*second fibre optic cable* tpoġġa u qiegħed jaħdem?

IS-SUR JOE BORG: Safejn naf jien, jekk ma bediex jaħdem, tpoġġa żgur u se jibda jaħdem. M'għandniex informazzjoni preċiża, imma qiegħed hemm.

ONOR. CHRIS SAID: Din ma smajtha minn imkien.

IS-SUR JOE BORG: Ma tistax tgħid, Onor. Said. Qalulna li qiegħed f'postu. Dik hi l-informazzjoni li għandna. Jien ma mortx infittex taħt il-baħar biex nara jekk hux qiegħed hemmhekk.

ONOR. CHRIS SAID: Kollox sew. Jien smajtha l-ewwel darba mingħandek. Jiġifieri jista' jkun li qabżitli.

IĊ-CHAIRPERSON: Li nista' ngħidlek - jekk trid tismagħha mingħandi – hu li aħna offrejna l-għajnuna ta' dan il-kumitat billi l-informazzjoni li niksbu u r-rakkomandazzjonijiet li jsiru lilna u li eventwalment se nkunu qegħdin nifformolaw inpoġġuhom ukoll għad-dispożizzjoni ta' dan il-pjan li qed jinħema.

IS-SUR JOE BORG: Ilbieraħ tkellimna mal-Ministru responsabbli mid-diġitalizzazzjoni u qalilna li l-*cable* qiegħed *in place*.

ONOR. CHRIS SAID: Jista' ikun li hekk hu. Jien mhux qed immerik.

IS-SUR JOE BORG: Jien dak li nista' ngħid. Issa jekk hux qed jaħdem ma nafx, imma hemmhekk qiegħed, jiġifieri wasalna, u dak l-importanti f'dan l-istadju.

IĊ-CHAIRPERSON: Jien nista' nitkellem safejn naf jien. Safejn kont naf jien il-pjan kien miexi kif suppost. Issa minn dakinhar jaf kien hemm xi żviluppi.

IS-SUR JOE BORG: Dan ilu ġej żmien u issa wasal, jiġifieri hemmhekk qiegħed.

ONOR. CHRIS SAID: Inti tkellimt ukoll dwar l-*issue* tas-sensji u tal-qgħad. Il-*feedback* li għandkom hu li prattikament il-*workforce* f'Għawdex inżammet kollha? Jiġifieri intom ma kellkomx membri tagħkom li kellhom jieħdu azzjonijiet drastiċi li jissensjaw ċerti ħaddiema, b'mod partikolari ħaddiema barranin li waqqfuhom u telqu?

IS-SUR JOE BORG: Jista' jkun li kien hemm dak it-tip ta' moviment, imma wħud minnhom mhux bilfors kienu rreġistrati u allura l-istatistika tagħhom ma tidher imkien.

ONOR. CHRIS SAID: X'jiġifieri?

IS-SUR JOE BORG: Fis-sens li jista' jkun li kien hemm nies li ma kenux irreġistrati sewwa.

ONOR. CHRIS SAID: Ovvjament dawk il-barranin li ma kinux irreġistrati ma kinux jikkwalifikaw għall-għajnuna ta' €800.

IS-SUR JOE BORG: Hekk hu. Ma nafx x'ġara eżatt, imma kien hemm nies li siefru minn rajhom mhux għaliex ġew imġiegħla.

ONOR. CHRIS SAID: Fl-aħħar tliet xhur intom bħala Gozo Business Chamber (GBC) segwejtu ta' kull xahar iċ-ċifra ta' persuni li rreġistraw għax-xogħol f'Għawdex? Ma tħossux li għandkom bżonn issegwuha?

IS-SUR JOE BORG: Le, ma segwejtx dik il-figura. Għandna bżonn insegwuha.

ONOR. CHRIS SAID: Għaliex fi tliet xhur f'Għawdex iktar minn ittripplat.

IS-SUR JOE BORG: Jista' jkun.

ONOR. CHRIS SAID: Imma ma tħossux bħala GBC li din għandkom issegwuha?

IS-SUR JOE BORG: Probabbli hemm nies li qegħdin isegwuha, imma jien m'għandix dak in-*knowledge* quddiemi. Issa jekk taf tgħidli kemm relattivament ...

ONOR. CHRIS SAID: Le, intom fl-aħħar mill-aħħar ....

IS-SUR JOE BORG: Le, imma inti rriżultalek hekk?

ONOR. CHRIS SAID: Miċ-ċifri tal-Gvern, mhux tiegħi. Dawn tal-NSO, mhux tiegħi. Issa ħalli mmur għal ċifri oħrajn tal-NSO. Ir-*regional statistics* li ħarġu ftit tal-ġimgħat ilu intom bħala GBC dħaltu fihom?

IS-SUR JOE BORG: S'issa, safejn naf jien, le, imma ġbarniehom u se nibdew narawhom għaliex kien hawn ħafna affarijiet li kienu ferm iktar urġenti. L-ewwel nett, bħala *staff* ftit għandna, imma kellna ġenn mill-membri tagħna l-ħin kollu nsegwuhom f'diskussjonijiet kontinwi mal-Gvern biex naraw x'jista' isir għal Għawdex. Nafu li ħarġu l-istatistika tal-NSO fejn hemm ir-reġjuni komparati flimkien, imma jen ma dħaltx fiha.

ONOR. CHRIS SAID: Bħala GBC għadkom ma dħaltux fiha.

IS-SUR JOE BORG: Le.

ONOR. CHRIS SAID: Għandek sitwazzjoni fejn il-*gap* bejn il-pagi f'Għawdex imqabbla ma' dawk f'Malta kull sena qiegħda tikber.

IS-SUR JOE BORG: Imma dik nafuha, ma kienx hemm bżonn din l-istatistika.

ONOR. CHRIS SAID: Din hija statistika tal-2019.

IS-SUR JOE BORG: Dik il-*gap* nafu biha u tkellimna fuqha u għalhekk jien semmejt li għandha bżonn issir *positive discrimination* favur Għawdex, biex dawk il-*gaps* fl-ekonomija Għawdxija jimtlew, jissaħħu u min qiegħed jaħdem f'Għawdex ikollu l-istess benefiċċji u jiġi remunerat b'mod ugwali.

ONOR. CHRIS SAID: Intom *employers*, jiġifieri tirrappreżentaw lill-*employers* u lin-negozji f'Għawdex. Fl-opinjoni tagħkom, x'inhi r-raġuni li din il-*gap* qiegħda dejjem tikber minflok tiċkien?

IS-SUR JOE BORG: Aħna tkellimna fuq in-nuqqas ta' diversifikazzjoni fl-ekonomija Għawdxija. Jirriżulta li hemm ċerti setturi f'Malta li huma remunerati b'mod tajjeb, jiġifieri fis-settur finanzjarju u dak tal-*gaming* imma dawn ma jeżistux f'Għawdex.

It-tieni, anke fi ħdan ċerti intrapriżi hemm *staff* li jasal sa ċertu grad. Pereżempju fil-Bank of Valletta l-i*staff* kollu li qiegħed f'Għawdex huwa ta' ċertu grad, mentri l-*management* qiegħed kollu f'Malta. L-istess f'kull korporazzjoni oħra. Allura bilfors li r-rata tal-paga t'Għawdex hija iktar baxxa. *Like with like;* f'ċerti setturi ma nemminx li hemm dik id-differenza bejn Malta u Għawdex.

ONOR. CHRIS SAID: Trid tikkonsidra li 40% tal-*workforce* Għawdxija taħdem fis-Settur Pubbliku. Għalliem f'Malta u għalliem f'Għawdex għandu l-istess paga. Pulizija f'Malta u pulizija f'Għawdex għandu l-istess paga u l-istess jgħodd għal suldat f'Malta u suldat f'Għawdex.

IS-SUR JOE BORG: Imma l-amministrazzjoni fejn huma mħallsin ... Dawk li huma mħallsin iktar qegħdin Malta. Hemm dak it-tip ta' *gaps* li ma tistax timlihom.

ONOR. CHRIS SAID: Imma din dejjem hekk kienet.

IS-SUR JOE BORG: Hemm raġuni għaliex qiegħda hekk.

ONOR. CHRIS SAID: Il-*gap* fil-paga madwar tmien snin ilu kienet medja ta' €300 u llum spiċċat €3,500. Illum familja f'Għawdex taqla' *average* ta' €7,000 inqas minn familja f'Malta u dan joħroġ minn statistika li ħarġet. Illum Għawdex fejn jidħlu pagi – u dan qatt ma kien hekk - waqa' fl-aħħar post bħala reġjun. Kien hemm żewġ reġjuni oħra li kienu 'l isfel minn Għawdex sa ftit tas-snin ilu, imma issa dawk ir-reġjuni qabżuna wkoll.

IS-SUR JOE BORG: Huwa proprju għalhekk li qegħdin ninsistu li tiġi diversifikata l-ekonomija f'Għawdex biex Għawdex u l-Għawdin ikollhom fejn jimpjegaw ruħhom f'setturi li l-pagi tagħhom huma aħjar.

ONOR. CHRIS SAID: X'inhu jżomm lill-*employers* li intom tirrappreżentaw milli jinvestu f'Għawdex f'dawn l-oqsma li semmejt inti fejn hemm pagi aħjar minn ċerti oqsma oħra? Ħalli niftiehmu, it-turiżmu huwa, kif għedna, 50% tal-ekonomija Għawdxija. Il-pagi fit-turiżmu, kif jaf kulħadd, mhumiex l-aħjar pagi li hawn fil-pajjiż. X'inhu jżomm milli jkun hemm ċertu investiment f'Għawdex? Għedtilna li waqt il-pandemija tal-

COVID-19 kien hemm Maltin li ġew jaħdmu Għawdex u meta spiċċat din il-pandemija, dawn irritornaw lura Malta.

IS-SUR JOE BORG: Le, mhux kollha.

ONOR. CHRIS SAID: Baqgħu Għawdex?

IS-SUR JOE BORG: Hemm min qed jikkonsidra li jibqa' Għawdex. Aħna dak it-tip ta' poplu għandna bżonn f'Għawdex li nirriġeneraw il-popolazzjoni ta' Għawdex b'nies involuti f'ċerti setturi.

ONOR. CHRIS SAID: Kif qed jaffettwa lill-*employers* Għawdxin il-fatt li għandek numru kbir ta' nies li kienu jaħdmu fis-settur privat u marru jaħdmu fis-Settur Pubbliku, anke b'pagi inqas? Kif tarawha?

IS-SUR JOE BORG: Ovvjament hija xi ħaġa li lilna qatt ma tatna pjaċir għaliex is-settur privat ma jista' jikkompeti qatt mal-Gvern, fis-sens li s-settur privat qatt ma jista' jagħti s-sigurtà tal-impjieg li jista' jagħti l-Gvern. Il-COVID-19 serviet ukoll biex din il-ħaġa tidher iktar, fis-sens li l-Gvern min-natura tiegħu qed jagħti post sikur, mentri aħna, nagħmlu x'nagħmlu, qatt ma nistgħu nagħtu garanzija lill-ħaddiema tagħna li bilfors se jkunu mpjegati magħna sena, sentejn jew tliet snin oħra. Din il-ħaġa jrid ikun hemm *reversal* tagħha. Ma jistax ikun li l-Gvern jibqa' jagħti impjiegi f'diversi setturi għaliex fl-aħħar mill-aħħar uħud min-nies li jkunu jaħdmu f'ċerti postijiet mhux bilfors ikunu qegħdin jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom. Fl-istess ħin li qed idaħħlu din il-paga baxxa, dawn jaħdmu ftit ħin, imbagħad il-kumplament tal-ħin tagħhom ikun qiegħed fil-*black economy* u jkunu qegħdin jikkompetu mas-settur privat b'dik it-tip ta' ekonomija.

IĊ-CHAIRPERSON: Dan huwa diskors li ilna nagħmluh. Jien niftakar diskussjonijiet mal-Gozo Tourism Association fejn jien stess kont nikkritikahom li jridu nies jidħlu fit-turiżmu imma min-naħa l-oħra jkun hemm riluttanza li jiżdiedu l-pagi u jitjiebu l-kondizzjonijiet. Ma rridx niġġeneralizza għax mhux kulħadd huwa hekk, imma ħafna drabi n-nies li jaħdmu fis-settur privat jilmentaw mill-kondizzjonijiet u minn ċerti ċirkostanzi. Ma rridx niġġeneralizza għax mhux il-każ, imma jkun hemm ġenituri li jkunu jixtiequ dik il-ftit flessibilità biex pereżempju jattendu għall-*parents day* jew għal xi *concert* li jkollhom it-tfal. Ikun hemm min jilmentalek anke fuq affarijiet żgħar u kultant għal dawn l-affarijiet żgħar ma naħsibx li għandek titlef impjegat.

Aħna konna qegħdin infasslu – u din fassalnieha flimkien magħkom – il-Gozo Employment Scheme biex ngħinu lill-*employer* billi ninjettawlu ammont ta' flus biex eventwalment dawn jiġu investiti f'kondizzjonijiet aħjar u pagi aħjar. X'inhuma l-kummenti tiegħek dwar din l-iskema u x'taħseb li kienu l-effetti tagħha? L-effetti tagħha kienu tajbin jew ħżiena? X'nistgħu nagħmlu biex jekk huma ħżiena ntejbuhom u jekk inhuma tajbin inkomplu nameljorawhom?

IS-SUR JOE BORG: Nassigurak li f'dawn l-aħħar sentejn jew tliet snin il-kondizzjonijiet tal-ħaddiema għamlu qabża 'l quddiem. L-Onor. Chris Said qed jikkwota ċerta statistika. Meta naraw l-istatistika rridu nistudjawha aktar fil-fond u naħseb li din il-*gap* irridu nistudjawha anke fil-kwestjoni ta' pagi u naraw ir-raġunijiet għaliex qed tirriżulta.

L-Onor. Justyne Caruana semmiet l-iskema tal-*employment* fil-privat. Kienet skema li għenet ħafna biex lil dak li jkun tixprunah jimpjega nies miegħu u naħseb li kellha effett pożittiv. Naħseb li rridu nkomplu ngħinu lill-*employers* għar-*retraining* tal-impjegati. Dan barra dak li diġà qed jingħata biex ikun hemm *retraining* tal-ħaddiema.

IĊ-CHAIRPERSON: Irrid nasal għal dan il-punt. Il-Gvern qed joħroġ ammont ta' flus li suppost qed imorru għall-benefiċċju tal-ħaddiem. Bħala Business Chamber x'intom tagħmlu biex tassiguraw li dawk l-ammonti ta' flus li qed jingħataw verament qed jiġu investiti fil-ħaddiem? Għax dan faċilment ikollok lil xi ħadd japplika għall-iskema, jibbenefika mill-fondi imma mbagħad wieħed ikun irid ikun jaf jekk verament ibbenefikawx il-ħaddiema. Irridu ċerti salvagwardji biex naċċertaw li l-ħaddiem *at the end of the day* qed jibbenefika minn dan l-investiment li huwa intiż għall-ħaddiem stess. Il-Gvern ma jistax jgħaddihom lill-ħaddiem, irid jagħtihom lill-*employer* biex l-*employer* jinvestihom fil-ħaddiem. Filwaqt li hemm mekkaniżmu ta' salvagwardji biex naraw li l-ħaddiem, ikollu kondizzjonijiet xierqa eċċ. m'hemmx dak il-mekkaniżmu li bih wieħed jista' jivverifika verament il-ħaddiem x'qed jieħu minnu. Bħala Business Chamber x'qegħdin

tagħmlu biex tassiguraw li dan effettivament isir? U kif tispjegaw lill-membri tagħkom li, *at the end of the day*, huwa fl-interess tagħhom li jżommu 'l-impjegat kuntent? Għax jekk l-impjegat ma jkunx kuntent…

IS-SUR JOE BORG: Din ċerta, u ħafna *employers* qed jimxu b'dan il-mod. Illum tant sar diffiċli li żżomm in-nies miegħek, tant hemm kompetizzjoni fis-settur privat bejn kumpanija u oħra u anke mal-Gvern, li biex wieħed iżomm ċerti nies żgur li jrid joffrilhom ċerti kondizzjonijiet. Jien nara mill-kumpaniji tiegħi, imma għandi konoxxenza wkoll ta' dak li qed jagħmlu l-kumpaniji l-oħra anke f'Għawdex biex iżommu n-nies. Il-problema tar-*retention* tan-nies mhijiex biss f'Għawdex. Jien għandi kumpaniji li joperaw Malta u d-diffikultà hija l-istess. Ovvjament, wieħed irid jara kif iżomm lilll-impjegati tiegħu b'kondizzjonijiet dejjem aħjar u jagħmel l-aħjar li jista' biex in-nies jibbenefikaw.

Għalhekk erġajt semmejt il-bżonn ta' *retraining* tal-impjegati. Internament nagħmlu ċerti korsijiet kemm fl-uffiċċju kif ukoll fil-fabbrika biex in-nies kemm jista' jkun ikunu aktar flessibbli. Ġejna fil-bżonn, ma jistax ikun li l-ħaddiem jibqa' fil-kaxxa li jkun beda fiha u allura trid terġa' tħarrġu kemm f'kontest ta' edukazzjoni kif ukoll f'kontest ta' kif wieħed jimmaniġġja l-affarijiet waqt il-ħin tax-xogħol.

IĊ-CHAIRPERSON: Hawn aktar interventi? Il-Ministru Refalo.

ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali): Sur Borg, għamilt *sweeping statement* fis-sens li fir-rigward ta' Għawdex ma kienx hemm diskriminazzjoni pożittiva fil-*mini budget* li ġie ppreżentat ilbieraħ. Jekk insemmilek li fil-*micro-invest* minflok *tax credit* ġew konvertiti fi flus u Għawdex se jieħu €500 aktar. X'tgħidli dwar dan?

IS-SUR JOE BORG: Dik l-unika waħda diskriminazzjoni pożittiva li segwejt jien.

IĊ-CHAIRPERSON: Għalhekk għaddejtlek id-dokument sħiħ li huwa pjuttost voluminuż li wieħed ikun irid jarah.

ONOR. ANTON REFALO: Jekk ngħidlek li hemm ivvotat is-somma ta' €5 miljun għall-produzzjoni ta' negozju Maltin u Għawdxin li fil-fatt jolqot l-aktar lill-Għawdxin għax il-prodott lokali mis-sajjieda u l-bdiewa huwa minn Għawdex xi tgħidli?

IS-SUR JOE BORG: Hija xi ħaġa tajba ħafna.

ONOR. ANTON REFALO: Jiġifieri hemm diskriminazzjoni favur Għawdex.

IS-SUR JOE BORG: Le, dik *per se* mhijiex diskriminazzjoni favur Għawdex.

ONOR. ANTON REFALO: Għaliex le? Indirettament favur Għawdex.

IS-SUR JOE BORG: Le, dik semmejnieha u hawnhekk jidher li hemm bżonn...

ONOR. ANTON REFALO: Il-prodott lokali min jagħmlu? Mhux is-sajjied u l-bidwi?

IS-SUR JOE BORG: Is-sajjied, il-bidwi, l-artiġjan, il-manifattur ... Dik hija xi ħaġa li xtaqna u hija xi ħaġa tajba ħafna.

ONOR. ANTON REFALO: Imma dawn mhux Għawdex isiru?

IS-SUR JOE BORG: M'għandux x'jaqsam, imma m'hemmx diskriminazzjoni pożittiva fis-sens strett.

ONOR. ANTON REFALO: Għaliex? *Se mai* mhux diretta imma indiretta.

IS-SUR JOE BORG: Mela nagħmluha diretta. Ministru, jien għedt li diġà saret diskriminazzjoni negattiva fil-konfront ta' Għawdex. Mhux issa, u mhux qed ngħid fiż-żmien meta kont Ministru int, imma qabel ukoll. Din kwestjoni li ilha ġejja żmien. Fuq proġett kapitali Għawdex ilu jieħu 2% jew 1.5% tal-baġit tal-pajjiż kollu għal snin twal. Kienet anke fi żmien gvernijiet qabel kont Ministru int. Din it-*trend* irridu naqilbuha, u dan nistgħu nagħmluh mhux b'€500 differenza, imma bil-miljuni, għax b'€500 kull kumpanija din id-diskriminazzjoni negattiva li kien hemm ma tiġix imdawra biex tkun pożittiva.

IĊ-CHAIRPERSON: Imma fil-frattempt fuq proġetti kapitali għandna bżonn il-*manpower* u għandna bżonn li s-settur privat jadatta wkoll għall-volum ta' xogħol li wieħed jixtieq jagħmel. Tkun tixtieq tagħmel ħafna affarijiet, imma ssib problema. Din mhijiex kwestjoni ta' baġit, imma

hija kwestjoni ta' *output,* kemm inti ssib kuntratturi li lesti jaħdmu.

IS-SUR JOE BORG: Għandek raġun, Onorevoli.

ONOR. CHRIS SAID: F'Malta għal ċerti proġetti ġew il-kumpaniji barranin.

IĊ-CHAIRPERSON: Onor. Said, naf għax għextha. Ikollok il-fondi, toħroġ it-*tenders,* u ħadd ma jitfa' *bid*.

IS-SUR JOE BORG: Aħna rridu naħdmu biex id-diskriminazzjoni pożittiva tkun aktar b'saħħitha. Naqbel mal-Ministru Refalo li kollha kienu proposti li kienu kontenuti, jiġifieri mhux qed ngħid li ma kenux pożittivi. Kienu pożittiv ħafna. Nerġa' nirrepeti, il-*mini budget* kien pożittiv ħafna imma aħna nixtiequ li Għawdex jieħu aktar. Qed ngħid hekk mhux għax nixtiequ li Għawdex jieħu aktar *for no other reason,* imma minħabba l-fatt li l-ekonomija f'Għawdex ħadet daqqa ikbar minħabba l-COVID u allura biex inreġġgħuha lura rridu nagħmlu diskriminazzjoni pożittiva. Ilna żmien inbatu minn diskriminazzjoni negattiva u dik irridu nirriversjawha u kollha kemm aħna rridu naħdmu flimkien biex din il-biċċa xogħol issir.

IĊ-CHAIRPERSON: Għalhekk l-iskop ta' dan il-Kumitat. Nirringrazzjak, Sur Borg, u grazzi tal-ħidma tiegħek mhux illum biss imma matul is-snin li għaddew u min jaf kemm baqagħlek x'tikkontribwixxi. Nawguralek minn qalbi.

Issa għandna lil Dr Nadine Delicata li se tingħaqad magħna permezz ta' *video call*.

Grazzi talli erġajt ingħaqadt magħna. Fl-ewwel laqgħa li kellna aċċettajt l-istedina tagħna, għamiltilna l-preżentazzjoni però minħabba r-restrizzjoni tal-ħin ma kellniex l-opportunità li niżvolġu d-diskussjoni. Jekk tippermettili, nibda billi ndur fuq il-kollegi tiegħi ħalli nagħmlu *round* ta' mistoqsijiet. Kif tippreferi, twieġeb *round round,* jew tisma' lil kulħadd imbagħad tirrispondi fl-aħħar?

DR NADINE DELICATA (Direttur Eżekuttiv u President, Steward Health Care Malta): Ħa nisma' *round round* għax naħseb li jkun eħfef hekk.

IĊ-CHAIRPERSON: Min jixtieq jibda? L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Dr Delicata, l-ewwel nett insellimlek u nirringrazzjak talli erġajt ingħaqadt magħna biex tieħu l-mistoqsijiet tagħna. Se nagħmel ftit mistoqsijiet alavolja issa għadda ftit taż-żmien u jista' jkun li kien hemm żviluppi minn meta għamilt il-preżentazzjoni sallum. F'dak il-każ spjega u adatta inti r-risposta tiegħek.

Mistoqsija li naħseb li kienet aktar relevanti dak iż-żmien imma xorta se nistaqsihielek hija rigward it-taħriġ. Inti semmejt it-taħriġ li kien qed jingħata lill-i*staff* tal-isptar dejjem bix-xenarju tal-COVID19 quddiemna. It-taħriġ minn min kien qiegħed jingħata? Kienet il-kumpanija li qed tmexxi l-isptar, Steward stess, bl-uffiċjali tagħha li kienet qed tagħtih, jew kien hemm xi *outsourcing*?

DR NADINE DELICATA: Kien hemm diversi tipi ta' taħriġ però t-taħriġ ġie mmexxi mit-tmexxija tal-isptarijiet, jiġifieri *tramite* Steward. Jekk nista', nispjega u nagħti ftit dettall. Pereżempju kien hemm taħriġ ta' *infection control* li sar b'kollaborazzjoni sħiħa u id f'id mal-professjonisti tal-*infection control* tad-Dipartiment tas-Saħħa u fuq linji gwida tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Kien hemm ukoll taħriġ li ngħata mit-tobba lit-tobba, jiġifieri taħriġ mill-ispeċjalisti fl-anestesija u fil-kura intensiva. Kien hemm taħriġ li ngħata min-*nurses* lin-*nurses* u kien hemm taħriġ li ngħata lil gradi differenti u kategoriji ta' *personnel* differenti fl-isptar skont ir-responsabilitajiet varji tagħhom.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Meta tkun fil-politika jkellmuk diversi nies. Waslitli informazzjoni minn ħaddiema jew anke ġieli min-nies li jkunu qrib is-servizzi li jingħataw fl-isptar li kienu qed jilmentaw mit-tip ta' taħriġ li kien qed jingħata kemm fil-kwalità kif ukoll fit-tempestività tiegħu. Inti x'tirrispondi għal dan?

DR NADINE DELICATA: It-taħriġ li ngħata kien paripassu u eżatt l-istess bħal dak li ngħata fi sptarijiet oħra fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa, jiġifieri aħna konna parti minn *team* aktar wiesa'. Ma kenux l-isptarijiet ta' Steward biss iżda l-isptarijiet u l-entitajiet kollha tas-saħħa. Kien proċess kollaborattiv biex inkunu ċerti li kemm jista' jkun nipproteġu lill-i*staff* tagħna bl-aħjar mod possibbli. Ma tantx nista' nara fejn it-taħriġ ingħata b'mod differenti jew fuq *timelines*

differenti minn dak ta' entitajiet oħra. Jekk għandek xi dettall jew forsi xi ħaġa aktar speċifika nkun nista' nwieġbek aħjar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Jiġifieri min-naħa tiegħek teskludi li seta' kien hemm nuqqasijiet f'dak ir-rigward.

DR NADINE DELICATA: M'għandix informazzjoni li seta' kien hemm nuqqasijiet f'dak ir-rigward.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Naturalment kienu qed isiru numru ta' preparamenti min-naħa tal-isptar ta' Għawdex biex wieħed jilqa' għall-konsegwenzi li seta' jkun hemm minħabba l-COVID-19. Peress li l-isptar ta' Għawdex huwa mmexxi mill-kumpanija Steward, għandi nifhem li kien hemm ċerta spiża u jekk m'iniex sejjer żball din kien ikkonfermaha anke l-Ministru Fearne fil-Parlament. Minn dik l-ispiża li saret, kemm f'perċentwal u anke figuri, jekk tista' tagħtina, ġie kopert mill-kumpanija Steward u kemm ġie kopert mill-Istat Malti?

DR NADINE DELICATA: L-informazzjoni fuq l-ispejjeż għadha qed tinġabar għax kif tistgħu tifhmu, din hija stampa li tevolvi. S'issa ntnefqu - u mhijiex l-istampa finali – madwar €4 miljun fi spejjeż relatati ma' preparamenti għall-COVID-19 fl-isptarijiet Steward. Irrid nippreċiża li dawn jinkludu xi spejjeż fl-Isptar Karin Grech. M'għandix il-*breakdown* quddiemi biex inkun nista' nispeċifika minn dawn l-€4 miljun kemm intnefqu fl-isptar ta' Għawdex u kemm intnefqu fl-Isptar Karin Grech.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Dwar il-perċentwal tal-ispiża f'Għawdex, kemm minnha ġiet koperta minn Steward? Qiegħda f'pożizzjoni li tgħidilna?

DR NADINE DELICATA: L-ispejjeż kollha li saru fl-isptar ta' Għawdex ġew koperti minn Steward.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Mistoqsija oħra hija rigward is-servizzi li kienu qegħdin jingħataw mill-isptar ta' Għawdex sa qabel ma bdiet l-imxija ta' COVID-19. Minħabba l-preparamenti li kellhom isiru fl-isptar ta' Għawdex, kemm minn dawn is-servizzi jew ġew sagrifikati, jiġifieri kellhom jieqfu, jew ġew sospiżi jew inkella kellha ssir xi modifika fil-mod kif jingħataw?

DR NADINE DELICATA: Jien tajt dettall fil-preżentazzjoni tiegħi li, sa fejn jien informata, ingħatajtu kopja tagħha. Bħala linja ta' servizzi nista' ngħid li mxejna id f'id mal-Isptar Mater Dei, jiġifieri naqqasna s-servizzi ta' *outpatients* u bdejna naraw l-appuntamenti urġenti biss. Appuntamenti oħra kienu qed jiġu *vetted* mill-ispeċjalisti. Sar eżerċizzju sħiħ ta' *tele-health* biex il-pazjenti jkunu segwiti b'dak il-mod. Ġew imwaqqfa operazzjonijiet li ma kenux meqjusa urġenti jew relatati ma' *cancer*. Is-servizzi relatati ma' *cancer* baqgħu għaddejjin, jiġifieri aħna mxejna id f'id u paripassu ma' dak li kien qed isir fl-Isptar Mater Dei, ovvjament fl-ambjent u fil-limitazzonijiet tal-isptar t'Għawdex.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Issa li l-imxija tal-ICOVID-19 naqset sew - kważi spiċċa l-perjodu speċjali li konna qegħdin ngħixu - nistgħu ngħidu li s-sitwazzjoni tas-servizzi offruti fl-isptar ta' Għawdex reġgħet ġiet għan-normal kif kienet qabel?

DR NADINE DELICATA: Minn din il-ġimgħa, *in line* mal-linji gwida li ngħatajna mid-Dipartiment tas-Saħħa u mill-awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika erġajna bdejna nżidu n-numru ta' appuntamenti anke tal-*outpatients* u ftit ftit fil-ġranet u ġimgħat li ġejjin qegħdin inħarsu lejn sitwazzjoni fejn nerġgħu niġu għan-normal però bid-differenza, kif qal id-Deputat Prim Ministru dalgħodu, li l-isptar tagħna jibqa' *geared* għal mewġa potenzjali oħra ta' COVID-19. Jalla ma tiġrix però *if it has to happen* nistgħu fi żmien qasir ħafna *we revert back to a COVID-19 mode*.

Iva, fil-ġranet u l-ġimgħat li ġejjin se naraw is-sitwazzjoni tiġi lura għan-normal u jien informata li din bdiet mill-bidu ta' din il-ġimgħa kif indikawlna l-awtoritajiet però bid-differenza li issa t-tħejjijiet kollha li għandna bżonn għall-kura ta' pazjenti bil-COVID-19 qegħdin hemmhekk u se jibqgħu hemmhekk.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Nixtieq nistaqsik mistoqsija proprju fuq l-aħħar punt li semmejt. Inti għedt li l-isptar issa huwa *geared* għall-eventwalità – u nittamaw li ma sseħħx – li jkun hemm mewġa oħra ta' infezzjonijiet. Naf li kien hemm - almenu dik l-informazzjoni li waslitli imma forsi inti tista' tispjega aħjar - ċerti diffikultajiet għax, kif ġie spjegat anke mid-Deputat Prim Ministru fil-Parlament, is-sodda mhijiex *just* sodda imma trid ammont ta' *staff* magħha. Rigward l-i*staff* li għandha bżonn kull

waħda minn dawn is-sodod, dan l-i*staff* instab? Fl-eventwalità li jkun hemm imxija ġdida ta' COVID-19 nistgħu ngħidu li l-isptar huwa *geared* bl-i*staff* ippreparat?

DR NADINE DELICATA: Kif għedt tajjeb inti, is-sodda mhijiex sodda biss imma trid l-i*staff* marbut magħha. Irrid ngħid li sar eżerċizzju biex inżidu kemm in-numru ta' tobba, in-numru ta' *nurses* kif ukoll in-numru ta' *carers*. Ġie pilotat mudell ta' għajnuna remota fid-Dipartiment tal-Kura Intensiva *tramite* l-*partnership* li għandna ma' Steward fl-Amerika fejn l-ITU f'Għawdex huwa *in live contact* ma' ITU ċentrali fl-Amerika li jaħdem 24 siegħa kuljum u allura l-anestetisti tagħna u anke l-i*staff* tal-ITU dejjem għandhom dak is-sapport li jkunu jeħtieġu, speċjalment f'każijiet ta' COVID-19.

Fl-ITU t'Għawdex nirringrazzjaw lill-Mulej li ma tantx rajna, anzi ma rajna proprju xejn, però jekk niġu f'sitwazzjoni kif rajna fl-Italja u f'pajjiżi oħra, dak is-sapport ġie *tested* u fil-fatt jaħdem. Ħsibna li nżidu s-sapport kemm f'dak li huwa *personnel*, kif ukoll f'dak li huwa *expertise* jew speċjalizzazzjoni.

ONR. KEVIN CUTAJAR: Kif ġie mħabbar b'mod pubbliku, numru ta' servizzi bdew jiġu offruti mill-bini tal-Iskola Medika ta' Barts. Hawnhekk il-mistoqsija tiegħi tinqasam fi tnejn. Min-naħa ta' Barts intalbet xi forma ta' remunerazzjoni biex dawn is-servizzi jkunu jistgħu jiġu pprovduti mill-bini li qed jokkupaw huma? Kien hemm xi forma ta' kumpens jew talba għal kumpens min-naħa ta' Steward lill-Gvern ċentrali għas-servizzi li ngħataw f'Għawdex minn Steward minħabba l-imxija tal-COVID-19?

DR NADINE DELICATA: Fuq Barts, ir-risposti huma l-istess: Le u le; ma kienx hemm talba għal ħlas min-naħa ta' Barts u ma kienx hemm talba lanqas min-naħa ta' Steward lill-Gvern.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Mistoqsija oħra hija dwar il-famużi *ventilators*. Kemm-il darba smajna stejjer, anke fis-snin passati ta' apparat li sfortunatament jinġieb għall-użu ta' Għawdex imbagħad ma jibqax f'Għawdex. Minħabba li bħalissa, għall-grazzja ta' Alla, almenu safejn informat jien, m'għandniex każijiet attivi f'Għawdex, tista' tagħtina garanzija li dawn il-*ventilators* se jibqgħu għall-użu tal-isptar ta' Għawdex?

DR NADINE DELICATA: Iva, dawn il-*ventilators* huma proprjetà ta' Steward u se jibqgħu fl-isptar ta' Għawdex. Fil-fatt huma fl-isptar ta' Għawdex, fadal għaxra oħra li jridu jaslu però *we have more than an ample supply* bħalissa. Niggarantilek li fil-maġġor parti kbira tagħhom mhux qed jintużaw u ta' dan nirringrazzja lill-Mulej.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: L-aħħar mistoqsija tiegħi hija b'mod ġenerali rigward il-mod kif saru l-preparamenti f'Għawdex u anke l-*input* li kien hemm min-naħa tal-Gvern ċentrali u min-naħa tal-awtoritajiet tas-saħħa inkwantu Għawdex. Inti llum tirrappreżenta lill-kumpanija Steward li tmexxi l-isptar. Tħoss li l-affarijiet saru b'mod adegwat u f'ħinhom?

DR NADINE DELICATA: Nirrappreżenta lil Steward però jien nibqa' Għawdxija *at heart* u nassigurak li l-ispirtu tiegħi hemm qiegħed. Iva, inħoss li dan kien eżerċizzju ta' kollaborazzjoni sabiħa ħafna, ta' mod kif għandu jaħdem *public-private partnership* (PPP). Fil-fatt dan kien deskritt mid-Deputat Prim Ministru bħala mudell eżemplari ta' kif għandha taħdem din it-tip ta' kollaborazzjoni.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Sinjura President, l-ewwel nett nirringrazzja lil Dr Delicata kemm tal-preżentazzjoni li għamlet l-aħħar darba kif ukoll tal-mistoqsijiet li wieġbet tal-kollega tiegħi l-Onor. Cutajar. Jiddispjaċini li l-aħħar darba ma stajtx nibqa' l-ħin kollu għall-preżentazzjoni għax kelli nitkellem fil-Plenarja proprju fil-ħin li kienet qed tagħmel il-preżentazzjoni.

L-Onor. Cutajar daħal f'numru ta' mistoqsijiet marbuta direttament mal-operat waqt l-imxija tal-COVID-19, imma jien se mmur aktar għal mistoqsijiet speċifiċi anke wara lmenti li waslu għandna minn nies li aħna nirrappreżentaw f'din il-Kamra. Ħa nibda fuq l-*issue* tal-anzjani tar-Residenza Sant'Anna. Tikkonferma li bħalissa hemm numru żgħir ta' anzjani li qegħdin jirrisjedu f'Santa'Anna?

DR NADINE DELICATA: Bħalissa m'hemm ħadd fir-Residenza Sant'Anna.

ONOR. CHRIS SAID: Id-Deputat Prim Ministru proprju lbierah f'risposta għal mistoqsija parlamentari qalli li hemm numru ta' anzjani li qegħdin fir-Residenza Sant' Anna. Ma kienx qed jgħid il-verità d-Deputat Prim Ministru jew inti?

DR NADINE DELICATA: Bħalissa hemm numru żgħir ta' pazjenti, anzjani li qegħdin fl-*acute wards,* li se jinżlu Sant' Anna. Il-pjan kien li jinżlu t-Tnejn imma kien hemm daqsxejn dewmien u l-pjan hu li jinżlu għada jew pitgħada. Ma kienx skorrett f'dak li qallek.

ONOR. CHRIS SAID: Jiġifieri f'dawn il-ġranet numru ta' anzjani li ma kienx hemm post biżżejjed għalihom fil-lukanda li qed tintuża għal dan l-iskop fiċ-ċentru tar-Rabat, kienu qegħdin jinżammu fil-*wards* normali. Naqblu?

DR NADINE DELICATA: Iva.

ONOR. CHRIS SAID: U issa se jinżlu f'Sant' Anna.

Dr NADINE DELICATA: Iva.

ONOR. CHRIS SAID: Jiġifieri Sant' Anna se terġa' lura bħala residenza tal-anzjani hux hekk?

DR NADINE DELICATA: Le. Sant' Anna ġiet konvertita f'post b'sodod li jistgħu jikkuraw pazjenti bil-COVID-19 kif kienet it-talba tal-Gvern, però ġiet magħmula b'tali mod li b'mod sikur tingħalaq parti minnha u tkun *safe*. Jiġifieri anke jekk ikollok parti li tintuża għall-COVID-19, tista' tingħalaq il-parti l-oħra u tintuża għall-anzjani. Irrid nispjega li għalkemm qabel kellna Sant' Anna u l-pazjenti kienu jkunu Sant' Anna, dejjem kellna *overflow*, jiġifieri dejjem ikun hemm numru ta' nies *over and above* il-*capacity* jew in-numru ta' sodod li hemm f'Sant' Anna u fis-Sala Xjuħ Irġiel. *This is a fluid process, an ongoing process*. Mhuwiex stat ta' fatt li għax għandna 81 sodda f'Sant' Anna, allura għandna 81 pazjent. Ħafna drabi jkollok aktar u rarament ikollna inqas minn dak li tista' tieħu Sant' Anna jew Xjuħ Irġiel.

ONOR. CHRIS SAID: Kemm hemm bħalissa anzjani fis-swali normali li se jinżlu Sant' Anna?

DR NADINE DELICATA: Mingħalija madwar 18.

ONOR. CHRIS SAID: Inti għedt li parti minn Sant' Anna tista' tiġi segregata b'mod sikur u l-parti l-oħra tista' tintuża għall-COVID-19. Kif?

DR NADINE DELICATA: Fiha 81 sodda, sarulha l-arranġamenti infrastrutturali neċessarji biex dan jista' jsir b'mod sikur.

ONOR. CHRIS SAID: Jiġifieri ġiet maqsuma fi tnejn?

DR NADINE DELICATA: Tista' tiġi maqsuma, mhux bilfors fi tnejn. *It can flex up and flex down* skont il-bżonn. Hawnhekk irrid nispeċifika li l-ewwel nett din il-pandemija ħadd ma raha ġejja u ħadd ma kien ippreparat għaliha, u t-tieni li naħseb li rridu nifhmu li waħda mill-*key strengths* tal-isptar ta' Għawdex, biex ikun jista' jadatta għas-sitwazzjonijiet varji, riedet tkun li jkun flessibbli bl-aktar mod possibbli.

ONOR. CHRIS SAID: Naqbel miegħek.

DR NADINE DELICATA: Din narawha mhux biss f'Sant' Anna u l-*area* intiża għall-COVID-19 imma anke f'affarijiet oħra. Meta jkollna l-imxija tal-influwenza wkoll ikollna sfidi dwar kif nistgħu nakkomodaw pazjenti b'mod sikur. B'dan il-mod ħadna ħsieb li *we can flex up and flex down* skont il-bżonn.

ONOR. CHRIS SAID: Dawn it-18-il anzjan se jibqgħu Sant' Anna jew qed isiru preparamenti biex jinħarġu mill-*premises* tal-isptar ġenerali?

DR NADINE DELICATA: Għaddejjin diskussjonijiet biex nevalwaw il-possibilità li jinstab post alternattiv. Għad m'għandniex deċiżjoni fuqha.

ONOR.CHRIS SAID: Aħna qed ngħidu li numru ta' anzjani ħarġu minn Sant' Anna u llum qegħdin f'lukanda fiċ-ċentru tar-Rabat. Din ir-*relocation* għamlitha Steward jew għamilha l-Gvern ċentrali? Min qed iħallas għall-kirja tal-lukanda fir-Rabat, Steward jew il-Gvern ċentrali?

DR NADINE DELICATA: Il-Gvern.

ONOR. CHRIS SAID: Jiġifieri jekk dawn l-anzjani se jiġu rilokati għal post ieħor barra l-isptar ġenerali, ir-responsabilità se tkun tal-Gvern jew ta' Steward?

DR NADINE DELICATA: M'għandix risposta għaliha għax għad hemm id-diskussjonijiet għaddejjin. L-operat jibqa' responsabilità ta' Steward, jiġifieri l-is*taff*, il-kura tal-pazjenti, is-servizzi kollha bħal *catering* u *laundry*, dak jibqa' responsabilità ta' Steward. Fuq affarijiet oħra hemm diskussjonijiet għaddejjin.

ONOR. CHRIS SAID: Kemm hu *envisaged* li se jdumu fil-lukanda l-pazjenti? Hemm numru ta' lmenti wkoll dwar in-nuqqas ta' ċerta aċċessibilità fejn qegħdin. Hemm affarijiet li huma aħjar minn fejn kienu imma hemm aspetti, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċessibilità, li din il-lukanda mhijiex adattata daqs Sant' Anna.

DR NADINE DELICATA: M'hemm l-ebda post ideali mija fil-mija. Kif taf inti, il-post ġie spezzjonat mis-Social Care Standards Authority u nħarġu xi rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati. Nixtieq għandi risposta għaliha però naħseb li r-risposta tagħha hija marbuta ma' kemm iddum il-pandemija tal-COVID-19 li, kif taf inti, ħadd m'għandu idea ta' kemm se ddum is-sitwazzjoni jew jekk hemmx possibilità ta' mewġa oħra. Hija mistoqsija diffiċli biex nirrispondik għaliha.

ONOR. CHRIS SAID: Il-qraba tal-anzjani bdew jagħmlu żjarat lill-anzjani f'Sant' Anna u fil-lukanda?

DR NADINE DELICATA: Iva, mill-ġimgħa l-oħra.

ONR. CHRIS SAID: Waqt li kien hemm il-*peak* tal-imxija tal-COVID-19, kien hemm mumenti fejn kien hemm pazjenti bil-COVID-19 fis-swali normali fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex? Qed nirreferi għall-*male* u l-*female wards* u swali oħra normali.

DR NADINE DELICATA: Mhux b'mod konxju. Kien hemm pazjenti fis-swali normali li meta sarilhom l-is*wab* irriżulta li għandhom il-COVID-19 u ovvjament ġew trasferiti għall-*area* tal-COVID-19. Irrid ngħid ukoll li fis-swali ġenerali hemm kmamar li minn dejjem kienu ddisinjati u kapaċi jospitaw pazjenti b'mard infettiv. Jiġifieri fejn kien hemm dan it-tip ta' pazjenti li eventwalment irriżulta li kienu pożittivi għall-COVID-19, xorta kien hemm il-prekawzjoni li dawn kienu qegħdin f'dawn il-kmamar disinjati apposta.

ONOR. CHRIS SAID: Malli ġie xi ħadd *diagnosed* li huwa pożittiv, x'kienu l-passi li ttieħdu? Waslulna lmenti li kienu jafu li hu pożittiv u tħalla sigħat jekk mhux ġranet fil-*wards* normali.

DR NADINE DELICATA: Assolutament le. Kellna COVID-19 *designated areas* li kienu speċifiċi kemm għall-*intensive care*, kemm għall-kura għal min kien jinsab COVID-19 *positive* imma għandu kondizzjonijiet ta' saħħa tajba, kif ukoll għal dawk li jkunu qegħdin jistennew ir-riżultat tal-COVID-19. Kif għedtlek, fis-swali ġenerali hemm kmamar disinjati biex jospitaw dawn il-pazjenti b'mod sikur però kif kellna djanjożi ta' COVID-19 dawn ġew trasferiti fiż-żoni *designated* apposta.

ONOR. CHRIS SAID: Lill-ħaddiema, jiġifieri l-*carers* u n-*nurses*, meta faqqgħet l-imxija intom ipprovdejtulhom akkomodazzjoni alternattiva biex ma jmorrux mal-familji tagħhom? Bħala Steward offrejtu lil min irid akkomodazzjoni alternattiva?

DR NADINE DELICATA: Iva.

ONOR. CHRIS SAID: Kemm ħaddiema ħaduha l-akkomodazzjoni alternattiva?

DR NADINE DELICATA: M'għandix il-figuri quddiemi, però jidhirli li kien hemm mal-40 talba li ġew milqugħa.

ONOR. CHRIS SAID: Din l-ispiża tal-akkomodazzjoni alternattiva ġarritha Steward?

DR NADINE DELICATA: Jidhirli li kien hemm skema tal-Gvern però m'għandix l-informazzjoni quddiemi.

ONOR. CHRIS SAID: Il-kollega tiegħi l-Onor. Cutajar għamel mistoqsija u inti, *rightly so*, għedt li l-importanti mhux biss li jkollok is-sodod imma mas-sodod irid ikollok it-tobba, in-*nurses* u l-*carers*. Għedtilna wkoll li żidtu b'mod qawwi n-numru ta' tobba, *nurses* u *carers* biex ikollkom tobba, *nurses* u *carers* biżżejjed għas-sodod li żdiedu fl-isptar. Ovvjament, kellek biss biss il-*carers* u *nurses* ta' Sant' Anna li mxew mal-anzjani għal ġol-lukanda. Mela hemmhekk kellek 80 sodda u ridt issib *carers*, *nurses* u tobba għal dawk it-80 sodda jekk jiġu wżati. Kemm żidtu tobba, *nurses* u *carers* matul dan il-perjodu?

DR NADINE DELICATA: Bħalissa għadu għaddej il-proċess ta' reklutaġġ. Irrid nispjega li mhux daqshekk faċli li fi żmien pandemija ssib *staff* għax kien hawn ħafna nies li qed ifittxu l-i*staff*. Dwar dan ukoll m'għandix l-informazzjoni quddiemi, imma jidhirli li n-numru ta' tobba kien tmienja, in-numru ta' *nurses* kien ta' għaxra u jidhirli li n-numru ta' *carers* kien ukoll ta' għaxra.

ONOR. CHRIS SAID: Ħa mmur fuq numru ta' mistoqsijiet oħra u nipprova nagħlaq ma ndumx. Kemm se jdumu fil-*containers* id-*drivers* tal-ambulanzi u d-*drivers* tal-vetturi l-oħra ta' Steward?

DR NADINE DELICATA: Naħseb li tinsab informat li bħalissa l-Emerġenza ġiet rilokata fid-Dipartiment tal-Outpatients u l-i*staff* tal-Emerġenza qed jaħdmu mid-Dipartiment tal-Outpatients. Dan sar minħabba l-pandemija però se tittieħed l-opportunità biex jinbdew ix-xogħlijiet fl-eks Emerġenza ħalli l-Emerġenza tikber. Ma' dan ix-xogħol hemm marbuta wkoll il-kwestjoni li qed issemmi inti fuq l-i*staff* tat-trasport.

ONOR. CHRIS SAID: Allura meta se jkollhom fejn joqogħdu b'mod diċenti? Sa meta għandhom jistennew? Dwar dan waslulna lmenti kontinwi. Sa meta qegħdin tippjanaw li dawn ikollhom post diċenti minn fejn jaħdmu?

DR NADINE DELICATA: Naħseb li sa tliet xhur jew erba' xhur oħra x-xogħlijiet għandhom ikunu lesti.

ONOR. CHRIS SAID: Mistoqsija oħra marbuta magħha. Skont il-kuntratt oriġinali, f'Ġunju tal-2018 kellu jkun lest l-isptar il-ġdid. Fiex wasal u meta se narawh lest? Ovvjament l-Għawdxin qegħdin jistennew sptar ġdid. Kien parti mill-obbligu tal-kuntratt oriġinali mal-Vitals u mhux ma' Steward imma Steward daħlu fiż-żarbun ta' Vitals. F'Ġunju tal-2018 ma tlestiex, għaddew sentejn u llum qegħdin f'Ġunju tal-2020. Meta qed nippjanaw li dan l-isptar il-ġdid jibda jintuża?

DR NADINE DELICATA: Min-naħa tagħna l-pjanti lesti, ġew maqsuma mal-Gvern, imma naħseb li mhuwiex il-forum fejn nista' nagħtik ir-risposta għax jien ġejt hawnhekk biex nitkellem fuq il-preparamenti tal-COVID. Però nassigurak li min-naħa tagħna l-preparamenti saru u l-i*staff* ġie involut anke fil-pjanijiet il-ġodda kemm għall-blokka akuta li se titla' kif ukoll ir-*refurbishment* li se jsir fl-*acute hospital* eżistenti. Min-naħa tagħna *we are ready to go*.

ONOR. CHRIS SAID: Jekk jiddependi minnkom biss, meta hu ppjanat li jkun lest u li jintuża l-isptar il-ġdid?

DR NADINE DELICATA: Naħseb li mhux kompitu tiegħi li nħabbar it-*timelines*; inħalli f'idejn il-Gvern.

ONOR. CHRIS SAID: Imma l-obbligu li jinbena huwa ta' Steward mhux tal-Gvern, hux hekk?

DR NADINE DELICATA: Kif għedtlek, *we are ready to go* però din hija *public private partnership* mal-Gvern u mhuwiex il-kompitu tiegħi li nħabbar it-*timelines*. Naħseb li għandu jħabbarhom il-Gvern meta jkun il-ħin propizju.

ONOR. CHRIS SAID: Imma x'inhi r-raġuni li għadu ma bediex? Diġà qegħdin sentejn tard.

DR NADINE DELICATA: Il-mandat li kellna kien li l-ewwel *we deliver* l-iskola ta' Barts u l-iskola ta' Barts ġiet *delivered* kif kien miftiehem mal-Gvern. *In the meantime,* il-proċess ta' ppjanar għall-isptarijiet kemm ta' Għawdex kif ukoll ta' Karin Grech sar, il-pjanijiet ġew imqassma mal-Gvern u, kif taf inti, faqqgħet il-pandemija.

ONOR. CHRIS SAID: Meta tgħid il-proċess ta' ppjanar sar, jiġifieri ħarġu l-permessi għall-bini tal-isptar?

DR NADINE DELICATA: Il-proċess ta' ppjanar jiġifieri l-konsultazzjoni wiesgħa mal-*users* kollha u l-i*stakeholders* kollha tal-isptar dwar id-dettalji ta' kif se jitqassmu s-swali, il-*flows,* id-dettall kliniku. Mal-Awtorità tal-Ippjanar sar *engagement* ukoll però ma kienx l-iskop tiegħi jew il-mandat tiegħi li f'dan il-forum nitkellem fuq il-pjanijiet tal-isptar il-ġdid.

ONOR. CHRIS SAID: Dan huwa Kumitat tal-Parlament li jittratta l-affarijiet ta' Għawdex u jekk hemm xi ħaġa li tinteressa lill-Għawdxin hija s-saħħa tagħhom, l-isptar tagħhom u allura l-aspett tal-proċess ta' ppjanar. Se jkolli nistaqsik: Ngħid sew li mhux talli għadha ma saritx l-applikazzjoni imma lanqas il-*local plan* għadu mhuwa approvat u n-nuqqasijiet kienu min-naħa

ta' Steward għax ma bagħatx ir-rikjesti li talbet l-Awtorità tal-Ippjanar?

DR NADINE DELICATA: Dawn intbagħtu u rċevejna mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar.

ONOR. CHRIS SAID: Jekk intbagħtu, intbagħtu reċentement għax kienu ilhom erba' snin weqfin.

DR NADINE DELICATA: Steward ma kienx hawn erba' snin ilu.

ONOR. CHRIS SAID: Qabel kien hemm Vitals.

DR NADINE DELICATA: Inti stess għedt. Qed nagħtik risposta, dawn intbagħtu u rċevejna lura mill-Awtorità tal-Ippjanar.

ONOR. CHRIS SAID: Il-*local plan* huwa approvat?

DR NADINE DELICATA: Ma nistax ngħidlek, m'għandix l-informazzjoni quddiemi. Onor. Said, ma ġejtx ippreparata biex nitkellem fuq il-pjanijiet tal-isptar il-ġdid. Ġejt ippreparata biex nitkellem fuq il-pandemija.

IĊ-CHAIRPERSON: Ejja nirregolaw il-mod ta' kif qed nitkellmu flimkien u npoġġu d-diskussjoni fil-kontest tas-suġġett. Nifhem li hemm suġġett fuq l-aġenda li jkopri li niddiskutu l-isptar. Però forsi wieħed jista' jikkompatixxi lis-CEO li meta nkunu qegħdin nitkellmu fuq is-suġġett tkun ippreparata aktar.

ONOR. CHRIS SAID: Mela semmejt l-iskola ta' Barts. Nafu - għax kienet fil-midja - li l-ispazju ta' Barts qed jintuża għal ċerti operazzjonijiet tal-isptar ġenerali. Ovvjament, dan qed isir għax m'hemmx studenti bħalissa. Il-lezzjonijiet ta' Barts mill-iskola waqfu.

DR NADINE DELICATA: Hekk hu.

ONOR CHRIS SAID: Il-kirja li Barts tħallas lil Steward, jew li l-MIP, għan-nom ta' Barts, tħallas lil Steward, issa li waqfu l-lezzjonijiet xorta baqgħet titħallas?

DR NADINE DELICATA: M'għandix din l-informazzjoni, jiddispjaċini.

ONOR. CHRIS SAID: Dan l-aħħar rajna wkoll fil-midja li nbidlu s-sidien ta' Steward. Dan se jaffettwa l-operat tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex?

DR NADINE DELICATA: Lanqas xejn. Diġà ġie kkomunikat mal-*partner* tagħna, li huwa l-Gvern ta' Malta, li dan m'għandu l-ebda impatt fuq l-isptarijiet f'Malta.

ONOR. CHRIS SAID: L-aħħar mistoqsija. Qed titolbu reviżjoni tal-kuntratt mal-Gvern. Ovvjament dan jinteressa lill-pubbliku għax il-Gvern jirrappreżenta lill-istat. Fiex wasaltu fid-diskussjonijiet tar-reviżjoni tal-kuntratt tat-tmexxija tal-isptarijiet?

DR NADINE DELICATA: Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin. Huma diskussjonijiet pożittivi u kordjali ħafna però, kif taf inti, l-enfasi f'dawn l-aħħar ftit ġimgħat jekk mhux xhur kienet fuq il-pandemija u l-imxija tal-COVID-19 u kif se nipproteġu lill-pazjenti, lill-komunità u lill-i*staff* tagħna.

ONOR. CHRIS SAID: Mhux se nistaqsik x'inhuma d-diskussjonijiet għax dawk imbagħad joħorġu jekk ikun hemm qbil, però tikkonferma li hemm diskussjonijiet mal-Gvern għar-reviżjoni tal-kuntratt?

DR NADINE DELICATA: Nikkonferma li hemm diskussjonijiet mal-Gvern għal kjarifiki fuq il-kuntratt.

IĊ-CHAIRPERSON: Nirringrazzjak, Dr Delicata. Hawnhekk spiċċajna mingħajr *quorum* u allura kostretta li nissospendi u nagħlaq il-laqgħa tal-lum. Nirringrazzja lill-Onor. Said li baqa' hawnhekk. L-Onor. Cutajar huwa impenjat fil-Plenarja. Jien qiegħda hawnhekk però *quorum* m'għandniex u allura se jkolli nissospendi u niltaqgħu f'laqgħa oħra li d-data u l-aġenda tagħha jkunu kkomunikati aktar 'il quddiem. Nirringrazzjakom.

Fis-6.11 p.m. il-Kumitat aġġorna minħabba nuqqas ta' quorum.

12.7 Appendiči 7

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX
(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 7
It-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2020

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 7
It-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2020

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.36 p.m.

MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 6, li saret fid-9 ta' Ġunju 2019, ġew ikkonfermati.

INTRODUZZJONI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Justyne Caruana): Nilqa' lil dawk kollha li qegħdin isegwuna *online* fuq is-sit elettroniku tal-Parlament kif ukoll lil dawk it-telespettaturi li se jkunu qegħdin isegwuna fuq l-istazzjon tal-Parlament.

Irrid nieħu l-opportunità biex infakkar lil dawk kollha li se jindirizzaw dan il-Kumitat, li dan huwa kumitat pubbliku bi proċeduri li kollha kemm huma, huma pubbliċi. Għalhekk id-dokumenti li se jiġu prodotti u esebiti waqt il-laqgħa tal-Kumitat huma pubbliċi, ovvjament sakemm ma tkunx ix-xewqa ta' min ikun qed jintervjenti li parti mill-intervent ma tixxandarx.

Ninforma lill-membri li bgħatna ittra biex nawguraw lill-Isqof Elett għal Għawdex, Monsinjur Anton Teuma. F'isem il-Kumitat fraħnielu u estendejnielu wkoll il-kollaborazzjoni tagħna bħala Kumitat.

Kif ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, bgħatna ittra lis-Sur Paul Zahra, Chairperson tal-iState Aid Monitoring Board, dwar is-sitwazzjoni tal-Gozo Channel u dwar it-talba biex il-Gozo Channel tiġi megħjuna mhux biss fil-kontest tal-COVID-19 imma wkoll għall-quddiem, kif qed niddiskutu f'dan il-Kumitat.

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Sinjura President, irrid nagħmel żewġ punti. L-ewwel nett, kien hemm xi risposta rigward l-ittra tas-Sur Zahra?

Barra minn hekk, b'referenza għall-ittra lill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex, jien nissuġġerixxi ...

IĊ-CHAIRPERSON: Nagħmlu laqgħa ta' kortesija.

ONOR. CHRIS SAID: Aktar milli laqgħa ta' kortesija jkun tajjeb li nagħmlu laqgħa informali miegħu bħala membri tal-Kumitat. Għaldaqstant nitolbu lilek bħala Chairperson biex tikkuntattjah u tgħidlu li nixtiequ niltaqgħu miegħu bħala rappreżentanti li kollha ġejjin minn Għawdex. B'hekk inkunu nistgħu nitkellmu miegħu b'mod informali dwar numru ta' materji li jolqtu lil Għawdex.

IĊ-CHAIRPERSON: Fil-fatt din kont se nissuġġeriha aktar tard u nista' ngħid li naqbel perfettament dwar dan.

Dwar l-ittra tas-Sur Paul Zahra rrid ngħid li għad m'għandna ebda *feedback*. L-Onor. Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Jien naqbel magħkom dwar is-suġġeriment tal-laqgħa mal-Isqof u nista' ngħid li kont fuq l-istess linja tagħkom.

Sinjura President, ninformak li għall-ħatba tas-6.30 p.m. jekk il-laqgħa tkun għadha għaddejja, se jkolli nitbiegħed ftit mill-Kamra minħabba impenji oħra.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi talli informajtni. Qed nieħu nota u qed niskużak biex aktar tard tirtira minn dan il-Kumitat.

IĊ-CHAIRPERSON: Illum għandna l-kontinwazzjoni tad-diskussjoni dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Illum bħala mistednin għandna lis-Sur Joe Muscat, CEO tal-Gozo Tourism Association (GTA) biex titkompla d-diskussjoni rigward il-preżentazzjoni li diġà ngħatat. Għandna wkoll fostna rappreżentanti tal-Malta Enterprise; lis-Sur David Anthony Gatt, Head of Investment Promotion Unit kif ukoll lis-Sur Brian Camilleri, Chief Economist tal-Malta Enterprise, biex jagħmlu l-interventi tagħhom. Kellu jkollna magħna wkoll lil Dr Gavin Gulia, Chairman tal-MTA, però minħabba impenn imprevist, skuża ruħu li ma setax jattendi. Il-ġimgħa li għaddiet suppost kellna laqgħa però minħabba problemi tekniċi kellna nipposponuha.

Issa nsejjaħ lis-Sur Brian Camilleri li jaħdem fir-Research Department tal-Malta Enterprise.

IS-SUR BRIAN CAMILLERI (Chief Economist, Malta Enterprise): L-ewwel nett nirringrazzjakom għall-ħin li qed tagħtu lilna, Onor. Membri ta' dan il-Kumitat. Illum se nkunu qegħdin naqsmu magħkom xi ftit mix-xogħol li bħala Malta Enterprise ilna nagħmlu b'mod intensiv ħafna f'dawn l-aħħar xhur li ilha li bdiet il-pandemija u saħansitra anke minn qabel.

Naħseb li jkun xieraq ukoll li llum f'dan il-Kumitat nuru xi ftit *data* dwar Għawdex li għadna qatt ma ppubblikajna. Fil-fatt din illum se tkun qed tiġi *shared* mal-kumplament tal-Membri.

IĊ-CHAIRPERSON: Jiġifieri għandna l-privileġġ li aħna se nkunu l-ewwel riċevituri ta' din l-informazzjoni.

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Iva, għax is-soltu ma tantx nippubblikaw daqshekk *data* li tkun separata. Illum, kif se nispjega aktar 'il quddiem, ħriġna xi affarijiet li huma ta' interess għal dan il-Kumitat u anke għall-pubbliku inġenerali.

B'mod ġenerali aħna nitkellmu dwar Malta u Għawdex. Huwa importanti li wieħed jifhem ukoll li anke fejn tidħol ekonomija, hemm affarijiet li huma simili bejn Malta u Għawdex. Pereżempju, jekk wieħed iħares lejn l-industrija u lejn is-servizzi professjonali u amministrattivi f'Malta u f'Għawdex isib li l-kontribuzzjoni tagħhom lejn l-ekonomija għandhom *shares* li huma relattivament l-istess. Ovvjament hemm ukoll punti diverġenti. Pereżempju s-settur tal-*gambling* u l-*betting* għal Malta huwa ħafna aktar importanti milli huwa għal Għawdex. Min-naħa l-oħra s-settur tar-*real estate* huwa aktar importanti għal Għawdex milli huwa għal Malta.

Ovvjament iż-żewġ setturi li naħseb li kulħadd intlaqat minnhom b'mod mill-aktar b'saħħtu, mhux biss f'Malta jew f'Għawdex, imma b'mod globali, huma dak tal-*wholesale* u *retail trade* kif ukoll l-*accommodation and food services*, jiġifieri t-turiżmu. Meta dawn iż-żewġ setturi narawhom *on paper in terms of gross value added* insibu li għandhom l-istess *share*, kemm għal Malta kif ukoll għal Għawdex, imma minħabba diversi *issues*, pereżempju tal-insularità doppja, is-settur tat-turiżmu f'Għawdex jista' jkun li jdum biex jirpilja u jerġa' jmur lura għal-livelli tas-snin ta' qabel aktar minn dak ta' Malta.

Ta' min isemmi li fil-pjan riġenerattiv il-Gvern ħaseb ukoll għall-fatt li Għawdex jista' jkun li jbati aktar mis-settur tat-turiżmu. Pereżempju, il-*voucher* tal-€100, li kull min għandu aktar minn 16-il sena se jkun qed jirċevih, huwa speċifikament biex jintnefaq f'ristoranti u f'akkomodazzjoni. Illum il-ġurnata l-Maltin huma mdorrijin isiefru barra minn Malta b'mod frekwenti però llum jista' jkun li dak li jkun se jaħsibha darbtejn qabel imur barra minn Malta. Għalhekk hija ħaġa naturali li l-Maltin se jikkonsidraw lil Għawdex biex jonfqu l-*voucher*. Meta tmur ġo post mhux se tonfoq dak il-*voucher* biss imma se tonfoq ħafna aktar! Sa ċertu punt li se jkun qed jiġri huwa li qegħdin naraw ċertu *substitution effect*. Huwa veru li mhux se jkun hemm it-turisti tas-soltu ġewwa Għawdex imma nistennew li jkun hemm aktar Maltin li jmorru Għawdex u dan se jiġi rifless f'infiq aktar fl-ekonomija Għawdxija.

Sinjura President, aħna ħsibna dwar opportunità waħda li sa ċertu punt tirrelata anke mal-qasam tat-turiżmu. Din hija xi ħaġa verament bażika. Naħseb li fl-aħħar xhur kollha kemm aħna, xi ġurnata jew oħra, ħdimna mid-dar u għall-maġġor parti tan-nies u tas-setturi, dan huwa mudell li jaħdem. Illum il-ġurnata huwa aċċettat li m'hemmx għalfejn li kulħadd ikun qiegħed ix-xogħol il-ħin kollu. Naħseb li l-karatteristiċi li għandu Għawdex jistgħu jagħmluh post ideali

fejn wieħed jospita *digital nomads* u nies oħrajn li jaħdmu b'mod remot. Aħna diġà konxji li hemm nies li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol ġewwa Għawdex imma jista' jkun li minħabba l-COVID-19 il-proċess li dawn in-nies iħarsu lejn Għawdex, ladarba jkun hemm il-*marketing* addattat, jista' jkun li jissaħħaħ ħafna aktar.

L-inċentivi li kellha l-Malta Enterprise anke qabel il-COVID-19 dejjem kienu, fil-maġġor parti tagħhom, għajnuna addizzjonali għall-fatt li l-*businesses* ikunu qegħdin Għawdex.

Illum hawnhekk qed nagħtu titwila lejn informazzjoni li tirrelata mal-Micro Invest li hija skema li bla ebda dubju m'għandha bżonn l-ebda introduzzjoni għax hija waħda mill-aktar skemi popolari li namministraw aħna bħala Malta Enterprise. Fil-fatt taħt din l-iskema qegħdin ngħidu li dawk l-SMEs li japplikaw għall-Micro Invest fl-2020, parti mit-*tax credits* li nagħtuhom is-soltu, minħabba s-sitwazzjoni straordinarja li għaddejjin minnha, se nkunu qegħdin nagħtuhielhom bħala *cash*. Ovvjament dan se jgħinhom fin-negozju tagħhom fejn tidħol il-likwidità, eċċ. Hawnhekk għamilna distinzjoni wkoll. Qed ngħidu li lil dawk in-negozji li qegħdin Malta se nagħtuhom €2,000 *tax credits* maqlubin fi flus kontanti filwaqt li lil dawk li qegħdin Għawdex se nagħtuhom €2,500 fi flus kontanti.

Nista' ngħid li minn Għawdex irċevejna 422 applikazzjoni u l-valur massimu ta' *tax credits* li se jingħata taħt din l-iskema għan-negozji Għawdxin jitla' għal €5 miljun. Qed ngħidu li minnhom se nkunu qed nagħtu madwar €671,000 bħala *cash grants* lill-kumpaniji li qegħdin Għawdex. Dawn huma flus kontanti li l-Malta Enterprise se tkun qed tagħti lil dawk in-negozji li qegħdin ġewwa Għawdex.

Sinjura President, din hija d-*data* li se nkunu qegħdin nippreżentaw illum lil dan il-Kumitat u din tirrelata mal-*Wage Supplement Scheme*. Din hija waħda mill-aktar skemi li ħadet enerġija lil Malta Enterprise biex tamministra u hija skema verament importanti għax biha rnexxielna nissalvagwardaw eluf ta' impjiegi f'Malta u f'Għawdex. Ta' min isemmi li taħt din l-iskema, dawk in-negozji li qegħdin Għawdex jibbenefikaw b'rata akbar. *Full-time employees* li jaqgħu taħt *Annexe B* f'Malta jieħdu €160 filwaqt li f'Għawdex se jieħdu €320. Min-naħa l-oħra l-*part-time employees* li jaqgħu taħt *Annexe B* f'Malta se jieħdu €100 u f'Għawdex se jieħdu €200. Imbagħad is-*self-employed* Għawdxin jieħdu €320 u dawk li għandhom l-impjegati magħhom se jieħdu €480.

Irrid inkellimkom ukoll rigward il-metodoloġija ta' din it-tabella. L-eħfef ħaġa għalina kienet tkun li mmorru fid-*database* tagħna, insibu lil dawk in-negozji li għandhom l-indirizz tagħhom f'Għawdex u nagħtukom l-informazzjoni, imma aħna xtaqna mmorru *oltre* minn hekk. Mid-*data* li għandna aħna ndunajna li hemm diversi negozji li huma reġistrati bl-indirizz tagħhom ġewwa Malta imma fil-verità għandhom il-ħaddiema tagħhom li joperaw ġewwa Għawdex. Aħna naħsbu li huwa importanti li dawn l-impjegati jidhru mad-*data* ta' Għawdex għaliex dawn qegħdin jikkontribwixxu direttament lejn l-ekonomija ta' Għawdex. Għalhekk dorna l-applikazzjonijiet li rċevejna u kull fejn sibna li kien hemm ħaddiem Għawdxi, minkejja li l-kumpanija tkun reġistrata Malta u li l-ħaddiem ikun qed jaħdem ġewwa Għawdex, għaddejnieh ma' din id-*data*. Jekk kumpanija li tħaddem għaxar persuni hija reġistrata Malta imma hemm persuna waħda li taħdem bħala *delivery man* ġewwa Għawdex, aħna ħadna d-*data* ta' dik il-persuna u daħħalnieha f'dan li se nippreżentaw illum. B'hekk qegħdin nagħtu stampa ħafna aktar ħolistika għax ma waqafniex biss biex naraw dawk li l-indirizz fiżiku tagħhom jaqra Għawdex imma qegħdin naraw fil-verità dawk in-nies li qegħdin jikkontribwixxu b'mod attiv lejn l-ekonomija Għawdxija.

Kif wieħed jista' jissoponi, kif diġà għamilt aċċenn qabel, iż-żewġ setturi li primarjament intlaqtu l-aktar jiġifieri dak tal-*wholesale* u r-*retail* u dak tal-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel, jammontaw għal 50% tal-applikazzjonijiet kollha li rċevejna minn Għawdex jew li kellhom ħaddiema li joperaw lejn l-ekonomija Għawdxija. Kif tistgħu taraw bħala l-firxa tal-applikazzjonijiet, bejn *Annexe A* u *Annexe B*, il-maġġor parti kienu taħt *Annexe A* li għenna bl-iktar mod intensiv għax il-kumpaniji kienu ntlaqtu b'mod qawwi. Fil-fatt 80% tal-applikazzjonijiet jaqgħu taħt *Annexe A* u 20% jaqgħu taħt *Annexe B*. Hawnhekk ikun tajjeb li wieħed isemmi wkoll li jekk inħarsu lejn is-settur tal-manifattura nsibu li l-maġġor parti tal-applikazzjonijiet li rċevejna kienu jaqgħu taħt *Annexe B*. Naħseb li dan huwa punt importanti wkoll għax juri kemm huwa importanti li kull ekonomija jkollha d-diversifikazzjoni tagħha.

Għalkemm ikollok setturi li jintlaqtu b'mod qawwi, ikollok oħrajn li jintlaqtu b'mod inqas qawwi u dan joħloqlok *resilience* u *buffer* fl-ekonomija tiegħek biex tkun tista' tiflaħ għax-xokk b'mod aħjar.

IĊ-CHAIRPERSON: Skużani. Għall-benefiċċju ta' dawk li qed isegwuna x'inhi d-differenza bejn *Annexe A* u *Annexe B*?

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: *Annexe A* huma dawk il-kumpaniji kollha li esperjenzaw tnaqqis fid-dħul tagħhom ta' aktar minn 75% jew inkella kienu magħluqin bl-Avviż Legali. *Annexe B* huma kumpaniji oħrajn li veru kellhom tnaqqis fit-*turnover* tagħhom imma dan ma kienx daqshekk sostanzjali. Aħna qed ngħidu li prattikament *Annexe A* huma dawk kollha li kienu magħluqin bl-Avviż Legali tal-Gvern minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Hawnhekk qegħdin nagħtu titwila lejn l-impjiegi. Dawn qsamniehom bħala *full-time employees* u *part-time employees* li konna qegħdin ngħinu aħna bħala Malta Enterprise bil-*Wage Supplement Scheme* tagħna. Għal darb'oħra hawnhekk wieħed jara li ż-żewġ setturi l-aktar li ġew megħjuna kienu tal-akkomodazzjoni u tal-*wholesale*.

Qed ngħidu li fis-settur tal-akkomodazzjoni għenna lil aktar minn 1,000 impjegat *full-time* u fis-settur tal-*wholesale* u r-*retail* għenna lil 690 ħaddiem. Flimkien dawn iż-żewġ kategoriji kienu jammontaw għal 50% tal-impjiegi li għenna li kienu *full-time* relatati ma' Għawdex.

Jekk inħarsu lejn l-impjiegi *part-time* insibu sitwazzjoni li bejn wieħed u ieħor hija l-istess. Fil-fatt jekk inħarsu lejn id-*distributions,* kemm tal-impjiegi *full-time* kif ukoll tal-impjiegi *part-time,* insibu li 72% tal-impjiegi *full-time* kienu jaqgħu taħt *Annexe A,* li għenniehom bl-aktar mod intensiv, u 28% kienu jaqgħu taħt *Annexe B.* Rigward il-*part-time employees* 88% kienu taħt *Annexe A* u 12% kienu jaqgħu taħt *Annexe B.*

F'din l-aħħar *slide* li għandi għalikom illum għamilna daqsxejn sommarju taż-żewġ *slides* li għadni kemm urejtkom bħala *data in terms* ta' applikazzjonijiet li rċevejna jiġifieri *Annexe A* u *Annexe B* ġbarthom flimkien. Fil-fatt ġbart il-*headcount* tal-ħaddiema li għenna u ħriġt ukoll il-flus li tajna taħt il-*Wage Supplement Scheme* lil dawn il-ħaddiema ta' Għawdex li kienu qegħdin japplikaw magħna. Dan ifisser li fis-settur tal-*accommodation and food service activities* tajna madwar €2.5 miljun.

Jekk inħarsu lejn is-settur tal-*wholesale* u r-*retail* insibu li tajna madwar €1.3 miljun lill-ħaddiema li kienu relatati ma' Għawdex. B'mod totali tajna lill-ekonomija ta' Għawdex kważi €6.8 miljun taħt il-*Wage Supplement Scheme* li amministrat il-Malta Enterprise. Issa nħalli f'idejn il-kollega tiegħi Anthony David Gatt biex jelabora aktar fuq l-inċentivi u t-triq tal-Malta Enterprise.

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Sur Anthony David Gatt.

IS-SUR ANTHONY DAVID GATT (Head of the Investment Promotion Unit, Malta Enterprise): Grazzi, Brian, għal dik l-ispjegazzjoni teknika u għal dik l-istatistika li ta' min jixtarrha tajjeb għaliex ovvjament hemm elementi li qegħdin joħorġu għall-ewwel darba. Huwa importanti li wieħed jitfa' dawl dwar il-mod prattiku u l-effett tal-għajnuna li amministrat il-Malta Enterprise fi ħdan l-ekonomija Għawdxija.

Min-naħa tiegħi l-ewwel nett nixtieq nispjega l-mod kif ħdimna bħala Malta Enterprise b'mod aktar komprensiv, apparti l-inċentivi partikolari, u rrid nitkellem ftit ukoll dwar il-miżuri ta' appoġġ għal dan l-istadju ta' riġenerazzjoni ekonomika.

Prattikament minn Frar li għadda l-Malta Enterprise, kif dejjem tagħmel, - u din kienet xi ħaġa li dejjem kienet vantaġġ għalina – żammet kuntatt dirett mal-intrapriżi, kemm is-*self-employed* iż-żgħar, kemm in-negozji tal-familja, kemm l-SMEs kif ukoll in-negozji kbar u dak li huwa l-Foreign Direct Investment li għandna f'pajjiżna, jiġifieri l-kumpaniji li jagħmlu investiment dirett barrani f'Malta u Għawdex. Aħna nżommu kuntatt dirett anke ma' dawk li qegħdin fil-qasam industrijali tax-Xewkija u f'postijiet oħrajn permezz tal-*units* tagħna f'Għawdex u permezz tal-operat mill-Gozo Innovation Hub, eċċ. Prattikament f'dawk il-konverżazzjonijiet diretti li kien qed ikollna sa minn Frar konna qegħdin nifhmu eżattament, jew aħjar, kif qegħdin jintlaqtu s-setturi differenti. Pereżempju fil-qasam tal-manifattura, fost in-niċeċ differenti li għandna, kif jafu l-Onor. Membri, hemm l-*automotive industry* u l-*pharmaceutical industry* li jintlaqtu b'mod

differenti. Kellna wkoll elementi ta' diversifikazzjoni, kif semma Brian Camilleri, jiġifieri li inti tesporta lejn swieq differenti b'*currency* differenti u dan huwa ta' vantaġġ għal pajjiżna. Kien hemm min qed jintlaqat b'mod differenti minħabba s-*supply chain* tagħhom.

Ovvjament in-negozji ż-żgħar kellhom sfidi kbar tagħhom għax minħabba d-deċiżjonijiet ta' saħħa pubblika kien qed ikollhom inqas klijenti. Għalhekk bdejna naħdmu biex niġbru l-informazzjoni u bdejna naqilbu qalba radikali interna fl-operat tal-Malta Enterprise. Aħna għandna dipartimenti differenti. Pereżempju l-Large Business Unit - il-*unit* li nappartjeni għalih jien - li jiġbed l-investiment dirett barrani beda jiffoka kważi esklużivament biex iħares lejn inċentivi bħall-*wage supplement* li kienu qegħdin jieħdu ħafna mir-riżorsi tagħna. Il-Malta Enterprise dejjem riedet tara li ssib bilanċ bejn li jkollha sistemi *in place,* li jkollha proċess biex toħroġ il-flus kemm jista' jkun b'mod malajr u fl-istess waqt iżżomm f'moħħha li dawn huma t-taxxi tal-ħaddiema tagħna u tal-familji tagħna li jridu jiġu amministrati b'mod diliġenti, trasparenti u li jkunu kontabbli għal kull nefqa li tkun qiegħda ssir permezz ta' dawn l-inċentivi.

Sinjura President, kellna ndaħħlu wkoll sistemi ta' IT interni bħall-applikazzjoni nnifisha għall-*wage supplement* biex nagħmluha aktar faċli lil dak li jkun. Normalment wieħed kien imur l-uffiċċju tal-Malta Enterprise u jsib min jgħinu biex japplika. Ir-realtà kienet li l-uffiċjali tagħna kienu qed jaħdmu mid-dar bit-*teleworking.* Għalhekk konna qegħdin nipprovaw nintegraw fuq is-sistema ammont qawwi ħafna ta' klijenti u l-opportunità li kellhom dawn kienet li japplikaw *online*, b'differenza minn dak li jagħmlu s-soltu u b'mod aktar tanġibbli biex wieħed japplika. Dan drajna nagħmluh b'mod b'saħħtu wkoll. Ovvjament rajna li fejn ikun hemm bżonn, nieħdu s-*sanctioning* mill-iState Aid Monitoring Board u mill-Kummissjoni Ewropea ta' dawn il-miżuri li qegħdin jiddaħħlu. Rajna wkoll li nikkomunikaw b'mod tajjeb biex jasal il-messaġġ tal-iskadenzi, tal-metodi ta' kif wieħed japplika u ta' min huwa eliġibbli għal-liema kategorija u min mhuwiex. Għamilna minn kollox biex il-messaġġ jasal kemm jista' jkun. Għamilna wkoll għadd ta' *webinars* fejn tkellimna ma' ditti ta' *accountants*, awdituri u *professional services* u mal-kmamar tal-kummerċ li kellhom sehem importanti ħafna biex jittrażmettu aktar id-dettall tal-inċentivi tagħna lill-klijenti tagħhom. Hekk beħsiebna nagħmlu anke f'dan l-istadju.

Issa se ngħaddi biex nitkellem dwar l-għodda li żviluppajna li hija s-sit elettroniku li tnieda apposta, proprjament wara t-tħabbir mill-Eżekuttiv tat-tielet *round* ta' miżuri. Hemmhekk rajna li jkun hemm punt wieħed ta' informazzjoni. Forsi f'mument fejn kien hemm talba għall-informazzjoni u d-dettalji, kien hemm *repository* wieħed ċentrali fejn mhux biss kien hemm id-dettalji tal-miżuri tagħna imma kien hemm id-dettalji ta' entitajiet oħrajn f'dak li għandu x'jaqsam, pereżempju, mas-sistema tat-*tax deferrals* kif ukoll l-għajnuniet tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Għalkemm dawn ma kenux amministrati minna, rajna li jkun hemm il-*links* apposta biex mhux biss namministraw l-inċentivi tagħna imma nkunu l-portavuċi tal-informazzjoni kollha tal-miżuri li kien hemm.

Wara li kien hemm it-tħabbira tal-pakkett ta' riġenerazzjoni ħassejna wkoll li għandna ngħaddu aktar informazzjoni u li nkomplu naqdu dak ir-rwol. Tajna wkoll bixra differenti lis-sit li kellna biex jirrifletti dawn il-miżuri. Kif wieħed jistenna, wara dak li tħabbar mill-Eżekuttiv imbagħad jibda x-xogħol min-naħa tal-Malta Enterprise biex imbagħad tidħol fin-*nitty gritty* tal-*guidelines* u tal-forom tal-applikazzjoni. Dak il-proċess jinsab għaddej il-ħin kollu bl-istess mod kif inhu għaddej l-aġġornar tal-klijenti tagħna permezz ta' dan is-sit kif ukoll permezz ta' miżuri ta' *subscription,* b'metodi li jagħtuk informazzjoni diretta u anke *news items* li nkunu qegħdin naġġornaw minn mument għall-ieħor.

Jekk nagħtu ħarsa lejn uħud minn dawn l-inċentivi nsibu li l-*wage supplement* jibqa' l-miżura ċentrali u fil-ġranet li ġejjin ikun hemm anke l-*annexes* riveduti taħt *July and September* ħalli wieħed ikun jista' jara d-dettalji hawnhekk ukoll.

Jekk nerġgħu mmorru lura għall-inizjattivi l-oħra kollha nsibu li hemm inċentivi oħrajn marbutin mal-*wage supplement,* bħal pereżempju r-rifużjoni fuq parti mill-kont tad-dawl ta' €1,500 għal kull *account* kif ukoll ir-*refund* ta' €2,500 fuq il-kirjiet u wieħed irid jissottometti l-*lease agreements*. Aħna dejjem naraw li jkun hemm sistemi ħfief biex wieħed jagħmel applikazzjoni imma fl-istess ħin ikun hemm iċ-*checking* rigoruż. Aħna qegħdin ngħinu kumpaniji li huma

above board u li qegħdin jimxu ma' dak li hu mistenni minnhom bħala negozji f'soċjetà demokratika li timxi mar-regoli.

Kien hemm ħafna diskussjonijiet dwar *business plans* ġodda u x'fissret din is-sitwazzjoni għal ċerti negozji li kellhom jerġgħu lura għad-*drawing board* u jibdew jaħsbu kif se jimxu 'l quddiem. Soluzzjoni minnhom tista' tkun it-teknoloġija tal-informatika u l-inċentiva *Business Re-engineering Consultancy.*

Il-*Micro Invest Cash Conversion* semmieha diġà fid-dettall il-kollega tiegħi Brian Camilleri. Qegħdin naraw ukoll li jkun hemm miżura li taħseb għall-ambjent anke fejn jidħol makkinarju wżat fl-industrija tal-kostruzzjoni. Min-naħa tal-Eżekuttiv hemm il-*commitment* ta' €10 miljun għal *export credit guarantee*, jiġifieri jekk hemm esportaturi Maltin li forsi fil-*markets* normali tagħhom qegħdin isofru minn *disturbance,* jista' jkun hemm *markets* ġodda wkoll, speċjalment jekk nagħtuhom ċertu soljev u ċerta garanzija. Għalhekk qed nagħtu għajnuna f'dan is-sens ukoll.

L-*Investment Aid COVID Products* huwa prodott apposta għal min jixtieq jinvesti fil-produzzjoni ta' prodotti li għandhom relazzjoni mal-COVID-19 li huwa ftit differenti minn *regeneration package* imma bħala Malta Enterprise dejjem nibqgħu noħorġu l-inċentivi ġodda.

L-i*Skill Development Scheme* hija inċentiva magħrufa min-naħa tal-Malta Enterprise u diġà hemm *top-up* ta' €5 miljun fuqha. Dan ifisser li kumpaniji li għandhom inqas minn 50 ruħ ikunu jistgħu jużaw dawn il-fondi biex iħarrġu lill-*human resources* tagħhom f'dan il-mument partikolari.

Hemm *commitment* ukoll dwar l-investiment li qed isir mill-Malta Enterprise u mill-Malta Industrial Parks f'dak li għandu x'jaqsam ma' infrastruttura. Kif spjegajna, bħala Malta Enterprise, daħħalna inċentivi li ma jaqgħux direttament taħtna biex ikun hemm punt ta' referenza.

L-aħħar punt huwa dwar il-COVID-19 R&D Fund li qegħdin inpoġġu 'l quddiem flimkien mal-MCST. Dan huwa fond ta' riċerka u minflok niffokaw fuq in-nuqqasijiet li jista' jkun hemm fir-riċerka, nieħdu kull opportunità biex nimbottaw ir-riċerka 'l quddiem. Nafu li hemm ħafna riċerka li forsi mhux dejjem tidher li qed issir mill-FDI *crop* tagħna u huwa importanti li dik tiġi *captured* ukoll. Finalment jekk hemm xi mistoqsijiet mill-Onor. Membri, aħna qegħdin hawnhekk biex nirrisponduhom.

Sinjura President, nippreżentaw lill-Kumitat:

> *Powerpoint presentation* intitolata *"COVID and the Regeneration Package: Malta Enterprise Support Measures to Gozo Businesses".*

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna tal-preżentazzjoni li għamiltu. Ċertament il-fatt li ġejtu hawnhekk u qisu għandna l-ewwel statistika uffiċjali wara din ir-riċerka li għamiltu hija importanti ħafna għalina għaliex tkun tista' tiggwidana wkoll għal diskussjoni ulterjuri kif ukoll għal affarijiet oħra.

Fost il-punti saljenti li ħarġu minn din il-preżentazzjoni kien hemm il-punt dwar il-ħtieġa li Għawdex għandu jiġi trattat b'mod differenti minħabba r-realtajiet u l-isfidi partikolari li għandu. Dan huwa punt li ħareġ minn din il-preżentazzjoni u dan jawgura tajjeb biex imbagħad, fil-ħidma u fl-operat tal-Malta Enterprise, anke *in vista* ta' pakketti jew inizjattivi futuri, dan ikun il-punt kardinali li minnu wieħed għandu jitlaq.

Spikka u ġie kkonfermat li s-settur tat-turiżmu partikolarment f'Għawdex se jdum biex jirpilja aktar minn dak ta' Malta. Warajkom għandna lill-Gozo Tourism Association u naħseb li jkun tajjeb li wieħed jispjega u jamplifika dwar ir-raġunijiet għal dan. Din hija analisi pjuttost xjentifika u allura naħseb li għandkom tespandu ftit aktar dwar ir-raġunijiet għal dan mhux sempliċement tal-insularità doppja għaliex l-insularità doppja, bil-COVID-19 u mingħajrha, dejjem hemm qiegħda. Huwa importanti li jkollna l-punti saljenti biex intom stajtu taslu għal din il-konklużjoni.

Il-fatt li ġew investiti madwar €7 miljun f'għajnuniet u f'inċentivi bħala injezzjoni għall-ekonomija Għawdxija huwa tajjeb. Huwa veru li dan sar fil-kontest tal-COVID-19 però aħna hawnhekk qegħdin niddiskutu l-COVID-19 *and beyond,* it-triq 'il quddiem. Nerġa' ngħid li l-fatt li kellna injezzjoni ta' €7 miljun hija xi ħaġa pożittiva ħafna però issa rridu nħarsu 'l quddiem.

Ma rridux u ma nixtequx illi din tkun xi ħaġa *one-off* imma għandu jkun hemm programm sħiħ biex ikun hemm riġenerazzjoni ekonomika u aħna fl-aħħar seduta qegħedna fuq il-Mejda tal-Kumitat il-pjan kollu. Ovvjament issa ladarba għandna lilkom hawnhekk wieħed irid jiffoka aktar fuq il-ħteġijiet li se jkollna minn hawn 'il quddiem, anke fil-kontest tal-pakkett ta' inċentivi speċifiċi għal Għawdex. Kif nafu, fil-passat kellna diversi inizjattivi taħt kull Gvern li kien hawn. Pereżempju riċentement kellna l-inizjattivi tal-Micro Invest fejn kellna rata preferenzjali għal Għawdex li kienet aktar minn dik ta' Malta u kellna wkoll il-pakkett li ħabbarna fil-Baġit ta' għajnuniet oħrajn ta' rilokazzjoni tat-*teleworking* u tal-*back office* għaliex dawn huma għajnuniet ukoll biex l-ekonomija Għawdxija mhux biss tissaħħaħ imma tiġi diversifikata.

Issa se nerġa' niġi għall-punt ewlieni u kruċjali; il-ħteġijiet speċifiċi ta' Għawdex u allura l-pakkett meħtieġ biex f'Għawdex jiġu megħluba l-isfidi u d-diskriminazzjonijiet li għandna minħabba l-insularità doppja kif ukoll minħabba kwestjonijiet oħrajn. Aħna f'dan il-Kumitat – u din iħobb jitkellem dwarha wkoll l-Onor. Said – inħobbu nitkellmu dwar ir-realtà tad-distinzjoni fil-pagi u ripetutament ikun hemm inizjattivi biex nindirizzawhom. Ovvjament ma tistax tieħu dan il-fattur iżolat għax din mhijiex sempliċement kwestjoni ta' differenza fil-paga għaliex hemm kwestjonijiet oħrajn fosthom, pereżempju, li l-ħajja f'Għawdex hija ħafna orħos minn dik ta' Malta minn diversi aspetti. Hemm ukoll il-kirjiet li huma orħos minn Malta u allura għandek ċirkostanzi u fatturi differenti, u forsi t-tendenza hi li wieħed jara aspett minnhom biss. Fil-fatt il-kwestjoni tal-paga hija aspett wieħed biss. Irridu naraw li dan il-pakkett ta' inċentivi jiġi diskuss fil-kontest tal-i*state aid*. Biex il-Malta Enterprise setgħet tippreżenta dan il-pakkett ta' għajnuniet riedet tgħaddi mill-proċess u mill-għarbiel tal-i*State Aid Regulations.* Fejn jidħol Għawdex, speċjalment fejn jidħlu r-regoli tad-*de minimis,* għandna diversi sfidi li mhux l-ewwel darba li ddiskutejniehom. Għandna l-*Gozo Business Chamber* li wkoll tenfasizza ħafna dwarhom għaliex irid ikun hemm impetu u eżerċizzju ħolistiku biex flimkien nindirizzaw l-isfida tal-i*state aid* fil-kontest tal-ħtieġa ta' pakkett partikolari u speċifiku li jindirizza l-bżonnijiet ta' Għawdex u biex l-ekonomija Għawdxija tiġi diversifikata. F'dawn il-laqgħat irriżulta b'mod aċċentwat il-ħtieġa ta' diversifikazzjoni però biex tiddiversifika trid tinvesti. Il-Malta Enterprise qiegħda f'pożizzjoni importanti ħafna, anzi hija *prime mover* u *prime stakeholder* f'dan l-aspett, biex tkun tista' tagħmel dan. Għalhekk ikun tajjeb li forsi tagħtu l-veduti tagħkom f'dan ir-rigward.

Il-*modus operandi* ta' dan il-Kumitat huwa li jew intom twieġbu wara l-intervent ta' kull Membru jew inkella tieħdu n-notamenti ta' kulħadd, imbagħad twieġbu wara. Però din hija xi ħaġa li nħalluha f'idejkom. Sadanittant nistieden lill-kollegi tiegħi biex nara min irid jibda d-diskussjoni.

L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Grazzi tal-preżentazzjoni tagħkom u grazzi wkoll tal-informazzjoni li għaddejtulna. Nixtieq nagħmel ftit mistoqsijiet fuq dak illi ppreżentajtu.

Fl-intervent tagħha ċ-Chairperson tkellmet b'mod tajjeb ħafna dwar il-bżonn li Għawdex jiġi trattat b'mod differenti mhux għaliex aħna differenti imma għaliex hemm ċerti sfidi u ċerti problemi li huma differenti minn dawk ta' Malta. Waħda minnhom hija kawża ta' insularità doppja. Meta wieħed iħares lejn il-pakkett ta' inċentivi li sar mill-Gvern biex noħorġu mill-problemi li ġew ikkawżati mill-COVID-19, u li intom għamiltu referenza għalihom - prattikament semmejtu ħafna minnhom fil-preżentazzjoni – wieħed jibda jgħid: Imma kif m'hemm l-ebda inċentiv, jew verament hemm ftit b'diskriminazzjoni pożittiva favur Għawdex, biex l-isfidi żejda li għandu Għawdex ikunu jistgħu jingħelbu? Jekk kien hemm reġjun li l-ekonomija tiegħu ħadet daqqa enormi minn dak li għaddejna minnu kien proprju Għawdex għax 50% tal-GDP tiegħu tiddependi mit-turiżmu. Min-naħa l-oħra f'Malta l-persentaġġ tad-dipendenza mit-turiżmu huwa ta 20% jew inqas tal-GDP, jiġifieri huwa ħafna inqas. Meta titkellem mal-imsieħba soċjali f'Għawdex, fosthom rappreżentanti ta' min iħaddem u rappreżentanti tat-turiżmu fuq dak li huwa għaddej u fuq dak li tħabbar fejn jidħol dan il-pakkett ta' inċentivi, xi ħaġa li jiġbdulek l-attenzjoni dwarha mill-ewwel - almenu lilna li nirrappreżentawhom fil-Parlament - hija proprju kif ma kienx hemm aktar inċentivi diretti lejn l-ekonomija u lejn il-qasam tal-impjiegi u tal-*employers* f'Għawdex. Dak kien l-ewwel punt li xtaqt insemmi.

Intom tajtuna ċifri interessanti dwar kemm kien hemm applikazzjonijiet u hawn nixtieq nagħmel ftit mistoqsijiet diretti fuq ċifri meta kkomparati ma' dawk ta' Malta. L-ewwel *slide* kienet dwar il-Micro Invest u għedtulna li fis-sena 2020 it-total ta' applikazzjonijiet li rċevejtu minn Għawdex kien 422. Taħt din l-iskema kemm kienu l-applikazzjonijiet totali f'Malta biex wieħed ikun jista' joħroġ il-persentaġġ tal-applikazzjonijiet li kien hemm minn Għawdex?

Fit-tieni *slide* tkellimtu dwar kemm kien hemm applikazzjonijiet taħt *Annexe A* u taħt *Annexe B.* Meta qegħdin nitkellmu fuq 1,187 taħt *Annexe A* u 299 taħt *Annexe B* għandi nifhem li dawn huma l-applikazzjonijiet li ġew aċċettati. Allura kemm kien hemm applikazzjonijiet minn Għawdex li ma ġewx aċċettati? Ovvjament dejjem jekk għandkom, jekk m'għandkomx nifhem ukoll. Kemm kienu l-applikazzjonijiet totali f'Malta? Qed nistaqsi dan biex wieħed ikun jista' joħroġ il-persentaġġ ta' kemm saru applikazzjonijiet taħt *Annexe A* minn Għawdex, imbagħad wieħed jista' jaraha in relazzjoni anke ta' punti perċentwali ma' dak li sar f'Malta. L-istess dwar *Annexe B.*

It-tielet *slide* kienet dwar in-numru ta' impjegati f'Għawdex li ntlaqtu jew ġew megħjuna. Hawnhekk qed nitkellmu fuq il-*full-time* u l-*part-time employment* u bejn wieħed u ieħor dawn qed jammontaw għal madwar 3,800 impjegat. Meta tieħu l-*workforce* ta' Għawdex issib li wieħed minn kull erba' impjegati ġew megħjuna taħt din l-iskema. Hawnhekk ukoll, il-mistoqsija li bilfors trid issir biex wieħed ikollu ftit stampa aktar ċara - dawn huma figuri importanti u li lilna jservuna - hija kemm kienu l-impjegati totali li ġew megħjuna b'din l-iskema f'Malta, kemm *full-time* kif ukoll *part-time,* biex wieħed ikun jista' joħroġ il-persentaġġ.

U bħala Malta Enterprise, intom li għamiltu dawn l-iskemi li l-iskop tagħhom kien, *rightly so,* biex issalvaw l-impjiegi minħabba dak li għaddejna minnu - bla dubju dawn kienu skemi li allaħares ma kenux huma għax kien ikollna katastrofi - fl-istess ħin iżżommu għajnejkom fuq l-ammont ta' nies li spiċċaw bla xogħol f'Malta u f'Għawdex? Issa forsi wieħed jgħidli li din taqa' taħt il-Jobsplus però intom din tagħtu kasha biex tkunu tistgħu tindirizzawha mill-ewwel? Kien hemm xi ħaġa f'Għawdex li ġibditilkom l-attenzjoni fejn jidħol it-twaqqif ta' nies mix-xogħol? Hawn mhux bilfors nitkellmu dwar in-nies li marru jirreġistraw għax-xogħol għaliex minn *hands-on experience* tagħna li nitkellmu man-nies fis-setturi differenti jista' jkun li l-ewwel nies li ġew imwaqqfa mix-xogħol kienu numru ta' ħaddiema barranin li mbagħad dawn, minflok marru jirreġistraw għax-xogħol, iddeċidew li jmorru lura pajjiżhom. *Again,* m'għandniex ċifri f'idejna. Aħna li nafu huwa minn dak li jkellmuna n-nies dwaru. Imma intom għandkom xi indikazzjonijiet f'dan is-sens?

L-aħħar mistoqsija hija marbuta mal-aħħar *slide*. Intom qegħdin tgħidu li ċ-ċifra taħt it-*total disbursements* ta' *Annexe A* u *Annexe B* fejn jidħol Għawdex, taħt is-setturi kollha, hija ta' €6.7 miljun. Sa liema xahar hija dik iċ-ċifra?

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna. Kif tixtiequ twieġbu?

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Jekk inhu tajjeb għalikom, nistgħu nwieġbu wieħed wieħed.

Grazzi, Onor. Said, għall-mistoqsijiet tiegħek. Se nibda bil-metodoloġija li wżajna għax forsi ma kenitx ċara biżżejjed. Il-metodoloġija li wżajna aħna mhux bilfors se taqbel mal-mod kif il-Jobsplus iżommu r-*records* tal-impjegati tagħhom li qegħdin Għawdex. Qed ngħid hekk għaliex aħna bħala Malta Enterprise, fl-applikazzjoni tal-*wage supplement* tagħna, tajna l-opportunità lill-*employers,* anke dawk li huma reġistrati Malta, biex jgħidulna jekk għandhomx ħaddiema joperaw fl-ekonomija Għawdxija. Pereżempju se nsemmi każ sempliċi ta' *delivery man* impjegat ma' kumpanija Maltija li qed jaħdem Għawdex. Jista' jkun li fuq ir-*records* tal-Jobsplus, minħabba li l-kumpanija hija reġistrata Malta, dak il-ħaddiem jidher li huwa ngaġġat f'Malta mhux f'Għawdex, imma m'iniex ċert mija fil-mija. Wieħed irid jiċċekkja fuq din. Li nista' ngħid fiċ-ċert hu li fl-applikazzjonijiet tagħna tal-Malta Enterprise dħalna f'dan id-dettall għar-raġuni li kien hemm *wage supplement* differenti bejn l-Għawdxin u l-Maltin.

IĊ-CHAIRPERSON: Ħalli nara jekk hux qed nifhmek sew. Jekk inħarsu lejn l-istatistika tal-*employment* u l-istatistika tagħkom jista' jkun li hemm Għawdxin li fuq il-lista tal-Jobsplus huma mniżżlin ma' Malta .... (Interruzzjonijiet) Qed nistaqsi speċifikament fuq l-Għawdxin. Jiġifieri qed nifhem sew.

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Jista' jkun. Wisq probabbli jekk jaħdmu bl-indirizz tal-kumpanija u l-indirizz tal-kumpanija jkun Malta, jista' jkun li jkun hemm xi ħadd minn Għawdex li jkun qed jiġi jaħdem Malta. Irridu niċċekkjaw għaliex, *to be fair*, m'iniex mija fil-mija ċert fuq ir-*records* tal-Jobsplus. Li nista' ngħid b'ċertezza huwa kif ħdimna daparti tagħna, tal-Malta Enterprise.

ONOR. CHRIS SAID: Min-naħa l-oħra, jekk għandek kumpanija li qiegħda Għawdex, timmanifattura Għawdex imma tibgħat lill-ħaddiema tagħha kuljum jistallaw Malta, dawk il-ħaddiema jidhru li huma reġistrati f'Għawdex imma fil-verità jkunu jaħdmu Malta.

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Minħabba l-*wage supplement,* bħala Malta Enterprise aħna ħdimnieha b'mod li anke jekk negozju huwa reġistrat f'Malta imma l-ħaddiema qegħdin joperaw f'Għawdex, għall-fini tal-preżentazzjoni tal-lum daħħalniehom bħala ħaddiema li qed jaħdmu f'Għawdex għax minkejja li mhumiex reġistrati f'Għawdex, qed jagħmlu l-ġurnata tax-xogħol tagħhom fl-ekonomija Għawdxija. Dak kien ir-raġunar. Stajna nużaw l-*approach* l-ieħor li naraw il-kumpaniji reġistrati Għawdex imma ovvjament kif qegħdin nippreżentaw id-*data* llum, minn informazzjoni li għandna aħna, meta tara d-*data set* kollu jkollok analisi aktar ġusta ta' dak li qed jiġri u kif għenna dak li kien qed jiġri f'Għawdex.

Ta' min isemmi wkoll l-*applications approved.* Ovvjament minħabba li ħadna dan l-*approach,* applikazzjoni li kienet ġejja minn kumpanija Maltija imma fiha kien hemm xi xi ħadd li qed jaħdem fl-ekonomija Għawdxija, żidnieha mal-applikazzjonijiet li ġew jidhru fuq Għawdex għaliex inkella ma konniex inkunu qed nimxu b'mod ekwu. Jiġifieri dawn l-applikazzjonijiet mhux bilfors huma kollha negozji li jidhru li huma reġistrati f'Għawdex, imma jekk kien hemm negozju reġistrat f'Malta u għandu l-ħaddiema tiegħu qegħdin joperaw f'Għawdex, l-applikazzjoni hawnhekk ħadnieha li din tidher li ġejja minn Għawdex.

ONOR. CHRIS SAID: Ovvjament intom ridtu tużaw l-istatistika minħabba l-inċentivi li kontu se toħorġu li huwa differenti mill-iskop għalfejn tinġabar l-istatistika mill-Jobsplus.

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Id-*data* li ppreżentajt illum nista' nippreżentahielkom għal dawk il-kumpaniji li huma reġistrati Għawdex. Naħseb li meta tara l-informazzjoni kollha mid-*data set* li għandna, kif qed tiġi ppreżentata llum, hija aktar ekwa u ġusta li tiġi ppreżentata b'dan il-mod.

Rigward applikazzjonijiet li ma ġewx aċċettati rrid ngħid li *offhand* ma nafx imma jidhirli li ma kienx hemm ħafna minnhom.

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Sur Anthony David Gatt.

IS-SUR ANTHONY DAVID GATT: Biex nispeċifika proprju fuq dan il-punt irrid ngħid li matul iż-żmien li fih konna qegħdin namministraw u anke nħallsu l-*wage supplement*, kienu qegħdin jingħataw *updates* regolari fuq l-ammont ta' applikazzjonijiet li daħlu u ġew ipproċessati, l-ammont *disbursed,* imbagħad finalment wara li ngħalaq il-proċess ta' Marzu/April kien ingħata rendikont finali mill-Ministru Silvio Schembri, li aħna bħala Malta Enterprise naqgħu taħt il-portafoll tiegħu, flimkien mal-Kap Eżekuttiv tagħna s-Sur Kurt Farrugia, fejn ingħata *rundown* tad-diversi *outcomes* li kien hemm.

Wieħed irid jifhem ukoll li kien hemm applikazzjonijiet li daħlu doppji, kien hemm applikazzjonijiet li ġew *rejected,* kien hemm applikazzjonijiet fejn kien hemm kemm-il darba l-opportunità li wieħed jikkontesta l-*outcome* min-naħa tal-Malta Enterprise u kien hemm ukoll applikazzjonijiet li ttieħdu lura min-naħa tal-applikant. Għalhekk kien hemm formularju differenti ta' dawn il-kategoriji. Għażilna li matul il-proċess nuru l-*output* li kien qed joħroġ imma finalment fuq l-iskema ta' Marzu/April ingħata *breakdown* komplet biex tingħata stampa aktar wiesgħa u ċara tal-*output* li kien hemm bħala applikazzjonijiet partikolari u kemm ibbenefikaw bħala *part-timers, full-timers* u *self-employed.*

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Ħalli nwieġeb fuq il-kwestjoni tar-*redundancies.* Bħala Malta Enterprise aħna ma neħdux ħsieb direttament ir-*redundancies* li jkunu qegħdin isiru għaliex dak jaqa' taħt ir-*remit* tal-Jobsplus. Madanakollu ma jfissirx li aħna ma nagħtux kas dawn l-affarijiet li qegħdin jiġru għaliex kif spjega l-kollega tiegħi, Anthony David Gatt, *through relationship management* tagħna nkunu *in contact* ma' diversi

kumpaniji. Kien hemm sitwazzjonijiet li għalkemm ma kenux relatati mija fil-mija ma' Għawdex kienu jinvolvu kumpaniji li sfortunatament, minħabba dak li qed jiġri, spiċċaw b'ħaddiema żejda u kellna kumpaniji oħrajn li minkejja li kellna l-COVID-19, esperjenzaw żieda fid-domanda tal-prodotti tagħhom u kellhom jingaġġaw aktar nies. Allura hemmhekk aħna, bħala Malta Enterprise, nipprovaw ngħinu biex dawk il-kumpaniji li għandhom nuqqas ta' xogħol u forsi għandhom ħaddiema li sfortunatament m'għandhomx bżonnhom illum il-ġurnata, nistgħu nittrasferixxuhom minn kumpanija għal kumpanija fejn verament ikun hemm bżonnhom.

IĊ-CHAIRPERSON: Dan huwa punt importanti ħafna. Min qiegħed f'din is-sitwazzjoni xi jrid jagħmel biex jikseb l-għajnuna tagħkom ħalli tiġi faċilitata l-mobilizzazzjoni tal-ħaddiema minn intrapriża għal oħra?

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Ġeneralment kull intrapriża għandha r-*relationship management* tagħha, speċjalment dawk li jaqgħu taħt is-settur tal-Malta Enterprise. Jekk jikkuntattjaw lilhom direttament jew jikkuntattjaw lil xi ħadd minna mill-Malta Enterprise, inkunu nistgħu ngħinuhom għaliex aħna jkollna idea ċara ta' min jista' jkun li għandu ħaddiema żejda li jkun jixtieq jittrasferihom għal x'imkien ieħor. Wara kollox ħadd ma jieħu gost ikeċċi lill-ħaddiema b'kapriċċ. Pereżempju hemm min ikollu *machine operators* tajbin imma peress li dak li jkun ma jkollux bżonnhom ikun jista' jirrakkomandahom għax ikunu tajbin.

IĊ-CHAIRPERSON: Allura jekk xi ħadd jiġi l-uffiċini tagħkom jew jagħmel kuntatt magħkom irid juża xi terminoloġija partikolari?

IS-SUR ANTHONY DAVID GATT: Ħalli nispeċifika anke għall-benefiċċju tal-Onor. Membri.

IĊ-CHAIRPERSON: U anke għal min qed isegwina għaliex aħna nużaw ukoll dawn is-sessjonijiet biex ninformaw lill-pubbliku.

IS-SUR ANTHONY DAVID GATT: Il-mod li aħna, bħala Malta Enterprise, ġibna ruħna f'din is-sitwazzjoni ħareġ anke 'l barra mill-konfini normali ta' kif noperaw bħala Malta Enterprise. Normalment ir-rwol tagħna bħala *economic development agency* huwa li nkunu l-id tan-negozju u s-*self-employed*. F'din is-sitwazzjoni, peress li kellna ħafna *inquiries* mill-ħaddiema, ma ddeċidejniex li nagħlqu l-bieb ta' dawk l-*inquiries* u ngħidu li xogħolna huwa limitat biss mas-*self-employed* u n-negozji, imma ħdimna ma' ħaddiema li kellhom bżonn il-benefiċċji soċjali u ma' ħaddiema li kienu qegħdin ifittxu l-għajnuna tad-diżimpjieg. Ovvjament ċerti dettalji kienu mogħtijin minn dipartimenti partikolari u aħna rreferejniehom lilhom. Hawnhekk ikun tajjeb li wieħed ifakkar li l-*wage supplement* kien maħsub b'mod ċar ħafna biex wieħed iżomm il-ħaddiema fl-impjieg. Għaldaqstant kien hemm l-għajnuna li kienet qed tingħata mill-Malta Enterprise biex wieħed iżomm il-ħaddiema fl-impjieg u kif għedt, aħna bħala Malta Enterprise, ma llimitajniex ruħna għal dak li torbotna bih il-liġi tagħna li naħdmu fuq dak li għandu x'jaqsam mal-*business* u s-*self-employed,* imma pprovajna nkunu ta' għajnuna wkoll għall-impjegati billi niddirezzjonawhom lejn l-entitajiet li kienu responsabbli għalihom bħalma huma l-Jobsplus u d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Wara kollox l-ekonomija tal-pajjiż mhijiex magħmula biss mis-*self-employed,* min-negozji ż-żgħar u min-negozji l-kbar imma hija magħmula wkoll mill-ħaddiema. Għalhekk aħna espandejna l-funzjoni tagħna b'tali mod li kemm jista' jkun inserrħu bl-aħjar mod l-ekonomija u l-*livelihood.* Ovvjament l-ekonomija mhijiex xi ħaġa mejta imma tfisser ukoll il-*livelihood* ta' ħafna ħaddiema.

Rigward il-mistoqsijiet tal-Onor. Chris Said f'dak li għandu x'jaqsam ma' kategoriji differenti u t-tqabbil mal-kategoriji ta' Malta, aħna se nkunu qegħdin nipprovdu dawk id-dettalji.

Rigward il-qasam tat-turiżmu rrid ngħid li filwaqt li aħna nifhmu l-importanza tiegħu għall-ekonomija globali ta' Malta u speċjalment għall-ekonomija globali ta' Għawdex, ikolli ngħid li dak mhuwiex il-qasam direttament tagħna. Madanakollu fl-analiżi li għamilna xorta daħħalna t-turiżmu għaliex aħna nemmnu fir-rwol tal-Malta Enterprise bħala l-id tal-Gvern u tal-Eżekuttiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiż.

Huwa importanti li wieħed ifakkar ukoll li l-Malta Enterprise tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport annwali tagħha u allura wieħed jista' jara wkoll id-diversi għajnuniet li nagħtu taħt skemi differenti.

Ta' min ifakkar ukoll li b'mod ġenerali, kull sena naraw forsi 5,000 applikazzjoni taħt l-inċentivi kollha imma għall-inċentiva tal-*wage supplement* biss rajna bejn 25,000 u 30,000 applikazzjoni. Għaldaqstant il-*commitment* tagħna kien li nagħtu bilanċ bejn speditezza fl-*output* tal-ħlas u li wieħed ikollu *clarity* imma fl-istess ħin jissalvagwarda t-trasparenza tat-taxxi tal-poplu u kif wieħed jamministrahom.

IĊ-CHAIRPERSON: Aktar rimarki? L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: L-ewwel nett, insellmilkom u nirringrazzjakom talli għoġobkom tiġu tagħtuna din il-preżentazzjoni. Jien għandi xi ftit domandi għalikom rigward dak li ntqal.

Se nibda proprju mill-qasam tat-turiżmu għaliex kif diġà ġie aċċennat, dan huwa *key player* għall-ekonomija tagħna u allura huwa important ħafna li nisħqu kemm nistgħu fuqu biex jerġa' jitlaq u jitlaq bis-sħiħ malajr kemm jista' jkun.

L-Onor. Justyne Caruana aċċennat għar-rimarka li għaddejtu intom li l-qasam tat-turiżmu jista' jkun li jirpilja aktar tard f'Għawdex mill-bqija ta' Malta u staqsiet għalfejn. Jien nistaqsi: Bħala Malta Enterprise mortu *oltre* fl-analisi tagħkom u tistgħu tidentifikaw kif u x'għajnuniet jistgħu jingħataw biex il-qasam tat-turiżmu jerġa' jkun b'saħħtu malajr kemm jista' jkun?

Intom semmejtu wkoll il-fatt li jista' jkun li ħafna Maltin ma jsifrux dan is-sajf u allura b'mod naturali jieħdu l-vaganza tagħhom f'Għawdex. Minn dawn il-ftit ġimgħat li fihom ġew illaxkati l-miżuri restrittivi minħabba l-COVID-19, mill-analiżi u mid-*data* tagħkom, qegħdin f'pożizzjoni li taraw xi differenzi fil-moviment tal-Maltin lejn Għawdex ipparagunat mal-istess perjodu fi snin oħrajn?

Semmejtu wkoll il-Micro Invest u l-fatt li min jopera minn Għawdex qed jingħata differenza ta' €500 u xi inċentivi oħrajn fejn Għawdex tqies b'mod preferut. Fuq liema kriterji ġie kkalkolat dan biex ingħatat dik id-differenza *extra* għal Għawdex?

Waqt il-preżentazzjoni tagħkom semmejtu wkoll il-qasam tal-proprjetà u jien naqbel magħkom li dan huwa settur importanti ħafna għall-ekonomija Għawdxija. Mill-analiżi tagħkom qegħdin taraw movimenti jew differenzi 'l quddiem jew lura f'dan is-settur u hemm ideat dwar kif dan is-settur jista' jiġi megħjun biex jibqa' b'saħħtu peress li huwa *key player* fl-ekonomija Għawdxija?

Issemmiet ukoll id-diversifikazzjoni. Din tissemma ripetutament f'dan il-Kumitat u jien naqbel li Għawdex għadu l-*weak point* tal-ekonomija tagħna. Għalhekk jeħtieġ li naħdmu aktar fuqu. Peress li l-COVID-19 ġab miegħu żmien ta' bidla u taqlib imma wkoll opportunità biex wieħed jaħtaf iċ-ċans u jimxi f'direzzjonijiet ġodda, bħala Malta Enterprise qegħdin tħarsu lejn dan iż-żmien, anke permezz ta' inċentivi li jista' jkun hemm, biex verament nisfruttawh u nimbarkaw f'dik id-direzzjoni b'mod qawwi ħalli l-ekonomija ta' Għawdex inkomplu niddiversifikawha ħafna aktar milli ddiversifikajnieha s'issa?

Waqt il-preżentazzjoni tagħkom semmejtu wkoll li inkludejtu Maltin li jistgħu jkunu qegħdin jaħdmu f'Għawdex meta kkonsidrajtu l-inċentivi. Fl-inċentivi li ngħataw u li għadhom qegħdin jingħataw, saret distinzjoni bejn Għawdxin li jirrisjedu Għawdex u Maltin li għandhom l-indirizz uffiċjali tagħhom f'Għawdex imma li fil-verità jkunu jgħixu Malta?

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Sur Brian Camilleri.

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Onor. Cutajar, nirringrazzjak għad-domandi tiegħek. Nixtieq nikkjarifika li aħna m'aħniex l-esperti tal-qasam tat-turiżmu u bħala Malta Enterprise dan il-qasam ma jaqax direttament taħt ir-*remit* tagħna. Allura kemm il-kummenti kif ukoll id-*data* li konna qegħdin nippreżentaw huma purament ibbażati fuq dak li qegħdin naraw u naħsbu aħna imma dan mhux bilfors jimkombaċja ma' dak li qegħdin jaraw l-awtoritajiet tat-turiżmu. Naħseb li l-awtorità kompetenti biex tikkummenta fid-dettall dwar dan il-qasam hija t-Tourism Authority.

Issemma wkoll ir-*real estate*. Il-kumment li għaddejt fil-bidu jien kien relatat mal-*gross value added contribution* tar-*real estate* lejn l-ekonomija li f'Għawdex huwa akbar minn dak f'Malta. Ovvjament ir-*real estate* ma jaqax taħt ir-*remit* tal-Malta Enterprise u allura l-*exposure* li għandna biex nifhmu d-dinamika ta' dan is-settur li hija pjuttost partikolari għal Malta hija daqsxejn diffiċli u ma nħossux li aħna l-awtorità

kompetenti li nikkummentaw fuq *areas* li ma jaqgħux taħt ir-*remit* tagħna.

IĊ-CHAIRPERSON: Kollox sew imma fil-preżentazzjoni tagħkom mhux biss semmejtu l-qasam tat-turiżmu imma kien hemm kumment partikolari – għaliex dak huwa xogħolna; li ninnegaw u nistaqsu ħalli nsibu s-soluzzjonijiet – li t-turiżmu f'Għawdex se jdum biex jirpilja. Issa tal-MTA kienu hawnhekk, tal-GTA kienu hawnhekk però peress li din semmejtuha intom, jien l-ewwel waħda assumejt illi forsi min-naħa tagħkom hemm xi raġuni differenti.

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Ħalli nispjega. Naħseb li qabelxejn hemm il-kwestjoni tal-insularità doppja għax meta jiġi turist, l-ewwel jieqaf Malta mbagħad imur Għawdex jiġifieri se tara inqas volum ta' turisti. Għalkemm jista' jkun hemm aktar volumi ta' nies li jkunu ġejjin lejn Malta, ir-*ripple effect* tiegħu sakemm jaslu Għawdex se jkun inqas. Dak kien il-punt prinċipali. Jista' jkun li dik id-differenza tiġi kkumpensata bil-Maltin li se jaqsmu lejn Għawdex b'mod aktar frekwenti. Jiġifieri din kienet osservazzjoni ġenerali aktar minn xejn.

Qabel inħalli f'idejn il-kollega tiegħi nixtieq insemmi ftit id-diversifikazzjoni. Naħseb li hawnhekk ikun tajjeb li wieħed isemmi b'mod ċar li l-Malta Enterprise, fl-aħħar snin, u naħseb anke l-Malta Industrial Parks, għamilna ħafna xogħol biex ngħinu l-ekonomija ta' Għawdex tiddiversifika. Naħseb li sa ftit snin ilu ħadd ma kien joħlom li jkun hemm ċentru ta' eċċellenza bħalma għandhom Barts Medical School u dan meta għadna fil-bidu għaliex ovvjament hemm ħafna attivitajiet anċillari li jistgħu jiġu żviluppati. Aħna bħala Malta Enterprise dejjem naħdmu biex kemm jista' jkun ngħinu kumpaniji jaħdmu ma' Barts Medical School kif ukoll ngħinuhom jirrilokaw ruħhom fl-Innovation Hub ta' Għawdex. Naħseb li l-COVID-19 se jkun qajjem diversi opportunitajiet anke fil-qasam tat-teknoloġija u hemmhekk Għawdex jista' jkun li għandu potenzjal biex jattira ftit mill-proġetti l-ġodda li se nkunu qegħdin nattiraw lejn Malta.

Mill-*feedback* li għandna qegħdin f'diskussjonijiet ma' investituri li għadhom interessati li jiġu jifthu fil-gżejjer Maltin u Għawdex hija waħda mill-*options* li jikkonsidraw. Aħna bħala entità, meta jiġu l-investituri biex jinvestu f'Malta, nuruhom kemm Għawdex kif ukoll Malta. Jiġifieri ma nagħmlux distinzjoni bejn dawn il-postijiet.

IĊ-CHAIRPERSON: Imma hemm bżonn li tagħmlu biex tiġbdu aktar lejn Għawdex!

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Aħna nuruhom kollox, imma kieku dan kien ir-raġunament, investimenti bħal ta' Barts Medical School qatt ma kienu jsiru f'Għawdex imma kienu jsiru f'Malta.

IĊ-CHAIRPERSON: Imma rridu aktar minnhom dawk.

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Aħna qed naħdmu biex kemm jista' jkun ikun hemm aktar investimenti ta' dik in-natura ġewwa Għawdex. Barra minn hekk, aħna mhux sempliċement inġibu l-investiment imma rridu noħolqu attivitajiet anċillari li jistgħu jmorru miegħu.

IĊ-CHAIRPERSON: U li jkunu *value added.*

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: Hekk hu.

IS-SUR ANTHONY DAVID GATT: Biex nikkristallizza dak li qed jgħid il-kollega tiegħi naħseb li fid-diskussjoni tbegħedna ftit mill-qasam tat-turiżmu u r-*real estate construction* għaliex l-għodda l-kbira kienet il-*wage supplement* u konna nonqsu kieku ma analizzajniex lilha. Jiġifieri l-*output* joħroġ mill-analiżi fuq il-*wage supplement*.

Fuq il-punt tad-diversifikazzjoni jkun tajjeb li wieħed iżid ukoll li minbarra l-proġetti li semma l-kollega tiegħi, li mhux se nerġa' nsemmihom jien, għandna anke *team players* fil-*unit* li nappartjeni għalih jien, li huwa dak li wieħed jiġbed l-investiment dirett barrani, li huma ffokati fuq Għawdex. Dawn jafu lil Għawdex u l-USPs tiegħu *inside out,* fuq ponot subgħajhom, u joħorġu l-leħen tal-USPs ta' Għawdex f'konferenza internazzjonali inkluż fuq dawk ta' *artificial intelligence* u jagħmlu dan b'mod tajjeb ħafna.

IĊ-CHAIRPERSON: Fil-fatt f'Għawdex kien hemm *summit* dwar l-*artificial intelligence* li kien suċċess. Naħseb li kif qegħdin hawnhekk ikun tajjeb li tagħtuna ftit *update* għax kellna mistoqsijiet ukoll mill-Gozo Business Chamber dwar fejn wasal il-proġett tat-tieni *fibre optic*

cable. Se nieħu l-opportunità biex nistaqsikom dwar dan ukoll.

IS-SUR ANTHONY DAVID GATT: Rigward it-tieni *fibre optic cable* ovvjament għad irridu niċċekkjaw fuqha u *we come back to you*. Dak kien proġett li daħlet għalih il-Malta Enterprise b'mod dirett sabiex dejjem tqawwi l-konnettività infrastrutturali f'dak li għandu x'jaqsam mal-elettronika u l-*internet*. Hemm żviluppi eċitanti għal Għawdex li qegħdin inħossu aħna f'oqsma bħal *digital games, artificial intelligence, internet of things* u *utilization of internet of things for testing of particular products.* Aħna dejjem insemmu lil Malta u Għawdex bħala *test bed.*

IĊ-CHAIRPERSON: Irridu inċentiva speċifika biex ikollna t-*test beds* f'Għawdex.

IS-SUR ANTHONY DAVID GATT: Bħala Malta Enterprise aħna dejjem lesti sabiex nilqgħu l-*feedback* u nanalizzaw l-affarijiet min-naħa tagħna. Punt importanti ħafna huwa li aħna bħala Malta Enterprise qed nagħtu ċertu *impetus* lil Għawdex. Din hija xi ħaġa li verament nemmnu fiha u li qiegħda f'qalbna fis-sens li anke l-kollegi tagħna qegħdin jiffokaw direttament fuq Għawdex ħalli Għawdex ikun opportunità għal ħafna niċeċ partikolari bħalma huma d-*digital games,* l-Innovation Hub li huwa post li jiġbdek minnu nnifsu u l-*artificial intelligence*. Hemm ukoll l-*internet of things* (IOT) u din mhijiex sempliċement *buzzword* li tintefa' f'nofs konverżazzjoni. Din hija opportunità biex pereżempju wieħed jittestja UAVs u opportunitajiet oħrajn li ġġib magħha l-IOT. Min-naħa tagħna Għawdex u l-innovazzjoni jibqgħu jimxu paripassu flimkien.

IĊ-CHAIRPERSON: Qabel ma jkollna r-rimarki konklużivi l-Ministru Camilleri jixtieq jagħmel xi kummenti.

ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex): Jien nixtieq nikkummenta rigward dak li ngħad ċjoè li t-turiżmu f'Għawdex se jkun l-aħħar li jirpilja. Jien naħseb li fejn jidħol turiżmu intern Għawdex huwa fuq quddiem nett u mill-*feeling* li għandna l-*weekends* qegħdin ikunu tajbin ħafna. Fil-fatt it-traffiku bejn iż-żewġ gżejjer żdied b'mod sostanzjali u fl-aħħar ta' dan ix-xahar se jkollna r-raba' vapur sabiex ilaħħaq mal-*load.* Minn statistika li nformat biha jidher li meta tikkompara dan ix-xahar max-xahar tas-sena l-oħra ssib li t-traffiku bejn iż-żewġ gżejjer huwa inqas biss bi 15%, jiġifieri meta tikkonsidra li għad baqgħalna l-*airports* magħluqin, naħseb li dan huwa pożittiv ħafna. Ovvjament qegħdin niddiskutu mal-GTA dwar kif nistgħuninċentivaw aktar turiżmu intern matul il-ġimgħa u aktar 'il quddiem ikollna opportunità li nħabbru miżuri oħrajn.

ONOR. CHRIS SAID: Ministru, qed tgħid li t-traffiku huwa 15% biss inqas mis-sena l-oħra. Dan jikkomprendi wkoll lill-passiġġieri?

ONOR. CLINT CAMILLERI: Jien m'għandix informazzjoni speċifika però meta ġie kkomparat it-traffiku ta' dan il-perjodu mal-istess perjodu tas-sena l-oħra nstab li d-diskrepanza hija ta' 15%. Però nimmaġina li l-informazzjoni hija dwar vetturi u passiġġieri kkombinati flimkien. Min-naħa l-oħra fil-perjodu ta' Marzu/April id-diskrepanza kienet ferm akbar.

IĊ-CHAIRPERSON: Qed nifhem li m'għandniex aktar mistoqsijiet. Jien nirringrazzjakom talli kontu magħna mhux biss għax tajniekom il-*homework* imma wkoll għaliex ġejtu hawnhekk u tajtuna din l-informazzjoni tant utli. Nixtieq nitlobkom ukoll twasslu s-sentiment ta' dan il-Kumitat dwar il-ħtieġa ta' aktar ħidma b'risq Għawdex. Il-Malta Enterprise dejjem ħadmet għal Għawdex billi tmexxi l-aġenda ta' Għawdex 'il quddiem però ovvjament, fiċ-ċirkostanzi partikolari, dan l-isforz għandu jkun akbar għax biex l-ekonomija tiġi fuq saqajha, partikolarment l-ekonomija Għawdxija, hemm bżonn interventi pronti, speċifiċi, diretti u idonei għall-gżira Għawdxija. Grazzi ħafna talli kontu magħna. Jekk jogħġobkom ikkonfermawli jekk il-*powerpoint presentation* li ppreżentajtulna nistgħux nutilizzawha jew ngħadduha lil midja f'każ li niġu mitluba li nagħmlu dan.

IS-SUR BRIAN CAMILLERI: M'għandniex oġġezzjoni li tiġi ppubblikata jew tużawha għal finijiet oħra li għandkom bżonn.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna. Ngħaddu issa għas-Sur Joe Muscat mill-Gozo Tourisim Association li konna bdejna d-diskussjoni miegħu proprju fl-ewwel laqgħa u kellna l-preżentazzjoni tiegħu. Ovvjament minn dakinhar sal-lum kien hemm il-pjan ta' riġenerazzjoni u allura l-punti mressqa u mqajma fl-ewwel laqgħa llum huma eżawriti, għalkemm ovvjament dejjem tibqa' l-ħtieġa li nagħmlu aktar. Forsi qabel ma nibdew id-diskussjoni tagħna s-Sur

Muscat jista' jagġornana ftit fuq il-preżentazzjoni li kien għamel fl-ewwel laqgħa.

IS-SUR JOE MUSCAT (CEO Gozo Tourism Association): Grazzi, Sinjura President. L-ewwel nett irrid nirringrazzja lill-Onor. Membri. Ikun tajjeb li nagħtu daqsxejn ta' *update* mill-preżentazzjoni li għamilna fil-5 ta' Mejju 2020. Dakinhar aħna konna għamilna preżentazzjoni bit-titlu ta' "*The Challenge – Let's face it together*". Minn dakinhar ġraw diversi affarijiet u se nipprova nsemmihom b'mod kronoloġiku.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Muscat, jidher li għandna xi interruzzjonijiet min-naħa tiegħek. Forsi tkun tista' tirranġa ftit il-*microphone.*

IS-SUR JOE MUSCAT: Kollox sew. Kellna l-miżura li l-Maltin setgħu jerġgħu jibdew jaqsmu lejn Għawdex għal skop ta' vaganza. Bdew jiftħu wkoll diversi *catering establishments* u anke akkomodazzjonijiet, imbagħad kellna l-aħbar li l-ajruport internazzjonali ta' Malta se jiftaħ fl-1 ta' Lulju 2020 bis-*safe corridors* u li fil-15 ta' Lulju, 2020 l-ajruport se jiftaħ għal aktar destinazzjonijiet. Intqal ukoll li l-*health emergency* se tiġi mneħħija fit-30 ta' Ġunju.

Ma rridux ninsew ukoll li fit-28 ta' Mejju l-EU Commission ħarġet pakkett biex ikun hemm *a common approach* għal *free movement* u hemm ukoll *framework* biex bil-mod il-mod ikun hemm *re-establishment* tat-trasport. Kien hemm rakkomandazzjoni dwar *travel vouchers* u din Malta ħaditha *on board.* Imbagħad fit-8 ta' Ġunju l-Gvern Malti ħareġ pakkett ta' riġenerazzjoni li aħna bħala assoċjazzjoni għamilna l-kummenti tagħna fuqu u urejna li kien pakkett tajjeb għaż-żmien ta' Lulju-Settembru. Dan huwa pakkett li qed jagħti inċentivi *short-term.* Però issa rridu nitkellmu wkoll fuq il-*long-term*.

F'din il-laqgħa ntqal li t-turiżmu f'Għawdex jista' jkun li se jkollu qawmien aktar tard minn dak f'Malta imma s'issa ma jidhirx li dan huwa l-każ anke għax l-insularità doppja minn dejjem kienet hemmhekk. Jekk jibqgħu ċerti restrizzjonijiet u 'l-anzjani se nibqgħu nsejħulhom vulnerabbli minħabba l-COVID-19 jista' jkun li ma jivvjaġġawx daqstant malajr lejn Għawdex però s'issa m'għandniex indikazzjonijiet li t-turiżmu f'Għawdex se jirkupra iktar tard minn dak f'Malta.

Ikun tajjeb li aħna, bħala assoċjazzjoni, wara li rajna l-miżuri li ħabbar il-Gvern, inħarsu 'l quddiem. Wara l-ftuħ tal-ajruport, bil-mod il-mod, nibdew nirċievu t-turisti barranin u għandna wkoll is-suq domestiku li anke mingħajr il-*voucher* qiegħed imur tajjeb, b'mod speċjali s-settur tal-akkomodazzjoni tas-*self-catering.* Nista' nagħti ftit figuri għax il-lukandi l-kbar tagħna fetħu fil-*weekend* li għadda u dawn qegħdin jirrapportaw persentaġġ ta' 40%. Ovvjament hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq il-*weekend* jiġifieri xorta tibqa' l-problema bejn it-Tnejn u l-Ħamis. F'dak li għandu x'jaqsam mas-*self-catering* il-persentaġġ huwa ta' 90% u dan juri li fiċ-ċirkostanzi li qegħdin fihom tal-COVID-19 forsi din it-tip ta' akkomodazzjoni qed toffri aktar garanzija lil dawk il-viżitaturi Għawdxin għax iħossuhom aktar *safe*. Għalhekk qed inkomplu nsostnu mal-awtoritajiet li għalkemm ħarġu dawn il-miżuri li huma tajbin, inħossu li hemm bżonn isir aktar.

Jiddispjaċini li l-uffiċjali tal-Malta Enterprise laħqu telqu imma nista' ngħid, pereżempju, li aħna qegħdin niddiskutu mal-awtoritajiet għalfejn id-*diving centres* neħħewhom mill-kategorija A u għamluhom taħt kategorija B. Dan ifisser li d-*diving centres* se jirċievu €600 minflok €800 bħala *wage supplement* ta' tliet xhur meta hemm setturi oħrajn, bħalma huma l-*English language learning schools,* li qegħdin fl-istess ċirkostanza xorta se jkomplu jirċievu t-€800 għax jiddependu mit-turist barrani. Il-fatt li parti mill-*voucher* tista' tiġi minfuqa fid-*diving* ma naħsibx li se tkun mitigazzjoni biżżejjed għan-nuqqas ta' turisti li jiffrekwentaw id-*diving*. Dik hija xi ħaġa li qed nitkellmu dwarha mal-awtoritajiet, b'mod speċjali mal-awtoritajiet tat-turiżmu kif ukoll mal-Ministru tal-Ekonomija, biex naraw li dan is-settur ikompli għaddej kif kien qabel.

Ovvjament wara l-COVID-19 irridu nitkellmu fuq pjan *long-term* dwar x'se nagħmlu fil-qasam tat-turiżmu f'Għawdex mhux biss biex niddiversifikaw l-ekonomija Għawdxija imma wkoll biex id-dipendenza tagħna fuq it-turiżmu tkun mifruxa fuq diversi setturi. Pereżempju rridu naraw kif nattiraw turiżmu aktar żagħżugħ, filwaqt li ma nagħmlux lil Għawdex qisu Ibiza.

Irridu nkomplu niġġieldu l-istaġjonalità ta' fost il-ġimgħa u qed niddiskutu wkoll mal-Ministru Camilleri. Aħna għandna staġjonalità doppja; l-istaġjonalità tax-xitwa li bil-mod il-mod konna qegħdin negħlbuha - u nispera li nkomplu f'din

it-triq - u l-istaġjonalità ta' fost il-ġimgħa. Pereżempju bħalissa mit-Tnejn sal-Ħamis Għawdex qed ikun kwiet. Dak huwa li xtaqt ngħid bħala introduzzjoni. Issa nista' nieħu l-mistoqsijiet tal-Onor. Membri.

IĊ-CHAIRPERSON: Ovvjament dejjem jibqa' xi jsir u x'nagħmlu fil-qasam tat-turiżmu speċjalment fil-kontest tal-pjan tal-*post*-COVID-19. Ma rridux ninsew li l-qasam tat-turiżmu huwa pilastru ekonomiku importanti ħafna. Dan il-fatt ma ħariġx biss f'din id-diskussjoni imma ħareġ ukoll f'kull diskussjoni li kellna s'issa. Għalhekk huwa importanti li niffokaw fuq dan is-settur. Sadanittant qed nipprova nikkomunika mar-rappreżentanti tal-Malta Enterprise forsi sakemm il-kollegi tiegħi jagħmlulek id-domandi nilħaq inġiblek tweġiba għalfejn is-settur tad-*diving* ġie *shifted* minn *Annexe A* għal *Annexe B.* Jekk jogħġobkom, sakemm inġib l-informazzjoni, tistgħu tibdew bl-interventi.

L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sur Muscat, nirringrazzjak l-ewwel nett talli erġajt ingħaqadt magħna u tajtna dan l-aġġornament dwar is-sitwazzjoni fil-qasam turistiku f'Għawdex, ovvjament dejjem mill-perspettiva tagħkom. Jien l-aħħar darba kelli numru ta' domandi imma ovvjament peress li laħaq għadda ż-żmien, dawk id-domandi m'għadhomx japplikaw. Però minn dak li semmejt xtaqt nistaqsik tliet domandi. X'inhi r-raġuni li d-*diving centres* m'għadhomx jaqgħu taħt *Annexe A* imma ġew jaqgħu taħt *Annexe B*? Ma ngħatajtu ebda ħjiel dwar dan? Ma ddiskutejtuhiex mal-awtoritajiet? U jekk iddiskutejtu x'rispons kien hemm? Nimmaġina li xi raġunament dwar din il-biċċa tax-xogħol hemm żgur.

Irrid nistaqsik ukoll dwar il-bżonn - anke int aċċennajt għaliha fl-intervent tiegħek u naħseb li kulħadd f'dan il-Kumitat jaqbel - li nimbarkaw b'mod aktar deċiż fuq *long-term plan* biex il-qasam tat-turiżmu, li huwa l-*major player* fl-ekonomija Għawdxija, jerġa' jqum fuq saqajh malajr kemm jista' jkun. Nixtieq nistaqsi wkoll jekk kienx hemm rispons u sarux biżżejjed konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet biex dan il-*long-term plan* fuq il-qasam tat-turiżmu jiġi mfassal. X'inhuma l-punti prinċipali, ċentrali u kardinali li għandhom jiġu inklużi f'dan il-*long-term plan* biex nolqtu kemm jista' jkun b'suċċess it-*target* tagħna li t-turiżmu jerġa' jqum fuq saqajh malajr kemm jista' jkun? Qed nagħmel din id-domanda għaliex ovvjament, bħalma forsi tafu, l-aħħar darba spjegajna li l-*brief* li għandu quddiemu dan il-Kumitat huwa proprju li jfassal rapport dwar is-sitwazzjoni tal-COVID-19 u t-triq 'il quddiem u allura naħseb li f'dan l-istadju partikolari l-punti importanti li għandhom jiddaħħlu fir-rapport għandhom jiġu indirizzati. Naħseb li dan huwa ta' importanza massima. Dak kollox min-naħa tiegħi.

IS-SUR JOE MUSCAT: Sinjura President, peress li l-Onor. Kevin Cutajar se jkollu jitlaq nixtieq nirrispondih issa. L-ewwel nett il-miżuri li jitħabbru mill-Prim Ministru jkunu b'mod ġenerali. Matul dawn l-aħħar ġranet sirna nafu li d-*diving centres* ma kenux qegħdin fil-kategorija tal-*wage supplement* ta' €800 imma spiċċaw fil-kategorija tal-*wage supplement* ta' €600. Aħna konna informati b'mod verbali li dawn waqgħu fl-istess kategorija tar-ristoranti imma l-argument tagħna huwa dan. Bħalissa r-ristoranti għandhom il-klijenti domestiċi filwaqt li d-*diving* ma jistax ikollu l-istess domanda. Fil-fatt skont rapporti li għandna dwar id-*diving* irriżulta li 5% biss tal-klijentela tad-*diving* huma klijenti domestiċi u allura l-argument li d-*diving* jista' jkollu l-klijenti domestiċi ma jreġix.

Mistoqsija oħra li għandna hija kif il-*language learning schools* li l-klijenti tagħhom huma barranin tħallew b'*wage supplement* ta' €800, waqt li d-*diving,* li l-maġġor parti tal-klijenti tiegħu huma barranin, il-*wage supplement* minn €800 niżel għal €600. Aħna fuq dan qed nargumentaw mal-MTA, mal-Ministru tat-Turiżmu kif ukoll mal-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar.

Rigward il-*long-term plan* aħna tkellimna anke mal-Ministru għal Għawdex għax aħna nixtiequ naraw li jkun hemm strateġija *tramite* l-Gozo Regional Development Authority li trid terġa' tibda tiffunzjona ħalli jkollna pjan turistiku u nibdew nitkellmu b'mod daqsxejn differenti minn kif tkellimna s'issa. Aħna s'issa għedna li Għawdex huwa distint u rridu nkomplu ninsistu fuqha din. Hemm bżonn li jkollna *policy* turistika għall-gżira Għawdxija. Ma jistax ikun li Għawdex ikollu *policy* bħal ta' Malta. Jekk aħna rridu li Għawdex ikun differenti minn Malta allura hemm bżonn li jkollu sett ta' *policies* differenti minn ta' Malta. Hemm bżonn li Għawdex ikollu branki oħra biex ma jiġrilniex kif ġara s'issa. Pereżempju Għawdex għandu bżonn

policy dwar l-*agribusiness* u l-*agritourism.* S'issa m'għandniex *policy* f'dan is-sens u naħsbu li din hija *policy* tajba ħafna għal Għawdex u aħna lesti li naħdmu f'dan is-sens. Ħafna drabi s-settur privat jitlaq jiġri u jinvesti f'ċerti *areas* imma mbagħad ma jkunx hemm linji gwida.

Irridu nitkellmu wkoll fuq id-diversifikazzjoni tal-klijenti tagħna u rridu nissapportjaw dawk inniċeċ li diġà qegħdin jaħdmu, niċeċ li diġà ġew żviluppati matul iż-żmien. Ma jistax ikun li dawn inħalluhom jaħdmu waħedhom imma rridu nagħtuhom direzzjoni. Is-settur turistiku huwa vibranti, jinbidel il-ħin kollu u hemm bżonn li nagħtu direzzjoni anke lis-settur privat fejn wieħed jista' jinvesti. S'issa l-investiment turistiku tagħna f'Għawdex kien ibbażat wisq fuq l-akkomodazzjoni u fuq il-*catering establishments* però waqafna hemmhekk. Hemm bżonn li s-settur turistiku jkun sostnut b'diversi servizzi oħra. Permezz ta' dawn il-*policies* lis-settur privat irridu nagħtuh inizjattiva fejn jista' jagħmel investiment.

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: Sinjura President, jien nixtieq nagħmel intervent qasir. Grazzi għall-*update* tal-*presentation* li għamilt, Sur Muscat, għan-nom tal-Gozo Tourism Assocation. Jien m'iniex se nidħol f'ħafna dettalji però nixtieq nagħmel xi mistoqsijiet. Kif jaf kulħadd, fis-settur tat-turiżmu estern, ħafna *bookings* isiru minn xhur qabel, u allura intom, flimkien mal-membri tagħkom, jista' jkollkom idea dwar x'*bookings* qed jidħlu. Issa ovvjament is-sitwazzjoni hija ftit differenti mis-snin l-oħra, imma kif qed jiġi mbassar li tkun is-sitwazzjoni mhux biss fis-sajf li ġej imma matul ix-xhur tax-xitwa li ġejjin, ċjoè minn Ottubru sa Marzu/April 2021?

Waqt il-preżentazzjoni tiegħek tkellimt ukoll dwar is-sitwazzjoni preżenti u spjegajt li issa l-lukandi fetħu prattikament kollha. Tkellimt ukoll dwar l-*occupancy rate.* Però dak il-ħin is-*sound* inqata' u għalhekk nixtieq nistaqsi: X'inhi s-sitwazzjoni preżenti tal-lukandi mill-*feedback* li għandkom? Dwar is-*self-catering* għedtilna li hemm *occupancy rate* tajba u x'jista' jsir biex wieħed jaħseb għall-ġranet bejn it-Tnejn u l-Ħamis jew mill-Ħadd filgħaxija sal-Ħamis fejn is-sitwazzjoni għadha inkwetanti.

Hemm ukoll ir-ristoranti li jifformaw parti kbira mis-settur tat-turiżmu f'Għawdex li issa qegħdin joperaw u ilhom diversi ġimgħat jilqgħu n-nies, għalkemm b'numru ta' restrizzjonijiet. X'inhu l-*feedback* li għandkom minn dawn l-istabbilimenti meta wieħed iqabbel ma' xhur oħra ta' snin oħra bħala xogħol?

IS-SUR JOE MUSCAT: Din is-sena hija waħda straordinarja għas-settur tat-turiżmu. Fuq livell nazzjonali għandna informazzjoni li sal-aħħar ta' Ottubru r-rotot għal Malta, bħala *capacity*, se jkunu 59% inqas mis-sena l-oħra u meta ma jkollokx rotot ifisser li inti m'għandekx konnettività biżżejjed.

Rigward l-okkupanza fil-lukandi, *on average* dawn qegħdin jirrapportaw 40% *occupancy*. Issa dan huwa bbażat fuq il-*weekend* jiġifieri fost il-ġimgħa l-okkupanza tkun inqas minn 40%. Aħna qegħdin nitkellmu biss fuq is-suq domestiku għax nafu li s-suq domestiku qed jiffrekwenta lil Għawdex matul il-*weekend*. Għalhekk hemm bżonn miżuri u inċentivi biex is-suq domestiku nżommuh hekk anke fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa. Pereżempju fil-*weekend* li ġej jidher li se jkollna *length of stay* mill-Maltin għax nhar it-Tnejn hija festa pubblika.

ONOR. CHRIS SAID: Festa kbira hija dik ta' nhar it-Tnejn!

ONOR. JOE MUSCAT: Mhux kbira imma unika!

IĊ-CHAIRPERSON: Il-festi kollha kbar.

ONOR. CHRIS SAID: Ma stajtx ma nagħmilx dak il-kumment lil Joe Muscat! Ministru, ma tistax tidħak inti, aħjar iżżomm mieġħi.

ONOR. JOE MUSCAT: Però jidher li l-Maltin se jmorru lura lejn Malta matul il-ġurnata tat-Tlieta. Dan juri biċ-ċar li rridu nixprunaw lill-Maltin biex jekk jista' jkun jiffrekwentaw Għawdex anke matul il-ġranet l-oħra tal-ġimgħa. Fis-suq domestiku hemm setturi li nistgħu nġibuhom matul il-ġimgħa, fosthom l-anzjani. Diġà hemm inċentivi min-naħa tal-Gozo Channel għall-anzjani għax dawn jaqsmu lejn Għawdex bil-Kartanzjan imma rridu nkunu aktar innovattivi.

Bħalissa qegħdin f'diskussjonijiet mal-Ministru Camilleri sabiex naraw x'nistgħu nagħmlu mhux

biss għal dawn it-tliet xhur imma lil hinn minn dawn it-tliet xhur. Pereżempju l-aktar perjodu li qed jinkwetana huwa minn Ottubru li ġej sa April 2021 għax se tkun xitwa differenti minn tas-soltu. Nisperaw li ma jerġax ikollna aktar każijiet tal-COVID-19 għax dan huwa żmien ta' rkupru u żmien li għal Għawdex huwa dejjem diffiċli. Dawn is-seba' xhur ikunu diffiċli.

Rigward ir-ristoranti nista' ngħid li dawn bdew bil-mod imma issa hemm ħafna kunfidenza. Filwaqt li qabel ristorant kien jagħmel 100 *covers* fil-*weekend,* issa dawn qed jagħmilhom f'*lunch* is-Sibt jew il-Ħadd. Però *again,* meta niġu għall-fost il-ġimgħa r-ristoranti wkoll qed iħossu ċertu nuqqas imma jekk inkomplu sejrin kif aħna sejrin in-nies bil-mod il-mod ikollha aktar kunfidenza u hawn mhux qed nirreferi għall-Maltin biss imma anke għal dawk tal-lokal.

Dan huwa żmien diffiċli u *challenging* imma qalbna mhijiex maqtugħa. Jien nixtieq nirringrazzja lis-settur turistiku li kien resiljenti, żamm il-ħaddiema, investa, kompla jinvesti fl-*advertising* u għamel ħafna *refurbishments.* Kien hemm oħrajn li l-ewwel iddeċidew li jagħlqu imma mbagħad fetħu imma f'dan iż-żmien ta' prova wrew li verament huma investituri li jemmnu mhux biss fis-settur turistiku imma jemmnu wkoll fil-gzira Għawdxija.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Muscat, sadanittant qed nipprova naqbad lil Malta Enterprise biex nipprova nġib risposta dwar *Annexe A* u *Annexe B* u malli jkolli risposta nikkomunika magħkom. Però se nagħmillek domanda li mhux l-ewwel darba li għamilthielek imma llum fil-kontest tal-COVID-19 hija aktar pertinenti. Aħna dejjem nitkellmu fuq il-problema li għandna biex matul il-ġimgħa nżidu l-*occupancy rate*. L-esperjenza tal-COVID-19 essenzjalment għadha m'għaddietx imma kif jaqbel kulħadd hija esperjenza li rridu nitgħallmu minnha biex nimxu 'l quddiem. L-operaturi x'disposti jagħmlu biex neliminaw jew nikkumbattu l-isfida tal-*occupancy* ta' matul il-ġimgħa? Pereżempju jista' jkun hemm rati differenti, jiġifieri jekk lukanda għal *weekend* tiċċarġja rata, forsi jkun hemm rata inqas għal matul il-ġimgħa jew inkella l-pakketti tal-*half board* jew tal-*full board* ikunu aktar favorevoli. Jista' jkun hemm pakketti wkoll, pereżempju, li inti tħallas ta' *bed and breakfast* jew *half board* u jkollok inkluż l-ikel ta' filgħaxija. Is-settur x'dispost li jagħmel biex ninqalgħu minn dan l-istaġnar? Wara kollox din mhijiex xi ħaġa t'issa minħabba l-COVID-19 imma dejjem tkellimna dwar dan. L-għajnuna min-naħa tal-Gvern u l-entitajiet tiegħu dejjem ingħatat però issa f'dan il-mument partikolari fejn qed ngħixu dan il-kontest kollu, l-operaturi kif lesti li jimmobilizzaw u jorganizzaw irwieħhom?

IS-SUR JOE MUSCAT: Li nista' ngħid huwa li l-ewwel nett is-settur turistiku kien *operator based* u l-akkomodazzjoni għal numru kbir ta' snin kienet taħdem b'mod li l-operatur jagħmel kuntratt miegħek, jiġu kkuntrattati r-rati u ma jkunx hemm ċaqliq. Issa matul dawn l-aħħar ħames snin it-turiżmu ġie aktar ibbażat fuq *online travel agencies* fejn dak li jkun jidħol *online* b'mod dirett. Għalhekk id-dipendenza fuq l-operatur m'għadhiex aktar tant importanti u barra minn hekk l-istabbilimenti Għawdxin issa bdew ikunu aktar elastiċi f'dak li għandu x'jaqsam mar-rati. Però għad fadlilna oħrajn li għadhom jemmnu li r-rati mhumiex flessibbli. Aħna mhux biss nixtiequ li r-rati jkunu flessibbli ... Fil-fatt bħalissa f'Għawdex hemm kwestjoni għaddejja, anke madwar il-mejda tal-kunsill tagħna, għax ċerti operaturi qegħdin igergru li operaturi oħrajn qegħdin iwaqqgħu r-rati. Però dan huwa żmien li jkun tajjeb li nipprovaw ċerti affarijiet u nkunu flessibbli. Pereżempju ċerti operaturi li qegħdin iniżżlu r-rati tagħhom qegħdin jaraw okkupanza anke fost il-ġimgħa. Għandna operaturi oħrajn li biddlu s-sistema tal-*bookings* tagħhom u għandhom *room optimisation rates* jiġifieri jekk dak li jkun jara li hemm numru ta' kmamar li jkunu vojta, iniżżillek jew itellagħlek hu l-prezz ta' dik ir-rata tal-kamra biex wieħed ikun jista' jutilizza l-vojt li jkollu. Għalhekk l-operatur bil-mod il-mod qiegħed jifhem li - kif semmiet l-Onor. Justyne Caruana - hemm bżonn li nkunu flessibbli anke fir-rati.

Barra minn hekk aħna lesti li niddiskutu mal-awtoritajiet, b'mod speċjali għax-xitwa li ġejja, dwar x'inċentivi oħra jistgħu jagħtu l-operaturi - mhux biss fir-rati - biex nattiraw turiżmu matul il-ġimgħa. Jekk il-Gvern se jagħmel il-parti tiegħu b'diversi inċentivi oħra biex in-nies jaqsmu lejn Għawdex fost il-ġimgħa u fix-xitwa li ġejja, aħna min-naħa tagħna rridu ninstigaw lill-operaturi biex ikunu parteċipi fi skemi li ġieli kien hemm anke fil-passat.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Muscat, grazzi ħafna għall-interventi tiegħek u grazzi talli kont magħna. Aħna dejjem inħarsu b'mod pożittiv

lejn l-interventi li tagħmlu intom għaliex verament ikunu propizji u ta' ġid.

Ngħaddu issa għall-konklużjoni ta' din il-laqgħa. Kif spjegajt qabel, kellu jkun hawn magħna wkoll Dr Gavin Gulia bħala rappreżentant tal-MTA imma minħabba impenji oħrajn ma setax jattendi. Għalhekk din il-laqgħa tista' tiġi aġġornata għall-ġimgħa d-dieħla.

Nirringrazzja lil kulħadd u nsellem ukoll lil dawk li kienu qed isegwuna *online* u permezz tal-istazzjon tal-Parlament.

Il-Kumitat huwa aġġornat għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2020 fl-4.30 p.m. bl-istess aġenda li kellna llum, jiġifieri l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem (Kont.).

Fis-6.21 p.m. il-Kumitat aġġorna.

12.8 Appendiči 8

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX
(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 8
It-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2020

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 8
It-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2020

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.39 p.m.

MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 7 li saret fit-23 ta' Ġunju, 2020, ġew ikkonfermati.

INTRODUZZJONI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Justyne Caruana): Nagħti merħba lil kull min hawn preżenti għal din il-laqgħa tal-lum. Bħal kull laqgħa oħra ta' dan il-Kumitat, din il-liġi qiegħda tiġi *video streamed* b'mod dirett u tkun trażmessa fuq l-istazzjon tat-televiżjoni tal-Parlament fi stadju ulterjuri.

Infakkar li dawn huma laqgħat pubbliċi u allura dawk kollha li se jindirizzaw il-Kumitat, l-affarijiet li se jkunu qegħdin jippreżentaw u jqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra huma pubbliċi, allura jistgħu jintużaw kif ukoll jintalbu mill-midja. Jekk ikun hemm xi ħadd li juri x-xewqa li l-intervent tiegħu ma jixxandarx irid jindika dan fil-bidu tal-intervent tiegħu.

L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ GĦAWDEX U T-TRIQ 'IL QUDDIEM (KONT.)

IĊ-CHAIRPERSON: Għal din id-diskussjoni bħala mistednin għandna lil Dr Gavin Gulia, Chairman tal-MTA, biex titkompla d-diskussjoni li konna bdejna fl-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat. Imbagħad għandna lis-Sur George P. Cassar, Segretarju tal-Għaqda Circolo Gozitano, kif ukoll is-Sur Giovanni Zammit, President tal-Għaqda Wirt Għawdex, li se jkun qed jingħaqad magħna permezz tal-*video conferencing*.

Għalhekk bil-permess tal-Kumitat nistieden lil Dr Gavin Gulia biex jindirizza lill-Kumitat. Dr Gulia, fl-ewwel laqgħa li kellna miegħek għamiltilna preżentazzjoni dwar il-ħidma tal-MTA rigward il-qasam tat-turiżmu, kif ukoll dwar x'inizjattivi qegħdin jittieħdu biex it-turiżmu jirpilja wara l-pandemija. Ovvjament minn dakinhar sal-lum kien hemm ukoll żviluppi ulterjuri, fosthom il-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomiku, kif ukoll diversi inizjattivi oħrajn li tħabbru mill-Ministeru għat-Turiżmu biex ikun hemm injezzjoni, biex ikun hemm iktar għajnuniet għas-settur tat-turiżmu biex inkunu nistgħu nibdlu dawn l-isfidi f'opportunitajiet. Nistiednek biex, l-ewwel nett, tagħtina aġġornament ta' dak li ġara sadanittant, però mbagħad nitolbok ġentilment twieġeb il-mistoqsijiet li se nkunu qegħdin nagħmlulek aħna bħala Membri tal-Kumitat.

DR GAVIN GULIA (Chairman, MTA): Sinjura President, nirringrazzja lilek kif ukoll lill-membri ta' dan il-Kumitat. Minn dak iż-żmien 'l hawn kien hemm it-tħabbira tad-data tal-ftuħ tal-ajruport. Dakinhar li kont ġejt nitkellem f'dan il-Kumitat kien definittivament qabel tħabbret id-data u qisna konna qegħdin nitkellmu *pie in the sky*, fis-sens li kien hemm ċerta inċertezza għaliex naturalment ma kienx hemm data. It-turiżmu għandu bżonn ajruport u għandu bżonn l-ajruplani; fil-każ tagħna li aħna gżira, l-ikbar kontributur huma l-*airline*. Peress li dak iż-żmien ma kienx hemm data tal-ftuħ tal-ajruport, kien żmien ta' inċertezza. Kif spjegajt f'dik il-preżentazzjoni, l-MTA kienet xorta waħda qiegħda iġġemma' l-fondi għall-*marketing* għal żmenijiet bħal tal-lum, għaliex naturalment *you can take the horse to the water,* kif jgħidu, *but you cannot make it drink*! Jekk m'hemmx domanda u m'hemmx ajruport u m'hemmx linji

tal-ajru jtiru, ikun inutli li toqgħod tonfoq fuq il-*marketing*. Però konna għażilna strateġija biex almenu nibqgħu nidhru u wżajna kemm jista' jkun possibbli l-irħas mezzi biex nagħmlu *marketing*. Dan għamilnieh permezz ta' *Facebook* u *Instagram* u użajna l-profili minn fuq *Facebook* biex inkunu nistgħu nimmiraw ċerti karatteristiċi tal-vjaġġatur potenzjali, fosthom għad-*diving,* li pereżempju, f'Għawdex huwa importanti ħafna, u għat-tagħlim tal-lingwa Ingliża. Kif għedt, rajna li nibqgħu viżibbli u dan għamilnieh anke permezz ta' kompetizzjonijiet, bħal pereżempju, min ġie Malta matul dawn l-aħħar sentejn jitfa' l-isbaħ ritratti li ġibed. Kienet forma ta' kompetizzjoni imma b'hekk Malta tibqa' tissemma, tibqa' viżibbli.

Naturalment dak kien żmien ukoll li konna qegħdin naħdmu fuq it-tfassil tal-protokolli għal dak li huwa negattiv, jiġifieri għal dak li kellu x'jaqsam mal-miżuri restrittivi. Dawn ħdimniehom mal-awtoritajiet tas-saħħa, imbagħad meta eventwalment bdejna naraw li jista' jkun hemm xaqq dawl bdejna nippreparaw anke l-protokolli biex niftħu. Però l-ewwel pass kien li niftħu għas-suq domestiku. Jiġifieri kemm jista' jkun nagħmlu *marketing* għas-*service providers* fil-qasam tat-turiżmu, bħal-lukandiera, ristoranti, u akkomodazzjoni privata, għaliex huwa importanti li jkollok *different streams of accommodation*, mhux lukandi biss, basta kulħadd ikun liċenzjat, biex meta jibda jiftaħ is-suq u jkun hemm aktar tħaffif ta' restrizzjonijiet il-Maltin u l-Għawdxin jibdew jitħajru jmorru f'ristoranti u jekk ikunu jridu jieħdu vaganza jmorru f'lukandi Maltin jew Għawdxin.

Allura bdejna nfasslu dawk il-protokolli biex nipprovaw nistimulaw is-suq domestiku. Dan ukoll għamilnieh id f'id mal-awtoritajiet tas-saħħa, taħt it-tmexxija tas-Suprintendent tas-Saħħa Dr Charmaine Gauci. Kien hemm dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza u aħna mxejna paripassu mal-pariri li kienu ġejjin mill-awtoritajiet tas-saħħa, però bdejna kemm jista' jkun nimbottaw biex nibdew niftħu. Dan meta bdejna nindunaw li r-rata ta' infezzjoni bdiet tonqos, ir-rata ta' fejqan kienet b'saħħitha u r-rata ta' mortalità kienet baxxa ħafna u allura kien hemm dak ix-xaqq dawl li nistgħu nibdew naħsbu biex niftħu. Imbagħad hemmhekk bdejna nagħfsu l-gass għaliex konna nafu li xi ġurnata ġejja meta titħabbar data. L-industrija kienet qed tiġri warajna għal data, kien hemm *lobby*, mhux mingħajr raġuni, ħalli nitkellmu ċar. Però aħna dejjem ħdimna flimkien mal-awtoritajiet tas-saħħa. Imbagħad bdejna nagħfsu naqra iktar il-gass, biex ngħidu hekk, f'dak li għandu x'jaqsam ma' *marketing* biex dejjem inkabbru l-viżibbiltà ta' Malta barra minn Malta.

It-*timing* kien importanti ħafna għaliex jekk tipprova tagħmel *marketing* bis-saħħa mill-bidu jkun għalxejn għax in-natura tal-bniedem hi li jinsa. Jiġifieri tista' tonfoq ħafna flus fuq ħafna *marketing,* imbagħad wara xahar in-nies jinsew. Allura trid tagħmel *timing*. Għalhekk meta bdejna nħossu li l-ġurnata li niftħu kienet qed tersaq, li almenu jkun hemm data biex jiftaħ l-ajruport, bdejna nagħfsu l-gass iktar fuq *marketing.* Meta mbagħad tħabbret id-data kienet importanti ħafna għax almenu kien hemm data. Sakemm ma kienx hemm id-data, il-forniturі tas-servizzi kollha, b'mod speċjali l-lukandiera, sew f'Malta kif ukoll f'Għawdex, ma setgħux jagħmlu l-*marketing* tagħhom. Minħabba li l-ajruport ma kienx miftuħ, u allura kien hemm inċertezza kbira, dawn ma setgħux ikellmu operatur turistiku barra minn Malta jew xi DMC barra minn Malta biex iġibu xi konferenza, għaliex l-ewwel ma jistaqsuhom kien ikun: "Hemm titjiriet lejn Malta? L-ajruport miftuħ?" Jekk dawn jgħidulhom li le, dawn naturalment jgħidu: "Allura aħna x'se nagħmlu? Se norganizzaw fil-vojt?!" Jiġifieri d-data kienet importanti ħafna u meta tħabbret id-data mbagħad il-lukandiera setgħu jibdew jagħmlu l-*marketing* tagħhom bħala lukanda. Il-*marketing* ma jsirx biss mill-MTA. L-MTA tgħin b'mod qawwi biex iġġib lil Malta viżibbli, taħdem mal-operaturi turistiċi b'mod agressiv permezz tal-uffiċċji tagħha barra minn Malta. Però mbagħad il-lukandi jridu jagħmlu l-parti tagħhom ukoll, jiġifieri jridu joħorġu l-prodott tagħhom fis-suq. U kien importanti għalihom li jkollhom data biex ikunu jistgħu jibdew jaċċettaw *bookings* minn pajjiżi oħra.

Minbarra d-data, naturalment kien importanti wkoll li mbagħad nibdew niftħu dawn is-*safe corridors* ħalli l-lukandier ikun jaf fejn għandu jagħmel il-*marketing.* M'intix se tagħmel *marketing* fl-Amerika meta bħalissa mhux qiegħda tajba, jew pajjiżi oħrajn li mhumiex ikkonsidrati siguri, għaliex tkun qed tonfoq il-flus fil-vojt. Allura meta ħabbarna l-ewwel sett ta' pajjiżi, li jibdew minn għada l-1 ta' Lulju, sew il-lukandi kif ukoll aħna bħala MTA stajna naħdmu madwar dawk id-destinazzjonijiet. Però konna nafu li f'xi punt se niftħu għal kulħadd u konna

qegħdin inħossu li d-data kienet qiegħda toqrob. Fil-fatt illum hemm żewġ settijiet ta' dati, hemm sett ta' pajjiżi li, kif għedt, titjiriet lejhom se jidħlu fis-seħħ minn għada, imbagħad se nifthu għall-kumplament fil-15 ta' Lulju. Ma jfissirx li kulħadd se jiġi għaliex huma jridu jifthu għalina, imma almenu aħna miftuħin għalihom, imbagħad jaraw huma. Naturalment l-ewwel erba' swieq l-iktar importanti huma l-Ingilterra, l-Italja, Franza u l-Ġermanja. Dawk huma l-*bulk*. Fl-ewwel sett għandna l-Ġermaniżi u t-Taljani. Irrid ngħid li t-Taljani huma t-tieni l-aħjar u l-iktar suq b'saħħtu.

Ħalli nkun naqra iktar speċifiku għal Għawdex. F'Għawdex qabel ftaħna konna qegħdin nipprovaw nistimulaw l-ekonomija domestika bil-Maltin u bħala ġżira Għawdxija fiha nnifisha hija destinazzjoni għall-Maltin. Fil-bidu meta bdejna nifthu bdejna b'naqra inċertezza imma jidher li issa l-biża' qiegħda tonqos u allura ladarba tonqos il-biża' tiġi stimulata iktar id-domanda. Nirreferi għal xi żewġ *weekends*, wieħed minnhom il-*weekend* li għadda, fejn jidher li kien hemm turiżmu domestiku qawwi lejn Għawdex. Għad irrid nara fejn marru għaliex trid tara jekk marrux fil-lukandi jew marrux f'akkomodazzjoni privata. Ħalli nkun ċar, m'għandi xejn kontra l-akkomodazzjoni privata, anzi huwa importanti li jkollna l-għażla, però naturalment l-impjiegi qegħdin fil-lukandi u nixtieq nara lill-Maltin imorru fil-lukandi meta jitilgħu Għawdex. L-akkomodazzjoni privata hija linja importanti ħafna, huwa fenomenu globali, mhux f'Malta biss, li kiber b'mod importanti ħafna, anke minħabba l-*internet*. Però għad irrid nikkonferma - għaliex il-*weekend* għadu kemm għadda - biex nara jekk kienx hemm firxa tajba bejn l-akkomodazzjoni kollettiva u dik mhux kollettiva. Meta ngħidu akkomodazzjoni kollettiva nkunu qed nirreferu għal-lukandi, u l-akkomodazzjoni mhux kollettiva tkun l-akkomodazzjoni privata, bħall-*farmhouses*, dawk li nsejħulhom HFPs.

Fir-rigward ta' Għawdex l-i*specific marketing spend* għal Għawdex, dak dirett, kien bejn wieħed u ieħor madwar €600,000. Imbagħad għandek *shared marketing* ma' Malta, li jiġi *over and above*. Pereżempju, meta nirreklamaw id-*diving* hemm element qawwi ta' Għawdex. Għawdex huwa destinazzjoni b'saħħitha ħafna għad-*diving*. Hemm il-*culinary aspect*, l-ikel, li kiber ħafna f'Għawdex u dak aħna nirreklamawh taħt *the Maltese islands*, jiġifieri Malta u Għawdex flimkien. Dawk is-€600,000 li semmejt jintnefqu fuq *digital* u *outdoor*, *digital* jiġifieri *Facebook*, Instagram, il-midja soċjali kollha, *banners*, il-*press scripts*, li huma importanti, kif ukoll l-*influencers*, li jkunu nies magħrufin ħafna fuq l-*internet* u għandhom *reach* qawwi ħafna mal-udjenzi tagħhom, li nġibuhom Malta biex joqogħdu jgħidu kemm hi sabiħa Malta, eċċ.

Għandek ukoll il-*marketing* konvenzjonali, dak li huwa l-*print*. Illum id-*digital* qed jikber ħafna iktar mill-*print*, imma huwa importanti li jkollok taħlita.

Naturalment nistiednu wkoll il-parteċipazzjoni tal-fiera, b'mod partikolari l-Gozo Tourism Authority (GTA). Minn hawnhekk insellem lis-Sur Paul Scicluna, *Chairman* ta' din l-Awtorità, kif ukoll lis-Sur Joseph Muscat, li wkoll qiegħed fil-Bord tal-MTA u l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità. Dawn jipparteċipaw u jkunu qegħdin magħna meta mmorru l-ITB fil-Ġermanja, li hija l-ikbar fiera fl-Ewropa u l-World Travel Market ta' Londra, però mmorru wkoll l-IFTM Top Resa fi Franza u l-Consumer Fairs f'Manchester u f'Londra. Dawn nagħtuhom l-ispazju kollu fuq l-i*stands* tal-MTA f'dawn il-fieri biex ibigħu lil Għawdex bħala destinazzjoni ...

IĊ-CHAIRPERSON: Din is-sena kienet eċċezzjoni għaliex dawn il-fieri ovvjament ma sarux.

DR GAVIN GULIA: Naturalment dan kien is-sena l-oħra, fl-2019. Pereżempju, l-ITB tħassret erbat ijiem qabel ma kellha ssir. Fil-fatt kont mistieden quddiem il-PAC, għedna li ma stajtx nitla', imbagħad tħassret fl-aħħar minuta. Naħseb li sar tajjeb għaliex l-imxija tal-COVID-19 kienet bdiet sew.

Il-World Travel Market li jsir f'Novembru nittamaw li jsir. Il-World Travel Market u l-ITB huma speċi ta' ritwali annwali. In-negozju jkun diġà sar, però hija ritwal li trid terġa' tiltaqa' mal-*partners* tiegħek u mal-operaturi turistiċi, għax hija wkoll opportunità *to catch up* man-negozju li jkun diġà sar u jinqalgħu ċirkostanzi fejn anke nameljoraw. Imma l-fieri huma importanti ħafna.

Li nista' ngħid hu li Għawdex kiber, bħalma kibret Malta b'rati tajbin ħafna. It-turiżmu reġa' beda jikber wara l-2007 meta daħlu l-*low cost carriers*, imbagħad qlajna daqqa – li mhu tort ta' ħadd – fl-2009 minħabba l-kriżi finanzjarja, imbagħad bdejna nirkupraw, bdejna telgħin u

bqajna telgħin. Li nista' ngħid hu li taħt iċ-*chairmanship* tiegħi t-tkabbir kien ogħla, b'mod partikolari mill-2015 'l hawn. Meta ngħid taħt iċ-*chairmanship* tiegħi qed nirreferi għall-impjegati kollha tal-MTA, li ħadmu ħafna, speċjalment fir-*root development* u fil-*marketing*. Naturalment l-MTA ma tirnexxix mingħajr il-kontribut tal-entitajiet l-oħrajn kollha, fosthom l-i*stakeholders* u l-GTA b'mod speċjali. Hemm ukoll l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, li flimkien infittxu linji tal-ajru, għaliex illum il-linji tal-ajru huma importanti, mhux biss l-operaturi turistiċi. Hemm ukoll il-FATTA, li hija t-Travel Agents Association u l-MHRA b'mod speċjali u għaqdiet oħrajn. Pereżempju, meta mmorru nfittxu l-linji tal-ajru barra minn Malta u fil-fieri tal-linji tal-ajru, bħalma huma Roots World u Roots Europe, qatt ma mmorru waħedna, immorru ma' rappreżentanti mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, li hija xi ħaġa differenti minn kif joperaw pajjiżi oħrajn. F'pajjiżi oħrajn ir-rappreżentanti tal-ajruport imorru għal rashom u l-awtoritajiet tat-turiżmu jmorru għal rashom. Aħna dejjem immorru mal-Malta International Airport biex naħdmu flimkien bl-istess interess u nġibu l-aħjar riżultati.

Kif għedt, issa għandna d-data tal-ftuħ tal-ajruport; għada l-1 ta' Lulju niftħu għall-ewwel *batch* ta' pajjiżi, imbagħad niftħu għal kulħadd u jekk Alla jrid ikun hemm rispons mingħand kulħadd, għaliex din hija *two way*, niftaħ għalik, imma trid tiftaħ għalija wkoll. Jekk tistaqsuni kif inhuma l-*bookings* eċċ. ngħid li fil-bidu huwa naqra timidu. Kieku ġejt hawnhekk tliet ġimgħat ilu kont ngħidilkom li mhux qegħdin sew u llum nista' ngħid li hemm sinjali ta' inkoraġġiment sew mil-linji tal-ajru, kif ukoll mil-lukandi, u nimmaġina li anke mill-akkomodazzjoni privata, sew f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Però naħseb li Għawdex kellu dak il-vantaġġ tas-suq domestiku li ma kellhiex Malta, għaliex il-Maltin jikkontribwixxu b'mod importanti lejn l-ekonomija Għawdxija u huwa turist fih innifsu. Naħseb li l-esperjenza ta' dan il-*weekend*, kif ukoll xi *weekend* ta' qabel meta kien hemm festa, kienet pożittiva, però jekk hemm bżonn nerġa' niġi darb'oħra għaliex għad irrid ngħarbel fejn marru, jekk il-biċċa l-kbira marrux f'akkomodazzjoni privata. Jien naħseb li l-Maltin iħobbu jikru l-*farmhouses* u l-appartamenti, imma dak li naħseb jien ma jgħodd xejn. Irridu naraw naqra għaliex issa nibdew inkellmu lil-lukandiera biex naraw kif marru. M'għedt xejn fuq il-prodott, jiġifieri jekk tridu tistgħu tistaqsuni.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi, Dr Gulia. Issa nistaqsuk ukoll. Se nagħmillek ftit mistoqsijiet biex tkun tista' tingrana ftit. L-ewwel nett, dwar l-inizjattiva tat-taħriġ *online* li tħabbret ukoll mill-Ministeru għat-Turiżmu. Forsi għandek xi statistika, speċjalment għal dak li jirrigwarda Għawdex, biex naraw ukoll l-impatt u l-effetti tagħha.

DR GAVIN GULIA: *Segmentation* m'għandix, però ġiet sottoskritta kollha fi żmien 48 siegħa, anzi żidna magħha, u hemm interess kbir, sew mill-impjegati .... Din bdejnieha għal dawk li jaħdmu fil-qasam tat-turiżmu u issa qiegħda miftuħa għal kulħadd. Naturalment din saret bl-għajnuna tal-MHRA ukoll.

IĊ-CHAIRPERSON: Fakkarni kemm kien l-ammont ta' investiment.

DR GAVIN GULIA: €5 miljun. Kien hemm rispons tajjeb ħafna, għalkemm teknikament fil-bidu jkollok naqra *teething problems to hit the ground running*, imma issa ġew irranġati. Li hu żgur hu li hemm rispons minn Għawdex ukoll. Din irnexxiet anke għaliex il-lukandiera stess – u minn hawnhekk nirringrazzjahom, sew dawk Maltin kif ukoll dawk Għawdxin – ma ridux ikeċċu 'l-impjegati tagħhom, minkejja l-isfidi li għandhom.

IĊ-CHAIRPERSON: Jekk ma jimpurtax, agħtina ftit informazzjoni dwar l-*uptake* minn aħa tal-Għawdxin għaliex huwa interessanti. Issa fil-każ nibagħtulek *reminder*.

DR GAVIN GULIA: Nibagħtilkom id-dettalji anke jekk ma nkunx hawnhekk, imma nibgħathomlkom immedjatament.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Għandi żewġ punti oħrajn fil-qosor. Tkellimna ħafna dwar il-ħtieġa ta' diversifikazzjoni fis-settur tat-turiżmu, kemm mal-MTA, mal-GBC u ma' diversi entitajiet oħrajn, saħansitra anke mal-Għaqda tal-Istudenti Għawdxin (GUG). Li għandu jkun hemm diversifikazzjoni tat-turiżmu hija xi ħaġa li ġiet maqbula *across the board*. Din nitkellmu ħafna dwarha, però fl-aħħar mill-aħħar bħala MTA x'inhu l-impenn, kif ukoll l-assistenza li forsi qegħdin tiddiskutu biex ikun hemm din id-diversifikazzjoni? Mill-banda l-oħra wkoll kif

jista' jgħin lilu nnifsu s-settur? Fil-laqgħa preċedenti kellna lis-Sur Joe Muscat u jien staqsejtu *point blank* u għedtlu: Jekk is-settur qiegħed fil-fażi li jirpilja u l-Gvern għamel il-parti tiegħu, però s-settur x'inhu dispost li jagħmel? U naħseb jekk wieħed jagħmel dan it-tip ta' dibattitu jista' jkun proattiv ħafna iktar.

It-tielet punt hu kif se nassiguraw li filwaqt li nsostnu t-turiżmu u nżiduh se nżommu l-livell u l-kwalità. Fi tmiem il-ġimgħa kellna influss massiċċ ta' nies, però filwaqt li jkollok nies jifirħu għaliex ovvjament ikollhom il-postijiet mimlijin u jkun hemm ir-rota ekonomika ddur, imbagħad ikollok min jilmenta u jgħid li wara li dawn telqu forsi ħallew xi ftit inkonvenjenti warajhom. L-MTA kif se tkun qed taħdem biex tassigura li jinżamm il-bilanċ? Però iktar minn hekk ukoll, kif se nassiguraw li s-settur turistiku jibqa' jżomm il-livelli tiegħu, għaliex it-tendenza forsi tkun li biex nattiraw lin-nies inbaxxu l-prezzijiet u forsi meta tbaxxi l-prezz ikun hemm impatt fuq il-kwalità tas-servizz li nagħtu. L-MTA kif qed taraha din u x'miżuri qed tieħu biex ma naslux f'dak il-punt li l-isem tajjeb li rnexxielna niksbu għal Għawdex b'tant ħidma u sagrifiċċju nispiċċaw imbagħad nissagrifikawh minħabba l-COVID-19?

DR GAVIN GULIA: Dawn huma tliet punti importantissimi li indirizzajna, anke f'ċirkostanzi oħrajn mhux f'COVID-19 biss. Ħalli nitkellmu biċ-ċar, se nkun qed ngħidha jien bħala Chairman tal-MTA bl-ikbar responsabbiltà. Ir-rati tal-lukandi għolew b'mod importanti ħafna matul dawn l-aħħar għaxar snin. Meta nitkellmu dwar prezzijiet li jkunu naqra tajbin dak mhux dnub, anzi dik turi ċerta saħħa, li t-turisti qegħdin jiżdiedu minn sena għal oħra. Matul dawn l-aħħar għaxar snin, mill-2008 'l hawn kellna rekord wara l-ieħor. Nixtieq nenfasizza li mill-2015 it-tkabbir kien ogħla u fl-istess ħin ir-rati tal-lukandi għolew ukoll. Dik hija *a very healthy situation*, imbagħad ikollok xi *cowboys* ukoll li mhux jgħollu l-prezzijiet għal dak li huwa raġjonevoli, jew li huwa aċċettabbli fis-suq, imma li jagħmlu *profiteering*, jiġifieri r-rati jogħlew b'mod illi huma għoljin wisq u allura jibdew inaffru anke l-*bookings*. Nemmen li fl-aħħar mill-aħħar l-operatur li jaħdem b'dak il-mod ikun l-għadu tiegħu nnifsu. Pereżempju, meta kellna Brexit konna nafu li jista' jkun hemm impatt fuq is-suq Ingliż. Qegħdin nitkellmu meta Brexit issemmiet l-ewwel darba. Allura trid toqgħod attent li filwaqt li ma tarmix ir-rati tiegħek ma tridx imbagħad tagħmel xi rati stellari, għaliex it-turist li jitħajjar jiġi Malta jaqta' qalbu u jmur it-Turkija, Tuneż jew l-Eġittu, Sharm el Sheikh, fejn il-prezzijiet huma baxxi ħafna u jappellaw ħafna għat-turiżmu tal-massa u tal-volum.

Meta nqalgħet il-kwestjoni ta' Brexit aħna konna qegħdin f'kuntatt kontinwu mal-lukandiera biex nassiguraw ruħna li filwaqt li ma jwaqqgħux il-prezzijiet tagħhom – għaliex huwa importanti li ma mmorrux għar-rati li kienu jitħallsu madwar għaxar snin ilu, li huwa ħażin - fl-istess ħin joqogħdu attenti li joffru prezzijiet raġjonevoli għal turist b'potenzjal. Bl-istess mod anke f'dawn iċ-ċirkostanzi ta' COVID-19, meta għandek sitwazzjoni ferm agħar minn Brexit ... Għaliex Brexit seta' kellu effett fuq is-suq Ingliż, imma bil-COVID-19 filli kont qiegħed *full* u filli f'ġimagħtejn tiġi *zero*; sitwazzjoni totalment bla preċedent. Allura t-tentazzjoni tkun li f'mument ta' paniku nwaqqgħu il-prezzijiet ħalli kemm jista' jkun inġibu t-turisti lejn pajjiżna. Lil-lukandieri minn hawnhekk ngħidilhom biex ma jwaqqgħux il-prezzijiet tagħhom. Però mbagħad mhux jgħollu l-prezzijiet b'tali mod li jipprojbixxi li turist jiġi lejn pajjiżna. Wieħed irid ikun raġjonevoli u bilanċjat. Jien għandi fiduċja fil-forniturituras-servizzi u fil-lukandiera li joffru prezzijiet kompetittivi - u għandhom bżonn ikunu kompetittivi - però ma jħarsux lejn it-Turkija, lejn Tuneż u lejn l-Eġittu, fejn il-prezzijiet tagħhom qegħdin mal-art jew kienu paragunabbli mal-prezzijiet li kienu jħallsu hawn Malta madwar għaxar snin ilu. Jiġifieri ma jippanikjawx, irridu nibdew bil-mod u kultant se nibdew naraw li rridu nibdew mill-bidu nett, imma ma jimpurtax. Jiena nħares lejn din is-sena li kienet se tkun potenzjalment l-aqwa sena f'kull żmien għaliex l-ewwel xahrejn kienu l-aqwa xahrejn f'kull żmien. Aħna fl-MTA nistaqsu kemm jista' jkun li nibqgħu għaddejjin b'dan ir-ritmu ta' tkabbir. Xi darba se nsibu *plateau*, imma mhuwiex il-każ. Konna se nerġgħu nikbru imma mbagħad sfortunatament inqala' dan l-inċident li sfratta kollox. Jiena nħobb inħares lejn is-sitwazzjoni bħala sitwazzjoni feliċi li qiegħda fil-friża sakemm noħorġu totalment minn din is-sitwazzjoni. Nemmen li l-industrija hija waħda volatili però hija waħda resiljenti. Kull meta kien hemm kriżi, fosthom il-kriżi finanzjarja fl-2009 u l-kriżi tal-gwerra tal-Iraq, ħriġna minnha.

Li hemm tajjeb hu li l-operaturi huma pożittivi. Jeżisti wkoll konsensus bipartiġjan fejn għandu x'jaqsam mat-turiżmu, li huwa importanti ħafna,

li ż-żewġ partiti politiċi dejjem aġixxew b'ċerta unità u din il-klima tgħin biex ikollok klima pożittiva li tistimula t-turiżmu lejn pajjiżna. Ħaġa waħda hi li Malta dejjem kienet sigura, kemm f'sens ta' sigurtà qabel inqala' l-COVID-19 għax għall-grazzja t'Alla qatt ma kellna problemi ta' terroriżmu, u dik għenitna, u anke bħala *a competitive edge* u allura konna nbigħu lil Malta bħala *secure from a security point of view*. Għadna nbigħu Malta bħala sigura wkoll minnaħa ta' saħħa, li hija importanti ħafna llum għaliex fiċ-ċirkostanzi ta' COVID-19 persuni li jridu jiġu Malta jew Għawdex ... Ejja nitkellem fuq Għawdex għaliex it-tendenza hi li nitkellem dwar il-gżejjer Maltin. Min irid imur Għawdex, fosthom it-turisti Franċiżi u Ġermaniżi li huma l-iktar li jħcobbu lil Għawdex, iridu jħossuhom siguri li meta jmorru hemm m'għandhomx gżira li hija infettiva jew għandha xi rata ta' mortalità qawwija jew li r-rata ta' fejqan hija baxxa. Fil-fatt Għawdex għandu rata ta' fejqan tajba ħafna, l-infettività hija ħafna aħjar minn Malta u r-rata ta' mortalità hija iktar baxxa minn dik ta' Malta, allura s-sigurtà tagħha hija tajba wkoll. Nappella li fuq ir-rati il-lukandiera jridu joqogħdu attenti, ma jwaqqgħux ir-rati. Dak sinjal ta' paniku għalija u *there is time* li nirkupraw jekk Alla jrid.

Dwar il-kwalità rrid ngħid li ġibduli l-attenzjoni, speċjalment dan il-*weekend*. Nappella lill-Maltin biex meta jitilgħu jiddevertu Għawdex ma jħallux mandra warajhom. Huwa stat ta' fatt, u din ma smajthiex l-ewwel darba u mhux se niddejjaq ngħidha, li meta jkun *long weekend* naf li l-lukandiera jieħdu pjaċir, naf li s-sidien tar-ristoranti jieħdu pjaċir, naf li min għandu l-appartamenti għall-kiri jieħu pjaċir u l-*farmhouses* għall-kiri, però nifhimhom ukoll meta jieħdu l-pussess tal-proprjetà tagħhom lura u jsibu mandra. Mhux kullimkien, jiġifieri din mhijiex is-sitwazzjoni ġenerali, però l-eċċezzjonijiet huma irritanti. Nappella, speċjalment lil dawk il-Maltin li qegħdin isegwuna bħalissa, li meta jitilgħu Għawdex jieħdu ħsieb l-iġjene u jirrispettaw il-proprjetà li jkunu qegħdin fiha.

Bħala diversifikazzjoni pprovajna anke ntellgħu attivitajiet f'Għawdex, fosthom l-attività partikolari *ABODE* - jalla forsi nagħmlu oħrajn - li wkoll irnexxiet però ħalliet ukoll il-ħmieġ u kien hemm min garr ukoll, anke miegħi personali, kemm sidien ta' lukandi kif ukoll sidien ta' appartamenti, għaliex ħallewlhom mandra. Lil dawn l-organizzaturi qegħdin navviċinawhom, li huma l-istess familja tal-*Lost & Found*, li dwarha jkolli l-istess garr ukoll, u se nkunu qegħdin ninsistu magħhom li jagħmlu *self-regulation.* Ħaġa mhux tneħħiha, speċjalment jekk tkun qiegħda ġġib il-ġid lejn il-pajjiż, imma tiġbdilhom l-attenzjoni li jridu jagħmlu xi forma ta' *self-regulation.*

Kellna problema wkoll dwar it-*taxis* għaliex wara li spiċċat l-attività ma kienx hemm *taxis*. Is-sidien tat-*taxis* qdewna tajjeb ħafna biex wasslu n-nies għall-attività imma forsi ma kienx hemm l-istess servizz meta spiċċat l-attività. Però dawn huma affarijiet li jiġru meta attività tkun qed issir l-ewwel darba, ikun hemm *teething problems* u jkun hemm dawn l-isfidi imma eventwalment kieku setgħet issir din is-sena jiena ċert li t-trasport kien ikun aħjar. Meta terġa' tirritorna dik l-attività, u forsi jkollna attivitajiet oħrajn f'Għawdex, huwa importanti li niddiversifikaw. Mhux faċli li żżomm il-bilanċ f'dawk li huma rati, livell ta' kwalità u diversifikazzjoni, però rridu nammettu l-iżbalji tagħna wkoll. Nemmen li inġenerali qed nipprovaw inżommu l-bilanċ. Sinjura President, nittama li weġibtek għal dawn il-mistoqsijiet.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Hawn mistoqsijiet? L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Dr Gulia, nirringrazzjak li għoġbok terġa' tiġi fostna u tajtna dan it-tagħrif. Se nagħmillek xi mistoqsijiet dwar dan is-settur tant importanti għall-gżira tagħna ta' Għawdex. L-ewwel nett, niskuża ruħi li ma stajtx inkun hawnhekk mill-bidu u jekk se nistaqsik mistoqsijiet li diġà weġibthom, tinkwieta xejn, iġbidli l-attenzjoni. Se nistaqsik serje ta' mistoqsijiet, imbagħad irrispondini f'intervent wieħed.

Naħseb li l-iktar mistoqsija u kwestjoni li wieħed tajjeb jindirizza issa li se nerġgħu niftħu l-bibien għat-turiżmu wara li ntlaqatna mill-imxija tal-COVID-19 hija waħda bażika: Issa li se niftħu għall-barranin u, u jekk il-Bambin irid, il-barranin ikunu qegħdin jiġu fil-gżira Għawdxija, x'kontrolli se jkun hemm biex ma nerġgħux inżidu r-rata tal-imxija tal-COVID-19? Naf li ma taqax direttament taħt ir-*remit* tagħkom bħala Awtorità, imma din hija xi ħaġa kruċjali. Ma nafx jekk indirizzajthiex diġà, imma naħseb li ta' min iserraħ moħħ in-nies biex naraw x'kontrolli se jkun hemm.

Waslitli informazzjoni, li ma nafx jekk hux vera imma min wassalhieli kien jaf ben tajjeb, li jidher li se jkollna influss ta' turisti – ma nafx kemm se jkun kbir – li se jiġu minn pajjiżi terzi. Dan peress li l-pajjiżi mhux kollha fetħu l-ajruporti tagħhom. Allura se jkollok min jivvjaġġa lejn pajjiżi partikolari, imbagħad jiġi minn dawk il-pajjiżi partikolari lejn Malta. Jiġifieri se jkollna dawn it-tip ta' movimenti. Din qaluhieli nies mill-industrija.

Apparti l-kontrolli ovvjament, xi pjan ta' kontinġenza se jkollna jekk jaslu turisti li jkunu infettati? X'se jiġri? Se nżommuhom fl-ajruport sakemm isiru l-verifiki? Se ssir xi forma ta' kwarantina? X'se jiġri eżatt f'dak ir-rigward?

Kwestjoni oħra li naħseb li ta' min jindirizzaha hija l-kwestjoni tad-distanza soċjali, jekk hux se nibqgħu ninsistu bħala pajjiż li tinżamm id-distanza soċjali. L-informazzjoni li għandi hija dik. Issa ladarba se jiżdiedu l-influssi tat-turisti fostna kif se nassiguraw ruħna li din id-distanza soċjali tinżamm? X'miżuri se jkunu qegħdin jittieħdu? Jiena personalment xettiku ħafna li nħallu f'idejn l-individwu partikolari biex iżomm id-distanza soċjali. Ma naħsibx li b'dak il-mod biss id-distanza soċjcali tista' taħdem u tista' tinżamm. Dak inkwantu tal-qasam strettament mediku ta' saħħa.

Dr Gulia, inti semmejt ir-reklamar. Naturalment se jkun hemm bżonn ta' kampanja ta' reklamar massiċċa, iktar u iktar għal Għawdex peress li aħna naturalment dejjem irridu iktar minn Malta biex inkunu nistgħu nwasslu r-reklam tagħna, il-promozzjoni tagħna. Inti aċċennajt għaliha però nixtieqek tiftaħ ftit aktar fuqha. Min huma dawk il-kategoriji jew dawk is-setturi partikolari ta' turiżmu li se nkunu qegħdin nagħfsu fuqhom? Pereżempju, nies mill-industrija qed jgħiduli li aktar hemm possibbiltà li jiġu ż-żgħażagħ milli jiġu l-anzjani u persuni vulnerabbli. Kif nafu, kellna niċċa pjuttost b'saħħitha ta' anzjani li jiġu partikolarment Għawdex biex jistrieħu għall-kwiet. Jekk dik mhux se tkun tista' tiġi - kif jidher li hu l-każ – x'kategoriji oħrajn ta' turisti se nkunu qegħdin naħdmu dwarhom? Naf li forsi għadu kmieni. Naf li l-ajruport tagħna se jiftaħ għada, imma nimmaġina li min għandu pjan isiefer, min għandu pjan li jiġi vaganza Malta ma qagħadx jaħseb s'issa, sal-aħħar sekonda biex jibda jaħtaf jew jieħu vantaġġ minn dawk il-prezzijiet vantaġġjużi li s-suq qed ikun jista' joffri. Min-naħa tagħkom, bħala Awtorità, għandkom rispons u x'tista' tgħidilna dwar ir-rispons li s'issa qed ikollna mid-domanda għall-vaganzi f'Malta?

DR GAVIN GULIA: Onor. Cutajar, trid nipprova nwieġbek għal uħud minnhom?

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Iva, Dr Gulia, imma għad baqagħli tliet mistoqsijiet oħrajn x'nagħmel.

DR GAVIN GULIA: Kollox sew, imbagħad jekk trid kompli.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Jekk trid infakkrek, mhux problema, kif tixtieq inti.

DR GAVIN GULIA: Mela ħalli nwieġeb minn issa. Fir-rigward tar-rispons, ovvjament id-domanda mhux se tkun ... Aħna mdorrijin li fix-xitwa nġibu 150,000 turist.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Dr Gulia, dejjem fil-każ ta' Għawdex qed nistaqsik.

DR GAVIN GULIA: Le, le, qed ngħid b'mod ġenerali għall-gżejjer Maltin. Jiġifieri mhux se nistennew l-istess kif jiftaħ l-ajruport u anke wara l-15 ta' Lulju meta niftħu għal kulħadd. Għad hemm il-biża' hemm barra. Mhux qegħdin ngħidu li f'daqqa waħda se jkun hawn influss ta' turiżmu. Mhux se jkollna l-influssi ta' turiżmu li kellna fi Frar li għadda, u dan jgħodd kemm għal Malta kif ukoll għal Għawdex. Li nista' ngħidlek hu li kieku din il-mistoqsija saritli tliet ġimgħat ilu meta tħabbret id-data, kont ngħidlek li m'għandna xejn, zero, imma minn dak iż-żmien 'l hawn in-numri żdiedu, jiġifieri għandna ftit eluf ta' turisti li bbukkjaw. Dan nafuh permezz tal-*bookings* li saru mal-linji tal-ajru u permezz tal-*bookings* li jsiru mal-lukandi. Anke jien personalment nieħu l-briga li nċempel hemm u nċempel hawn. Imbagħad għandi n-nies tekniċi tiegħi li jkunu jistgħu jagħtu informazzjoni aktar approssimattiva. Però li nista' ngħidlek hu li matul dawn it-tliet ġimgħat kien hemm sinjali ta' inkoraġġiment, jiġifieri qegħdin nibdew nimlew. Naturalment din hija kullana, jiġifieri kollox jiddependi ... Din mhux kwestjoni ta' kemm hemm rotot jew ta' kemm hemm ajruplani, imma hija kwestjoni ta' frekwenzi. Pereżempju *airline* li kienet ittir bejn Malta u Londra u li fil-bidu kienet tagħmel tliet *flights* kuljum, issa jaf tibdielek bi *flight* waħda, jiġifieri mhux se taqbad u tibda bi tlieta mill-ewwel. L-*airlines* iridu jaraw

l-ispejjeż tagħhom u jridu jaraw ukoll dak li aħna nsejħulu "*load factor*", jiġifieri kemm ikollok nies. L-istess bħalma għandek l-okkupanza fil-lukandi għandek l-okkupanza ta' *seats* fuq l-ajruplani. L-aktar parti volatili fil-pakkett ta' vaganza hija l-*airline* aktar milli l-lukanda u affarijiet oħrajn. L-*airlines* huma *price sensitive* ħafna u allura joqogħdu attenti. Għalhekk, kif jista' jkun iġġib l-istess numru ta' turisti li kont iġġib qabel jekk ajruplan, minflok itirlek tliet darbiet kuljum itirlek darba?! Kollox bil-mod. L-ewwel irid ikun hemm il-kunfidenza hemm barra, il-kunfidenza ġġib id-domanda u jekk ikun hemm id-domanda, l-*airline* minflok tagħmillek *flight* kuljum tibda tagħmillek żewġ *flights* jew tliet *flights* kuljum u jekk Alla jrid imbagħad nirritornaw għan-normalità. Dak rigward id-domanda.

Rigward ir-reklamar ta' Għawdex, aħna nħobbu nbigħu lil Għawdex bħala destinazzjoni separata u distinta u jien hekk nixtieq li nibqgħu. X'inhu l-iskop li Għawdex isir bħal Malta?! Huwa importanti li f'Għawdex ikun hemm affarijiet li jkunu komuni għal Malta, bħal affarijiet ta' *leisure*, jiġifieri minflok tmur tgħum l-Għadira tmur tgħum ir-Ramla l-Ħamra, imma mbagħad għandek niċeċ li huma partikolari għal Għawdex bħad-*diving*. Id-*diving* huwa b'saħħtu immens min-naħa ta' fuq ta' Malta għal Għawdex u Għawdex jiżboq lil Malta. Fil-fatt, hemm familji ta' *divers*, kemm professjonali kif ukoll *amateurs*, li parti mill-vaganza tagħhom jippjanawha madwar id-*diving*.

Tajna spinta wkoll il-perspettiva kulinarja. Għawdex huwa rurali u għandu *menu* partikolari li huwa differenti minn ta' Malta. S'intendi Malta għandha l-*menu* tagħha imma qegħdin nagħfsu fuq hekk. Barra minn hekk, kif għedt qabel, qegħdin nipprovaw inġibu *events* lejn Għawdex għaliex qabel l-*events* kienu monopolju ta' Malta. Mela jekk inti Għawdxi trid tinżel Malta u jekk inti turist m'għandekx għalfejn titla' Għawdex għax issib kollox Malta. Issa le, turist jista' jitla' Għawdex u jkollu *events* ukoll. Għalissa għandna *event* wieħed, imbagħad naraw.

Rigward l-anzjani tajjeb ngħid li Malta u Għawdex huma *safe* u huma wkoll ikkonsidrati bħala *safe destinations*. Għalhekk, nixtiequ li pajjiżi oħrajn jintebħu li aħna *safe destination* għaliex forsi għadhom ma ntebħux, jew forsi hemm raġunijiet partikolari għaliex ma jidhirx isem Malta fil-lista tas-*safe destinations*, imma ħalli ma nażżardax nitkellem fuq dan għaliex din hija opinjoni personali tiegħi; naħseb li l-Onor. Said fehemni. Apparti dan, aħna żgħar ukoll.

Tajjeb ngħid li *we are selling through our videos* u kif forsi kellkom l-okkażjoni taraw fuq *Instagram* jew fuq *Facebook*, qed inġibu immaġini ta' *senior citizens* qegħdin fi pjazez, xi ħaġa li hija parti mill-kultura Maltija, speċjalment Għawdxija. Qed inġibu x-xena ta' *senior citizens* qegħdin ħdejn iz-zuntier tal-knisja eċċ. sabiex nindirizzaw anzjani barra minn Malta li jistgħu jkunu *potential visitors*.

Rigward is-*social distancing* ngħid li dik hija regola li naħseb li biż-żmien se ssir in-norma u se tibqa'. Li kieku wieħed kellu jistaqsini jekk hux se jispiċċa wara s-sajf ngħidlu li le. Ma narax li dan se jispiċċa. Il-prinċipju tas-*social distancing* kien qiegħed hemm, kien qiegħed jopera f'ċirkostanzi ristretti imma minn meta bdejna niftħu r-ristoranti, il-lukandi, il-ħwienet eċċ. dak il-prinċipju beda jiġi pprattikat f'ċirkostanzi usa'. Issa li se niftħu għal barra minn Malta, it-turisti li jiġu jridu joqogħdu għall-istess regoli ta' *social distancing*. Wara kollox dawn huma mdorrijin bihom f'pajjiżhom għaliex is-*social distancing* mhijiex regola li saret Malta biss, imma mad-dinja kollha. Allura dawn se jiġu ppreparati li jżommu d-distanzi soċjali.

Onor. Cutajar, inti staqsejtni dwar il-kwarantina u l-influss tat-turisti. Il-pajjiżi li ħabbarna fl-ewwel *batch* huma kkonsidrati bħala swieq *safe*. Jiġifieri għandhom ir-rata ta' infettività baxxa ħafna, ir-rata ta' mortalità baxxa ħafna u r-rata ta' *recovery* b'saħħitha ħafna. Inti ma tridx tara biss li tiġi infettat imma trid tara wkoll li tfiq għaliex din tiġi qisha influwenza, jiġifieri blajtha u fiqt. F'ċirkostanza ta' influwenza normali m'hemmx dan it-tip ta' projbizzjonijiet u allura hawnhekk wieħed ma jridx jara biss ir-rata ta' infettività imma jrid jara r-rata ta' *recovery* ukoll. Aħna f'pajjiżna għandna rata baxxa ta' infettività, għandna rata ta' *recovery* qawwija ħafna u kulħadd ifiq id-dar, l-ITU vojta, u allura m'hemmx raġunijiet għalfejn nibqgħu fl-istess ċirkostanzi li konna tliet xhur ilu u lanqas hemm raġunijiet għalfejn ma nibdewx niftħu għall-barranin.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Kollox sew, imma l-punt hu x'se jiġi minn barra.

DR GAVIN GULIA: Il-pajjiżi li se nitfħu għalihom huma kkonsidrati *safe*. Hawnhekk m'aħniex nivvintaw ir-rota. Aħna qegħdin nagħmlu eżattament kif qegħdin jagħmlu pajjiżi barranin li qegħdin jiftħu wkoll. Qegħdin jaraw liema suq huwa kkonsidrat bħala *safe* u jiftħu għalih. L-istess aħna. U rigward it-test tal-*gun*, dak isir normali meta wieħed jasal.

Onor. Cutajar, int tkellimt ukoll dwar meta persuna tasal minn pajjiż terz li mhux neċessarjament ikun *safe*. Pereżempju xi ħadd mill-Istati Uniti jmur l-Italja, li llum hija *safe*, u minn hemmhekk jaqbad *flight* għal Malta. F'dak il-każ irid jagħmel dikjarazzjoni li jkun għex fl-Italja erba' ġimgħat u jkun irid juri evidenza. Dik hija dikjarazzjoni li tittieħed bis-serjetà. Apparti minn hekk, irridu nkunu nafu fejn qiegħed, jiġifieri meta jidħol f'pajjiżna se nkunu nafu eżattament jekk hux qiegħed f'lukanda jew fi *private accommodation*. Jiġifieri xi forma ta' *contact tracing* se jkun hemm.

Irrid ngħid li l-*country of origin* mhijiex il-pajjiż fejn wieħed jgħix; f'*jargon* turistiku l-*country of origin* hija l-pajjiż minn fejn joriġina l-*flight* lejn Malta. Mela jekk persuna mill-Istati Uniti marret l-Italja u qabdet *flight* mill-Italja għal Malta, din trid turi li kienet ilha erba' ġimgħat fl-Italja mhux fl-Istati Uniti għax b'hekk, tkun qagħdet l-Italja biżżejjed żmien biex jekk belgħet il-virus, biex ngħid hekk, jew ikun ħarġilha jew ikun għaddielha. Espressjoni Maltija, li tgħiduha wkoll f'Għawdex, hija li ma tistax tagħmel Madonna f'bozza. Kemm jista' jkun possibbli tagħmilha diffiċli u tirrestrinġi kemm hu possibbli li tirrestrinġi, wara kollox dawn il-miżuri m'għamilhomx l-MTA imma la qegħdin isiru, l-MTA tieħu r-responsabbiltà tagħhom. Naturalment aħna ma nagħmlu xejn mingħajr il-parir u l-gwida tal-awtoritajiet tas-saħħa. Mhux qed ngħid dan biex nitfa' fuqhom, assolutament le, imma naħseb irridu nkunu mġienen biex ma nagħtux kas il-parir tal-awtoritajiet tas-saħħa u tas-sanità. Aħna kunfidenti li bil-miżuri li qegħdin nieħdu u bil-pajjiżi li ftaħna *we can start*.

Se nkun ċar, irridu niftħu! U rridu niftħu mhux b'mod kapriċċuż għaliex mhux se niftħu bħalma konna tliet xhur ilu, imma jeżistu ċirkostanzi li jilleġittimizzaw il-ħtieġa li niftħu.

Ma nafx jekk ħallejtx xi ħaġa barra. Grazzi.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Le, naħseb irrispondejtni fuq kollox. Li forsi ma rrispondejtnix biżżejjed huwa dwar xi pjan ta' kontinġenza hemm jekk jinstabu każijiet li jiġu minn barra. F'dak il-każ x'se jiġri? Se nerġgħu nagħlqu?

DR GAVIN GULIA: Jiddependi miċ-ċirkostanzi. Hawnhekk se nkun qed nesprimi opinjoni personali; jekk nerġgħu lura għas-sitwazzjoni li kien hemm tliet xhur ilu, imbagħad ikun jeħtieġ li jittieħdu miżuri importanti minn dawk li diġà rajna. Mhux qed nara li se jiġri hekk u *God forbid* li jiġri hekk. Aħna fiduċjużi li mhux se jkollna bżonn inżidu r-restrizzjonijiet.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Dr Gulia, se nagħmillek l-aħħar tliet mistoqsijiet. Kif għedtu kemm inti kif ukoll Membri Parlamentari oħrajn, dan il-*weekend* rajna influss qawwi ta' Maltin f'Għawdex u din hija xi ħaġa tajba u li għandna bżonnha u jalla tkompli. Jista' jkun li peress li dan kien l-ewwel *long weekend* wara li ftaħna, il-Maltin kienu ilhom neqsin minn Għawdex u allura dan kien *weekend* propizju biex jiġu Għawdex. Madanakollu nixtieq inkun naf kif se nżommuh dan ir-ritmu. Naħseb ma tridx tkun wisq għaref biex tasal għall-konklużjoni li matul dan is-sajf it-turiżmu intern probabbilment se jkun it-turiżmu prinċipali ġewwa Għawdex. Tista' allura, jekk jogħġbok, tgħidilna xi pjan u x'inċentivi hemm f'dan ir-rigward? Tajjeb li tirreklama, però trid tirreklama wkoll attivitajiet li huma possibbli li jsiru fiċ-ċirkostanzi preżenti minħabba s-*social distancing* etċ. Ma nafx minnaħa tal-MTA hux qegħdin taħdmu f'dik id-direzzjoni jew le.

Iż-żewġ mistoqsijiet l-oħra forsi ma jmissux direttament mal-MTA imma naħseb li l-MTA jista' jkollha vuċi fuqhom. L-ewwel nett inti semmejt attività li saret is-sena l-oħra u għedt kemm kienu importanti x-xufiera tat-*taxis*. Jien li ġej minn familja ta' nies jaħdmu f'dan il-qasam naf li dan il-qasam għadu ma telaqx f'Għawdex. Huwa fatt magħruf li t-*taxis* b'mod prinċipali jużawhom it-turisti, mhux il-Maltin. Għalhekk, nixtieq inkun naf jekk hemmx xi ħsieb biex joħorġu xi inċentivi sabiex dan is-settur jerġa' jitlaq malajr kemm jista' jkun. Ma jistax ikun ikollok setturi li jitilqu, u jitilqu tajjeb - naturalment din hija xi ħaġa ta' min jinkoraġġiha - imbagħad ikollok setturi oħrajn li jaqgħu lura.

It-tielet, ilbierah xħin kont ġej lejn Malta filgħaxija kien hemm konġestjoni sħiħa fl-Imġarr u bqajt daqsxejn diżappuntat għaliex kien hemm ftit wisq pulizija jikkontrollaw it-traffiku. Fil-fatt, il-konġestjoni kienet kbira mhux ħażin f'ċerti mumenti. Għalhekk, nixtieq inkun naf għaliex m'aħniex naraw dan il-fattur ukoll. Ma jistax ikollok konġestjoni ta' vetturi biex jaqbdu l-vapur lura lejn Malta mingħajr ma jkun hemm il-kontrolli min-naħa tal-pulizija biex it-traffiku jkun jista' jimxi b'mod regolari u tajjeb. Forsi aktar milli mistoqsija din hija appell lill-MTA biex tieħu ħsieb dan il-fattur.

DR GAVIN GULIA: Ħalli nibda mill-aħħar mistoqsija. Hawn il-perċezzjoni li l-MTA hija responsabbli għalkollox, anke għat-tindif. Fil-fatt, meta jkun hemm ritratt ta' xi mandra xi mkien kulħadd jibda jgħid lill-MTA: Ara x'għarukaża! Sfortunatament, mhux aħna nieħdu ħsieb it-tindif però għandna linja diretta mad-Dipartiment tal-Indafa u naħseb li *politically speaking,* kienet mossa tajba li d-Dipartiment tal-Indafa ġie fil-Ministeru għat-Turiżmu għaliex qabel ma kienx. Dan iffaċilita l-kooperazzjoni tagħna f'dak li għandu x'jaqsam ma' tindif, mhux għax qabel ma kienx hemm, imma issa ġiet iffaċilitata aktar.

L-istess għall-pulizija u ż-żamma tal-bon ordni. Onor. Cutajar, naqbel miegħek li din dejjem kienet sitwazzjoni naqra eluživa. Kull meta jiġi xi *weekend* eċċezzjonali jkun hemm dik il-konġestjoni ta' traffiku li jkun irid jaqsam bejn Malta u Għawdex u jkollok kju kważi jasal sal-Mellieħa. Jista' jkun li dan joħloq xi naqra rebus, però mbagħad, Alla jbierek, malajr jikklerja. Dwar is-suġġeriment li għamiltli però, ħadt nota u għada stess jekk hemm bżonn inkellem naqra lill-Kummissarju tal-Pulizija, jew rappreżentanti tiegħu mis-Sezzjoni tat-Traffiku, biex naraw kif nistgħu ntejbu s-sitwazzjoni. Nimmaġina jkun hemm l-istess sitwazzjoni meta l-Maltin ikunu ġejjin lura Malta u naħseb f'Għawdex it-traffiku jitla' sax-Xewkija.

Jekk fhimtek sew staqsejtni wkoll kif nistgħu nistimulaw l-ekonomija Għawdxija permezz tat-turiżmu domestiku.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Iva, biex inżommu r-ritmu u l-*weekend* li kellna ma jkunx *one-off*.

DR GAVIN GULIA: Ejja nammettu s-sitwazzjoni kif inhi. S'issa għad hemm ċertu preokkupazzjoni u għad irridu naraw jekk il-Maltin humiex imħajrin isiefru minn issa, għalkemm mill-istatistika li rajt jidher li hemm Maltin li bbukjaw xi titjirkiet u interessati li jmorru vaganza. Il-kompetizzjoni tagħkom hi meta Malti jew Għawdxi stess ikun irid jieħu vaganza barra minn Malta. Għawdex bħalissa huwa destinazzjoni importanti għall-Maltin u naħseb li hekk se jibqa' għal ċertu żmien, avolja diġà hemm indikazzjonijiet li l-Maltin qegħdin jibbukkjaw biex imorru vaganza barra minn Malta. Madanakollu jien qed nara sajf fejn Għawdex se jgawdi ħafna mit-turiżmu domestiku Malti.

Kif diġà għedt, jien nixtieq nara l-Maltin imorru aktar fil-lukandi, mhux a skapitu tal-akkomodazzjoni privata però nixtieq li jmorru fil-lukandi wkoll. Jien difensur tal-lukandi għar-raġuni li l-impjiegi hemmhekk qegħdin. Jien irrid li l-*waiter* iżomm l-impjieg tiegħu, irrid li l-*maids* iżommu l-impjieg tagħhom u rrid li l-i*staff* klerikali tal-lukandi jżommu l-impjieg tagħhom. Huwa importanti li ma jkunx hemm biss is-sussidju tal-Gvern, imma l-Maltin isostnu lill-ħaddiema Għawdxin billi jmorru fejn hemm l-impjiegi.

Nieħu pjaċir li hawnhekk qiegħed fil-pubbliku u allura nista' nappella lill-Maltin biex jipprovawhom il-lukandi Għawdxin. Jien ir-regolatur imma nixtieq li l-Maltin jipprovaw il-lukandi Għawdxin, mhux a skapitu tal-akkomodazzjoni privata, li hija importanti, imma importanti li jkun hemm distribuzzjoni tajba ħafna bejn il-lukandi u l-*private accommodation*. Nappella lil-lukandiera Għawdxin biex joqogħdu attenti fuq ir-rati tal-lukandi tagħhom, ma jwaqqgħux il-prezzijiet imma lanqas jgħollu żżejjed. Ċert li in kwantu l-ekonomija domestika, Għawdex għandu *competitive edge* fuq Malta. Il-Maltin iħobbu lil Għawdex u jħobbu jitilgħu Għawdex.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Nixtieq nagħmel kjarifika żgħira. Jien l-aktar li kont qiegħed nistaqsi huwa jekk min-naħa tagħkom, bħala MTA, ħsibtux f'forma ta' pakketti biex ikunu inklużi diversi vetturi.

DR GAVIN GULIA: Qegħdin nikkonsidrawhom. Għalissa ma nistax nitkellem fuqhom però forsi 'l quddiem, jekk terġgħu tistednuni, inkun nista' nitkellem aktar fuqhom. Ngħid biss li se nkunu qegħdin ukoll nimxu

paripassu man-numru ta' turisti li se jkunu sejrin lejn Għawdex. U l-possibbiltà li nagħfsu naqra aktar biex nistimulaw aktar lill-Maltin jitilgħu Għawdex qegħdin narawha wkoll.

Onor. Cutajar, jidhirli li inti semmejt l-uniku *event* li sar f'Għawdex, ċjoè l-*ABODE on the Rock*, u l-problemi ta' trasport li kien hemm. Ċert li issa dawn ġew sorvolati għaliex kellimniehom. Kieku dan l-*event* reġa' sar din is-sena konna mmorru ħafna aħjar mill-ewwel darba. L-ewwel darba kien suċċess għaliex telgħu madwar 4,000 persuna però meta tipprova xi ħaġa ovvjament se tiżbalja xi mkien. L-importanti li ma tirrepetix l-istess żball u tipprova tagħmel aħjar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Jien ma kontx qed nirreferi għas-sena l-oħra imma kont qed nirreferi għal *events* issa.

DR GAVIN GULIA: Il-ġimgħa d-dieħla għandna laqgħa proprju dwar dan. Ovvjament mhux se naraw biss għal Għawdex imma anke għal Malta, però dan kollu jiddependi mill-influss ta' turisti kif se jkun. *We are monitoring the situation daily*. Jekk se jkollna ħafna turisti rridu naraw kif dak li ħassarna, jew li pposponejna, nissostitwixxuh. Xi ħaġa rridu nagħmlu. It-turisti li jiġu f'pajjiżna jridu jiddevertu. Jiġifieri jrid ikun hemm xi ħaġa. Għal Għawdex imbagħad hemm il-Maltin u l-Maltin ma nafx kemm ikunu jridu jitilgħu Għawdex għall-*events*. Telgħu Maltin għall-*ABODE on The Rock* imma dan aktar għat-turisti jkun.

IĊ-CHAIRPERSON: Għall-informazzjoni tagħkom, l-*ABODE on the Rock* sar darbtejn u minn darba għall-oħra konna nagħmlu *post-mortem* biex naraw kif nistgħu ntejbu l-prodott. Dwar it-trasport, sa fejn naf jien, kienet saret laqgħa qabel mal-operaturi turistiċi kollha biex naraw kif se nqassmu x-xogħol bejn kulħadd. Dan però għat-tieni edizzjoni tal-*ABODE on the Rock* għaliex fl-ewwel edizzjoni ma ndħalniex. Fit-tieni edizzjoni laqqajna lil kulħadd biex naraw kif se jipprovdu s-servizz.

ONOR. CHRIS SAID: U permezz ta' dik il-laqgħa, skont Dr Gulia, ħija kellu *share* …

DR GAVIN GULIA: Le, ma ridtx infisser hekk u skużajt ruħi! Ma ħallejtnix nispiċċa!

IĊ-CHAIRPERSON: Onor. Said, mhux għaliex ħuk però rrid nirringrazzjah għaliex dejjem sibt il-koperazzjoni professjonali tiegħu. Is-Sur Said ta' Transport Malta dejjem kien professjonali u dejjem sibtu bħala sors mhux biss ta' informazzjoni u għal kif għandhom isiru l-affarijiet u gwida, imma dejjem sibtu leali lejn ix-xogħol tiegħu biex naraw kif immexxu l-affarijiet 'il quddiem.

DR GAVIN GULIA: Dakinhar fil-Public Accounts Committee (PAC) kont inftehemt ħażin. Skużajt ruħi hemm u nerġa' niskużi ruħi hawnhekk.

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Gulia, l-*ABODE on the Rock* kien suċċess. Forsi li jista' jsir huwa li jkun hemm aktar spjegazzjoni u l-folla tiġi kkontrollata aktar għaliex l-ilmenti li kellna kienu li waqt il-ħinijiet tal-*parties* il-folla kienet *contained* u ma kellna problemi ta' xejn iżda *in between* il-*parties* kien qed ikun hemm il-problemi għax dawn kienu joħorġu u jġibu ruħhom qishom għadhom fil-*party* u anke l-ilbies ma kienx ikun daqshekk deċenti.

DR GAVIN GULIA: Fid-dinja jekk ma tiżbaljax ma titgħallimx.

IĊ-CHAIRPERSON: Però dan huwa *party* immirat għaż-żgħażagħ barranin.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Il-punt tiegħi ma kienx dak. Jien staqsejt kif se noħolqu inċentivi u attivitajiet biex immissu l-but ta' kulħadd. Fil-fatt semmejt it-*taxi drivers*, li għadhom ma telqux.

IĊ-CHAIRPERSON: Nassigurak li daqskemm ikollna attivitajiet Għawdex …

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sinjura President, li sar insieh! Ta' issa l-importanti! Issa qegħdin nitkellmu fuq żmien differenti. Li għadda u sar tajjeb imma issa rridu naraw għal li ġej.

IĊ-CHAIRPERSON: Ma setgħux isiru attivitajiet; issa se jibdew isiru. Hawn aktar mistoqsijiet? L-Onor. Chris Said. Nitlobkom tkunu fil-qosor għax qed isir il-ħin.

ONOR. CHRIS SAID: Se nkun fil-qosor u se nagħmel mistoqsija biex Dr Gulia jagħtini risposta qasira. L-ewwel nett l-*ABODE on the Rock* din is-sena qed nifhem li mhux se jsir hux hekk?

DR GAVIN GULIA: Sfortunatament le.

ONOR. CHRIS SAID: Għal dan is-sajf, li diġà għandna parti minnu barra, x'attivitajiet għandha ppjanati l-MTA f'Għawdex?

DR GAVIN GULIA: Għandna laqgħa l-ġimgħa d-dieħla biex naraw x'*events* nistgħu nagħmlu kemm għal Malta kif ukoll għal Għawdex għax irridu nkunu ċerti li l-*events* ikunu tali li jixprunaw it-turiżmu. Għadna f'mument naqra inċert għaliex qegħdin nimmonitorjaw in-numri u n-numri għadhom baxxi. Jekk imbagħad għax-xhur ta' Awwissu u Settembru naraw li se jkun hemm numri tajbin għal Għawdex, imbagħad irridu noħolqu *events.*

ONOR. CHRIS SAID: Ovvjament it-turisti li jiġu dejjem ikun hemm parti sostanzjali minnhom li tibqa' Malta u persentaġġ imur Għawdex.

DR GAVIN GULIA: Imbagħad għandek id-*day-trippers*.

ONOR. CHRIS SAID: Imma d-*day-trippers* bħalissa huma ineżistenti ladarba mhux qed jiġu turisti.

DR GAVIN GULIA: Jista' jkun li meta jiġu Malta jmorru ġurnata Għawdex.

ONOR. CHRIS SAID: F'Lulju tas-sena l-oħra kellna numru rekord ta' turisti li ġew. Għada nibdew Lulju u intom tafu bejn wieħed u ieħor x'*bookings* hemm.

DR GAVIN GULIA: Jien semmejtilkom madwar 150,000 turist għal Malta u Għawdex fix-*shoulder months* u fix-xhur tax-xitwa. F'Awwissu aħna mdorrijin bi 350,000 turist! *We are not going to be there this summer.* Irrid inkun skjett.

ONOR. CHRIS SAID: Imma jekk qed tipproġettaw skont in-numri li għandkom s'issa, ladarba Lulju se jibda għada, tista' tgħidilna x'numri għandkom ta' turisti li ġejjin fil-gżejjer Maltin?

DR GAVIN GULIA: *A couple of thousands.*

ONOR. CHRIS SAID: Kollox sew. Nixtieq nistaqsi issa dwar il-kwestjoni tal-*capacity*. Nafu li l-aktar ħaġa importanti għat-turiżmu hija s-*seat capacity* u kull Gvern dejjem ipprova jimbotta biex is-*seat capacity* lejn Malta tiżdied. Dr Gulia, inti tajt spjegazzjoni verament dettaljata u kif għedt tajjeb, inutili tgħid għaliex ftaħna lejn ċerti ajruporti. Jekk lejn Gatwick u lejn Heathrow is-soltu kien ikun hemm 15-il *flight* f'ġurnata u issa għandek *flight* waħda f'ġurnata, is-*seat capacity* naqset. Għalhekk, minn dak li qegħdin taraw s'issa, bħala *seat capacity percentage wise*, meta tqabblu mas-sajf li għadda taf bejn wieħed ieħor kif se tkun għal dan is-sajf? Qed nistaqsi għax din hija wkoll indikazzjoni ta' x'qegħdin iħossu l-*airlines* u ta' x'qegħdin jipproġettaw, li fl-aħħar mill-aħħar hija kruċjali għall-industrija.

DR GAVIN GULIA: Bħala numri le. Li nista' ngħidlek huwa fuq il-frekwenzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Għadkom kemm ħriġtu stqarrija li qegħdin tistennew 700,000 turist ġej.

ONOR. CHRIS SAID: L-istqarrija kienet tgħid 700,000 turist fl-2020. Tinsiex li kellek 'il fuq minn 300,000 turist li ġew f'Jannar u Frar.

IĊ-CHAIRPERSON: Jiġifieri qed nistennew 400,000 turist.

ONOR. CHRIS SAID: Eżatt.

DR GAVIN GULIA: Iva, hemm 300,000 turist li ġew u qegħdin ngħidu 700,000 għax ma rridux noħolqu ċerti aspettattivi. Qegħdin inkunu daqsxejn konservattivi. Bħalissa l-*airlines are testing the waters*. Ħalli nġib eżempju b'Catania, li hija popolari ħafna mal-Maltin imma anke mal-Isqallin. Aħna konna mdorrijin ikollna żewġ *flights* kuljum u l-is*lots* kienu tajbin ħafna għax kien hemm titjira filgħodu u l-oħra filgħaxija. Jiġifieri wieħed seta' jmur għal ġurnata għax imur filgħodu u jirritorna filgħaxija. Għalissa l-Air Malta però *flight* waħda qiegħda tagħmel mhux tnejn biex tara l-*load factor* kif se jkun; il-*load factor* huwa n-numru ta' passiġġieri fuq l-ajruplan. Naturalment l-*airlines* kollha jqisu l-ispejjeż tagħhom. Ħadd mhu se jitfagħlek ajruplan hemmhekk u mbagħad itir *at a loss* għaliex ikun nofsu vojt, jew għax terz minnu biss ikun mimli. Għalhekk, kulħadd qed jibda b'titjira waħda jew l-aktar tnejn u jittestja. Aħna dawn il-frekwenzi qegħdin insegwuhom u jekk tgħiduli biex nerġa' niġi hawnhekk ġimagħtejn oħra, inkun f'sitwazzjoni li ngħidilkom aħjar.

ONOR. CHRIS SAID: Is-sitwazzjoni preżenti tal-Air Malta, jiġifieri l-kwestjonijiet ta' *turmoil* industrijali li għaddejjin bħalissa fl-Air Malta,

taħseb li jistgħu jaffettwaw ħażin l-industrija tat-turiżmu?

DR GAVIN GULIA: Ma nidħolx fiha. Ngħid biss li l-*feedback* li għandi mill-Air Malta huwa li s-sitwazzjoni tal-*bookings* hija ħafna aħjar milli kienet ġimagħtejn ilu.

ONOR. CHRIS SAID: Il-*low cost airlines* li kellna sa qabel il-COVID-19 kollha se jaħdmu dan is-sajf?

DR GAVIN GULIA: Ir-Ryanair ovvja, imbagħad hemm ukoll il-Wizz Air, il-Volotea, il-Lufthansa, l-Aegean Airlines tal-Greċja, l-easyJet u l-Luxair. Jiġifieri għandna ħafna *low cost carriers* (LCCs) li se joperaw u mbagħad hemm il-*legacy airlines* ukoll, bħall-Air Malta.

ONOR. CHRIS SAID: Grazzi. Issa nixtieq nistaqsik fuq il-kwestjoni tal-liċenzji tal-MTA għas-sena 2020.

DR GAVIN GULIA: M'aħniex se niġbruhom.

ONOR. CHRIS SAID: Deċiżjoni meħuda?

DR GAVIN GULIA: Iva, hija *budgetary measure.*

ONOR. CHRIS SAID: U min laħaq ħallashom se jiġu *deferred* għas-sena d-dieħla?

DR GAVIN GULIA: Min diġà ħallas se jingħata *refund.*

ONOR. CHRIS SAID: Kollox sew. Issa se nitkellem ftit fuq is-settur tad-*diving*. Inti spjegajt iżjed minn darba fl-intervent tiegħek kemm huwa importanti s-settur tad-*diving* f'Għawdex. Dan is-settur iħaddem ammont ta' nies f'Għawdex u hemm ilmenti sostanzjali minn din l-industrija għaliex is-sussidju li qegħdin jingħataw fuq il-pagi tal-ħaddiema mhuwiex il-*full,* jiġifieri mhumiex qegħdin €800 kif qegħdin jingħataw numru ta' industriji oħra imma qegħdin jingħataw €600. Taf tgħidilna għaliex is-settur tad-*diving* ma ngħatax is-sussidju *in full* meta dawn in-negozji jinsabu prattikament magħluqin?

DR GAVIN GULIA: Din il-kwestjoni nafu biha; saru rappreżentazzjonijiet magħna u qegħdin inkellmu lill-Ministeru konċernat.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-ġimgħa li għaddiet quddiem dan il-Kumitat kellna rappreżentanti tal-Malta Enterprise u qamet din id-domanda minn Joe Muscat. Issa aħna bgħatnielhom korrispondenza u qegħdin nistennew il-*feedback* għaliex ippreparaw risposta, imma qegħdin jistennew …

DR GAVIN GULIA: Fil-każ niġri naqra warajhom jien ukoll.

ONOR. CHRIS SAID: Il-kollega tiegħi staqsa fuq is-*social distancing* u din hija xi ħaġa li wkoll qed tqajjem ftit mistoqsijiet, speċjalment fl-industrija tat-turiżmu. Mela l-lukandiera u r-ristoranti għandhom ċerti restrizzjonijiet u jridu jħallu żewġ metri bejn kull mejda, pereżempju, tmur il-knisja u wkoll irid ikun hemm żewġ metri bejn persuna u oħra, imbagħad jiġu organizzati *parties* u *discos* eċċ. u tara lil kulħadd fuq xulxin.

DR GAVIN GULIA: Iva, hemm il-perċezzjoni ta' kontradizzjoni. Forsi diffiċli biex wieħed jifhem il-loġika warajha din il-kwestjoni, però raġuni hemm. Pereżempju f'*supermarket* jew f'*convenience store* rrid nilbes il-maskra u allura jekk immur f'ċerti stabbilimenti fejn ikun hemm 75 persuni jew inqas, għalfejn m'għandix nilbisha? Raġuni żgur li hemm, imma din id-direttiva ġejja min-naħa tal-awtoritajiet tas-saħħa. Żgur li l-MTA *is not going to question the wisdom of the health authorities, nobody does.* Ħalli ma ngħidx li jeżistu "kontradizzjonijiet", imma żgur li jeżisti paradoss, jiġifieri *an apparent contradiction which is not necessarily a contradiction.*

ONOR. CHRIS SAID: Tkellimna wkoll dwar in-numru ta' Maltin li qegħdin imorru Għawdex. Tajjeb li jkun hemm reklamar dwar Għawdex però meta titkellem mal-industrija, speċjalment mal-operaturi tal-lukandi f'Għawdex kif ukoll mas-sidien tal-*private accommodation,* jgħidulek li filwaqt li qed ikollhom *occupancy* tajba mill-Ġimgħa sal-Ħadd, mit-Tnejn sal-Ħamis qegħdin ikunu batuti ħafna.

DR GAVIN GULIA: Dak ifisser li aħna verament dipendenti fuq it-turiżmu.

ONOR. CHRIS SAID: Fuq it-turiżmu estern?

DR GAVIN GULIA: Iva. Fil-fatt, jekk tmur San Ġiljan matul il-ġimgħa wkoll tħoss dan in-nuqqas.

ONOR. CHRIS SAID: Għaliex m'hemmx turisti?

DR GAVIN GULIA: Eżatt.

ONOR. CHRIS SAID: Isiru wkoll ilmenti dwar l-akkomodazzjoni privata. Il-lukandi huma kollha liċenzjati u kollha jsirulhom spezzjonijiet iżda hemm akkomodazzjonijiet privati li mhumiex liċenzjati u allura m'għandhomx ċerti obbligi, jew ċerti spejjeż ta' *health and safety*, jew ċerti obbligi b'rabta ma' ċertu regolamentazzjoni. Dawn l-ispejjeż kultant jarawhom piż imma fil-verità huma importanti għall-*owners* stess. Il-punt huwa però li qed ikun hemm *unfair competition* bejn il-lukandi u l-*private accommodation* li mhux liċenzjata. Il-GTA lmentat minn dan diversi drabi, imma anke aħna nħossuha bħala persuni.

DR GAVIN GULIA: L-ewwel nett ngħid li l-*unlicensed accommodation* mhijiex prevalenti f'Għawdex, anzi ngħid li għandna aktar f'Malta milli f'Għawdex. U qed ngħid dan għaliex hemm il-perċezzjoni li f'Għawdex rampanti aktar minn Malta u li hija speċifika għal Għawdex. Dan mhuwiex minnu. Malta hawn aktar *unlicensed accommodation* milli hemm f'Għawdex. It-tieni, veru li ma jkunx hemm *level playing field* għaliex naturalment dawn ma jħallsux *income tax* u ma jħallsux VAT, allura jkunu jistgħu joffru rati aktar vantaġġjużi mill-*private accommodation operators* li huma liċenzjati.

Kellna kwestjonijiet kbar mal-*booking.com* u b'mod partikolari mal-*Airbnb*. Mal-*booking.com* wasalna u min irid jirreklama jrid juri n-numru tal-VAT u jħallih hemmhekk. Kultant jiżloqilhom ukoll il-*booking.com* għaliex aħna nimmoniterjaw. Mal-*Airbnb* imbagħad hemm problema għaliex ma jikkoperawx u, pereżempju, ikun hemm biss "*premises in Sliema at €33*".

IĊ-CHAIRPERSON: Fiex wasalna fil-liċenzjar tal-*Airbnb* għax naf li kien hemm xi kwestjoni fuq hekk?

DR GAVIN GULIA: Tal-*private accommodation* le. Inti tapplika normali mal-MTA għal-liċenzja ta' *Holiday Furnished Premises* (HFP) u nagħtuhielek, imma nafu li hemm ħafna mingħajr liċenzja.

ONOR. CHRIS SAID: Hemm bil-liċenzja u hemm mingħajr liċenzja.

DR GAVIN GULIA: Minħabba fihom dawn ma jkunx hemmx *level playing field*, kemm ma' sħabhom fl-istess industrija tal-*private accommodation* u l-aktar mal-lukandi.

Forsi fl-interess tagħkom, bħala avukati, li tkunu tafu li m'ilux kien hemm sentenza – dan għaliex kull pajjiż qed jipprova jara kif l-Airbnb isib soluzzjoni għaliha – tal-Qorti Ewropea u qorti domestika li tgħid illi hija responsabbiltà tal-provditur tas-servizz, ċjoè tal-*portal* jew tal-*platform*, li jara li ma jxandarx illegalitajiet. Din is-sentenza hija *a major breakthrough* u aħna qegħdin nistudjawha għaliex jekk ikun hemm il-bżonn, tittieħed l-azzjoni legali opportuna. Se nibagħtilkom is-sentenza għax naħseb tinteressakom anke bħala Kumitat.

ONOR. CHRIS SAID: Nixtieq nagħmel l-aħħar ftit mistoqsijiet. Qabelxejn nixtieq nistaqsi dwar l-immigranti Maltin, jiġifieri n-nies li għandhom nieshom hawn u li ta' kull sajf jiġu bl-eluf għall-vaganzi tagħhom f'Malta.

DR GAVIN GULIA: L-Għawdxin għal Malta?

ONOR. CHRIS SAID: Le, dawk li jiġu mill-Awstralja, mill-Amerka eċċ. Dawn dan is-sajf nistgħu nroddulhom salib naħseb, hux hekk?

DR GAVIN GULIA: Le, stenna ftit, l-Awstralja …

ONOR. CHRIS SAID: L-Awstralja mhux qed tħalli n-nies joħorġu.

DR GAVIN GULIA: Dik hija problema li tolqot lilna; hija deċiżjoni tagħhom u ma nistgħux nindaħlulhom. Hija naqra diffikultuża.

ONOR. CHRIS SAID: Dawn nies li kienu jiġu għal tul ta' żmien.

DR GAVIN GULIA: Onor. Said, wara l-15 ta' Lulju aħna se nkunu miftuħin għal kulħadd, jiġifieri jekk iridu jiġu mill-Awstralja, jiġu mill-Awstralja għaliex *safe*. Issa jekk l-Awstraljani joqogħdu jagħmlu xkiel min-naħa tagħhom stess, ovvja mhux se jiġu.

ONOR. CHRIS SAID: Bħala MTA qatt żammejtu statistika ta' kemm jiġu f'Malta Maltin li jgħixu barra u li huma *first,* jew *second,* jew *third generations*?

DR GAVIN GULIA: Iva. Fil-fatt, nista' ngħidlek li rdoppja n-numru ta' turisti mill-Awstralja u l-biċċa l-kbira jkunu kollha emigranti.

ONOR. CHRIS SAID: Emigranti jew tfal ta' emigranti jew tfal tat-tfal.

DR GAVIN GULIA: Iva, il-biċċa l-kbira hekk huma. Permezz tat-tliet *hubs* ġewwa Dubai tal-Emirates, tat-Turkish Airlines u tal-Qatar Airways … U issa l-Qatar Airwarys qed itiru dirett mill-Qatar għal Malta mentri bl-Emirates, pereżempju, l-ewwel trid tieqaf Ċipru u mbagħad tiġi Malta, allura dik hija *a selling point* tajba.

ONOR. CHRIS SAID: Spjegajt ukoll li kien hemm €600,000 ibbaġitjati għal *marketing* speċifikament fuq Għawdex.

DR GAVIN GULIA: Iva. Is-somma hija aktar minn hekk imma qed inkun konservattiv. Dik is-somma hija speċifikament għal *marketing* diġitali dwar Għawdex u l-biċċa l-kbira tar-reklamar se jkun fuq l-*Instagram, Facebook, banners, print media* eċċ. Dan se jkun speċifiku għal Għawdex, imbagħad naturalment Għawdex jirkeb fuq ta' Malta wkoll.

ONOR. CHRIS SAID: Skont l-MTA, meta se nerġgħu lura għan-normalità?

DR GAVIN GULIA: *Your guess is as good as mine*!

ONOR. CHRIS SAID: Kollox sew. Niġi għall-aħħar mistoqsija. Tkellimt ħafna fuq l-importanza li t-turist, kemm Malti kif ukoll barrani, li jmur Għawdex hemm bżonn ikollu esperjenza tajba minn xħin jitlaq mid-dar prattikament sa xħin jasal lura d-dar u jien naqbel miegħek mija fil-mija. Bħalissa t-turisti f'Għawdex huma l-Maltin u li kieku m'hemmx huma, kieku s-settur jinsab wieqaf totalment, imma grazzi għalihom almenu hemm …

DR GAVIN GULIA: Skużani se ninterrompik, Onor. Said, però għad irrid nara li l-Maltin mhux jitilgħu Għawdex u jgawdu l-*private accommodation* biss, jew il-lukandi biss. Irrid li l-Maltin mhux joqogħdu jieklu fil-*private accommodation* imma li jmorru fir-ristoranti wkoll. Irrid nara li r-ristoranti jgawdu mill-Maltin.

IĊ-CHAIRPERSON: Kif se tinċentivaha?

DR GAVIN GULIA: Hemm il-*vouchers*.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-*vouchers* issa għadhom kemm tħabbru.

DR GAVIN GULIA: Iva. Irridu nagħmlu wkoll *marketing campaign* – din qiegħda ssir – sabiex nixprunaw lill-Maltin imorru fir-ristoranti Għawdxin u l-Għawdxin stess imorru fir-ristoranti ta' Għawdex. L-Għawdxin Maltin u l-Maltin Għawdxin! Għalhekk, minn hawn nappella lill-Maltin u lil min qed jismagħni biex meta jmorru Għawdex mhux jikru xi *farmhouse* u mbagħad joqogħdu jsajru hemm ġew - jagħmlu li jridu wara kollox - imma nixtieq li l-ekonomija Għawdxija tiġi stimulata. Forsi hawnhekk nieħu spunt minn dak li qal l-Onor. Cutajar. Jien nixtieq li jgawdu s-setturi kollha. Tajjeb li n-nies imorru fil-lukandi, u tajjeb li jmorru fil-*private accommodation* għax jagħtu *boost* importanti ħafna lis-settur tal-akkomodazzjoni f'Għawdex, però l-Maltin għandhom ukoll imorru jonfqu sold fir-ristoranti Għawdxin.

ONOR. CHRIS SAID: L-esperjenza pjaċevoli ta' xi ħadd li jmur Għawdex hemm bżonn li tkun minn xħin jiġi biex jirkeb il-vapur iċ-Ċirkewwa sa xħin imur lura Malta. Jidher però li hemm numru ta' nuqqasijiet u nappella lill-MTA biex flimkien mal-Ministeru għal Għawdex, jidħlu fihom u jindirizzawhom bla dewmien. Malti li jmur Għawdex u jkollu esperjenza pjaċevoli l-probabbiltà hi li fl-istess sajf jerġa' jmur darba jew darbtejn oħra mentri jekk mar u kellu esperjenza negattiva, il-probabbiltà hija li ma jerġax imur. Jista' jkun li kellu esperjenza negattiva minħabba t-tip ta' akkomodazzjoni però rari jkun hemm dawn it-tip ta' lmenti, l-ilmenti l-aktar li jkunu huwa dwar il-ħin li wieħed idum jistenna fil-kju. Ejjew ma ninsewx li qegħdin fis-sajf u allura tkun is-sħana biex wieħed joqgħod jistenna. Hawnhekk ningħaqad ma' dak li qal il-kollega tiegħi l-Onor. Cutajar u nitlob li l-awtoritajiet jagħmlu l-parti tagħhom biex jassiguraw li ċerti tbatijiet jiġu indirizzati bl-aħjar mod possibbli.

Nagħti eżempu ieħor. Fir-Rabat ma tara qatt pulizija jew uffiċjal tal-LESA jikkontrolla t-traffiku u allura fi Triq ir-Repubblika dejjem trid tagħmel xi 25 minuta fit-traffiku. Bħalissa kulħadd qed joħroġ bil-karozza, it-trasport pubbliku prattikament mhu qed jużah ħadd, allura

kulħadd jaqsam bil-karozza tiegħu u dan iwassal għal dak li qal l-Onor. Kevin Cutajar, ċjoè li s'issa x-xufiera tal-*minibuses*, tat-*taxis* u tal-karozzi tal-kiri għadhom weqfin totalment. U dik hija problema oħra li qegħdin jiffaċċjaw ħafna nies li jaħdmu f'dan is-settur.

Dawn it-tip ta' nuqqasijiet jistgħu jiġu indirizzati mill-awtoritajiet, ma tistax tinstab soluzzjoni maġika, imma żgur li jistgħu jiġu ameljorati b'organizzazzjoni aħjar

DR GAVIN GULIA: L-MTA, għalkemm kultant ċerti responsabbiltajiet ma jkunux direttament tagħha, bħala katalista, bħala *bridge* ma' awtoritajiet oħrajn, għandha dipartiment fi ħdanha li jilqa' l-ilmenti u x-xogħol ta' dan id-dipartiment huwa li jekk ilment jeħtieġ azzjoni minn Transport Malta, pereżempju, inkellmu lil ta' Transport Malta. Fil-fatt, aħna naħdmu ħafna ma' Transport Malta kif ukoll ma' entitajiet oħrajn li jservu lill-industrija tat-turiżmu indirettament.

Kienet idea tajba ħafna li twaqqaf dan il-Kumitat għaliex intom tmissu mal-kostitwenti u tafu x'inhuma t-tbatijiet tal-gżira ta' Għawdex u tal-Għawdxin. Għaldaqstant *feel free* li tgħidulna xi problemi hemm għaliex jekk hija kwestjoni tal-Pulizija, pereżempju, jew ta' ndafa, jew biex ikun hemm inqas konġestjoni, dawn huma kollha aspetti li jimpattaw fuq it-turiżmu. Għalhekk, nieħu pjaċir li jkun hemm *input* minn dan il-Kumitat mal-MTA u anke individwalment tikkomunikaw magħna ħalli naraw x'nistgħu nagħmlu min-naħa tagħna ma' awtoritajiet oħrajn.

IĊ-CHAIRPERSON: Jekk il-Membri jaqblu, nistgħu nikkordinaw laqgħa għall-ġimgħa d-dieħla jew ta' wara. Dr Gulia, nitolbok tindikalna min huma l-is*takeholders*.

DR GAVIN GULIA: Lili għiduli u nara għandix xi safar. Mill-bqija l-is*takeholders definitely* huma Transport Malta …

IĊ-CHAIRPERSON: Ibagħtilna *email* f'dawn il-ġranet ħalli nkunu nistgħu nikkordinaw.

DR GAVIN GULIA: Hemm ukoll id-Dipartiment tal-Indafa, li issa jaqa' taħt il-Ministeru għat-Turiżmu.

IĊ-CHAIRPERSON: Id-Dipartiment tal-Indafa m'għadux taħt il-Ministeru għal Għawdex?

DR GAVIN GULIA: Iva, għandek raġun, għax fil-każ ta' Għawdex differenti.

IĊ-CHAIRPERSON: Aħna fuq Għawdex qed nitkellmu. Fuq bażi nazzjonali mhux ma jinteressaniex imma r-*remit* ta' dan il-Kumitat huwa li jitkellem fuq Għawdex. Naħseb li hemm ukoll il-Pulizija, il-LESA u Transport Malta.

DR GAVIN GULIA: Iva, u l-Planning Authority (PA) u l-Environment and Resources Authority (ERA).

IĊ-CHAIRPERSON: Mela bażikament għandna sitta. Id-diskussjoni trid tkun *everybody on the same table* jew inkella kulħadd jgħid tiegħu?

DR GAVIN GULIA: Kif tridu intom, imma naħseb *everybody on the same table* aħjar. Għandna Kumitat li twaqqaf *by Cabinet Memo* 2016/2017 u jirrigwarda lil Kemmuna. Dan jaġixxi b'mod li jinvolvi lil Transport Malta, lil-Lands Department, lilna eċċ. u naħdmu fuq id-*day-to-day running* ta' Kemmuna. Naħseb li jkun tajjeb li dan il-Kumitat jimxi b'mod simili imma fuq livell ta' Għawdex. Dan huwa biss suġġeriment però minn dik l-esperjenza naf kemm tiswa li l-is*takeholders* ikunu kollha fuq l-istess mejda ħalli l-mistoqsijiet isiru kollha fl-istess ħin.

IĊ-CHAIRPERSON: Jekk tilħaq tibagħtilna s-*setup* forsi nistgħu norganizzaw laqgħa l-ġimgħa d-dieħla. Hawn qbil? (Onor. Membri: Iva)

Hawn aktar mistoqsijiet? Il-Ministru Anton Refalo.

ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali): Dr Gulia, semmejt li għal Għawdex hemm xi fond għar-reklamar. Kemm hu l-ammont?

DR GAVIN GULIA: Mhux fond partikolari imma għedt kemm infaqna.

ONOR. ANTON REFALO: *Post*-COVID-19, kemm se tonfoq l-MTA fuq ir-reklamar għal diversi setturi? Pereżempju ssemmew is-setturi tad-*diving*, tat-*taxis* u tal-aġenziji tal-ivvjaġġar.

Dawn kollha ntlaqtu ħażin. Allura x'inhu l-pjan tal-MTA biex tgħin lil dawn is-setturi?

DR GAVIN GULIA: L-MTA tagħmel il-*marketing*, dak huwa xogħolha, u tonfoq fuq il-*marketing.* L-MTA mhijiex l-entità li toħroġ is-sussidju lill-entitajiet. Bħalissa qed naħdmu qatigħ mill-aspett ta' *marketing*.

ONOR. ANTON REFALO: Fuq id-*diving* sar *marketing*?

DR GAVIN GULIA: Iva.

ONOR. ANTON REFALO: Kemm kien l-ammont li ntefaq?

DR GAVIN GULIA: Ma nafx ngħidlek bl-amment imma nkun nista' ngħidlek aktar tard kemm qegħdin nonfqu. Fil-*presentation* li għamilt semmejt li fuq id-*diving*, peress li huwa pilastru b'saħħtu ħafna għal Għawdex, nonfqu ħafna f'reklamar fuq il-midja u fuq id-*digital media*. Aktar minn hekk, se ninvestu €0.5 miljun biex ngħerrqu l-Hephaestus.

ONOR. ANTON REFALO: Jekk m'iniex sejjer żball, dawn jitilgħu għal konferenzi u jkollhom laqgħat barra biex iġibu x-xogħol ġo Għawdex. Hemm xi pjan biex bħala MTA tgħinu lil dawn il-persuni li jitilgħu barra minn Malta u jonfqu ammonti sostanzjali ta' flus biex iġibu x-xogħol?

DR GAVIN GULIA: llna ngħinuhom u nkomplu ngħinuhom.

ONOR. ANTON REFALO: Bħalissa però se tgħinuhom aktar peress li din hija sitwazzjoni eċċezzjonali jew se tibqgħu bl-istess ritmu ta' qabel?

DR GAVIN GULIA: Din is-sena hija mitlufa fis-sens ta' fieri. L-aktar fiera li nara li jista' jkun hemm involviment fiha u li tista' ssir hija tal-*World Travel Market* ta' Londra ppjanata għal Novembru. Għawdex dejjem jieħu sehem. Li nistgħu nagħmlu b'rabta mas-suġġeriment tiegħek huwa li naraw kif nistgħu nkabbru l-parteċipazzjoni Għawdxija f'dik il-fiera u forsi ngħinuhom aktar biex ikunu jistgħu jikkomunikaw mat-*tour operators* li jiġu jżuruna hemmhekk. Ċertament li jien għandi ċerti grazzja ma' Għawdex u l-parteċipazzjoni Għawdxija f'dik il-fiera naqbel magħha. Is-Sur Joe Muscat, li huwa direttur fil-Bord tal-MTA kif ukoll is-CEO tal-GTA, jaf kemm nagħtu spazju għal Għawdex u se jkompli jaħdem magħna anke sabiex dak li qed tissuġġerixxi inti, jiġi fil-fatt attwat. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi, Dr Gulia. Naħseb li din kienet diskussjoni utli ħafna u nirringrazzjak tas-suġġeriment ħalli għal-laqgħa li jmiss, inkunu nistgħu nikkordinaw diskussjoni oħra dwar il-*way forward.*

Nistieden issa lis-Sur George Cassar sabiex jagħmlilna l-intervent tiegħu għan-nom taċ-Circolo Gozitano. Sur Cassar, qed nifhem li m'għandekx preżentazzjoni imma se tagħmel il-punti tiegħek b'mod verabli. Nirringrazzjak talli ngħaqadt magħna u nistiednek sabiex tibda l-intervent tiegħek.

IS-SUR GEORGE CASSAR (Segretarju, Circolo Gozitano): Grazzi, Sinjura President. Se nitkellem b'mod ġenerali dwar is-sitwazzjoni u dwar x'qegħdin naraw għal Għawdex wara l-perjodu tal-COVID-19. Nista' ngħid li dan kien perjodu li matulu rriflettejna fuq jekk il-mod kif konna għaddejjin qabel kienx il-proprja normalità jew inkella sempliċement sensiela sħiħa ta' esaġerazzjonijiet li tant konna drajniehom li lanqas biss konna qegħdin nagħtu kas li forsi qegħdin immorru *oltre* minn dak li verament għandna bżonn.

Naħseb li kellha tkun il-COVID-19 biex ninnutaw, fost affarijiet oħra, li x-xogħol f'Għawdex jista' jiżdied b'modi diversi. Kienu ħafna dawk il-gvernijiet, kważi kollha kemm huma, inkluż dan preżenti, li rreklamaw iż-żieda tal-impjiegi f'Għawdex però naħseb li lkoll naqblu li jekk taqta' każi iżolati, ftit li xejn dawn żdiedu b'mod drastiku biex jakkomodaw lill-Għawdxin kollha li jaħdmu f'Malta. Dan minkejja li permezz tat-teknoloġija ħafna mix-xogħol jista' jsir barra mill-uffiċċju. Hawnhekk qed nitkellem fuq it-*telework*, li tant ġie inkoraġġit matul it-tliet xhur li għaddew u li jolqot ħafna x-xogħol li jista' jsir fil-*back offices*.

Naħseb li ħafna kumpaniji privati diġà qegħdin jinċentivaw it-*telework*, anke peress li jnaqqas l-ispejjeż tal-*office space*. Madanakollu, f'isem iċ-Circolo Gozitano, ninnota li fost id-dipartimenti tal-Gvern forsi għad m'hemmx dik il-*boost* qawwija biżżejjed biex dawk l-Għawdxin li huma impjegati f'Malta jkunu jistgħu jibbenefikaw minn tali sistemi. Forsi ma jifhmux xi jfisser li

jkollok tivvjaġġa sagħtejn kuljum jew iżjed, bl-ispejjeż kollha li dan jinvolvi, jew inkella li tissallab minħabba l-prezzijiet esaġerati tal-kiri u tax-xiri tal-proprjetà f'Malta.

Bħala Circolo Gozitano nissuġġerixxu li jsir ċentru speċjalizzat speċifikament f'Għawdex sabiex il-ħaddiema Għawdxin impjegati fid-diversi dipartimenti tal-Gvern ikunu jistgħu jaħdmu minn hemmhekk permezz tal-faċilitajiet li joffri t-*telework*. Hawnhekk qed nitkellmu fuq investiment li meta tieħdu proporzjonalment mal-ġid kbir li jkun sar liċ-ċittadini u l-familji Għawdxin, huwa pjuttost minimu.

L-istess jew forsi iżjed jgħodd għall-istudenti Universitarji. F'dawn l-aħħar tliet xhur il-*lectures* saru kollha *online* permezz tat-*teleconferencing* u kulħadd baqa' ġo daru. Naħseb li s-sistema kienet waħda li rnexxiet u qed insemmiha għaliex qed niftakar fil-*campus* tal-Università fix-Xewkija li mal-medda taż-żmien, minflok ma żied l-użu tiegħu baqa' ristrett għall-eżamijiet u forsi għal xi korsijiet żgħar. Dan minkejja li hemm korsijiet li fihom jipparteċipaw għexieren ta' studenti Għawdxin.

Għal darb'oħra, dan mhux biss huwa ta' inkonvenjent għalihom imma huwa ta' piż finanzjarju enormi fuq il-familji tagħhom li jridu jaħdmu sabiex ikunu jistgħu jħallsu l-prezzijiet tal-kera għal xi daqsxejn ta' appartament fl-Imsida jew fil-viċinanzi. Dan kollu jinqata' jekk l-Università ta' Għawdex tiġi mgħammra bl-apparat neċessarju sabiex il-*lectures* jiġu mxandra *online* permezz tat-*teleconferencing*. B'sistemi aġġornati l-*lecture* bażikament tkun tista' ssir preċiżament l-istess ħlief għal dak l-inkonvjent li jinħoloq lill-Għawdxin li jkollhom jagħmlu t-traġitt kuljum jew inkella jsibu akkomodazzjoni f'Malta.

Sinjura President, isse se nagħmel aċċenn qasir għall-i*Small and Medium Enterprises* (SMEs). Dawn jiffurmaw il-maġġoranza tan-negozji f'Għawdex u ħafna minnhom huma dawk il-ħwienet, speċjalment dawk tal-artiġjanat, li kellhom jagħlqu jew isibu post ieħor f'Malta. Fattur importanti li jaffettwa dan l-ammont huwa t-turisti li qed jingiebu lejn Għawdex. Naturalment hawnhekk qed neskludi dan il-perjodu diffiċli u straordinarju u qed nitkellem fuq l-affarijiet kif kienu qegħdin jimxu qabel. Ma naħsibx li qegħdin nippretendu li t-turisti, b'mod speċjali dawk tal-*cruiseliners,* mill-ftit sigħat li jkunu se jqattgħu ġo pajjiżna jridu jgħaddu dak il-ħin kollu biex jagħmlu t-traġitt lejn iċ-Ċirkewwa biex ikunu jistgħu jaqbdu l-vapur lejn Għawdex. Jekk jagħmlu hekk pjuttost ikunu ħlew il-maġġoranza tal-ġurnata tagħhom jivvjaġġaw.

Dan l-aħħar sar ħafna diskors dwar it-*tunnel* bejn Malta u Għawdex. Ilna ħafna nisimgħu fuqu però dan l-aħħar qed issir ħafna aktar enfasi. Madanakollu qed ninsew metodi oħra li kienu jaqdu tajjeb lill-Għawdxi u li maż-żmien sparixxew. Qed nirreferi għall-*helicopter* kif ukoll għall-*fast ferry*. Dan tal-aħħar huwa sistema ta' konnettività effiċjenti li tista' twassal lill-Għawdxin saċ-ċentru ta' Malta, pereżempju sal-Port l-Kbir fil-Belt Valletta, fi ftit ħin.

Hawnhekk aħna kollha Għawdxin u naħseb li lkoll naqblu li l-problema tal-vapur ta' Għawdex mhuwiex l-20 minuta li tieħu biex taqsam bejn il-gżejjer però t-tul ta' ħin li tieħu ssuq jew tivvjaġġa b'tal-linja sabiex minn fejn tkun tasal għaċ-Ċirkewwa. Dan biex ma nsemmix li jekk tuża l-karozza privata tiegħek għandek ċertu spiża u mill-banda l-oħra jekk titla' bħala passiġġier tkun trid bilfors tuża l-karozzi tal-linja, li bħalissa, minħabba l-COVID-19, għandhom il-problemi tagħhom però qabel il-problema tal-karozzi tal-linja kienet li b'rotta waħda jridu jilħqu ma nafx kemm-il lokalità f'daqqa. Għaldaqstant jekk ikun hemm *fast ferry* li jwasslek direttament fiċ-ċentru ta' Malta forsi wieħed ma tantx ikollu bżonn ta' trasport addizzjonali, jew inkella jekk jiġi bżonn trasport addizzjonali d-distanza tkun waħda ferm iqsar.

Ladarba qed insemmi l-*fast ferry* ma rridx ninsa nsemmi wkoll il-vapur tal-merkanzija li sa ftit tas-snin ilu kien jasal Sa Maison. Dan twaqqaf jopera minħabba li l-post fejn kien jittrakka sar *yacht marina*, però b'detriment għas-sewwieqa u l-operaturi tat-trakkijiet tal-merkanzija li żdidulhom b'mod drastiku l-ispejjeż relatati mal-ħin mitluf kif ukoll aktar u aktar mal-*fuel*. Dan biex ma nsemmux il-fatt li minħabba li dawn il-vetturi inevitabbilment jimxu bil-mod, il-*flow* tat-traffiku qiegħda tiġi affettwata wkoll.

Sinjura President, peress li qiegħed jissemma li se jsir it-*tunnel*, jekk dan imbagħad ikun l-uniku mezz effettiv ta' konnettività, x'se jkunu l-ispejjeż għall-utenti tiegħu? Se jkun sussidjat mill-Gvern sabiex il-prezz ikun jista' jinżamm raġonevoli? Se jkun hemm sistema ta' *metro* fih sabiex dawk li ma jkollhomx bżonn jużaw il-

karozza jkunu jistgħu jinqdew tajjeb? U fl-aħħar, u nerġa' niġi għal dak li semmejt qabel, xħin inti toħroġ mit-*tunnel* kemm se jkun fadallek ħin biex tasal għad-destinazzjoni tiegħek?

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Cassar, inti hawnhekk qiegħed tirrappreżenta liċ-Circolo Gozitano u bħala Circolo Gozitano ħadtu *stand* fuq it-*tunnel* jekk intomx favur jew kontra jew hija pjuttost diskrezzjonali għall-membri individwali tagħkom?

IS-SUR GEORGE CASSAR: Bħala Circolo Gozitano ħallejnieha għad-diskrezzjoni tal-membri individwali jekk humiex favur jew kontra t-*tunnel*. Infatti hemm taħlita ta' opinjonijiet; hemm min hu favur, hemm min hu kontra u hemm anke min hu indeċiż għax is-sistema ta' kif se jitħaddem it-*tunnel* forsi għadha mhix mija fil-mija ċara. Madanakollu huwa wieħed mill-għanijiet taċ-Circolo Gozitano li joħloq diskussjoni dwar affarijiet li jikkonċernaw lil Għawdex.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-pożizzjoni tagħkom li kulħadd jieħu l-pożizzjoni individwali tiegħu skont kif iħoss ġiet ippubblikata jew għadha interna?

IS-SUR GEORGE CASSAR: Din il-pożizzjoni hija pjuttost waħda interna. Kienu ġew organizzati numru ta' diskussjonijiet eżatt qabel ma kont involut jien.

IĊ-CHAIRPERSON: Kollox sew. Qed nistaqsi biex inkunu ċari jekk iċ-Circolo Gozitano għandux pożizzjoni waħda. Ridt noħroġ dan il-punt.

IS-SUR GEORGE CASSAR: Iċ-Circolo, fejn jidħlu dawn l-affarijiet, ħafna drabi jorganizza konferenza.

IĊ-CHAIRPERSON: Għandkom waħda dalwaqt.

IS-SUR GEORGE CASSAR: Iva, infatti dik se tkun dwar kif se jintlaqat Għawdex mill-kostituzzjoni l-ġdida, ċjoè t-tieni repubblika.

Biex inkompli fejn ħallejt, jista' jkun li kif jgħidu l-Ingliżi xi kultant *we are overlooking the woods for the tree*. B'mod daqsxejn goff fil-gżejjer Maltin ngħidu li qed naraw sal-ponta ta' mneħirna. Jista' jkun li l-*economies of scale* ma jgħoddux għal pajjiżna.

Ma nistax ma nsemmix ċertu kostruzzjoni li qiegħda ssir anke f'Għawdex. Ikun hemm min jgħidlek li dan huwa l-uniku mezz li bih iddur ir-rota però biex inżomm mat-tema ta' Għawdex wara l-pandemija, matul il-COVID-19 rajna li dan mhuwiex neċessarjament il-każ. Innutajna li pajjiżna jiddependi aktar mill-kostruzzjoni milli mit-turiżmu. Malta diġà saret tista' tgħid ġungla ta' appartamenti u torrijiet. Għawdex, għall-grazzja t'Alla, għadu intatt. Jidher però li fil-futur jista' jkun li din ix-xorti ħażina – jalla le – tmiss ukoll lil Għawdex.

F'Malta xi kultant qed jintilef is-sens ta' identità tal-pajsaġġ minħabba din is-sitwazzjoni u ma naħsibx li f'Għawdex għandu jiġi ripetut l-istess żball. Jekk f'pajjiżna, speċjalment f'Għawdex, jinqata' s-sens ta' identità ffurmata mill-pajsaġġi rurali uniċi kif ukoll bajjiet, irħula u bliet li għadhom tradizzjonali, allura nistgħu ngħidu li pajjiżna jkun tilef il-valur tiegħu. Hawnhekk nirreferi għal dak li qal qabli Dr Gulia, ċjoè li d-differenza bejn Malta u Għawdex, u aktar u aktar bejn Malta u pajjiżi oħra, għandha tinżamm. Jekk Malta u Għawdex isiru l-istess u jekk il-gżejjer Maltin inġenerali jsiru bħal pajjiżi oħrajn, mhux neċessarjament jibqa' inċentiv biex it-turist jibqa' jiġi lejn pajjiżna. Forsi kulma jkun fadal imbagħad ikun it-traffiku, il-bini, l-arja mniġġsa eċċ.

Sinjura President, nikkonkludi billi nagħmel daqsxejn ta' punt żgħir. Il-gżejjer tagħna, aktar u aktar Għawdex, tista' tgħid li fejn pajjiżi oħrajn bi ftit jixbgħu però importanti li dak il-ftit li jkunu qed jieħdu jkun dak li verament jgħodd għalihom. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Proset tassew, Sur Cassar. Qabel ma ngħaddi għall-kummenti u l-mistoqsijiet dwar il-preżentazzjoni tiegħek, nixtieq ninforma lill-kollegi li saru s-6.30 p.m. u suppost se jingħaqad magħna virtwalment is-Sur Giovanni Zammit biex jagħmel preżentazzjoni f'isem Wirt Għawdex. Ma nafx hux opportun li nħalluha għal laqgħa oħra għaliex ma naħsibx li se nlaħħqu. Ma nixtieqx li nibdew il-preżentazzjoni u nieqfu fin-nofs.

Sur Zammit, niskużaw irwieħna imma l-ħin hu dak li hu. Id-diskussjoni tevolvi u tiżvolġi u l-ħin ikun kontra tagħna. Allura ġentilment nitolbok

biex, jekk inhu possibbli, terġa' tingħaqad magħna l-ġimgħa d-dieħla.

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT (President, Wirt Għawdex): Mhux problema.

IĊ-CHAIRPERSON: Niskuża ruħi u nsellimlek. Jekk inhu tajjeb għalik, nistednuk għal-laqgħa li jmiss u tkun l-ewwel wieħed.

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT: Meta, jekk jogħġbok?

IĊ-CHAIRPERSON: Nhar it-Tlieta fl-4.30 p.m.

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT: Kollox sew, nikkonfermaw bl-*email*. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi ħafna, Sur Zammit.

Sur Cassar, il-punti li qajjimt inti huma kondiviżi mill-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta, mill-Gozo University Group (GUG) u mill-Kunsill Studenti Universitarji (KSU), fost oħrajn, u huma punti li bħala Kumitat ħadniehom *on board* għaliex nemmnu li kemm jista' jkun il-ħaddiem u l-istudent Għawdxi għandu kemm jista' jkun jaħdem u jistudja f'Għawdex. Ovvjament peress li kellna l-esperjenza tal-COVID-19 u ħafna xogħol sar minn Għawdex, dan iż-żmien huwa l-aktar propizju biex inkunu nistgħu nbiddlu t-*trend* abbażi ta' dak li għamilna fix-xhur li għaddew. Fil-fatt, ir-rappreżentazzjonijiet li saru f'isem l-istudenti għaddejniehom, kif impenjajna rwieħna li nagħmlu, lir-Rettur tal-Università ta' Malta.

Nixtieq niġbed l-attenzjoni li bħalissa għaddej xogħol infrastrutturali fuq il-*campus* ta' Għawdex biex ikun jista' jikber fiżikament però wkoll biex jiġi mgħammar għall-ħteġijiet u l-bżonnijiet tal-istudenti kemm Għawdxin li jridu jistudjaw f'Għawdex stess kif ukoll għall-istudenti Għawdxin li jistudjaw f'Malta biex ikollhom aktar faċilitajiet. Għalhekk, bħala Kumitat aħna nikkondividu ħafna dan il-*punto di vista* però wkoll il-punti li qajjimt dwar it-trasport. U hawnhekk irrid infakkar fl-għajnuniet li l-Ministeru għal Għawdex jagħti lill-ħaddiema biex jivjaġġaw. Pereżempju d-distinzjoni bejn il-ħaddiema tal-privat u tal-Gvern ġiet eliminata biex issa qed jingħata *refund* tal-biljett tal-vapur lil kulħadd. Qabel il-ħaddiema tal-Gvern biss kienu jibbenefikaw minnu dan il-benefiċċju però issa qed jibbenefika minnu kulħadd. Hemm imbagħad l-għajnuna għat-trasport, speċjalment inċentivi għat-trasport kollettiv. Hemm ukoll il-metodi differenti tat-trasport li kollha kemm aħna naqblu fuqhom għaliex esperjenzajniehom u nafu l-ħtieġa u l-importanza tagħhom x'inhi.

L-Onor. Said fakkarni li dwar it-*tunnel* kienu saru xi diskussjonijiet miċ-Circolo Gozitano; iċ-Circolo Gozitano dejjem kien qisu l-benniena ta' ħafna nies u l-post fejn niltaqgħu u niddiskutu. Fil-fatt, ħarġu ħafna ideat minn hemm u anke pubblikazzjonijiet. Allura nieħu l-opportunità biex lil dawk li qegħdin isegwuna ngħidilhom li ċ-Circolo Gozitano mhuwiex sempliċement klabb fejn wieħed imur jgħid kelma imma huwa wkoll punt ta' referenza importanti għaliex hemmhekk isiru diskussjonijiet ta' ċertu livell, anke bl-*input* ta' nies akkademiċi u professjonisti. Fil-fatt, jingħata *input* mhux żgħir fid-diskussjoni li tkun għaddejja f'kuntest kontemporanju.

IS-SUR GEORGE CASSAR: Iċ-Circolo Gozitano għandu diversi għanijiet, fosthom li jippromwovi l-kultura u l-identità Għawdxija u li jippromwovi d-diskussjoni fuq kwestjonijiet li jolqtu lil Għawdex. F'dawn id-diskussjonijiet wieħed ikollu ċ-ċertezza li qed tiġi eliminata l-politika partiġjana u li l-kwestjonijiet ikunu qegħdin jiġu diskussi b'mod ġenwin mingħajr ebda fini partikolari minn min qed jorganizzahom.

IĊ-CHAIRPERSON: Nista' nikkonferma u nieħu l-opportunità biex nirringrazzjakom ta' kemm ħdimna flimkien, anke meta ġejna biex niċċelebraw Jum Għawdex. Fejn normalment iċ-ċerimonja kienet titgawda minn grupp żgħir ta' nies, din espandiet u evolviet saħansitra f'ġimgħa ta' attivitajiet. Kellna anke sessjoni parlamentari fejn iddiskutejna Jum Għawdex fil-Parlament. Dawn huma kollha affarijiet importanti biex l-*issues* ta' Għawdex verament jitilgħu fuq l-aġenda nazzjonali. Issa se ngħaddi l-kelma lill-kollegi tiegħi filwaqt li nirringrazzjak ħafna tal-intervent tiegħek. Nistenna li 'l quddiem ikollna aktar diskussjonijiet.

Hawn mistoqsijiet? L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sur Cassar, nirringrazzjak talli ngħaqadt magħna u tal-preżentazzjoni tiegħek. Ikolli ngħid li kif bdejt il-preżentazzjoni tiegħek ħsadtni ftit meta għedt li

konna qegħdin ngħixu f'mument esaġerat. Jidhirli li dik kienet il-frażi li użajt.

IS-SUR GEORGE CASSAR: Tkellimt fuq numru ta' esaġerazzjonijiet li ma konniex qed nagħtu kashom għax kienu saru n-normalità għalina.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Napprezza kieku tispjega ftit aktar. Dik hija l-ewwel mistoqsija u t-tieni mistoqsija tittratta l-fatt li s-suġġett li għandu quddiemu bħalissa dan il-Kumitat huwa proprju l-COVID-19 u l-effetti ta' dan il-fenomenu fuq Għawdex u kif nistgħu noħorġu minnhom. Il-punti li qajjimt huma kollha tajbin, kif anke qalet iċ-Chairperson, u ħafna minnhom naqblu magħhom. Aħna lkoll Għawdxin u nħossuhom. Madanakollu jekk forsi min-naħa tagħkom, bħala Circolo Gozitano, għandkom punti illi huma marbutin b'mod speċifiku mas-sitwazzjoni li qegħdin ngħixu bħalissa u l-mod kif nistgħu noħorġu minnha, naħseb li tkun xi ħaġa tajba u sabiħa li kieku taqsmuhom magħna. Finalment dan il-Kumitat irid jagħmel ir-rapport tiegħu u allura jkunu jistgħu jsiru rakkomandazzjonijiet f'dak l-istess rapport. Grazzi.

IS-SUR GEORGE CASSAR: Rigward l-ewwel mistoqsija, meta għedt li matul il-perjodu tal-COVID-19 indunajna b'numru ta' esaġerazzjonijiet – ovvjament se nitkellem dwar Għawdex biss; mhuwiex ir-*remit* tagħna li nitkellmu fuq Malta – kont qed nirreferi għall-fatt li meta konna qegħdin kollha d-dar, taħt *partial lockdown*, u ma konniex qegħdin immorru għax-xogħol b'mod normali, personalment kien ikolli perjodi fejn bilfors kont irrid immur għax-xogħol u hemmhekk rajt differenza kbira; traffiku ma kienx ikun hemm, l-arja kienet ħafifa, tista' timxi kif trid, il-ħin tat-traġitt naqas drastikament, naqas l-istorbju tal-kostruzzjoni, u naqas l-istorjbu tat-trasport. Dawk huma l-esaġerazzonijiet.

Imbagħad hemm l-esaġerazzjoni l-oħra li l-maġġoranza tal-Għawdxin li jaħdmu ġewwa Malta, jien l-ewwel wieħed, iridu bilfors imorru fiżikament fuq il-post tax-xogħol f'Malta meta x-xogħol jista' jsir permezz tat-*telework*. Tal-inqas jekk mhux kollu, ħafna minnu jista' jsir permezz tat-*telework* u allura fejn ma jistax isir kollu, minflok tiġi ħames darbiet fil-ġimgħa Malta, forsi tkun tista' tiġi darba jew darbtejn sabiex tkun tista' tagħmel dak ix-xogħol li ma jkunx jista' jsir mid-dar.

L-istess għall-Università. X'inhu l-punt li jkollok kors bi 30 student Għawdxi u ġġibhom fiżikament ġewwa l-*lecture room* fl-Università fl-Imsida meta l-istess xogħol jista' jsir permezz tat-*teleconferencing*? Fil-fatt, qed nieħu ħafna pjaċir li, kif qalet iċ-Chairperson, diġà qed isir xogħol f'dan ir-rigward. Jekk din is-sistema ħadmet minn ġod-djar, meta inti tagħmel sistema aktar professjonali u ċentralizzata m'għandix dubju li se taħdem ħafna aħjar u allura l-inkonvenjent se jonqos b'mod drastiku.

Rigward it-tieni mistoqsija dwar xi *stand* qed jieħu ċ-Circolo Gozitano jew x'punti qiegħed iqajjem rigward il-COVID-19 irrid ngħid li ovvjament imxejna mad-direttivi kollha tal-Gvern u ċerti avvenimenti biddilniehom. Pereżempju l-konferenza tal-11 ta' Lulju minflok se ssir fiżikament ġewwa l-*premises* taċ-Circolo Gozitano se ssir *online*. Ovvjament kien wasal il-mument li niftħu, ir-rota trid tkompli ddur, però wieħed għandu joqgħod attent għas-saħħa tal-pubbliku b'mod inġenerali u li ċerti restrizzjonijiet jibqgħu jinżammu.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Hawn aktar mistoqsijiet? L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: L-ewwel nett nirringrazzjak tal-preżentazzjoni tiegħek, Sur Cassar. Missejt ħafna punti li prattikament nistgħu nibqgħu niddibattu fuqhom u nistgħu nidħlu f'ħafna dettall però l-ħin huwa kontra tagħna. Għan-nom ta' sħabi nirringrazzja lilek u lill-membri taċ-Circolo Gozitano kemm tal-preżentazzjoni imma wkoll tal-ħidma li intom tagħmlu matul is-sena kollha.

Forsi aktar milli mistoqsija nixtieq nagħmlilkom appell. Fil-preżentazzjoni tiegħek, u anke erġajt enfasizzajt dan fir-risposta għall-mistoqsija tal-kollega l-Onor. Kevin Cutajar, tkellimt dwar id-differenza u dak li tgħallimna fl-aħħar tliet xhur u dwar kif ċertu xogħol jista' jsir anke mid-dar u kemm tista' titnaqqas il-*hardship*, speċjalment tal-ħaddiema Għawdxin f'Malta. Allura l-appell tiegħi hu li intom, bħala Circolo Gozitano, tingħaqdu wkoll mal-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta u mal-GUG u tagħmlu front komuni biex dak li seħħ u seħħ tajjeb fl-aħħar tliet xhur, issa jsir in-norma. B'hekk, f'dawk ix-xogħlijiet kollha fejn jista'

jingħata t-*telework* bażikament ikun hemm minimu ta' *telework* li jrid jingħata bilfors.

IĊ-CHAIRPERSON: Onor. Said, ġietni idea issa. Inti għandek esperjenza ta' Kabinett u taf kif jaħdmu l-affarijiet. Bħalissa qed jinħema l-baġit li jmiss. Forsi mhuwiex *remit* tal-Kumitat tagħna li nagħmlu proposti għall-baġit però m'hemm xejn xi jżommna milli nagħmlu rakkomandazzjonijiet. Din hija kwestjoni topika ħafna u aħna għandna l-forza li nimbuttawha abbażi tad-diskussjoni u nagħmluha bħala proposta tagħna għall-baġit li jmiss lill-Ministeru għall-Finanzi direttament.

ONOR. CHRIS SAID: Sinjura President, naqbel miegħek li tkun il-proposta tagħna bħala Kumitat però mbagħad naħseb li għandha tiġi rinfurzata wkoll mis-soċjetà ċivili f'Għawdex , inkluż iċ-Circolo Gozitano u dawk li jintlaqtu direttament. Naħseb li din għandha tkun ukoll il-proposta prinċipali tagħhom. Hija xi ħaġa *doable* u għaldaqstant naħseb li trid titneħħa d-diskrezzjoni tad-diretturi jew tal-kapijiet tad-dipartiment u għandu jkun hemm minimu ta' *telework* li għandu jingħata bilfors. Ovvjament dan fejn jista' jingħata t-*telework* għax hemm xogħlijiet fejn it-*telework* mhuwiex possibbli bħal fil-każ tal-pulizija u tan-*nurses*, pereżempju. Imma hemm ħafna xogħlijiet oħra fejn it-*telework* huwa possibbli u hemm diretturi li jagħtuh imma hemm diretturi oħra li, għax hija fid-diskrezzjoni tagħhom, ma jagħtuhx.

IS-SUR GEORGE CASSAR: Dik hija l-problema! Jekk direttur, jew hu min hu, it-*telework* ma jogħġbux, allura dak huwa għad-detriment tal-impjegati li jaqgħu taħtu peress li dan jiddependi mid-diskrezzjoni tiegħu.

ONOR. CHRIS SAID: Iva, u kif qalet tajjeb iċ-Chairperson, qegħdin fil-mument opportun għal żewġ raġunijiet; l-ewwel nett għaliex bħalissa qiegħed jinħema l-baġit għas-sena 2021 u t-tieni, għax għadna ħerġin minn esperjenza li wrietna li dan huwa possibbli u allura l-punt li rridu nwasslu aħna flimkien huwa *tried and tested*. Għalhekk, nappellalkom biex anke intom tagħmlu l-parti tagħkom.

Nagħlaq billi nirringrazzjakom tal-ħidma tagħkom u nappellalkom biex il-punti li inti missejt fil-preżentazzjoni tiegħek u bi tweġiba għall-mistoqsija li għamlitlek iċ-Chairperson dwar il-*permanent link*, ma tiddejqux tpoġġuhom għad-diskussjoni. Tiddejqux taraw ir-rapporti li diġà saru u tpoġġuhom għall-preżentazzjoni tal-awtoritajiet u ssir diskussjoni. Aktar ma jkun hemm informazzjoni, u aktar ma l-Għawdxin ikunu jafu fuq il-proġetti li fl-aħħar mill-aħħar se jolqtuhom fil-ħajja ta' kuljum, aktar wieħed ikun jista' jkollu pożizzjoni infurmata biex ikun jista' jagħti l-kontribut tiegħu biex dawn it-tip ta' proġetti – inti mhux biss semmejt il-*permanent link* imma semmejt ukoll il-*link* bl-ajru, il-*fast ferry*, il-*link tal-cargo*, eċċ. – issir il-*pressure* kollha possibbli biex isiru fl-inqas żmien possibbli u bl-aħjar mod possibbli għax hemm diversi metodi kif isiru.

Dan il-Kumitat, jekk ma wera xejn, żgur li wera li huwa eżempju ieħor ta' dak li għadha kemm semmiet iċ-Chairperson; dan il-Kumitat iħares lejn dak li naħsbu li huwa ta' ġid għal Għawdex u għall-Għawdxin. Mhux dejjem naqblu, ġieli jkun hemm ideat differenti.

IĊ-CHAIRPERSON: Ma tantx ma qbilniex.

ONOR. CHRIS SAID: Veru, ma tantx ma qbilniex, però fil-verità bl-għajnuna ta' nies bħas-Sur Cassar, li għadu żagħżugħ u għandu ħafna enerġija x'joffri imma anke bl-għajnuna tal-kollegi tiegħu fiċ-Circolo Gozitano u l-għaqdiet l-oħra, nistgħu naslu għal dak li nixtiequ aħna għal Għawdex u l-Għawdxin. Grazzi tal-ħidma tagħkom.

IĊ-CHAIRPEROSN: Sur Cassar, nirringrazzja lilek personalment u nestendi r-ringrazzjament tagħna lill-membri l-oħra taċ-Circolo Gozitano. Nittama li 'l quddiem, kif qal tajjeb l-Onor. Said, inkomplu d-diskussjonijiet magħkom.

Illum nistgħu ngħidu li kienet laqgħa tajba ferm. Issa fil-laqgħa li jmiss se bħal-lum ġimgħa nibdew bis-Sur Zammit mill-għaqda Wirt Għawdex, imbagħad inkomplu bid-diskussjoni skont kif suġġerit minn Dr Gavin Gulia.

Għaldaqstant il-Kumitat huwa aġġornat għal nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2020, fl-4.30 p.m. meta tkompli d-diskussjoni fuq l-impatt tal-Covid-19 fuq Għawdex u t-triq 'il quddiem. Grazzi.

Fis-6.44 p.m. il-Kumitat aġġorna.

12.9 Appendiči 9

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 9
It-Tlieta, 7 ta' Lulju 2020

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

IT-TLETTAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI
GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 9
It-Tlieta, 7 ta' Lulju 2020

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.41 p.m.

MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 8, li saret fit-30 ta' Ġunju 2020, ġew ikkonfermati.

INTRODUZZJONI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Justyne Caruana): Nilqa' lil dawk kollha li qegħdin isegwuna u li qegħdin magħna. Infakkar li bħalissa l-laqgħa qed tiġi *videostreamed* b'mod dirett, però mbagħad fi stadju ulterjuri tiġi trasmessa wkoll fuq l-istazzjon televiżiv tal-Parlament. Infakkar ukoll lil dawk li se jkunu qed jindirizzaw lill-Kumitat li dawn huma proċeduri pubbliċi u allura dak li se jingħad se jiġi mxandar u d-dokumenti kollha li se jitpoġġew fuq il-Mejda ta' dan il-Kumitat ikunu pubbliċi. Dan ifisser li jekk jiġu mitluba mill-pubbliku jew mill-midja, bħala Kumitat inkunu rridu ngħadduhom. Però jekk ikun hemm xewqa li dak li jkun se jingħad ma jixxandarx, inkunu nistgħu nagħmlu dan fuq talba apposta.

Bħala *update* nixtieq ninfurmakom li rċevejna ittra mingħand l-Isqof Nominat Mons. Anton Teuma biex jirringrazzjana tal-ittra li bgħatnielu biex nifirħulu għall-ħatra u nhar it-Tnejn li ġej fil-11.00 a.m. għandna laqgħa l-Kurja ta' Għawdex biex inkunu nistgħu niskambjaw ftit ideat miegħu.

Ngħid ukoll li wara l-preżentazzjoni li kellna mill-Malta Enterprise, is-Sur Anthony David Gatt weġibna lura dwar il-*query* li qamet mill-Gozo Tourism Association (GTA) u minn Dr Gavin Gulia għan-nom tal-Malta Tourism Authority (MTA) dwar l-ammont li ngħata lid-*diving centres* fejn ikkonfermalna li bejn Lulju u Settembru 2020 se jibqa' jingħata l-ammont sħiħ ta' €800.

L-IMPATT TAL-COVID-19 FUQ GĦAWDEX U T-TRIQ 'IL QUDDIEM (KONT.)

IĊ-CHAIRPERSON: Illum bħala mistednin għandna lis-Sur Giovanni N. Zammit, President ta' Wirt Għawdex li se jingħaqad magħna permezz ta' *video call*. Wara, fuq suġġeriment ta' Dr Gavin Gulia, se jkollna diskussjoni ma' rappreżentanti ta' Transport Malta, is-CEO u ċ-Chairman is-Sur Joseph Bugeja u s-COO u Deputy CEO s-Sur Kevin Farrugia. Għandna wkoll magħna lil Dr Gavin Gulia, il-Perit Michelle Piccinino li se tirrappreżenta l-ERA u s-Sur Joe Muscat, CEO tal-GTA.

Nistieden mill-ewwel lis-Sur Giovanni N. Zammit li suppost kellu jipparteċipa fil-laqgħa tal-ġimgħa li għaddiet, imma l-ħin ma ppermettiex. Sur Zammit, għandek ħin għall-preżentazzjoni qasira tiegħek ħalli mbagħad inkunu nistgħu nibdew bid-diskussjoni u wara, naqilbu s-suġġett mal-mistiedna l-oħrajn. Is-Sur Giovanni N. Zammit.

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT (President, Wirt Għawdex): Sinjura President, l-ewwel nett nixtieq nistaqsikom jekk intomx taraw ċar iċ-*chart*?

IĊ-CHAIRPERSON: Iva, qed narawha ċar.

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT: Iċ-*chart* tat-tieni *presentation* qegħdin tarawha?

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Zammit, aħna għandna kopja taċ-*chart*, però fuq l-*iscreen* ma tidhirx. Qed naraw l-Akwadott u l-uffiċċju!

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT: Kollox sew, mela nistgħu nibdew. Nippreżenta mill-ewwel din il-*powerpoint presentation* lill-Kumitat:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*Gozo: Our Heritage Our Future".*

Grazzi talli stedintuna biex nagħmlu l-intervent tagħna. Uħud mill-għanijiet tas-soċjetà huma li nħarsu l-patrimonju, l-ambjent u l-kultura. Nagħmlu restawr u riabilitazzjoni tas-siti storiċi u niftħu u nimmaniġjaw uħud minn dawn il-postijiet storiċi għall-pubbliku. L-ewwel żewġ ħidmiet ma ġewx affettwati mill-COVID-19, imma l-aħħar ħidma ġiet affettwata, għax kellna

nagħlqu dawn is-siti. Jien qbadt wieħed mis-siti l-aktar kbar li hemm fiċ-Ċittadella li jinkludi s-*Silos*, il-*Gunpowder Magazine* u l-*Lower Battery* u se nagħtikom rendikont ta' dak li ġara minn mindu ftaħna dan is-sit f'nofs l-2009 sallum. Il-figuri li qed taraw bil-blu huma n-numru ta' viżitaturi u dawk bl-aħmar juru d-donazzjonijiet li nirċievu f'dawn is-siti. Nixtieq insemmi li dawn is-siti huma bla ħlas u niddependu biss mid-donazzjonijiet li jħallu warajhom il-viżitaturi. Fl-2010, *we geared ourselves up* u bdejna nżidu kemm fin-numru ta' viżitaturi kif ukoll fid-donazzjonijiet li nirċievu. Fl-2012 sar ir-restawr tal-ħitan tas-swar u s'intendi kellna nagħlqu għal ftit żmien sakemm isir ix-xogħol. Imbagħad fl-2013, erġajna ftaħna għall-pubbliku u d-donazzjonijiet reġgħu bdew telgħin. Tajjeb ngħid li dawn is-siti jinfetħu biss bis-sehem tal-volontiera u għalhekk, il-ħinijiet tal-ftuħ huma ristretti. Fl-2014, ġiet l-għajnuna ta' ħaddiem minn skema u b'hekk, stajna niftħu għal aktar sigħat. Ovvjament, dan wassal għal aktar viżitaturi. Fil-fatt, qegħdin naraw li minn 8,700 viżitatur tlajna għal 22,000 u d-donazzjonijiet kienu kważi rduppjaw. Fl-2014 beda r-restawr taċ-Ċittadella u għalkemm dan is-sit baqa' miftuħ, naqsu ftit il-viżitaturi minħabba l-fatt li kien hemm ċerti restrizzjonijiet u anke daqsxejn ta' konfuzjoni fl-aċċess għaċ-Ċittadella. Però n-numri baqgħu telgħin 'il fuq.

Fl-2016, infetaħ il-*Visitors' Centre* fiċ-Ċittadella u mill-ewwel ħassejna ċertu impatt. Ir-raġuni kienet li gruppi ta' 30 u 40 ruħ li kienu jżuru s-sit tagħna sabu sit alternattiv ta' attrazzjoni fil-*Visitors' Centre* u bdew imorru hemmhekk. S'intendi bdejna nnaqqsu wkoll fl-ammont ta' donazzjonijiet. Fl-2018, il-Gvern iddeċieda li jingħaqad ma' Heritage Malta u introduċa *ticket system* għal siti storiċi, però sfortuntament Wirt Għawdex ma ġiex inkluż. Dan wassal biex għalkemm l-ammont ta' viżitaturi baqa' kważi l-istess, id-donazzjonijiet ħadu daqqa ta' ħarta. Mill-analiżi li għamilna rriżultalna li n-nies li bdew iħallsu biex jidħlu fil-*Visitors' Centre* ma ħassewx li għandhom iħallu donazzjoni fis-sit tagħna. Ħafna minnhom kienu jgħidulna li għandhom il-biljett tad-dħul u allura jistgħu jidħlu fis-sit. Min-naħa tagħna, konna nispjegaw li m'għandhomx bżonn ta' biljett u jistgħu jidħlu xorta waħda, għax id-dħul hu bla ħlas. Fl-2019 in-numru ta' viżitaturi tela' għal 35,000, imma d-donazzjonijiet baqgħu neżlin. Ir-raġuni hija li Wirt Għawdex kien imexxi l-*Visitors' Centre* fl-2018 u wara waqafna nieħdu ħsieb dan is-sit. Però n-numru ta' ħaddiema fil-*Visitors' Centre* tela' minn 6 għal 8 u bħala Wirt Għawdex, għamilna ftehim mal-Ministru ta' dakinhar l-Onor. Justyne Caruana biex inżommu dawk il-ħaddiema u niftħu s-sit tagħna għal iżjed sigħat. Din is-sena għamilna inizjattiva ġdida, fejn introdućejna *audio visual presentation* ta' sitt minuti li ntgħoġbot ħafna, bl-għan li dejjem nipprovaw intejbu l-esperjenza tal-viżitaturi. Kif għedt użajna dawn il-ħaddiema u s'intendi aktar ma testendi l-ħinijiet tal-ftuħ, aktar se jkollok viżitaturi. Fl-2020 ħadna daqqa ta' ħarta minħabba l-COVID-19, fejn naħseb li konna minn tal-ewwel li għalaqna s-sit tagħna. Tajjeb inħarsu lejn x'inhuma l-sfidi tal-*post* COVID-19. L-ewwel nett, irridu naraw kif se niftħu dawn is-siti li minħabba n-natura tagħhom, id-dħul huwa wieħed ristrett. Pereżempju, insemmi l-*War shelters* li huma taħt l-art, *confined*, b'nuqqas ta' ventilazzjoni. Għandek imbagħad is-*Silos* li huma waħda mill-attrazzjonijiet prinċipali, għax huma uniċi. Fil-fatt m'hawnx iżjed *silos* li tista' tidħol fihom. Però dawn huma żgħar, fejn qegħdin nitkellmu fuq 16-il cm. Trid tidħol u toħroġ mill-istess toqba u allura hemm ċerti restrizzjonijiet. S'intendi rridu naraw kif se nindirizzaw din l-*issue*. Din it-tieni *issue*, li hija *confined nature of the size*, hija ta' sfida kbir. Biex tgħaxxaqha, il-volontiera li kellna u l-*casual workers* li konna nħallsu biex jiftħu dawn is-siti huma kollha 'l fuq minn 60 sena u allura ninsabu inkwetati għalihom. Irridu naraw kif se nimplimentaw il-*health guidelines* maħruġin mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, bħal pereżempju, is-*social distancing*. Biex nagħmlu dan, fejn qabel is-sit konna niftħuh b'persuna waħda, issa rridu tnejn, persuna mal-bieb ta' barra biex nikkontrollaw in-numru ta' nies li jidħlu u persuna oħra li tieħu ħsieb in-nies li jidħlu f'dan it-*tunnel* ta' 100 pied. Din hija sfida għalina bħala Wirt Għawdex.

Kif nistgħu mmorru 'l quddiem? Kif nistgħu ntejbu dawn is-sitwazzjonijiet? Pereżempju, bħala Wirt Għawdex, nixtiequ li dawn iż-żewġ siti jiġu inklużi mal-*entrance ticket* eżistenti għaċ-Ċittadella. Hemm erba' siti ta' Heritage Malta, il-*Visitors' Centre* u jkun hemm iż-żewġ siti tagħna. Din hija miżura li tista ssir *in the short term*. *In the long term*, bħala Wirt Għawdex konna ddiskutejna mal-Ministru ta' dakinhar l-Onor. Justyne Caruana, li aċċettat il-proposta tagħna hija li nikkreaw *pool* ta' nies imħarrġa biex ikunu jistgħu jiftħu dawn il-postijiet storiċi. Il-Ministeru għal Għawdex se

jiftaħ il-Mitħna tax-Xewkija u aħna involuti bħala *partners* u se ngħinuhom jiftħu dan is-sit. 'Il quddiem se jinfetħu siti oħrajn bħall-Fanal Tal-Ġordan, Calypso Cave u Għar Gerduf. Dan ifisser li se jkun hemm il-bżonn ta' *pool* ta' nies li jkunu mħarrġa biex jgħinu lill-viżitaturi. X'għamilna hawnhekk? Il-Ministeru għal Għawdex tana l-awtorità biex nikkordinaw kors mal-Università ta' Malta. Dan il-kors se jibda f'Ottubru li ġej u se jkun ibbażat fuq żewġ ġranet filgħaxija mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m. L-għan tal-kors hu li jagħti edukazzjoni lill-persuni li jattendu fuq is-siti li qed jinfetħu fiċ-Ċittadella u siti oħrajn f'Għawdex. Inħossu li aktar ma l-Ministeru qed jaħdem biex jiftaħ dawn is-siti għall-pubbliku, aktar se jkun hemm bżonn ta' persuni mħarrġa. Bħala Wirt Għadewx, qegħdin nipproponu li jkun hemm *one ticket system* bejn il-Ministeru għal Għawdex u Wirt Għawdex għal dawn is-siti li semmejt, jiġifieri x-Xewkija Windmill, il-Fanal Ta' Ġordan, Calypso Cave, Għar Gerduf u oħrajn.

Insemmi wkoll il-bżonn li jkun hemm *interpretation centre* li ovvjament, irid ikun hemm xi ħadd li jieħu ħsiebu u jżommu nadif. Dan ifisser li jrid ikun hemm il-*cleaners* u *rotation* ta' nies li jiftħuh, jiġifieri jkollok minimu ta' bejn tlieta u ħamsa min-nies li jaħdmu f'kull sit. Mas-siti li semmejt, inżidu l-erba' siti tagħna li huma l-Kappella ta' Santa Ċeċilia, it-Torri ta' Mġarr x-Xini, il-*War Shelters* fiċ-Ċittadella li hu kumpless ta' 32 kamra u s-*Silos*. Bħala Wirt Għawdex, lesti li naħdmu mal-Ministeru għal Għawdex biex ikun hemm dan il-grupp ta' nies ħalli nsolvu l-isfidi li għandna bħalissa fejn qed insibuha diffiċli biex insibu l-volontiera. Il-volontiera llum huma kollha anzjani u s'intendi jiġu jgħinuna, għax ma jkollhomx xogħol ieħor matul il-ġurnata. Però biex tħaddem nies *part-time* trid il-flus u flus biex inħaddmu lin-nies m'hemmx, bħalma urejtkom fl-ewwel *chart*. Għalhekk qegħdin ngħidu li jkun hemm sinerġija mal-Ministeru ta' Għawdex biex dawn is-siti kollha li huma vetrina sabiħa għal Għawdex jitgawdew mill-viżitaturi li jżuru lil Għawdex. Parti mill-biljett tad-dħul tkun tista' tmur biex inħaddmu lil dawn in-nies. Inkella jkun hemm *pool* ta' nies li jaħdmu mal-Gvern u bħala Wirt Għawdex, nimmaniġjaw lil dawn in-nies. Aħna diġà offrejna dan is-servizz, issa jiddependi min-naħa tal-Ministeru.

Din l-inizjattiva tista' tkun opportunità ta' xogħol għall-Għawdxin għax jibqgħu Għawdex u jaħdmu f'Għawdex stess. Fl-istess ħin, inkunu qed inżidu l-attrazzjonijiet għall-viżitaturi u nkunu nistgħu niftħu ħinijiet anke tard fejn anke wara l-5.00 p.m. viżitatur ikun jista' jsib siti miftuħa. Din is-sinerġija li hemm bejn Wirt Għawdex u l-Ministeru tista' tikber ħafna aktar. Nirringrazzjak.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Nirringrazzja lis-Sur Zammit mhux biss għall-preżentazzjoni li tana, imma wkoll għall-ħidma fejjieda li dejjem wettaqtu b'risq Għawdex u l-wirt rikk li għandha din il-gżira. Li kieku ma kontux intom bl-interventi tagħkom, kieku ħafna siti f'Għawdex ma nrexxilniex intejbuhom u niftħuhom biex jitgawdew mill-pubbliku inġenerali, speċjalment anke meta qed nitkellmu fl-ambitu tat-turiżmu.

Biex nibdew ftit d-diskussjoni, naf bħalma jafu l-kollegi tiegħi li Wirt Għawdex għandu diversi ftehim u kuntratti mal-Ministeru għal Għawdex biex ikun hemm kollaborazzjoni u anke assistenza reċiproka. Kif għedt diġà, li kieku ma kienx għal Wirt Għawdex, kieku ħafna proġetti f'Għawdex, inkluż proġetti ta' restawr, ma sarux. Jien ħdimt ħafna ma' Wirt Għawdex, bħalma ħadem ukoll il-Ministru Anton Refalo u persważa li qed jaħdem ukoll il-Ministru preżenti. Però ovvjament dejjem jibqa' xi jsir.

Sur Zammit, forsi tista' taġġornana ftit anke fuq siti ġodda. Tkellimna fuq il-proġett tax-Xewkija Windmill, il-Fanal Ta' Ġordan u l-Calypso Cave li huma proġetti li nafu bihom u hemm ftehim *in place* dwarhom. Però forsi tista' taġġornana dwar affarijiet li huma aktar riċenti.

Semmejt l-assistenza finanzjarja mill-Ministeru għal Għawdex, Ministeri u entitajiet oħrajn. Tajjeb ngħid li hemm ukoll l-għajnuna finanzjarja għall-NGOs. Nifhem li Wirt Għawdex għandu struttura pjuttost b'riżorsi limitati u forsi m'għandkomx il-*manpower* meħtieġ biex toqogħdu tapplikaw 'l hawn u 'l hemm. Però huwa fatt li tistgħu tirrikorru anke għal dawn l-għajnuniet. Jibqa' l-fatt li l-isbaħ mod ta' kif tikkopera huwa bi ftehim bħal dawk eżistenti biex tkunu tistgħu ssostnu l-operat tagħkom li, kif għedt tajjeb inti, huwa bbażat ħafna fuq il-volontarjat.

Apparti minn hekk, inti semmejt ukoll l-isfida li ġabet il-COVID-19. Il-COVID-19 kienet sfida, imma wkoll *learning curve* għax tgħallimna ħafna minnha. Kif nafu, f'ħafna setturi ġiet utilizzata d-*digitization* li kienet metodu ta' kif iżomm il-pubbliku *in sync* mal-operat ta' entità partikolari. Forsi tista' tgħidilna jekk bħala Wirt Għawdex, irkibtux fuq din il-pjattaforma diġitali biex l-operat tagħkom ikun jista' jitgawda mill-pubbliku inġenerali waqt il-COVID-19. Tajjeb tispjegalna wkoll x'inhi t-triq 'il quddiem. Tkellimna fuq is-*single tickets* u forsi tista' taġġornana dwar fiex waslu dawn id-diskussjonijiet u l-aħħar informazzjoni li għandkom li tistgħu taqsmu magħna bħala Kumitat. Se ngħaddi l-kelma lill-membri ħalli huma wkoll ikunu jistgħu jagħmlu l-intervent tagħhom. L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: L-ewwel nett, grazzi lilek, Sur Zammit, u lill-membri kollha ta' Wirt Għawdex għax-xogħol li tagħmlu fuq bażi volontarja. Matul is-snin kontu strumentali biex saru diversi proġetti, fejn irrestawrajtu u għamiltu konservazzjoni fuq numru ta' siti. Naf li l-aktar proġett li huwa għal qalbkom u li fil-fatt, inti dħalt fid-dettall dwaru, huwa dak tas-*Silos* u l-Polverista taċ-Ċittadella. Int tkellimt ukoll dwar il-bżonn li tingħataw l-appoġġ kollu meħtieġ biex tkunu tistgħu tifirxu u twessgħu l-ħidma tagħkom fuq siti oħra. Sfortuntament, kultant nintilfu biss fuq is-siti l-aktar importanti, bħaċ-Ċittadella u l-Ġgantija li jibqgħu l-aqwa u l-ikbar attrazzjoni, però rridu nwessgħu kemm jista' jkun dak li għandna x'noffru bħala Għawdex, anke mil-lat ta' wirt storiku. Naħseb li Għawdex huwa forsi l-aktar żona żgħira fid-dinja b'daqstant wirt storiku.

Nixtieq nistaqsi fuq tliet siti importanti. Inti għamilt referenza għal Għar Gerduf u nixtieq nistaqsik fejn wasal ix-xogħol fuq dan is-sit. Nafu li l-art fejn hemm dan is-sit kienet tal-privat u llum hija tal-Gvern, għax saret l-esproprjazzjoni. Però, almenu minn dak li nara b'għajnejja meta ngħaddi minn hemm, jidher li għadu ma sar xejn fuq is-sit.

Nixtieq inkun naf ukoll x'inhi l-pożizzjoni ta' Wirt Għawdex fuq l-Għar tal-Mixta li jiġi fuq ir-riħ tar-Ramla u li għandu valur ta' sbuħija naturali minħabba l-post fejn qiegħed, kif ukoll valur storiku. Forsi tista' tgħidilna jekk Wirt Għawdex qattx daħlet fl-*issue* tal-Għar tal-Mixta biex naraw min kien jgħix fih u f'liema epoki, fost l-oħrajn.

L-aħħar sit li nixtieq li nisma' l-pożizzjoni tagħkom dwaru huwa l-Batterija tal-Qbajjar. Sfortuntament, matul dawn il-ġranet rajna anke fil-midja li dan is-sit jinsab fi stat ħażin ħafna u hemm anke partijiet li huma fil-periklu li jiġġarrfu. Bla dubju, din hija waħda mill-aktar batteriji ta' żmien il-Kavallieri li hija aċċessibbli, għax hemm postijiet oħra però l-aċċessibilità għalihom hija ftit diffiċli. Però mis-siti kollha li għandna f'Għawdex, dan jinsab fl-aġħar stat possibbli. Għandna torrijiet li jinsabu fl-imwarrab u diffiċli tasal għalihom, imma li ġew irrestawrati u jinfetħu anke minn Wirt Għawdex jew NGOs oħra. Forsi tista' tgħidilna x'inhi l-pożizzjoni tagħkom bħala Wirt Għawdex dwar dan is-sit, jekk qattx tkellimtu dwaru u jekk qattx ħadtu passi biex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata? Nirringrazzjak.

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Sur Giovanni N. Zammit.

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT: L-ewwel nett, jien għandi l-unur ngħid li ħdimt ma' erba' Ministri għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, l-Onor. Anton Refalo, l-Onor. Jusytne Caruana u l-Onor. Clint Camilleri. Kull meta jinħatar Ministru ġdid għal Għawdex, bħala Wirt Għawdex aħna jkollna inventarju ta' dawk il-postijiet li għandhom bżonn attenzjoni immedjata u ngħadduhulu. Fil-fatt ix-xogħol fuq il-Fanal tal-Ġordan, Calypso Cave u Għar Gerduf huma riżultati li ħarġu minn din il-lista. Forsi tgħidli: Għalxiex din il-batterija mhijiex inkluża? Fir-rigward tal-batterija hemm proċess fil-Qorti u bħala Wirt Għawdex ma naffordjawx li nidħlu fil-Qorti biex niġġieldu għaliha. Għalhekk ridna li tgħaddi s-sentenza tal-Qorti u tingħata lil Wirt Għawdex. Ħaġa oħra li nagħmlu hija li naħdmu mal-Ministeru għal Għawdex ...

ONOR. CHRIS SAID: Ippermettili ftit, Sur Zammit. Jiġifieri intom tlabtu biex il-batterija tgħaddi għandkom wara li jispiċċa l-proċess legali.

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT: Mhux talli tlabna, talli fl-2013 konna ġejna mwegħdin mill-Ministru ta' dakinhar Mario de Marco li kien ċempel lili u lis-CEO ta' Wirt Għawdex u qalilna li kif jerġgħu jitilgħu fil-gvern, dik il-

batterija tkun f'idejna. Aħna nifhmu s-sitwazzjoni li kien hemm u rtirajna daqsxejn fuq dan is-sit. Semmejt dan fil-konverżazzjoni li kellna dakinhar, fejn kienu qaluli: Ħallu f'idejna u naħdmu aħna. Apparti minn hekk, kien hemm l-esproprjazzjoni tal-kappella ta' Santa Ċeċilja li bdiet matul is-sentejn meta l-Onor. Anton Refalo kien Segretarju Parlamentari u tkompliet mill-Ministru ta' dakinhar Giovanna Debono. Din il-kappella għaddiet f'idejna, irrestawrajnieha u llum qed tiġi wżata. Fil-każ ta' Għar Gerduf, dan is-sit ġie esproprjat mill-Onor. Justyne Caruana bħala Ministru għal Għawdex li fehmet is-sitwazzjoni u ħaditha f'idejha. Fir-rigward ta' din il-batterija, għalkemm semmejnieha fil-lista, ma kenitx fuq quddiem, minħabba s-sitwazzjoni li kienet għaddejja fil-Qorti.

ONOR. CHRIS SAID: Però issa jirriżulta li l-każ ilu magħluq mill-2014. Intom ġejtu informati mill-Gvern li l-każ huwa magħluq?

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT: Le, ma ġejniex infurmati.

ONOR. CHRIS SAID: Aħna għandna informazzjoni li din se toħroġ b'*tender* pubblika biex terġa' tingħata lill-privat. Bħala Wirt Għawdex, taqblu li din il-batterija tmur għand il-privat?

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT: Le, bħala Wirt Għawdex inħossu li s-siti storiċi f'Għawdex għandhom ikunu taħt il-Ministeru għal Għawdex biex imbagħad minn hemm jagħżlu min għandu jirrestawrahom u jiftaħhom għall-pubbliku. Għedna dan ma' kull Ministru li kien hemm għal Għawdex. S'intendi, fir-rigward ta' ċerti siti hekk ġara, imma kien hemm siti fejn ġara mod ieħor.

Jien nixtieq ngħid ħaġa waħda. Bħala Wirt Għawdex, ma rridux naraw li l-batteriji tal-Qbajjar jiġrilha l-istess storja li ġralu t-Torri tax-Xlendi. Fir-rigward tat-Torri tax-Xlendi, wara snin ta' *lobbying* mat-*tenant* ta' dakinhar Dr Caruana u l-Ministru għal Għawdex ...

IĊ-CHAIRPERSON: Hawn mhux qed jirreferi għalija.

IS-SUR GIOVANNI ZAMMIT: Le, qed nirreferi għal Dr Michael Caruana, fejn ħdimna biex dan it-torri jiġi f'idejn Wirt Għawdex. Fil-fatt, konna għadna kif spiċċajna x-xogħol fuq it-torri ta' Mġarr ix-Xini u wara dak ix-xogħol kollu, għal xi raġuni, żewġ membri tal-Parlament ta' din l-amministrazzjoni għaddew dan it-torri lill-Kunsill Lokali tal-Munxar u lil Din l-Art Ħelwa – skużani li qed insemmi l-għaqda l-oħra – imma damu disa' snin u ma ftehmux biex jitranġa. Wara, dawn iż-żewġ entitajiet infirdu u l-Kunsill Lokali tal-Munxar kien ġie għand Wirt Għawdex u talabna ngħinuhom jirranġawh. Jien, dakinhar bħala Segretarju, mill-ewwel ħadt l-opportunità li mmur għand il-Ministru ta' dakinhar l-Onor. Anton Refalo u għedtlu kif nistgħu nneħħu l-multa ta' eluf ta' ewro minn fuq dan it-torri, biex inkunu nistgħu nirranġawh. Bi pjaċir tal-Ministru u bis-saħħa tas-sindku ta' dakinhar Mrs Said, morna quddiem il-Planning Authority u kkonvinċejniehom, f'nofs siegħa jekk mhux f'inqas, li biex insalvaw dan it-torri u nirranġawh, kien jeħtieġ li nneħħu l-multa li kien hemm. Din il-multa tneħħiet u llum nista' ngħid li diġà beda x-xogħol fuq dan it-torri. Hawn se nagħmel promozzjoni għal Wirt Għawdex. Din hija għaqda Għawdxija li għandha tingħata ċ-ċans li tieħu ħsieb dawn is-siti storiċi.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Zammit, se ninterrompik ftit. L-iskop ta' dan il-Kumitat huwa li apparti li nistednukom biex tiddiskutu magħna, tkunu tistgħu tagħmlu wkoll talbiet formali li bħala Kumitat inkunu nistgħu nwasslu lill-awtoritajiet. Jiġifieri għalkemm qed issir talba fl-ambitu ta' diskussjoni, ikun għaqli li biex inkunu aktar *conducive* u produttivi jkun hemm talba jew talbiet formali. Pereżempju, inti għamilt diversi talbiet; tista' tiktbilna biex bħala Kumitat inkunu nistgħu nwasslu dawn it-talbiet lill-entitajiet konċernati. B'hekk, bħala Kumitat, inkunu nistgħu naġixxu ta' vejikolu biex, kemm jista' jkun, inqarrbukom lejn l-awtoritajiet konċernati biex il-messaġġ jasal u fejn hu possibbli, tittieħed azzjoni. Qed nagħmillek din l-istedina, għaliex apparti l-intervent tiegħek li se jkun fir-rapport ta' din il-laqgħa li diġà qiegħed jiġi kkumpilat, inti tista' wkoll tibagħtilna talba b'mod speċifiku li bħala Kumitat inkunu nistgħu nindirizzaw. Għamilna dan ma' entitajiet oħra u, bil-qalb kollha, nistgħu nagħmluha fil-każ ta' Wirt Għawdex, anke bħala apprezzament tal-ħidma tagħkom li dejjem wettaqtu matul is-snin.

IS-SUR GIOVANNI N. ZAMMIT: *I will.*

IĊ-CHAIRPERSON: Nirringrazzjak u nerġa' ntennilek l-istedina ħalli kemm jista' jkun malajr tibagħtilna dawn it-talbiet b'mod formali. Grazzi mill-ġdid lilek, Sur Zammit u lit-tim kollu tiegħek tal-ħidma tagħkom.

Ngħaddu issa għall-*item* li jmiss. Nibdew l-ewwel bl-introduzzjoni tas-suġġett minn Dr Gavin Gulia, ħalli mbagħad ngħaddu ukoll għal aktar interventi, inkluż mill-Perit Michelle Piccinino mill-ERA. Dr Gulia, biex nirrikapitolaw ftit, fil-laqgħa li għaddiet konna qed niddiskutu t-turiżmu u fuq suġġeriment tiegħek stess, qbilna li llum inġibu diversi entitajiet flimkien biex nindirizzaw xi intoppi li niltaqgħu magħhom ta' spiss, speċjalment fl-istaġun turistiku ħalli jiġu indirizzati bl-aktar mod immedjat u spedit. Nistiednek biex tagħmel introduzzjoni qasira.

DR GAVIN GULIA (Chairman, Malta Tourism Assocciation): Sur President, tridni nitkellem dwar l-isfidi li għandna?

IĊ-CHAIRPERSON: Fil-laqgħa li għaddiet qajjimna dan il-punt u llum ħassejna li kellna nġibu numru ta' *stakeholders* flimkien biex dawn kif ngħidu aħna bl-Għawdxi, imorru fuq ras il-għajn.

DR GAVIN GULIA: Jien niftakar li kont għamilt suġġeriment speċifiku fir-rigward ta' Kemmuna. Aħna qegħdin naħdmu mal-*istakeholders* kollha f'kumitat sabiex nindirizzaw l-*issues* li jinqalgħu fuq din il-gżira mhux b'mod *disjointed*, imma b'mod kollettiv. Għalkemm Kemmuna hija l-iżgħar gżira mill-arċipelago Malti, din hija governata minn diversi entitajiet u forsi l-inqas entità li għandha *say* hija proprju l-MTA, għalkemm għandha x'taqsam mal-operaturi. (Interruzzjonijiet) Aħna nieħdu l-kedda.

IĊ-CHAIRPERSON: Jien ġieli ġejt mistiedna għal dan il-Kumitat u m'għandix l-impressjoni li l-MTA hija entità daqshekk vulnerabbli.

DR GAVIN GULIA: Le, lanqas xejn. Mhux qiegħed ngħid hekk. Bħala MTA, nieħdu ħsieb il-parti ta' Blue Lagoon, fejn hemm l-operaturi tal-*kiosks* u s-*sun beds* li hija biċċa uġigħ ta' ras għall-Awtorità. Però mbagħad, kif nafu, Kemmuna kollha hija riżerva ta' Natura 2000 taħt it-tmexxija pereċċellenza tal-ERA; insellem lill-Perit Michelle Piccinino bħala s-CEO ta' din l-Awtorità. Hemm imbagħad Transport Malta li jieħdu ħsieb il-parti tal-baħar. Il-Kumitat huwa kompost minn dawk l-entitajiet. *This was my Cabinet memo three, four years ago* u mbagħad jien kont intgħażilt biex inkun iċ-*Chairman* ta' dan il-Kumitat.

IĊ-CHAIRPERSON: Fuq dan il-Kumitat hemm rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex, u rrid ngħid li ħafna mill-*burden* huwa fuq il-Ministeru għal Għawdex, imma l-inqas li jkollu *say*.

DR GAVIN GULIA: Il-Ministeru għal Għawdex huwa parti importanti minn dan il-Kumitat. Pereżempju, it-tindif mhuwiex regolat minn Malta, imma mill-gżira Għawdxija. Kif spjegajt, Transport Malta tieħu ħsieb il-baħar u l-ERA hija responsbbali minn Kemmuna kollha bħala sit ta' Natura 2000. Fejn hu possibbli, meta jinqalgħu problemi, sfidi jew *issues*, dan il-Kumitat jindirizzahom bid-*day to day work*. Dan il-Kumitat ilu jopera għal erba' snin u ħafna mill-membri baqgħu prattikament l-istess, tant li sirna nafu lil xulxin *on first name basis*. Din tgħin ukoll il-komunikazzjoni ta' bejnietna sabiex inkunu aktar effiċjenti. Mela jekk tinqala' xi problema li għandha x'taqsam mal-baħar, nikkomunikaw mill-ewwel ma' Transport Malta sabiex tittieħed azzjoni, kif ġara f'diversi ċirkostanzi. Naturalment, fejn ikun hemm kwestjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u affarijiet relatati, bilfors ikollna nikkonsultaw mal-ERA li hija l-entità li tiggverna l-liġi ta' Natura 2000. Fejn jinqalgħu problemi ta' tindif, nitkellmu mal-Ministeru għal Għawdex. B'dan il-mod, qed navvanzaw kemm jista' jkun l-interessi tal-gżira ta' Kemmuna.

Hawnhekk hawn preżenti ċ-Chairman u d-Deputy CEO ta' Transport Malta u l-Perit Michelle Piccinino bħala CEO tal-ERA, li niltaqgħu magħhom fuq dan il-Kumitat. Ikun hemm ukoll is-Sur Darrin Stevens li jagħti kontribut ukoll lil dan il-Kumitat. Mill-Ministeru għal Għawdex hemm is-Sa Amity Gauci, però jidħlu ukoll rappreżentanti oħrajn. Pereżempju, is-Sur Kevin Fsadni huwa l-perit tal-*product* tal-MTA u s-Sinjura Christine Vella li tgħinna min-naħa tal-uffiċċju tal-MTA ta' Għawdex. Is-Sur Darrin Stevens jakkumpanja lis-Sinjura Piccinino min-naħa tal-ERA u flimkien maċ-Chairman u Deputy CEO ta' Transport Malta nieħdu d-deċiżjonijiet u

nipprovaw nattwawhom kemm jista' jkun possibbli. Li nipprovaw nagħmlu hu li ma naqbdux u nieħdu azzjoni indipendentement, imma jkun hemm *a shared responsibility*. Pereżempju, jekk trid tagħmel xi ħaġa l-ERA, ma taqbadx u taġixxi għal rasha, imma niddiskutu flimkien u nieħdu deċiżjoni. Bl-istess mod, fil-kompetenzi tal-MTA, ma neħdux deċiżjonijiet waħedna, imma nikkonsultaw mal-Ministeru għal Għawdex u r-rappreżentanti ta' Transport Malta, biex imbagħad bħala Kumitat, nieħdu deċiżjoni u naġixxu b'mod espedit. Jekk ma nagħmlux dan, jintilef l-iskop ta' dan il-Kumitat.

IĊ-CHAIRPERSON: Dak huwa importanti ħafna, però ovvjament għalkemm Kemmuna hija parti mit-territorju ta' Għawdex u tajjeb li nenfasizzaw dan il-punt, irridu nitkellmu fuq Għawdex b'mod inġenerali. Naħseb li mhux lok li niffokaw fuq Kemmuna biss għal skopijiet ta' diskussjoni, speċjalment meta għandna l-benefiċċju li għandna lilkom preżenti biex nitkellmu fuq ċerti sfidi. Pereżempju, fl-aħħar laqgħa konna tkellimna fuq kwestjonijiet ta' konġestjoni ta' trasport li jkollna u li hemm il-ħtieġa ta' aktar infurzar u koordinazzjoni bejn l-entitajiet kompetenti. Qed ngħid dan, għaliex xi kultant, ikollok entità li tagħti permess għal xi ħaġa u mbagħad jinqalgħu intoppi relatati ma' kamp u entità oħra fejn ma jkunx hemm qbil. Importanti li noħorġu dan il-messaġġ.

DR GAVIN GULIA: Meta qed nitkellmu fuq Għawdex u Malta, naturalment naġixxu b'mod independenti u separat. Fir-rigward ta' Kemmuna, naġixxu bħala Kumitat.

IĊ-CHAIRPERSON: Huwa tajjeb li nirrimarkaw li għandna Kumitat li jopera f'dan l-ambitu ta' Kemmuna u li jista' jiġi emulat anke f'ċirkostanzi relatati ma' Għawdex b'mod ġenerali. L-iskop ta' din il-laqgħa huwa appuntu biex inqajmu diversi diffikultajiet li jeżistu mal-entitajiet li qegħdin preżenti, biex jieħdu nota u jaġixxu fir-rigward.

Nistieden lill-Perit Michelle Piccinino biex tagħmel il-preżentazzjoni tagħha.

IL-PERIT MICHELLE PICCININO (Chief Executive Officer, Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi): Sinjura President, nirringrazzjak tal-istedina u ta' din l-opportunità. Ma kellix idea li jeżisti dan it-tip ta' Kumitat. Għalija din hija okkażjoni importanti ħafna u d-diskussjoni li qed issir hija interessanti. Jien għandi preżentazzjoni qasira ħafna fuq strateġija li qed naħdmu fuqha. *I will take you through it*. Però, jekk tippermettuli, biex norbot ma' dak li għadu kif qal Dr Gavin Gulia, naħseb li bil-metodu ta' kif qed jaħdem il-kumitat riċentament, inkluż kif qed noperaw permezz ta' sottokumitati fejn jidħlu ċerti xogħlijiet li huma kompetenza ta' numru żgħir ta' entitajiet li jifformaw il-kumitat il-kbir, qed inkunu aktar żbrigattivi fejn jidħlu ċerti deċiżjonijiet u anke xogħlijiet.

Nixtieq ngħid li bħala ERA, naħdmu ma' ħafna entitajiet Għawdxin. Bħalma diġaa ntqal, hemm il-Kumitat ta' Kemmuna u bħala Awtorità, qegħdin rappreżentati wkoll fuq il-Kumitat tad-Dwejra. Fil-fatt, il-ġimgħa li għaddiet kelli laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz, fejn qed naraw kif nistgħu nkattru l-ħidma tagħna. Hemmhekk ukoll għandna *memorandum of understanding* bejnietna fuq *acquisitions* u anke xogħlijiet. Dak l-arranġament qed jiġi rivedut sabiex nagħmluh aktar adattat għal dak li nixtiequ naraw fil-futur qrib.

Hawn nixtieq norbot ukoll mal-preżentazzjoni li saret mis-Sur Zammit fil-bidu dwar Għawdex wara l-COVID-19. Naħseb li rridu nieħdu tagħlima mill-esperjenza li ġiet fuqna b'mod naturali mill-pandemija tal-COVID-19, fejn għalmitna nħarsu wkoll lejn possibilitajiet differenti kif nużaw pereżempju, it-teknoloġija. Fejn jidħol Għawdex, naħseb li għandna bżonn inħarsu lejn normalità ftit aktar ġdida, li tħares lejn dan il-valur li għandu Għawdex. Hawn se nilbes il-kappell tal-Awtorità li qiegħda mmexxi jien mill-aspett ambjentali. Meta nitkellmu fuq l-ambjent, naħseb li Għawdex huwa ġawhra. Għalhekk għandna bżonn pjan ta' azzjoni għal din il-gżira biex naraw kif se nkunu aktar sostenibbli fit-tmexxija tagħha. Ma nistgħux nifirdu l-ambjent mill-kumplament tal-iżvilupp u mill-kumplament tal-ekonomija. Għawdex huwa gżira żgħira.

Sinjura President, inti għamilt referenza għal Għawdex u Kemmuna. It-tnejn li huma għandhom iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom u l-ħtieġa li nħarsu lejn l-aspetti kollha b'mod ħolistiku, ġenerali u sostenibbli. Fil-fatt, il-Gvern qed iħares lejn proġetti pilota li jistigaw użu ta' trasport li huwa aktar nadif. Ġie propost li jekk ikun hemm proġett pilota, dan għandu jkun f'Għawdex. Dawn l-inizjattivi kollha

għandhom potenzjal kbir u naħseb li jpoġġu lil Għawdex f'pożizzjoni ta' aktar importanza fil-qafas kollu ta' pajjiżna.

Se nikkondividi magħkom fuq xiex qed naħdmu aħna bħala Awtorità. L-ERA qed taħdem fuq strateġija ambjentali intitolata: "*National Strategy for the Environment 2050: Wellbeing first: A vision for Malta's Environment, Focus on N2K sites in Gozo & Comino*". Din l-istrateġija għandna l-approvazzjoni tal-Kabinett u l-viżjoni tagħna hi li tiġi ppubblikata sal-aħħar ta' din is-sena. Fil-fatt, fil-futur qarib din l-istrateġija se tkun qed tiġi mnedija għall-konsultazzjoni pubblika. Hawn inħeġġeġ lill-għaqdiet Għawdxin biex min-naħa tagħhom jaraw li din l-istrateġija ambjentali tieħu konjizzjoni tal-partikolaritajiet ta' Għawdex. Fil-fehma tiegħi, dan huwa punt importanti ħafna f'dan il-kontest, għax il-pjan għandu jkun ibbażat mhux biss fuq l-ekonomija, imma fuq il-partikolaritajiet kollha li hemm bżonn inħarsu lejhom f'dan is-settur. Meta nitkellmu fuq Għawdex b'mod intrinsiku nkunu qed nitkellmu mill-aspett ta' turiżmu fejn tidħol il-ħtieġa li jkollok kwalità tajba ta' servizzi u ta' ambjent tajjeb mhux biss għat-turist imma anke għal min jgħix f'Għawdex. Hawn se nerġa' norbot anke mal-idea tal-*post*-COVID-19. Jien nista' ngħid li aħna, bħala entità, fi żmien il-pandemija bqajna għaddejjin bix-xogħol bil-ħaddiema, inkluż l-Għawdxin li jaħdmu magħna, jaħdmu bit-*telework* kull fejn kien possibbli. U rrid ngħid li kemm il-kwalità kif ukoll l-ammont ta' xogħol ma naqsux. Anzi rajna żieda fil-produzzjoni ta' ċertu xogħol li għaddejna matul l-aħħar ġimgħat.

IĊ-CHAIRPERSON: Perit, ippermettili. Jekk qed nifhem sew, inti taqbel magħna u ma' entitajiet oħrajn li l-esperjenza tal-COVID-19 fejn jidħol *teleworking* minn Għawdex għall-ħaddiema Għawdxin kienet xi ħaġa tajba u ta' min jibni fuqha?

IL-PERIT MICHELLE PICCININO: Hekk hu. Din hija xi ħaġa tajba u ta' min jibni fuqha.

IĊ-CHAIRPERSON: Ovvjament, se nikkwotawk fir-rapport.

IL-PERIT MICHELLE PICCININO: Mela le. Ikun hemm ċirkostanzi fejn ċertu xogħol ma jistax isir bit-*telework*, però ħafna entitajiet adattaw b'mod tajjeb. Nista' ngħid li bħala xogħlijiet li jagħmlu l-ħaddiema tagħna, ħdimna b'mod tajjeb. Ovvjament l-ERA għandha uffiċini f'Għawdex ukoll, imma ma nistax ingorr li kien hemm xi diskontinwità tax-xogħol li twettaq l-Awtorità. Għalhekk dan iġiegħlek tħares b'mod differenti lejn il-post tax-xogħol, lejn kif għandek taħdem, u lejn dawk li aħna nsejħulhom *Key Performance Indicators* (KPI), jiġifieri l-affarijiet li tħares lejhom biex ix-xogħol li tagħmel l-entità ma jbattix.

Fir-rigward ta' din l-istrateġija għandna xenarju fejn qed inħarsu li jkun hemm *wellbeing first*; il-benesseri li jħares lejn l-aspett globali, jiġifieri mhux biss lejn l-aspett ekonomiku, imma anke lejn l-aspett soċjali. Meta tħares lejn Għawdex u lejn dak kollu li hu tipiku ta' din il-gżira Għawdxija, irid ikollok viżjoni li għandha tkun ta' benefiċċju kbir għal Għawdex. Din il-viżjoni mhijiex *short term*, għax biex tadatta għal ċertu tibdil u biex ikollok il-benefiċċji li qed nitkellmu fuqhom, anke meta torbot mas-sostenibilità, ma tridx tħares lejn dimensjoni żgħira, imma trid tħares lejn futur li huwa pjuttost itwal. Fejn il-pjanijiet li nagħmlu f'dan il-pajjiż normalment ikunu għal sena, sentejn, l-aktar ħames snin, hawnhekk qed nitkellmu fuq viżjoni li twassalna sal-2050. Xi jfisser dan? Li se jibqa' kollox fl-arja? Le, dik m'hijiex l-intenzjoni tagħna. Aħna rridu li fil-qafas ta' strateġija li hija pjuttost twila, ikun hemm pjan ta' azzjonijiet li huma pjuttost iżgħar. Hemm ħafna affarijiet li jaffettwaw il-*wellbeing*. Pereżempju, jekk inħarsu lejn it-trasport, il-fatt li matul il-COVID-19 ħdimna bit-*telework,* dan wassal biex kien hemm tnaqqis fit-traffiku fit-toroq. B'mod intrinsiku, dan wassal għal titjib fil-kwalità tal-arja. Dawn huma kollha aspetti li jorbtu waħda mal-oħra, li ma tistax tifridhom u li trid tħares lejhom b'mod ħolistiku.

Insemmi wkoll il-valur tal-kapital naturali. Għawdex għad għandna l-benefiċċju u l-valur tal-kapital naturali. Turist ta' kwalità ma jmurx u jħares biss lejn il-baħar jew lejn il-lukanda li jkun qiegħed fiha, imma jesplora u jdur il-gżira. Il-kwalità tas-servizzi turistiċi huma pjuttost mifruxa. Dan għandu jagħtina stimolu biex nagħtu aktar valur lill-ambjent tagħna. Ħafna drabi, bħala Awtorità, għandna stigma li nxekklu ċertu tip ta' żvilupp u nsibu oġġezzjonijiet għal żviluppi differenti. Però naħseb li rridu nibdew inħarsu lejn il-valur ta' dak kollu li għandna madwarna u npoġġuh f'qafas. Naħseb li din l-istrateġija qed tipprova tħares lejn dan l-aspett. Kif semmejt tajjeb, din hija ħolqa li torbot

diversi affarijiet, fejn ma nħarsux biss lejn il-problemi, imma nħarsu lejn l-isfidi li joħorġu minn dawn iċ-ċirkostanzi jew ir-restrizzjonijiet li għandna. L-għan hu li 'l quddiem kulħadd ikun qed jiggwadanja minn din il-biċċa xogħol.

Kif għidt, din l-istrateġija ġiet ippreżentata lill-Kabinett u ġiet approvata l-pubblikazzjoni tal-viżjoni li *at this point in time* hija *draft*. Se nkunu qegħdin noħorġu din l-istrateġija għall-konsultazzjoni pubblika u nistieden lil kwalunkwe tip ta' *stakeholder* biex jipparteċipa u jagħtina l-*feedback*. Inkella jekk ikollna viżjoni li hija tal-Awtorità biss, mhijiex se taħdem. Il-viżjoni trid tkun tal-entitajiet differenti tal-Gvern u għalhekk importanti li naraw anke l-qafas li qed naħdmu fih bħal din il-laqgħa tal-lum u laqgħat oħrajn, biex l-entitajiet kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw. Aktar qabel kellna preżentazzjoni minn Wirt Għawdex. Ninsab ċerta li hemm ħafna aktar għaqdiet f'Għawdex li jistgħu jagħtu kontribut għal dan l-għan.

Dak kien kollox min-naħa tiegħi. Jekk għandkom xi mistoqsijiet, inkun nista' nwieġeb. Sadanittant qed nippreżenta lill-Kumitat din il-preżentazzjoni:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*National Strategy for the Environment 2050: Wellbeing first: A vision for Malta's Environment, Focus on N2K sites in Gozo & Comino*".

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Nista' nikkonferma li inti żeluża fix-xogħol tiegħek. Naprezza ħafna l-mod anke ta' kif tindirizza l-affarijiet, mhux biss professjonalment, imma anke b'mod prattiku ħafna.

Nixtieq inqajjem xi punti, speċjalment fejn tidħol il-kwalità tal-arja. Jien konxja ħafna ta' dan il-fatt. Tajjeb ngħidu li mill-aħħar statistika li ħarġet, jidher li l-lokalità tal-Għarb f'Għawdex kellha l-aħjar kwalità ta' arja li għandna f'pajjiżna. Dan ikompli juri kemm Għawdex jista' jkun il-gżira li tmexxi 'l quddiem l-aġenda tal-arja nadifa. Jien kont ħdimt ukoll fuq id-*decarbonisation strategy*, kif kellna l-opportunità li niddiskutu. Għalhekk fil-kontest tal-istrateġija li qed timħema, li ovvjament għadha ma ħarġitx, se nqajjem xi punti biex forsi jiġu kkonsidrati.

L-ewwel nett, insemmi l-koordinazzjoni ma' Eko-Għawdex. Naf li hemm *channel of communication* miftuħ u tajjeb ħafna, però rrid nenfasizza l-istrateġija ta' Eko-Għawdex, id-*decarbonisation strategy* u anke miżuri speċifiċi. Pereżempju, fl-aħħar Baġit konna mbuttajna miżura biex ikun hemm bidla fil-vetturi, minn vetturi konvenzjonali għal vetturi elettriċi. Ġie allokat baġit biex fl-ewwel fażi nibdew bil-vetturi tal-Gvern u mbagħad fit-tieni fażi nibdew nindirizzaw kategoriji oħrajn, biex bil-mod il-mod nibdew inbiddlu t-tip ta' vetturi fit-toroq tagħna ħalli ntejbu l-kwalità tal-arja. Dik kienet miżura tal-Baġit. Imbagħad kien hemm il-proġett tal-vetturi elettriċi li xtrajna minn fondi Ewropej, li issa mistennija li jibdew jaħdmu. Forsi kif għandna magħna rappreżentanti ta' Transport Malta, jistgħu jagħtuna ftit aġġornament dwar dawn il-vetturi elettriċi li huma *state of the art* u li diġà huma mħallsa u qegħdin Għawdex. Fil-fatt, qed nistennew li jibdew joperaw. Kellna l-inizjattiva wkoll tal-Gozo Channel, li lil min jaqsam b'vettura elettrika, nagħtuh il-biljett b'xejn. Dan kien proġett pilota li, fl-opinjoni tiegħi, kien suċċess. Però naħseb li dawn huma tip ta' inizjattivi li rridu ninkoraġġuhom ħafna aktar. Għawdex huwa gżira żgħira, però jekk irridu nippreżervaw il-kwalità tal-arja, irridu nkunu aktar *forceful* u determinati. Naħseb li din l-istrateġija għandha tiffoka ħafna fuq Għawdex, għaliex kif għedt qabel, tista' tkun mudell tajjeb kif imbagħad nistgħu naħdmu fuq bażi nazzjonali.

Fir-rigward tas-siti ta' Natura 2000, illum il-ġurnata mhux qed nitkellmu biss fuq Kemmuna jew id-Dwejra, imma qed nitkellmu wkoll fuq Wied il-Mielaħ u fuq żoni oħrajn li l-ERA qed titfa' ħarsitha fuqhom biex ikun hemm il-protezzjoni meħtieġa. Però ħafna drabi, minkejja li jkollok il-*management committees,* u hawn qed nitkellem mill-esperjenza, ikollok nuqqas fl-effikaċja tagħhom. Qed ngħid dan għaliex ħafna drabi jsiru diskussjonijiet, però mbagħad fejn tidħol l-implimentazzjoni jkun hemm frammentazzjoni u deċiżjonijiet li forsi ndumu ma naraw l-effetti tagħhom. Naħseb li *in this day and age, prompt intervention* hija kruċjali. Ma nistgħux nibqgħu nittratjenu, għaliex Għawdex sofra. Nieħdu t-Tieqa tad-Dwejra; niftakar li sa minn meta konna tfal konna nitkellmu fuq il-ħtieġa li naġixxu. Imbagħad wasal punt fejn għalxejn ridna naġixxu, għax it-

tieqa ma baqgħetx hemm! Fl-opinjoni tiegħi, kull opportunità li nitilfu hija mitlufa.

Però dawn huma biss ftit ħsibijiet inizjali biex nintroduċi d-diskussjoni. Hemm rimarki? L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Nirringrazzja lis-Sinjura Piccinino talli għoġobha tingħaqad magħna u tagħtina din il-preżentazzjoni interessanti. Ix-xogħol li tirrappreżenta nsegwih mill-qrib għaliex imiss ħafna mar-responsabilitajiet li għandi jien f'idejja. Naprezza x-xogħol li tagħmel l-ERA u d-diffikultajiet li tiltaqgħu magħhom minħabba d-delikatezza tan-natura tax-xogħol.
F'dan l-ambitu, qegħdin nitkellmu fuq Għawdex u nixtieq nagħmel xi mistoqsijiet fuq żewġ bajjiet. Naħseb li hija daqsxejn ta' preokupazzjoni u ħasra jekk inħallu s-sitwazzjoni f'dawn il-bajjiet tmur għall-agħar u ma nagħmlu xejn dwarha. Qed nirreferi għall-bajjiet tal-Qbajjar u San Blas; hemmhekk hemm fenomenu fis-sens li dawn iż-żewġ bajjiet ċkienu u kważi sparixxew. Nifhem li probabbilment hemm raġunijiet tekniċi wara dan il-fenomenu. Għalhekk nixtieq nistaqsi: X'inhuwa l-ħsieb tal-ERA dwar dan it-tip ta' fenomeni? X'nistgħu nagħmlu biex bajjiet li jiġbu lejhom ammont konsiderevoli ta' turisti, u allura huma importanti għall-ekonomija tagħna, ma nkomplux nitilfuhom b'dan ir-ritmu li jidher li qed jintilfu?

IL-PERIT MICHELLE PICCININO: Iva, dan huwa pjuttost fenomenu naturali għaliex il-kosta tagħna tinbidel b'mod naturali. Ikun hemm affarijiet li jikkawżahom il-bniedem meta jsiru modifiki fil-kosta tagħna li jistigaw tibdil ieħor. Pereżempju, jekk tħares lejn il-kostruzzjoni ta' *breakwater*, dan fih innifsu jkun qed ibiddel il-mod kif jaġixxi l-mewġ mal-kosta. Ħafna drabi l-*breakwater* huwa intiż biex jissalvagwarda l-kumplament tal-kosta, però jista' jkun hu stess jew anke żviluppi oħrajn li jkunu qed jagħmlu impatt negattiv fuq l-istess kosta. Għalhekk jista' jkollok ċirkostanzi fejn bajjiet bir-ramel ikunu qed jitilfu r-ramel. Il-bajjiet huma ħajjin u huma riżultat ta' sistema li taġixxi bejn il-baħar u l-art. Normalment issib bajja fil-bokka ta' wied u allura tkun ifformat bl-interazzjoni bejn is-sistema kostali u s-sistema li ġejja min-naħa tal-art, permezz tal-ilma li jinżel mix-xita. B'hekk jista' jkun hemm dawn il-modifiki.

Fejn jidħol *coastal erosion*, lokalment għandna nuqqas kbir ta' għarfien. Din hija *area* li tinvolvi ħafna entitajiet. Bħalissa għandna tentattivi biex naraw dan il-fenomenu fir-rigward tal-kosta ta' Malta kollha - għalkemm mhux b'mod ħolistiku – u fuq dawn qed naħdmu flimkien ma' entitajiet oħra. Ħafna drabi dan il-fenomenu jkun istigat minn ċertu tip ta' żvilupp li jkun għaddej. Għalhekk, bħala parti mill-istudju fejn jidħol dak it-tip ta' żvilupp qegħdin nitolbu wkoll studju ta' kif taġixxi dik il-bajja partikolari li nkunu qegħdin inħarsu lejha. Però iva, qed tinħass il-ħtieġa li jkollna studju li huwa aktar wiesa', li jħares lejn il-kosta tal-gżejjer tagħna. Għalkemm Malta hija ikbar, għandha l-istess tip ta' formazzjoni u allura għandek l-istess tip ta' fenomenu li nsibu f'diversi bajjiet lokalment. Din hija *issue* li teħtieġ sinerġiji bejn entitajiet differenti.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. L-Onor. Chris Said.

ONOR. CHRIS SAID: L-ewwel nett, irrid nirringrazzja lis-Sinjura Piccinino għax-xogħol li tagħmlu bħala ERA. Ikun ta' pjaċir għalina bħala Kumitat li malli l-viżjoni li qed taħdmu fuqha tiġi ppubblikata għall-konsultazzjoni, dan il-Kumitat ikun jista' jikkonsulta miegħek u ma' uffiċjali oħra tal-ERA proprju dwar kif din il-viżjoni tolqot lill-ġżira Għawdxija.

IL-PERIT MICHELLE PICCININO: Bil-qalb kollha.

IĊ-CHAIRPERSON: Diġà għandkom entità li se tipparteċipa f'din il-konsultazzjoni. Għamilna preżentazzjoni sabiex inkunu nistgħu nagħtuk il-*feedback*. F'isem il-Kumitat, nirringrazzjak talli kont fostna. Naf li għandek impenn ieħor, però jekk ma jimpurtax, jekk ikollna xi diffikultajiet, ngħadduhomlok permezz tal-Iskrivan tal-Kumitat, imbagħad tirrispondina permezz tal-*email*. Grazzi ħafna tal-ħidma.

IL-PERIT MICHELLE PICCININO: Mhux problema. Grazzi lilkom.

IĊ-CHAIRPERSON: Nistiednu issa lir-rappreżentanti ta' Transport Malta biex jingħaqdu magħna. Dr Gavin Gulia.

DR. GAVIN GULIA: Nibda biex nippreżenta din il-*Powerpoint presentation* lill-Kumitat:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*Presentation to the Standing Committee on Gozo Affairs*".

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. L-Onor. Said.

ONOR. CHRIS SAID: Iċ-Chairperson tal-MTA għaddielna din il-preżentazzjoni dwar l-isfidi li għandhom. Se neħduha bħala moqrija, hux hekk? Interessanti ninnotaw li l-isfidi li qed jitkellem fuqhom mhumiex żgħar.

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Gavin Gulia.

DR GAVIN GULIA: Aħna ridna nkunu kemm jista' jkun trasparenti dwar x'inhuma l-isfidi li qegħdin niffaċċjaw u dawk li naħsbu li se niffaċjaw.

ONOR. CHRIS SAID: Naħseb li hemm uħud minnhom li diġà bdejtu tesperjenzawhom.

DR GAVIN GULIA: Il-biża' li wieħed jivvjaġġa għadu hemm. Naturalment aħna mdorrijin li għal dan iż-żmien tas-sena jkollna numri konsiderevoli, imma din is-sena n-numri għadhom żgħar paragunat mas-snin ta' qabel. Ħalli nkun pożittiv u ngħid li jien ġejt hawnhekk jidhirli l-ġimgħa li għaddiet jew ta' qabel.

IĊ-CHAIRPERSON: Qed issir residenti u wieħed mill-aktar li ġejt!

DR GAVIN GULIA: Din hija t-tielet darba. Nieħu pjaċir u anzi nħossni onorat li nattendi. Jekk tridu tibagħtu aktar għalija, mhux problema. L-aħħar darba li attendejt għal dan il-Kumitat, kont għidtilkom *a couple of thousands* bbukkjaw u ġew f'Malta. Issa rajt li n-numri huma *a few thousands*. Dan ifisser li kull ġimgħa n-numru ta' turisti li qed iżuruna qed jiżdied b'mod tajjeb. Dejjem ngħid, però, li n-numri m'għandhom x'jaqsmu xejn man-numri li aħna mdorrijin bihom f'ċirkostanzi normali. Però nixtieq inħalli f'idejn l-MIA biex tħabbar n-numri ta' passiġġieri hi. Ħalli nkun ċar, l-MIA jħabbru l-*passenger movements* u mhux turisti, jiġifieri n-numri jkunu ta' turisti u Maltin imħallta. Però meta jkun hemm żieda, normalment dik tkun riflessa f'żieda fin-numru ta' turisti. L-istatistika dwar it-turisti mbagħad tiġi studjata mill-NSO. Naħseb li etikament, għandi nistenna lill-MIA sabiex l-ewwel iħabbru l-*passenger movements*, imbagħad warajhom joħroġ ir-rapport tal-NSO. Meta l-MIA jħabbru l-*passenger movements*, dak huwa indikatur tajjeb ħafna jekk kienx hemm żieda fit-turisti. Hemm affarijiet oħrajn li, kif semmejt, huma ta' sfida. Naturalment il-biża' fin-nies għadha hemmhekk. Jista' jkun li kien hemm nies li tilfu l-impjieg tagħhom barra minn Malta u allura jipposponu l-vaganza tagħhom. Jista' jkun li waqt il-COVID-19, kien hemm min uża l-*leave* kollu u allura ma jkunx jista' jsiefer. Dawn huma kollha ostakli. Insemmi wkoll familji li jsiefru bit-tfal, li jekk kellhom l-eżamijiet f'Mejju jew Ġunju, jista' jkun li qed jagħmluhom f'Awwissu u f'Settembru u allura l-familja tiddeċiedi li tibqa' f'pajjiżha u ma ssifirx.

Imbagħad għandek il-kompetizzjoni minn gvernijiet oħrajn, li naturalment għandhom *budgets* ħafna ikbar minn tagħna u jinvestu aktar miljuni minna f'*marketing campaign* u *tax incentives*. Tajjeb li nsemmu dan ukoll. Hemm ukoll pajjiżi fl-Ewropa li jinkoraġġixxu liċ-ċittadini tagħhom biex jivvjaġġaw sal-pajjiżi viċini permezz tal-karozza, għax jikkunsidrawhom aktar *safe*.

Insemmi wkoll il-fatt li l-linji tal-ajru għadhom mhumiex qed itiru bil-frekwenzi normali. Jekk pereżempju minn Londra kien ikollna madwar 20 titjira kuljum, illum hemm ħafna anqas. L-Air Malta waħedha kienet ittir darbtejn kuljum bil-KM100 u KM102. L-Easyjet kellhom bosta titjiriet ukoll. Dawn il-linji tal-ajru għalissa jibdew bi frekwenza ta' waħda, jaraw il-*load factor*, jiġifieri kemm ikun hemm *occupancy* ta' postijiet fl-ajruplan, u mbagħad jaraw kif inhuma sejrin u jekk jistgħux iżidu l-frekwenza. Naturalment jekk qabel kellek sitt titjiriet kuljum lejn destinazzjoni waħda u llum hemm titjira waħda jew tnejn, ovvjament se jiġu inqas passiġġieri, għaliex hemm relazzjoni bejn ir-rotta u n-numru ta' passiġġieri.

Hemm linji tal-ajru li qed jiffaċċjaw żminijiet diffiċli u jinsabu fuq xifer ta' falliment. Diġà smajna b'xi tnejn li marru f'likwidazzjoni. Hemm *tour operators* li qed jaraw li qegħdin tard għas-sajf ta' din is-sena u allura qed jippjanaw għas-sajf tal-2021. Dan apparti li l-i*staff* tagħhom ikun *shared*. Irridu niftakru li jista' jkollhom sfidi u jgħidu li aħjar jinsew l-2020 u jaħsbu għall-2021. Imbagħad hemm

operaturi turistiċi li għandhom il-lukandi tagħhom stess f'destinazzjonijiet partikolari, li ovvjament jippreferu jieħdu t-turisti fil-lukandi tagħhom stess. Aħna sfortunament m'għandniex lukanda f'Malta u Għawdex li hija proprjetà ta' operatur turistiku barrani. Pereżempju, kieku l-Frosch għandha żewġ lukandi f'Malta, ovvju li tgħid li se tibgħathom f'Malta. Però dak huwa vantaġġ li aħna m'għandniex.

Il-*conventions* u l-*marketing business* se jiġi biż-żmien. Bħalissa aħna qed nittamaw għal *leisure holidays*, il-familji li jmorru vaganza. In-negozji jitilfu l-impetu u allura qed jibdew jaħsbu għall-2021 aktar milli għall-2020. Daqqa ta' ħarta nħasset ukoll fl-*English language learning travel*. Ikun hemm ġenituri li forsi jibżgħu jibagħtu lit-tfal tagħhom f'pajjiż ieħor. Din torbot ukoll mal-*fear factor*. Ikun hemm ukoll kwestjoni ta' *social distancing*, bħal pereżempju jekk fil-klassi hux se joqogħdu żewġ metri 'l bogħod minn xulxin. Tal-ġħaġeb kemm jinqalgħu sfidi li jistgħu jxekklu l-iżvilupp. Bejn wieħed u ieħor, dawn huma l-isfidi li bħala MTA, qed nitkellmu bl-aktar mod trasparenti u miftuħ dwarhom.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Ngħaddu issa għall-intervent tas-Sur Joseph Bugeja.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA (Chairman u CEO, Transport Malta): Sinjura President, grazzi tal-opportunità li nipparteċipaw f'dan il-Kumitat; aħna lqajna din l-istedina bil-qalb. Ftit qabel, inti semmejt il-vetturi elettriċi u x-*shuttle service* għal Għawdex u tlabtni nagħti aġġornament fuqhom. Sal-ġimgħa l-oħra stess, peress li hemm il-fondi allokati għalihom, kellna diskussjonijiet bil-parteċipazzjoni ta' aktar entitajiet u tal-Ministeru għal Għawdex. Fil-viċin se jkollna laqgħa oħra. Hawn qed nitkellmu fuq l-aspett tekniku ta' kif se nkunu qegħdin nipprovaw insibu soluzzjonijiet biex jitħaddem is-servizz, li huwa parti mis-servizz pubbliku. Konvinti li nsibu dawn is-soluzzjonijiet.

IĊ-CHAIRPERSON: Qed naqblu li Għawdex se jkun il-pijunier f'dan il-proġett.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Hekk hu. Aħna naqblu li Għawdex huwa sitwazzjoni partikolari li jista' jservi ta' mudell fejn l-esperimentazzjoni ...

IĊ-CHAIRPERSON: Tista' jekk jogħġbok tgħidilna kemm kien il-valur ta' dawn il-*buses*?

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Mhux aħna xtrajniehom.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA (COO u Deputy CEO ta' Transport Malta): Tajjeb li ngħidu li, bħala Transport Malta, aħna tajna l-*go ahead* għax-xogħol infrastrutturali.

IĊ-CHAIRPERSON: Qed nitkellmu fuq il-*park and ride*?

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Iva.

IĊ-CHAIRPERSON: Biex nirrikapitola, dan huwa parti minn proġett ikbar, imsejjaħ SMITHS (Sustainable Multi Intermodal Transport Hubs) li Għawdex ħa sehem minnu billi parti mill-fondi ġew allokati għal proġett ta' *park and ride* f'Għawdex li se jkun qed jiġi servut minn vetturi elettriċi. L-iskop tal-*park and ride* huwa biex inneħħu l-pressjoni minn fuq il-Port tal-Imġarr; il-ħaddiema li normalment jipparkjaw il-vettura tagħhom l-Imġarr, ikunu jistgħu jibdew jipparkjaw fil-faċilità tal-*park and ride* f'Ta' Xħajma u mbagħad jitwasslu għall-port bil-vetturi elettriċi.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Preċiżament. L-Awtorità tidħol f'żewġ aspetti tagħha. Parti kienet l-infrastruttura - il-permessi neċessarji min-naħa tagħna diġà ġew konċessi - u t-tieni parti, kif semmejt qabel, jirrigwarda l-operat *in vista* tal-kuntratt li hemm mal-Malta Public Transport, fejn qegħdin naħdmu biex jinstabu s-soluzzjonijiet. B'hekk, jekk Alla jrid, is-servizz ikun jista' jinbeda. Din hija kwestjoni ta' *tweaking*.

Kif semma Dr Gavin Gulia, il-mudell tal-Kumitat ta' Kemmuna huwa mudell fejn ix-xogħol isir b'mod rapidu u effettiv. Fir-rigward ta' Kemmuna, l-objettiv tal-Awtorità jibqa' li nħaddmu l-kuntratt li permezz tiegħu jopera s-servizz ta' *scheduled ferry*. Jekk irridu ntejbu s-sitwazzjoni f'Kemmuna, nemmnu li ma jistax ikun li nibqgħu noperaw bil-mod kif konna qed noperaw. Jeħtieġ li min ikun sejjer Kemmuna jkun jaf il-ħin li se jitlaq is-servizz, xħin se jasal fit-tieni u t-tielet destinazzjoni f'Kemmuna u l-ħin tar-ritorn. Hemmhekk għandna sfidi li qegħdin induru magħhom.

Ladarba konna qed insemmu l-ambjent, tajjeb ngħid li dan il-kuntratt jistabbilixxi li l-opri tal-baħar li se jinbnew għal dan is-servizz ikunu *eco-friendly*. Għalhekk mhux qegħdin inħarsu biss lejn il-kwalità tas-servizz għat-turist jew il-Malti li jrid imur Kemmuna, il-frekwenza u l-puntwalità, imma wkoll lejn it-tip ta' vetturi li se joffru dan is-servizz.

Għandna wkoll xogħol għaddej mill-kollegi kollha li qegħdin f'dak il-kumitat biex intejbu l-faċilitajiet f'Kemmuna, b'mod partikolari fiż-żona ta' Blue Lagoon, filwaqt li nirrispettaw l-ambjent u n-Natura 2000. Naħseb li l-proġettazzjoni li għandna quddiemna hija ta' interess għal kulħadd u ladarba jirnexxilna, kulħadd se jkun qed jara ameljorament kbir.

IĊ-CHAIRPERSON: Naf li fir-rigward tax-xogħol fuq il-moll u t-triq li tibqa' tielgħa mill-moll, kien hemm xi oġġezzjonijiet. Tistgħu tgħidulna fiex waslu?

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: Bħala Transport Malta, dħalna biss fil-parti tal-moll. Jien kont informajt dwar dan lill-Kumitat ta' Kemmuna li nipparteċipa fih għan-nom ta' Transport Malta u nista' ngħid li ġibna kważi l-kunsens ta' kulħadd. Fil-fatt bdejna xogħol mal-ERA minn qabel ma applikajna, tkellimna ħafna ma' Dr Gavin Gulia kif ukoll mal-Ministeru għal Għawdex u kkonċentrajna biss fuq il-moll. Kif qal tajjeb iċ-Chairman, qed norbtu dan ix-xogħol mat-*tender* li ntrebħet tal-Comino Ferries Scheduled Services sabiex intejbu s-servizz fi Blue Lagoon. Kif jaf kulħadd, il-moll eżistenti huwa żgħir ħafna.

IĊ-CHAIRPERSON: U ġġarraf.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: Fejn iġġarraf sewwejnieh. Jient kont hemmhekk il-ġimgħa l-oħra fejn stajt nara li ġie msewwi. Baqa' ftit injam x'jeħel, imma ġie *welded* mill-qiegħ u erġajna elevajnieh. Jibqa' l-fatt li ma jistax jaqdi l-ħteġijiet tal-lum, għaliex huwa żgħir ħafna.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Il-moll eżistenti ma jistax jaqdi l-ħteġijiet li għandna proġettati. Għalhekk l-għajnuna ta' kulħadd hija importanti u nistgħu ngħidu li qegħdin insibu għajnuna. Il-moll huwa ppjanat li se jagħti spazju biex l-opri tal-baħar il-ġodda jkunu jistgħu joperaw u, aktar minn hekk, ikun jista' jopera kulħadd. F'kull punt qegħdin nassiguraw li l-*ferry* jaqdi u jirrispetta l-iskeda tiegħu u dawk li ma jkunux qegħdin jagħmlu x-*scheduled service* imma jkunu qed jagħmlu ċ-*charters*, ikollhom spazju wkoll fejn jistgħu joperaw. B'hekk se nkunu qegħdin naqdu l-ħteġijiet kollha ta' kulħadd.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: Dwar it-trejqa kelli diskussjoni wkoll fil-livell tal-kumitat, jiġifieri kien hemm ukoll ...

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: It-Triq ta' Kemmuna?

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: It-triq li titla' mill-Blue Lagoon u tibqa' tielgħa 'l fuq.

IĊ-CHAIRPERSON: It-triq li tieħdok fejn hemm il-gabbani, li kienet ikkollassat.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: Hemm sotto-kumitat fi ħdan il-Kumitat ta' Kemmuna li qed jiddeċiedi dwar din it-triq.

IS-SUR GAVIN GULIA: F'dak il-każ kemm jista' jkun qed inħalli lill-ERA tiddeċiedi dwarha, għaliex irridu nirrispettaw l-ambjent.

IĊ-CHAIRPERSON: Hawn se niġbed l-attenzjoni tagħkom kollha preżenti. Jien għandi esperjenza ta' dan il-Kumitat. Napprezza ħafna l-ħidma tagħkom, però kif għedt lill-Perit Piccinino, hemm *issues* li, iddiskutu kemm tridu dwarhom, imma tridu taġixxu. Il-*master plan* ta' Blue Lagoon ilu pendenti madwar sentejn, wasal sajf ieħor u għadna fejn konna.

IS-SUR GAVIN GULIA: Sinjura President, kif taf, bħala MTA, konna kkummissjonajna lill-ERA biex tagħmel *capacity impact assessment* li kien tlesta, rajna li huwa kuraġġuż ħafna, fis-sens li qed jappella għal miżuri li mhumiex konservattivi.

IĊ-CHAIRPERSON: Ma nistgħux inkunu daqshekk konservattivi għall-ħteġijiet u l-isfidi li għandna quddiemna.

IS-SUR GAVIN GULIA: Qed inkun diplomatiku. Bħala MTA, irridu direzzjoni politika. Min-naħa tagħna, bħala *remit* skont it-*terms of reference*, kellna nagħmlu dan il-*carrying capacity report,* li lestejnieh u għaddejnieh lill-politiċi. Issa nistennew li jkun hemm direzzjoni politika.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-punt li qed inqajjem jien hu dwar il-periklu tat-triq, li nieżla. Din hija mogħdija tat-torba, lanqas tista' ssejħilha triq.

IS-SUR GAVIN GULIA: Dik qiegħda tiġi ppjanata li ssir.

IĊ-CHAIRPERSON: Diġà kien hemm il-permess.

IS-SUR GAVIN GULIA: Hemm sotto-kumitat li fih hemm il-Perit Piccinino u naturalment jien ridt nagħti *leadership* għaliex inkella ma jsir xejn. Qed ngħid dan biex nuri li *there is somebody who is pushing it* biex nassiguraw ruħna li naslu. Dak li għamilt jien hu li qed nesiġi li dan is-sotto-kumitat ilesti dan il-pjan sa ċerta data matul dan ix-xahar stess u l-għada jerġa' jiltaqa' l-*Operating Committee* ħalli jirrapporta lill-Kumitat biex inħaffu kemm jista' jkun.

IĊ-CHAIRPERSON: La għandna r-rappreżentanti minn Transport Malta magħna, forsi jsiru xi mistoqsijiet. Waqt diskussjoni preċedenti, kellna rappreżentanti tal-Gozo Channel li tkellmu dwar l-isfidi li għandhom, inkluż il-piż finanzjarju li l-pandemija tal-COVID-19 ħalliet fuq il-Gozo Channel. Matul id-diskussjoni qamet il-kwestjoni dwar id-*dues* li l-Gozo Channel għandha tagħti lil Transport Malta għall-użu tat-*terminal* u dwar jekk hemmx il-possibbiltà li jkun hemm maħfra – *call it what you may* – jew forsi riduzzjoni tal-ammonti dovuti biex il-Gozo Channel, li għaddiet minn periodu diffiċli ħafna u għad trid tirkupra, tiġi megħjuna b'diversi modi. Dan kien suġġeriment ta' kif il-Gozo Channel tista' tiġi megħjuna li tqajjem fil-laqgħa preċedenti u qed ngħadduh lilkom illum, għaliex nifhem li saru diskussjonijiet u għalhekk forsi tistgħu taġġornawna dwar dan.

Fil-laqgħa preċedenti tkellimna wkoll dwar il-kwestjoni tal-infurzar, li mhux neċessarjament ifisser l-għoti ta' multi, imma li teduka aktar b'mod ġenerali. Pereżempju, l-Onor. Said qajjem il-punt, *rightly so,* li biex tgħaddi mit-triq prinċipali tar-Rabat, trid iddum ammont ta' ħin li aħna m'aħniex imdorrijin bih. Ovvjament ir-realtà tat-traffiku li qed jiżdied hi dik li hi u għalhekk hemm il-ħtieġa li jkollna l-preżenza ta' uffiċjali. Ħafna drabi wieħed forsi ma japprezzax ir-rwol ta' Transport Malta, tal-LESA, kif ukoll tal-Pulizija. Forsi tieħdu l-opportunità u tispjegaw ir-rwoli rispettivi tagħkom u l-mod kif taħdmu flimkien ma' entitajiet oħra biex tqassmu d-*duties*. Żgur li f'Għawdex hemm bżonn ta' aktar kordinazzjoni, għaliex l-ispazju huwa iżgħar u l-konġestjonijiet inħossuhom ħafna aktar.

ONOR. CHRIS SAID: F'dan ir-rigward, naħseb li jekk ikun hemm kordinazzjoni tajba bejn l-entitajiet responsabbli, inkluż Transport Malta, nistgħu nsolvu ċerti problemi. Hemm żewġ postijiet fejn l-aktar li għandna problema, għaliex prattikament fl-irħula m'hemmx xi problema kbira, la ta' traffiku u lanqas ta' parkeġġ. Il-problema tal-parkeġġ tinsab fir-Rabat, ix-Xlendi u Marsalforn.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-problema hija *localised,* naħseb li nistgħu naqblu fuq hekk, anke għal skopijiet ta' diskussjoni; għandna ż-żoni turistiċi bħal Marsalforn, l-Imġarr, ix-Xlendi, ir-Rabat u forsi l-pjazez maġġuri.

ONOR. CHRIS SAID: Però li qed jiġri hu li Triq ir-Repubblika fiċ-ċentru tar-Rabat qiegħda tkun imblukkata minħabba salib it-toroq, fejn hemm erba' direzzjonijiet ġejjin kontra xulxin u wieħed irid iċedi lil ieħor. Biex inkunu qegħdin ngħidu kollox, Pjazza San Franġisk hija magħluqa imma suppost li dalwaqt tinfetaħ u allura direzzjoni minnhom hija magħluqa.

Imbagħad hemm l-*issue* tat-traffiku fiċ-Ċirkewwa u l-Imġarr li mhijiex ta' kuljum, imma aktar matul tmiem il-ġimgħa. Li qed jiġri hu li peress li preżentement, il-maġġor parti tan-nies li qegħdin jaqsmu lejn Għawdex qegħdin jagħmlu dan bi trasport privat, il-problema qed tkompli tikkomplika ruħha. Kif nafu, bħalissa mhux qed jintuża wisq la t-trasport pubbliku u lanqas *coaches* u *mini buses*. L-ispazju fiżiku fl-Imġarr u ċ-Ċirkewwa u fit-toroq li jwasslu għalihom hu dak li hu, jiġifieri din hija xi ħaġa li nirrikonoxxuha, però naħseb li jekk ikun hemm aktar kordinament minn *personnel*, bħall-Pulizija, ikun hemm *management* aħjar tat-traffiku u anqas konġestjoni u kaos. Nafu sew x'jiġri meta jkun hemm konġestjoni, bħal min jipprova jaqbeż il-kju u *issues* oħrajn relatati.

Il-konġestjoni fiċ-ċentru tar-Rabat hija xi ħaġa ta' kuljum u mhux biss meta tiżdied il-popolazzjoni f'Għawdex jew fi tmiem il-ġimgħa. Naħseb li bi pjan u ftit aktar kordinazzjoni jista' jkun hemm *management*

aħjar, anke fiżikament min-nies li jkunu *on the spot*. Issa pereżempju ttieħdet drawwa li tgħaddi xħin tgħaddi minn Triq ir-Repubblika ssib *double parking* doppju, jiġifieri erba' karozzi pparkjati, karozza fil-*parking* proprja kull naħa u tnejn oħra 'l barra minnhom għax min jieqaf għal qadja l-bank, min jieqaf għall-ATM ... Il-konsegwenza ta' dan hija li jżommu ħafna traffiku. Naħseb li trid tiġi kkonsidrata wkoll il-*main stop* tal-*open top buses* fi Triq ir-Repubblika, fejn għal dawn l-aħħar sentejn, tlieta, kiber l-ammont ta' nies li jutilizzahom. Meta l-*open top bus* tieqaf fuq dak il-*bus stop*, prattikament twaqqaf it-traffiku kollu ta' warajha, għaliex qiegħda f'parti dejqa. Bħalissa din mhijiex problema, għaliex l-*open top buses* għadhom mhumiex qegħdin jaħdmu, imma *hopefully* fil-ġimgħat li ġejjin jerġgħu jibdew jaħdmu u allura rridu naħsbu f'soluzzjoni.

Kif qalet il-President ta' dan il-Kumitat f'Għawdex m'għandniex problema akuta ta' traffiku bħal Malta – allaħares - imma l-problema qiegħda hemm. Il-fatt li hija lokalizzata, nistgħu nindirizzawha. Naħseb li b'kordinament tajjeb bejn l-awtoritjiet kollha involuti, fosthom il-LESA, Transport Malta u l-Pulizija, din il-problema tista' tiġi indirizzata u jekk forsi mhux solvuta għalkollox, tista' tiġi mtaffija sew.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Grazzi tal-punti li qajjimtu li qegħdin nieħdu nota tagħhom. Kif intqal tajjeb, l-ispazju hu li hu, jiġifieri dejjem irridu nibdew minn hemmhekk. Il-kordinament bejn l-awtoritajiet jeżisti, imma dejjem hemm lok fejn nameljoraw. Hawnhekk qegħdin insemmu parti li hija edukattiva, għaliex jekk hemm *double parking*, hemmhekk jidħol l-aspett ta' edukazzjoni u rispett. Din hija problema li teżisti wkoll f'Malta u f'postijiet partikolari f'Għawdex taf tikkawża problema aktar akuta.

It-tieni punt li rrid insemmi huwa l-kordinament u l-infurzar li fihom taħlita ta' fatturi varji. Bħala Transport Malta, konxji minn dawn l-aspetti li ssemmew. Id-diskussjonijiet bħala *management* u persuni minn Għawdex huma kontinwi. Din il-ġimgħa stess, hemm *meeting* ieħor ikkordinat għal Għawdex. Qegħdin nagħmlu dan regolarment billi npoġġu madwar mejda man-nies li għandna f'Għawdex, li jafu s-sitwazzjoni *inside out*, u magħhom nidentifikaw, bħalma nagħmlu f'Malta, il-*key points* li rridu nindirizzaw.

IĊ-CHAIRPERSON: Jekk tippermettili, tajjeb insemmu wkoll il-kordinament li jsir f'okkażjonijiet partikolari, bħal pereżempju fil-ġranet ta' Santa Marija u l-Karnival, meta jkun hemm antiċipazzjoni ta' żieda fit-traffiku. Ninżgħalkom il-kappell għax-xogħol li tagħmlu.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Hemmhekk ikun hemm attività organizzata bl-aqwa mod possibbli, għaliex l-esperjenza tgħinna. Fil-fatt, kontinwament qegħdin insaħħu l-*personnel* tagħna u l-*equipment* li jintuża biex f'Għawdex inkunu qed naħdmu b'mod aktar organizzat.

IĊ-CHAIRPERSON: Dan l-aħħar, il-ġurnali rrapportaw li kien hemm kunsilli lokali f'Għawdex li qegħdin jitolbu l-i*speed cameras*. Forsi tista' taġġornana dwar dan.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: Bħalissa qegħdin nitkellmu mal-Pulizija aktar fuq il-*hand held cameras*, però qegħdin nistennew xi leġiżlazzjoni li tidħol fis-seħħ.

IĊ-CHAIRPERSON: Però ssemmiet Malta u Għawdex ma ssemmiex.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: Qed nitkellem b'mod ġenerali, jiġifieri mhux fuq Malta biss. Ta' min iżid ukoll li fi Triq ir-Repubblika wieħed jista' jara *traffic management*.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Importanti dak li semma l-Onor. Said dwar l-*open top* buses; naraw jekk jistax ikollna *traffic management* aħjar.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: Forsi ħdejn l-ATM nistgħu nħallu spazju vojt biex wieħed jieqaf jiġbed il-flus u jibqa' sejjer.

IĊ-CHAIRPERSON: Hemm erba' banek fl-istess triq.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Hekk hu, fl-istess lokalità.

Ladarba qegħdin insemmu l-aspett ta' infurzar u edukazzjoni, dan japplika wkoll fuq il-baħar. Ilbieraħ kellna l-kampanja fuq is-*swimmer zones* u l-aspett marittimu fejn għandna pjanijiet interessanti ħafna. Semmejna Kemmuna u l-infurzar li mhuwiex qiegħed hemm biex nippenalizzaw, imma biex nedukaw. Dejjem għandna investiment għaddej, u se jkollna aktar

opri tal-baħar u *personnel* biex nedukaw. Għandna wkoll pjanijiet għal leġiżlazzjoni fejn jidħol kiri u *safety issues* li se jkunu indirizzati biex dawn l-oqsma jkunu organizzati b'mod aħjar fl-interess ta' kulħadd.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: La qegħdin nitkellmu fuq l-infurzar, irrid nieħu l-opportunità li nirringrazzja lin-nies responsabbli mill-qasam tal-infurzar li f'inċident li kien hemm f'marina privata, kollha ħarġu għonqhom mingħajr ma kienu obbligati, biex jagħtu l-ewwel għajnuna. Kien hemm min inzerta fuq il-post u min niżel billejl fuq il-post biex jgħin.

IĊ-CHAIRPERSON: Għandkom elementi tajbin.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: Hemm nies dedikati li ħadu l-inizjattiva, qatgħu l-ħbula u mmaniġġjaw is-sitwazzjoni b'mod perfett. Ta' dan nirringrazzjahom f'isem Transport Malta.

IĊ-CHAIRPERSON: Ningħaqdu miegħek f'dan ir-ringrazzjament.

L-Onor. Kevin Cutajar.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: L-ewwel nett, nirringrazzjakom talli għoġobkom tiġu fostna. Nixtieq nagħmel tliet mistoqsijiet. Mistoqsija minnhom hija relatata ma' dak li semma l-Onor. Said dwar l-*open top buses*. Jien ġej mil-lokalità tax-Xagħra fejn hemm numru akbar ta' attrazzjonijiet u għalhekk l-*open top bus* tieqaf regolarment ħdejn l-attrazzjonijiet. Naħseb li dan l-argument ma jgħoddx għar-Rabat biss imma anke għal lokalitajiet oħrajn. Nitlobkom taħsbu ftit u tikkonsidraw il-fatt li l-*open top buses* jgħaddu minn toroq dojoq li ma kenux maħsubin għall-ammont ta' traffiku tal-lum, speċjalment fil-*village cores*, fejn qed joħolqu konġestjoni enormi. Fil-lokalità tax-Xagħra għandna problema kbira fi triq partikolari proprju meta tgħaddi l-*open top bus* kif ukoll vetturi oħra kbar, imma ħafna drabi l-ilmenti jaslu minħabba l-*open top buses*. Jekk wieħed jista' jistudja aħjar il-passaġġ minn fejn jgħaddu l-*open top buses* u jara li ma ngħadduhomx mill-*village core*, naturalment safejn hu possibbli, naħseb li nkunu qegħdin insolvu problema minn ġo nofs l-irħula, partikolarment dawk kbar.

It-tieni punt huwa li nħoss li f'Għawdex għandna problema li tirrigwarda l-immaniġġjar ta' ħafna dgħajjes li jkollna fil-bajjiet tagħna, b'nies li jkunu qegħdin jieħdu l-vaganza tagħhom matul tmiem il-ġimgħa. Nitlobkom tikkoreġuni jekk din il-kwestjoni ma taqax taħt ir-*remit* tagħkom jew le, imma nassumi li taqa'. Fl-Imnarja jiddispjaċini ngħid li kont verament iddiżgustat bl-ammont ta' *rubbish* li beda nieżel minn fuq id-dgħajjes u li spiċċa fuq ix-xtajta tax-Xlendi. Inzertajt kont ix-Xlendi u l-ħmieġ li beda dieħel mal-kurrent kien xi ħaġa tremenda. Naħseb li dan ma jagħmlilniex unur bħala pajjiż u lanqas jgħin lil Għawdex li mit-turiżmu ngawdu rridu u mhux inbatu mill-konsegwenzi ta' nies irresponsabbli. Ovvjament, mhux kulħadd, imma sfortunatament għad għandna nies li jħammġu.

L-aħħar punt; nixtieq nisfrutta l-preżenza tagħkom hawnhekk biex forsi fl-aħħar xi ħadd jismagħni. Bħalma tafu, jien persuna nieqsa mid-dawl u f'dan il-Parlament u anke barra mill-Parlament, tkellimt diversi drabi dwar l-imberkin *buses* li għandna li Transport Malta hija r-regolatur tagħhom. Il-mistoqsija tiegħi hi: Il-*features* li qegħdin għall-persuni b'diżabilità meta se nibdew inserrħu moħħna li verament qed jaħdmu? Għandna sitwazzjoni, kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta, li mhijiex aċċettabbli. Jien nuża s-servizz tat-trasport pubbliku abitwalment. Bħala NGOs, ilna ħafna nitkellmu mal-operatur u ma' Transport Malta dwar dan. Jien stess, matul din is-sena li ilni fil-Parlament, tkellimt xi sitt darbiet dwar din il-kwestjoni u ħadd ma jisma'. Skużawni qed nitkellem b'emozzjoni, imma nħoss li hija inġusta fuqna l-persuni b'diżabilità li rridu nagħmlu użu mis-servizz tat-trasport pubbliku - għaliex ħafna drabi ma jkollniex triq oħra biex nivvjaġġaw - u dejjem nispiċċaw insibu l-istess problema ma' wiċċna. Il-*features* li suppost qegħdin hemmhekk bil-liġi għalina l-persuni b'diżabilità biex inkunu nistgħu nivvjaġġaw b'kumdità huma bi dritt, imma ħafna drabi ma jkunux jaħdmu. Għalhekk qed nitlobkom minn qalbi, biex jekk jogħġobkom, taħdmu fuq din il-kwestjoni u taraw li dawn il-*features* ikunu qed jaħdmu u aċċessibbli.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Ħalli nibda mill-aħħar mistoqsija. Aħna bħala regolatur tas-servizz pubbliku jkollna laqgħat regolari u nassigurak li qed nieħu nota. Qed nisma' dan l-ilment l-ewwel darba u tajjeb li qed tqajmu.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Għamilt diversi mistoqsijiet parlamentari dwar dan.

IĊ-CHAIRPERSON: Skużani se ninterrompik. Konna organizzajna *seminar* fejn stedinna lil Transport Malta u lil Malta Transport biex jedukaw dwar il-mod kif wieħed jista' jaċċessa t-trasport pubbliku, anke permezz tal-*mobile*. Kienet laqgħa li saret fil-Ministeru għal Għawdex. Ma nafx jekk kontx preżenti għal din il-laqgħa, Onor. Cutajar, imma kien hemm il-preżenza ta' ħafna għaqdiet.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Naf biha, Sinjura President.

IĊ-CHAIRPERSON: Kienet laqgħa *conducive* ħafna u naf li minn dik il-laqgħa kienu ħarġu ħafna punti li ġew attwati. Ovvjament wieħed irid jara li jkun hemm *follow-up*.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sinjura President, jien nuża s-servizz tat-trasport pubbliku kważi kuljum. Qed ngħid ma' xiex niltaqa' jien personalment.

IĊ-CHAIRPERSON: La għandna n-nies ta' Transport Malta preżenti, naħseb għandna nieħdu din l-opportunità biex inti tagħmel elenku tan-nuqqasijiet ħalli nkunu nistgħu ngħadduhom u bħalma għamilna f'affarijiet oħrajn, inkunu nistgħu nġibu l-*feedback* dwar dan. Wara kollox, l-operatur għandu l-obbligi tiegħu.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Bil-mistoqsijiet parlamentari li għamilt ma wasalt imkien. Il-Ministru Ian Borg ma tantx tana widen, jiddispjaċini ngħid.

IĊ-CHAIRPERSON: Nassigurak li meta kont responsabbli mis-settur tad-diżabilità, dejjem sibt koperazzjoni sħiħa, però ovvjament dejjem jibqa' xi jsir. L-Onor. Said ukoll kien responsabbli mis-settur. Tagħmel kemm tagħmel f'dan is-settur, qatt mhu biżżejjed.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Nassigura lill-Onor. Cutajar li kull mistoqsija parlamentari li ssir nagħtuha l-attenzjoni dovuta, imma issa la qed nisma' dan l-ilment, jien personalment għada filgħodu se nindirizza din il-kwestjoni qabel l-ewwel laqgħa li għandna, għaliex hija xi ħaġa importantissima.

ONOR. CHRIS SAID: Il-*features* diġà qegħdin hemm.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-*features* qegħdin hemm u jistgħu jiġu aċċessati anke permezz tal-*mobile*. Għalhekk hemm il-ħtieġa u l-importanza tal-edukazzjoni. Il-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA) daħlet ukoll f'din il-kwestjoni, għaliex ovvjament il-FITA għandha aċċess ukoll.

IS-SUR KEVIN FARRUGIA: Naħseb li din il-kwestjoni qatt ma tressqet. Aħna jkollna diskussjonijiet regolari f'fora differenti mal-Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD).

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Il-problema hija li s-CRPD trid tlaħħaq mal-esiġenzi kollha tad-diżibilitajiet kollha u mhux biss fejn jidħol trasport, imma *across the board*, għal kull esiġenza. Nifhem li forsi wara tant ilmenti, tibda taqta' qalbek. Għax kemm se ddum tagħmel l-istess talbiet? Jien involut fl-NGOs u ma nafx kemm-il darba ltqajna mal-operatur u ma' Transport Malta, nagħmlu s-suġġerimenti u ma jiġri xejn. Fil-fatt jekk dak li jkun ma jkunx persistenti, jirraġuna li m'hemmx x'tagħmel u jaqta' qalbu. Ħafna drabi hekk jiġri.

IĊ-CHAIRPERSON: Pereżempju kien hemm taħditiet li għamilna biex l-utenti tad-*disability card* jibbenefikaw minn servizz ta' trasport pubbliku bla ħlas. Qabel din ma kenitx hekk, imma llum kull persuna li għandha l-*card* tibbenefika minn trasport mingħajr ħlas.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Sinjura President, jien mhux qed nitkellem dwar dak. Jien qed nirreferi għall-*features* tal-aċċessibilità.

IĊ-CHAIRPERSON: Qed insemmi din bħala eżempju, għaliex matul is-snin qamu dawn it-tip ta' diskussjonijiet u b'daqsxejn bonsens, wieħed jista' jindirizzahom. L-Onor. Cutajar jista' jagħmlilna lista b'dawn il-punti u jibgħathielna ħalli nkunu nistgħu naġixxu.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Bil-qalb kollha. Smajt dan l-ilment u għada filgħodu stess se nieħu l-passi neċessarji.

Fir-rigward tat-tieni kumment li semmejt dwar il-ħmieġ, aktar qabel konna qegħdin nirreferu għall-edukazzjoni u l-infurzar. Bħala Transport

Malta kontinwament ninvestu flus biex nipprovaw nedukaw lin-nies. Qatt m'aħna se naqtgħu qalbna. Kulħadd huwa responsabbli ta' għemilu u naħseb li kulħadd jaf li hu ħażin jekk tarmi skart fil-baħar. L-infurzar irid jiġi msaħħaħ u fejn naqbdu dawn l-affarijiet, nassigurak li se nkunu ħarxa biżżejjed, għaliex l-imbarazz m'għandux jintrema fil-baħar. Bħala ċittadin, jien jinteressani li x-xtut tagħna jinżammu nodfa.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Hawn irrid nistaqsi: Ikun hemm infurzar jew multi f'dan il-każ? Forsi għaliex ma waslitx għandi, imma jien qatt ma smajt dwar x'azzjoni tittieħed jekk, pereżempju, xi ħadd jarmi ħmieġ tan-nies.

IĊ-CHAIRPERSON: Kellna każ f'Imġarr ix-Xini jekk niftakar sew.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Ġieli jinqabdu nies iħammġu u jeħlu multi?

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Nassigurak li għalkemm bħala Malta Transport mhux qegħdin hemm biex nippenalizzaw in-nies, il-multi jeżistu u napplikawhom ma' min ma jimxix mar-regoli. Ovvjament kulħadd jifhem li ma jistax ikollok infurzar ma' kull dgħajsa, imma dak li huwa possibbli qed nagħmluh. Fil-fatt, qegħdin insaħħu l-infurzar, għaliex nemmnu li rridu nkunu aktar preżenti.

Dwar l-*open top buses*, xejn ma jżommna milli nirrevedu r-rotot fejn hemm alternattivi, kif issuġġerejt inti, ovvjament mingħajr ma nitilfu l-valur ta' dawk li huma attrazzjonijiet turistiċi. Però ħadt nota tat-tliet punti li semmejt u nassigurak li se nsegwuhom.

IĊ-CHAIRPERSON: Kif hawn kulħadd preżenti, għandna lis-Sur Joe Muscat, is-CEO tal-Gozo Tourism Association (GTA) li naf li jrid iqajjem xi punti. Sur Muscat, qed tismagħna?

IS-SUR JOE MUSCAT (CEO, Gozo Tourism Association): Iva, Sinjura President, qed nismagħkom.

IĊ-CHAIRPERSON: Mela għandek il-kelma qabel ma ngħaddu għad-diskussjoni *per se*. Infakkrek li hawn rappreżentanti ta' Transport Malta li lesti jisimgħuk, jieħdu nota u jaġixxu.

IS-SUR JOE MUSCAT: L-ewwel nett, nixtieq nirringrazzja lilek, Sinjura President, u lill-Membri ta' dan il-Kumitat tal-intervent li għamlu rigward il-*wage supplement* għas-settur tad-*diving*. Nirringrazzja wkoll lil Dr Gavin Gulia, Chairman tal-MTA u lill-Malta Enterprise, li għenu wkoll biex is-settur tad-*diving* li bħalissa qiegħed ibati minħabba l-pandemija jiggwadanja mill-*wage supplement* ta' €800.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur Kevin Farrugia minn Transport Malta, għaliex bħala GTA, dan l-aħħar kellna skambjament magħhom rigward il-*commercial vehicles* f'Għawdex fin-nuqqas ta' xogħol matul il-perjodu tal-pandemija. Ovvjament bħala assoċjazzjoni, inħarsu lejn l-aspett turistiku u forsi minn lenti daqsxejn aktar kritika, għandna ftit mistoqsijiet li nixtiequ nagħmlu u punti li nixtiequ nqajmu.

L-ewwel nett insemmi l-istat tal-*jetty* fl-Imġarr Għawdex fejn is-soltu jidħlu t-*tender boats* tal-*cruise liners*. Wieħed jinnota li dan il-*jetty* mhuwiex preżentabbli minħabba li huwa mtajjar, imkisser u b'ħadid li qiegħed jisponta 'l barra. Għalhekk huwa importanti li jiġi rranġat.

Hemm ħaġa oħra li nixtiequ nqajmu għall-attenzjoni ta' Transport Malta, anke jekk nafu li m'hemm xejn fil-liġi li jżomm milli jsir dan, però qed ikollna ilmenti kontinwi f'dan ir-rigward. Qed nirreferi għal operaturi tat-trasport li għandhom il-garaxx f'Malta li qegħdin jiġu joperaw f'Għawdex f'perjodi li huma *peak* fl-istaġun Għawdxi, fosthom fil-karnival. Dan qed iwassal għall-konsegwenza li l-operaturi Għawdxin isibu diffikultà u kompetizzjoni li f'għajnejhom, hija inġusta.

Problema oħra hija dwar il-parkeġġ f'Għawdex. Aħna li niffrekwentaw Għawdex qegħdin naraw li kullimkien qed jitfaċċaw *parking slots* għal *loading and unloading*. Kull post kummerċjali li għandna f'Għawdex sar bit-tul tal-faċċata tiegħu kollha *loading and unloading bay*, sija jekk għandu faċċata ta' għaxar piedi, kif ukoll jekk għandu faċċata ta' 30 pied. Dan qed iwassal għal nuqqas ta' parkeġġ adegwat f'postijiet bħall-belt kapitali r-Rabat, Marsalforn, ix-Xlendi, kif ukoll id-Dwejra li huma l-iktar postijiet frekwentati mit-turisti u fejn il-parkeġġ huwa ristrett ħafna.

Problema oħra ta' parkeġġ hija fl-Imġarr, Għawdex. Kif nafu, fl-Imġarr l-ispazju hu

limitat, però ma naħsbux li huwa ġust illi għal madwar 200,000 turist li jżur Għawdex fis-sena nħallu biss żewġ *slots for loading and unloading* għall-*coaches* fin-naħa tat-*terminal.* Naħsbu li hemm bżonn li l-ewwel nett, dawn iż-żewġ *slots* ma jkunux okkupati b'mod permanenti matul il-ġurnata kollha minn vetturi li mhumiex qegħdin iġorru lit-turisti u nemmnu li rridu noħolqu aktar spazju għal dan it-tip ta' trasport għat-turisti b'mod li jkun hemm fejn jinħattu u jitgħabbew il-bagalji. L-ispazju diġà huwa limitat u għalkemm *slots* hemm ħafna, żewġ *slots* għat-turisti huma ftit.

Nixtieq insemmi wkoll il-kwestjoni li qamet f'Jannar li għadda meta operatur ħa t-*tender* għas-servizz tax-*sheduled ferry* bejn iċ-Ċirkewwa u Kemmuna. Għall-bidu kien hemm diżgwid minħabba l-fatt li l-operatur kien qisu qed jingħata r-*right of first refusal* jew il-*priority boarding* u l-*priority landing* fin-*North keys* ta' Malta kif ukoll f'Kemmuna għad-detriment tal-operaturi Għawdxin li jużaw il-mollijiet taċ-Ċirkewwa u l-moll ta' Kemmuna. Ma nixtiqux li din is-sitwazzjoni tiġi ripetuta fil-Port tal-Imġarr. Jekk se jinħoloq *scheduled service* bejn Għawdex u Kemmuna, li bħala GTA naqblu miegħu, irridu naraw illi nħallu l-ispazju għall-operaturi Għawdxin biex joperaw ukoll u mhux isibu diffikultà a skapitu ta' min se jingħata t-*tender* għas-servizz tax-*scheduled service* bejn Għawdex u Kemmuna.

Suġġeriment li nixtiequ nagħmlu u li ilna ħafna nitkellmu fuqu huwa dwar il-possibbiltà li Transport Malta tpoġġi bagi fil-Bajja ta' Imġarr ix-Xini biex nevitaw li jkun hemm tfigħ u tkarkir tal-ankri fil-qiegħ ta' din il-bajja. Dan huwa l-uniku post fejn ibejjet is-*seahorse.* Dan l-intervent ta' tkarkir tal-ankri tal-*pleasure boats* żgur li qed joħloq problema lill-*marine life*.

Nixtieq nagħmel ukoll talba uffiċjali lil Transport Malta dwar il-kontribuzzjoni tal-MTA. Kif il-kontribuzzjoni tal-MTA għall-operaturi Maltin u Għawdxin kollha ġiet *waived* għal din is-sena, nixtiequ naraw li MTA *contribution* li hemm fil-liċenzja ta' dawk li joperaw it-trasport tiġi *waived* ukoll. *Car hire* u *garages* li jħallsu l-liċenzja ta' Transport Malta jħallsu wkoll l-MTA *contribution*. Bħala GTA, nixtiequ li dik ukoll tiġi *waived.*

Ħaġa li nsejt insemmi rigward il-problema tal-parkeġġ hija dwar il-parkeġġ tal-Gozo Channel li ma naħsbux li qed ikun utilizzat bl-aħjar mod. Hemm bżonn li nsibu soluzzjonijiet aħjar.

Punt ieħor li nixtieq inqajjem huwa rigward l-*air link* bejn Malta u Għawdex, sija bil-*helicopter* kif ukoll permezz ta' mezz ieħor ta' *fixed-wing operation.* Ilna niddiskutu din il-problema 60 sena. Naf li hemm madwar tliet metri ta' rapporti għand Transport Malta u s-Civil Aviation Directorate, però naħseb li wasal iż-żmien illi din is-sitwazzjoni tiġi żblukkata u niddeċiedu jekk irridux nagħmluha jew le. Jekk verament irridu nkomplu ntejbu l-konnettività, irridu naraw li ndaħħlu dan it-tip ta' servizz li issa huwa *overdue.*

Punt ieħor li nixtieq insemmi huwa dwar l-għeluq ta' toroq u arterji prinċipali f'Għawdex, b'mod speċjali fis-sajf. Kif diġà ssemma, dan qed iwassal biex noħolqu konġestjoni ta' traffiku. Ħafna drabi, qed jingħataw permessi ta' għeluq ta' toroq fil-viċinanzi, bir-riżultat li noħolqu sitwazzjonijiet diffiċli. Bħalissa dawn is-sitwazzjonijiet m'aħniex qed nesperjenzawhom, għaliex sfortunatament għandna nuqqas ta' turisti.

Min-naħa tiegħi, fejn jirrigwarda Transport Malta, dak kien kollox. Mill-ġdid nirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom u nispera li dawn l-ilmenti li ressaqt jiġu indirizzati.

IĊ-CHAIRPERSON: Nitlob lir-rappreżentati ta' Transport Malta biex, jekk jogħġobhom, jagħtu r-reazzjoni tagħhom.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Se nipprova nirrispondi kemm jista' jkun dwar il-punti kollha li tqajmu. Fejn jidħlu t-toroq, diġà semmejt li qegħdin naħdmu biex nameljoraw is-sitwazzjoni. Dwar l-*air link*, ir-rwol ta' Transport Malta huwa fir-rigward tas-Civil Aviation Directorate. Transport Malta ma toperax is-servizz tal-ajru. Il-parti tagħna hija ċ-ċertifikazzjoni fejn jidħol is-Civil Aviation Directorate. Fir-rigward tal-MTA contribution, *I stand to be corrected,* imma safejn naf jien, din diġà ġiet indirizzata u ttieħdet azzjoni.

IS-SUR JOE MUSCAT: Jiġifieri l-operaturi tat-trasport se jirċievu komunikat dwar dan.

IS-SUR GAVIN GULIA: Dik hija miżura tal-Baġit. Il-Gvern ħass li bħala MTA ma niġbrux

il-liċenzja u min iħallas il-kontribuzzjoni jingħata rifużjoni.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Diġà qegħdin naħdmu fuq mekkaniżmu f'dan ir-rigward.

IS-SUR GAVIN GULIA: Dak kien il-ħsieb tal-MTA. Kif jaf is-Sur Muscat, kont kellimtu privatament dwar dan, però mbagħad ġiet bħala miżura tal-Baġit.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Dik l-*issue* qed nindirizzawha. Ħadt nota dwar il-bagi f'Imġarr ix-Xini, li hija xi ħaġa li rridu niddiskutu. Naħseb li huwa importanti li nispjega u niċċara l-parti dwar l-irmiġġ tax-*scheduled service*, fejn kien hemm diffikultajiet. Għamilna numru ta' laqgħat dwar Kemmuna, il-Marfa u ċ-Ċirkewwa. Fir-rigward tal-Marfa u ċ-Ċirkewwa diġà nstabet soluzzjoni billi se jkun hemm parti żgħira li se tkun allokata għall-operatur tax-*scheduled service*, għaliex inkella ma nonorawx il-kuntratt, filwaqt li l-ispazju l-ieħor se jkun allokat għal operaturi oħrajn. Se jkun hemm *port notice* li tikkonferma dan li qed ngħid.

Fejn jidħol Blue Lagoon, hemm żewġ aspetti; aspett minnhom huwa *a long-term solution.* Aspett ieħor huwa li qed naħdmu fuq titjib tal-moll b'mod li kulħadd ikun komdu jaħdem b'mod liberu u jkun jista' jagħmel il-*business* tiegħu. Sadanittant ħerġin b'soluzzjonijiet biex kemm ix-*scheduled ferry service* kif ukoll l-operaturi l-oħrajn kollha jkollhom l-ispazju neċessarju biex joperaw u ħadd ma jfixkel lil ħadd. Qegħdin naħdmu fuq din l-*issue* u fil-viċin se nkunu nistgħu nindirizzawha. Ħadt nota wkoll tal-problema tal-parkeġġ tal-Gozo Channel biex naraw nistgħux nameljoraw.

L-*issue* li semmejt dwar is-servizz tal-karozzi li jitilgħu minn Malta meta jkun hemm okkażjonijiet partikolari, hemmhekk hemm leġiżlazzjoni ċara. Hemm ċerti ċirkostanzi li mhux bilfors għandna *legal portal* dwarhom biex wieħed jgħid li qed issir xi ħaġa illegali. Dak huwa suġġett daqsxejn delikat. Nafu li kien hemm l-ilmenti, imma mhux dejjem tista' tagħmel dak li tixtieq.

ONOR. KEVIN CUTAJAR: Jekk nista' nagħmel punt dwar dan, ladarba filliġi hemm dispożizzjoni ċara dwar il-*white taxis* li jaħdmu Għawdex u li jaħdmu Malta, għaliex din ma tistax tiġi estiża wkoll għal forom oħrajn ta' trasport?

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Nikkonferma dak li qed tgħid inti, Onor. Cutajar, li l-liġi hija ċara fir-rigward tal-*white taxis* u din trid tiġi rispettata. Però l-liġi ma tipprovdix għal setturi oħra. 'Il quddiem wieħed jista' jindirizza din il-kwestjoni, imma sal-lum m'hemmx liġi li tindirizza dik il-parti. Nifhmu li l-iżvilupp ġdid ta' *taxi service* ma kienx previst fil-liġi u għadu mhux inkluż. Dik hija xi ħaġa li wieħed għad irid jindirizza. Naħseb li dawn kienu l-aspetti kollha li ssemmew. Nispera li ma nsejt xejn.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Muscat, forsi tista' tiċċekkja l-lista.

IS-SUR JOE MUSCAT: Kont qed nirreferi għall-parkeġġ fit-*terminal* tal-Imġarr u mhux tal-Gozo Channel.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Ħadt nota ta' dan il-punt u ħa naraw x'nistgħu nagħmlu. Min-naħa tagħna, dejjem disposti li nisimgħu u fejn nistgħu nameljoraw, dak huwa d-dmir tagħna, wara li ovvjament nitkellmu mal-esperti tagħna.

IĊ-CHAIRPERSON: Kien hemm xi punti oħrajn li tqajmu, imma ovvjament napprezza li tridu tiddiskutuhom internament. Jekk ma jimpurtax, tajjeb li jkun hemm *follow up* ta' din il-laqgħa. Ħa niġbru t-traskrizzjoni u nagħmlu bħalma jsir fl-iskola, nimmarkaw bil-*highlighter* ħalli nassiguraw li kull punt li tqajjem jiġi indirizzat.

ONOR. CHRIS SAID: Iċ-Chairperson hija esiġenti u tibqa' tiġri warajkom, jiġifieri dak li nkunu ddeċidejna jew tkellimna dwaru jrid isir.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Onor. Said, għandna esperjenza tagħha.

IĊ-CHAIRPERSON: Ħdimt ħafna mas-Sinjuri preżenti u ma' ħafna nies oħrajn. Xi kultant, jekk ma tagħmilx hekk, ma tasalx, speċjalment fil-kontest ta' Għawdex.

IS-SUR JOSEPH BUGEJA: Dan huwa lingwaġġ ġust.

ONOR. CHRIS SAID: Dan huwa s-sabiħ ta' dawn il-Kumitati. Pereżempju, fl-aħħar laqgħa, konna tkellimna ma' Dr Gavin Gulia u mas-Sur

Joe Muscat fuq l-*issue* tad-*dive centres* u qam il-punt dwar il-fatt li l-ħaddiema kienu qed jingħataw għajnuna ta' €600 u mhux €800 meta d-*dive centres* jiddependu fuq it-turiżmu u għadhom magħluqin. Riżultat ta' dik id-diskussjoni, ittieħdet azzjoni u ġie r-riżultat. Dak huwa s-sodisfazzjon li nieħdu aħna l-Membri Parlamentari fil-ħidma li nagħmlu f'dan il-Kumitat.

IĊ-CHAIRPERSON: F'kull laqgħa jekk ikun hemm sensiela ta' suġġerimenti dwar azzjonijiet li jridu jittieħdu, aħna rridu nipprovaw naraw li għall-inqas azzjoni waħda trid tittieħed żgur. S'issa rrid ngħid li kellna disa' laqgħat u f'kull laqgħa dejjem indirizzajna punt li ħadna riżultati dwaru, jiġifieri f'temp ta' perjodu qasir, diġà ttieħdu disa' azzjonijiet konkreti. Illum tqajmu diversi punti, jiġifieri mingħandkom qed nistennew aktar.

Sur Muscat, tista' tagħmel il-preżentazzjoni tiegħek, però jekk jogħġbok, fil-qosor ħafna. Għandek ħames minuti.

IS-SUR JOE MUSCAT: L-ewwel nett, nixtieq ngħidilkom li kelli nagħmel *update* ta' din il-preżentazzjoni llum waranofsinhar għar-raġuni li ħarġu aktar figuri riċenti mill-NSO. Għalhekk dak li se taraw fil-*printout* għall-2018, ġie *updated* bil-figuri għall-2019.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Muscat, tajjeb li tibagħtilna l-aħħar *printout* li għandek.

IS-SUR JOE MUSCAT: Iva, se nibgħathielkom aktar tard.

Tajjeb inħarsu lejn is-sitwazzjoni tat-turiżmu f'Għawdex wara l-COVID-19. Diġà għamilna aċċenn li 50% tal-GDP ta' Għawdex ġej mit-turiżmu. L-effett tal-COVID-19 fuq it-turiżmu f'Għawdex kien bla preċedent u se nbatu *above average* fin-nuqqasijiet li se jkollna, aktar u aktar fix-xhur ta' bejn Ottubru 2020 u Marzu 2021. Qegħdin nistmaw li se jkun hemm nuqqas ta' bejn 60% u 70%. Dan se jirriżulta f'nuqqas ta' impjiegi u anke telf ta' xi *businesses* jekk il-finanzjament ta' mitigazzjoni li qed jagħti l-Gvern - u allaħares ma kienx qed jingħata dan il-finanzjament - ma jitkompliex jew jiġi *re-introduced* fejn ġie mneħħi, speċjalment għal dan il-perjodu ta' bejn Ottubru 2020 u Marzu 2021. Għalina s-sajf 2020 huwa kkanċellat, anke jekk fl-1 ta' Lulju nfetaħ l-ispazju tal-ajru u bdejna nerġgħu naraw turisti barranin deħlin lura lejn Malta. Però żgur li din is-sena mhux se nilħqu l-livelli li konna mdorrijin bihom fis-snin passati.

Meta nkunu qegħdin nitkellmu dwar it-turiżmu f'Għawdex, kulħadd joħroġ mill-ewwel jgħidilna li għal din id-darba, għandna l-vantaġġ tas-suq domestiku. Jista' jkun li dan se jtaffi l-*loss* li se jkollna mit-turisti barranin, però żgur li mhux se jservi ta' *replacement*. F'dan is-sens, se ndaħħal l-istatistika biex nifhmu aħjar fuq xiex qegħdin nitkellmu.

Hawnhekk għandi statistika li qed turi l-*expenditure* tat-turist barrani fil-gżira Għawdxija matul dawn l-aħħar erba' snin u kif intefqet. L-*expenditure* hija maqsuma bejn *package*, jiġifieri l-pakkett sħiħ li jinkludi l-*air* jew *sea expenditure, accommodation expenditure* u *other expenditure* bħal infiq f'ristoranti u affarijiet oħra. Il-kolonna t'isfel hija t-*total expenditure per capita* li t-turist ħalla warajh. Irridu naraw ukoll il-*fluctuation* li kien hemm, minn €151 miljun għal €161 miljun, €170 miljun u s-sena l-oħra nżilna għal kważi €150 miljun. Jista' jkun hemm diversi raġunijiet għal dan, però waħda mill-affarijiet li tispikka hija - hawn se nwaħħal ftit fl-operaturi - li rajna li kien hemm żieda fil-*package* expenditure kif ukoll fl-*accommodation expenditure*. Jista' jkun li minħabba l-fatt li konna għaddejjin b'numri tajbin, għollejna ftit rasna u żidna l-prezzijiet. Din tista' tkun waħda mir-raġunijiet li fl-2019, ma konniex daqshekk favoriti mat-turisti barranin. Hawn qegħdin naraw kemm iħalli flus fil-gżira Għawdxija t-turist barrani.

Kif għedt, l-aħħar statistika għall-2019 ħarġet dalgħodu mill-NSO. Fl-ewwel kaxxa għandna l-figuri tal-Maltin li ġew Għawdex u fejn qagħdu. L-ewwel nett, fil-linja t'isfel għandna t-total sħiħ, jiġifieri 218,000 fl-2016, 236,000 fl-2017, 227,000 fl-2018 u 215,000 fl-2019. Fl-ewwel linja nsibu fejn qagħdu, jiġifieri *collective* ifisser lukandi, *other rented* ifisser *catering,* u *non-rented* ifisser dawk li joqogħdu fl-appartament jew *farmhouse* privata tagħhom, jew inkella dawk li għaddewha lill-ħbieb tagħhom.

Isfel qegħdin qegħdin naraw l-*average expenditure* li kull Malti li ġie Għawdex ħalla fil-gżira tagħna li, bejn wieħed u ieħor, baqa' l-istess ħlief is-sena l-oħra li niżel għal €166 għal kull persuna. It-tabella l-oħra qed turina l-

expenditure totali li l-Malti qed iħalli fostna. Isfel għandna total ta' €36 miljun, €40 miljun, €38 miljun u kważi €36 miljun. Fl-2019, għalkemm konna qegħdin inħossu li qegħdin jiġu n-nies f'Għawdex, rajna li kien hemm tnaqqis f'dan is-seettur. Għadni niftakar li f'waħda mil-laqgħat li għamilna f'April 2019 fil-*boardroom*, sfortuantament fl-assenza tal-Ministru Justyne Caruana imma mal-uffiċjali tagħha, konna għedna li qegħdin inħossu li jista' jkun li l-2019 se tkun sena diffiċli fir-rigward ta' turist li ġej minn barra, imma rriżulta li kellna nuqqas ukoll fis-suq domestiku.

Naraw ukoll l-infiq tas-suq domestiku li jonfoq fuq il-vapur, li bejn wieħed u ieħor qed ikun dejjem l-istess, fl-akkomodazzjoni u f'*other expenditure*. Il-figura ta' flus li ħallew il-Maltin f'Għawdex is-sena l-oħra hija ta' €35 miljun. Issa jekk jirnexxilna nirdoppjaw dik il-figura u niġu għal €70 miljun, żgur li mhux se tikkumpensa l-€149 miljun li ħalla t-turist barrani fostna. Qed ninkludi dawn iż-żewġ *slides* biex nispjega aħjar dan il-fatt u anke biex nitkellmu b'mod reali dwar x'qed iħalli fostna t-turist barrani u t-turist Malti.

DR GAVIN GULIA: Sur Muscat, għandek l-istatistika ta' kemm żdiedu t-turisti fl-2019 paragunat mal-2018?

IS-SUR JOE MUSCAT: Le, ma żdidux imma naqsu.

DR GAVIN GULIA: Naqsu? Mela f'Malta kien hemm żieda.

IS-SUR JOE MUSCAT: F'Għawdex fl-2018 kellna 204,000 turist u fl-2019 kellna 180,000.

DR GAVIN GULIA: Hawnhekk qed titkellem fuq turiżmu pur jew qed iddaħħal il-Maltin ukoll?

IS-SUR JOE MUSCAT: Le, turiżmu pur.

DR GAVIN GULIA: Hemm xi raġuni partikolari għalfejn kien hemm dak in-nuqqas?

IS-SUR JOE MUSCAT: Kif aċċennajt diġà, jista' jkun li l-prezzijiet tal-lukandi li refgħu ftit rashom. Jekk immur fuq is-*slide* l-oħra u naraw l-*accommodation expenditure*, insibu li pereżempju fl-2016 minn €298 tlajna għal €305 u anke fir-rigward tal-*package*, minn €724 tela' għal €764, jiġifieri bdejna nerfgħu ftit rasna.

DR GAVIN GULIA: Din hija lezzjoni dwar kemm hu importanti li wieħed iżomm rati raġonevoli.

IS-SUR JOE MUSCAT: Dik hija importanti, però forsi matul iż-żmien mill-MTA naqsu dawk il-persuni li jiffokaw b'mod speċjali fuq il-prodott Għawdxi. Hemm bżonn li jkun hemm aktar enfasi u insistenza mal-operaturi, anke fil-fieri, fuq Għawdex.

DR GAVIN GULIA: Qed tirreferi għall-*marketing* tagħna?

IS-SUR JOE MUSCAT: Il-*marketing* huwa importanti ħafna.

DR GAVIN GULIA: Nistgħu nitkellmu dwar dan anke fil-bord tal-MTA.

IS-SUR JOE MUSCAT: Iva, dawn huma figuri importanti fis-sens li meta jonqsu n-numri u min-naħa l-oħra s-*supply* tiżdied, kif nafu li qiegħed isir, ifisser li b'mod individwali, l-operaturi qegħdin iħossu n-nuqqas.

DR GAVIN GULIA: Il-paradoss huwa li fl-2019 it-turisti żdiedu minn 2.6 milljun għal 2.75 miljun, imma jidher li dik iż-żieda mhijiex qed tiġi riflessa f'Għawdex.

IS-SUR JOE MUSCAT: Hekk hu, iż-żieda mhijiex qed tiġi riflessa f'Għawdex.

IĊ-CHAIRPERSON: Sur Muscat, se jkolli ninterrompik. Naf li din hija diskussjoni interessanti ħafna, però sar il-ħin. Forsi naġġornaw għal seduta oħra.

IS-SUR JOE MUSCAT: Li nista' nżid hu li tajjeb li niddiskutu speċifikament il-*performance* tat-turiżmu f'Għawdex f'dawn l-aħħar erba' snin u naraw anke l-profil u l-effett tal-*low cost carriers*, fost ħafna aktar *data* interessanti.

Jien se ngħaddi lill-Kumitat din il-preżentazzjoni li tajt:

> *Powerpoint presentation* intitolata "*Gozo's Tourism: Restart and Recovery".*

Nirringrazzja lill-NSO għal din l-istatistika u nissuġġerixxi li f'waħda mil-laqgħat li jmiss, jiġi mistieden rappreżentant tal-NSO.

IĊ-CHAIRPERSN: Punt ieħor li qam huwa dwar statistika riċenti li ħarġet fuq l-Għawdxin u dawk li mhumiex Għawdxin li jgħixu f'Għawdex. Naħseb li dak huwa punt interessanti ħafna li għandu jiġi diskuss.

IS-SUR JOE MUSCAT: Hemm ħafna x'wieħed jgħarbel fuq is-sitwazzjoni f'Għawdex, mhux biss relatata mat-turiżmu, imma minn tant aspetti oħrajn.

IĊ-CHAIRPERSON: Naqblu perfettament.

IS-SUR JOE MUSCAT: Nissuġġerixxi li jkollna diskussjoni speċifika fuq il-figuri relatati mat-turiżmu.

IĊ-CHAIRPERSON: Naqblu. Mela naġġornaw għal seduta oħra. Fil-frattemp l-appuntament li jmiss huwa għal nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju 2020, għal-laqgħa fil-Kurja tal-Isqof f'Għawdex biex niltaqgħu mal-Isqof Nominat Mons. Anton Teuma. Nirringrazzjakom u naġġornaw għal data li tiġi kkomunikata aktar 'il quddiem.

Fis-6.44 p.m. il-Kumitat aġġorna.